

**Brussell, 22 ta' Settembru 2025
(OR. en)**

**13068/25
ADD 1**

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0301 (NLE)**

**ECOFIN 1217
UEM 462
FIN 1094
ECB
EIB**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	19 ta' Settembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 556 annex
Suġġett:	ANNESS tal- Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 10150/21 INIT; ST 10150/21 ADD 1 REV 2) tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Spanja

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 556 annex.

Mehmuż: COM(2025) 556 annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.9.2025
COM(2025) 556 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 10150/21 INIT; ST 10150/21 ADD
1 REV 2) tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-
irkupru u r-reżiljenza għal Spanja**

{SWD(2025) 276 final}

ANNESS

SEZZJONI 1: RIFORMI U INVESTIMENTI SKONT IL-PJAN GĦALL-IRKUPRU U R-REŻILJENZA

1. Deskrizzjoni tar-Riformi u l-Investimenti

A. IL-KOMPONENT 01: PJAN TA' XOKK TAL-MOBBILTÀ SOSTENIBBLI, SIKUR U KONNESS F'AMBJENTI URBANI U METROPOLITANI

Dan il-komponent tal-pjan Spanjol għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza l-isfidi li jikkonċernaw il-kwalità tal-arja, li jaffettwaw prinċipalment iż-żoni metropolitani ewlenin, u wassal għal aktar minn 20 000 mewta prematura fi Spanja fl-2018. L-oġġettiv ġenerali tar-riformi u l-investimenti f'dan il-komponent huwa t-tranżitu lejn mobbiltà urbana nadifa, sikura u intelliġenti. L-oġġettivi speċifiċi segwiti minn dan il-komponent huma dawn li ġejjin:

- taċċellera l-implimentazzjoni ta' żoni b'emissjonijiet baxxi fil-muniċipalitajiet kollha b'aktar minn 50 000 abitant u l-bliet kapitali tal-provinċji, u l-penetrazzjoni tal-mobbiltà elettrika;
- jippromwovu l-mobilità attiva, kif ukoll miżuri oħra biex jgħinu fit-tnaqqis tal-użu tal-karozzi privati;
- it-trasformazzjoni diġitali u sostenibbli tas-settur tat-trasport pubbliku bħala alternattiva reali għall-użu ta' vetturi privati;
- it-titjib tal-kwalità u l-affidabbiltà tas-servizzi ferrovjarji fuq distanzi qosra biex jiżied l-użu effettiv tagħhom f'ambjenti metropolitani, għad-detriment tal-vettura privata;
- l-ottimizzazzjoni tal-ġestjoni tat-traffiku u l-iffaċilitar tat-teħid tad-deċiżjonijiet biex tiġi promossa mobbiltà aktar nadifa.

Il-komponent jindirizza r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż dwar il-promozzjoni tal-investment pubbliku u privat li jrawwem it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u t-trasport sostenibbli (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020), il-promozzjoni ta' investimenti fl-innovazzjoni u fl-effiċjenza enerġetika u fl-infrastruttura tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2019), kif ukoll dwar it-tiżiż tal-kooperazzjoni fil-livelli kollha tal-gvernijiet (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 4 2019).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" ("DNSH") (2021/C58/01).

A.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma 1 (C1.R1) — Pjan ta' tneħħija għall-irriċarġjar u t-tisħiħ tal-infrastruttura tal-vetturi elettriċi

L-oġġettiv ta' din il-miżura huwa li jissaħħaħ il-qafas operazzjonali u regolatorju li jiffaċilita l-varar tal-infrastruttura tal-irriċarġjar biex tingħata spinta lill-użu tal-vetturi elettriċi.

Ir-riforma għandha tikkonsisti fl-adozzjoni tal-qafas regolatorju li ġej li għandu l-għan li jneħħi l-ostakli li bħalissa qed ifixklu d-diffużjoni tal-punti tal-iċċarġjar:

- Id-digriet Irjali li jirregola s-servizzi tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku u li jiżgura l-funzjonament xieraq u affidabbli tal-punti installati;
- Id-digriet Amministrattiv Irjali 23/2020 tat-23 ta' Ġunju 2020, li jikkontribwixxi biex jitħaffef l-ipproċessar tal-infrastruttura tal-irriċarġjar billi jiddikjara li l-faċilitajiet tal-iċċarġjar b'potenza ta' aktar minn 250 kW huma ta' benefiċċju pubbliku;
- L-ordni TMA/178/2020, it-tnaqqis tal-piż amministrattiv għall-approvazzjoni u l-użu tal-faċilitajiet tal-iċċarġjar tal-elettriku fil-pompi tal-fjuwil;
- Il-kodiċi Tekniku tal-Bini emendat, li jżid l-ammonti minimi tal-infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi kemm fil-parkeġġi residenzjali kif ukoll f'dawk terzjarji, li jaqbeż ir-rekwiżiti minimi tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika fil-Bini; u għal
- Regolament Elettrotekniku Emendat b'Vultaġġ Baxx, li jinkorpora obbligi għall-infrastruttura tal-iċċarġjar fil-parkeġġi, li mhumix marbuta ma' bini.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2022.

Riforma 2 (C1.R2) — Liġi dwar il-Mobilità

L-oġġettiv ta' din il-miżura, implimentata permezz ta' liġi, huwa li tipprovdi l-qafas regolatorju li jirfed il-politika mġedda dwar il-mobbiltà fi Spanja bbażata fuq sostenibbiltà u dimensjoni diġitali mtejba.

Il-liġi għandha tipprevedi, mill-inqas:

- Miżuri speċifiċi għall-promozzjoni tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija li għandhom jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet globali mit-trasport tal-merkanzija fuq l-art, inklużi:
 - l-obbligu li jiġi żviluppat programm biex jiġu implimentati awtostradi ferrovjarji f'dawk il-kuriturijiet fejn dan ikun vijabbli u fejn ikun hemm interess kummerċjali għall-iżvilupp tiegħu;
 - bonusijiet tat-tariffi ferrovjarji għat-traffiku tal-merkanzija matul perjodu minimu ta' 5 snin;
 - programm ta' appoġġ għat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija, inklużi inċentivi li jippromwovu l-bidla modali mit-triq għall-ferrovija u l-modernizzazzjoni u l-innovazzjoni fis-settur tat-trasport ferrovjarju;

- għadd ta' obbligi u gwidi metodoloġiċi applikabbli għall-muniċipalitajiet u l-kumpaniji ta' ċertu daqs biex jinċentivaw l-implimentazzjoni ta' Pjan ta' Mobbiltà Urbana Sostenibbli u skemi ta' mobbiltà sostenibbli relatati max-xogħol rispettivament;
- l-istabbiliment ta' mekkaniżmu biex tiżdied ir-rigorożità fl-ippjanar tal-infrastruttura f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-awtorità fiskali indipendenti (Autoridad Independiente de Responsabilidad Fiscal, AIREF), li jinkorpora kunsiderazzjonijiet dwar is-sostenibbiltà u l-analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji soċjali;
- l-istabbiliment ta' sistema ta' finanzjament prevedibbli tat-trasport urban madwar il-muniċipalitajiet tal-pajjiż abbażi ta' kriterji ta' distribuzzjoni uniformi tal-fondi tal-Istat;
- l-introduzzjoni ta' ambjent ta' esperimentazzjoni regolatorja li jiffaċilita l-innovazzjonijiet fis-settur tal-mobbiltà u tat-trasport u d-dħul tagħhom fis-suq;
- it-titjib tal-governanza f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-AIREF billi jiġu stabbiliti: (I) sistema Nazzjonali ta' Mobbiltà biex trawwem il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn it-tliet amministrazzjonijiet territorjali responsabbli għat-trasport u l-mobbiltà; (II) Kunsill Superjuri għat-Trasport u l-Mobbiltà, bħala korp li jagħti pariri, jiddiskuti u jinvolvi s-setturi produttivi, l-akkademja u s-soċjetà ċivili fid-definizzjoni tal-politiki tat-trasport u tal-mobbiltà; u (iii) Pjattaforma Integrata ta' Informazzjoni dwar it-Trasport u l-Mobbiltà biex tintegra informazzjoni minn amministrazzjonijiet differenti u sorsi esterni dwar it-trasport u l-mobbiltà. Dan għandu jippermetti lill-amministrazzjonijiet jottimizzaw it-tfassil tal-politiki pubbliċi u jtejbu l-kapaċità tagħhom li jirrispondu għall-kriżijiet u l-emerġenzi.

Minbarra l-liġi l-għdida deskritta hawn fuq, il-miżura għandha tinkludi (a) l-iżvilupp ta' applikazzjoni tas-software għall-implimentazzjoni ta' Analiżi tal-Kostijiet u l-Benefiċċji tal-investimenti fl-infrastruttura għal modi differenti ta' trasport, f'konformità mal-kunsiderazzjonijiet ta' sostenibbiltà, soċjali u ambjentali stabbiliti mill-metodoloġija uffiċjali prevista fil-Liġi dwar il-Mobbiltà Sostenibbli; u (b) id-dħul fis-seħħ u l-pubblikazzjoni ta' Digriet Irjali li jiżviluppa l-istruttura organizzattiva tal-Ministeru b'kompetenzi tat-trasport, li jiddefinixxi l-kompetenzi speċifiċi tal-Uffiċċju Sandbox.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 1 (C1.I1) — Żoni b'emissjonijiet baxxi u trasformazzjoni tat-trasport urban u metropolitan

L-oġġettiv ta' din il-miżura huwa li trawwem it-trasformazzjoni sostenibbli u diġitali tas-servizzi tat-trasport, bl-għan li tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-użu ta' vetturi privati f'ambjenti urbani b' 35 % sal-2030. Il-miżura għandha tkopri wkoll inċentivi għat-tranżizzjoni lejn flotot tat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija aktar nodfa ta' kumpaniji li jipprovdu servizzi tat-trasport. Dan l-investiment għandu jiġi implimentat mill-awtoritajiet lokali, il-Komunitajiet Awtonomi u l-Ministeru tat-Trasport, il-Mobbiltà u l-Aġenda Urbana (MITMA).

Il-proġetti ta' investiment li l-Komunitajiet Awtonomi huma mistennija jwettqu jistgħu jkunu relatati ma': (a) il-konverżjoni tal-flotot tat-trasport pubbliku sabiex jintlaħqu l-oġġettivi tad-Direttiva dwar il-Vetturi Nodfa u f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01); (b) l-implimentazzjoni u l-ġestjoni ta' żoni b'emissjonijiet baxxi (LEZs); (c) id-diġitalizzazzjoni tat-trasport pubbliku, il-ġestjoni amministrattiva tiegħu u t-titjib tal-aċċessibbiltà tiegħu; (d) miżuri għall-prijoritizzazzjoni tat-trasport kollettiv u l-mobbiltà attiva, inklużi l-infrastruttura taċ-ċikliżmu u l-korsiji għall-persuni bil-mixi; (e) l-inċentivar tal-penetrazzjoni fi Spanja ta' teknoloġiji ġodda b'emissjonijiet zero fit-trasport; (f) parkeġġi għal deterrenza li jinsabu barra minn dawn il-

muniċipalitajiet u l-bliet kapitali tal-provinċja biex jitnaqqas it-traffiku li jidħol fiċ-ċentru urban u; (g) l-estensjoni jew it-titjib tas-sistema tat-trasport ferrovjarju (eż. metros jew ferroviji); (h) proġetti ta' diġitalizzazzjoni li jikkomplementaw miżuri li jappoġġaw il-mobbiltà sostenibbli, inklużi sistemi ta' informazzjoni f'ħin reali dwar is-servizzi tat-trasport pubbliku, il-mobbiltà bħala servizz, proġetti biex jitejjeb il-ħruġ ta' biljetti intermodali jew interservizzi, proġetti li jappoġġaw il-ġestjoni tat-traffiku u tal-mobbiltà u l-analiżi tal-informazzjoni sabiex tiżdied l-effiċjenza tas-sistema tat-trasport u; (I) kwalunkwe proġett ieħor li: I. jikkontribwixxu għat-titjib tal-kwalità tal-arja, speċjalment f'żoni urbani, ii. jinċentivaw it-tnaqqis tal-użu tat-trasport privat f'żoni urbani u metropolitani ii. jinċentivaw l-użu tat-trasport pubbliku jew iv. inċentivi għal mobbiltà attiva u tajba għas-saħħa.

Proġetti mill-awtoritajiet lokali għandhom, pereżempju, jikkonsistu minn: (a) il-konverżjoni tal-flotot tat-trasport pubbliku sabiex jintlaħqu l-oġettivi tad-Direttiva dwar il-Vetturi Nodfa u f'konformità mal-Gwida Teknika "la tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01); (b) l-implimentazzjoni u l-ġestjoni ta' żoni b'emissjonijiet baxxi (LEZs); (c) id-diġitalizzazzjoni tat-trasport pubbliku, il-ġestjoni tal-amministrazzjoni tiegħu u t-titjib tal-aċċessibbiltà tiegħu; u (d) miżuri li jinċentivaw u jipprioritizzaw it-trasport kollettiv u l-mobbiltà attiva

Din l-għajnuna għandha tiġi allokata lill-muniċipalitajiet b'aktar minn 50 000 abitant u lill-bliet kapitali tal-provinċji u, taħt ċerti kundizzjonijiet, tista' tiġi allokata wkoll lill-muniċipalitajiet ta' bejn 20 000 u 50 abitant.

Il-proġetti ta' investiment MITMA huma mistennija li jwettqu jikkonċernaw l-umanizzazzjoni u l-organizzazzjoni tat-traffiku fit-toroq urbani taħt ir-responsabbiltà tagħha. L-investimenti għandhom jikkontribwixxu għall-promozzjoni tal-mobbiltà tal-persuni bil-mixi u ċ-ċiklisti u forom ġodda oħra ta' mobbiltà (scooters) jew it-tnaqqis tal-ispazji tal-karozzi u t-tnaqqis tal-veloċità tal-vetturi, bl-għan li jitnaqqsu kemm l-emissjonijiet fl-arja kif ukoll it-tniġġis akustiku.

L-inċentivi għat-trasformazzjoni tal-flotot tal-passiġġieri u tal-merkanzija tal-kumpaniji tat-trasport għandhom jikkonsistu fil-linji ta' għajnuna li ġejjin: (a) għajnuna għall-akkwist ta' vetturi tal-passiġġieri u tal-merkanzija b'emissjonijiet żero u baxxi; (b) għajnuna għall-varar ta' infrastruttura għar-riforniment tal-fjuwil għall-vetturi kummerċjali bi fjuwils alternattivi (elettriku, LNG, CNG u bijometan); (c) għajnuna għall-impriżi għall-akkwist jew l-adattament ta' trejlers u semitrejlers għat-trasport intermodali; u (d) għajnuna għall-impriżi għall-iskrappjar ta' vetturi qodma.

Huwa mistenni li din il-miżura ma tagħmilx ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżura u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). B'mod partikolari, l-appoġġ għal-linja tal-għajnuna (a) għandu jkopri biss karozzi tal-linja "b'art baxxa" elettriċi u tal-idroġenu (kategoriji M2 u M3, tipikament xarabanks urbani u suburbani); karozzi tal-linja "ta' art għolja", inklużi l-LNG/CNG, ibridi, elettriċi u tal-idroġenu (kategoriji M2 u M3, tipikament kowċis interurbani) konformi ma' EURO VI-E (kategoriji M2 u M3, tipikament kowċis interurbani); u trakkijiet b'emissjonijiet żero¹, b'emissjonijiet baxxi² u

¹ Kif definit fl-Artikolu 3(11) tar-Regolament 2019/1242: vettura mingħajr magna tal-kombustjoni, jew b'magna tal-kombustjoni li tarmi inqas minn 1 g CO₂/km.

² Kif definit fl-Artikolu 3(12) tar-Regolament (UE) 2019/1242: b'emissjonijiet tas-CO₂ ta' inqas minn nofs l-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza tal-vetturi kollha fis-subgrupp tal-vetturi; il-valuri ta' referenza jvarjaw skont it-tip ta' trakk.

LNG/CNG li jaħdmu bil-bijofjuwils, il-bijolikwidi u l-fjuwils tal-bijomassa³. Għal-linja tal-għajnuna (b), l-infrastruttura tar-riforniment għall-vetturi kummerċjali għandha tikkonforma mal-kundizzjonijiet għall-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti tal-bijomassa⁴.

Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw li mill-inqas EUR 310 000 000 jikkontribwixxu għall-oġettivi tat-tibdil fil-klima b'koeffiċjent klimatiku ta' 100 % u b'mill-inqas EUR 2 195 000 000 b'koeffiċjent klimatiku ta' 40 %, f'konformità mal-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241 dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

L-investimenti taħt din il-miżura għandhom jiġu implimentati sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 2 (C1.I2) — Skema ta' inċentiv għall-installazzjoni ta' punti tal-iċċarġjar, ix-xiri ta' vetturi elettriċi u b'ċelloli tal-fjuwil u l-innovazzjoni fl-elettromobbiltà, l-iċċarġjar u l-idroġenu ekoloġiku

Din il-miżura għandha l-għan li tappoġġa l-konformità mal-Qafas Nazzjonali Spanjol għall-Enerġija Alternattiva fit-Trasport, taċċellera l-implimentazzjoni tal-Pjan Nazzjonali Integrat għall-Enerġija u l-Klima u tappoġġa l-koeżjoni territorjali billi telettrifika l-mobbiltà fiż-żoni rurali. L-investiment huwa artikolat fi skemi ta' għajnuna differenti li għandhom jinċentivaw l-introduzzjoni ta' vetturi elettriċi u vetturi biċ-ċelloli tal-fjuwil filwaqt li jinkoraġġixxu proġetti ta' innovazzjoni individwali marbuta mal-elettromobbiltà, il-katina tal-valur u t-tiġdid tal-flotta tal-vetturi b'mod ġenerali — inkluż l-isfruttament tat-teknoloġija tal-idroġenu ekoloġiku. L-investiment għandu jinkludi wkoll l-installazzjoni ta' stazzjonijiet tal-iċċarġjar għall-użu pubbliku f'żoni residenzjali kif ukoll fuq in-network nazzjonali tat-toroq. Il-kriterji tal-għażla użati fis-sejthiet għall-proposti għall-allokazzjoni tal-iskemi ta' għajnuna għandhom jinkludu: i) it-tnaqqis tal-impatt ambjentali, ii) il-vijabbiltà teknika-ekonomika, iii) il-livell ta' żvilupp teknoloġiku u innovazzjoni, iv) ir-replikabbiltà u l-iskalabbiltà, v) il-ġenerazzjoni tal-impjiegi assoċjata mal-proġett, diretta u indiretta u vi) l-impatt fuq il-katina tal-valur u s-sinerġija ma' setturi oħra, prinċipalment industrijali.

Dan l-investiment għandu jiġi implimentat sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 3 (C1.I3) — Miżuri għat-titjib tal-kwalità u l-affidabbiltà tas-servizzi tat-trasport ferrovjarju

L-oġettiv ta' din il-miżura huwa t-titjib tal-attraenza u l-aċċessibbiltà tan-network ferrovjarju fuq distanzi qosra sabiex isir is-sinsla tal-mobbiltà fiż-żoni urbani u jissostitwixxi l-użu ta' vetturi privati fiż-żoni metropolitani. Il-proġetti għandhom jitwettqu mill-ADIF/ADIF AV (manijer tal-

³ Il-bijofjuwils, il-bijolikwidi u l-karburanti tal-bijomassa jissodisfaw il-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra stabbiliti fl-Artikoli 29–31 u r-regoli dwar il-bijokarburanti bbażati fuq l-ikel u l-għalf stabbiliti fl-Artikolu 26 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 dwar l-Enerġija Rinnovabbli (REDII), u l-atti ta' implimentazzjoni u delegati relatati; u esklużivament il-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti tal-bijomassa konformi mar-REDII jintużaw mill-vetturi appoġġati taħt l-RRF; u l-livell/sehem tal-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa tat-taħlita nazzjonali jiżdied maż-żmien.

⁴ Il-bijofjuwils, il-bijolikwidi u l-karburanti tal-bijomassa jissodisfaw il-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra stabbiliti fl-Artikoli 29–31 u r-regoli dwar il-bijokarburanti bbażati fuq l-ikel u l-għalf stabbiliti fl-Artikolu 26 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 dwar l-Enerġija Rinnovabbli (REDII), u l-atti ta' implimentazzjoni u delegati relatati; u esklużivament il-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti tal-bijomassa konformi mar-REDII jintużaw mill-vetturi appoġġati taħt l-RRF; u l-livell/sehem tal-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa tat-taħlita nazzjonali jiżdied maż-żmien.

infrastruttura ferrovjarja) u RENFE (l-operatur tas-servizzi ferrovjarji b'Obbligi ta' Servizz Pubbliku).

L-AV ADIF/ADIF għandu jimplimenta investimenti fl-infrastruttura fin-network ferrovjarju ta' distanza qasira, li jistgħu jinkludu, iżda mhumiex limitati, għat-tiġdid tal-binarji, il-pjattaforma, l-aġġornament jew il-kostruzzjoni tal-istazzjonijiet u t-titjib fis-sistema tal-elettrifikazzjoni u tas-sinjalar. Barra minn hekk, RENFE għandha tkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-investimenti għall-modernizzazzjoni tal-ġestjoni tat-trasport ferrovjarju pubbliku. L-investimenti għandhom prinċipalment ivarjaw fuq ħames dimensjonijiet: (a) id-diġitalizzazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà fl-istazzjonijiet; (b) sistemi ta' informazzjoni dwar il-passiġġieri; (c) it-titjib tal-kontroll tal-aċċess; (d) l-adattament ta' magni li jbigħu lilhom infushom għal teknoloġiji ġodda; u (e) it-tagħmir tal-faċilitajiet fl-istazzjonijiet tan-network ferrovjarju fuq distanzi qosra.

L-implimentazzjoni għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

A.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Ara t-tabella ta' hawn taħt. Id-data tal-linja bażi għall-indikaturi kollha hija l-1 ta' Frar 2020 sakemm ma jkunx indikat mod ieħor fid-deskrizzjoni tal-azzjoni. L-ammonti fit-tabella ma jinkludux il-VAT.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti i /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
1	C1.R1	M	L-ordni TMA/178/2020 u d-Digriet Amministrattiv Irjali 23/2020	Dispożizzjoni fl-ordni u fid-Digriet Amministrattivi v Royal-li tindika d-dħul fis-seħħ tagħhom				Q-4	2020	Dħul fis-seħħ ta' i) l-Ordni TMA/178/2020 biex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-installazzjoni tal-faċilitajiet tal-irriċarġjar elettriku fl-istazzjonijiet ta' servizz tal-fjuwil u jiġi definit iż-żmien meħtieġ għar-rimi tal-infrastruttura, (ii) id-Digriet Amministrattiv Irjali 23/2020 ta' Ġunju 23, li jiddikjara l-utilità pubblika l-infrastruttura tal-irriċarġjar b'potenza akbar minn 250 kW biex jiġi aċċellerat il-varar ta' dan it-tip ta' faċilitajiet
2	C1.R1	M	Emendi għall-Kodiċi Tekniku tal-Bini (għad irid jiġi kkonfermat), ir-Regolament Elettrotekniku b'Vultaġġ Baxx (LVER) u l-approvazzjoni ta' Digriet Irjali biex jirregola s-servizzi pubbliċi tal-irriċarġjar	Dispożizzjoni fil-Kodiċi, fir-Regolament u fid-Digriet Irjali li tindika d-dħul fis-seħħ tagħhom				Q-2	2022	Dħul fis-seħħ ta': I) emendi għall-Kodiċi Tekniku tal-Bini (għad irid jiġi kkonfermat) biex jiġi previst a) l-obbligu li tiġi pprovduta preinstallazzjoni għall-punti tal-iċċarġjar f' 100 % tal-ispażji ġodda tal-parkeġġ fil-bini residenzjali u 20 % tal-ispażji tal-parkeġġ ġodda f' bini kummerċjali u f' bini ieħor, b) li jiġi installat punt tal-iċċarġjar wieħed għal kull 40 spazju tal-parkeġġ ġdid (u wieħed għal kull 20 spazju tal-parkeġġ fil-bini tal-Amministrazzjoni Ġenerali tal-Istat) u c) l-obbligu għal parks tal-karozzi mhux residenzjali eżistenti ta' aktar minn 20 spazju tal-parkeġġ biex jadattaw għar-rekwiżit ta' hawn fuq (jiġifieri l-installazzjoni ta' punt tal-iċċarġjar wieħed għal kull 40 spazju tal-parkeġġ) sal-2023; II) emendi għar-Regolament Elettrotekniku b'Vultaġġ Baxx (LVER) biex jiġu inkorporati obbligi għall-infrastruttura tal-iċċarġjar tal-parks tal-karozzi li mhumiex konnessi ma' bini u; III) id-Digriet Irjali li jirregola s-servizzi pubbliċi tal-irriċarġjar, inkluża r-relazzjoni tas-suġġetti li jipparteċipaw fil-forniment tas-servizz (operatori tal-punti tal-iċċarġjar, fornituri ta' servizzi ta' mobbiltà elettrika) u li jistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi tagħhom
3	C1.R2	M	Adozzjoni ta' Liġi dwar il-mobbiltà sostenibbli	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-liġi				Q-4	2024	Id-dħul fis-seħħ ta' Liġi dwar il-mobbiltà sostenibbli li ttejjeb l-ippjanar, il-koordinazzjoni u l-effiċjenza tal-politiki tat-trasport pubbliku u tappoġġa d-diġitalizzazzjoni tat-trasport u l-użu tat-trasport pubbliku. Għandu jinkludi wkoll miżuri speċifiċi għall-promozzjoni tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija, li għandhom jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet globali mit-trasport tal-merkanzija fuq l-art, inklużi:

Numru	Tip ta' miżura	Stadju important i /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-obiettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										i. L-obbligu li jiġi żviluppat programm biex jiġu implimentati awtostradi ferrovjarji f'dawk il-kurituri fejn dan ikun vijabbli u fejn ikun hemm interess kummerċjali għall-iżvilupp tiegħu. ii. Bonusijiet tat-tariffi ferrovjarji għat-traffiku tal-merkanzija matul perjodu minimu ta' 5 snin. iii. Programm ta' appoġġ għat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija, inklużi inċentivi li jippromwovu l-bidla modali mit-triq għall-ferrovija u l-modernizzazzjoni u l-innovazzjoni fis-settur tat-trasport ferrovjarju.
417	C1.R2	M	L-iżvilupp ta' applikazzjoni tas-software għall-implimentazzjoni tal-Analiżi tal-Kostijiet u l-Benefiċċji għall-investiment fl-infrastruttura tat-trasport	Disponibbiltà tal-għodda fuq paġna web uffiċjali				Q-4	2025	L-iżvilupp u d-disponibbiltà fuq paġna web uffiċjali ta' applikazzjoni tas-software għall-implimentazzjoni ta' analiżijiet tal-kostijiet u l-benefiċċji tal-investimenti fl-infrastruttura għal modi differenti ta' trasport, f'konformità mal-kunsiderazzjonijiet ta' sostenibbiltà, soċjali u ambjentali stabbiliti mill-metodoloġija uffiċjali prevista fil-Liġi dwar il-Mobbiltà Sostenibbli.
418	C1.R2	M	Uffiċċju tas-sandbox	Dispożizzjonijiet li jindikaw id-dħul fis-seħħ				Q-2	2026	Il-pubblikazzjoni u d-dħul fis-seħħ tad-Digriet Irjali li jiżviluppa l-istruttura organizzattiva tal-Ministeru b'kompetenzi tat-trasport, li jiddefinixxi l-kompetenzi speċifiċi tal-Uffiċċju Sandbox.
4	C1.I1	T	Baġit minfuq fix-xiri jew mogħti mill-muniċipalitajiet li għandhom l-għan li jippromwovu l-mobbiltà sostenibbli		Miljuni ta' EUR	0	400	Q-4	2022	Il-pubblikazzjoni tal-għoti tal-proġett jew tas-sussidji fil-ĠU jew fil-pjattaforma tal-akkwist pubbliku jew l-eżekuzzjoni tan-nefqa assoċjata max-xiri mill-muniċipalitajiet li għandha tikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-mobbiltà sostenibbli fil-muniċipalitajiet b'aktar minn 50 abitant u belt kapitali fil-provinċja u, taħt ċerti kundizzjonijiet, tista' tiġi allokata wkoll lil muniċipalitajiet ta' bejn 000 u 20000 abitant. Il-proġetti għandhom jappoġġaw każijiet: (a) il-konverżjoni tal-flotot tat-trasport pubbliku sabiex jintlaħqu l-obiettivi tad-Direttiva dwar il-Vetturi Nodfa u f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01); (b) l-implimentazzjoni u l-ġestjoni ta' żoni b'emissjonijiet baxxi (LEZs); (c) id-diġitalizzazzjoni tat-trasport pubbliku, il-ġestjoni tal-amministrazzjoni tiegħu u t-titjib tal-aċċessibbiltà tiegħu; (d) miżuri li jinċentivaw u jipprijoritizzaw it-trasport kollettiv u l-mobbiltà attiva. Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw li mill-bagħit finali totali ta' EUR 1 500 000 000 310, mill-inqas EUR 000 000 1jikkontribwixxu għall-obiettivi tat-tibdil fil-klima b'koeffiċjent klimatiku ta' 100 % u

Numru	Tip ta' miżura	Stadju important i /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-obiettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										b'mill-inqas EUR 190 000 000 b'koeffiċjent klimatiku ta' 40 %, f'konformità mal-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241 dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.
5	C1.II	T	Baġit minfuq fix-xiri jew mogħti minn Komunitajiet Awtonomi ta' mill-inqas EUR 900 miljun bl-għan li jippromwovi l-mobbiltà sostenibbli		Miljuni ta' EUR	0	900	Q-4	2023	Il-pubblikazzjoni tal-għoti ta' proġett jew sussidji fil-ĠU jew fil-pjattaforma tal-akkwist pubbliku jew l-eżekuzzjoni tan-nefqa assoċjata max-xiri mill-Komunitajiet Awtonomi. Il-proġetti u s-sussidji mogħtija u x-xiri mwettaq mill-Komunitajiet Awtonomi għandhom: 1) jikkontribwixxu għall-promozzjoni tal-mobbiltà sostenibbli billi jipprovdu sussidji lill-kumpaniji privati biex (a) jirrilaxxaw vetturi tqal qodma (b) iġeddu l-flotot tal-passiġġieri u tal-merkanzija tqal tagħhom b'vetturi aktar nodfa, (c) jixtru jew jadattaw it-trejlers jew is-semitrejlers tagħhom għat-trasport intermodali jew (d) jinstallaw punti tal-irriċarġjar u tar-riforniment bi fjuwils alternattivi (elettriċi, LNG, CNG u bijometan); Is-sussidji għandhom jiġu pprovduti f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01); jew 2) jikkontribwixxu għall-promozzjoni tal-mobbiltà sostenibbli fil-muniċipalitajiet b'aktar minn 50 abitant u belt kapitali fil-provinċja billi jappoġġaw għall-każijiet (a) il-konverżjoni tal-flotot tat-trasport pubbliku sabiex jintlaħqu l-obiettivi tad-Direttiva dwar il-Vetturi Nodfa u f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01); (b) l-implimentazzjoni u l-ġestjoni ta' żoni b'emissjonijiet baxxi (LEZs); (c) id-diġitalizzazzjoni tat-trasport pubbliku, il-ġestjoni tal-amministrazzjoni tiegħu u t-titjib tal-aċċessibbiltà tiegħu; (d) miżuri għall-prijoritizzazzjoni tat-trasport kollettiv u l-mobbiltà attiva, inklużi l-infrastruttura taċ-ċikliżmu u l-korsiji għall-persuni bil-mixi; (e) l-inċentivar tal-penetrazzjoni fi Spanja ta' teknoloġiji ġodda b'emissjonijiet żero fit-trasport; (f) il-parkeġġ għad-deterrenza li jinsab il barra minn dawn il-muniċipalitajiet u l-bliet kapitali tal-provinċja biex jitnaqqas it-traffiku li jidħol fiċ-ċentru urban; (g) l-estensjoni jew l-aġġornament tas-sistema tat-trasport ferrovjarju bħall-metros jew il-ferroviji; (h) proġetti ta' diġitalizzazzjoni li jikkomplementaw miżuri li jappoġġaw il-mobbiltà sostenibbli, inklużi sistemi ta' informazzjoni f'ħin reali dwar is-servizzi tat-trasport pubbliku, il-Mobbiltà bħala servizz, proġetti biex jittejjeb il-ħruġ ta' biljetti intermodali jew interservizzi, proġetti li jappoġġaw il-ġestjoni

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti i /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-obiettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										tat-traffiku u tal-mobbiltà u analiżi tal-informazzjoni sabiex tiżdied l-effiċjenza tas-sistema tat-trasport u (i) proġetti oħra li: I. Jikkontribwixxi għat-titjib tal-kwalità tal-arja, speċjalment fiż-żoni urbani ii. Jiġi inċentivat it-tnaqqis tal-użu tat-trasport privat fiż-żoni urbani u metropolitani iii. L-inċentivar tal-użu tat-trasport pubbliku jew iv. Inċentivi għall-mobbiltà attiva u b'saħħitha. Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw li mill-inqas EUR 900 000 000 jikkontribwixxu għall-obiettivi tat-tibdil fil-klima b'koeffiċjent klimatiku ta' 40 % f'konformità mal-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241 dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.
6	C1.I1	T	Proġetti li tlestew li jippromwvu l-mobbiltà sostenibbli, inkluż f'żoni urbani u metropolitani		Numru	0	25	Q-4	2023	Tlestew mill-inqas 25 proġett għall-promozzjoni tal-mobbiltà sostenibbli, f'żoni urbani u metropolitani b'aktar minn 50 000 abitant u, taħt ċerti kundizzjonijiet, għaż-żoni urbani bejn 1-20 u 1-000 50 abitant. Il-proġetti li jippromwvu l-mobbiltà sostenibbli huma dawn li ġejjin: I. Proġetti żviluppati minn municiipalitajiet li għandhom jikkontribwixxu għall-promozzjoni tal-mobbiltà sostenibbli fil-municiipalitajiet b'aktar minn 50 abitant u belt kapitali fil-provinċja u, taħt ċerti kundizzjonijiet, jistgħu jiġu allokati wkoll lil municiipalitajiet ta' bejn 000 u 20 abitant. Il-proġetti għandhom jappoġġaw każijiet: (a) il-konverżjoni tal-flotot tat-trasport pubbliku sabiex jintlaħqu l-obiettivi tad-Direttiva dwar il-Vetturi Nodfa u f'konformità mal-Gwida Teknika "la tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01); (b) l-implimentazzjoni u l-ġestjoni ta' żoni b'emissjonijiet baxxi (LEZs); (c) id-diġitalizzazzjoni tat-trasport pubbliku, il-ġestjoni tal-amministrazzjoni tiegħu u t-titjib tal-aċċessibbiltà tiegħu; (d) miżuri li jinċentivaw u jipprioritizzaw it-trasport kollettiv u l-mobbiltà attiva. Proġett huwa sett ta' attivitajiet definiti, interrelatati u kkoordinati, imwettqa b'objettiv komuni f'ċerti limiti ta' żmien u baġitarji, li għalihom jintalab sussidju. Municiipalità waħda tista' tiżviluppa aktar minn proġett wieħed. II. Proġetti li jippromwvu l-mobbiltà sostenibbli fiż-żoni urbani u metropolitani żviluppati mill-Komunitajiet Awtonomi. Dan għandu jikkonċerna t-tipoloġiji a) sa i) speċifikati fl-investment C1.I1. Iż-żoni urbani u metropolitani huma definiti bħala municiipalitajiet b'aktar minn 50 000 abitant, b'belt kapitali fil-provinċja u, f'ċerti kundizzjonijiet, municiipalitajiet b'aktar minn 20 000 abitant. Kull Komunità Awtonoma

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti i /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										tista' tiżviluppa aktar minn proġett wieħed. III. Proġetti li jipprovdu sussidji lil kumpaniji privati biex (a) jarmu vetturi tqal qodma, (b) iġeddu l-flotot tal-passiġġieri u tal-merkanzija tqal tagħhom b'vetturi aktar nodfa, (c) jixtru jew jadattaw it-trejlers jew is-semitrejlers tagħhom għat-trasport intermodali jew (d) jinstallaw punti ta' riforniment bi fjuwils alternattivi (elettriċi, LNG, CNG u bijometan). Jeħtieġ li jiġu ssussidjati mill-inqas 3 vettura tqila jew punt ta' riforniment sabiex jitqies li jkun tlesta proġett wieħed li jippromwovi l-mobbiltà sostenibbli. Is-sussidji jenħtieġ li jiġu pprovduti f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).
7	C1.I1	T	Baġit minfuq fix-xiri jew mogħti mill-muniċipalitajiet li għandhom l-għan li jippromwovu l-mobbiltà sostenibbli		Miljuni ta' EUR	400	1 500	Q-4	2024	Il-pubblikazzjoni tal-għoti tal-proġett jew tas-sussidji fil-ĠU jew fil-pjattaforma tal-akkwist pubbliku jew l-eżekuzzjoni tan-nefqa assoċjata max-xiri mill-muniċipalitajiet li għandha tikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-mobbiltà sostenibbli fil-muniċipalitajiet b'aktar minn 50 000 abitant u belt kapitali fil-provinċja u, taħt ċerti kundizzjonijiet, tista' tiġi allokata wkoll lil muniċipalitajiet ta' bejn 20 000 u 50 000 abitant. Il-proġetti għandhom jappoġġaw każijiet: (a) il-konverżjoni tal-flotot tat-trasport pubbliku sabiex jintlaħqu l-oġġettivi tad-Direttiva dwar il-Vetturi Nodfa u f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01); (b) l-implimentazzjoni u l-ġestjoni ta' żoni b'emissjonijiet baxxi (LEZs); (c) id-diġitalizzazzjoni tat-trasport pubbliku, il-ġestjoni tal-amministrazzjoni tiegħu u t-titjib tal-aċċessibbiltà tiegħu; (d) miżuri li jinċentivaw u jipprioritizzaw it-trasport kollettiv u l-mobbiltà attiva. Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw li mill-inqas EUR 310 000 000 jikkontribwixxu għall-oġġettivi tat-tibdil fil-klima b'koeffiċjent klimatiku ta' 100 % u b'mill-inqas EUR 1 190 000 000 b'koeffiċjent klimatiku ta' 40 %, f'konformità mal-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241 dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. (Linja bażi: 31 ta' Diċembru 2022)
8	C1.I1	T	Kuntratti jew strumenti legali oħra mogħtija għat-titjib tat-toroq tal-istat f'żoni urbani		Kuntratt jew strument legali ieħor	0	35	Q-2	2023	Mill-inqas 35 kuntratt jew strumenti legali oħra mogħtija biex itejbu t-toroq tal-istat f'żoni urbani. Il-proġetti għandhom jikkonsistu fil-konstruzzjoni ta' korsiji ġodda għaċ-ċikliżmu, it-tkabbir taż-żoni pedonali, it-tnaqqis taż-żoni ta' parkeġġ jew it-titjib tas-sikurezza fil-punti tal-qsim

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti i /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
9	C1.I1	T	Proġetti li tlestew li jippromwovu l-mobbiltà sostenibbli, inkluż f'żoni urbani u metropolitani		Numru	25	280	Q-4	2025	Tlestew mill-inqas 280 proġett għall-promozzjoni tal-mobbiltà sostenibbli, inkluż f'żoni urbani u metropolitani, biex jikkontribwixxu għall-mobbiltà sostenibbli fil-150 żona urbana b'aktar minn 50 000 abitant u, taħt ċerti kundizzjonijiet, għaż-żoni urbani bejn 20 000 u 50 abitant. Il-proġetti li jippromwovu l-mobbiltà sostenibbli huma dawn li ġejjin: I. Proġetti żviluppati minn municiplitalajiet li għandhom jikkontribwixxu għall-promozzjoni tal-mobbiltà sostenibbli fil-municiplitalajiet b'aktar minn 50 abitant u belt kapitali fil-provinċja u, taħt ċerti kundizzjonijiet, jistgħu jiġu allokati wkoll lil municiplitalajiet ta' bejn 000 u 20 abitant. Il-proġetti għandhom jappoġġaw każijiet: (a) il-konverżjoni tal-flotot tat-trasport pubbliku sabiex jintlaħqu l-oġġettivi tad-Direttiva dwar il-Vetturi Nodfa u f'konformità mal-Gwida Teknika "la tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01); (b) l-implimentazzjoni u l-ġestjoni ta' żoni b'emissjonijiet baxxi (LEZs); (c) id-diġitalizzazzjoni tat-trasport pubbliku, il-ġestjoni tal-amministrazzjoni tiegħu u t-titjib tal-aċċessibbiltà tiegħu; (d) miżuri li jinċentivaw u jipprioritizzaw it-trasport kollettiv u l-mobbiltà attiva. Proġett huwa sett ta' attivitajiet definiti, interrelati u kkoordinati, imwettqa b'oġġettiv komuni f'ċerti limiti ta' żmien u baġitarji, li għalihom jintalab sussidju. Municiplitalità waħda tista' tiżviluppa aktar minn proġett wieħed. II. Proġetti li jippromwovu l-mobbiltà sostenibbli fiż-żoni urbani u metropolitani żviluppati mill-Komunitajiet Awtonomi. Dan għandu jikkonċerna t-tipoloġiji a) sa i) speċifikati fl-investment C1.I1. Iż-żoni urbani u metropolitani huma definiti bħala municiplitalajiet b'aktar minn 50 000 abitant, b'belt kapitali fil-provinċja u municiplitalajiet b'aktar minn 20 000 abitant taħt ċerti kundizzjonijiet. Kull Komunità Awtonoma tista' tiżviluppa aktar minn proġett wieħed. III. Proġetti li jipprovdu sussidji lil kumpaniji privati biex (a) jarmu vetturi tqal qodma, (b) iġeddu l-flotot tal-passiġġieri u tal-merkanzija tqal tagħhom b'vetturi aktar nodfa, (c) jixtru jew jadattaw it-trejlers jew is-semitrejlers tagħhom għat-trasport intermodali jew (d) jinstallaw punti ta' riforniment bi fjuwils alternattivi (elettriċi, LNG, CNG u bijometan). Jeħtieġ li jiġu ssussidjati mill-inqas 3 vettura tqala jew punt ta' riforniment jew punt ta' riforniment jew punt ta' riforniment sabiex jitqies li jkun tlesta proġett wieħed li jippromwovi l-mobbiltà

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti i /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										sostenibbli. Is-sussidji jenħtieġ li jiġu pprovduti f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01). (Linja bażi: 31 ta' Diċembru 2023)
10	C1.I1	T	It-toroq statali fiż-żoni urbani tjiebu biex jippromwovu forom ġodda ta' mobbiltà		Numru	0	34	Q-4	2025	Mill-inqas 34 triq statali f'żoni urbani tjiebu bil-bini ta' korsiji ġodda għaċ-ċikliżmu, it-tkabbir taż-żoni pedonali, it-tnaqqis taż-żoni ta' parkeġġ jew it-titjib tas-sikurezza fil-punti ta' qsim. Dan l-investiment għandu jsir mill-Ministeru tat-Trasport, il-Mobbiltà u l-Aġenda Urbana fit-toroq li għandu f'żoni urbani.
11	C1.I2	T	L-għoti ta' proġetti innovattivi li jippromwovu l-elettromobbiltà		Miljuni ta' EUR	0	250	Q-2	2023	Pubblikazzjoni tal-għoti ta' mill-inqas EUR 250 miljun f'sejħiet li jappoġġaw proġetti innovattivi li jippromwovu l-elettromobbiltà. Il-kriterji tal-għażla użati fis-sejħiet għall-proposti għall-allokkazzjoni tal-iskemi ta' għajjuna għandhom jinkludu: i) it-tnaqqis tal-impatt ambjentali, ii) il-vijabbiltà teknika-ekonomika, iii) il-livell ta' żvilupp teknoloġiku u innovazzjoni, iv) ir-replikabbiltà u l-iskalabbiltà, v) il-ġenerazzjoni tal-impjiegi assoċjata mal-proġett, diretta u indiretta u vi) l-impatt fuq il-katina tal-valur u s-sinerġija ma' setturi oħra, prinċipalment industrijali.
12	C1.I2	T	Reġistrazzjoni ta' talbiet għal sussidji għal vetturi elettriċi u punti tal-iċċarġjar		Numru	0	238 000	Q-4	2023	Ir-reġistrazzjoni ta' talbiet għal sussidji għal mill-inqas 238 000 vettura elettrika (BEV, REEV, PHEV jew FCEV) u punti tal-irriċarġjar, inklużi, fost l-oħrajn, punti tal-irriċarġjar għall-użu pubbliku f'żoni residenzjali kif ukoll fuq in-network nazzjonali tat-toroq, li huma daww it-talbiet magħmula minn vetturi elettriċi u/jew punti tal-irriċarġjar b'mod indistint.
419	C1.I2	T	Vetturi elettriċi u punti tal-iċċarġjar varati		Numru	0	238 000	Q-4	2025	Mill-inqas 238 vettura elettrika (BEV, REEV, PHEV jew FCEV) u punti tal-irriċarġjar, inklużi, fost l-oħrajn, punti tal-irriċarġjar għall-użu pubbliku f'żoni residenzjali kif ukoll fuq in-network tat-toroq nazzjonali varat.
13	C1.I2	T	Tlestija ta' proġetti innovattivi li jippromwovu l-elettromobbiltà		Numru	0	85	Q-4	2025	It-tlestija ta' mill-inqas 85 proġett skjerati taħt il-programm ta' appoġġ għal proġetti ta' innovazzjoni dwar l-elettromobbiltà (MOVES Singulares).
14	C1.I3	T	Titjib tal-linji ferrovjarji fuq distanzi qosra		Numru (Km)	0	200	Q-2	2023	Mill-inqas 200 km ta' linji ferrovjarji fuq distanzi qosra aġġornati. L-interventi jistgħu jinkludu, iżda mhumiex limitati, għal kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin: It-tiġdid tal-pjattaforma jew tal-binarij, jew it-titjib tal-faċilitajiet tal-elettrifikazzjoni jew tas-sigurtà u tal-

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti i /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										komunikazzjoni/tas-sinjalar jew tas-sistemi tas-sikurezza, u għandhom jiġu implimentati tul it-territorju nazzjonali.
15	C1.I3	T	L-istazzjonijiet tjiebu bid-diġitalizzazzjoni		Numru	0	420	Q-2	2023	Mill-inqas 420 stazzjon tjiebu bil-proġetti kollha jew uħud minnhom żviluppati minn RENFE bħala operatur tal-SPO, elenkati li jmiss: • Id-diġitalizzazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà fl-istazzjonijiet (bħall-analitika intelliġenti tal-vidjo, iċ-ċibersigurtà u l-kontroll tal-frodi) • Sistemi ta' informazzjoni għall-passiġġieri • Titjib tal-kontroll tal-aċċess għall-istazzjonijiet • Proġetti tal-magni tal-bejgħ tal-biljetti • Adattament tal-faċilitajiet
16	C1.I3	T	Stazzjonijiet ferrovjarji mtejbja jew ġodda fuq distanzi qosra		Numru	0	20	Q-2	2023	Mill-inqas 20 stazzjonijiet ferrovjarji fuq distanza qasira tjiebu jew inbnew ġodda permezz tal-AV ADIF/ADIF. Ix-xogħlijiet jistgħu jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, xogħlijiet ta' aċċessibbiltà, titjib tal-bini jew pjattaforma, kostruzzjoni ta' stazzjonijiet ġodda, u/jew binarji ferrovjarji ġodda jew rinnovati.
17	C1.I3	T	Kuntratti jew strumenti legali oħra mogħtija għal investimenti f'linji ferrovjarji fuq distanzi qosra		Kuntratt jew strument legali ieħor	0	288	Q-2	2023	Mill-inqas 288 kuntratt jew strumenti legali oħra mogħtija tul it-territorju nazzjonali relatati ma' investimenti f'linji ferrovjarji fuq distanzi qosra.
18	C1.I3	T	Titjib tal-linji ferrovjarji fuq distanzi qosra		Numru (km)	200	700	Q-2	2026	Mill-inqas 700 km ta' linji ferrovjarji fuq distanzi qosra aġġornati. L-interventi jinkludu, iżda mhumiex limitati, għal kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin: It-tiġdid tal-pjattaforma jew tal-binarji, jew it-titjib tal-faċilitajiet tal-elettrifikazzjoni jew tas-sigurtà u tal-komunikazzjoni/tas-sinjalar jew tas-sistemi tas-sikurezza, u għandhom jiġu implimentati tul it-territorju nazzjonali. (Linja bażi: Data tat-tweqqif tal-mira 14)
19	C1.I3	T	L-istazzjonijiet tjiebu bid-diġitalizzazzjoni		Numru	420	850	Q-2	2026	Mill-inqas 850 stazzjon tjiebu bil-proġetti kollha jew uħud minnhom żviluppati minn RENFE bħala operatur tal-SPO, elenkati li jmiss: • Id-diġitalizzazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà fl-istazzjonijiet (bħall-analitika intelliġenti tal-vidjo, iċ-ċibersigurtà u l-kontroll tal-frodi) • Sistemi ta' informazzjoni għall-passiġġieri • Titjib tal-kontroll tal-aċċess għall-istazzjonijiet

Numru	Tip ta' miżura	Stadju important i /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-obiettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										• Proġetti tal-magni tal-bejgħ tal-biljetti • Adattament tal-faċilitajiet (Linja bażi: Data tat-tlestija tal-mira 15)
20	C1.I3	T	Stazzjonijiet ferrovjarji mtejbja jew ġodda fuq distanzi qosra		Numru	20	70	Q-2	2026	Mill-inqas 70 stazzjonijiet ferrovjarji fuq distanza qasira tjiebu jew inbnew ġodda permezz tal-AV ADIF/ADIF. Ix-xogħlijiet jistgħu jinkludu iżda mhumiex limitati għal xogħlijiet ta' aċċessibbiltà, titjib tal-bini jew pjattaforma, kostruzzjoni ta' stazzjonijiet ġodda, u/jew binarji ferrovjarji ġodda jew rinnovati. (Linja bażi: Data tat-twettiq tal-mira 16)

A.4. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ fil-forma ta' self

Riforma 3 (C1.R3) — Digriet Irjali li jirregola l-kriterji minimi ta' żoni b'emissjonijiet baxxi

L-oġġettiv ta' din ir-riforma huwa d-dħul fis-seħħ tad-Digriet Irjali 1052/2022, tas-27 ta' Diċembru li jipprovdi r-rekwiżiti minimi li għandhom jiġu ssodisfati miż-Żoni b'Emissjonijiet Baxxi (LEZs) stabbiliti mill-awtoritajiet lokali f'muniċipalitajiet b'aktar minn 50 000 abitant u territorji insulari f'konformità mar-rekwiżiti legali stabbiliti mill-Artikolu 14.3 tal-Liġi 7/2021, tal-20 ta' Mejju.

Dawn ir-rekwiżiti minimi stabbiliti mid-Digriet Irjali għandhom ikopru:

— L-obbligu għall-awtoritajiet lokali li jiddeterminaw il-miżuri speċifiċi li għandhom jiġu implimentati biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-LEZs, li huma li jtejb u l-kwalità tal-arja u jtaffu l-effetti tat-tibdil fil-klima, kif ukoll li jippromwovu l-konformità mal-oġġettivi rigward l-istorbju, il-mobbiltà sostenibbli u l-effiċjenza enerġetika fl-użu tal-mezzi tat-trasport. Dawn il-miżuri għandu jkollhom l-għan li jinkoraġġixxu bidla modali lejn modi ta' trasport aktar sostenibbli, filwaqt li jiprijoritizzaw il-mobbiltà attiva u t-trasport pubbliku.

— L-obbligu li jiġu delimitati l-LEZs fid-dawl tal-orijini u d-destinazzjoni tal-vjaġġi li fuqhom ġie kkunsidrat neċessarju li jsir intervent, permezz ta' bidla modali jew bl-inkoraġġiment tat-tnaqqis tal-vjaġġi.

— L-erja tas-superfiċje tal-LEZs għandha tkun adegwata u suffiċjenti biex jintlaħqu l-oġġettivi stabbiliti u proporzjonata għalihom. Id-digriet Irjali għandu jistabbilixxi l-possibbiltà, fuq deċiżjoni mill-awtoritajiet lokali, li jitfasslu diversi LEZs fi bliet akbar, kif ukoll f'territorji insulari.

— Id-definizzjoni ta' oġġettivi kwantifikabbli tal-kwalità tal-arja li jwasslu għal titjib meta mqabbla mas-sitwazzjoni bażi mingħajr LEZs. Il-LEZs għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-kisba tal-valuri ta' gwida tad-direttivi tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-kwalità tal-arja.

— Il-proġett LEZs għandu jinkludi miri kwantifikabbli u kwantifikabbli għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-LEZs sal-2030, konsistenti mal-oġġettivi stabbiliti fil-Pjan Nazzjonali Integrat għall-Enerġija u l-Klima (PNIEC), b'mod partikolari l-oġġettiv li jitnaqqas l-użu ta' vetturi motorizzati privati meta mqabbel ma' modi oħra ta' trasport.

— Projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet fuq l-aċċess, iċ-ċirkolazzjoni u l-ipparkjar tal-vetturi, skont il-potenzjal ta' tniġġis tagħhom.

Id-digriet Irjali għandu jagħti lil-LEZs preeżistenti stabbiliti qabel l-approvazzjoni tad-Digriet Irjali 1052/2022 perjodu tranżitorju ta' 18 xahar biex jaġġusta għal dawn ir-rekwiżiti minimi.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sa Diċembru 2022.

A.5. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ fil-forma ta' self

Ara t-tabella ta' hawn taħt. Id-data tal-linja bażi għall-indikaturi kollha hija l-1 ta' Frar 2020 sakemm ma jkunx indikat mod ieħor fid-deskrizzjoni tal-azzjoni. L-ammonti fit-tabella ma jinkludux il-VAT

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
L1	C1.R3	M	Dħul fis-seħħ tad-Digriet Irjali li jirregola ż-Żoni b'Emissjonijiet Baxxi (LEZs)	Dispożizzjoni fid-Digriet Royal-li tindika d-dħul fis-seħħ tiegħu				Q-4	2022	Dħul fis-seħħ tad-Digriet Irjali 1052/2022, tas-27 ta' Diċembru, li jirregola ż-Żoni b'Emissjonijiet Baxxi (LEZs)

B. IL-KOMPONENT 02: L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-AĠENDA URBANA SPANJOLA: PJAN TA' RIABILITAZZJONI U RIĠENERAZZJONI URBANA

Dan il-komponent tal-pjan Spanjol għall-irkupru u r-reżiljenza għandu jindirizza r-riabilitazzjoni tal-enerġija tal-bini, id-dekarbonizzazzjoni tiegħu, u t-titjib tal-kwalità u l-kumdità tiegħu. Għandha tindirizza wkoll l-akkomodazzjoni soċjali għall-kiri, iżżid l-istokk taġġha u tiżgura rkupru aktar ġust u inklużiv. Barra minn hekk, il-komponent ifittex li jindirizza l-faqar enerġetiku billi jappoġġa akkomodazzjoni soċjali jew affordabbli għall-kiri. L-attivitajiet ta' diġitalizzazzjoni huma inklużi wkoll. Dan il-komponent tal-pjan Spanjol għall-irkupru u r-reżiljenza jappoġġa l-implimentazzjoni tal-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima (NECP) ta' Spanja, li jipprevedi r-rinnovazzjoni ta' 1 200 binja residenzjali sal-000, u tas-sistemi tat-tisħin u t-tkessi ta' medja ta' 2030 binja residenzjali fis-sena. F'dan il-kuntest, Spanja tipproponi li:

- a) Tiżviluppa u timplimenta miżuri ta' riforma, inkluża l-Aġenda Urbana Spanjola, l-istrateġija fit-tul ta' rinnovazzjoni ta' Spanja, Liġi dwar l-Akkomodazzjoni, Liġi biex ittejjeb ix-xenarju Arkitettoniku u l-ħolqien ta' "punti uniċi ta' servizz" għar-rinnovazzjonijiet tal-bini;
- b) jirrinnovaw mill-inqas 285 abitażżjoni residenzjali unika bħala parti minn mill-inqas 000 azzjoni ta' rinnovazzjoni, mill-inqas 410 000 ettaru ta' żoni urbani, ekwivalenti għal mill-inqas 600 binja residenzjali u 40 000 m⁶⁹⁰ 000 ta' bini mhux residenzjali, ekwivalenti għal mill-inqas 2 binja residenzjali u 4 300 m²³⁰ ta' bini mhux residenzjali f'muniċipalitajiet u żoni urbani b'inqas minn 000 abitant, u mill-inqas 2 m⁵ ta' bini pubbliku sal-000, u bħala medja ffrankar tal-enerġija primarja ta' aktar minn 30 %, inkluż bir-rinnovazzjoni u t-titjib tas-sistemi tat-tisħin u t-tkessi;
- c) tibni mill-inqas 20 000 abitażżjoni ġdida għal skopijiet ta' kiri soċjali jew bi prezzijiet affordabbli b'domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 20 % taħt ir-rekwiżiti ta' bini b'użu ta' kważi żero enerġija;
- d) timplimenta mill-inqas 100 proġett pilota fil-livell lokali li jappoġġjaw l-effiċjenza enerġetika u l-implimentazzjoni tal-Aġenda Urbana Spanjola; u għal
- e) ittejjeb l-aċċess għall-finanzjament għall-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni ta' akkomodazzjoni soċjali u affordabbli effiċjenti fl-użu tal-enerġija, u tiżviluppa swieq kapitali f'dawn l-oqsma.

45	C3.R6	M	Dħul fis-seħħ tad-Digriet Irjali dwar il-ġestjoni taż-żoni tas-sajd nazzjonali	Dispożizzjoni tad-Digriet Irjali dwar id-dħul fis-seħħ				Q-2	2022	Id-digriet Irjali għandu jallinja l-ġestjoni tal-għodod, il-metodi u ċ-ċensimenti differenti taż-żoni tas-sajd nazzjonali, filwaqt li jiffaċilita ġestjoni aħjar tan-negozju u jqis l-oġġettivi tal-politiki u l-isfidi ewlenin tal-UE bħar-riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd, l-Istrateġija għall-Bijodiversità 2030, l-Istrateġija Marittima, jew l-SDGs fost l-oħrajn.
423	C3.R6	M	Id-dħul fis-seħħ tar-reviżjoni tal-Liġi dwar is-Sajd u tal-Liġi għall-immodernizzar tas-sistemi ta' kontroll, spezzjoni u sanzjonar fil-qasam tas-sajd.	Dispożizzjoni fil-Liġijiet li jistabbilixxu d-dħul fis-seħħ tagħha				Q-2	2026	Id-dħul fis-seħħ tar-reviżjoni tal-Liġi dwar is-Sajd u tal-Liġi għall-immodernizzar tas-sistemi ta' kontroll, spezzjoni u sanzjonar fil-qasam tas-sajd f'konformità mad-deskrizzjoni tal-miżura.
46	C3.I1	T	Dħul fis-seħħ tal-ftehim kuntrattwali bejn il-Ministeru tal-Agricoltura, is-Sajd u l-Ikel (MAPA) u SEIASA biex jappoġġa t-titjib u s-sostenibbiltà taż-żoni irrigati (Fażi I)		Miljuni ta' EUR	0	260	Q-3	2021	Il-Ftehim ta' kollaborazzjoni bejn il-Ministeru tal-Agricoltura, is-Sajd u l-Ikel (MAPA) u s-SEIASA (Fażi I; Eżekuzzjoni tal-baġit ta' EUR 260 000 000) għandhom jimplimentaw il-kundizzjonijiet tal-pjan biex jtejjeb l-effiċjenza u s-sostenibbiltà fl-irrigazzjoni li qed titwettagħ b'dan l-investiment. Din in-norma legali għandha tirregola, fost aspetti oħra, ir-reġim ta' finanzjament pubbliku/privat għal dawn l-investimenti ta' modernizzazzjoni tal-irrigazzjoni, il-kriterji tal-għażla tal-proġetti, il-proċeduri ta' eżekuzzjoni tal-pjan kif ukoll il-lista ta' azzjonijiet li għandhom jitwettqu marbuta mal-eżekuzzjoni tal-baġit taħt din il-miżura.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
47	C3.I1	T	L-implimentazzjoni tal-ftehim bejn il-Ministeru tal-Agricoltura, is-Sajd u l-Ikel (MAPA) u s-SEIASA biex jiġu appoġġati t-titjib u s-sostenibbiltà taż-żoni irrigati (Fażi II)		Miljuni ta' EUR	0	303	Q-4	2022	Il-Ftehim ta' kollaborazzjoni bejn il-Ministeru tal-Agricoltura, is-Sajd u l-Ikel (MAPA) u s-SEIASA (Fażi II; EUR 303 000 000 ta' eżekuzzjoni tal-baġit) għandhom jimplimentaw il-kundizzjonijiet tal-pjan biex jitlejbu l-effiċjenza u s-sostenibbiltà fl-irrigazzjoni li qed titwettaq b'dan il-proġett ta' investiment. Din in-norma legali għandha tirregola, fost aspetti oħra, ir-reġim ta' finanzjament pubbliku/privat għal dawn l-investimenti ta' modernizzazzjoni tal-irrigazzjoni, il-kriterji tal-għażla tal-proġetti, il-proċeduri ta' eżekuzzjoni tal-pjan kif ukoll il-lista ta' azzjonijiet li għandhom jitwettqu marbuta mal-eżekuzzjoni tal-baġit taħt din il-miżura.
424	C3.I1	T	Dħul fis-seħħ tal-Addendum għall-ftehim bejn il-Ministeru tal-Agricoltura, is-Sajd u l-Ikel (MAPA) u s-SEIASA biex jiġu appoġġati t-titjib u s-sostenibbiltà taż-żoni irrigati (Fażi II)		Miljuni ta' EUR	303	453	Q-2	2023	L-addendum għall-ftehim ta' kollaborazzjoni bejn il-Ministeru tal-Agricoltura, is-Sajd u l-Ikel (MAPA) u s-SEIASA (espansjoni tal-Fażi II; EUR 150 000 000 tal-eżekuzzjoni tal-baġit) għandhom jimplimentaw il-kundizzjonijiet tal-pjan biex jitlejbu l-effiċjenza u s-sostenibbiltà fl-irrigazzjoni li qed jitwettaq b'dan il-proġett ta' investiment. Din in-norma legali għandha tirregola, fost aspetti oħra, ir-reġim ta' finanzjament pubbliku/privat għal dawn l-investimenti ta' modernizzazzjoni tal-irrigazzjoni, il-kriterji tal-għażla tal-proġetti, il-proċeduri ta' eżekuzzjoni tal-pjan kif ukoll il-lista ta' azzjonijiet li għandhom jitwettqu marbuta mal-eżekuzzjoni tal-baġit taħt din il-miżura. (Linja bażi: 30 ta' Ġunju 2022, abbażi tal-għan tal-mira 47)
48	C3.I1	T	Modernizzazzjoni tas-sistemi ta' irrigazzjoni modernizzati f'termini ta' ffrankar tal-ilma u effiċjenza enerġetika		Numru (ettari)	0	125 000	Q-2	2026	Mill-inqas 125 ettaru ta' sistemi ta' irrigazzjoni mmodernizzati f'termini ta' ffrankar tal-ilma u effiċjenza enerġetika. Is-superfiċje modernizzata bl-investimenti tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza kif ukoll it-tipoloġija tal-azzjonijiet imwettqa għandhom jiġu riflessi fil-ftehimiet ta' kollaborazzjoni ffirmati mis-SEIASA mal-Komunitajiet tal-Utenti tal-Ilma I affettwati. Dawn il-ftehimiet għandhom jistabbilixxu l-azzjonijiet speċifiċi li għandhom jitwettqu biex jiggwarantixxu l-iffirankar tal-ilma u l-effiċjenza enerġetika f'sistemi ta' tisqija modernizzati. Uħud mill-azzjonijiet li għandhom jitwettqu b'dan il-pjan huma dawn li ġejjin: (I) Is-sostituzzjoni tal-użu tal-ilma ta' taħt l-art jew tal-ilma tal-wiċċ bl-użu ta' riżorsi tal-ilma mhux

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										konvenzjonali (reklamati jew desalinati f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) (ii) l-implimentazzjoni ta' sistemi ta' regolamentazzjoni tal-ilma li jippermettu t-tisqija bil-gravità (bl-użu tad-differenza fl-elevazzjoni sabiex it-trasport tal-ilma ma jirrikjedix l-użu tal-enerġija), (iii) is-sostituzzjoni tal-enerġija minn sorsi fossili meħtieġa għall-ippumpjar b'sorsi ta' enerġija rinnovabbli (prinċipalment fotovoltaiċi), (iv) is-sostituzzjoni ta' fosos fil-miftuħ magħmula mill-konkrit jew mill-art b'pajpijiet midfunin, (v) il-kostruzzjoni ta' stazzjonijiet tal-iffiltrar u tal-ippumpjar, u (vi) l-installazzjoni ta' miteri u sistemi ta' ġestjoni remota. Sar-raba' trimestru tat-2 2026, mill-inqas 125 000 ettaru ta' sistemi ta' tisqija jiġu modernizzati f'termini ta' ffrankar tal-ilma u effiċjenza enerġetika, verifikabbli permezz tal-ftehimiet tal-Komunitajiet ta' Irrigazzjoni SIEASA-Irrigazzjoni.
421	C3.I2	T	Tlestija tal-kostruzzjoni ta' laboratorju ta' bijosikurezza livell 3 u Laboratorju Nazzjonali għas-Saħħa tal-Pjanti.		Numru		2	Q-1	2025	Tlestija tal-kostruzzjoni tal-Laboratorju tas-Sikurezza Bijoloġika tal-Livell 3 (LCSA- Santa Fe) u l-Laboratorju Nazzjonali tas-Saħħa tal-Pjanti f'Lugo.
49	C3.I2	T	Tlestija tal-kostruzzjoni ta' faċilità tal-annimali, li għandha livell ta' bijosikurezza 3.		Numru	0	1	Q-2	2026	Tlestija tal-kostruzzjoni tal-Faċilità għall-Annimali tas-Sikurezza Bijoloġika tal-Livell 3 (LCV- Algete)
50	C3.I3	T	Ċentri mtejbja ta' tindif u diżinfekzjoni u ċentri ta' produzzjoni ta' materjal ta' riproduzzjoni tal-pjanti b'sistemi msaħħa ta' taħriġ u bijosigurtà		Numru	0	465	Q-3	2024	Mill-inqas 465 ċentru ta' tindif u diżinfekzjoni u ċentri ta' produzzjoni ta' materjal ta' riproduzzjoni tal-pjanti b'sistemi msaħħa ta' taħriġ u bijosigurtà. L-iżvilupp tal-kapaċità jinkludi t-titjib u l-kostruzzjoni ta' faċilitajiet ta' tindif u diżinfekzjoni fi Spanja kollha, u l-bijosigurtà tikkonsisti f'li jkun hemm faċilitajiet aċċessibbli, moderni u mġammra għat-tindif u d-diżinfekzjoni. It-tindif u d-diżinfekzjoni huma pilastru ewlieni fil-miżuri tal-bijosikurezza, u għalhekk it-titjib teknoloġiku ta' dawn il-faċilitajiet huwa essenzjali, bħall-awtomatizzazzjoni, ir-robotizzazzjoni, l-installazzjoni ta' sistemi ġodda ta' tindif u diżinfekzjoni, bħad-diżinfekzjoni termali jew l-installazzjoni ta' sistemi.
51	C3.I4	T	Pjan ta' investiment għall-promozzjoni tas-sostenibbiltà u l-kompetittività tal-agrikoltura u tal-bhejjem		Miljuni ta' EUR	0	307	Q-2	2022	It-tlestija tal-pjan ta' investiment għall-promozzjoni tas-sostenibbiltà u l-kompetittività tal-attivitajiet tal-agrikoltura u tal-bhejjem fl-agrikoltura ta' preċiżjoni, l-effiċjenza enerġetika u l-ekonomija ċirkolari (eżekuzzjoni tal-baġit ta' EUR 307 000 000). Il-bażijiet regolatorji għandhom jistabbilixxu min huma l-benefiċjarji, ir-rekwiżiti

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										li jridu jissodisfaw, it-tip ta' investimenti eliġibbli, u l-kriterji ta' eliġibbiltà għall-investimenti: l-agrikoltura ta' preċiżjoni, l-effiċjenza enerġetika, l-ekonomija ċirkolari u l-użu tal-enerġiji rinnovabbli.
52	C3.I4	T	Proġetti kkompletati għall-agrikoltura ta' preċiżjoni, l-effiċjenza enerġetika, l-ekonomija ċirkolari u l-użu tal-enerġiji rinnovabbli		Numru	0	5 000	Q-2	2026	Mill-inqas 5 azjenda agrikola li lestew proġetti għall-agrikoltura ta' preċiżjoni, l-effiċjenza enerġetika, l-ekonomija ċirkolari u l-użu tal-enerġiji rinnovabbli. L-agrikoltura ta' preċiżjoni tinkludi sistemi ta' ġeolokalizzazzjoni u ta' navigazzjoni bis-satellita (GNSS), għir ta' data f'linja reali permezz ta' sensuri u immaġnijiet bis-satellita u fl-ajru, flimkien mas-Sistemi ta' Informazzjoni Ġeografika (GIS), l-immappjar, il-komunikazzjoni u l-konnettività, l-effiċjenza enerġetika tinkludi l-kundizzjonament u l-iżolament tal-bini (imħażen u bini awżiljarju) u sistemi li jottimizzaw il-kontroll klimatiku tal-gassijiet serra u l-konsum tal-enerġija u termali tal-azjendi agrikoli u tal-bhejjem, l-ekonomija ċirkolari tinkludi strutturi għall-użu u l-irkupru tal-fdalijiet agrikoli u tal-prodotti sekondarji tal-bhejjem permezz ta' operazzjonijiet u tekniki ta' pretrattament li jtejbju l-ġestjoni u l-użu sussegwenti tagħhom, u l-użu tal-enerġija rinnovabbli jinkludi l-installazzjoni ta' infrastrutturi tal-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli multipli biex jiġu appoġġati l-ħtiġijiet tal-elettriku u tal-enerġija termali.
53	C3.I5	T	L-iffirmar ta' ftehimiet kuntrattwali bejn il-Ministeru tal-Agricoltura, is-Sajd u l-Ikel (MAPA) u l-ENISA		Miljuni ta' EUR	0	30	Q-2	2023	L-iffirmar ta' tliet ftehimiet kuntrattwali (wieħed fis-sena) bejn il-Ministeru għall-Agricoltura, is-Sajd u l-Ikel (MAPA) u l-ENISA biex tiġi appoġġata t-trasformazzjoni diġitali tal-SMEs agroalimentari permezz ta' linja ta' appoġġ għal intraprenditorija innovattiva jew ibbażata fuq it-teknoloġija fis-settur agroalimentari Spanjol (eżekuzzjoni tal-baġit: EUR 30 000 000; EUR 10 000 000 fis-sena). Il-ftehimiet ta' kollaborazzjoni bejn il-Ministeru tal-Agricoltura, is-Sajd u l-Ikel u l-ENISA għandhom jistabbilixxu l-kundizzjonijiet tal-linja ta' intraprenditorija bbażata fuq it-teknoloġija biex jappoġġaw lill-SMEs fis-settur agroalimentari li jippreżentaw proġetti ta' negozju innovattivi u diġitali, permezz tal-għoti ta' self parteċipattiv, il-politika ta' investiment u l-kriterji ta' eliġibbiltà. Il-ftehimiet imsemmija hawn fuq għandhom jinkludu klawżola li tiggarantixxi li l-investimenti magħmula b'dan il-finanzjament jikkonformaw mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) tat-tranżazzjonijiet appoġġati skont din il-miżura permezz tal-użu ta' verifika tas-sostenibbiltà, lista ta' esklużjoni, u r-reqwiżit ta' konformità mal-

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. L-oġġettiv ta' dan l-investiment huwa li jwieġeb għal diversi oġġettivi tal-istrategġja Spanjola għad-diġitalizzazzjoni tas-settur agroalimentari u tal-ambjent rurali, u tal-pjanijiet ta' azzjoni tagħha.
54	C3.I5	T	SMEs agroalimentari appoġġati biex jimplimentaw proġetti ta' negozju innovattivi u diġitali		Numru	0	60	Q-2	2023	Mill-inqas 60 SME agroalimentari mogħtija krediti għall-implimentazzjoni ta' proġetti ta' negozju innovattivi u diġitali. L-oġġettiv ta' din il-linja ta' appoġġ huwa li jingħata self parteċipattiv biex il-kumpaniji jiġu mħeġġa jiżviluppaw proġetti vijabbli u innovattivi, marbuta mal-kummerċ elettroniku u l-konsolidazzjoni tal-Industrija 4.0, fost ħafna lievi oħra ta' bidla fil-mudelli ta' negozju diġitali għas-settur agroalimentari. Għandu jiġi ggarantit inkluż permezz ta' kriterji tal-għażla li t-tranżazzjonijiet taħt dan l-investiment magħmula minn dawn l-SMEs b'dan is-self jikkonformaw mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) tat-tranżazzjonijiet appoġġati skont din il-miżura permezz tal-użu ta' verifika tas-sostenibbiltà, lista ta' esklużjoni, u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.
55	C3.I6	M	Akkwist ta' tagħmir tal-ICT għar-Riżervi Marittimi ta' Interess għas-Sajd u kuntratti għall-akkwist ta' bastimenti bi skop speċjali għar-riżervi tal-baħar	Pubblikazzjoni tal-għoti tal-kuntratt fil-pjattaforma tal-akkwist pubbliku				Q-4	2022	Il-pubblikazzjoni fil-Pjattaforma tal-Akkwist Pubbliku tal-kuntratt mogħti għall-akkwist ta' tagħmir tal-ICT għar-Riżervi Marittimi ta' Interess għas-Sajd u l-għoti ta' żewġ kuntratti għall-akkwist ta' żewġ bastimenti bi skop speċjali għar-riżervi tal-baħar. It-tagħmir tal-ICT għar-Riżervi tal-Baħar jikkonsisti minn (i) konnessjoni bir-radju tar-radar Fanal ta' Alborán mal-Penízola, u (ii) ix-xiri ta' droni b'potenza suffiċjenti li jippermettu attivitajiet ta' kontroll u monitoraġġ u jottimizzaw il-mezzi eżistenti, filwaqt li jnaqqsu wkoll l-impatt ambjentali. Għax-xiri ta' bastiment bi skop speċjali għar-riżervi tal-baħar, għandha tiffittex l-aħjar teknoloġija li tippermetti l-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).
56	C3.I7	M	Ftehimiet ma' Korpi ta' Riċerka Pubblika	Iffirmar ta' ftehimiet ma' Korpi ta' Riċerka Pubblika				Q-4	2021	L-iffirmar ta' ftehimiet ma' Korpi ta' Riċerka Pubblika għall-promozzjoni tar-riċerka dwar is-sajd u l-akkwakultura, filwaqt li jiġi żgurat approċċ ibbażat fuq l-ekosistema għat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-ġestjoni tas-sajd
57	C3.I7	T	Akkwist ta' sondi akustiċi għar-riċerka fis-sajd		Numru	0	2	Q-2	2022	Il-pubblikazzjoni fil-Pjattaforma tal-Akkwist Pubbliku tal-kuntratt mogħti għall-akkwist ta' żewġ sondi akustiċi ddedikati għar-riċerka dwar is-sajd. L-oġġettiv li jinkisbu żewġ sondi għal żewġ bastimenti

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										eżistenti tar-riċerka dwar is-sajd huwa li tiġi żgurata l-kwalità tad-data miksuba u konsegwentement li jiġu ffavoriti evalwazzjonijiet xjentifiċi tal-istokkijiet differenti ta' speċijiet pelaġiċi, li jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà tas-sajd u t-teħid ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet ta' ġestjoni tas-sajd li huwa bbażat fuq l-aħjar għarfien xjentifiku.
58	C3.I8	T	Proġetti ta' Riċerka, Żvilupp u Innovazzjoni biex jappoġġaw ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura		Numru	0	20	Q-2	2023	It-tlestija ta' mill-inqas 20 proġett ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni għall-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda li jiffavorixxu r-reżiljenza u s-sostenibbiltà tas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura.
59	C3.I9	M	It-tisħiħ diġitali tas-Sistema Spanjola ta' Informazzjoni dwar is-Sajd (SIPE) u tas-sistema ta' sorveljanza tas-sajd	Installazzjoni tat-tieni ostaklu ta' firewall				Q-2	2023	It-tisħiħ diġitali tal-informazzjoni u s-sorveljanza dwar is-sajd inkluż l-Installazzjoni tat-tieni ostaklu tal-firewall (firewall) biex tiżdied is-sigurtà tas-Sistema Spanjola ta' Informazzjoni dwar is-Sajd (SIPE), skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Iskema ta' Sigurtà Nazzjonali (ENS) għal-livell għoli ta' sigurtà, u d-diġitalizzazzjoni tal-bastimenti tas-sajd.
60	C3.I10	M	Xiri ta' bastimenti tal-għassa ħfief u bastimenti tal-għassa fl-ibħra internazzjonali biex jiġi miġġieled is-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat	Pubblikazzjoni tal-għoti tal-kuntratt fil-pjattaforma tal-akkwist pubbliku				Q-4	2022	Il-pubblikazzjoni fil-Pjattaforma tal-Akkwist Pubbliku tal-għoti tal-kuntratt għal erba' dgħajjes ġodda tal-għassa ħafifa u tliet bastimenti mġedda tal-għassa fl-ibħra miftuħa li għandhom jintużaw għall-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li għadu wieħed mill-akbar theddidiet eżistenti għall-ekosistemi tal-baħar. Għandha titfittex l-aħjar teknoloġija li tippermetti l-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).
61	C3.I11	T	Finanzjament ta' proġetti ta' investiment fis-settur tas-sajd		Miljuni ta' EUR	0	5	Q-2	2022	L-approvazzjoni tal-ftehim bejn il-Ministeru tal-Agricoltura, is-Sajd u l-Ikel, u s-SAECA biex jiġi appoġġat il-finanzjament ta' proġetti ta' investiment fis-settur tas-sajd billi jingħata self ta' mill-inqas EUR 5 000 000 lis-Sociedad Anónima Estatal de Caución Agraria (SAECA) għall-ħolqien ta' linja ta' finanzjament maħsuba biex tiggarantixxi mill-ġdid proġetti b'azzjonijiet relatati ma' attivitajiet tas-sajd sostenibbli; li jittejjbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u s-sikurezza tal-attivitajiet; u għad-diġitalizzazzjoni tal-proċessi u s-sistemi. Il-Ftehim imsemmi hawn fuq għandu jinkludi klawżola li tiggarantixxi li t-tranżazzjonijiet appoġġati taħt dan l-investiment jikkonformaw mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) tat-tranżazzjonijiet appoġġati skont din il-miżura permezz tal-użu ta' verifika tas-sostenibbiltà, lista ta' esklużjoni, u r-rekwiżiti ta' konformità mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

C.3. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ fil-forma ta' self

Riforma 7 (C3.R7) — Liġi dwar il-prevenzjoni tat-telf u l-ħela tal-ikel

Din ir-riforma għandha l-għan li tipprevjeni t-telf u l-ħela tal-ikel billi tistabbilixxi ġerarkija ta' prijoritajiet fl-użu tal-ikel sabiex ma jsirx ħela.

Ir-Regolament il-ġdid għandu l-għan li jikseb ġestjoni aktar effiċjenti tar-riżorsi billi:

- a) il-promozzjoni tal-bijoekonomija ċirkolari;
- b) il-promozzjoni tal-irkupru u d-distribuzzjoni tal-ikel żejjed għal skopijiet ta' solidarjeta' soċjali, billi jiġi assenjat bħala prijorità għall-użu mill-bniedem;
- c) l-appoġġ għar-riċerka u l-innovazzjoni fil-qasam tal-prevenzjoni u t-tnaqqis tat-telf u l-ħela tal-ikel;
- d) ir-rispons għall-mira ta' produzzjoni u konsum responsabbli tal-Aġenda 2030; u għal
- e) it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u ta' sustanzi niġġiesa oħra.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Riforma 8 (C3.R8) — Regolament dwar is-sistema ta' informazzjoni dwar l-azjendi agrikoli

L-għan ta' din ir-riforma huwa li titwaqqaf Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Farms u l-Forestrija (SIEX) biex il-Ministeru tal-Agrikoltura, is-Sajd u l-Ikel ikun jista' jimmaniġġja l-politiki agrikoli u tal-bhejjem. Is-sistema ta' informazzjoni għandha tissimplifika r-relazzjoni tal-bdiewa mal-amministrazzjoni u għandha ttejjeb il-ġestjoni tan-negozju tal-bdiewa billi tiġbor l-informazzjoni rilevanti dwar l-azjendi agrikoli f'sistema waħda ta' informazzjoni,

Ir-Regolament għandu jistabbilixxi u jirregola s-sistema ta' informazzjoni għall-azjendi agrikoli u tal-bhejjem u għall-produzzjoni agrikola, kif ukoll ir-Reġistru Komunitarju Awtonomu tal-Azjendi Agrikoli u r-Reġistru Diġitali tal-Impriżi Agrikoli. Il-ktieb diġitali tal-Azjendi Agrikoli għandu jipprevedi perjodu ta' tranżizzjoni rilevanti: b'mod partikolari, l-Artikolu 9 l-Artikolu 10 tal-Ktieb Diġitali tal-Azjendi Agrikoli għandhom jidħlu fis-seħħ għall-azjendi agrikoli kollha sa mhux aktar tard mit-tieni trimestru tat-3.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2025.

Investiment 12 (C3.I12) — Pjan biex jittejjbu l-effiċjenza u s-sostenibbiltà fl-irrigazzjoni

L-oġettiv ta' din il-miżura huwa li tizzied l-ambizzjoni tal-Investment 1 (C3.I1): Tippjana li ttejjeb l-effiċjenza u s-sostenibbiltà fl-irrigazzjoni, billi żżid l-għadd ta' ettari modernizzati f'termini ta' ffrankar tal-ilma u effiċjenza enerġetika.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

C.4. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ fil-forma ta' self

Ara t-tabella ta' hawn taħt. Id-data tal-linja bażi għall-indikaturi kollha hija l-1 ta' Frar 2020 sakemm ma jkunx indikat mod ieħor fid-deskrizzjoni tal-azzjoni. L-ammonti fit-tabella ma jinkludux il-VAT.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
L8	C3.R7	M	Dħul fis-seħħ tal-Liġi dwar il-Prevenzjoni tat-Telf u l-Ħela tal-Ikel	Dispożizzjoni fil-liġi dwar id-dħul fis-seħħ				Q-2	2026	Id-dħul fis-seħħ tar-regolament dwar il-prevenzjoni tat-telf u l-ħela tal-ikel, f'konformità mad-deskrizzjoni tal-miżura.
L9	C3.R8	M	Dħul fis-seħħ tar-regolament li jirregola s-sistema ta' informazzjoni għall-azzjendi agrikoli	Dispożizzjoni fid-Digriet Irjali dwar id-dħul fis-seħħ				Q-3	2025	Dħul fis-seħħ tad-Digriet Irjali li jirregola s-sistema ta' informazzjoni għall-azzjendi agrikoli, f'konformità mad-deskrizzjoni tal-miżura.
L10	C3.I12	T	Dħul fis-seħħ tal-ftehim bejn il-Ministeru tal-Agrikoltura, is-Sajd u l-Ikel (MAPA) u SEIASA biex jappoġġa t-titjib u s-sostenibbiltà taż-żoni irrigati (Fażi III)		Miljuni ta' EUR	0	260	Q-4	2023	Il-Ftehim ta' kollaborazzjoni bejn il-Ministeru tal-Agrikoltura, is-Sajd u l-Ikel (MAPA) u s-SEIASA (Fażi III; EUR 260 000 000 tal-eżekuzzjoni tal-baġit) għandhom jimplimentaw il-kundizzjonijiet tal-pjan biex jittejbu l-effiċjenza u s-sostenibbiltà fl-irrigazzjoni li qed jitwettaq b'dan il-proġett ta' investiment. Din in-norma legali għandha tirregola, fost aspetti oħra, ir-reġim ta' finanzjament pubbliku/privat għal dawn l-investimenti ta' modernizzazzjoni tal-irrigazzjoni, il-kriterji tal-għażla tal-proġetti, il-proċeduri ta' eżekuzzjoni tal-pjan kif ukoll il-lista ta' azzjonijiet li għandhom jitwettqu marbuta mal-eżekuzzjoni tal-baġit taħt din il-miżura.
L11	C3.I12	T	Modernizzazzjoni tas-sistemi ta' irrigazzjoni modernizzati f'termini ta' ffrankar tal-ilma u effiċjenza enerġetika		Numru (ettari)	125 000	160 000	Q-2	2026	Mill-inqas 160 ettaru ta' sistemi ta' irrigazzjoni mmodernizzati f'termini ta' ffrankar tal-ilma u effiċjenza enerġetika. Is-superfiċje modernizzata bl-investimenti tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza kif ukoll it-tipoloġija tal-azzjonijiet imwettqa għandhom jiġu riflessi fil-ftehimiet ta' kollaborazzjoni ffirmati mis-SEIASA mal-Komunitajiet tal-Utenti tal-Ilma affettwati. Dawn il-ftehimiet għandhom jistabbilixxu l-azzjonijiet speċifiċi li għandhom jitwettqu biex jiggwarantixxu l-iffirankar tal-ilma u l-effiċjenza enerġetika f'sistemi ta' tisqija modernizzati. Uħud mill-azzjonijiet li għandhom jitwettqu b'dan il-pjan huma dawn li ġejjin: (i) Is-sostituzzjoni tal-użu tal-ilma ta' taħt l-art jew tal-ilma tal-wieċ bl-użu ta' rżorsi tal-ilma mhux konvenzjonali (reklamati jew desalinati f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) (ii) l-implimentazzjoni ta' sistemi ta' regolamentazzjoni tal-ilma li jippermettu t-tisqija bil-gravità (bl-użu tad-differenza fl-elevazzjoni sabiex it-trasport tal-ilma ma jirrikjedix l-użu tal-enerġija), (iii) is-sostituzzjoni tal-enerġija minn sorsi fossili meħtieġa għall-ippumpjar b'sorsi ta' enerġija rinnovabbli (prinċipalment fotovoltajċi), (iv) is-sostituzzjoni ta' fosos fil-miftuħ magħmula mill-konkrit jew mill-art b'pajpijiet midfunin, (v) il-konstruzzjoni ta' stazzjonijiet tal-iffiltrar u tal-ippumpjar, u (vi) l-

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										installazzjoni ta' miters u sistemi ta' ġestjoni remota. Sar-raba' trimestru tat-2 2026, mill-inqas 35 000 ettaru ta' sistemi ta' tisqija jiġu modernizzati f'termini ta' ffrankar tal-ilma u effiċjenza enerġetika, verifikabbli permezz tal-ftehimiet tal-Komunitajiet ta' Irrigazzjoni SIEASA-Irrigazzjoni. (Linja bażi bbażata fuq l-għan tal-mira 48)

D. IL-KOMPONENT 04: L-EKOSISTEMI U L-BIJODIVERSITÀ

Dan il-komponent tal-pjan Spanjol għall-irkupru u r-reżiljenza għandu jindirizza l-vulnerabbiltà ta' Spanja għall-effetti negattivi diretti u indiretti tat-tibdil fil-klima minħabba l-bijoġeografija u l-ġeomorfoloġija tiegħu billi jsaħħa l-istatus ta' konservazzjoni tal-ekosistemi, permezz tar-restawr ekoloġiku tagħhom, fejn meħtieġ, u jreġġa' lura t-telf tal-bijodiversità, jiżgura l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali u jippreserva u jtejjeb is-servizzi tal-ekosistema. Dan il-komponent għandu jikkontribwixxi wkoll għall-adattament tal-ekosistemi għall-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima billi jadotta miżuri biex jimminimizza l-effetti tiegħu, jadotta l-Istrateġija Nazzjonali għall-Għieda kontra d-Deżertifikazzjoni u jiffoka fuq in-nirien fil-foresti.

Għandha ssir enfasi addizzjonali fuq il-protezzjoni, il-preservazzjoni u r-restawr tal-ekosistemi tal-baħar. L-implimentazzjoni ta' dan il-komponent tal-pjan Spanjol għall-irkupru u r-reżiljenza għandha (i) tniedi l-aġenda blu biex ittejjeb l-ibħra u l-bijodiversità tagħhom; (II) iżżid is-sehem taż-żoni protetti tal-baħar, billi tipproteġi mill-inqas 18 % tat-territorju Spanjol sa tmiem l-2025, filwaqt li tiddefendi kemm il-fawna kif ukoll il-flora; u (iii) tintroduċi, għall-ewwel darba fi Spanja, qafas għall-ġestjoni tal-baħar.

Barra minn hekk, għandha wkoll tippreserva u timmaniġġja b'mod sostenibbli ż-żoni rurali, l-ekosistemi, il-bijodiversità u l-imsaġar tagħhom. Iż-żoni rurali — fejn id-depopolazzjoni kellha impatt partikolarment negattiv — jospitaw parti kbira mill-wirt naturali rikk ta' Spanja u, għalhekk, huma sors ta' ġid lokali, u jiffrim opportunitajiet biex jitreġġa' lura t-tnaqqis demografiku.

Dan il-komponent tal-pjan Spanjol għall-irkupru u r-reżiljenza jappoġġa l-investiment fit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020). Jappoġġa wkoll il-ġestjoni xierqa tal-art, b'mod partikolari, il-ġestjoni tal-foresti, il-protezzjoni u r-restawr tan-natura allinjati mal-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

D.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma 1 (C4.R1) — Konservazzjoni tal-bijodiversità tal-art u tal-baħar

Din ir-riforma għandha tagħgħorna l-leġislazzjoni dwar il-bijodiversità u l-wirt naturali biex tappoġġa l-issodisfar tal-impenji li jirriżultaw mill-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika u l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 li ġiet adottata dan l-aħħar.

L-azzjoni ewlenija ta' din ir-riforma għandha tkun li tħejji, tapprova u tuża l-Pjan Strateġiku għall-Wirt Naturali u l-Bijodiversità (kif stabbilit fil-Liġi 42/2007 dwar il-Wirt Naturali u l-Bijodiversità), biex ikollha impatt fit-tul fuq il-konservazzjoni u l-ġestjoni tas-sistemi naturali Spanjoli kollha kif ukoll fuq is-servizzi li tipprovdi lis-soċjetà. Din ir-riforma għandha tinkludi wkoll l-azzjonijiet li ġejjin taħt din il-miżura:

- a) L-adozzjoni tal-Istrateġija għall-Bijodiversità, ix-Xjenza u l-Għarfien li għandha tidentifika l-lakuni ewlenin fir-riċerka u tistabbilixxi oqsma speċifiċi li fihom hija meħtieġa r-riċerka fil-bijodiversità.
- b) L-adozzjoni tad-Digriet Irjali li japprova l-Pjan għan-Netwerk taż-Żoni tal-Baħar Protetti li għandu jipprovmwvi network ekoloġikament koerenti li jikkontribwixxi għall-konservazzjoni ta' żoni ta' wirt naturali u ta' bijodiversità tal-baħar, filwaqt li jrawwem ġestjoni ppjanata, effettiva u koerenti taż-żoni protetti tal-baħar.
- c) L-istrateġija Nazzjonali għall-Konservazzjoni tal-Pollinaturi għandha ttiprovdi l-azzjonijiet meħtieġa biex tittejjeb is-sitwazzjoni tal-pollinaturi. Din l-Istrateġija għandha tiffoka b'mod speċjali fuq (i) il-promozzjoni ta' żoni favorevoli għall-pollinaturi; (II) it-titjib fil-ġestjoni tagħha u t-tnaqqis tar-riskji maħluqa minn speċijiet li jagħmlu l-ħsara; (III) prodotti fitosanitari; u (iv) il-promozzjoni tar-riċerka dwar il-konservazzjoni tal-pollinaturi, u t-tixrid tas-sejbiet tar-riċerka relatati f'dan il-qasam.
- d) L-adozzjoni tar-regolament għall-aġġornament tal-awtoritajiet, amministrattivi u xjentifiċi, skont il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (ir-Regolament CITES) li għandu jiggarrantixxi l-implimentazzjoni tal-miżuri derivati mis-CITES, u għandu jiżgura li l-kummerċ ma jkunx ta' detriment għall-istatus ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet u għas-sopravivenza fit-tul tagħhom.
- e) Il-pjan ta' Konservazzjoni u Restawr tal-Artijiet Mistagħdra li għandu jiggarrantixxi l-preservazzjoni u l-użu razzjonali tal-artijiet mistagħdra.

L-iżvilupp ta' dawn l-azzjonijiet taħt din il-miżura għandu jkun appoġġat direttament mill-Investment 1 u l-Investment 2 ta' dan il-komponent tal-pjan Spanjol għall-irkupru u r-reżiljenza (deskritt hawn taħt). Għandu jikkomplementa wkoll iż-żewġ riformi u l-investment l-oħra deskritti f'dan il-komponent tal-pjan Spanjol għall-irkupru u r-reżiljenza.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

Riforma 2 (C4.R2) — Restawr tal-ekosistemi u tal-infrastruttura ekoloġika

L-għan ta' din ir-riforma huwa li tiġi żviluppata u implimentata l-Istrateġija tal-gvern ċentrali għall-Infrastruttura Ekoloġika, il-Konnettività u r-Restawr Ekoloġiku, biex jiġu restawrati l-ekosistemi danneġġati u jiġi kkonsolidat network ta' żoni terrestri u tal-baħar naturali u seminaturali kompletament funzjonali konnessi fi Spanja sal-2050.

Dawn ir-riformi jinkorporaw seba' linji ta' azzjoni differenti biex: (I) jitnaqqsu l-effetti tal-frammentazzjoni u t-telf tal-konnettività ekoloġika; (II) ir-restawr tal-ħabitats u tal-ekosistemi f'żoni ewlenin; (III) iż-żamma u t-titjib tal-forniment ta' servizzi tal-ekosistema ta' elementi ta' infrastruttura ekoloġika; (IV) ittejjeb ir-reżiljenza tal-elementi marbuta mal-infrastruttura ekoloġika; (V) jiżguraw il-koerenza territorjali; (VI) jinkorporaw infrastruttura ekoloġika effettiva; u (vii) jiżguraw komunikazzjoni, edukazzjoni u parteċipazzjoni adegwati ta' gruppi ta' interess u s-soċjetà fl-iżvilupp ta' infrastruttura ekoloġika.

Din ir-riforma hija appoġġata aktar mill-Investment 3 ta' dan il-komponent tal-pjan Spanjol għall-irkupru u r-reżiljenza, li jindirizza b'mod partikolari r-rakkomandazzjonijiet tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 dwar l-inkorporazzjoni ta' kurituri ekoloġiċi, it-tħawwil fuq skala kbira tas-siġar, il-progress sinifikanti fir-riabilitazzjoni tal-art ikkontaminata u l-oġettiv li jiġi żgurat li l-bliet b'mill-inqas 20 000 abitant ikollhom pjan ambizzjuż ta' ekoloġizzazzjoni urbana. Huwa relatat ukoll mar-Riforma 1 u l-Investment 1 ta' dan il-komponent tal-pjan Spanjol għall-irkupru u r-reżiljenza.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2021.

Riforma 3 (C4.R3) — Ġestjoni sostenibbli tal-foresti

Din ir-riforma għandha tagħorna l-Istrateġija Spanjola għall-Foresti tal-1999 flimkien mal-Pjan Forestali Spanjol 2002–2032, filwaqt li tiżviluppa pakkett ta' azzjonijiet biex tingħata spinta lis-settur tal-forestrija, li jkopri l-foresta Spanjola kollha kemm hi: il-protezzjoni tal-ispeċijiet u ż-żoni, in-nirien, is-sjieda, l-evoluzzjoni, l-istatus attwali u x-xejriet fiż-żoni u r-riżorsi tal-foresti, fost l-oħrajn. Ir-riforma għandha tindirizza r-rivitalizzazzjoni ekonomika u soċjali ta' żoni rurali kbar, li jiffaċċjaw problemi serji ta' depopolazzjoni u għandha tkun allinjata tajjeb mal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

L-istrateġija tal-Forestrija Spanjola għandu jkollha ħames prijoritajiet strateġiċi:

- 1) Il-konservazzjoni u t-titjib tal-wirt naturali, il-bijodiversità u l-konnettività.
- 2) Il-protezzjoni, is-sigurtà tas-saħħa u l-protezzjoni tal-prevenzjoni u l-adattament għar-riskji naturali u ambjentali.
- 3) Il-bijoeconomija tal-foresti: l-ekonomija ekoloġika u l-impjiegi, il-mobilizzazzjoni tar-riżorsi tal-foresti, u l-iżvilupp soċjoekonomiku sostenibbli tas-settur tal-forestrija.
- 4) L-iżvilupp u t-titjib tal-għarfien u l-kultura tal-forestrija.
- 5) Mudell ta' governanza tal-foresti: il-qafas regolatorju, amministrattiv u strumentali tal-politika forestali Spanjola.

Hemm żewġ strumenti ewlenin fl-Istrateġija Spanjola għall-Foresti, li huma meħtieġa għar-riforma tas-settur tal-forestrija kollu kemm hu. L-ewwel waħda hija l-adozzjoni ta' linji gwida għall-ġestjoni sostenibbli tal-foresti. Dawn il-linji gwida għandhom ikopru kwistjonijiet bħall-bijodiversità, it-tibdil fil-klima u l-bijoeconomija ċirkolari. It-tieni, il-Linji Gwida Strateġiċi għall-Ġestjoni tan-Nirien fil-Foresti fi Spanja, li għandhom jistabbilixxu l-oġettivi li għandhom jiġu segwiti, jiddefinixxu l-linji ewlenin ta' ħidma u jidentifikaw il-gruppi fis-soċjetà b'ċertu grad ta' responsabbiltà. Dawn il-linji gwida strateġiċi huma kruċjali għall-kontroll tan-nirien fil-foresti u biex jiżdied il-pożizzjonament strateġiku tas-settur tal-foresti fil-kuntest tat-tranżizzjoni ekoloġika.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

Investiment 1 (C4.I1) — Diġitalizzazzjoni u Għarfien tal-wirt naturali

L-investiment għandu jistabbilixxi sistema għad-diġitalizzazzjoni tal-ġestjoni, il-kontroll u l-monitoraġġ tal-wirt naturali, li tkopri kemm l-għelieqi terrestri kif ukoll dawk tal-baħar. Dan l-investiment għandu jikseb titjib sostanzjali fl-għarfien dwar l-ispeċijiet u l-ħabitats, kif ukoll fl-immappjar tal-informazzjoni u l-wirt naturali, inkluż dak ġeoloġiku. L-investiment jiffoka fuq l-akkwist ta' informazzjoni u l-ġestjoni tagħha, inklużi:

- 1) Programm biex jittejjbu l-għarfien u d-diġitalizzazzjoni tal-bijodiversità u l-ġestjoni tal-wirt naturali fil-livell nazzjonali bl-iżvilupp ta' networks ta' monitoraġġ, l-introduzzjoni ta' sensuri u l-użu ta' sistemi ta' akkwist ta' informazzjoni diġitali fissi u mobbli.
- 2) L-iżvilupp ta' sistemi jew pjattaformi ta' ġestjoni tal-informazzjoni fil-livell nazzjonali b'kapaċitajiet analitiċi u ta' disseminazzjoni addizzjonali.

L-aġġornament tas-sistema avjonika tal-flotta tal-inġenji tal-ajru anfibji għandu jiġi varat, u għandu jinkludi d-disinn, iċ-ċertifikazzjoni u x-xiri tat-tagħmir biex l-inġenji tal-ajru jsiru aktar sikuri u aktar effiċjenti fit-tifi tan-nar. Huwa mistenni li din il-miżura ma tagħmilx ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżura u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza

f'konformità mal-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). B'mod partikolari, it-titjib tas-sistema avjonika fil-flotta tal-inġenji tal-ajru anfibji għandu jiġi inkorporat biss f'inġenji tal-ajru eżistenti u ma għandux iżid il-ħajja jew il-kapaċità ta' dawn l-inġenji tal-ajru. Għandha tiżgura biss is-sikurezza u l-kundizzjonijiet tat-titjir matul l-operazzjonijiet fejn jintużaw biex jitfu n-nirien fil-foresti.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 2 (C4.I2) — Konservazzjoni tal-bijodiversità terrestri u tal-baħar

Dan l-investiment għandu jinkludi sett ta' investimenti diretti u linji ta' għotjiet għall-konservazzjoni kemm tal-bijodiversità terrestri kif ukoll tal-baħar. Dan għandu jinkludi ħames linji ta' azzjoni, li għandhom jiġu allinjati mar-Riforma 1:

- 1) Il-konservazzjoni tal-bijodiversità terrestri, l-indirizzar tat-titjib tal-istatus ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet u l-ħabitats, il-prevenzjoni tat-theddid u l-mortalità kif ukoll azzjonijiet għall-kontroll u l-qerda tal-ispeċijiet aljeni invażivi.
- 2) It-titjib tal-infrastrutturi, li jinkludi azzjonijiet bħall-forniment, ir-rinnovazzjoni u t-titjib tal-faċilitajiet u l-infrastruttura assoċjati mal-ġestjoni tal-wirt naturali u s-sensibilizzazzjoni kif ukoll l-enfasi u t-tixrid tal-importanza tal-konservazzjoni tal-bijodiversità għas-saħħa u l-benesseri tal-bniedem.
- 3) Investiment fil-konservazzjoni tal-bijodiversità tal-baħar, għall-protezzjoni ta' mill-inqas 18 % tat-territorju marittimu Spanjol sal-2025.
- 4) Ir-restawr tal-artijiet mistagħdra, permezz ta' azzjonijiet għall-konservazzjoni, it-titjib u r-restawr tal-artijiet mistagħdra u b'mod partikolari, dawk marbuta mal-Pjan ta' Konservazzjoni u Restawr tal-Artijiet Mistagħdra pprovdut fir-Riforma 2.
- 5) Il-kontroll tal-kummerċ internazzjonali biex jittejjeb u jiġi kkonsolidat in-network taċ-ċentri ta' salvataġġ tas-CITES u jissaħħaħ il-pjan ta' azzjoni kontra t-traffikar illegali.

Huwa mistenni li din il-miżura ma tagħmilx ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżura u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). B'mod partikolari, għax-xiri ta' bastimenti bi skop speċjali, il-kriterji tal-għażla għall-investiment għandhom jiżguraw li jintgħażlu biss l-aħjar teknoloġiji disponibbli bl-inqas impatti ambjentali fis-settur, filwaqt li jitqies l-iskop speċjali li qed jaqdu.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 3 (C4.I3) — Restawr tal-ekosistemi u tal-infrastruttura ekoloġika

Dan l-investiment għandu jkun fih sett ta' azzjonijiet li jappoġġaw l-implimentazzjoni tar-Riforma 2. L-għan huwa li jiġu restawrati l-ekosistemi naturali u ż-żoni degradati minn attivitajiet ta' estrazzjoni minerarja, kif ukoll inizzjattivi oħra f'ambjenti urbani mmirati lejn il-promozzjoni tal-konnettività urbana u t-treġġiħ lura.

L-investiment jistabbilixxi mira għar-restawr ta' mill-inqas 30 ettaru ta' ekosistemi naturali. L-azzjonijiet ta' restawr għandhom jiffukaw fuq territorji jew ekosistemi degradati bl-eliminazzjoni ta' elementi artifiċjali, it-titjib tal-ħamrija u l-morfoloġija u r-riveġetazzjoni u n-naturalizzazzjoni. Fir-rigward tal-estraxxjoni minerarja, l-investiment għandu jirriabilita mill-inqas 30 siti ta' estrazzjoni minerarja preċedenti. Ir-riabilitazzjoni ta' dawk li qabel kienu siti tal-minjieri tinkludi d-dekontaminazzjoni tal-ħamrija, l-irkupru tal-morfoloġija u r-riveġetazzjoni u n-naturalizzazzjoni tas-siti preċedenti tal-minjieri li ma għadhomx joperaw.

Fl-aħħar nett, l-investiment għandu jippromwovi l-infrastruttura ekoloġika, li tkopri l-ħtiġijiet tal-awtoritajiet lokali, inklużi: (I) l-ippjanar urban u l-istrateġiji ta' riġenerazzjoni bl-oġettiv li tinħoloq u tiġi riġenerata infrastruttura ekoloġika u blu u li jinħeles l-isparju urban biex jiżdedu l-bijodiversità, il-permeabbiltà tal-ħamrija u l-konnettività naturali fil-bliet; (II) azzjonijiet u proġetti li jkopru l-proċessi ta' governanza u parteċipazzjoni, il-ġestjoni ta' spazji ekoloġiċi u blu u proġetti ta' metaboliżmu urban relatati mal-bijodiversità; u (iii) appoġġ għal proġetti ta' tagħmir u infrastruttura għall-ippjanar urban.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

C4.I4 Ġestjoni sostenibbli tal-foresti

Dan l-investiment għandu jinkludi investimenti fil-ġestjoni sostenibbli tal-foresti:

- 1) Azzjonijiet li għandhom itejbu l-ġestjoni tal-foresti li jindirizzaw il-ġlieda kontra n-nirien fil-foresti u interventi oħra ta' ġestjoni tal-foresti; appoġġ tekniku għas-sidien u l-amministrazzjonijiet tal-foresti biex tiġi kkonsolidata s-sjeda pubblika; pjanijiet ta' ġestjoni tal-foresti għall-promozzjoni tal-bijodiversità u l-użu sostenibbli tal-foresti.
- 2) Azzjonijiet li għandhom jipproteġu u jadattaw għat-tibdil fil-klima, inkluż it-tiġdid ta' mill-inqas 100 assi għat-tifi tan-nar bi skop speċjali, bażijiet tal-brigata tat-tifi tan-nar u progress f'azzjonijiet ta' titjib tal-foresti.
- 3) Sett ta' azzjonijiet għandu jappoġġa s-settur tal-forestrija bħala riżorsa ewlenija biex tiġi indirizzata l-isfida demografika, b'enfasi speċjali fuq l-intraprenditorija ekoloġika u l-bijoekonomija lokali. Din il-parti tal-investiment għandha tinkludi għotjiet lill-awtoritajiet lokali u atturi pubbliċi u privati oħra biex jippromwovu l-kompetittività, l-intraprenditorija u s-sostenibbiltà tas-settur tal-forestrija u l-industrija tiegħu. Dawn l-azzjonijiet għandu jkollhom enfasi speċjali fuq il-ħolqien ta' impjiegi ekoloġiċi, b'mod partikolari billi jappoġġaw il-parteeipazzjoni tan-nisa u ż-żgħażaġħ fis-settur tal-forestrija u l-intraprenditorija ekoloġika.

Huwa mistenni li din il-miżura ma tagħmilx ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżura u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). B'mod partikolari, il-miżura għandha tipprevjeni u teskludi b'mod espliċitu l-appoġġ għall-pjantaġġuni monokulturali, speċjalment l-ewkaliptu, sabiex jiġu minimizzati l-istress tal-ilma u r-riskji ta' nirien. Għall-akkwist ta' tagħmir għat-tifi tan-nar, għandhom jiġu appoġġati biss l-aħjar teknoloġiji disponibbli bl-inqas impatti ambjentali fis-settur, filwaqt li jitqies l-iskop speċjali li qed jaqdu.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

D.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Ara t-tabella ta' hawn taħt. Id-data tal-linja bażi għall-indikaturi kollha hija l-1 ta' Frar 2020 sakemm ma jkunx indikat mod ieħor fid-deskrizzjoni tal-azzjoni. L-ammonti fit-tabella ma jinkludux il-VAT.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
62	C4.R1	M	Pjan Strateġiku għall-Wirt Naturali u l-Bijodiversità u Pjan dwar in-Netwerk ta' Żoni tal-Baħar Protetti	Pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali				Q-4	2022	L-adozzjoni tal-Pjan Strateġiku għall-Wirt Naturali u l-Bijodiversità (id-Digriet Irjali) u tal-Pjan dwar il-Pjan għan-Netwerk ta' Żoni tal-Baħar Protetti (Digriet Irjali), inkluż l-istabbiliment ta' mill-inqas disa' bażijiet ta' ġestjoni tal-baħar, iii) l-Istrateġija għall-Bijodiversità, ix-Xjenza u l-Għarfien, iv) l-Istrateġija Nazzjonali għall-Konservazzjoni tal-Pollinaturi, v) ir-regolament għall-aġġornament tal-awtoritajiet, tal-korpi amministrattivi u xjentifiċi, skont il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu u l-vi) il-Pjan għall-Konservazzjoni u r-Restawr tal-Artijiet Mistagħdra.
63	C4.R2	M	Adozzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Infrastruttura Ekoloġika, il-Konnettività u r-Restawr Ekoloġiku	Pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali				Q-2	2021	L-adozzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Infrastruttura Ekoloġika, il-Konnettività u r-Restawr Ekoloġiku. L-istrateġija għandha tinkludi linji ta' azzjoni biex jinkisbu: (I) It-tnaqqis tal-effetti tal-frammentazzjoni u t-telf tal-konnettività ekoloġika; (II) ir-restawr tal-ekosistemi f'żoni ewlenin; (III) iż-żamma u t-titjib tal-forniment ta' servizzi tal-ekosistema; (IV) titjib fir-reżiljenza; (V) definizzjoni ta' mudell ta' governanza; u (vi) il-komunikazzjoni, l-edukazzjoni u l-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati.
64	C4.R3	M	Approvazzjoni tal-Istrateġija Spanjola għall-Foresti u l-Pjan ta' Appoġġ	Pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali				Q-4	2022	L-adozzjoni tal-Istrateġija Spanjola għall-Foresti u l-Pjan ta' Appoġġ, li għandu jinkludi linji gwida għall-ġestjoni sostenibbli tal-foresti.
65	C4.I1	M	L-għoti ta' kuntratti għal inġenji tal-ajru bi skop speċjali għat-tifi tan-nar, u l-istabbiliment tas-sistema ta' monitoraġġ u ġestjoni tal-għarfien dwar il-bijodiversità	Għoti ta' kuntratti				Q-2	2022	L-għoti ta' kuntratti għall-aġġornament u l-aġġornament ta' mill-inqas għaxar inġenji tal-ajru bi skop speċjali (Canadair) għat-tifi tan-nar, u d-disponibbiltà tas-sistema ta' monitoraġġ u ġestjoni tal-għarfien dwar il-bijodiversità. Is-sistema tinkludi żieda fl-għarfien dwar l-ispeċijiet u l-habitats u pjattaforma diġitali. L-investiment għandu jiżgura l-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) billi jaġġorna biss l-inġenji tal-ajru eżistenti, li ma għandhomx iżidu l-ħajja jew il-kapaċità tagħhom.
66	C4.I1	M	Tlestija u operazzjonalizzazzjoni tas-sistema ta' monitoraġġ u ġestjoni tal-għarfien dwar il-bijodiversità	<i>ACTA de Recepción</i>				Q-2	2026	Is-sistema ta' monitoraġġ u ġestjoni tal-għarfien dwar il-bijodiversità titlesta u tkun operazzjonali (inkluża l-pjattaforma diġitali) u tkun twettqet titjira LIDAR ta' preċiżjoni li tkopri mill-inqas 75 % tat-territorju nazzjonali tal-art.
67	C4.I2	T	Żoni tal-baħar protetti		% tat-territorju marittimu Spanjol	13	15	Q-2	2023	Il-kisba ta' żona protetta tal-baħar ta' mill-inqas 15 % tat-territorju marittimu Spanjol. Iż-żona tal-baħar protetta hija territorju tal-baħar inkluż fin-Netwerk Natura 2000 jew kategoriji oħra ta' spazji naturali protetti, kif stabbilit mil-Liġi 42/2007; żoni protetti minn strumenti internazzjonali u Riżervi tal-Baħar

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										għandhom jiġu inklużi fl-RAMPE (Network Spanjol taż-Żoni Protetti tal-Baħar), fejn applikabbli. (Linja bażi: L-31 ta' Diċembru 2020.)
68	C4.I2	T	Żoni tal-baħar protetti		% tat-territorju marittimu Spanjol	15	18	Q-4	2025	Il-kisba ta' żona protetta tal-baħar ta' mill-inqas 18 % tat-territorju marittimu Spanjol. Iż-żona tal-baħar protetta hija territorju tal-baħar inkluż fin-Netwerks Natura 2000 jew kategoriji oħra ta' spazji naturali protetti, kif stabbilit mil-Liġi 42/2007; żoni protetti minn strumenti internazzjonali u Riżervi tal-Baħar għandhom jiġu inklużi fl-RAMPE (Network Spanjol taż-Żoni Protetti tal-Baħar), fejn applikabbli. (Linja bażi: L-31 ta' Diċembru 2023.)
69	C4.I2	T	Azzjonijiet ta' konservazzjoni tal-bijodiversità		Numru (ettari)	0	50 000	Q-2	2026	Mill-inqas 50 ettaru koperti minn azzjonijiet kompluti ta' konservazzjoni tal-bijodiversità. L-azzjonijiet ta' konservazzjoni jinkludu dawn li ġejjin: (i) azzjonijiet li jipprevjenu l-mortalità ta' speċijiet ta' fauna u flora, (ii) azzjonijiet għad-detezzjoni bikrija, il-kontroll jew l-eliminazzjoni ta' speċijiet invażivi, (iii) miżuri ta' ġestjoni u ta' titjib tal-habitats, speċjalment dawk meħuda fuq speċijiet protetti, (iv) azzjonijiet li jirrestawraw l-artijiet mistagħdra bħat-titjib tad-dinamika naturali, il-kwantità u l-kwalità tal-ilma, u l-fawna naturali u l-flora. u (v) azzjonijiet li jipprovdu, jirrinovaw u jaġġornaw il-faċilitajiet u l-infrastruttura assoċjati mal-ġestjoni tal-wirt naturali u b'mod partikolari ż-żoni protetti (Natura 2000 u Spazji Naturali Protetti), u t-titjib tal-infrastruttura tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Illegali tal-Ispeċijiet fil-Periklu (CITES), inkluż l-istabbiliment ta' Ċentru ta' Referenza għid għas-Salvagardja. Għax-xiri ta' bastimenti bi skop speċjali, il-kriterji tal-għażla għall-investiment għandhom jiżguraw il-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) billi jappoġġaw biss l-aħjar teknoloġiji disponibbli bl-inqas impatti ambjentali fis-settur, filwaqt li jqisu l-iskop speċjali li qed jaqdu.
70	C4.I3	T	Riabilitazzjoni ta' dawġ li qabel kienu siti tal-minjieri (mill-inqas 20 siti ta' estrazzjoni minierarja preċedenti)		Numru (siti ta' estrazzjoni i minierarja)	0	20	Q-2	2023	Il-bidu ta' xogħlijiet ta' riabilitazzjoni f'kull sit tal-estraxxjoni, immirati lejn mill-inqas 20 siti ta' estraxxjoni minierarja preċedenti, inkluż d-dekontaminazzjoni tal-ħamrija, l-irkupru tal-morfoloġija, u r-rivegetazzjoni u n-naturalizzazzjoni.
71	C4.I3	M	Azzjonijiet għar-restawr tal-ekosistema	Ċertifikazzjoni uffiċjali ta' xogħlijiet/proġetti ffinalizzati				Q-4	2025	Mill-inqas 30 ettaru koperti minn azzjonijiet kompluti ta' restawr tal-ekosistema f'territorji jew ekosistemi degradati, inkluż l-eliminazzjoni ta' elementi artifiċjali, it-titjib tal-ħamrija u l-morfoloġija, u r-rivegetazzjoni u n-naturalizzazzjoni u l-finalizzazzjoni ta' proġetti relatati mal-infrastruttura ekoloġika f'mill-inqas 000 belt b'aktar minn 30 abitant.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
72	C4.I3	T	Tlestija tar-riabilitazzjoni ta' dawg li qabel kienu siti tal-minjieri (mill-inqas 30 siti ta' estrazzjoni minierarja preċedenti)		Numru (siti ta' estrazzjoni minierarja)	0	30	Q-2	2026	Mill-inqas 30 sit ta' estrazzjoni minierarja preċedenti ġew riabilitati, inklużi d-dekontaminazzjoni tal-ħamrija, l-irkupru tal-morfoloġija, u r-restawr u n-naturalizzazzjoni tas-siti ta' estrazzjoni preċedenti li ma għadhomx joperaw.
73	C4.I4	T	Azzjonijiet dwar il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti		Numru (vetturi)	0	100	Q-2	2023	Xiri ta' mill-inqas 100 vettura bi skop speċjali għat-tifi tan-nar. Il-kriterji tal-għażla għall-investiment għandhom jiżguraw il-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) billi jappoġġaw biss l-aħjar teknoloġiji disponibbli bl-inqas impatti ambjentali fis-settur, filwaqt li jqisu l-iskop speċjali li qed jaqdu.
425	C4.I4	M	Azzjonijiet dwar il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti (parti II)	Ċertifikat iffirmit mill-MITERD				Q-2	2026	It-tlestija ta' azzjonijiet dwar il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, inkluż ir-rinnovazzjoni tal-bażijiet tal-brigata tat-tifi tan-nar u t-tlestija ta' azzjonijiet ta' titjib tal-foresti, inkluż l-ippjanar ta' prattiki adattivi ta' ġestjoni sostenibbli tal-foresti u l-arrikkiment tal-ispeċijiet u ta' mill-inqas 70 proġett li jappoġġaw l-intraprenditorija ekoloġika u l-bioekonomija lokali, allinjati mad-deskrizzjoni tal-miżura. Il-kriterji tal-għażla għall-investiment għandhom jiżguraw il-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) billi jappoġġaw biss l-aħjar teknoloġiji disponibbli bl-inqas impatti ambjentali fis-settur, filwaqt li jqisu l-iskop speċjali li qed jaqdu.

D.3. Deskrizzjoni tal-investimenti għall-appoġġ fil-forma ta' self

Riforma 4 (C4.R4) — Strateġija Nazzjonali għall-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni

Din ir-riforma għandha taġġorna l-Istrateġija Nazzjonali għall-ġlieda kontra d-deżertifikazzjoni, li tissostitwixxi l-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni ppubblikat fl-2008, u toħloq qafas strateġiku ġdid għall-ġlieda kontra d-deżertifikazzjoni fit-territorju Spanjol. Din ir-riforma għandha l-għan li tikkontribwixxi għall-protezzjoni, il-konservazzjoni u t-titjib tal-kapital naturali, billi timmira lejn żoni aridi, semiaridi u xotti subumdi, u li timminimizza d-degradazzjoni tal-art.

L-istrateġija għandu jkollha tliet pilastri:

- 1) Azzjonijiet għall-prevenzjoni u t-tnaqqis tad-deżertifikazzjoni u r-restawr ta' żoni degradati.
- 2) Il-bini tal-kapaċità u l-governanza.
- 3) L-għarfien u s-soċjetà: azzjonijiet biex jittejjbu l-għarfien, it-trasparenza u l-parteeipazzjoni ċivili.

Din ir-riforma għandu jkollha pjan ta' azzjoni assoċjat għall-perjodu ta' żmien 2022–2026. Dan il-Pjan ta' Azzjoni għandu jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-Istrateġija, jidentifika l-prijoritajiet u jstabbilixxi l-kontenut u l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tagħhom.

L-istrateġija għandha tippromwovi wkoll il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni fost l-aġenti rilevanti li jitrattaw kwistjonijiet ta' deżertifikazzjoni, u għandha toħloq il-korpi kolleġġjali li ġejjin:

- 1) Il-Kumitat Nazzjonali għall-ġlieda kontra d-deżertifikazzjoni, marbut mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Wirt Naturali u l-Bijodiversità. L-għan ta' dan il-Kumitat huwa li jopera bħala korp konsultattiv u jippromwovi l-kooperazzjoni bejn l-Amministrazzjoni Nazzjonali u l-Amministrazzjonijiet fil-Komunitajiet Awtonomi;
- 2) Il-Kunsill Nazzjonali għall-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni. Dan il-korp għandu jopera bħala korp konsultattiv li jipprovdi appoġġ lill-Amministrazzjoni Nazzjonali, u jikkontribwixxi għall-koordinazzjoni tas-soċjetà xjentifika u ċivili; u għal
- 3) Unità teknika għall-ġlieda kontra d-deżertifikazzjoni fi ħdan id-Direttorat Ġenerali għall-Bijodiversità, il-Foresti u d-Deżertifikazzjoni tal-Ministeru għat-Tranżizzjoni Ekoloġika u l-Isfida Demografika. Din l-unità għandha tkun responsabbli għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-koordinazzjoni tal-miżuri u l-azzjonijiet li jirrigwardaw id-deżertifikazzjoni fit-territorju Spanjol.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

D.4. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ fil-forma ta' self

Ara t-tabella ta' hawn taħt. Id-data tal-linja bażi għall-indikaturi kollha hija l-1 ta' Frar 2020 sakemm ma jkunx indikat mod ieħor fid-deskrizzjoni tal-azzjoni. L-ammonti fit-tabella ma jinkludux il-VAT.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-obiettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
L12	C4.R4	M	L-adozzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali għall-għieda kontra d-deżertifikazzjoni u l-pjan ta' azzjoni assoċjat (2022–2026) u l-ħolqien tal-korpi kolleġġjali.	Pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali				Q-4	2024	L-adozzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali għall-għieda kontra d-Deżertifikazzjoni, u l-azzjonijiet assoċjati, f'konformità mad-deskrizzjoni tal-miżura.

E. IL-KOMPONENT 05: RIŻORSI TAL-KOSTA U TAL-ILMA

Dan il-komponent għandu jkollu l-għan li jtejjeb il-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma, jimplimenta politika ta' adattament kostali biex jiġu indirizzati l-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima, u jsaħħaħ l-implimentazzjoni tal-istrateġiji tal-baħar u l-pjanijiet spazjali marittimi.

Biex ittejjeb il-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma, Spanja jeħtieġ li tindirizza sfidi differenti bħall-identifikazzjoni ta' sustanzi niġġiesa emerġenti ġodda (eż. mikroplastiks), diskrepanza eżistenti fl-investment fl-ippjanar, l-adattament tal-kosta għat-tibdil fil-klima, il-kontroll u l-ġestjoni tad-Dominju Idrawliku Pubbliku, il-Proprietà Maritime-Terrestri u t-trattament tal-ilma, u d-dewmien li qed iseħħ fl-użu ta' teknoloġiji ġodda u teknoloġiji tal-ICT għall-ġestjoni tal-ilma. Għal dan l-għan, Spanja għandha ttejjeb l-effiċjenza tas-settur. Spanja għandu jkollha wkoll l-għan li tallinja aħjar il-ġestjoni tagħha tar-riżorsi tal-ilma mal-oġġettivi ambjentali bħal daww stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, fl-Istrateġija għall-Bijodiversità għall-2030 u fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għal Tniġġis Zero. Għal dan l-għan, għandhom jintużaw strateġiji differenti bħad-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika biex ikun hemm aċċess għall-informazzjoni, inklużi l-kwalità tal-ilma u l-konformità mal-flussi ekoloġiċi, il-forniment u t-titjib tal-infrastruttura ambjentali, is-sikurezza tal-infrastruttura, jew it-titjib tal-istatus tal-ilma ta' taħt l-art u l-irkupru tal-akwifer.

L-impatt tal-erożjoni u l-għargħar fuq il-kosta ġie aggravat mit-tibdil fil-klima. Għalhekk, dan il-komponent tal-pjan Spanjol għall-irkupru u r-reżiljenza għandu jimplimenta wkoll politika ta' adattament tal-kosta Spanjola għall-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima. Sabiex tiġi miġġielda l-erożjoni u jitnaqqas ir-riskju ta' għargħar, għandhom jiġu introdotti għadd ta' miżuri ta' adattament bħall-irkupru ambjentali ta' żoni degradati, it-titjib tal-aċċessibbiltà ordnata u korretta għad-dominju marittimu pubbliku bbażat fuq l-art, jew l-abbozzar u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, fost l-oħrajn. Din il-linja ta' azzjoni għandha toħloq kosta aktar reżiljenti għall-effetti tat-tibdil fil-klima, u għandha wkoll theggi aħjar is-settur tat-turiżmu u setturi oħra dipendenti fuq l-istat taż-żoni kostali. Barra minn hekk, dan għandu jkompli jsaħħaħ ir-rwol tal-programm Copernicus, li huwa kruċjali għall-prevenzjoni u l-valutazzjoni tal-ħsara u l-impatt ta' avvenimenti estremi tat-temp.

Bħala parti minn dan il-komponent tal-pjan Spanjol għall-irkupru u r-reżiljenza, Spanja għandha tippromwovi l-aħjar żvilupp sostenibbli tas-setturi marittimi, u tipproteġi l-ambjent tal-baħar bl-għan li tikseb l-istatus ambjentali tajjeb tiegħu billi tadotta liġi, tittrasponi d-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina u ssaħħaħ l-implimentazzjoni tagħha.

Dan il-komponent tal-pjan Spanjol għall-irkupru u r-reżiljenza jikkontribwixxi biex il-politika ekonomika relatata mal-investment tiffoka fuq it-trawwim tal-effiċjenza enerġetika u l-użu tar-riżorsi (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2019). Tiffoka wkoll l-investment fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, b'mod partikolari billi trawwem ir-riċerka u l-innovazzjoni, il-produzzjoni u l-użu nodfa u effiċjenti tas-sorsi tal-enerġija, l-infrastruttura tal-enerġija, il-ġestjoni tal-ilma u tal-iskart u t-trasport sostenibbli (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020). Ittejjeb ukoll l-użu mill-ġdid tal-ilma (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2022).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

E.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma 1 (C5.R1) — Pjanijiet u strateġiji tal-ilma u bidliet regolatorji

Ir-riforma għandha tindirizza r-rieżami u l-aġġornament tal-Liġi dwar l-Ilma, ir-regolamenti tagħha u leġiżlazzjoni sekondarja oħra, biex tiżgura qafas legali favorevoli għat-trawwim tal-investimenti. Ir-riforma għandha tinkludi l-adozzjoni u r-reviżjoni ta' għadd ta' pjanijiet u strateġiji li jiffurmaw il-bażi tal-investimenti u l-ġestjoni tal-ilma li għandhom isaħħu u jżidu l-investimenti. Dawn il-bidliet regolatorji għandhom jiġu allinjati mal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

Din ir-riforma għandha tindirizza diversi kwistjonijiet rigward it-tipi kollha ta' ilma bħal qafas finanzjarju mtejjeb għall-użu mill-ġdid tal-ilma mormi, l-adozzjoni ta' standards tekniċi għas-sikurezza tad-digi u r-riżervi tagħhom, l-adozzjoni ta' pjan nazzjonali għall-purifikazzjoni, ir-rimedju, l-effiċjenza, l-iffrankar u l-użu mill-ġdid tal-ilma (l-implimentazzjoni tat-trattament, is-sanità, l-effiċjenza, l-iffrankar, l-użu mill-ġdid u s-sikurezza tal-infrastruttura — il-Pjan DSEAR), fost l-oħrajn.

Il-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2023.

Investiment 1 (C5.I1) — Implimentazzjoni ta' azzjonijiet ta' trattament, sanità, effiċjenza, iffrankar, użu mill-ġdid u sikurezza tal-infrastruttura (DESEAR)

Dan l-investiment għandu jwettaq l-azzjonijiet li ġejjin:

- 1) L-implimentazzjoni ta' miżuri ta' purifikazzjoni, sanità u użu mill-ġdid tal-ilma. L-oġettiv ta' din il-linja ta' azzjoni huwa li ttejjeb il-ġbir u t-trattament tal-ilma mormi urban. F'xi każijiet, l-azzjonijiet għandhom jerġġu jużaw l-ilma mormi urban, u b'hekk inaqqsu l-pressjonijiet attwali tal-astrazzjoni. Il-miżuri ta' trattament *il-ġodda* għandhom jiksbu konsum tal-enerġija nett zero tas-sistema sħiħa tat-trattament tal-ilma mormi. Għal infrastrutturi ġodda jew imtejba tat-trattament tal-ilma mormi, it-trattament għandu jiġi ddeżinjat mill-ġdid jew aġġornat għal livell tal-anqas f'konformità mad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi (id-Direttiva 91/271/KEE). It-titjib u t-tiġdid tal-infrastruttura eżistenti għandhom jirriżultaw fi tnaqqis fil-konsum medju tal-enerġija ta' mill-inqas 10 %. Dan l-iffrankar għandu jinkiseb permezz tal-implimentazzjoni ta' miżuri tal-effiċjenza enerġetika (pereżempju, il-koġenerazzjoni, l-irkupru tal-enerġija u tas-sħana, il-pannelli fotovoltajċi, it-tidwil LED).
- 2) Azzjonijiet biex tittejjeb l-effiċjenza u jitnaqqas it-telf tal-ilma. L-azzjonijiet għandhom jimplimentaw skema ta' sussidju waħda jew aktar għat-titjib tal-effiċjenza fin-networks tal-provvista ta' municiplalitajiet żgħar u medji, li jippermettu lill-municiplalitajiet jew lill-entitajiet b'responsabbiltà għall-provvista tal-ilma jtejbuha billi jnaqqsu t-telf fin-networks ta' distribuzzjoni u l-azzjonijiet biex isewwu u jtejbu l-faċilitajiet tal-ħżin tal-ilma.
- 3) Investimenti biex tittejjeb is-sikurezza tad-digi u tal-ġibjuni. Dawn l-azzjonijiet għandhom jiżguraw is-sikurezza tad-digi kbar eżistenti tal-Istat billi jimplimentaw il-pjanijiet ta' emerġenza korrispondenti u azzjonijiet komplementari oħra. Dan ma għandux iwassal għall-kostruzzjoni ta' digi ġodda jew għall-estensjoni ta' digi eżistenti.
- 4) Azzjonijiet għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika u tal-ilma fiċ-ċiklu tal-ilma urban. Dawn l-azzjonijiet għandhom jippromwovu proġetti relatati mal-purifikazzjoni, is-sanità u l-użu mill-ġdid tal-ilma, it-titjib tal-effiċjenza tal-ilma u t-tnaqqis tat-telf tal-ilma. Dan għandu jsir fiż-żona ta' L'Horta Sud f'Valenzja; u fil-faċilità ta' trattament ta' purifikazzjoni ta' Rincón de León f'Alicante, it-titjib tal-ġestjoni tal-ilma għall-irrigazzjoni f' 18 500 ettaru.

L-investiment għandu jitlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 2 (C5.I2) — Monitoraġġ u restawr tal-ekosistemi tax-xmajjar, irkupru tal-akwifer u mitigazzjoni tar-riskju ta' għargħar

L-oġġettivi ta' dan l-investiment huma li:

- 1) Il-monitoraġġ u r-restawr tal-ekosistemi tax-xmajjar u tar-riżervi naturali tax-xmajjar. Din il-linja tinkludi għadd ta' azzjonijiet konkreti mmirati lejn ir-restawr tal-ispazju tax-xmajjar, l-espansjoni tan-networks ta' monitoraġġ u t-titjib tal-inventarji tal-pressjonijiet idromorfoloġiċi li jhedduh.
- 2) Jiġu stabbiliti azzjonijiet biex jittaffa r-riskju ta' għargħar. Din il-linja ta' azzjoni tinkludi pjanijiet ta' maniġġar tar-riskji ta' għargħar li diġà jeżistu, inklużi miżuri ta' prevenzjoni għall-ippjanar spazjali u tal-bliet, l-iżvilupp ta' linji gwida tekniċi biex titnaqqas il-vulnerabbiltà ta' żoni esposti f'żoni ta' għargħar u biex jiġi promoss l-adattament għar-riskju ta' għargħar ta' setturi ekonomiċi differenti. Barra minn hekk, il-muniċipalitajiet għandhom jindirizzaw l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' restawr tax-xmajjar f'ambjenti urbani, jintroduċu sistemi ta' drenaġġ sostenibbli, u jtejbu l-permeabbiltà tal-ambjenti urbani u l-konnessjoni tagħhom mal-valuri ambjentali tax-xmajjar fiż-żoni urbani billi jiżviluppaw linji gwida tekniċi u oġġettivi tal-ippjanar tal-ilma.
- 3) Jiġu adottati miżuri biex titnaqqas l-astrazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art billi jittieħdu minn riżorsi alternattivi (irkupru tal-akwifer). Dawn il-miżuri għandhom inaqqsu l-estrazzjoni ta' xi korpi tal-ilma ta' taħt l-art — b'mod partikolari dawk li jheddu ż-żona ta' *Doñana* u ċerti akwiferi fix-Xlokk ta' Spanja — u jespandu networks ta' monitoraġġ pjeżometriku.
- 4) Il-provvista ta' enerġija fotovoltajka lill-impjanti tad-desalinizzazzjoni u d-distribuzzjoni tagħhom.

Huwa mistenni li din il-miżura ma tagħmilx ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżura u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). B'mod partikolari, l-ilma desalinat għandu jiġi prodott bl-użu tal-aħjar teknoloġija disponibbli bl-inqas impatti ambjentali fis-settur.

Dan l-investiment għandu jitlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 3 (C5.I3) — Tranżizzjoni diġitali fis-settur tal-ilma (Infurzar Ambjentali Diġitali) — Proġett strateġiku għall-irkupru u t-trasformazzjoni ekonomiċi (PERTE) għad-diġitalizzazzjoni tal-użi tal-ilma.

It-tranżizzjoni diġitali jista' jkollha rwol kruċjali fit-titjib tal-effiċjenza tas-settur tal-ilma. Sabiex tittejjeb id-diġitalizzazzjoni tal-ġestjoni tal-ilma, għandu jkun hemm tliet linji ta' azzjoni f'dan l-investiment:

- 1) It-titjib tal-għarfien u l-użu tar-riżorsi tal-ilma — PERTE għad-diġitalizzazzjoni tal-użi tal-ilma. Dan il-PERTE għandu jimmodernizza ċ-ċiklu tal-ilma permezz tad-diġitalizzazzjoni u l-innovazzjoni. Dan għandu jikseb ġestjoni tal-ilma aktar effiċjenti u sostenibbli, billi jtejjeb l-għarfien dwar l-użi tal-ilma permezz tad-diġitalizzazzjoni. Dan għandu jsir billi jiġu appoġġati programmi li jippromwovu d-diġitalizzazzjoni fiċ-ċiklu tal-ilma urban, permezz ta' sejħiet kompetittivi għall-offerti, u fl-irrigazzjoni, permezz tal-Kit Diġitali għat-tisqija.
- 2) Azzjonijiet għall-monitoraġġ tax-xita fil-baċiri tax-xmajjar u fiż-żoni kostali. Din il-linja ta' azzjoni għandha tippromwovi t-tiġdid tan-network tar-radars meteoroloġiċi u t-tlestija tiegħu b'faċilitajiet ġodda ta' medda qasira bħat-tiġdid u t-titjib tal-istazzjonijiet meteoroloġiċi awtomatiċi għall-kalibrizzjoni tar-radar fil-ħin reali u d-disinn, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' ċentru nazzjonali tar-radar.

3) Osservazzjoni meteoroloġika mtejba u monitoraġġ u prevenzjoni tar-riskji klimatiċi, dan għandu jinkludi sistema integrata ġdida ta' għajnuna meteoroloġika, għodod għall-osservazzjoni meteoroloġika għal twissija bikrija inkluża l-implimentazzjoni tas-Sistema Integrata ta' Osservazzjoni Globali, l-istabbiliment ta' esternalizzazzjoni, il-kontroll awtomatiku tal-kwalità u t-tikkettar ta' data meteoroloġika permezz tal-użu ta' tekniki ta' intelliġenza artifiċjali, il-profondità tad-data NoSQL għall-implimentazzjoni effettiva tad-data bbażata fuq l-ipproċessar ta' volumi kbar ta' data.

L-investment għandu jindirizza d-dħul fis-servizz ta' 26 għodda jew infrastruttura mġedda biex jittejbu l-għarfien u l-użu tar-riżorsi tal-ilma, u biex tiġi mmonitorjata x-xita u data meteoroloġika oħra biex jiġu evitati r-riskji klimatiċi.

L-investment għandu jitlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investment 4 (C5.I4) — L-adattament tal-kosta għat-tibdil fil-klima, u l-implimentazzjoni ta' Strateġiji Marittimi u Pjanijiet għall-Ippjanar Spazjali Marittimu

It-tibdil fil-klima qed ikollu u huwa mistenni li jkollu effetti negattivi qawwija fuq il-kosta Spanjola. Dan l-investment għandu jimplimenta l-Istrateġija għall-Adattament tal-Kosta għall-Effetti tat-Tibdil fil-Klima, bl-oġettiv li tiżdied ir-reżiljenza tal-kosta Spanjola għat-tibdil fil-klima u l-varjabbiltà tal-klima, u li l-adattament għat-tibdil fil-klima jiġi integrat fl-ippjanar u l-ġestjoni tal-kosta Spanjola. Dan għandu jinkludi l-ħolqien ta' breakwater, bajjiet artifiċjali, superfiċji li jżommu f'wiċċ l-ilma, ġestjoni tas-sediment, soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, restawr tas-sistema tal-bajjiet u tad-duni, infrastruttura għall-protezzjoni kostali, implimentazzjoni ta' grilji intelliġenti għall-monitoraġġ mill-bogħod tal-erożjoni kostali, jew azzjonijiet b'effetti simili.

Dan l-investment għandu jipproteġi u jirrestawra l-ekosistemi kostali jew iż-żoni degradati. Dan għandu jinkiseb permezz ta' azzjonijiet differenti bħal: (I) ir-rilokazzjoni tal-installazzjonijiet affettwati mir-rigress; (II) id-delimitazzjoni tal-qasam marittimu bbażat fuq l-art tal-Istat; (III) l-irkupru ta' art marittima tal-Istat okkupata b'mod mhux xieraq jew mhux xieraq; (IV) il-valutazzjoni tar-riskju u l-ġestjoni jew azzjonijiet simili; (V) l-irkupru ambjentali ta' żoni kostali u ekosistemi degradati, il-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-kosta; u/jew (vi) azzjonijiet b'effetti simili.

Il-miżura għandha ttejjeb ukoll l-aċċessibbiltà ordnata u korretta għad-dominju marittimu pubbliku bbażat fuq l-art billi tirkupra l-art biex tipprovdi aċċess għad-dominju pubbliku, l-ippjanar, il-ġestjoni u r-restawr tal-aċċess jew azzjonijiet b'effett simili. L-investment għandu jindirizza l-implimentazzjoni tal-politiki tal-ippjanar strateġiku tal-baħar. Dan għandu jiġi implimentat permezz tal-Ippjanar Spazjali Marittimu, l-Istrateġiji tal-Baħar, il-pariri xjentifiċi dwar l-oċeani, u l-klima u l-iżvilupp ta' applikazzjoni tal-web ġeoreferenzjata għall-utenti tal-baħar.

Dan l-investment għandu jitlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

E.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Ara t-tabella ta' hawn taħt. Id-data tal-linja bażi għall-indikaturi kollha hija l-1 ta' Frar 2020 sakemm ma jkunx indikat mod ieħor fid-deskrizzjoni tal-azzjoni. L-ammonti fit-tabella ma jinkludux il-VAT.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
74	C5.R1	M	Dħul fis-seħħ tal-emendi tar-Regolament dwar l-Ippjanar Idroloġiku	Dispożizzjoni tad-Digriet Irjali dwar id-dħul fis-seħħ				Q-4	2021	Id-digriet Irjali li jemenda r-Regolament dwar l-Ippjanar Idroloġiku (Ġurnal Uffiċjali). L-emendi għandhom jikkonċernaw aspetti relatati man-nixfiet u l-iskarsezza tal-ilma, ir-rekwiżiti ta' implimentazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u l-istandards rilevanti fil-qafas tal-Istrateġija Komuni għall-Implimentazzjoni tad-Direttivi dwar l-Ilma.
75	C5.R1	M	Dħul fis-seħħ tal-emenda tal-Liġi dwar l-Ilma u r-Regolament il-ġdid li jissostitwixxi d-Digriet Irjali 1620/2007	Dispożizzjoni tal-Liġi dwar l-Ilma dwar id-dħul fis-seħħ				Q-2	2023	Emenda tal-Liġi dwar l-Ilma biex tinkludi revizzjoni tat-taxxi għall-iskariki tal-ilma mormi u s-sistema għall-irkupru tal-kostijiet tal-infrastruttura tal-ilma f'konformità mal-prinċipji ta' min iniġġes iħallas u tal-irkupru tal-kostijiet. Ir-Regolament il-ġdid li jissostitwixxi d-Digriet Irjali 1620/2007 għandu jibdel il-qafas regolatorju u finanzjarju għall-użu mill-ġdid tal-ilma mormi f'konformità mal-prinċipji ta' min iniġġes iħallas u tal-irkupru tal-kostijiet, itejjeb il-monitoraġġ u l-protezzjoni tal-korpi tal-ilma, inkluż l-ilma ta' taħt l-art, u jindirizza n-nixfiet u l-aspetti tal-iskarsezza.
76	C5.I1	T	Infrastrutturi mtejba tat-trattament tal-ilma u tal-ilma mormi		Numru (azzjonijiet)	0	70	Q-2	2023	70 azzjoni kkompletata għat-titjib u/jew il-bini ta' infrastrutturi tat-trattament tal-ilma u tal-ilma mormi, li għandhom l-għan li jiżguraw il-konformità mad-Direttiva 91/271/KEE (għal proġetti ta' infrastruttura tal-ilma mormi), jew li jtejbju l-effiċjenza u/jew inaqqsu t-telf tal-ilma fis-sistemi tad-distribuzzjoni tal-ilma (għal proġetti ta' infrastruttura tal-ilma).
427	C5.I1	T	Infrastrutturi mtejba tat-trattament tal-ilma u tal-ilma mormi		Numru (azzjonijiet)	70	129	Q-2	2026	129 azzjoni kkompletata biex jittejbju u/jew jinbnew infrastrutturi tat-trattament tal-ilma u tal-ilma mormi, inkluż fiż-żona ta' L'Horta Sud f'Valencia, bl-għan li tiġi żgurata l-konformità mad-Direttiva 91/271/KEE (għal proġetti ta' infrastruttura tal-ilma mormi), jew li tittejjeb l-effiċjenza u/jew jitnaqqas it-telf tal-ilma fis-sistemi tad-distribuzzjoni tal-ilma (għal proġetti ta' infrastruttura tal-ilma). Dan l-investiment għandu jinkludi l-infrastrutturi tat-trattament tal-ilma mormi: - Impjant tat-Trattament tal-Ilma Mormi ta' Miranda de Ebro; - Impjant għat-Trattament tal-Ilma Mormi ta' Galindo; - Inkorporazzjoni tal-flussi lejn l-Impjant tat-Trattament tal-Ilma Mormi ta' Consuegra (Linja bażi: 30 ta' Ġunju 2023).
428	C5.I1	T	Infrastrutturi mtejba tat-trattament tal-ilma u tal-ilma mormi		Numru (ettari)	0	18 500	Q-2	2026	Id-dħul fis-servizz tal-użu mill-ġdid tal-ilma mill-infrastrutturi tat-trattament tal-ilma mormi fil-faċilità tat-trattament tal-purifikazzjoni ta' Rincón de León f'Alicante, it-titjib tal-ġestjoni tal-ilma għat-tisqija f' 18 500 ettaru, bl-għan li tiġi żgurata l-konformità mad-Direttiva 91/271/KEE u jinkisbu kriterji tal-

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										effiċjenza enerġetika, u/jew li tittejjeb l-effiċjenza u/jew jitnaqqas it-telf tal-ilma fis-sistemi tad-distribuzzjoni tal-ilma.
77	C5.I2	M	Ir-restawr tal-protezzjoni tax-xtut tax-xmajjar kontra r-riskji tal-għargħar	Ċertifikati ffirmati mill-MITERD				Q-4	2022	Mill-inqas 200 km ta' xtut tax-xmajjar irrestawraw u mill-inqas 40 abitant ġew protetti kontra r-riskji ta' għargħar.
78	C5.I2	T	Tnaqqis fil-volum tal-ilma estratt mill-akwiferi		Numru (HM ³ /sena)	510	470	Q-2	2025	Tnaqqis fil-volum annwali tal-ilma estratt mill-akwiferi li jinsabu f'Doñana, Segura-Mar Menor, Mancha Oriental u Rules minn 510 hm ³ fis-sena għal 470 hm ³ fis-sena.
429	C5.I2	M	Il-provvista ta' enerġija fotovoltajka (PV) lill-impjanti tad-desalinizzazzjoni u d-distribuzzjoni tagħha	Rapport estern li jiċċertifika l-iffrankar				Q-2	2026	Tissostitwixxi 35 % tal-enerġija użata fl-impjanti ta' desalinizzazzjoni f'Murcia u Almería (Torrevieja, Valdelentisco, Águilas Carboneras, Bajo Almanzora u Campo de Dalias) u t-trasport tal-ilma bejn Júcar-Vinalopó permezz ta' awtokonsum permezz tal-enerġija fotovoltajka.
430	C5.I3	M	Azzjonijiet dwar PERTE għad-diġitalizzazzjoni tal-utenti tal-ilma	Notifika uffiċjali ta' xogħlijiet finalizzati				Q-2	2026	Mill-inqas 5 000 abitant li jibbenefikaw mid-dħul fis-servizz ta' proġetti għad-diġitalizzazzjoni taċ-ċiklu tal-ilma urban u mill-inqas 000 ettaru li jibbenefikaw mill-kitt diġitali għat-tisqija, bħala parti mill-PERTE għad-diġitalizzazzjoni tal-użi tal-ilma.
79	C5.I3	M	L-għoti ta' kuntratti għall-implimentazzjoni ta' għodod għat-tiġib tal-għarfien u l-użu tar-riżorsi tal-ilma, u għall-monitoraġġ tax-xita u data meteoroloġika oħra	Kuntratti mogħtija				Q-4	2023	L-għoti ta' kuntratti għall-implimentazzjoni ta' 26 għodda jew infrastruttura mġedda biex jittejjbu l-għarfien u l-użu tar-riżorsi tal-ilma, u biex jiġu mmonitorjati x-xita u data meteoroloġika oħra biex jiġu evitati r-riskji klimatiċi. L-azzjonijiet għandhom primarjament ikunu relatati mad-disinn u l-implimentazzjoni tar-reġistru elettroniku tal-ilma, il-ġestjoni tad-data idroloġika u l-kwalità tal-ilma, id-diġitalizzazzjoni tal-ipproċessar tal-fajls, u l-modernizzazzjoni tan-network ta' sorveljanza meteoroloġika ajrunawtika.
426	C5.I3	M	Dħul fis-servizz ta' għodod għat-tiġib tal-għarfien u l-użu tar-riżorsi tal-ilma, u għall-monitoraġġ tax-xita u data meteoroloġika oħra	Ċertifikati ffirmati mill-MITERD				Q-2	2026	Id-dħul fis-servizz ta' 26 għodda jew infrastruttura mġedda biex jittejjbu l-għarfien u l-użu tar-riżorsi tal-ilma, u biex jiġu mmonitorjati x-xita u data meteoroloġika oħra biex jiġu evitati r-riskji klimatiċi. L-azzjonijiet għandhom primarjament ikunu relatati mad-disinn u l-implimentazzjoni tar-reġistru elettroniku tal-ilma, il-ġestjoni tad-data idroloġika u l-kwalità tal-ilma, id-diġitalizzazzjoni tal-ipproċessar tal-fajls, u l-modernizzazzjoni tan-network ta' sorveljanza meteoroloġika ajrunawtika.
80	C5.I4	T	Ir-restawr ta' żoni u ekosistemi degradati tul mill-inqas 50 kilometru ta' kosta		Numru (kilometri)	0	50	Q-4	2022	It-tlestija ta' mill-inqas 50 kilometru ta' kosta fir-restawr ta' żoni u ekosistemi degradati, il-protezzjoni u ż-żieda tal-aċċessibbiltà għaż-żoni kostali, il-mitigazzjoni tal-erożjoni, għarfien aħjar u ż-żieda tar-reżiljenza taż-żoni kostali u l-adattament għall-effetti tat-tibdil fil-klima, il-monitoraġġ mill-bogħod u l-

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										implimentazzjoni tal-politiki tal-ippjanar strateġiku tal-baħar. L-azzjonijiet għandhom jikkunsidraw kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin: (I) Iż-żieda tar-reżiljenza tal-kosta Spanjola għall-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima billi tiġi miġġielda l-erożjoni u tissaħħaħ il-kosta. Dan għandu jkoll il-ħolqien ta' breakwater, bajjiet artifiċjali, superfiċji li jżommu f'wiċċ l-ilma, ġestjoni tas-sediment, soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, restawr tas-sistema tal-bajjiet u tad-duni, infrastruttura għall-protezzjoni kostali, implimentazzjoni ta' grilji intelliġenti għall-monitoraġġ tal-erożjoni kostali, jew azzjonijiet b'effetti simili. (II) Il-protezzjoni u r-restawr tal-ekosistemi kostali jew taż-żoni degradati. Dan għandu jsir permezz ta' (a) rilokazzjoni tal-installazzjonijiet affettwati minn rigress; (b) id-delimitazzjoni tal-qasam marittimu bbażat fuq l-art tal-Istat; (c) l-irkupru ta' art marittima okkupata b'mod mhux xieraq jew mhux xieraq tal-Istat; (d) il-valutazzjoni tar-riskju u l-ġestjoni jew azzjonijiet simili; (e) l-irkupru ambjentali ta' żoni kostali u ekosistemi degradati; (f) il-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-kosta; u/jew (g) azzjonijiet b'effetti simili. (III) Titjib tal-aċċessibbiltà ordnata u korretta għad-dominju marittimu pubbliku bbażat fuq l-art. Dan għandu jsir billi tiġi rkuprata l-art biex jiġi pprovdut aċċess għad-dominju pubbliku, l-ippjanar, il-ġestjoni u r-restawr tal-aċċess jew azzjonijiet b'effetti simili. (IV) Implimentazzjoni ta' politiki ta' ppjanar strateġiku tal-baħar. Dan għandu jsir bl-implimentazzjoni tal-Ippjanar Spazjali Marittimu, l-Istrateġija Marittima, il-parir xjentifiku dwar l-oċeani, il-klima u l-kosti, u l-iżvilupp ta' applikazzjoni tal-web ġeoreferenzjata għall-utenti tal-baħar.
81	C5.I4	T	Ir-restawr ta' żoni u ekosistemi degradati tul mill-inqas 100 kilometru ta' kosta		Numru (kilometri)	50	100	Q-2	2023	Tlestija ta' xogħlijiet fuq mill-inqas 100 kilometru ta' kosta li għandhom jinkludu kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin: (I) Iż-żieda tar-reżiljenza tal-kosta Spanjola għall-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima permezz tal-ġlieda kontra l-erożjoni u t-tisħiħ tal-kosta u l-monitoraġġ mill-bogħod. Dan għandu jkoll il-ħolqien ta' breakwater, bajjiet artifiċjali, superfiċji li jżommu f'wiċċ l-ilma, ġestjoni tas-sediment, soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, restawr tas-sistema tal-bajjiet u tad-duni, infrastruttura għall-protezzjoni kostali, implimentazzjoni ta' grilji intelliġenti għall-monitoraġġ tal-erożjoni kostali, għarfien aħjar jew azzjonijiet b'effetti simili. (II) Il-protezzjoni u r-restawr tal-ekosistemi kostali jew taż-żoni degradati. Dan għandu jsir permezz ta' (a) rilokazzjoni tal-installazzjonijiet affettwati minn rigress; (b) id-delimitazzjoni tal-qasam marittimu bbażat fuq l-art tal-Istat; (c) l-

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										irkupru ta' art marittima okkupata b'mod mhux xieraq jew mhux xieraq tal-Istat; (d) il-valutazzjoni tar-riskju u l-ġestjoni jew azzjonijiet simili; (e) l-irkupru ambjentali ta' żoni kostali u ekosistemi degradati; (f) il-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-kosta; (g) għarfien aħjar u/jew (h) azzjonijiet b'effetti simili. (III) Titjib tal-aċċessibbiltà ordnata u korretta għad-dominju marittimu pubbliku bbażat fuq l-art. Dan għandu jsir billi tiġi rkuprata l-art biex jiġi pprovdut aċċess għad-dominju pubbliku, l-ippjanar, il-ġestjoni u r-restawr tal-aċċess, għarfien aħjar jew azzjonijiet b'effett simili. (IV) Implimentazzjoni ta' politiki ta' ppjanar strateġiku tal-baħar u għarfien aħjar. Dan għandu jsir bl-implimentazzjoni tal-Ippjanar Spazjali Marittimu, l-Istrateġiji Marittimi, il-parir xjentifiku dwar l-oċeani, il-klima u l-kosti, u l-iżvilupp ta' applikazzjoni tal-web ġeoreferenzjata għall-utenti tal-baħar. (Linja bażi: L-31 ta' Diċembru 2022.)
81b	C5.I4	T	Ir-restawr ta' żoni u ekosistemi degradati tul mill-inqas 145 kilometru ta' kosta		Numru (kilometri)	100	145	Q-2	2026	Tlestija ta' xogħlijiet fuq mill-inqas 145 kilometru ta' kosta li għandhom jinkludu kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin: (I) Iż-żieda tar-reżiljenza tal-kosta Spanjola għall-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima permezz tal-ġlieda kontra l-erożjoni u t-tisħiħ tal-kosta u l-monitoraġġ mill-bogħod. Dan għandu jqis il-ħolqien ta' breakwater, bajjiet artifiċjali, superfiċji li jżommu f'wiċċ l-ilma, ġestjoni tas-sediment, soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, restawr tas-sistema tal-bajjiet u tad-duni, infrastruttura għall-protezzjoni kostali, implimentazzjoni ta' grilji intelliġenti għall-monitoraġġ tal-erożjoni kostali, għarfien aħjar jew azzjonijiet b'effetti simili. (II) Il-protezzjoni u r-restawr tal-ekosistemi kostali jew taż-żoni degradati. Dan għandu jsir permezz ta' (a) rilokazzjoni tal-installazzjonijiet affettwati minn rigress; (b) id-delimitazzjoni tal-qasam marittimu bbażat fuq l-art tal-Istat; (c) l-irkupru ta' art marittima okkupata b'mod mhux xieraq jew mhux xieraq tal-Istat; (d) il-valutazzjoni tar-riskju u l-ġestjoni jew azzjonijiet simili; (e) l-irkupru ambjentali ta' żoni kostali u ekosistemi degradati; (f) il-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-kosta; (g) għarfien aħjar u/jew (h) azzjonijiet b'effetti simili. (III) Titjib tal-aċċessibbiltà ordnata u korretta għad-dominju marittimu pubbliku bbażat fuq l-art. Dan għandu jsir billi tiġi rkuprata l-art biex jiġi pprovdut aċċess għad-dominju pubbliku, l-ippjanar, il-ġestjoni u r-restawr tal-aċċess, għarfien aħjar jew azzjonijiet b'effett simili. (IV) Implimentazzjoni ta' politiki ta' ppjanar strateġiku tal-baħar u għarfien aħjar. Dan għandu jsir bl-implimentazzjoni tal-Ippjanar Spazjali Marittimu, l-Istrateġiji Marittimi, il-parir xjentifiku dwar l-oċeani, il-klima u l-kosti, u l-

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										iżvilupp ta' applikazzjoni tal-web ġeoreferenzjata għall-utenti tal-baħar. (Linja bażi: 31 ta' Diċembru 2023)

E.3. Deskrizzjoni tal-investimenti għall-appoġġ fil-forma ta' self

Investiment 5 (C5.I5) — Irkupru tal-akwifer b'riżorsi alternattivi

L-oġġettiv ta' dan l-investiment huwa li titnaqqas l-astrazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, b'mod partikolari fil-baċir tax-xmara Segura, il-baċir tax-xmara Mediterranju — Andalusija u fil-baċiri tax-xmajjar interni tal-Katalonja.

Dan l-investiment għandu l-għan li i) joħloq interkonnessjonijiet bejn l-installazzjonijiet ta' desalinizzazzjoni differenti fil-baċir tax-xmara Segura biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-ilma għall-utenti tal-ilma tal-Akwedukt Tajo-Segura, ii) jintroduċi ilma fis-sistema li ġej minn diversi faċilitajiet ta' użu mill-ġdid fir-reġjun ta' Alicante u iii) iwettaq azzjonijiet ta' desalinizzazzjoni fid-distrett tal-baċin tax-xmara intern tal-Katalonja (Tordera II — Foix) u l-Mediterran — Andalusija (Costa del Sol u Levante Almeriense). Dawn l-azzjonijiet għandhom inaqqsu l-ammont ta' ilma ta' taħt l-art estratt mill-akwiferi li huma sfruttati żżejjed u fi stat ekoloġiku ħażin, filwaqt li jiżguraw is-sigurtà tal-ilma għall-utenti differenti u jippromwovu l-irkupru tal-akwifer.

Huwa mistenni li din il-miżura ma tagħmilx ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżura u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). B'mod partikolari, l-ilma desalinat għandu jiġi prodott bl-użu tal-aħjar teknoloġija disponibbli bl-inqas impatti ambjentali fis-settur. Barra minn hekk, l-investiment ma għandux iwassal għal espansjoni taż-żoni irrigati u lanqas għal żieda fl-intensità tal-irrigazzjoni.

Dan l-investiment għandu jitlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 6 (C5.I6) — PERTE għad-diġitalizzazzjoni tal-użi tal-ilma

Dan l-investiment għandu l-għan li jappoġġa proġetti għall-implimentazzjoni ta' teknoloġiji li jippromwovu d-diġitalizzazzjoni u jsaħħu l-qafas għas-segwitu u l-kontroll tal-użi tal-ilma fiċ-ċiklu tal-ilma urban, b'enfasi fuq municiplalitajiet medji u kbar, u fis-settur industrijali.

Dan l-investiment għandu jitlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

E.4. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ fil-forma ta' self

Ara t-tabella ta' hawn taħt. Id-data tal-linja bażi għall-indikaturi kollha hija l-1 ta' Frar 2020 sakemm ma jkunx indikat mod ieħor fid-deskrizzjoni tal-azzjoni. L-ammonti fit-tabella ma jinkludux il-VAT.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
L13	C5.I5	T	Tnaqqis tal-estrazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art		Numru (³ m ³ /sena)	0	60	Q-2	2026	Il-provvista ta' riżorsi alternattivi minn impjanti ta' desalinizzazzjoni filwaqt li jinkiseb tnaqqis ekwivalenti fil-volum annwali ta' ilma ta' taħt l-art estratt mill-akwiferi li jinsabu fil-baċiri tax-xmajjar interni tal-Katalonja u l-baċiri tax-xmajjar Mediterranji — Andalusjani, f'konformità mad-deskrizzjoni tal-miżura.
L14	C5.I6	M	Azzjonijiet għad-diġitalizzazzjoni taċ-ċiklu tal-ilma urban u tas-settur industrijali	Notifika uffiċjali ta' xogħlijiet finalizzati				Q-2	2026	10 000 abitant ibbenefikaw minn proġetti għad-diġitalizzazzjoni taċ-ċiklu tal-ilma urban u mill-inqas 000 proġett industrijali ffinalizzati dwar kwistjonijiet tal-ilma.

F. IL-KOMPONENT 06: MOBBILTÀ SOSTENIBBLI (DISTANZA TWILA)

Dan il-komponent tal-pjan Spanjol għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza l-isfidi li ġejjin: 1) it-tranżizzjoni lejn modi ta' trasport aktar sostenibbli; 2) it-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-settur tat-trasport; 3) is-settur tat-trasport isir aktar sikur, aktar aċċessibbli, sostenibbli u inklużiv.

L-għanijiet tal-komponent huma: l-iżvilupp tan-network ferrovjarju Spanjol (b'mod partikolari l-kurituri ewlenin tat-TEN-T u n-network mhux ewlieni tat-TEN-T); l-istabbiliment ta' network tat-trasport aktar interoperabbli (bil-ferrovija, bit-triq, bil-portijiet) bl-għan li titnaqqas il-marka tal-karbonju tiegħu; it-titjib tal-konnessjonijiet transfruntiera ma' Franza u l-Portugall; il-modernizzazzjoni tas-settur tat-trasport bl-adozzjoni ta' teknoloġiji diġitali avvanzati.

Dan il-komponent jindirizza r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż dwar il-promozzjoni tal-investiment fl-effiċjenza enerġetika u l-użu tar-riżorsi u dwar il-promozzjoni tal-infrastruttura tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2019) u dwar l-investiment fit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u t-trasport sostenibbli (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

F.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma 1 (C6.R1) — Strateġija għal Mobbiltà Sikura, Sostenibbli u Konnessa

L-għanijiet tal-miżura huma li:

- a) Tiżdied is-sigurtà tan-network tal-mobbiltà filwaqt li tiġi żgurata protezzjoni aħjar tal-persuni u tal-merkanzija, jittejbu l-istandards u jitnaqqsu l-inċidenti.
- b) Tiżdied is-sostenibbiltà billi tingħata prijorità lill-mobbiltà ta' kuljum, l-ekwità ekonomika u soċjali, l-effiċjenza enerġetika u l-għieda kontra t-tibdil fil-klima.
- c) It-tiżiħ tal-konnettività mad-diġitalizzazzjoni, il-progress teknoloġiku u l-konnettività multimodali.

L-istrateġija għandha tindirizza azzjonijiet speċifiċi fid-disa' oqsma li ġejjin:

- i. Il-mobbiltà għal kulħadd (l-iżgurar ta' aċċessibbiltà universali bi spejjeż raġonevoli);
- ii. Politiki ta' Investiment Ġodda (biex jiġi żgurat finanzjament adegwat tal-infrastrutturi u s-servizzi tat-trasport);
- iii. Mobbiltà sigura (prijoritizzazzjoni tal-investiment fil-monitoraġġ, il-manutenzjoni u ċ-ċibersigurtà);
- iv. Mobbiltà b'emissjonijiet baxxi (żieda fl-effiċjenza, tnaqqis fil-konsum tal-enerġija);
- v. Mobbiltà intelliġenti (spinta lir-R & I u l-innovazzjoni tal-mobbiltà, il-bini u l-ġestjoni ta' infrastruttura intelliġenti);
- vi. Ktajjen tal-Loġistika Intermodali Intelliġenti (tingħata prijorità lit-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija fl-aġendi pubbliċi u privati);

- vii. Il-konnessjoni tal-Ewropa u Konnessa mad-Dinja (il-konnessjoni tal-portijiet ma' terminals loġistiċi intermodali u l-intensifikazzjoni tal-kooperazzjoni mal-pajjiżi ġirien biex jiġu kkoordinati l-kostruzzjoni u/jew it-titjib tal-infrastrutturi transfruntiera);
- viii. L-aspetti soċjali u tax-xogħol (il-bilanċ bejn il-ġeneri u l-azzjonijiet ta' taħriġ mill-ġdid u ta' titjib tal-ħiliet għall-forza tax-xogħol tat-trasport); u għal
- ix. Id-diġitalizzazzjoni tal-ministeru tat-trasport, il-mobbiltà u l-aġenda urbana biex tħaddan it-tranżizzjoni diġitali u ssir aktar miftuħa u innovattiva.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2021.

Riforma 2 (C6.R2) — Strateġija Ferrovarja Indikattiva

L-oġettivi tar-riforma huma l-istabbiliment ta' strumenti li jiżguraw li n-network ferrovarju jissodisfa l-ħtiġijiet ta' mobbiltà tal-futur b'mod koerenti u effettiv. L-istrateġija għandha tistabbilixxi xenarju ċar ta' ppjanar għall-mod tat-trasport ferrovarju u għandha tagħmilha possibbli li l-prijoritajiet ta' investiment jiġu allinjati mal-Istrateġija għal Mobbiltà Sikura, Sostenibbli u Konnessa (R1).

Ir-riforma għandha tikkonsisti f'diversi azzjonijiet inklużi:

- a) l-istabbiliment ta' ppjanar aktar ċar ta' azzjonijiet fis-settur ferrovarju, speċjalment immirati lejn il-mobbiltà ta' kuljum;
- b) it-titjib tal-manutenzjoni tan-network;
- c) l-iżgurar tas-sostenibbiltà ekonomika tan-network ferrovarju;
- d) il-prijoritizzazzjoni tal-effiċjenza fir-riżorsi, b'evalwazzjoni ex ante u ex post tal-proġetti ta' investiment;
- e) it-titjib tal-interoperabilità tan-network, speċjalment fil-kurituri tan-network trans-Ewropew, u l-intermodalità tan-network;
- f) it-tiżiħ tat-traffiku tal-merkanzija bil-ferrovja;
- g) it-tiżiħ tas-sikurezza fit-trasport ferrovarju u
- h) it-trawwim tad-diġitalizzazzjoni tat-trasport u l-innovazzjoni biex tiġi żgurata mobbiltà konnessa.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

Investiment 1 (C6.I1) — Network nazzjonali ta' trażmissjoni: Il-kurituri Ewropej

L-oġettivi tal-miżura huma li tinbena infrastruttura ferrovarja ġdida fil-kurituri ewlenin tat-TEN-T Ewropej u li jiġu mmodernizzati u aġġornati dawk eżistenti.

L-investiment għandu jikkonsisti f'azzjonijiet fuq id-dimensjonijiet ewlenin li ġejjin:

- a) Pjattaforma: Proġetti li jagħmluha possibbli li tiġi stabbilita l-infrastruttura li għandha tappoġġa l-binarij ferrovarji u li tinkludi imbankmenti, tindif, viaduts, mini, eċċ. Dawn huma prinċipalment il-kostruzzjoni ta' infrastruttura ġdida;
- b) Sostituzzjoni tas-servizzi: Azzjonijiet li għandhom jirrestawraw is-servizzi eżistenti (dawl, irrigazzjoni, ilma, eċċ.) li huma affettwati matul l-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet ferrovarji;
- c) Il-binarij: Azzjonijiet għall-assemblaġġ u l-provvista ta' materjali tal-binarij (saborra, traversi, linji ferrovarji, swiċċijiet u apparati ta' espansjoni) fuq sezzjonijiet ferrovarji ġodda, kif ukoll it-tiġdid tal-binarij eżistenti;

- d) L-elettriku: Azzjonijiet li jindirizzaw l-elettrifikazzjoni tal-linji inklużi: linja ta' kuntatt fl-għoli, substazzjonijiet tat-trazzjoni, ċentri ta' trasformazzjoni, kontroll mill-bogħod tal-enerġija, linji tal-elettriku b'vultaġġ għoli;
- e) Sinjalar u kontroll tat-traffiku: Proġetti li jindirizzaw l-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda ta' sinjalar u kontroll tat-traffiku;
- f) Telekomunikazzjoni: Proġetti li jindirizzaw it-telekomunikazzjonijiet fissi u mobbli fuq il-linji ferrovjarji.
- g) Stazzjonijiet: It-titjib u r-riabilitazzjoni tal-istazzjonijiet eżistenti, kif ukoll il-bini ta' stazzjonijiet ġodda.

Ix-xogħlijiet għandhom jitlestew fuq mill-inqas 1 400 kilometru ta' network inkluż fil-Kurituri tal-Atlantiku u tal-Mediterran, inklużi azzjonijiet biex jittejjbu s-sezzjonijiet eżistenti u l-investimenti biex isir progress fil-konstruzzjoni ta' sezzjonijiet ġodda.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha tlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 2 (C6.I2) — Network Trans-Ewropew għall-Programm tat-Trasport, xogħlijiet oħra

L-oġġettivi tal-miżura huma li jittejjeb in-network nazzjonali tat-trasport li jkopri l-modi kollha tat-trasport (bil-ferrovija, bit-triq, bl-ajru) sabiex isir aktar affidabbli, sostenibbli, sigur u reżiljenti.

L-investiment għandu jikkonsisti fl-azzjonijiet li ġejjin:

- a) It-titjib tan-network ferrovjarju fir-rigward tan-network mhux ewlieni tat-TEN-T b'xogħlijiet fuq mill-inqas 900 kilometru;
- b) Jagħmlu n-network tat-toroq aktar sikur f'konformità mar-regolamenti nazzjonali u Ewropej, aktar sostenibbli, itejbu d-diġitalizzazzjoni u jimplimentaw sistemi ta' trasport intelliġenti u l-aġġornament tal-abbozz preliminari primarju tal-konnessjoni fissa fl-Istrett ta' Ġibiltà;
- c) It-tiżiħ tal-iżvilupp tal-Ajru Uniku Ewropew (20 proġett);
- d) L-appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali tal-Ministeru tat-Trasport, il-Mobbiltà u l-Aġenda Urbana.

Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw li mill-inqas EUR 1 010 000 000 jikkontribwixxu għall-oġġettivi tat-tibdil fil-klima b'koeffiċjent klimatiku ta' 100 % u b'mill-inqas EUR 301 000 000 b'koeffiċjent klimatiku ta' mill-inqas 40 %, f'konformità mal-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241 dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha tlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 3 (C6.I3) — Intermodalità u loġistika

L-oġġettiv tal-miżura huwa li jiġi implimentat l-Assi 6 tal-Istrateġija għal Mobbiltà Sigura, Sostenibbli u Konnessa (R1) dwar Ktajjen ta' Loġistika Intermodali Intelliġenti.

L-investiment jikkonsisti fi tliet linji ta' azzjonijiet:

- a) l-iżvilupp jew l-aġġornament ta' disa' terminals intermodali u loġistiċi strateġiċi biex, f'xi każijiet, jiġu integrati t-terminals intermodali maż-żona loġistika u, fil-każijiet kollha, biex tingħata spinta lill-bidla tal-merkanzija mit-triq għall-ferrovija;
- b) ittejjeb l-aċċess ferrovjarju u bit-triq għall-portijiet Spanjoli biex tagħti spinta lit-trasport ferrovjarju tal-merkanzija, billi ttejjeb il-konnessjoni tal-portijiet man-network ferrovjarju (2 port) u mat-toroq (port wieħed);

- c) aċċessibbiltà mtejbja (19 proġett) u sostenibbiltà fil-portijiet (proġetti fi 25-il awtorità tal-port).

Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw li mill-inqas EUR 584 000 000 jikkontribwixxu għall-oġettivi tat-tibdil fil-klima b'koeffiċjent klimatiku ta' 100 % u b'mill-inqas EUR 217 000 000 b'koeffiċjent klimatiku ta' mill-inqas 40 %, f'konformità mal-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241 dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 4 (C6.I4) — Programm ta' appoġġ għal trasport sostenibbli u diġitali

L-oġettivi tal-miżura huma li ttejjeb l-effiċjenza tas-sistema tat-trasport billi tiddiġitalizza u tintroduċi teknoloġiji ġodda fis-settur, u billi tappoġġa l-aktar mezzi tat-trasport sostenibbli, b'mod partikolari l-ferroviji. Dan l-investiment huwa allinjat mal-inizjattivi tal-programm ta' ħidma tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) u jitlob l-iżvilupp tan-*Network Trans-Ewropew* tat-Trasport.

L-investiment għandu jikkonsisti f'pakkett ta':

- a) skema ta' appoġġ għat-trasport sostenibbli tal-merkanzija bbażata fuq ECO-INCENTIVES għal skopijiet ferrovjarji u marittimi;
- b) trasferimenti ta' fondi lil Komunitajiet awtonomi għall-għoti ta' għotjiet għal proġetti għad-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija fil-livell reġjonali u lokali;
- c) trasferimenti ta' fondi lill-Komunitajiet Awtonomi għall-għoti ta' kuntratti jew strumenti legali oħra għal proġetti għad-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija fil-livell reġjonali u lokali; u għal
- d) l-għoti ta' proġetti għall-azzjonijiet li ġejjin:

Linja ta' azzjoni 1. L-interoperabbiltà fit-trasport ferrovjarju tal-merkanzija

1. Sistemi Ewropej tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS) abbord;
2. Azzjonijiet li jneħħu l-ostakli għall-interoperabbiltà ferrovjarja;
3. L-innovazzjoni u l-iżvilupp tal-assi tal-gejġ varjabbli fil-lokomottivi;

Linja ta' azzjoni 2. Il-promozzjoni tal-intermodalità tat-trasport

4. Il-kostruzzjoni, l-adattament jew it-titjib ta' tagħbijiet ta' merkanzija u terminals intermodali tar-Rail-Road u l-konnessjonijiet tagħhom fuq l-art;

Linja ta' azzjoni 3. Modernizzazzjoni tat-tagħmir ferrovjarju tal-merkanzija

5. Azzjonijiet li jappoġġaw ir-rinnovazzjoni jew it-titjib tal-vaguni għat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija, inkluż għall-istabbiliment ta' servizzi tal-awtostrada ferrovjarja;
6. Azzjonijiet li jappoġġaw ir-rinnovazzjoni jew l-adattament ta' tagħmir ferrovjarju b'materjal ieħor li juża fjuwils alternattivi bħala idroġenu jew elettriku;

Linja ta' azzjoni 4. Trasport bit-triq sikur, sostenibbli u konness

7. Il-kostruzzjoni u t-titjib ta' żoni ta' parkeġġ siguri għall-vetturi kummerċjali u l-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni;

8. Servizzi ta' Trasport Intelliġenti għas-Settur tat-Toroq (ITS) fil-konċessjonijiet tal-awtostradi b'pedaġġ u servizzi oħra ta' sikurezza u konservazzjoni tat-toroq;

9. Azzjonijiet li jappoġġaw il-varar ta' infrastruttura ta' riforniment alternattiv għall-vetturi tqal fin-network tat-toroq. Il-kriterji ta' eliġibbiltà ta' din il-miżura għandhom jiżguraw il-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) billi jistabbilixxu kundizzjoni li skontha l-infrastruttura tat-tranżizzjoni u tad-distribuzzjoni tal-fjuwils gassużi għandha tkun permessa fiż-żmien tal-kostruzzjoni għat-trasport ta' gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju;

10. Azzjonijiet li jappoġġaw ir-rinnovazzjoni jew l-adattament ta' makkinarju għal pavement tat-toroq sostenibbli, impronta tal-karbonju mnaqqsa u tnaqqis tal-ħoss;

Linja ta' azzjoni 5. Is-sostenibbiltà tat-trasport marittimu u bl-ajru

11. Appoġġ għall-varar ta' fjuwils alternattivi fil-Portijiet u fl-Ajruporti. Il-kriterji ta' eliġibbiltà ta' din il-miżura għandhom jiżguraw il-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) billi jistabbilixxu kundizzjoni li skontha l-infrastruttura tat-tranżizzjoni u tad-distribuzzjoni tal-fjuwils gassużi għandha tkun permessa fiż-żmien tal-kostruzzjoni għat-trasport ta' gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju;

12. Appoġġ għall-adozzjoni ta' teknoloġiji tal-enerġija alternattiva fis-settur marittimu;

120	C7.I2	T	Kapaċità ta' produzzjoni addizzjonali għall-enerġija rinnovabbli fil-gżejjer	—	Numru (MW)	0	180	Q-2	2026	Il-kapaċità tal-produzzjoni addizzjonali kumulattiva għall-enerġija rinnovabbli akkwistata permezz ta' sejħiet għall-offerti għall-kapaċità rinnovabbli fil-gżejjer (mill-inqas 180 MW installati).

H. IL-KOMPONENT 8: L-INFRASTRUTTURA TAL-ELETTRIKU, IL-GRILJI INTELLIĠENTI U L-ISKJERAMENT TAL-FLESSIBBILTÀ U L-ĦŻIN

Il-pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima (NECP) ta' Spanja għandu l-għan li jkollu sehem ta' 42 % ta' enerġija rinnovabbli fil-konsum finali tal-enerġija sal-2030. L-integrazzjoni ta' ammont dejjem jikber ta' ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli (ipproġettata li tilħaq 74 % tad-domanda fl-2030 u 100 % sal-2050), tirrikjedi għadd ta' investimenti komplementari fid-diġitalizzazzjoni tal-grilja, il-ħżin u l-ġestjoni tad-domanda. B'mod partikolari, l-intermittenza u l-prevedibbiltà parzjali tat-teknoloġiji rinnovabbli jfissru li l-ħżin tal-enerġija għandu rwol importanti x'jaqdi, biex jipprovdi flessibbiltà tas-sistema u biex jiżgura l-istabbiltà tal-grilja.

F'dan il-kuntest, dan il-komponent tal-pjan Spanjol għall-irkupru u r-reżiljenza għandu jsegwi l-oġġettivi li ġejjin:

- a) L-iżvilupp ta' sistema tal-enerġija aktar flessibbli, deċentralizzata u dinamika li kapaċi tassorbi b'mod effiċjenti u sikur livelli oġhla ta' ġenerazzjoni rinnovabbli;
- b) L-iżvilupp ta' mudelli ta' negozju innovattivi ġodda; u għal
- c) L-involvement ta' atturi ġodda fis-sistema tal-elettriku (produtturi, fornituri u konsumaturi, minbarra l-operaturi tal-ħżin u l-aggregaturi), u qafas regolatorju aktar flessibbli li kapaċi jadatta għal ħtiġijiet ġodda, permezz ta' ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja.

Il-komponent għandu jippromwovi investimenti fl-innovazzjoni u fl-effiċjenza enerġetika, u jinkoraġġixxi l-adozzjoni ta' politiki effiċjenti biex titħeġġeġ l-innovazzjoni (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2019). Għandha tippromwovi wkoll l-investiment pubbliku u privat, u trawwem it-tranżizzjoni ekoloġika (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

H.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma 1 (C8.R1) — Qafas ta' abilitazzjoni għall-integrazzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fis-sistema tal-enerġija: networks, ħżin u infrastruttura

L-oġġettiv ta' din il-miżura huwa li tippermetti qafas regolatorju trasparenti u stabbli li joħloq ċertezza u jippermetti integrazzjoni akbar tal-enerġija rinnovabbli fis-sistema tal-enerġija, permezz ta' investimenti fin-networks, il-ħżin u l-infrastruttura.

Ir-riforma għandha tinkludi l-istrateġija ta' dekarbonizzazzjoni fit-tul għall-2050 ("ELP 2050"). L-għan ta' din l-istrateġija huwa li tistabbilixxi l-bażi għal qafas strateġiku u regolatorju għall-integrazzjoni effettiva tal-enerġiji rinnovabbli f'sistema tal-enerġija flessibbli u intelliġenti. Fost l-oġġettivi tal-ELP 2050 hemm: (a) it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra b' 90 % meta mqabbel mal-1990 (newtralità klimatika); (b) il-kisba ta' 97 % ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fil-konsum finali tal-enerġija; u (c) sistema tal-elettriku rinnovabbli ta' 100 %.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2021.

Riforma 2 (C8.R2) — Strateġija għall-ħżin tal-enerġija u l-adattament tal-qafas regolatorju għall-użu tal-ħżin tal-enerġija

Din il-miżura għandha l-għan li tiżviluppa, tapprova u tuża qafas regolatorju u strateġiku biex trawwem il-ħżin tal-enerġija. Ir-riforma għandha ttipprovdi l-qafas meħtieġ għall-investimenti ppjanati taħt C8.I1 u C8.I3, relatati mal-użu tal-ħżin tal-enerġija u mudelli ta' negozju ġodda fit-tranżizzjoni tal-enerġija, rispettivament.

Ir-riforma għandha tinkludi l-approvazzjoni mill-gvern Spanjol tal-Istrateġija għall-ħżin tal-Enerġija. L-oġettiv ta' din l-istrateġija huwa li jkun hemm 20 GW ta' ħżin tal-enerġija disponibbli fl-2030 u 30 GW fl-2050.

Ir-riforma għandha tinkludi tliet atti leġislattivi u regolatorji: (I) id-Digriet Irjali 1183/2020 li jirregola l-aċċess għall-grilja għall-faċilitajiet tal-ħżin; (II) iċ-Ċirkolari 1/2021 *tal-Comisión Nacional de los Mercados y la Competencia* biex tistabbilixxi l-metodoloġija u l-kundizzjonijiet għall-aċċess u l-konnessjoni man-networks tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-faċilitajiet tal-ġenerazzjoni tal-elettriku; (III) ir-Riżoluzzjoni *tal-Comisión Nacional de los Mercados y la Competencia* tal-10 ta' Diċembru 2020, li tirregola l-parteċipazzjoni tal-faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija fil-forniment ta' servizzi anċillari.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2022.

Riforma 3 (C8.R3) — Żvilupp tal-qafas regolatorju għas-servizzi ta' aggregazzjoni, ġestjoni tad-domanda u flessibbiltà

Din il-miżura għandha l-għan li tiżviluppa l-qafas regolatorju meħtieġ għall-iżvilupp ta' sistema tal-enerġija intelliġenti u dinamika, inkluż: (I) ir-regolamentazzjoni tal-ġestjoni tad-domanda u tas-servizzi ta' flessibbiltà fil-qafas regolatorju nazzjonali, (ii) l-iżvilupp tal-qafas regolatorju biex ikopri s-servizzi ta' flessibbiltà differenti u (iii) l-iżvilupp ta' qafas li jiżgura l-aċċess tal-konsumaturi għad-data dwar il-konsum tal-enerġija tagħhom.

Ir-riforma għandha tkun konformi mal-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima, li jirrikonoxxi b'mod espliċitu l-hteġa li jiġu ddeterminati r-rekwiżiti tekniċi għall-parteċipazzjoni fis-swieq eżistenti u li qed jiżviluppaw ta' parteċipanti li joffru enerġija minn sorsi rinnovabbli, operaturi tal-ħżin tal-enerġija u dawk li jipprovdu servizzi ta' rispons għad-domanda.

Il-pjan Nazzjonali għall-Enerġija Klimatika jenfasizza wkoll il-hteġa li jiġi żviluppat l-istatus tal-aggregaturi, b'mod partikolari l-aggregaturi indipendenti, biex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq. Għal dan l-għan, ir-riforma għandha tipprevedi l-ħolqien tal-istatus ta' aggregatur tad-domanda indipendenti permezz tad-Digriet Amministrattiv Irjali 23/2020, sabiex tippermetti d-dħul ta' atturi ġodda fis-suq tal-bejgħ bl-innut.

Minbarra li tappoġġa l-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima, ir-riforma għandha tittrasponi d-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku, li tistabbilixxi l-obbligu li tiġi żgurata l-parteċipazzjoni tal-konsumaturi fis-swieq inkluż permezz ta' rispons għad-domanda, li tiġi promossa l-parteċipazzjoni tal-konsumatur fuq bażi individwali jew aggregata jew permezz ta' aggregaturi indipendenti, u li tippermetti l-użu ta' flessibbiltà fin-networks ta' distribuzzjoni.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Riforma 4 (C8.R4) — ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja jew sodod tat-test

Din il-miżura għandha l-għan li tiżviluppa bankijiet tal-ittestjar regolatorji (sandboxes) fil-qafas regolatorju nazzjonali, li jippermettu l-introduzzjoni ta' prodotti ġodda jew soluzzjonijiet teknoloġiċi, eċċezzjonijiet jew salvagwardji regolatorji biex jgħinu fil-faċilitazzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni fis-settur tal-enerġija. Ir-riforma hija marbuta direttament mar-riforma C8.R3 u l-investment C8.I3.

Is-sandboxes regolatorji għandhom jippermettu lill-industrija tittestja teknoloġiji, sistemi u servizzi ġodda relatati mal-flessibbiltà, ir-rispons tad-domanda u l-ħżin tal-enerġija f'ambjent sikur fejn il-partijiet interessati jistgħu jesperjenzaw soluzzjonijiet innovattivi mingħajr ma jkunu soġġetti għall-prevenzjoni ta' rekwiżiti regolatorji. Barra minn hekk, is-sandboxes għandhom jipprevedu djalogu regolatorju bidirezzjonali bejn l-Amministrazzjoni u r-regolatur, li għandu jaċċellera u jiffaċilita r-rieżami tar-regolamenti eżistenti u jaġġustahom għad-dħul ta' aġenti ġodda fis-suq. Dan huwa mistenni li jiffaċilita l-ħolqien ta' negozji ġodda teknoloġiċi billi jagħtihom opportunità li jittestjaw il-mudelli tan-negozju tagħhom.

Ir-riforma għandha tinkludi l-adozzjoni ta' Digriet Irjali dwar l-iżvilupp ta' ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja li jippermettu l-iżvilupp ta' proġetti pilota ġodda, bl-għan li jitrawmu r-riċerka u l-innovazzjoni fis-settur tal-elettriku.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2023.

Investiment 1 (C8.I1) — Użu tal-ħżin tal-enerġija

L-objettiv ta' din il-miżura huwa li jintuża l-ħżin tal-enerġija permezz tat-tnedija ta' inizjattivi ta' appoġġ u investment f'żewġ oqsma ewlenin:

- a) L-iżvilupp ta' ħżin fuq skala kbira. Il-ħżin fuq skala kbira huwa meħtieġ biex jiġu integrati ammonti akbar ta' ġenerazzjoni rinnovabbli u biex jiġu pprovduti servizzi lis-sistema, mir-regolamentazzjoni tal-frekwenza, l-appoġġ fir-rampa (flessibbiltà) jew l-istartjar totali; u għal
- b) Il-promozzjoni tal-ħżin wara l-miter u integrat fuq livell settorjali. It-teknoloġiji wara l-miter jistgħu jinkludu l-faċilitajiet tal-konsum proprju, il-batteriji tal-litju, u s-sistemi tal-ħżin tas-sħana.

L-investment propost għandu jiġi appoġġat fil-qafas definit mir-riformi ta' dan il-komponent, b'mod partikolari r-riformi C8.R1 u C8.R2, li jipprovdu l-bażi legali u strateġika għall-użu effettiv tal-ħżin tal-enerġija.

Il-miżura għandha tiġi implimentata permezz ta' proġetti innovattivi ta' ħżin li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni tal-enerġija, speċifikament biex jipprovdu flessibbiltà għal lis-settur tal-enerġija, inkluża l-integrazzjoni tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli. Mill-inqas ħames proġetti innovattivi ta' ħżin għandhom ikunu operattivi, ekwivalenti għal kapaċità installata aggregata ta' mill-inqas 660 MW (jew provvista totali tal-enerġija ekwivalenti (MWh).

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 2 (C8.I2) — Diġitalizzazzjoni tan-networks

Din il-miżura għandha tipprovdi appoġġ għall-investimenti relatati mad-diġitalizzazzjoni tan-networks ta' distribuzzjoni, bl-għan li jinġiebu f'konformità mar-rekwiżiti meħtieġa biex tiġi implimentata t-tranżizzjoni tal-enerġija. Il-meħtieġa għad-diġitalizzazzjoni tan-networks tal-elettriku hija parti mid-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-elettriku, li tiddikjara li l-Istati Membri jenħtieġ li jinkoraġġixxu l-modernizzazzjoni tan-networks, pereżempju permezz tal-introduzzjoni ta' grilji intelliġenti. Id-diġitalizzazzjoni tan-networks hija meħtieġa biex tavvanza t-trasformazzjoni tas-

sistema tal-enerġija bi preżenza akbar ta' enerġiji rinnovabbli, sabiex ikun hemm sistema tal-elettriku sigura u reżiljenti. Huwa ta' importanza partikolari f' territorji mhux peninsulari kkaratterizzati minn vulnerabbiltà akbar u dipendenza enerġetika.

L-objettiv ġenerali tal-miżura huwa li żżid il-kompetittività tal-elettriku, filwaqt li taċċellera l-eletrifikazzjoni tal-ekonomija. Għal dan l-għan, il-miżura għandha tipprevedi mekkaniżmu ta' appoġġ inizjali biex jiġi massimizzat il-potenzjal offrut mid-diġitalizzazzjoni tan-networks billi: (i) it-tnaqqis tat-telf u tat-tixrid tal-ġenerazzjoni rinnovabbli (ii) li tiġi ffavorita l-parteċipazzjoni tad-domanda fil-ġestjoni tas-sistema tal-elettriku u (iii) l-ottimizzazzjoni tal-konfigurazzjoni tan-network.

Il-miżura għandha tinkludi l-għoti ta' mill-inqas 35 proġett innovattiv ta' diġitalizzazzjoni (għad-distribuzzjoni intelliġenti tal-elettriku) lill-kumpaniji tad-distribuzzjoni.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Investment 3 (C8.I3) — Mudelli kummerċjali ġodda fit-tranżizzjoni tal-enerġija

Din il-miżura għandha tinkludi investimenti u mekkaniżmi ta' appoġġ immirati biex jagħtu spinta lil mudelli kummerċjali ġodda għat-tranżizzjoni relatati mal-użu tal-ħżin tal-enerġija, kif ukoll il-ġestjoni tat-tieni haġja u r-riċiklaġġ tiegħu, il-ġestjoni tad-domanda, l-aggregaturi, is-servizzi ta' flessibbiltà, l-aċċess għad-data u l-ambjenti ta' esperimentazzjoni. B'mod partikolari, il-miżura għandha tinkludi:

- Appoġġ għall-introduzzjoni ta' aggregaturi fis-suq nazzjonali tal-elettriku, b'enfasi partikolari fuq aggregaturi indipendenti permezz tal-installazzjoni ta' tagħmir tal-kejl f'ħin reali (submetraġġ) u ċentri ta' kontroll u komunikazzjoni kif ukoll il-promozzjoni ta' pjattaformi ta' aggregazzjoni;
- L-użu tal-ħżin tul il-katina tal-valur kollha;
- Appoġġ għal proġetti ta' ġestjoni tad-domanda f' profili differenti tal-konsumatur (industrija kbira, SMEs, komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli/komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini, aggregaturi, eċċ.);
- Jitlob li l-applikazzjonijiet iwettqu bankijiet tal-ittestjar regolatorji, fil-forma ta' għajjnuna diretta u kompetittiva, jew ftehimiet ta' kollaborazzjoni; u għal
- Appoġġ għal negozji ġodda jew inizjattivi innovattivi fil-qasam tal-enerġija.

L-investment huwa marbut mill-qrib mar-riforma C8.R4, li għandha l-għan li tiżviluppa ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għal proġetti innovattivi. Huwa jibni wkoll fuq il-qafas strateġiku u regolatorju definit mir-riformi l-oħra, b'mod partikolari r-riforma C8.R3.

Huwa mistenni li għandhom jingħataw mill-inqas 18 proġett għall-promozzjoni ta' mudelli kummerċjali ġodda għat-tranżizzjoni tal-enerġija, inkluż il-kejl intelliġenti, il-ħżin, ir-rispons min-naħa tad-domanda, is-servizzi ta' flessibbiltà u d-data.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

H.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Ara t-tabella ta' hawn taħt. Id-data tal-linja bażi għall-indikaturi kollha hija l-1 ta' Frar 2020, sakemm ma jkunx indikat mod ieħor fid-deskrizzjoni tal-azzjoni. L-ammonti fit-tabella ma jinkludux il-VAT.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
121	C8.R1	M	Approvazzjoni tal-istrategġija ta' dekarbonizzazzjoni fit-tul ("ELP2050").	Approvazzjoni mill-Kunsill tal-Ministri				Q-1	2021	Approvazzjoni tal-istrategġija ta' dekarbonizzazzjoni fit-tul ("ELP2050"). ELP50 tistabbilixxi l-bażi għad-definizzjoni tal-qafas strateġiku u regolatorju għall-integrazzjoni effettiva tal-enerġiji rinnovabbli f'sistema tal-enerġija flessibbli u intelliġenti, li għandha tinqara fil-kuntest tal-approċċ usa' stabbilit fl-NECP.
122	C8.R2	M	Id-dħul fis-seħħ ta' riformi ta' ppjanar, leġiżlattivi u regolatorji biex jiġi promoss l-iżvilupp ta' soluzzjoni għall-ħżin tal-enerġija.	Dispożizzjoni jiet fil-miżuri leġiżlattivi u regolatorji dwar id-dħul fis-seħħ				Q-2	2021	L-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ tar-riformi ta' ppjanar, leġiżlattivi u regolatorji li ġejjin biex jiġi promoss l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet għall-ħżin tal-enerġija: a) Approvazzjoni fl-Istrategġija għall-ħżin tal-enerġija fil-Kunsill tal-Ministri, bl-oġġettivi li jitravwem l-użu tal-ħżin tal-enerġija permezz ta' 66 miżura speċifika miġbura fl-10 linji ta' azzjoni inklużi fl-Istrategġija. L-għan huwa li jkun hemm 20 GW ta' ħżin tal-enerġija disponibbli fl-2030 u 30 GW fl-2050; b) Pubblikazzjoni fil-ĠU tad-Digriet Irjali 1183/2020, biex jiġi rregolat l-aċċess għall-grilja għall-faċilitajiet tal-ħżin. c) Pubblikazzjoni fil-ĠU taċ-Ċirkolari 1/2021 <i>mill-Comisión Nacional de los Mercados y la Competencia</i> biex jiġu stabbiliti l-metodoloġija u l-kundizzjonijiet għall-aċċess għan-networks tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-faċilitajiet tal-ġenerazzjoni tal-elettriku u għall-konnessjoni magħhom. d) Pubblikazzjoni fil-ĠU tar-Riżoluzzjoni tal-10 ta' Diċembru 2020 li tirregola l-parteċipazzjoni ta' faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija fil-forniment ta' servizzi anċillari
123	C8.R3	M	Id-dħul fis-seħħ ta' miżuri regolatorji għall-integrazzjoni tal-flessibbiltà u r-rispons min-naħa tad-domanda.	Dispożizzjoni jiet fil-miżuri leġiżlattivi u regolatorji dwar id-dħul fis-seħħ				Q-4	2023	L-iżvilupp tal-qafas regolatorju għall-integrazzjoni tal-flessibbiltà u r-rispons min-naħa tad-domanda, permezz tal-azzjonijiet li ġejjin. a) Pubblikazzjoni tar-Riżoluzzjoni tal-10 ta' Diċembru 2020, <i>mill-Comisión Nacional de los Mercados y la Competencia</i> li tadatta ċerti Proċeduri Operattivi għall-parteċipazzjoni f'servizzi ta' bilanċ. b) Adozzjoni ta' leġiżlazzjoni li tittrasponi bis-sħiħ id-Direttiva 2019/944 c) Adozzjoni ta' RDL23/2020 biex jinħoloq l-istatus ta' aggregatur indipendenti
124	C8.R4	M	Id-dħul fis-seħħ ta' miżuri għall-promozzjoni ta' ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja biex jitravwmu r-riċerka u l-innovazzjoni fis-settur tal-elettriku.	Dispożizzjoni jiet fid-Digriet Irjali dwar id-dħul fis-seħħ				Q-2	2022	Il-pubblikazzjoni u d-dħul fis-seħħ tad-Digriet Irjali dwar l-iżviluppi ta' ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja li jippermettu l-iżvilupp ta' proġetti pilota ġodda, bl-għan li jitravwmu r-riċerka u l-innovazzjoni fis-settur tal-elettriku. Il-leġiżlazzjoni għandha tippermetti lill-industrija tittestja teknoloġiji, sistemi u servizzi ġodda relatati mal-flessibbiltà, ir-rispons tad-domanda u l-ħżin tal-enerġija, fi spazju sikur u favorevoli fejn il-partijiet interessati jistgħu jesperjenzaw b'soluzzjonijiet innovattivi mingħajr ma jkunu soġġetti għal rekwiżiti regolatorji prevalenti. Barra minn hekk, dan għandu jipprovdi djalogu regolatorju bidirezzjonali bejn l-Amministrazzjoni u r-regolatur, li għandu jaċċellera u jiffaċilita r-rieżami tar-regolamenti eżistenti u adegwat għad-dħul ta' aġenti ġodda

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										fis-suq, filwaqt li jinkoraġġixxi l-ħolqien ta' negozji ġodda teknoloġiċi billi jagħtihom opportunità li jittestjaw il-mudelli tan-negozju tagħhom.
125	C8.I1	T	Proġetti ta' ħżin innovattivi mogħtija	—	Numru	0	5	Q-4	2023	Mill-inqas ħames proġetti innovattivi ta' ħżin mogħtija, ekwivalenti għal kapaċità installata aggregata ta' mill-inqas 660 MW jew provvista totali tal-enerġija ekwivalenti (MWh).
126	C8.I1	T	Proġetti ta' ħżin innovattivi operazzjonali	—	Numru	0	5	Q-2	2026	Mill-inqas ħames proġetti innovattivi ta' ħżin huma operazzjonali, ekwivalenti għal kapaċità installata aggregata ta' mill-inqas 660 MW jew provvista totali tal-enerġija ekwivalenti (MWh).
127	C8.I2	T	Proġetti innovattivi ta' diġitalizzazzjoni għad-distribuzzjoni tal-elettriku	—	Numru	0	35	Q-4	2023	Mill-inqas 35 proġett innovattiv ta' diġitalizzazzjoni (inkluża l-awtomatizzazzjoni tan-network) mogħtija lill-kumpaniji tad-distribuzzjoni, f'konformità mal-karatteristiċi u d-definizzjonijiet stabbiliti fiċ-Ċirkolari 6/2019 <i>tal-Comisión Nacional de los Mercados y la Competencia</i> .
128	C8.I3	T	Proġetti għall-promozzjoni ta' mudelli ġodda ta' negozju għat-tranżizzjoni tal-enerġija	—	Numru	0	18	Q-4	2023	Mill-inqas 18 proġett mogħtija li jippromwovu mudelli kummerċjali ġodda għat-tranżizzjoni tal-enerġija, inklużi l-metraġġ intelliġenti, il-ħżin, ir-rispons min-naħa tad-domanda, is-servizzi ta' flessibilità u d-data.

I. IL-KOMPONENT 9: IDROĠENU RINNOVABBILI

Il-pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima ta' Spanja għall-2021–2030 ifittex li jnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra b' 23 % meta mqabbla mal-1990. F'dan il-kuntest, l-oġettiv ewlieni tal-komponent 9 tal-pjan Spanjol għall-irkupru u r-reżiljenza huwa li jiġu żviluppati teknoloġiji tal-idroġenu tal-enerġija rinnovabbli:

- a. Bħala mezz biex tinħażen l-enerġija biex jiġu ġestiti d-differenzi bejn il-provvista u d-domanda tal-elettriku, filwaqt li tiġi pprovduta flessibbiltà lis-sistema tal-elettriku.
- b. Billi jippromwovu l-iżvilupp u l-konsolidazzjoni tagħhom tul il-katina tal-valur industrijali, peress li dawn it-teknoloġiji bħalissa mhumiex lesti li joperaw skont it-termini tas-suq;
- c. Billi jappoġġaw l-integrazzjoni tagħhom fl-użi finali, inkluż biex jissostitwixxu l-idroġenu bbażat fuq il-fossili fl-industrija; u għal
- d. Bl-iżvilupp ta' ħiliet ekoloġiċi.

Dan il-komponent tal-pjan Spanjol għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż biex jiġu promossi l-investimenti fl-innovazzjoni u fl-effiċjenza enerġetika (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2019), u biex titrawwem it-tranżizzjoni ekoloġika (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020).

Il-komponent huwa parti mill-istrateġija dwar l-enerġija rinnovabbli li tirfed il-komponent 1 u l-komponent 6 (l-użu tal-idroġenu għal skopijiet ta' mobbiltà u trasport), il-komponent 7 (il-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli), u l-komponent 8 (il-ħżin u l-grilji intelliġenti) tal-pjan Spanjol għall-irkupru u r-reżiljenza.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

I.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma 1 (C9.R1) — Pjan direzzjonali dwar l-idroġenu

Din il-miżura għandha ttipprovdi qafas għall-iżvilupp tal-idroġenu rinnovabbli fi Spanja (il- "Pjan direzzjonali għall-Idroġenu"). Għal dan l-għan, hija tidentifika l-oġettivi li għandhom jintlaħqu sal-2030 f'termini ta' kapaċità installata skont is-settur (l-industrija u t-trasport). Il-pjan direzzjonali għall-Idroġenu ġie approvat mill-Kunsill tal-Ministri f'Ottubru 2020. Il-miżura tistabbilixxi wkoll mezz konkret biex tappoġġa l-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali billi tiżgura li l-elettrolizzaturi tal-idroġenu jiġu forniti b'enerġija rinnovabbli. L-azzjonijiet regolatorji relatati għandhom jinkludu i) l-istabbiliment ta' strument regolatorju li jinkludi l-ħatra u l-governanza tal-korpi nazzjonali li joħorġu garanziji tal-orġini għall-gassijiet rinnovabbli, inkluż l-idroġenu rinnovabbli; u ii) mekkaniżmu regolatorju li jistabbilixxi kif tiġi vverifikata l-orġini rinnovabbli tal-idroġenu.

Din ir-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2022.

Investiment 1 (C9.I1) — Skema ta' appoġġ għall-idroġenu rinnovabbli, proġett tal-pajjiż

Din il-miżura għandha l-għan li tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali għall-Idroġenu fuq erba' linji ta' azzjoni.

Din il-miżura għandha tikkonsisti f'investiment pubbliku fi skema ta' appoġġ li tkopri s-sussidji biex jiġu appoġġati l-produzzjoni u l-użu tal-idroġenu rinnovabbli. L-iskema għandha topera billi tipprovdi inċentivi finanzjarji permezz tal-ġhoti ta' għotjiet. Abbażi tal-investiment tal-RRF, l-iskema ta' appoġġ għandha l-għan li inizjalment tipprovdi mill-inqas EUR 1 555 000 000 ta' finanzjament. L-iskema għandha tkun ġestita mill- "Instituto de Diversificación y Ahorro de la Energía" (IDAE) bħala s-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni.

Il-miżura għandha l-għan li tikseb kapaċità tal-produzzjoni totali awtorizzata tal-elettrolizzaturi kollha, inkluża l-infrastruttura komplementari, ta' mill-inqas 700 MW.

Sabiex timplimenta l-investiment fl-iskema, Spanja għandha tadotta strument legali wieħed jew aktar li jistabbilixxu l-iskema, li għandhom jinkludu l-elementi li ġejjin:

1. Il-lista ta' attivitajiet eliġibbli għall-appoġġ li għandha tinkludi dawn kollha li ġejjin, fost l-oħrajn:
 - Appoġġ, fost l-oħrajn, lill-SMEs biex isaħħu u jsaħħu l-katina tal-valur Spanjola eżistenti billi jsaħħu waħda jew aktar mill-attivitajiet li ġejjin: il-kapaċitajiet tal-produzzjoni, il-ħiliet, il-kompetittività, it-trasferiment tal-ġarfien u tat-teknoloġija, u/jew id-dimensjoni internazzjonali;
 - Jappoġġaw l-iżviluppi teknoloġiċi jew il-prototipi (bħall-elettrolizzaturi, il-kompressuri, ir-reċipjenti tal-ħżin, iċ-ċelloli tal-fjuwil u s-sistemi tat-trasport ibbażati fuq l-H₂), inkluż "l-ewwel tat-tip" biex jappoġġaw il-validazzjoni ta' disinji jew prototipi aġġornati ġodda assoċjati mal-produzzjoni, mal-loġistika tad-distribuzzjoni jew mal-konsum tal-idroġenu;
 - Tappoġġa interventi mmirati lejn it-titjib tal-faċilitajiet tal-ittestjar jew l-implimentazzjoni ta' linji ġodda tal-manifattura ta' teknoloġiji jew sistemi abilitanti essenzjali fil-katina tal-provvista tal-idroġenu, bħall-elettrolizzaturi jew iċ-ċelloli tal-fjuwil. Dawn għandhom jew: i) itejbu l-faċilitajiet tal-ittestjar tar-R & I jew il-laboratorji u/jew it-tagħmir relatati; jew ii) itejbu l-faċilitajiet u/jew l-akkwist ta' tagħmir ġdid (bħal għodod tal-magni) għall-manifattura ta' sistemi, tagħmir jew komponenti relatati mal-idroġenu u iċ-ċelloli tal-fjuwil;
 - Appoġġ biex jiġu stabbiliti raggruppamenti tal-idroġenu rinnovabbli li jintegraw il-produzzjoni, l-ipproċessar u l-konsum fuq skala kbira. L-oġettiv ta' mill-inqas wieħed minn dawn ir-raggruppamenti huwa li jiġi integrat elettrolizzatur tal-idroġenu rinnovabbli ta' kapaċità għolja li jforni direttament l-idroġenu lill-konsumaturi industrijali lokali. L-elettrolizzatur għandu jinkiseb b'elettriku rinnovabbli. L-idroġenu ġġenerat li jirriżulta għandu jiġi integrat fil-proċessi industrijali u fil-ktajjen tal-provvista tad-ditti (inkluż l-adattament u ċ-ċaqliq tal-mudelli tan-negozju lil hinn mill-konsum tal-idroġenu bbażat fuq il-fossili) biex jissostitwixxi mill-inqas 5 % tal-konsum annwali tal-idroġenu bbażat fuq il-fossili tagħhom;
 - Appoġġ għall-użu tal-idroġenu fi proġetti pijunieri b'daqs iżgħar mir-raggruppament. Dawn għandhom jintroduċu l-idroġenu rinnovabbli lil hinn minn ċentru industrijali uniku għal sistemi tal-enerġija iżolati li jippermettu l-integrazzjoni tal-idroġenu rinnovabbli f'oqsma bħat-trasport. Dawn l-interventi huma mistennija li jinkludu l-produzzjoni, id-distribuzzjoni

u l-konsum tal-idroġenu rinnovabbli, filwaqt li jżidu l-kopertura f' setturi u f' partijiet differenti tat-territorju Spanjol;

- Xi wħud mid-ditti appoġġati permezz tal-miżura jistgħu jsiru parti minn IPCEI tal-idroġenu, flimkien ma' ditti minn Stati Membri oħra, li jiddependu fuq qafas xieraq biex jikkollaboraw fl-Unjoni biex jintegraw il-ktajjen tal-valur nazzjonali biex jagħtu spinta lill-kompetittività.

2. Deskrizzjoni tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-iskema: L-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet u l-għażla tal-benefiċjarji li għandhom jiġu inklużi fid-deċiżjonijiet finali ta' għoti jew deċiżjonijiet ta' investiment taħt l-iskema għandhom jittieħdu minn kumitat ta' investiment jew kumitat ta' evalwazzjoni teknika u approvati b' maġġoranza ta' voti minn membri li huma indipendenti mill-gvern, li jfisser li jridu jkunu jew persunal impjegat mill-IDAE u/jew esperti indipendenti oħra. Id-deċiżjonijiet finali ta' għoti jew deċiżjonijiet ta' investiment taħt l-iskema għandhom ikunu limitati għall-approvazzjoni (mingħajr modifiki) jew għall-eżerċizzju ta' dritt ta' veto fuq deċiżjoni ta' għoti jew deċiżjoni ta' investiment proposta mill-kumitat tal-investiment jew korp governattiv ekwivalenti rilevanti. Fil-każ li xi wiehied mill-applikanti jipparteċipa mill-IDAE u l-baġit għal dik is-sejħa ma jkunx biżżejjed biex ikopri l-applikazzjonijiet kollha riċevuti, il-proċess ta' evalwazzjoni għandu jiġi awditjat esternament kif previst fil- "Plan de Mitigación de Potenciales Conflictos de Interés en Sociedades Participadas" tal-IDAE.
3. Ir-rekwiżit ta' konformità mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" (DNSH) skont il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza kif stabbilit fil-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). Fil-każ ta' appoġġ ġenerali lil korporattivi (inklużi ekwità u kapital ta' riskju), l-istrument (i) legali għandhom jeskludu kumpaniji b'fokus sostanzjali¹⁸ fis-setturi li ġejjin: (I) il-produzzjoni tal-enerġija bbażata fuq il-fjuwils fossili u attivitajiet relatati¹⁹; (II) l-industriji intensivi fl-enerġija u/jew b'emissjonijiet għoljin ta' CO₂²⁰; (III) il-produzzjoni, il-kiri, jew il-bejgħ ta' vetturi li

¹⁸ Huwa kkunsidrat li Benefiċjarju Finali għandu "fokus sostanzjali" fuq settur jew attività ta' negozju jekk tali settur jew attività tkun identifikata bħala parti essenzjali tal-attività tan-negozju tal-Benefiċjarju Finali rispettivament fir-rigward tad-dħul gross, il-profitt, jew il-bażi tal-klijenti tal-Benefiċjarju Finali. Id-dħul gross iġġenerat mis-settur jew mill-attività ristretta ma għandux, fi kwalunkwe każ, jaqbeż il-50 % tad-dħul gross.

¹⁹ Ħlief għal (a) assi u attivitajiet fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll infrastruttura relatata ta' trażmissjoni u distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01); u (b) l-attivitajiet u l-assi skont il-punt (ii) li għalihom l-użu tal-fjuwils fossili huwa temporanju u teknikament inevitabbli għat-tranżizzjoni f'waqtha lejn operazzjoni ħielsa mill-fjuwils fossili.

²⁰ Inklużi attivitajiet u assi taħt is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumix inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti. Meta l-attività appoġġata tikseb l-emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumix aktar baxxi b'mod sinifikanti mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

jniġġsu²¹; (IV) il-ġbir tal-iskart, it-trattament u r-rimi tal-iskart²², (v) l-ipproċessar tal-fjuwil nukleari, il-produzzjoni tal-enerġija nukleari. Barra minn hekk, l-istrument (i) legali għandhom jirrikjedu konformità mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u dik nazzjonali tal-benefiċjarji finali tal-iskemi ta' sussidju.

4. Ir-rekwiżit li l-benefiċjarji finali tal-iskema ma għandhomx jirċievu appoġġ minn strumenti oħra tal-Unjoni biex ikopru l-istess kost.
5. L-ammont kopert mill-iskema u r-rekwiżit li jiġi investit mill-ġdid kwalunkwe rikavat mhux użat mill-iskema fl-attivitàjiet bħal dawk elenkati hawn fuq, inkluż lil hinn mill-2026.
6. Rekwiżiti ta' rapportar għall-investiment fil-klima għall-iskema ta' sussidju²³.

L-azzjonijiet taħt dan l-investiment għandhom jitlestew sal-31 ta' Awwissu 2026.

I.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Ara t-tabella ta' hawn taħt. Id-data tal-linja bażi għall-indikaturi kollha hija l-1 ta' Frar 2020 sakemm ma jkunx indikat mod ieħor fid-deskrizzjoni tal-azzjoni. L-ammonti fit-tabella ma jinkludux il-VAT.

²¹ Il-vetturi li jniġġsu huma definiti bħala vetturi mingħajr emissjonijiet.

²² Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet f'impjanti ddedikati esklużivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma bl-għan li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew għall-użu jew għall-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

²³ Is-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni għandu jkun meħtieġ ukoll jipprovdi lill-Istat Membru rapport semiannwali dwar l-implimentazzjoni ta' kull proġett/attività.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
129	C9.R1	M	Pjan Direzzjonali għall-Idroġenu	Approvazzjoni mill-Kunsill tal-Ministri				Q-4	2020	Approvazzjoni tal-Pjan Direzzjonali għall-Idroġenu mill-Kunsill tal-Ministri. Il-pjan direzzjonali għall-idroġenu jistabbilixxi l-linji gwida definiti minn Spanja għall-iżvilupp tas-settur tal-idroġenu rinnovabbli. Għal dan l-għan, hija tidentifika l-għanijiet li għandhom jintlaħqu f'termini ta' kapaċità installata, industrija u mobbiltà sal-2030.
130	C9.R1	M	Dħul fis-seħħ tar-regolament li jistabbilixxi l-Garanziji tal-oriġini għall-gassijiet rinnovabbli	Dispożizzjoni fir-regolament li tindika d-dħul fis-seħħ tar-regolament				Q-2	2022	Id-dħul fis-seħħ tar-regolament li jistabbilixxi sistema nazzjonali ta' garanziji tal-oriġini għall-gassijiet rinnovabbli, inkluż l-idroġenu rinnovabbli, li tiżgura 100 % tal-enerġija rinnovabbli. Is-sistema li għandha tiġi stabbilita mill-istrument regolatorju għandha tinkludi l-ħatra ta' korpi nazzjonali emittenti, u l-adozzjoni tal-governanza tagħhom; u mekkaniżmu regolatorju li jistabbilixxi kif tiġi vverifikata l-oriġini rinnovabbli tal-idroġenu.
131	C9.I1	M	Skema ta' appoġġ għall-idroġenu rinnovabbli: L-istabbiliment tal-iskema	Dħul fis-seħħ tal-istrument (i) legali rilevanti				Q-2	2023	Id-dħul fis-seħħ tal-istrument (i) legali li jistabbilixxu l-iskema ta' appoġġ li tammonta għall-baġit tal-investiment f'konformità mar-rekwiżiti speċifikati fid-deskrizzjoni tal-miżura.
132	C9.I1	T	Skema ta' appoġġ għall-idroġenu rinnovabbli: Ftehimiet legali ffirmati ma' benefiċjarji finali jew riżoluzzjonijiet ta' għoti finali ppubblikati (I)	Dħul fis-seħħ ta' ftehimiet ta' finanzjament legali jew publikazzjoni ta' riżoluzzjonijiet ta' għoti finali		0	30 %	Q-2	2023	L-IDAE ppubblikat ir-riżoluzzjonijiet finali tal-għoti jew id-dħul fis-seħħ ta' ftehimiet ta' finanzjament mal-benefiċjarji finali, għal mill-inqas 30 % tal-investiment tal-RRF fl-iskema ta' appoġġ (inklużi l-kostijiet indiretti).
133	C9.I1	T	Skema ta' appoġġ għall-idroġenu rinnovabbli: Ftehimiet legali ffirmati ma' benefiċjarji finali jew riżoluzzjonijiet ta' għoti finali ppubblikati (II)	Dħul fis-seħħ ta' ftehimiet ta' finanzjament legali jew publikazzjoni ta' riżoluzzjonijiet ta' għoti finali		30 %	75 %	Q-4	2025	L-IDAE ppubblikat ir-riżoluzzjonijiet finali tal-għoti jew id-dħul fis-seħħ ta' ftehimiet ta' finanzjament mal-benefiċjarji finali, għal mill-inqas 75 % tal-investiment tal-RRF fl-iskema ta' appoġġ (inklużi l-kostijiet indiretti).
134	C9.I1	T	Skema ta' appoġġ għall-idroġenu rinnovabbli:	Id-dħul fis-seħħ tal-ftehimiet legali ta'		75 %	100 %	Q-3	2026	L-IDAE ppubblikat ir-riżoluzzjonijiet finali tal-għoti jew id-dħul fis-seħħ ta' ftehimiet ta' finanzjament mal-benefiċjarji finali, għal 100 % tal-investiment tal-RRF fl-iskema ta' appoġġ (inklużi l-kostijiet indiretti).

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
			Ftehimiet legali ffirmati ma' beneficijarji finali jew riżoluzzjonijiet ta' għoti finali ppubblikati.	finanzjament jew il-pubblikazzjoni tar-riżoluzzjonijiet finali tal-għoti.						
135	C9.I1	M	Skema ta' appoġġ għall-idroġenu rinnovabbli: Il-Ministeru lesta l-investiment	Ċertifikat ta' trasferiment				Q-3	2026	Spanja għandha tittrasferixxi mill-inqas EUR 1 555 miljun lill-IDAE għall-iskema ta' appoġġ

J. IL-KOMPONENT 10: TRANŻIZZJONI ĠUSTA

Dan il-komponent tal-pjan Spanjol għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza l-impatt ekonomiku u soċjali fiż-żoni ġeografiċi affettwati mill-ġheluq tal-minjieri tal-faħam u tal-impjanti tal-enerġija bil-faħam/nukleari, li kompli jiġi aggravat mill-impatt tal-pandemija tal-COVID u l-ġheluq tal-impjanti tal-enerġija termali. Għan addizzjonali huwa li jinbidel il-mudell tal-produzzjoni u li tiġi xprunata t-trasformazzjoni b'appoġġ għal mudell ekonomiku u soċjali aktar reżiljenti tat-territorji għall-futur. L-istrateġija hija mfassla b'mod parallel mal-pjan territorjali Spanjol tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF), li huwa maħsub li jkollu kamp ta' applikazzjoni usa', durata itwal u enfasi aktar strateġika fuq l-iżvilupp u l-appoġġ tan-negozju.

Il-komponent jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż relatati mal-appoġġ għall-impjiegi permezz ta' miżuri biex jiġu ppreservati l-impjiegi, inċentivi effettivi għar-reklutaġġ u l-iżvilupp tal-ħiliet (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 2020); il-promozzjoni tal-investiment pubbliku u privat li jrawwem it-tranżizzjoni ekoloġika (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020); u biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni fil-livell tal-gvern (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 4 2019).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

J.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma 1 (C10.R1) — Protokoll ta' Tranżizzjoni Ġusta

Fi Frar 2020 il-gvern approva l-Istrateġija għal Tranżizzjoni Ġusta kif riflessa fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima (NECP). Fil-kuntest ta' din l-Istrateġija u skont il-pjan Spanjol għall-irkupru u r-reżiljenza, din ir-riforma għandha tistabbilixxi 12 Protokoll ta' Tranżizzjoni Ġusta li jkopru kull żona affettwata mill-ġheluq tal-minjieri tal-faħam u tal-impjanti tal-enerġija li jaħdmu bil-faħam. Kull wieħed mill-protokoll ta' Tranżizzjoni Ġusta għandu jkopri mill-inqas żona affettwata mill-ġheluq ta' impjant tal-enerġija li jaħdem bil-faħam. Il-protokoll għandhom ikunu għodod għas-sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali tat-territorji affettwati. L-enfasi għandha tkun fuq *fost l-oħrajn* is-sostenn u l-ħolqien tal-impjiegi, il-promozzjoni tad-diversifikazzjoni u l-ispeċjalizzazzjoni, iż-żieda fl-attrazzjoni taż-żoni għall-ġlieda kontra d-depopolazzjoni, u r-restawr ambjentali tal-art. Dawn il-protokoll għandhom jinkorporaw il-kooperazzjoni tal-atturi lokali rilevanti (pubbliċi u privati, inklużi n-negozji, is-sħab soċjali, is-settur tal-edukazzjoni, il-NGOs eċċ.).

Din ir-riforma għandha tinkludi wkoll l-istabbiliment tal-Istitut għal Tranżizzjoni Ġusta. L-għan tal-Istitut għandu jkun li jidentifika u jadotta azzjonijiet li jiggwarantixxu trattament ekwu tal-ħaddiema u t-territorji affettwati mit-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, il-minimizzazzjoni tal-impatti negattivi fuq l-impjiegi u l-popolazzjoni ta' dawn it-territorji u l-ottimizzazzjoni tal-opportunitajiet tal-proċess ta' trasformazzjoni. Il-funzjonijiet ewlenin tal-Istitut huma li jippromwovi t-tfassil tal-politiki industrijali, ir-riċerka u l-iżvilupp, il-promozzjoni tal-attività ekonomika, l-impjiegi u t-taħriġ professjonali.

Il-miżura għandha tinkludi wkoll l-istabbiliment ta' Kunsill Konsultattiv magħmul minn rappreżentanti mid-dipartimenti ministerjali u rappreżentanti mill-awtoritajiet lokali u reġjonali li għandhom jipprovdu pariri u jivvalutaw l-impatt tal-politiki ta' tranżizzjoni ġusta.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2023.

Investiment 1 (C10.I1) — Investiment fi Tranżizzjoni Ġusta

Il-protokolli ta' Tranżizzjoni Ġusta għandhom ikunu akkumpanjati minn investimenti fit-territorji sabiex:

- a) il-ħolqien tal-impjiegi u l-appoġġ għal attività fuq perjodu qasir;
- b) taċċellera l-bidla billi tiffoka fuq proġetti pilota fuq skala iżgħar li — jekk jitqiesu ta' suċċess — jiżdiedu fil-kuntest tal-JTF; u għal
- c) tingħata spinta lill-iżvilupp ekonomiku, li jikkontribwixxi għall-koeżjoni soċjali u territorjali.

Il-proġetti għandhom jimmiraw lejn erba' oqsma speċifiċi:

- i. Pjanijiet ta' restawr ambjentali (eż. reforestazzjoni jew riveġetazzjoni) għal siti ta' estrazzjoni magħluqa jew abbandunata u art deterjorata maġenb impjanti tal-enerġija termali jew nukleari, li jkopru mill-inqas 2 000 ettaru ta' art riabilitata. Bħala parti minn dawn il-pjanijiet, l-impjanti u l-faċilitajiet tal-minjieri għandhom jiġu żarmati, u l-ħamrija għandha tiġi riabilitata u soġġetta għal reforestazzjoni jew proċessi ta' riveġetazzjoni, installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli jew żvilupp ekonomiku ekoalternattiv;
- ii. Mill-inqas 130 proġett ta' infrastruttura ambjentali, diġitali u soċjali fil-muniċipalitajiet u t-territorji fi tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, għal investiment finanzjarju totali ta' mill-inqas EUR 102 000 000. Il-proġetti għandhom ikopru għadd ta' oqsma li jinkludu: ir-riabilitazzjoni tal-infrastruttura u l-bini pubbliki; proġetti innovattivi għall-komunikazzjoni bejn muniċipalitajiet jew żoni iżolati tal-popolazzjoni bbażati fuq soluzzjonijiet ta' mobbiltà sostenibbli u l-irkupru u l-użu alternattiv tal-infrastruttura tat-trasport eżistenti; ir-riabilitazzjoni tal-infrastruttura pubblika li tappoġġa l-ekonomija ċirkolari, inklużi l-impjanti li jiffurmaw il-komunità, iċ-ċentri għall-ġestjoni tal-iskart; proġetti ambjentali għar-riabilitazzjoni u t-titjib ta' żoni ta' proprjetà pubblika (bħal riżervi, passaġġi tax-xmajjar jew mollijiet u żoni ta' interpretazzjoni tan-natura); infrastruttura u servizzi diġitali għall-iżvilupp ta' kooperattivi ta' prodotti ekoloġiċi jew skemi komunitarji għal xiri u bejgħ konġunt fuq l-internet.
- iii. Appoġġ għal żewġ proġetti tar-RŻI fil-qasam tal-ħżin tal-enerġija u l-idroġenu ekoloġiku. Il-proġetti għandhom jadattaw l-installazzjonijiet u l-laboratorji ta' CIUDEN (*Ciudad de la Energía*) — fondazzjoni tar-RŻI tal-Gvern stabbilita f'Bierzo (Leon) marbuta mal-Istitut għal Tranżizzjoni Ġusta u skont il-Ministeru tat-Tranżizzjoni Ekoloġika u l-Isfida Demografika — għal żewġ proġetti tar-RŻI dwar il-produzzjoni tal-idroġenu ekoloġiku u l-ħżin tal-enerġija; u għal
- iv. Appoġġ għat-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-impjegabbiltà tal-ħaddiema u tal-persuni affettwati mit-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, b'mill-inqas 840 individwu li jirċievu assistenza personalizzata għat-tfittix ta' impjieg

u/jew perkorsi ta' taħriġ mill-ġdid. L-assistenza ta' rikwalifikazzjoni għandha tkopri mill-inqas l-oqsma li ġejjin: l-installazzjoni u l-manutenzjoni tal-enerġija rinnovabbli (mir-riħ u fotovoltajka), ir-restawr u l-ġestjoni ambjentali, u/jew ir-riabilitazzjoni integrata u tal-enerġija tad-djar.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

J.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Ara t-tabella ta' hawn taħt. Id-data tal-linja bażi għall-indikaturi kollha hija l-1 ta' Frar 2020 sakemm ma jkunx indikat mod ieħor fid-deskrizzjoni tal-azzjoni. L-ammonti fit-tabella ma jinkludux il-VAT.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
137	C10.R1	M	Il-ħolqien tal-Istitut għall-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta	Pubblikazzjoni fil-ĠU				Q-1	2020	Permezz tad-Digriet Irjali 500/2020, il-ħolqien tal-Istitut għall-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta. L-għan tal-Istitut huwa li jidentifika u jadotta miżuri, ibbażati fuq is-solidarjetà, li jiggwarantixxu trattament ekwu tal-ħaddiema u t-territorji affettwati mit-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, jimminimizzaw l-impatti negattivi fuq l-impjiegi u l-popolazzjoni ta' dawn it-territorji u jottimizzaw l-opportunitajiet tal-proċess ta' trasformazzjoni.
138	C10.R1	T	Protokoll ta' tranżizzjoni ġusta u Kunsill Konsultattiv	—	Numru	0	12	Q-2	2023	Wara proċess parteċipattiv, il-pubblikazzjoni fuq is-sit web ta' Tranżizzjoni Ġusta ta' 12 protokoll ta' tranżizzjoni ġusta, li jinkludu impenji dwar l-impjiegi, ir-restawr ambjentali u l-iżvilupp ekonomiku u soċjali għall-popolazzjoni lokali f' 12 żona affettwata. Kull wieħed mill-protokoll ta' Tranżizzjoni Ġusta għandu jkopri mill-inqas żona affettwata mill-għeluq ta' impjant tal-enerġija li jaħdem bil-faħam. Il-ħolqien ta' Kunsill Konsultattiv, magħmul minn rappreżentanti mid-dipartimenti ministerjali u rappreżentanti mill-awtoritajiet lokali u reġjonali li għandu jipprovdi pariri u jivvaluta l-impatt tal-politiki ta' tranżizzjoni ġusta
139	C10.II	M	Programm ta' għajnuna għat-taħriġ għal “tranżizzjoni ġusta” u l-għoti ta' għajnuna għall-iżvilupp ekonomiku ta' żoni ta' tranżizzjoni ġusta	Pubblikazzjoni fil-ĠU				Q-4	2021	Pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali ta': (a) Ordni li tapprova l-qafas regolatorju għall-programm ta' għajnuna għat-taħriġ ta' “tranżizzjoni ġusta”, li tispeċifika l-pjan ta' appoġġ għall-kwalifika vokazzjonali u l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol tal-ħaddiema u l-persuni affettwati mit-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju; u (b) Ordni li tistabbilixxi l-bażijiet regolatorji għall-għoti ta' għajnuna għall-iżvilupp ekonomiku ta' żoni ta' tranżizzjoni ġusta, permezz tal-iżvilupp ta' infrastruttura ambjentali, diġitali u soċjali fil-muniċipalitajiet u t-territorji fi tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju.
140	C10.II	T	Appoġġ għal proġetti ta' infrastruttura ambjentali, diġitali u soċjali.	—	Numru	0	100	Q-4	2022	Pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-għoti ta' mill-inqas EUR 91 000 000 għal mill-inqas 100 proġett ta' infrastruttura ambjentali, diġitali u soċjali fil-muniċipalitajiet u t-territorji fi tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Il-100 proġett ta' infrastruttura ambjentali, diġitali u soċjali għandhom ikunu jinsabu f' muniċipalitajiet u territorji f' Żoni ta' Tranżizzjoni Ġusta.
431	C10.II	T	Appoġġ għal proġetti ta' infrastruttura ambjentali, diġitali u soċjali		Numru	100	130	Q-4	2024	Pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-għoti ta' mill-inqas EUR 11 000 000 għal mill-inqas 30 proġett ta' infrastruttura ambjentali, diġitali u soċjali fil-muniċipalitajiet u t-territorji fi tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Il-proġetti ta' infrastruttura ambjentali, diġitali u soċjali għandhom ikunu jinsabu

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										f' muniċipalitajiet u territorji f' Żoni ta' Tranżizzjoni Ġusta. (Linja bażi: 31 ta' Diċembru 2022)
141	C10.II	T	Għajnuna għat-tfittix ta' impjeg u taħriġ mill-ġdid għal persuni qiegħda	—	Numru	0	840	Q-4	2025	Mill-inqas 840 individwu li bbenefikaw minn assistenza personali għat-tfittix ta' impjeg u/jew perkorsi individwali ta' taħriġ mill-ġdid għal persuni qiegħda f'żoni ta' tranżizzjoni ġusta. Il-mogħdijiet ta' taħriġ mill-ġdid għandhom ikopru mill-inqas l-oqsma li ġejjin: l-installazzjoni u l-manutenzjoni tal-enerġija rinnovabbli (mir-riħ u fotovoltajka), ir-restawr u l-ġestjoni ambjentali, u/jew ir-riabilitazzjoni integrata u tal-enerġija tad-djar.
142	C10.II	T	Proġetti ta' investiment biex jiġu adattati l-faċilitajiet industrijali għall-idroġenu ekoloġiku u l-ħżin tal-enerġija.	—	Numru	0	2	Q-4	2025	It-tlestija ta' żewġ proġetti ta' investiment biex jiġu adattati l-faċilitajiet industrijali bħala <i>Infraestructura Científica y Técnica Singular</i> (ICTS) futura għall-validazzjoni tal-produzzjoni tal-idroġenu ekoloġiku u l-ħżin tal-enerġija. Il-proġetti għandhom jadattaw l-installazzjonijiet u l-laboratorji ta' Ciudad de la Energía (CIUDEN) għal żewġ proġetti ta' RŻI dwar il-produzzjoni tal-idroġenu ekoloġiku u l-ħżin tal-enerġija.
143	C10.II	T	Art riabilitata f'minjieri tal-faħam magħluqa jew f'żoni kontigwi għall-impjanti tal-enerġija.	—	Numru (ettari)	0	2 000	Q-2	2026	Mill-inqas 2 000 ettaru ta' art riabilitata f'siti magħluqa ta' estrazzjoni tal-faħam jew f'żoni li jmissu ma' impjanti tal-enerġija termali jew nukleari. L-erja tas-superfiċje ta' art riabilitata f'żoni kkontaminati, b'mod partikolari siti ta' estrazzjoni tal-faħam jew art li tmiss ma' impjanti tal-enerġija termali jew nukleari, u fejn l-impjanti u l-faċilitajiet tal-estrazzjoni jiġu żarmati, u l-ħamrija tiġi riabilitata u soġġetta għal proċessi ta' rifořestazzjoni jew ta' riveġetazzjoni, installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli jew żvilupp ekonomiku ekoalternattiv.

K. IL-KOMPONENT 11: IL-MODERNIZZAZZJONI TAL-AMMINISTRAZZJONIJIET PUBBLIĊI

Dan il-komponent tal-pjan Spanjol għall-irkupru u r-reżiljenza għandu jindirizza l-isfidi li jikkonċernaw l-amministrazzjoni pubblika, inkluż l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja, il-kapaċità amministrattiva, u l-kooperazzjoni bejn il-livelli differenti tal-gvern. Għandha l-għan li timmodernizza l-amministrazzjonijiet pubbliċi ta' Spanja, billi tirrifirma l-proċessi amministrattivi, l-akkwist pubbliku, il-ġustizzja, l-impjiegi pubbliċi inklużi l-politiki dwar ir-riżorsi umani; iżidu l-aċċessibbiltà u l-effiċjenza tas-servizzi pubbliċi billi jkomplu jiddigitalizzawhom; jippromwovu l-iffrankar tal-enerġija, l-użu tal-enerġija rinnovabbli fil-bini u l-infrastruttura pubbliċi, jagħtu spinta lill-mobbiltà sostenibbli tal-impjegati pubbliċi; u ssaħħa il-kapaċità amministrattiva tal-amministrazzjonijiet pubbliċi biex jimmonitorjaw, jikkontrollaw u jimplimentaw il-politiki pubbliċi. Il-miżuri ewlenin biex jintlaħqu dawn l-għanijiet għandhom ikunu dawn li ġejjin:

- a) Jirrifirmaw l-amministrazzjonijiet pubbliċi ċentrali, reġjonali u lokali billi jtejbu l-kooperazzjoni bejniethom, isaħħu l-qafas tal-akkwist pubbliku, l-evalwazzjoni tal-politiki pubbliċi u jrawmu t-tranżizzjoni lejn kuntratti ta' impjieg indefiniti;
- b) Id-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjonijiet u l-proċessi b'ħames proġetti prijoritarji f'oqsma strateġiċi: il-ġustizzja, is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi, id-data dwar is-saħħa pubblika, il-ġestjoni tal-konsulati u l-amministrazzjoni territorjali;
- c) Il-pjan ta' tranżizzjoni tal-enerġija tal-gvern ċentrali;
- d) It-tisħiħ tal-kapaċitajiet amministrattivi.

Dan il-komponent tal-pjan Spanjol għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż dwar it-tisħiħ tal-qafas tal-akkwist pubbliku (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 2019 u 4 2020), it-trawwim tat-tranżizzjoni lejn kuntratti indefiniti (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 2019), il-forniment minn qabel ta' proġetti ta' investiment pubbliku u l-iffokar tal-investiment fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2019, 3 2020, 1 2022 u 1 2023) u t-titjib tal-kooperazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 4 2019 u 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

K.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma 1 (C11.R1) — Riforma għall-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni

Din il-miżura għandha tiġi artikulata f'diversi linji ta' azzjoni biex jiġu indirizzati d-dgħufijiet fil-politiki tal-impjiegi tal-amministrazzjonijiet pubbliċi, jissaħħu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni fost il-livelli differenti tal-gvern, u jittejjeb il-mod kif il-gvern ċentrali jimplimenta l-politiki pubbliċi. Fir-rigward tal-politiki dwar l-impjiegi, l-oġġettiv huwa li titnaqqas ir-rata ta' impjegati temporanji fl-amministrazzjonijiet pubbliċi u li jissaħħu l-kapaċitajiet pubbliċi tal-impjiegi billi nimxu lejn mudell ta' riżorsi umani bbażat fuq il-kompetenza, inkluż għal skopijiet ta' reklutaġġ. It-tieni linja ta' azzjoni hija li tiġi żviluppata aktar l-evalwazzjoni ex ante tal-politika u tiżdied it-trasparenza u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fit-tfassil tal-politika pubblika, inkluża liġi ġdida dwar it-trasparenza u l-integrità fl-attivitajiet tal-gruppi ta' interess. Fl-aħħar nett, ir-riforma għandha ssaħħa l-istrumenti

eżistenti għall-kooperazzjoni fost il-livelli differenti tal-gvernijiet fi Spanja. Dan għandu jsaħħaħ ir-rwol tal-konferenzi settorjali, il-korpi eżistenti għall-kooperazzjoni mar-reġjuni, billi jiċċara meta jistgħu jilhqgħu ftehimiet ta' konformità obbligatorja. Ir-riforma għandha ssaħħaħ ukoll il-Konferenza tal-Presidenti (fejn il-Prim Ministru u l-Presidenti tal-Komunitajiet Awtonomi jiltaqgħu fl-ogħla livell). Ir-riforma tikkonċerna wkoll strumenti li permezz tagħhom hija possibbli l-kooperazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi, għandha tistabbilixxi interkonnessjoni interamministrattiva diġitali u interoperabbiltà bejn il-pjattaformi tal-IT tal-gvern ċentrali u reġjonali. Ir-riforma għandha taġġorna wkoll il-Qafas tas-Sigurtà Nazzjonali.

L-implimentazzjoni ta' din il-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

Riforma 2 (C11.R2) — Riforma biex tingħata spinta lill-istat tad-dritt u l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja

Il-liġi 3/2020 tat-18 ta' Settembru, u l-programm Ġustizzja 2030 jistabbilixxu pjan direzzjonali għar-riforma tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja fi Spanja. F'dan il-kuntest, din il-miżura għandha timmodernizza s-sistema ġudizzjarja sad-dħul fis-seħħ (b'kont meħud tal- "*vacatio legis*" stabbilit f'kull liġi),

sal-31 ta' Diċembru 2022 ta':

- (a) Id-digriet Amministrattiv Irjali dwar l-effiċjenza proċedurali, li għandu jqassar it-tul tal-proċeduri fil-ġurisdizzjonijiet kollha filwaqt li jippreserva l-garanziji proċedurali taċ-ċittadini;
- (b) Il-liġi tad-Digriet Royal-dwar l-effiċjenza diġitali, li għandha tippromwovi arkitettura mmexxija mid-data għall-ġestjoni tal-informazzjoni.

sal-31 ta' Diċembru 2024 ta':

- (c) Il-liġi dwar l-effiċjenza organizzazzjonali u proċedurali tas-sistema ġudizzjarja, li għandha temenda l-organizzazzjoni tal-mappa ġudizzjarja u tistabbilixxi mezzi alternattivi għas-soluzzjoni tat-tilwim. Din il-liġi għandha tissostitwixxi l-għadd kbir ta' qradi unipersonali tal-prim' istanza b' 431 organu kolleġġjali (*Tribunales de Instancia*) u timplimenta l-Uffiċċju Ġudizzjarju.
- (d) Il-liġi dwar id-dritt għad-difiża li għandha tiżviluppa u ssaħħaħ id-dritt fundamentali għal proċess ġust u fl-aħħar mill-aħħar tikkontribwixxi biex tagħti spinta lill-istat tad-dritt.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2023.

Riforma 3 (C11.R3) — Riforma għall-immodernizzar tal-arkitettura istituzzjonali tal-governanza ekonomika

Din il-miżura għandha tirriforma aspetti tal-qafas ta' governanza ekonomika istituzzjonali, inkluż billi tħaffef u tippromwovi d-diġitalizzazzjoni tal-proċessi. Dan għandu jinkludi: a) riforma ta' kif *il-Caja General de Depósitos* (Fond Ġenerali tad-Depożiti) jittratta l-garanziji, biex jagħmilhom elettroniċi; b) il-ħolqien tal-Awtorità għall-Protezzjoni tal-Klijenti Finanzjarji, bl-għan li tiggarantixxi d-drittijiet tal-klijenti finanzjarji; c) it-titjib tal-qafas istituzzjonali biex jiġu riżolti l-istituzzjonijiet finanzjarji, permezz ta' liġi li temenda l-qafas ta' riżoluzzjoni istituzzjonali attwali; u d) timmodernizza s-superviżjoni tal-oqsma finanzjarji u tal-awditjar, permezz tar-riforma tal-Pjan Ġenerali ta' Kontabilità u r-Regolament dwar l-Awditjar.

Ir-riforma għandha tinkludi wkoll a) liġi tas-servizzi għall-klijenti (inklużi s-servizzi finanzjarji) li tistabbilixxi standards ta' kwalità u tipprovdi servizz aktar effiċjenti lill-klijenti; u b) il-pubblikazzjoni ta' ktieb ekoloġiku għall-promozzjoni ta' finanza sostenibbli fi Spanja.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

Riforma 4 (C11.R4) — Strateġija nazzjonali għall-akkwist pubbliku

Din ir-riforma għandha tiffinalizza l-implimentazzjoni tar-riforma tal-akkwist pubbliku prevista fil-Liġi 9/2017 dwar il-kuntratti tas-settur pubbliku (bħala l-att ewlieni tat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE Test b'rilevanza għaż-ŻEE). Dan għandu jistabbilixxi struttura ta' governanza biex tiġi indirizzata l-ħtieġa għal qafas konsistenti tal-akkwist pubbliku li jiżgura t-trasparenza, il-mekkaniżmi ta' kontroll effettivi, l-interkonnnessjoni tal-bażijiet tad-data tal-akkwist pubbliku fost il-livelli kollha tal-Gvern, u l-koordinazzjoni fil-livelli kollha tal-gvern, sabiex: I) l-Uffiċċju Nazzjonali ta' Evalwazzjoni jsir kompletament operattiv u ii) tiġi adottata l-Istrateġija Nazzjonali għall-Akkwist Pubbliku.

Spanja diġà ħolqot l-Uffiċċju indipendenti għar-Regolamentazzjoni u s-Superviżjoni tal-Akkwist Pubbliku u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Evalwazzjoni. Din ir-riforma għandha tindirizza wkoll problemi relatati mal-forniment limitat ta' informazzjoni u bażijiet ta' data dwar l-akkwist pubbliku, kif ukoll dgħufijiet fl-istruttura tal-ikkuntrattar tal-akkwist pubbliku. Għal dan l-għan, ir-riforma għandha: a) ittejjeb l-effiċjenza tal-akkwist pubbliku (proċessi, riżultati, data u informazzjoni); b) jippromwovu l-professjonalizzazzjoni tal-atturi (f'konformità mar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni ta' Ottubru 2017); c) ittejjeb l-aċċess għall-SMEs; u d) issaħħaħ il-qafas legali tal-akkwist pubbliku diġitali.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

Riforma 5 (C11.R5) — Kapaċità amministrattiva

Din ir-riforma għandha timmodernizza l-funzjonament intern tal-amministrazzjonijiet pubbliċi biex ittejjeb l-implimentazzjoni tal-pjan Spanjol għall-irkupru u r-reżiljenza, bil-ħsieb li jkun hemm impatt fit-tul fuq l-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti futuri mill-amministrazzjoni pubblika Spanjola. B'mod ġenerali, flimkien mal-Investment 5, hija għandha tirriforma l-kapaċità tal-amministrazzjonijiet pubbliċi biex jiżguraw implimentazzjoni xierqa tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. Dan jimplika l-ħolqien ta' sistema integrata ta' informazzjoni u ġestjoni; jiżviluppaw attivitajiet ta' taħriġ għal dawk involuti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza; u tuża attivitajiet ta' komunikazzjoni biex tindirizza l-parteċipanti u l-benefiċjarji potenzjali tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, flimkien mad-ditti u l-unitajiet domestiċi b'mod ġenerali, biex isiru konxji tal-possibbiltajiet offruti mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.

Il-governanza, ir-rappurtar u l-monitoraġġ tal-azzjonijiet inklużi fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għandhom jintużaw permezz ta' mudell ġdid ta' ġestjoni amministrattiva u finanzjarja biex jiġi żgurat li l-azzjonijiet stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jiġu implimentati kif xieraq. Dan il-mudell uniformi għandu jiġi ċċentralizzat fi ħdan is-Segretarjat Ġenerali għall-Fondi Ewropej u għandu jintuża fil-ministeri li jirrapportaw, l-unitajiet tal-ICT korrispondenti tagħhom u, possibbilment, l-amministrazzjonijiet pari fir-reġjuni (Komunitajiet Awtonomi). Għal dan l-għan, il-gvern ċentrali adotta d-Digriet Amministrattiv Irjali 36/2020.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2021.

Investiment 1 (C11.I1) — Modernizzazzjoni tal-Amministrazzjoni Ġenerali tal-Istat

L-azzjonijiet taħt l-investimenti f'C11.I1 u C11.I3 huma żviluppati skont l-istess prinċipji, b'I1 immirat lejn il-gvern ċentrali, u I3 lejn l-awtoritajiet reġjonali u lokali. Dan li ġej għandu jsir għal dawn l-entitajiet kollha:

- a) Amministrazzjoni orjentata lejn iċ-ċittadini, it-titjib tas-servizzi pubbliċi diġitali pprovduti liċ-ċittadini u lin-negozji u l-implimentazzjoni ta' miżuri f'konformità mal-Aġenda Diġitali Spanjola 2025;
- b) Governanza intelliġenti tal-operazzjonijiet u tad-data, li ttejjeb il-kwalità u l-effiċjenza tal-ġestjoni tas-servizzi tal-amministrazzjonijiet pubbliċi (jiġifieri l-akkwist pubbliku), inkluż il-fluss tad-data, permezz tal-użu ta' teknoloġiji intelliġenti ta' awtomatizzazzjoni u infrastrutturi diġitali;
- c) L-infrastrutturi diġitali u ċ-ċibersigurtà, bl-għan li jipprovdu l-infrastruttura teknoloġika tal-amministrazzjoni pubblika Spanjola meħtieġa għall-modernizzazzjoni tagħhom. Fir-rigward taċ-ċibersigurtà, din il-miżura għandha tistabbilixxi Ċentru tal-Operazzjonijiet taċ-Ċibersigurtà għall-Amministrazzjoni Ġenerali tal-Istat kollha u għall-Aġenziji Pubbliċi tagħha, għall-protezzjoni kontra t-tħedd id taċ-ċibersigurtà;

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 2 (C11.I2) — Proġetti speċifiċi għad-diġitalizzazzjoni tal-gvern ċentrali

Dan l-investiment għandu jwassal għal adozzjoni aktar ġeneralizzata tad-diġitalizzazzjoni u l-iżvilupp tas-servizzi diġitali fl-amministrazzjoni pubblika kollha. L-oqsma ta' politika għall-implimentazzjoni ta' trasformazzjoni diġitali huma:

- a) Is-sistema tas-saħħa. L-investiment għandu jiżviluppa aktar il-funzjonalitajiet tas-sistemi ta' informazzjoni dwar is-saħħa, kif ukoll jippromwovi l-analitika tad-data;
- b) Is-sistema ġudizzjarja. L-investiment għandu jipprovdi liċ-ċittadini u lill-operaturi legali b'għodod diġitali biex jimmaniġġjaw aħjar ir-relazzjoni tagħhom mal-amministrazzjoni tal-ġustizzja;
- c) Is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi. L-investiment għandu jaġġorna s-sistemi tal-IT li jirfdu l-ġestjoni tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol;
- d) L-inklużjoni, is-sigurtà soċjali u l-migrazzjoni. L-investiment għandu jgħammar lill-Ministeru kompetenti b'għodod diġitali li jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti għall-gruppi l-aktar żvantaġġati, kif ukoll l-użu ta' informazzjoni biex jiġu żviluppati miżuri korrettivi jew ta' mitigazzjoni addizzjonali;
- e) Servizzi konsulari. L-investiment għandu jtejjeb l-aċċess għas-servizzi diġitali tal-amministrazzjoni pubblika Spanjola kemm għaċ-ċittadini Spanjoli residenti barra mill-pajjiż kif ukoll għaċ-ċittadini barranin li jgħixu fi Spanja; Inizjattivi pilota fl-oqsma tas-sigurtà u tal-agrikoltura.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 3 (C11.I3) — Trasformazzjoni diġitali u modernizzazzjoni tal-Ministeru tal-Politika Territorjali us-Serv Ċivili, is-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa, u tal-amministrazzjoni tal-Komunitajiet Awtonomi u tal-awtoritajiet lokali

L-azzjonijiet taħt dan l-investiment isegwu l-istess prinċipji deskritti f'C11.I1, immirati lejn il-gvernijiet reġjonali u lokali.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 4 (C11.I4) — Pjan ta' tranżizzjoni tal-enerġija fl-Amministrazzjoni Ġenerali tal-Istat

Il-miżura għandha tippromwovi l-iffrankar u l-effiċjenza tal-enerġija fil-bini u l-infrastruttura tal-gvern ċentrali. Il-miżura għandha tikseb medja ta' tnaqqis fid-domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 30 % ivverifikata miċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija. L-investiment għandu jikkontribwixxi għar-rinnovazzjoni tal-erja tal-art tal-bini sabiex jiżdied l-għadd ta' faċilitajiet bi klassifikazzjoni għolja tal-enerġija u, b'mod partikolari, bini b'użu ta' kważi żero enerġija. L-investiment għandu jippromwovi wkoll l-implimentazzjoni ta' sistemi fotovoltajċi solari, jew enerġiji rinnovabbli oħra fil-faċilitajiet tal-amministrazzjoni tal-gvern ċentrali. Il-miżura għandha tħeġġeġ ukoll it-trasformazzjoni tal-flotta tal-vetturi ta' vetturi pubbliċi għal daww b'emissjonijiet żero jew b'emissjonijiet baxxi²⁴.

Huwa mistenni li din il-miżura ma tagħmilx ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżura u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). B'mod partikolari, it-trasformazzjoni tal-flotta tal-vetturi pubbliċi għandha tappoġġa biss vetturi b'emissjonijiet żero jew baxxi²⁵.

L-investiment għandu jinkludi kemm investiment fil-kapital fiss (infrastruttura u bini pubbliku) kif ukoll fil-kapital naturali (l-azzjonijiet kollha jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra).

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 5 (C11.I5) — Trasformazzjoni tal-amministrazzjoni għall-implimentazzjoni tal-Pjan Spanjol għall-Irkupru u r-Reżiljenza

Dan l-investiment huwa marbut mar-Riforma R5 ta' dan il-komponent. Hija għandha tadatta l-funzjonament tal-amministrazzjoni pubblika biex tiffaċċja l-isfidi ppreżentati mill-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. Il-miżura għandha timmodernizza s-sistema ta' informazzjoni u l-mezzi ta' komunikazzjoni biex taqsa l-informazzjoni fil-livelli kollha tal-gvern u maċ-ċittadini, il-kumpaniji u l-benefiċjarji potenzjali. Il-miżura għandha tinkludi wkoll taħriġ immirat għall-persunal tal-amministrazzjoni pubblika ġenerali stmat li jilħaq mill-inqas 3 150 individwu matul l-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

²⁴ Inqas minn 50 gCO₂/km f'konformità mal-kategorija ta' "vetturi nodfa" tad-Direttiva 2009/33/KE riveduta dwar il-Vetturi Nodfa.

²⁵ Inqas minn 50 gCO₂/km f'konformità mal-kategorija ta' "vetturi nodfa" tad-Direttiva 2009/33/KE riveduta dwar il-Vetturi Nodfa.

K.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Ara t-tabella ta' hawn taħt. Id-data tal-linja bażi għall-indikaturi kollha hija l-1 ta' Frar 2020 sakemm ma jkunx indikat mod ieħor fid-deskrizzjoni tal-azzjoni. L-ammonti fit-tabella ma jinkludux il-VAT.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
144	C11.R1	M	Dħul fis-seħħ ta' att leġislativ biex jitnaqqas l-impjieg temporanju fl-amministrazzjonijiet pubbliċi	Dispożizzjoni fl-att leġislativ li tindika d-dħul fis-seħħ tal-att				Q-2	2021	Id-dħul fis-seħħ ta' Att Leġislativ li jistipula miżuri biex jitnaqqas l-impjieg temporanju fl-impjieg pubbliku u dispożizzjonijiet effettivi għall-prevenzjoni u l-penalizzazzjoni tal-abbużi, inkluż l-obbligu li jiġu ppubblikati s-sejthet kollha għall-proċeduri ta' stabbilizzazzjoni tal-persunal temporanju sal-31 ta' Diċembru 2022. Dan l-Att Leġislativ għandu jkun applikabbli għall-amministrazzjonijiet pubbliċi tal-Istat, reġjonali u lokali.
145	C11.R1	M	Dħul fis-seħħ tal-emenda għal-Liġi 40/2015 u l-ordnijiet ministerjali li jsaħħu l-kooperazzjoni interterritorjali	Dispożizzjoni fl-att legali u l-ordnijiet ministerjali li tindika d-dħul fis-seħħ tagħhom				Q-4	2022	Id-dħul fis-seħħ tal-emenda għal-Liġi 40/2015 u l-ordnijiet ministerjali biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni interterritorjali li għandha tkopri l-elementi li ġejjin: I) tippermetti l-ħolqien ta' konferenzi multisettorjali, ii) tispjega l-proċeduri tat-tehd tad-deċiżjonijiet fil-Konferenzi Settorjali, inkluż meta jiġġeneraw ftehimiet ta' konformità obbligatorja; III) it-tisħiħ tal-Konferenza tal-Presidenti permezz tal-ħolqien ta' Segretarjat permanenti; IV) tipprevedi t-tħejjija, l-approvazzjoni u l-pubblikazzjoni obbligatorji tal-oġġettivi ta' politika pluriennali u l-indikaturi tar-risultati kif ukoll mekkaniżmi trasparenti ta' monitoraġġ u evalwazzjoni; u v) l-istabbiliment ta' interkonnessjoni u interoperabbiltà interamministrattivi diġitali bejn il-pjattaformi tal-IT tal-gvern ċentrali u reġjonali. Fir-rigward tal-oġġettivi i), ii) u iv),

Numru	Tip ta' miżura	Stadju important i /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										l-ordnijiet ministerjali għandhom jiġu kkonsultati mal-Komunitajiet Awtonomi fi proċess parteċipattiv, inklużiv u trasparenti.
146	C11.R1	M	Dħul fis-seħħ tal-liġi biex tissaħħaħ l-evalwazzjoni tal-politiki pubbliċi	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-liġi				Q-4	2022	Id-dħul fis-seħħ tal-Liġi dwar l-Evalwazzjoni b'sett ta' azzjonijiet biex jissaħħu l-politiki pubbliċi bbażati fuq evalwazzjoni ex ante. L-għanijiet huma: I) it-tisħiħ tar-reġim tal-Istitut Nazzjonali tal-Evalwazzjoni (Istituto de Evaluación de Políticas Públicas) attwali biex jagħtih indipendenza organizzattiva u funzjonali; II) jipprovi lill-Istitut bil-kapaċità u l-mezzi biex jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu; III) inkluż il-prinċipju ta' evalwazzjoni sistematika ex ante tal-politiki; u iv) il-preservazzjoni tal-mandat ta' korpi u aġenziji oħra, inkluż l-AIReF.
147	C11.R1	M	Dħul fis-seħħ tar-riforma tal-Liġi 7/1985 dwar ir-reġimi amministrattivi lokali u l-emenda tad-Digriet Irjali 1690/1986, tal-11 ta' Lulju, li japprova r-Regolament dwar il-Popolazzjoni u d-Demarkazzjoni	Dispożizzjoni fil-liġi u d-digriet irjali li jimplimenta r-riformi li jindika d-dħul fis-seħħ tagħhom				Q-4	2022	Dħul fis-seħħ tal-emenda tal-Liġi 7/1985 li tirregola r-reġimi amministrattivi lokali u tal-emenda tad-Digriet Irjali 1690/1986, tal-11 ta' Lulju, li tapprova r-Regolament dwar il-Popolazzjoni u d-Demarkazzjoni Territorjali tal-Entitajiet Lokali. L-emenda tal-Liġi 7/1985 li tirregola r-reġimi amministrattivi lokali għandha tikkontribwixxi għal: I) l-aċċellerazzjoni u t-tweessigh tal-użu tas-servizzi pubbliċi lokali, inkluż permezz ta' mezzi diġitali bħall-apps, u ii) l-appoġġ ta' bliet żgħira fil-forniment tagħhom ta' servizzi pubbliċi. L-emenda għad-Digriet Irjali

Numru	Tip ta' miżura	Stadju important i /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
			Territorjali tal-Entitajiet Lokali							1690/1986, ta' Lulju 11, li tapprova r-Regolament dwar il-Popolazzjoni u d-Demarkazzjoni Territorjali tal-Entitajiet Lokali għandha taġġorna u ttejjeb iċ-ċensiment muniċipali tal-abitanti ġestit mill-muniċipalitajiet. Ir-riformi għandhom ikunu akkumpanjati minn valutazzjoni tal-impatt, inklużi aspetti ta' sostenibbiltà fiskali.
148	C11.R1	M	Dħul fis-seħħ ta' miżuri regolatorji relatati mas-servizz pubbliku tal-Amministrazzjoni tal-Istat	Dispożizzjoni fid-digriet (i) irjali — liġi u ordni (jiet) ministerjali li timplimenta l-elementi tar-riforma li tindika d-dħul fis-seħħ tagħhom				Q-4	2022	Id-dħul fis-seħħ ta' miżuri regolatorji relatati mas-servizz ċivili tal-Amministrazzjoni tal-Istat. Il-miżuri għandhom isaħħu l-kapaċità tal-amministrazzjoni li tattira u żżomm it-talent meħtieġ biex twettaq il-kompiti attwali tagħha, inkluż fl-oqsma tal-informazzjoni u tat-telekomunikazzjoni. Il-miżuri għandhom jinkludu l-elementi li ġejjin: I) ir-rivitalizzazzjoni tal-istrumenti għall-ippjanar, l-organizzazzjoni u l-ġestjoni tar-riżorsi umani; jiggarantixxi l-effettività tal-prinċipji tal-ugwaljanza, tal-mertu u tal-kapaċità fl-aċċess, kif ukoll it-trasparenza u l-aġilità tal-proċessi tal-għażla; III) ir-regolamentazzjoni tal-valutazzjoni u l-prestazzjoni skont qafas ibbażat fuq il-kompetenza, inkluż għal reklutaġġ ġdid; u iv) aċċess għal karigi ta' uffiċjali għolja taċ-ċivil (jiġifieri, <i>subdirectores generales</i> u pożizzjonijiet simili) abbażi tal-mertu u l-kompetizzjoni. Il-miżuri regolatorji għandhom jieħdu l-forma ta' digriet legali rjali għall-elementi ii) u iii); u

Numru	Tip ta' miżura	Stadju important i /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										tal-ordni (jiet) ministerjali għall-elementi i) u iv).
149	C11.R1	M	L-istatuti tal-korp pubbliku ta' evalwazzjoni l-ġdid	Dispożizzjoni fid-digriet irjali li tindika d-dħul fis-seħħ tad-digriet irjali				Q-3	2023	Id-dħul fis-seħħ ta' Digriet Irjali tal-Istatuti tal-korp pubbliku Nazzjonali l-ġdid tal-Evalwazzjoni. L-għanijiet ta' dan id-digriet irjali huma: (I) li jipprovi lill-korp pubbliku Nazzjonali tal-Evalwazzjoni bil-kapaċità u l-mezzi biex jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu rigward l-istandardizzazzjoni metodoloġika għall-evalwazzjoni ex ante tal-politika pubblika; (II) it-tweqqif ta' evalwazzjonijiet tal-politika pubblika; u (iii) l-inklużjoni tal-prinċipju ta' evalwazzjoni sistematika ex ante tal-politika, bl-eċċezzjonijiet previsti fil-Liġi.
150	C11.R1	T	L-istabbilizzazzjoni tal-impjiegi pubbliċi		Numru		300 000	Q-4	2024	Tlestija ta' proċeduri ta' reklu ta' biex jiġi stabbilizzat l-impjieg (permezz ta' kuntratti indefiniti jew postijiet ta' persunal statutorju) li jinvolvu mill-inqas 300 post (inklużi dawk li jirriżultaw mill-proċeduri ta' stabbilizzazzjoni tal-000 u l-2017)
432	C11.R1	M	Il-liġi dwar it-Trasparenza u l-Integrità fl-Attivitajiet tal-Gruppi ta' Interess	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-liġi u l-awditu tal-IT li jivverifika li r-reġistru huwa operazzjonali				Q-4	2024	Id-dħul fis-seħħ ta' liġi li tirregola r-relazzjonijiet bejn il-lobbisti (inklużi NGOs, think tanks, assoċjazzjonijiet kummerċjali, assoċjazzjonijiet bi skop ta' qligħ u mingħajr skop ta' qligħ, trade unions, organizzazzjonijiet tan-negozju, u avukati meta l-għan tagħhom ikun li jinfluwenzaw il-politika aktar milli jipprovdu assistenza legali) u s-settur pubbliku. Il-liġi għandha

Numru	Tip ta' miżura	Stadju important i /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										tistabbilixxi reġistru pubbliku u obbligatorju ta' gruppi ta' interess li għandu jiġi mmonitorjat minn korp indipendenti b'kapaċità u mezzi (riżorsi umani, finanzjarji u tekniċi) u setgħat superviżorji u ta' sanzjonar. Il-liġi għandha tipprevedi wkoll l-interkonnessioni tar-reġistru l-ġdid mar-reġistri reġjonali eżistenti tal-gruppi ta' interess. Ir-reġistru għandu jkun operattiv, inkluż fir-rigward tal-interkonnnettività msemmija hawn fuq. Għandu jitwettaq awditu tal-IT biex tiġi vverifikata l-operazzjonalità.
433	C11.R1	M	Aġġornament tal-Qafas tas-Sigurtà Nazzjonali	Dispożizzjoni fid-digriet irjali li tindika d-dħul fis-seħħ tiegħu				Q-2	2023	Dħul fis-seħħ ta' digriet irjali li jaġġorna l-Qafas tas-Sigurtà Nazzjonali. Id-digriet irjali għandu: I) jaġġusta r-reqwiziti tal-Qafas tas-Sigurtà Nazzjonali għar-realtà ta' ċerti gruppi jew tipi ta' sistemi, filwaqt li jintroduċi l-kunċett ta' "profil ta' konformità speċifiku"; II) tallinja l-Qafas tas-Sigurtà Nazzjonali mal-qafas regolatorju u l-kuntest strateġiku biex tiġi ggarantita s-sigurtà fl-amministrazzjoni pubblika diġitali, f'konformità mal-Istrateġija Nazzjonali ta' Ċibersigurtà 2019 u l-Pjan Nazzjonali ta' Ċibersigurtà; u iii) tiffaċilita rispons aħjar għax-xejriet ta' ċibersigurtà, tnaqqas il-vulnerabbiltajiet u tippromwovi viġilanza kontinwa billi tirrieżamina l-prinċipji bażiċi, ir-reqwiziti minimi u l-miżuri ta' sigurtà.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju important i /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
151	C11.R2	M	Dħul fis-seħħ tal-Liġi 3/2020 dwar miżuri proċedurali u organizzattivi fil-qasam tal-Ġustizzja	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-liġi				Q-3	2020	Id-dħul fis-seħħ tal-Liġi 3/2020 tat-18 ta' Settembru dwar miżuri proċedurali u organizzattivi biex tiġi indirizzata l-COVID-19 fil-qasam tal-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja.
152	C11.R2	M	Dħul fis-seħħ tad-Digriet Amministrattiv Irjali li jtejjeb l-effiċjenza tal-proċeduri ġudizzjarji u d-Digriet Amministrattiv Irjali dwar l-effiċjenza diġitali	Dispożizzjoni (jiet) fil-liġi (jiet) li jindikaw id-dħul fis-seħħ tagħhom				Q-4	2022	Id-dħul fis-seħħ tad-Digriet Amministrattiv Irjali li jtejjeb l-effiċjenza tal-proċeduri fis-sistema ġudizzjarja nazzjonali u d-Digriet Amministrattiv Irjali dwar l-effiċjenza diġitali, li għandhom: (I) tagħmel użu aktar intensiv mit-teknoloġija biex tipprovdi servizz pubbliku effiċjenti u ta' kwalità għolja; (II) tintroduċi riformi fil-liġijiet proċedurali biex tiżdied il-ħeffa tal-proċeduri fil-ġurisdizzjonijiet amministrattivi u soċjali; u (iii) temenda l-proċessi ta' appell (" <i>procesos de casación</i> ") biex jiġi evitat dewmien żejjed.
434	C11.R2	M	Dħul fis-seħħ tal-Liġi dwar l-effiċjenza organizzattiva u proċedurali	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tagħha				Q-2	2023	Id-dħul fis-seħħ tal-Liġi dwar l-Effiċjenza Organizzazzjonali u Proċedurali biex tiġi emendata l-organizzazzjoni tal-mappa ġudizzjarja f'konformità mad-deskrizzjoni tal-miżura u biex tkompli tittejjeb l-effiċjenza proċedurali tas-sistema ġudizzjarja billi: (I) l-introduzzjoni ta' riformi fil-liġijiet proċedurali biex tiżdied il-veloċità tal-proċeduri fil-ġurisdizzjonijiet li mhumiex koperti mill-Istadju Importanti 152 (ii) l-introduzzjoni ta' mezzi alternattivi għas-soluzzjoni tat-tilwim;

Numru	Tip ta' miżura	Stadju important i /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										(III) l-introduzzjoni ta' riformi fil-liġijiet proċedurali li għandhom isolvu t-tilwim qabel ma jaslū fil-qrati; (IV) il-kisba ulterjuri ta' ġestjoni aktar effiċjenti u rispons aktar rapidu għat-talbiet taċ-ċittadini u tal-kumpaniji; u (v) b'mod ġenerali, il-kisba ta' Amministrazzjoni tal-Ġustizzja aktar aġli, effiċjenti, faċli għaċ-ċittadini, sostenibbli u trasparenti.
435	C11.R2	M	Dħul fis-seħħ tal-Liġi dwar id-Dritt għad-Difiża	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tagħha				Q-2	2023	Id-dħul fis-seħħ tal-Liġi dwar id-dritt għad-difiża għall-iżvilupp u t-tisħiħ tad-dritt fundamentali għal proċess ġust.
153	C11.R3	M	Dħul fis-seħħ tad-Digriet Irjali 937/2020 dwar ir-regolament tal-Caja General de Depósitos	Dispożizzjoni fid-digriet li tindika d-dħul fis-seħħ tad-digriet				Q-4	2020	Id-dħul fis-seħħ tad-Digriet Irjali 937/2020 tas-27 ta' Ottubru li japprova r-Regolament tal-Caja General de Depósitos biex jimplementa l-ġestjoni diġitali tal-garanziji u d-depożiti ppreżentati lill-Caja, filwaqt li jelimina d-dokumentazzjoni fiżika. Id-digriet Irjali għandu jaġġorna l-proċedura għall-kostituzzjoni, il-kanċellazzjoni u l-eżekuzzjoni ta' garanziji u pagamenti ta' flus kontanti ddepożitati fil-Caja. Hija għandha tippromwovi wkoll l-implimentazzjoni ta' proċeduri elettroniċi fil-Kaja, billi tiddefinixxi r-regoli u l-mezzi biex jiġu ppreżentati dokumenti elettroniċi, u ttipprovdi l-qafas legali meħtieġ għad-diġitalizzazzjoni tal-proċedura.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju important i /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
154	C11.R3	M	Dħul fis-seħħ tad-Digriet Irjali li japprova r-Regolament li jimplimenta l-Liġi 22/2015 tal-20 ta' Lulju dwar il-verifiki tal-kontijiet	Dispożizzjoni fid-digriet irjali li tindika d-dħul fis-seħħ tad-digriet irjali				Q-1	2021	Dħul fis-seħħ tad-Digriet Irjali li japprova r-Regolament li jimplimenta l-Liġi 22/2015 tal-20 ta' Lulju 2015 dwar l-Awditjar tal-Kontijiet. Din ir-riforma għandu jkollha l-oġġettiv li tipprovdi l-qafas legali għall-attività tal-awditjar b'ċertezza legali ogħla sabiex tinkiseb kwalità adegwata tal-attività tal-awditjar. L-awdituri, id-ditti tal-awditjar u s-suġġetti kollha affettwati minn dan ir-Regolament, għalhekk jingħataw garanzija u sigurtà ogħla meta jinterpretaw u japplikaw id-dispożizzjonijiet inklużi fil-Liġi dwar l-Awditjar, filwaqt li fl-istess ħin jirriżultaw fi prestazzjoni aħjar tal-awditi kif ukoll fl-issodisfar tal-obbligi inklużi fil-leġislazzjoni.
437	C11.R3	M	Pubblikazzjoni tar-Rapport Biennali dwar ir-Riskju għat-Tibdil fil-Klima għas-Sistema Finanzjarja u l-ħolqien tal-Kunsill tal-Finanzi Sostenibbli	Pubblikazzjoni tar-rapport u l-pjan ta' azzjoni għall-Kunsill				Q-2	2023	L-awtoritajiet għandhom jippubblikaw Green Book għall-promozzjoni ta' finanzi sostenibbli. Barra minn hekk, iż-żewġ miżuri li ġejjin għandhom jitlestew: I) il-pubblikazzjoni fuq is-sit web tal-Awtorità Makroprudenzjali tal-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja (AMCESFI) tal-ewwel edizzjoni tar-Rapport Biennali dwar ir-Riskji għat-Tibdil fil-Klima għas-Sistema Finanzjarja, f'konformità mal-Artikolu 33 tal-Liġi 7/2021 tal-20 ta' Mejju dwar it-tibdil fil-klima u t-tranżizzjoni tal-enerġija; u ii) il-ħolqien u d-dħul fis-seħħ ta' Kunsill tal-Finanzi Sostenibbli (inklużi rappreżentanti mill-amministrazzjoni pubblika, is-superviżuri

Numru	Tip ta' miżura	Stadju important i /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										finanzjarji u s-settur privat) bħala forum għall-promozzjoni tal-kollaborazzjoni pubblika-privata fil-qasam tal-finanzi sostenibbli. Fl-ewwel laqgħa tiegħu, il-Kunsill għandu japprova pjan ta' azzjoni, bi skeda ta' żmien u riżultati fil-mira.
436	C11.R3	M	Dħul fis-seħħ tal-liġi dwar is-servizzi għall-klijenti u tal-liġi li tistabbilixxi l-Awtorità għall-Protezzjoni tal-Klijenti Finanzjarji	Dispożizzjoni fil-liġi (jiet) li tindika d-dħul fis-seħħ tal-liġi (jiet)				Q-4	2024	Dħul fis-seħħ ta' i) il-Liġi dwar is-Servizzi tal-Klijenti u b) il-Liġi li tistabbilixxi l-Awtorità għall-Protezzjoni tal-Klijenti Finanzjarji. Il-liġi l-għdida dwar is-servizzi għall-klijenti għandha tiddefinixxi azzjonijiet li jggarantixxu lill-konsumaturi l-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom fir-rigward tal-kuntratti ffirmati u tistabbilixxi standards ta' kwalità u rekwiżiti ta' kontroll jew awditjar biex tivverifika l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet imsemmija hawn fuq.
155	C11.R4	M	Dħul fis-seħħ tal-ordni ministerjali li tistabbilixxi l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Evalwazzjoni	Dispożizzjoni fl-ordni ministerjali li tindika d-dħul fis-seħħ tal-ordni				Q-4	2021	Dħul fis-seħħ tal-ordni ministerjali li tistabbilixxi l-Uffiċċju Nazzjonali ta' Evalwazzjoni (<i>Oficina Nacional de Evaluación</i>) fi ħdan l-Uffiċċju Indipendenti għar-Regolamentazzjoni u s-Supervizzjoni tal-Akkwist Pubbliku (OIREscon). F'konformità mal-Artikolu 333 tal-Liġi 9/2017 dwar l-Akkwist Pubbliku, dan l-Uffiċċju għandu jivvaluta s-sostenibbiltà finanzjarja tal-kuntratti ta' konċessjoni, kif definit fl-Artikoli 14 u 15 tal-Liġi 9/2017 dwar l-Akkwist Pubbliku. L-ordni ministerjali għandu jagħti

Numru	Tip ta' miżura	Stadju important i /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										lill-Uffiċċju l-kapaċità u l-mezzi biex jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu.
156	C11.R4	M	Strateġija Nazzjonali għall-Akkwist	Adozzjoni mill-Uffiċċju Indipendenti għar-Regolamentazzjoni u s-Superviżjoni tal-Akkwist Pubbliku tal-Istrateġija Nazzjonali tal-Akkwist				Q-4	2022	F'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 334 tal-Ley 9/2017, l-Istrateġija Nazzjonali tal-Akkwist għandu jkollha l-oġġettivi li ttejjeb l-effiċjenza u s-sostenibbiltà tal-akkwist pubbliku. L-istrateġija għandha tinkludi l-elementi li ġejjin: (I) il-promozzjoni tal-Akkwist pubbliku strateġiku; (II) il-professionalizzazzjoni; (III) l-iffaċilitar tal-aċċess tal-SMEs għall-akkwist pubbliku; (IV) it-titjib tad-data disponibbli; (V) it-trawwim tal-effiċjenza fl-akkwist pubbliku; (VI) Trasformazzjoni diġitali sħiħa tal-akkwist pubbliku; (VII) it-tisħiħ taċ-ċertezza legali; (VIII) it-titjib tas-superviżjoni u l-kontroll tal-akkwist pubbliku, inkluża l-prevenzjoni tal-korruzzjoni abbażi ta' mappa tar-riskji identifikati.
157	C11.R5	M	Dħul fis-seħħ tad-Digriet Amministrattiv Irjali 36/2020 dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan għall-Irkupru, it-Trasformazzjoni u r-Reżiljenza	Dispożizzjoni fid-digriet irjali li tindika d-dħul fis-seħħ tad-digriet irjali				Q-1	2021	Id-dħul fis-seħħ tad-Digriet Amministrattiv Irjali 36/2020 tat-30 ta' Diċembru li japprova miżuri urġenti għall-modernizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika u għall-implimentazzjoni tal-pjan Spanjol għall-irkupru, u r-reżiljenza, li jagħti lill-amministrazzjonijiet pubbliċi fi Spanja l-mezzi, inklużi strumenti legali, biex jimplimentaw il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, fil-ħin u f'konformità mad-dritt tal-

Numru	Tip ta' miżura	Stadju important i /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										UE, inkluż ir-Regolament RRF. Id-digriet Amministrattiv Irjali għandu jintroduċi riformi regolatorji li jħaffu l-implimentazzjoni tal-proġetti u jippermettu effiċjenza akbar fl-infiq pubbliku, filwaqt li jżommu f'kull ħin il-garanziji u l-kontrolli meħtieġa mill-qafas regolatorju tal-UE.
158	C11.R5	M	Il-ħolqien ta' korpi ġodda fi ħdan il-gvern ċentrali biex isegwu l-implimentazzjoni, il-kontroll u l-awditjar tal-Pjan.	Pubblikazzjoni fil-ĠU				Q-2	2021	Il-ħolqien tas-Segretarju Ġenerali tal-Fondi Ewropej (Secretaría General de Fondos Europeos) u diviżjonijiet ġodda fl-Uffiċċju tal-Informatika Baġitarja (Oficina de Informática Presupuestaria) u fl-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditjar (Oficina Nacional de Auditoría) tal-Kontrollur Ġenerali tal-Amministrazzjoni tal-Istat (Intervención General de la Administración del Estado), biex titrawwem kultura amministrattiva ta' ppjanar u kontroll ibbażata fuq il-prestazzjoni fit-tul permezz tal-esperjenza fil-ġestjoni u l-kontroll tal-Pjan u f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Digriet Irjali 1182/2020.
159	C11.R5	M	Ordni li tiddefinixxi l-proċeduri u l-format tal-informazzjoni li għandha tiġi kondiviża għall-monitoraġġ tal-	Dispożizzjoni fl-ordni li tindika d-dħul fis-seħħ tal-Ordni				Q-3	2021	Dħul fis-seħħ tal-Ordni li tiddefinixxi l-proċeduri u l-format tal-informazzjoni li għandha tiġi kondiviża għall-monitoraġġ tal-RRP u l-eżekuzzjoni kontabilistika tan-nefqa

Numru	Tip ta' miżura	Stadju important i /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
			RRP u l-eżekuzzjoni kontabilistika tan-nefqa							
160	C11.II	M	Interkonnessjoni tal-pjattaformi nazzjonali tal-akkwist pubbliku	Għandu jkun disponibbli sett ta' fajls tad-data aċċessibbli għall-pubbliku u ġġenerati awtomatikament mill-pjattaforma tal-akkwist pubbliku, li jippermettu l-irkupru kemm ta' kampijiet tad-data miftuħa kif ukoll aggregati.				Q-2	2023	Interkonnessjoni ulterjuri (skambju ta' data) bejn il-pjattaformi eżistenti kollha tal-akkwist pubbliku (gvern ċentrali u reġjonali): mill-inqas 142 qasam ta' data miftuħa u 52 qasam ta' data aggregata fil-pjattaforma tal-gvern ċentrali. Linja bażi: L-għadd ta' oqsma tad-data miftuħa fil-pjattaforma tal-gvern ċentrali f'Jannar 2021: 119 L-għadd ta' oqsma tad-data aggregati fil-pjattaforma tal-gvern ċentrali f'Jannar 2021: 42 Il-kampijiet tad-data aggregata u miftuħa għandhom jiġu definiti esklużivament bħala dawk li għalihom seħħ skambju tad-data f'Jannar 2021 (linja bażi) u f'Jannar 2025 (mira).
161	C11.II	T	L-għoti ta' proġetti li jappoġġaw it-trasformazzjoni diġitali tal-		Miljuni ta' EUR	0	960	Q-4	2023	Pubblikazzjoni fil-ĠU jew fil-pjattaforma tal-akkwist pubbliku tal-għoti ta' mill-inqas EUR 960 000 000 fi proġetti li jkopru l-oqsma li ġejjin: — It-trasformazzjoni diġitali f'termini ta'

Numru	Tip ta' miżura	Stadju important i /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
			Amministrazzjoni Pubblika Ċentrali							proattività, mobbiltà, esperjenza tal-utent; — It-trasformazzjoni diġitali f' termini ta' awtomatizzazzjoni u amministrazzjoni pubblika ċċentrata fuq id-data; — It-trasformazzjoni diġitali f' termini ta' infrastrutturi fiżiċi u loġiċi u software; — It-trasformazzjoni diġitali f' termini ta' ċibersigurtà.
162	C11.I1	M	Tlestija ta' proġetti li jappoġġaw it-trasformazzjoni diġitali tal-Amministrazzjoni Pubblika Ċentrali	Ċertifikati ffirmati mill-awtorità kompetenti li jiċċertifikaw li l-proġetti tlestew u li huma operazzjonali				Q-4	2025	Tlestija tal-proġetti mogħtija f'konformità mal-mira #161
163	C11.I2	M	L-iżvilupp ulterjuri tas-sistemi ta' informazzjoni dwar is-saħħa	Notifika uffiċjali tat-tlestija tax-xogħol				Q-2	2023	L-amministrazzjoni ċentrali għandha tiżviluppa aktar il-funzjonalitajiet tal-applikazzjonijiet ewlenin u tas-sistemi ta' informazzjoni dwar is-saħħa li ġejjin: 1) “ <i>Historia Clínica Digital del Sistema Nacional de Salud</i> ” (HCDSNS); 2) “ <i>receta Electrónica</i> ” (RESNS); u 3) “ <i>Registro de Profesionales Sanitarios</i> ” (REPS)."
164	C11.I2	T	Proċediment ġudizzjarju li		Numru	0	2 839	Q-4	2022	Mill-inqas 2 839 korp ġudizzjarju addizzjonali għandu jkollhom l-infrastruttura meħtieġa biex tkun tista' ssir il-possibbiltà li mill-inqas 30 % tal-proċedimenti jinżammu

Numru	Tip ta' miżura	Stadju important i /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
			għandu jittwettaq b'mod elettroniku							elettronikament. Dan jinvolvi t-tweqqif ta' azzjonijiet għodżarji telematiċi fil-korpi ġurisdizzjonali differenti b'ċertezza legali sħiħa. Sabiex jintlaħaq dan l-oġġettiv, il-parteċipanti kollha għandhom ikunu jistgħu jaċċessaw l-awli tal-qorti permezz ta' vidjokonferenza. Barra minn hekk, dan għandu jippermetti l-ħolqien ta' awli tal-qorti kompletament virtwali, li l-parteċipanti kollha jistgħu jaċċessaw permezz ta' vidjokonferenza. Għandha tinholq pjaforma ta' immedjatezza biex jiġi stabbiliti mudelli ġodda għal relazzjonijiet u pproċessar mhux wiċċ imb' wiċċ. Dan għandu jtejjeb l-aċċess mill-bogħod miċ-ċittadini għas-servizzi pprovduti mill-amministrazzjoni pubblika.
165	C11.I2	T	L-għoti ta' proġetti li jappoġġaw il-proġetti li jixprunaw id-diġitalizzazzjoni tal-Amministrazzjoni Pubblika Ċentrali		Miljuni ta' EUR	0	1 205	Q-4	2023	Pubblikazzjoni fil-ĠU jew fil-pjaforma tal-akkwist pubbliku tal-għoti ta' proġetti li jkopru l-oqsma li ġejjin: — It-trasformazzjoni diġitali fis-settur tas-saħħa; — It-trasformazzjoni diġitali tal-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja; — It-trasformazzjoni diġitali f'termini ta' impjieg; — It-trasformazzjoni diġitali f'termini ta' Inklużjoni, Sigurtà Soċjali u Migrazzjoni; — Pjan ta' diġitalizzazzjoni konsulari;

Numru	Tip ta' miżura	Stadju important i /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										— It-trasformazzjoni diġitali f'oqsma oħra tal-Amministrazzjoni Ġenerali tal-Istat.
166	C11.I2	M	Tlestija ta' proġetti li jappoġġaw il-proġetti li jixprunaw id-diġitalizzazzjoni tal-Amministrazzjoni Pubblika Ċentrali (bl-esklużjoni ta' daww koperti mill-istadju importanti #163, il-mira #164 u l-istadju importanti #341)	Ċertifikati ffirmati mill-awtorità kompetenti li jiċċertifikaw li l-proġetti tlestew u li huma operazzjonali				Q-4	2025	Tlestija tal-proġetti mogħtija f'konformità mal-mira #165 (esklużi daww koperti mill-istadju importanti #163, il-mira #164 u l-istadju importanti #341)
167	C11.I3	M	Id-diġitalizzazzjoni tal-entitajiet reġjonali u lokali	Il-Ministeru tal-Politika Territorjali u s-Servizz Ċivili jipprovdi ċertifikat iffirmat li jikkonferma li l-mira ntlaħqet				Q-2	2023	Il-Komunitajiet awtonomi u l-gvernijiet lokali lestew proġetti fil-linji strateġiċi li ġejjin tal-Istrateġija Diġitali 2025, il-Pjan ta' Diġitalizzazzjoni għall-Amministrazzjonijiet Pubbliċi, u l-bqija tal-azzjoni ta' modernizzazzjoni ppjanata għas-Settur Pubbliku: I) amministrazzjoni orjentata lejn iċ-ċittadini; II) operazzjonijiet intelliġenti; III) gvern ta' data; IV) l-infrastrutturi diġitali, u v) iċ-ċibersigurtà. B'mod speċjali: a) Kull Komunità Awtonoma tkun lestiet mill-inqas proġett wieħed f'waħda mill-ħames linji

Numru	Tip ta' miżura	Stadju important i /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										strateġiċi msemmija hawn fuq; b) 60 % tal-proċeduri diġitali analizzati fir-rapport CAE tal-amministrazzjonijiet reġjonali (<i>Comunidades Autónomas</i>) jippermettu l-użu tagħhom permezz tal-mowbajl (Kurrent: 48 %).
168	C11.I3	T	L-għoti ta' proġetti li jappoġġaw it-trasformazzjoni diġitali tal-Amministrazzjonijiet Pubbliċi Reġjonali u Lokali, u l-Ministeru għall-Politika Territorjali u l-Amministrazzjoni Pubblika		Miljuni ta' EUR		1 000	Q-2	2025	Pubblikazzjoni fil-ĠU jew fil-pjattaforma tal-akkwist pubbliku tal-għoti ta' proġetti li jkopru l-oqsma li ġejjin: — It-trasformazzjoni diġitali f'termini ta' proattività, mobbiltà, esperjenza tal-utent; — It-trasformazzjoni diġitali f'termini ta' awtomatizzazzjoni u amministrazzjoni pubblika ċċentrata fuq id-data; — It-trasformazzjoni diġitali f'termini ta' infrastrutturi fiżiċi u loġiċi u software; — It-trasformazzjoni diġitali f'termini ta' ċibersigurtà.
169	C11.I3	M	Tlestija tal-proġetti kollha li jappoġġaw it-trasformazzjoni diġitali tal-Amministrazzjonijiet Pubbliċi Reġjonali u Lokali, u l-	Ċertifikati ffirmati mill-awtorità kompetenti li jiċċertifikaw li l-proġetti tlestew u li huma operazzjonali				Q-2	2026	Tlestija tal-proġetti kollha li jkopru l-oqsma li ġejjin f'konformità mal-mira #168 (esklużi dawk koperti mill-istadju importanti #167): — Trasformazzjoni diġitali f'termini ta' proattività, mobbiltà, esperjenza tal-utent Trasformazzjoni diġitali f'termini ta' awtomatizzazzjoni u amministrazzjoni pubblika ċċentrata fuq id-data — It-trasformazzjoni diġitali f'termini ta'

Numru	Tip ta' miżura	Stadju important i /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
			Ministeru għall-Politika Territorjali u l-Amministrazzjoni Pubblika							infrastrutturi fiżiċi u loġiċi u software. — It-trasformazzjoni diġitali f'termini ta' ċibersigurtà.
438	C11.I3	T	Implimentazzjoni tal-Pjan ta' Kura Diġitali Personali		Numru	0	17	Q-2	2026	It-tlestija ta' mill-inqas 17 proġett pilota taħt il-Pjan għall-Kura Diġitali Personali, li għandhom javvanzaw l-oġġettiv tal-Aġenda Diġitali Spanjola 2025, li jippromwovu kura personalizzata għall-ħtiġijiet taċ-ċittadini. Il-proġetti għandhom jindirizzaw mill-inqas wieħed mill-oqsma li ġejjin permezz tad-diġitalizzazzjoni: Ġbir ta' data: ittestjar ta' soluzzjonijiet tal-IT għall-ġbir, il-ħżin u l-interpretazzjoni tad-data tal-pazjenti Kura diġitali personalizzata: ittestjar ta' għodod u/jew utilitajiet għall-forniment ta' kura diġitali personalizzata L-ittestjar tal-ġenerazzjoni tal-informazzjoni ta' għodod u/jew utilitajiet li abbażi tad-data miksuba tal-pazjent, jgħinu lill-professjonisti fid-dijanjożi jew fil-monitoraġġ tal-pazjenti. Wara t-tlestija tal-bdoti, għandha tiġi ppubblikata evalwazzjoni preliminari li tivvaluta l-effiċjenza tal-bdoti u l-impatt tagħhom fuq it-titjib tas-servizzi tas-saħħa,

Numru	Tip ta' miżura	Stadju important i /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										inklużi rakkomandazzjonijiet speċifiċi meta jiġu identifikati nuqqasijiet jew dgħufijiet.
170	C11.I4	T	Rinnovazzjoni tal-vetturi fl-amministrazzjoni pubblika		Numru	0	5 500	Q-4	2024	Mill-inqas 5 vettura b'emissjonijiet żero jew baxxi ta' CO500 (BEV, REEV, PHEV, FCEV) li jissostitwixxu l-vetturi bbażati fuq il-fjuwils fossili użati fl-amministrazzjoni pubblika.
171	C11.I4	T	Rinnovazzjoni tal-enerġija fuq bini pubbliki (140 000 m ²)		Numru (m ²)	0	140 000	Q-4	2024	Mill-inqas 140 m 000 ta' rinnovazzjonijiet tal-enerġija kkompletati fuq bini pubbliki, li jiksibu medja ta' mill-inqas 30 % ta' tnaqqis fid-domanda għall-enerġija primarja.
172	C11.I4	T	Rinnovazzjonijiet tal-enerġija f' bini pubbliki (1 050 000 m ²)		Numru (m ²)	140 000	1 050 000	Q-2	2026	Mill-inqas 1 050 m 000 ta' rinnovazzjonijiet tal-enerġija kkompletati f' bini pubbliki, li bħala medja jiksibu tnaqqis fid-domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 30 %. (linja bażi: 31 ta' Diċembru 2024)
439	C11.I4	T	Implimentazzjoni ta' sistemi fotovoltajċi solari, jew enerġiji rinnovabbli oħra fil-faċilitajiet tal-amministrazzjoni tal-gvern ċentrali		Miljuni ta' EUR	0	80	Q-2	2026	Tlestija ta' proġetti għall-implimentazzjoni ta' sistemi fotovoltajċi solari, jew enerġiji rinnovabbli oħra fil-faċilitajiet tal-amministrazzjoni tal-gvern ċentrali għal mill-inqas EUR 80 000 000.
173	C11.I5	M	Sistema Integrata ta' Informazzjoni tal-Faċilità għall-	Ir-rapport ta' verifika				Q-3	2021	L-implimentazzjoni ta' sistema li għandha tippermetti (a) li jittella' l-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza u tal-informazzjoni dwar l-

Numru	Tip ta' miżura	Stadju important i /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
			Irkupru u r-Reżiljenza							implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-kisba tal-istadji importanti u l-miri; (b) għat-tnejn tad-dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni u tas-sommarju tal-awditjar kif ukoll tat-talbiet għal pagament u (c) għall-ġbir u l-ħżin ta' data dwar il-benefiċjarji, il-kuntratturi, is-sottokuntratturi, u s-sidien benefiċjarji f'konformità mal-Artikolu 22 tar-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Għandu jsir rapport tal-awditur dedikat dwar is-sistema użata. F'każ li r-rapport jidentifika kwalunkwe dgħufija, ir-rapport tal-awditur għandu jirrakkomanda azzjonijiet korrettivi.
174	C11.I5	T	Għodod u attivitajiet ġodda ta' komunikazzjoni		Numru	0	4	Q-4	2022	Mill-inqas 2 maniġer tal-komunità ingaġġati sabiex tiżdied il-preżenza tal-media soċjali, filwaqt li jissaħħa l-għadd ta' parteċipanti u benefiċjarji potenzjali tal-Pjan biex isiru konxji tal-possibiltajiet offruti mill-Pjan; u 2 sit web huma operazzjonali biex jikkontribwixxu għall-massimizzazzjoni tal-assorbiment tar-riżorsi.
175	C11.I5	T	Persunal mill-amministrazzjoni pubblika mħarġ		Numru	0	3 150	Q-3	2026	Mill-inqas 3150 impjegat tal-amministrazzjoni pubblika tħarrġu f'oqsma li jikkonċernaw l-implimentazzjoni, il-kontroll u l-awditjar tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP)

K.3. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ fil-forma ta' self

Investiment 6 (C11.I6) — Strumenti ta' Ċibersigurtà u Reżiljenza u Sigurtà

Din il-miżura tinkludi żewġ investimenti ewlenin: I) il- “Programm taċ-Ċibersigurtà” biex isaħħaħ il-kapaċitajiet taċ-ċibersigurtà tal-amministrazzjoni pubblika fl-oqsma tal-prevenzjoni, il-protezzjoni, id-detezzjoni u r-rispons għat-theddid ċibernetiku; u ii) il- “Fond għar-Reżiljenza u s-Sigurtà” biex jippromwovi investimenti produttivi u ż-żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni fit-territorju Spanjol fis-setturi tas-sigurtà, tad-difiża, tal-ajrunawtika u tal-ispazju.

Il-programm taċ-Ċibersigurtà

Dan l-element tal-miżura għandu jikkonsisti fl-implimentazzjoni ta' proġetti taħt il-Programm taċ-Ċibersigurtà, li għandhom jikkontribwixxu għal: I) il-bini ta' kapaċitajiet ta' rispons għat-theddid ċibernetiku; II) l-iżgurar tas-sigurtà u r-reżiljenza tal-assi strateġiċi; it-tisħiħ tal-kapaċitajiet għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni taċ-ċiberkriminalità; IV) it-tisħiħ taċ-ċibersigurtà għaċ-ċittadini u n-negozji; l-għoti ta' spinta lill-industrija taċ-ċibersigurtà; u vi) l-iżvilupp ta' kultura taċ-ċibersigurtà.

L-implimentazzjoni tal-programm taċ-Ċibersigurtà għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Fond għas-Sigurtà u r-Reżiljenza

Dan l-element tal-miżura għandu jikkonsisti f'investiment pubbliku f'Faċilità, il-Fond għas-Sigurtà u r-Reżiljenza, sabiex jiġi inċentivat l-investiment privat u jittejjeb l-aċċess għall-finanzi fis-setturi tas-sigurtà, tad-difiża, tal-ajrunawtika u tal-ispazju ta' Spanja u biex jiġu żviluppati s-swieq kapitali f'dawn l-oqsma. Il-Faċilità għandha topera billi ttipprovdi self, investimenti ta' ekwità u kważi ekwità, direttament jew permezz ta' intermedjarji lis-settur privat, kif ukoll lill-entitajiet tas-settur pubbliku involuti f'attivitajiet simili. Abbażi tal-investiment tal-RRF, il-Faċilità għandha l-għan li inizjalment ttipprovdi mill-inqas EUR 1 000 000 000 ta' finanzjament.

Il-Faċilità għandha tiġi ġestita mis-Sociedad Estatal de Participaciones Industriales Desarrollo Empresarial (SEPIDES) bħala s-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni. Il-Faċilità għandha tinkorpora ż-żewġ linji ta' prodotti li ġejjin:

- Linja diretta: Il-Faċilità għandha tinvesti direttament f'kumpaniji li impenjaw ruħhom li jwettqu proġetti ġodda fis-setturi fil-mira, inklużi proġetti ġodda fi ħdan il-programmi ta' żvilupp li għaddejjin. Il-Faċilità għandha tkun kapaċi tinvesti bl-użu ta' strumenti ta' self, ekwità u kważi ekwità. L-investimenti ta' ekwità mill-Fond ma għandhomx jikkawżaw li s-sehem tal-ekwità pubblika f'benefiċjarju finali jaqbeż 149 % tal-ekwità totali.
- Linja indiretta: Il-Faċilità għandha tinvesti f'fondi eżistenti li jinvestu fis-setturi fil-mira tal-Faċilità. Il-parteċipazzjoni massima tal-Faċilità ma għandhiex taqbeż il-49 % ta' kwalunkwe fond jew mezz ieħor ta' investiment. L-investimenti ta' ekwità mill-fondi ma għandhomx jikkawżaw li s-sehem ta' ekwità pubblika f'fond jew veikolu ta' investiment jaqbeż 149 % tal-ekwità totali.

Sabiex timplimenta l-investiment fil-Faċilità, Spanja għandha tapprova regolament, u kwalunkwe dokument assoċjat, għall-ħolqien u l-ġestjoni tal-Faċilità li għandu jinkludi l-kontenut li ġej:

- 1) Deskrizzjoni tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Faċilità: Id-Deċiżjoni inizjali dwar l-investiment tal-Faċilità għandha tittieħed minn kumitat tal-investiment jew korp governattiv

ekwivalenti ieħor rilevanti u approvata b' maġġoranza ta' voti minn membri li huma indipendenti mill-Gvern Spanjol. Id-Deċiżjoni finali dwar l-investment tal-Faċilità għandha tkun limitata għall-approvazzjoni (mingħajr modifiki) jew għall-eżerċizzju ta' dritt ta' veto fuq deċiżjoni ta' investment proposta mill-kumitat tal-investment jew korp governattiv ekwivalenti rilevanti. Għal investimenti intermedjati d-deċiżjoni finali dwar l-investment għandha tittieħed mill-intermedjarji. Dritt ta' veto fuq deċiżjoni ta' investment proposta mill-intermedjarju jista' jiġi eżerċitat għal raġunijiet ta' sigurtà nazzjonali.

2) Ir-rekwiżiti ewlenin tal-politika ta' investment assoċjata, li għandhom jinkludu:

- a) Id-deskrizzjoni tal-prodotti finanzjarji u l-benefiċjarji finali eliġibbli f'konformità mad-deskrizzjoni tal-miżura. Għall-investimenti strateġiċi, jiġifieri dawk fit-teknoloġiji u l-prodotti tad-difiża identifikati fil-programm ta' ħidma annwali għall-Fond Ewropew għad-Difiża; investimenti spazjali f'arloġġi atomiċi, lanċaturi strateġiċi; u l-prodotti spazjali; u investimenti li jiffukaw biss fuq l-iżvilupp u l-użu ta' għodod u soluzzjonijiet taċ-ċibersigurtà, inkluż meta dawn ikunu parti mill-introduzzjoni jew l-aġġornament ta' networks diġitali u infrastruttura tad-data; il-benefiċjarji finali ma għandhomx ikunu kkontrollati minn pajjiż terz jew minn entitajiet ta' pajjiż terz u għandu jkollhom il-ġestjoni eżekuttiva tagħhom fl-Unjoni ħlief għal investimenti ta' inqas minn EUR 10 000 000. Jekk il-benefiċjarju finali jkun involut f'investment strateġiku fil-qasam tal-konnettività 5G, il-miżuri u l-pjanijiet ta' mitigazzjoni tar-riskju, skont is-Sett ta' Għodod taċ-Ċibersigurtà tal-5G²⁶ għandhom japplikaw ukoll għall-fornituri tiegħu. Tali fornituri, partikolarment bejjiegħa u manifatturi ta' apparat tat-telekomunikazzjoni u fornituri terzi oħra, bħall-fornituri tal-infrastruttura tal-cloud, fornituri ta' servizzi ġestiti, integraturi tas-sistemi, il-kuntratturi tas-sigurtà u tal-manutenzjoni, il-manifatturi tat-tagħmir tat-trażmissjoni. Meta l-benefiċjarju finali jkun involut f'investment strateġiku fil-qasam tad-difiża, din il-limitazzjoni għandha tapplika wkoll għall-fornituri u s-sottokuntratturi tiegħu. Il-limitazzjonijiet li jikkonċernaw in-nuqqas ta' kontroll minn pajjiż terz jew entità ta' pajjiż terz stabbiliti fit-tliet paragrafi ta' hawn fuq ma japplikawx għal operazzjoni partikolari ta' finanzjament u investment fejn il-benefiċjarju finali jista' juri li huwa entità ġuridika li għaliha l-Istat Membru li fih huwa stabbilit ikun approva garanzija f'konformità mal-prinċipji li jikkonċernaw l-entitajiet eliġibbli stabbiliti fid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament dwar il-Fond Ewropew għad-Difiża ("EDF")²⁷ jew l-eżenzjoni tal-Kummissjoni mogħtija f'konformità mal-prinċipji li jikkonċernaw l-entitajiet eliġibbli stabbiliti fid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament dwar l-Ispazju²⁸. Is-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni jrid jinnotifika lill-gvern bi kwalunkwe deroga mogħtija għal-limitazzjonijiet.
- b) Ir-rekwiżit li l-investimenti kollha appoġġati jkunu ekonomikament vijabbli.
- c) Projbizzjoni ta' finanzjament mill-ġdid ta' kwalunkwe self pendent.

²⁶ Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS, Ċibersigurtà tan-networks 5G Sett ta' għodod tal-UE għall-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju, 01/2020, https://ec.europa.eu/newsroom/dae/document.cfm?doc_id=64468

²⁷ Ir-Regolament (UE) 2021/697 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża

²⁸ Ir-Regolament (UE) 2021/696 li jistabbilixxi l-programm spazjali tal-UE u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali

- d) Ir-rekwiżit ta' konformità mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" (DNSH) kif stabbilit fil-Gwida Teknika dwar id-DNSH (2021/C58/01), b'mod partikolari:
- i) Fil-każ ta' self, bonds tal-proġetti jew strumenti ekwivalenti: il-politika ta' investiment għandha teskludi l-lista li ġejja ta' attivitajiet u assi mill-eliġibbiltà: (I) attivitajiet u assi relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream²⁹, (ii) attivitajiet u assi taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti³⁰, (iii) attivitajiet u assi relatati ma' landfills tal-iskart, incineraturi³¹ u impjanti tat-trattament mekkaniku bijologiku³².
 - ii) Fil-każ ta' ekwità, kważi ekwità, bonds korporattivi jew strumenti ekwivalenti: il-politika ta' investiment għandha tirrikjedi li l-kumpaniji jadottaw pjanijiet ta' tranżizzjoni ekoloġika f'konformità mad-definizzjoni stabbilita fl-Artikolu 19a(2)(a) (iii) tad-Direttiva 2013/34/UE jekk aktar minn 50 %³³ tad-dħul dirett tagħhom matul is-sena finanzjarja preċedenti jkun derivat mill-lista li ġejja ta' attivitajiet u assi: (I) attivitajiet u assi relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream³⁴, (ii) attivitajiet u assi taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra

²⁹ Ħlief għal (a) assi u attivitajiet fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll l-infrastruttura relatata tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) u (b), l-attivitajiet u l-assi skont il-punt (ii) li għalihom l-użu tal-fjuwils fossili huwa temporanju u teknikament inevitabbli għat-tranżizzjoni f'waqtha lejn operazzjoni ħielsa mill-fjuwils fossili.

³⁰ Inklużi attivitajiet u assi taħt is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti. Meta l-attività appoġġata tikseb l-emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumiex aktar baxxi b'mod sinifikanti mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447. L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

³¹ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant

³² Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza fir-riżorsi jew il-modifika retroattiva għal operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

³³ Id-Direttiva 2013/34/UE hija emendata bid-Direttiva (UE) 2022/2464 dwar id-Direttiva dwar ir-Rappurtar Korporattiv dwar is-Sostenibbiltà.

³⁴ Ħlief għal (a) proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll infrastruttura relatata tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) u (b) attivitajiet u assi skont il-punt (ii) li għalihom l-użu tal-fjuwils fossili huwa temporanju u teknikament inevitabbli għat-tranżizzjoni f'waqtha lejn operazzjoni ħielsa mill-fjuwils fossili.

proġettati li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti³⁵, (iii) attivitajiet u assi relatati ma' landfills tal-iskart, incineraturi³⁶ u impjanti tat-trattament mekkaniku bijologiku³⁷.

iii) Barra minn hekk, il-politika ta' investiment għandha teħtiegħ konformità mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali tal-benefiċjarji finali tal-Faċilità.

- e) Ir-rekwiżit li l-benefiċjarji finali tal-Faċilità ma għandhomx jirċievu appoġġ minn strumenti oħra tal-Unjoni biex ikopru l-istess kost.
- 3) L-ammont kopert mir-regolament u kwalunkwe dokument assoċjat li jistabbilixxi l-Faċilità, l-istruttura tat-tariffi għas-Sieħeb Implimentattiv u r-rekwiżit li jiġi investit mill-ġdid kwalunkwe rimborżi skont il-politika ta' investiment tal-Faċilità sakemm ma jintużawx biex jiġu servuti l-ħlasijiet lura tas-self tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.
- 4) Rekwiżiti ta' monitoraġġ, awditjar u kontroll, inklużi:
 - a) Id-deskrizzjoni tas-sistema ta' monitoraġġ tas-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni biex jirrapporta dwar l-investiment mobilizzat.
 - b) Id-deskrizzjoni tal-proċeduri tas-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni li se jiżguraw il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni, u l-kunflitti ta' interess.
 - c) L-obbligu li tiġi vverifikata l-eliġibbiltà ta' kull operazzjoni skont ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Ftehim ta' Implimentazzjoni qabel ma jsir impenn għall-finanzjament ta' operazzjoni.
 - d) L-obbligu li jitwettqu awditi ex post ibbażati fuq ir-riskju f'konformità ma' pjan tal-awditjar tas-SEPIDES. Dawn l-awditi għandhom jivverifikaw i) li s-sistemi ta' kontroll ikunu effettivi, inkluża l-identifikazzjoni ta' frodi, korruzzjoni, u kunflitti ta' interess; II) il-konformità mal-prinċipju DNSH, ir-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat, ir-rekwiżiti tal-mira klimatika u diġitali; u iii) li jiġi rrispettat ir-rekwiżit li l-intermedjarju jivverifika li tiġi ppreżentata dikjarazzjoni responsabbli mill-benefiċjarju finali biex jikkontrolla jekk l-istess kost huwiex kopert minn strument ieħor tal-Unjoni. L-awditi għandhom jivverifikaw ukoll il-legalità tat-tranżazzjonijiet u li l-kundizzjonijiet tar-regolament u d-dokumenti assoċjati li jistabbilixxu l-Faċilità u l-Ftehimiet ta' Finanzjament qed jiġu rrispettati.
- 5) Rekwiżiti għall-għażla tal-intermedjarji finanzjarji: SEPIDES għandhom jagħżlu intermedjarji finanzjarji b'mod miftuħ, trasparenti u mhux diskriminatorju. Il-kontrolli għan-nuqqas ta'

³⁵ Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet proġettati ta' gassijiet serra li ma jkunux ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhux possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

³⁶ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalhekk tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

³⁷ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskarta u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskarta, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalhekk tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

kunflitt ta' interess fuq l-intermedjarji finanzjarji għandhom isiru u jitwettqu ex ante permezz ta' sistema tal-IT bħal Minerva għall-atturi finanzjarji kollha involuti.

6) Rekwiżit għall-iffirmar tal-Ftehimiet ta' Finanzjament: SEPIDES għandu jiffirma Ftehimiet ta' Finanzjament mal-intermedjarji finanzjarji f'konformità mar-rekwiżiti ewlenin li għandhom jiġu pprovduti bħala parti mid-dokumenti assoċjati li jistabbilixxu l-Faċilità. Ir-rekwiżiti ewlenin tal-Ftehim ta' Finanzjament għandhom jinkludu r-rekwiżiti kollha li taħthom topera l-Faċilità, inklużi:

- a) L-obbligu tal-intermedjarju finanzjarju li jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu f'konformità *mutatis mutandis* mar-rekwiżiti tat-teħid tad-deċiżjonijiet u tal-politika tal-investment speċifikati hawn fuq, inkluż relatati mar-rispett tal-prinċipju DNSH.
- b) Id-deskrizzjoni tal-qafas ta' monitoraġġ u awditjar u kontroll li l-intermedjarju finanzjarju għandu jistabbilixxi, li *mutatis mutandis* għandu jkun soġġett għar-rekwiżiti kollha ta' monitoraġġ, awditjar u kontroll speċifikati hawn fuq.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

K.4. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ fil-forma ta' self

Ara t-tabella ta' hawn taħt. Id-data tal-linja bażi għall-indikaturi kollha hija l-1 ta' Frar 2020 sakemm ma jkunx indikat mod ieħor fid-deskrizzjoni tal-azzjoni. L-ammonti fit-tabella relatati mal-L17 ma jinkludux il-VAT.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
L89	C11.I6	T	L-għoti ta' proġetti biex jissaħħu l-kapaċitajiet taċ-ċibersigurtà tal-Amministrazzjoni Pubblika fl-oqsma tal-prevenzjoni, il-protezzjoni, id-detezzjoni u r-rispons għat-theddid ċibernetiku (il-programm taċ-Ċibersigurtà)	Pubblikazzjoni fil-ġurnal uffiċjali jew fil-pjattaforma tal-akkwist pubbliku	Miljuni ta' EUR	0	1 041	Q-2	2025	Pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali jew fil-pjattaforma tal-akkwist pubbliku tal-għoti ta' mill-inqas EUR 1 041 525 000 fi proġetti biex jissaħħu l-kapaċitajiet taċ-ċibersigurtà tal-Amministrazzjoni Pubblika fl-oqsma tal-prevenzjoni, il-protezzjoni, id-detezzjoni u r-rispons għat-theddid ċibernetiku. Dawn il-proġetti għandhom jikkontribwixxu għal wieħed jew aktar mill-oġġettivi li ġejjin: I) il-bini ta' kapaċitajiet ta' rispons għat-theddid ċibernetiku; II) l-iżgurar tas-sigurtà u r-reżiljenza tal-assi strateġiċi; it-tisħiħ tal-kapaċitajiet għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni taċ-ċiberkriminalità; IV) it-tisħiħ taċ-ċibersigurtà għaċ-ċittadini u n-negozji; l-għoti ta' spinta lill-industrija taċ-ċibersigurtà; u vi) l-iżvilupp ta' kultura taċ-ċibersigurtà.
L17	C11.I6	T	Tlestija ta' proġetti biex jissaħħu l-kapaċitajiet taċ-ċibersigurtà tal-Amministrazzjoni Pubblika fl-oqsma tal-prevenzjoni, il-protezzjoni, id-detezzjoni u r-rispons għat-theddid ċibernetiku (il-programm taċ-Ċibersigurtà)		Miljuni ta' EUR	0	1 041	Q-2	2026	It-tlestija ta' proġetti biex jissaħħu l-kapaċitajiet taċ-ċibersigurtà tal-Amministrazzjoni Pubblika fl-oqsma tal-prevenzjoni, il-protezzjoni, id-detezzjoni u r-rispons għat-theddid ċibernetiku għal mill-inqas EUR 1 041 525 000. Dawn il-proġetti għandhom jikkontribwixxu għal wieħed jew aktar mill-oġġettivi li ġejjin: I) il-bini ta' kapaċitajiet ta' rispons għat-theddid ċibernetiku; II) l-iżgurar tas-sigurtà u r-reżiljenza tal-assi strateġiċi; it-tisħiħ tal-kapaċitajiet għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni taċ-ċiberkriminalità; IV) it-tisħiħ taċ-ċibersigurtà għaċ-ċittadini u n-negozji; l-għoti ta' spinta lill-industrija taċ-ċibersigurtà; u vi) l-iżvilupp ta' kultura taċ-ċibersigurtà.
L18	C11.I6	M	Regolament li jistabbilixxi l-Fond għas-Sigurtà u r-Reżiljenza	Dħul fis-seħħ tar-regolament				Q-2	2024	Id-dħul fis-seħħ tar-regolament, u kwalunkwe dokument assoċjat, li jistabbilixxi l-Faċilità.
L19	C11.I6	T	Fond għas-Sigurtà u r-Reżiljenza: Ftehimiet ta' finanzjament legali ffirmati mal-benefiċjarji finali (inklużi fondi ta' ekwità) (I)				35 %	Q-2	2025	Il-Faċilità, u kwalunkwe intermedjarju magħżul minn SEPIDES, għandhom ikunu dahl fuq ftehimiet ta' finanzjament legali mal-benefiċjarji finali (inklużi fondi ta' ekwità) għal ammont meħtieġ biex jintuża mill-inqas 35 % tal-investiment tal-RRF fil-Faċilità (filwaqt li jitqiesu t-tariffi tal-ġestjoni). Mill-inqas 10 % tal-finanzjament għandu jikkorrispondi għal ftehimiet ta' finanzjament iffirmati ma' fondi ta' ekwità u mill-inqas 40 % għandu jikkorrispondi għal ftehimiet ta' finanzjament iffirmati mal-benefiċjarji finali għall-prodotti ta' investiment l-oħra kollha (inklużi investimenti diretti ta' ekwità mis-Sieħeb Implimentattiv).
L20	C11.I6	T	Fond għas-Sigurtà u r-Reżiljenza: Ftehimiet ta' finanzjament legali				100 %	Q-3	2026	Il-Faċilità, u kwalunkwe intermedjarju magħżul minn SEPIDES, għandhom ikunu dahl fuq ftehimiet ta' finanzjament legali mal-benefiċjarji finali (inklużi fondi ta' ekwità) għal ammont meħtieġ

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
			iffirmati mal-benefiċjarji finali (inklużi fondi ta' ekwità) (II)							biex jintuża 100 % tal-investiment tal-RRF fil-Faċilità (filwaqt li jitqiesu t-tariffi tal-ġestjoni). Mill-inqas 10 % tal-finanzjament għandu jikkorrispondi għal ftehimiet ta' finanzjament iffirmati ma' fondi ta' ekwità u mill-inqas 40 % għandu jikkorrispondi għal ftehimiet ta' finanzjament iffirmati mal-benefiċjarji finali għall-prodotti ta' investiment l-oħra kollha (inklużi investimenti diretti ta' ekwità mis-Sieħeb Implimentattiv).
L21	C11.16	M	Fond għas-Sigurtà u r-Reżiljenza: Il-Ministeru lesta l-investiment	Ċertifikat ta' trasferiment				Q-3	2026	Spanja għandha tittrasferixxi EUR 1 000 000 000 għall-Faċilità

L. IL-KOMPONENT 12: IL-POLITIKA INDUSTRIJALI

L-objettiv tal-Komponent 12 tal-pjan Spanjol għall-irkupru u r-reżiljenza huwa li jagħti spinta lill-modernizzazzjoni u l-produttività tal-ekosistema tas-servizzi tal-industrija Spanjola permezz ta' tħaddin aktar malajr tat-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika.

Dan il-komponent tal-pjan Spanjol għall-irkupru u r-reżiljenza jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2019, dwar il-promozzjoni ta' investimenti fl-innovazzjoni u fl-effiċjenza enerġetika. Hija allinjata wkoll mar-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020 (billi tippromwovi l-investiment pubbliku u privat u trawwem it-tranżizzjoni ekoloġika). Il-komponent għandu jgħin ukoll biex tiġi indirizzata r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 2019 dwar it-trawwim tal-kooperazzjoni bejn in-negozju u l-edukazzjoni għall-forniment ta' ħliet rilevanti għas-suq tax-xogħol, u r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 2020 dwar it-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa. Il-komponent jikkontribwixxi wkoll biex tiġi indirizzata r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2022 dwar iż-żieda fir-rati ta' riċiklaġġ biex jintlaħqu l-miri tal-UE u tiġi promossa l-ekonomija ċirkolari billi tissaħħa il-koordinazzjoni fost il-livelli kollha tal-gvern u jsir aktar investiment biex jintlaħqu l-obbligi tal-għbir separat tal-iskart u tar-riċiklaġġ. Il-komponent jikkontribwixxi wkoll biex tiġi indirizzata r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2023 biex titnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili, jitħaffef l-użu tal-enerġija rinnovabbli u l-penetrazzjoni tal-elettromobbiltà.

Wieħed mill-objettivi tal-miżuri inklużi fil-komponent huwa li tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni minn ditti Spanjoli fi Proġett Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI) ipplanat.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

L.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma 1 (C12.R1) — Strateġija Spanjola biex tingħata spinta lill-Industrija 2030

L-objettiv tal-Istrateġija Spanjola li tagħti spinta lill-Industrija 2030 għandu jkun li tadatta l-qafas regolatorju biex tgħin lill-industrija tiffaċċja l-isfidi tas-servitizzazzjoni, id-diġitalizzazzjoni, is-sostenibbiltà ambjentali u l-ekonomija ċirkolari. L-istrateġija għandha tinkludi b'mod partikolari riforma tal-Liġi dwar l-Industrija li tmur lura għall-1992. L-objettiv tal-miżura għandu jkun li ttejjeb il-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni bejn il-livelli differenti tal-gvern fil-politika industrijali, u li ttejjeb il-kwalità u s-sikurezza industrijali permezz ta' sistema msaħħa ta' sorveljanza tas-suq, f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità ta' prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011³⁸. Fl-aħħar nett, id-definizzjoni ta' ksur fil-politika industrijali għandha tiġi riveduta u l-livell ta' sanzjonijiet li jistgħu jiġu applikati għandu jiġi aġġornat.

³⁸ ĠU L 169, 25.6.2019, p. 1–44.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Riforma 2 (C12.R2) — Politika dwar l-iskart u spinta lill-ekonomija ċirkolari

L-oġġettiv tal-miżura għandu jkun li tippromwovi mudelli ta' produzzjoni u konsum li jżommu l-prodotti, il-materjali u r-riżorsi naturali fl-ekonomija għall-itwal żmien possibbli. L-għan huwa li l-ġenerazzjoni tal-iskart titnaqqas kemm jista' jkun, u li jiġi żgurat l-isfruttament sħiħ tal-iskart li ma jistax jiġi evitat. Din ir-riforma għandha tinkludi l-approvazzjoni ta' Strateġija Spanjola għall-Ekonomija Ċirkolari f'Ġunju 2020, f'konformità mal-Pjanijiet ta' Azzjoni tal-UE għall-Ekonomija Ċirkolari.

Il-miżura għandha tinkludi wkoll pakkett ta' atti dwar l-ekonomija ċirkolari biex jiġu rregolati l-vjeġġi u r-rimi tal-iskart u biex jiġu ġestiti tajers li ma għadhomx jintużaw, u miżuri dwar vetturi li ma għadhomx jintużaw. Għal dan l-għan, ġew approvati d-Digriet Irjali 553/2020, tat-2 ta' Ġunju 2020, 646/2020, tas-7 ta' Lulju 2020, u 731/2020, tal-4 ta' Awwissu 2020, u d-Digriet Rjali 27/2021, tad-19 ta' Jannar u 265/2021, tat-13 ta' April. Barra minn hekk, ir-riforma għandha tinkludi l-approvazzjoni ta' miżuri regolatorji dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ mill-Kunsill tal-Ministri matul l-2022.

Barra minn hekk, il-miżura għandha tinkludi d-dħul fis-seħħ ta' Liġi ġdida dwar l-Iskart u l-Ħamrija Kontaminata sal-31 ta' Diċembru 2022. Il-liġi għandha tinkludi:

- L-implimentazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart u d-Direttiva għall-Plastiks li Jintużaw Darba Biss, kif ukoll adattament tar-regolamenti Spanjoli fid-dawl tal-esperjenza ta' dawn l-aħħar għaxar snin;
- L-introduzzjoni tal-oġġettivi tal-UE rigward l-iskart, u l-obbligi dwar il-ġbir separat li jirriżultaw mir-regolamenti tal-UE, li jantiċipaw l-implimentazzjoni ta' tagħhom fil-bijoskart fil-muniċipalitajiet b'aktar minn 5 000 abitant. Barra minn hekk, il-miżura għandha tintroduċi obbligi ta' ġbir separat li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni;
- Ir-rieżami tar-regolamentazzjoni tar-responsabbiltà estiża tal-produttur, li jistabbilixxi qafas regolatorju ġdid (meħtieġ mir-regolamenti tal-UE u oħrajn addizzjonali); u għal
- L-introduzzjoni tat-tassazzjoni tal-istat fuq l-iskart (inkluż fuq ir-rimi fil-miżblijiet, l-inċinerazzjoni u l-koinċinerar, u fuq kontenituri tal-plastik li jintużaw darba biss).

Fl-aħħar nett, din ir-riforma għandha tippromwovi l-koordinazzjoni bejn il-livelli differenti ta' organizzazzjoni u kompetenza fl-immaniġġjar tal-iskart sabiex ittejjeb l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni u fl-aħħar mill-aħħar tagħmel progress fit-tnaqqis tal-ġenerazzjoni tal-iskart, u ttejjeb il-ġestjoni tal-iskart li l-ġenerazzjoni tiegħu ma tistax tiġi evitata, bil-ħsieb li jintlaħqu l-oġġettivi tat-tnejja għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ.

Għal dan l-għan, din ir-riforma tinkludi:

- L-istabbiliment ta' grupp ta' ħidma fi ħdan il-Kumitat għall-Koordinazzjoni tal-Iskart biex jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-iskart u l-adozzjoni ta' miżuri speċifiċi biex tiġi ffaċilitata l-konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali armonizzata dwar il-ġestjoni tal-iskart. Il-miżuri miftiehma se jiġu ppubblikati fis-sit web tal-Ministeru
- L-adozzjoni tat-tieni pakkett ta' atti regolatorji dwar l-ekonomija ċirkolari, li jimplementa l-aspetti li ġejjin:

- i. Regolament dwar il-garanziji finanzjarji meħtieġa għal ċerti produttori u manijers tal-iskart, sabiex il-kalkolu ta' dawn il-garanziji jitwettaq skont l-istess kriterji fir-reġjuni kollha
- ii. Ir-Regolament dwar il-prodotti tat-tabakk b'filtri u filtri kkummerċjalizzati għall-użu flimkien mal-prodotti tat-tabakk. B'mod partikolari r-regolament għandu:
 - i. Tistabbilixxi l-obbligu li tħejji programmi ta' prevenzjoni għall-produttori li qiegħdu fis-suq nazzjonali ċertu ammont ta' prodott;
 - ii. Tistabbilixxi l-obbligu li l-kontenituri li huma parti mis-sistemi pubbliċi ta' ġbir u li l-infrastruttura speċifika tkun iddisinjata biex tippermetti l-ġbir separat tal-iskart tal-prodotti tat-tabakk bil-filtri u l-filtri;
 - iii. Tinkludi l-possibbiltà li jiġu stabbiliti objettivi ta' prevenzjoni u ġbir separat skont ir-riżultati miksuba;
 - iv. Tistabbilixxi l-ħolqien ta' reġistru ta' produttori ta' prodotti tat-tabakk b'filtri u filtri;
- iii. Regolament dwar iż-żjut industrijali għar-rimi, sabiex il-qafas regolatorju jsir konformi mad-dispożizzjonijiet tal-liġi l-ġdida dwar l-iskart li tinkludi dispożizzjoni dwar iż-żjut industrijali għar-rimi;
- iv. Ir-Regolament dwar it-tajers li ma għadhomx jintużaw, lil hinn mir-reviżjoni parzjali u f'waqtha tal-istandard attwali mwettqa fl-2020; u għal
- v. Ordni Ministerjali dwar ir-rekwiżiti minimi għat-trattament tal-iskart muniċipali qabel ir-rimi fil-miżblat.

Dawn ir-regolamenti għandhom jiżguraw ġestjoni koordinata fir-reġjuni kollha, kif ukoll l-implimentazzjoni tal-iskema tar-responsabbiltà estiża tal-produttur (EPR).

Barra minn hekk, ir-riforma għandha tinkludi l-adozzjoni tat-tieni Pjan ta' Azzjoni għal Ekonomija Ċirkolari li għandu jiġi implimentat fil-perjodu 2024–2026, bħala parti mill-Istrateġija Spanjola għal Ekonomija Ċirkolari. It-tieni Pjan ta' Azzjoni għandu jindirizza l-kwistjonijiet identifikati matul l-implimentazzjoni tal-ewwel Pjan, kif ukoll is-setturi fejn hemm il-ħtieġa li l-inizjattivi jiġu ffukati fil-livell tal-istat.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment (C12.I1) — Spazji tad-data settorjali għad-diġitalizzazzjoni tas-setturi strateġiċi tal-produzzjoni

L-objettiv ta' din il-miżura għandu jkun li jinħolqu spazji tad-data siguri u kbar f'setturi industrijali strateġiċi, bħas-settur agroalimentari, tal-mobbiltà sostenibbli, tas-saħħa u kummerċjali. L-innovazzjoni, l-effiċjenza u l-ekonomiji ta' skala għandhom jitrawmu permezz tal-iżvilupp ta' komponenti komuni (elementi kostitwenti) u permezz tal-kondiviżjoni ta' infrastrutturi u data komuni (pjattaformi tal-cloud, networks tas-supercomputing u tal-ħżin, analitika tal-big data u intelliġenza artifiċjali).

L-istrutturi ta' governanza għandhom jissaħħu biex tiġi artikulata l-kooperazzjoni pubblika-privata fl-iżvilupp ta' spazji tad-data. Barra minn hekk, għandhom jiġu definiti mekkaniżmi biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà, u għandhom jiġu żviluppati regoli u mekkaniżmi xierqa biex tiġi promossa l-kondiviżjoni tad-data bejn il-kumpaniji. L-investment għandu jitwettaq f'allinjament mal-

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea “Strateġija Ewropea għad-data”³⁹ u l-azzjonijiet previsti fiha, b’mod partikolari l-Att dwar id-Data u r-Regolament dwar il-Governanza li jmiss⁴⁰, kif ukoll il-Federazzjoni Cloud tal-UE. Is-sinerġiji għandhom jiżguraw il-komplementarjetà mal-Programm Ewropa Diġitali⁴¹. L-investiment għandu jkun allinjat ukoll mar-referenzi u l-istandards ewlenin, bħal dawk promossi mill-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Ispazji tad-Data (IDS).

Mill-inqas erba’ spazji tad-data settorjali u interoperabbli ta’ valur għoli għandhom jiġu appoġġati sal-31 ta’ Diċembru 2023, fis-settur agroalimentari, fis-settur tal-mobbiltà sostenibbli, fis-settur tas-saħħa u fis-settur tal-kummerċ.

Din l-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta’ Ġunju 2026.

Investiment 2 (C12.I2) — Programm biex tingħata spinta lill-kompetittività u s-sostenibbiltà industrijali

L-oġettiv ta’ din il-miżura huwa li tippromwovi t-trasformazzjoni ta’ setturi strateġiċi li huma kruċjali għat-tranżizzjoni industrijali ta’ Spanja, bħall-vetturi awtomobilistiċi u elettriċi, is-setturi agroalimentari, tas-saħħa, tal-ajrunawtika u navali, is-setturi industrijali marbuta mal-enerġiji rinnovabbli u fil-kapaċitajiet għad-disinn u l-produzzjoni tal-proċessuri u t-teknoloġiji tas-semikondutturi. Mill-inqas tliet proġetti strateġiċi ewlenin għandhom jiġu appoġġati taħt din l-azzjoni (l-hekk imsejja “PERTEs”), li jinkludu l-katina tal-valur kollha fis-settur rilevanti, u inkluż l-appoġġ għall-SMEs.

Din il-miżura għandha tiffinanzja wkoll proġetti ta’ skala iżgħar, bħal simulazzjoni industrijali, materjali avvanzati, realtà virtwali u robotika kollaborattiva u konjittiva. Il-miżura għandha tkompli tappoġġa infrastrutturi industrijali sostenibbli, bħal parks industrijali jew żoni loġistiċi. Bħala parti minn dan l-element tal-miżura, il-pjan Spanjol għall-irkupru u r-reżiljenza għandu jiffinanzja mill-inqas 78 proġett innovattiv li jinvolvu trasformazzjoni industrijali sostanzjali f’termini ta’ effiċjenza enerġetika, sostenibbiltà u trasformazzjoni diġitali.

Wara l-approvazzjoni ta’ PERTE mill-Kunsill tal-Ministri, għandha titnieda sejħa kompetittiva mill-Ministeru rilevanti bl-għan li tirċievi proposti speċifiċi li għandhom jiġu żviluppati taħt il-PERTE approvat. L-implimentazzjoni ta’ miżuri ta’ appoġġ li jistgħu jikkostitwixxu għajjnuna mill-Istat f’konformità mal-Artikolu 107 tat-TFUE u li jistgħu jeħtieġu notifika minn qabel lill-Kummissjoni ma għandhiex issir qabel ma Spanja tkun kisbet l-approvazzjoni tal-għajjnuna mill-Istat mill-Kummissjoni.

Id-Deċizzjoni tal-Kunsill tal-Ministri li tapprova l-PERTE għandu jkun fiha kriterji tal-għażla dettaljati biex tiġi żgurata l-konformità mal-Gwida Teknika “La tagħmilx ħsara sinifikanti” (2021/C58/01). Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika “Bla ħsara sinifikanti” (2021/C58/01), il-kriterji ta’ eliġibbiltà li jinsabu f’termini ta’ referenza għal sejħiet għal proġetti li ġejjin għandhom jeskludu l-lista ta’ attivitajiet li ġejja: (I) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu

³⁹ COM/2020/66 final.

⁴⁰ Ara l-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-governanza Ewropea tad-data, 25.11.2020, COM/2020/767 final.

⁴¹ <https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/activities/digital-programme>

downstream⁴²; (II) attivitajiet taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksibu emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li ma jkunux inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti⁴³; (III) kumpens għall-ispejjeż indiretti tal-ETS; (IV) attivitajiet relatati ma' miżblijiet tal-iskart, inċineraturi⁴⁴ u impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku⁴⁵; u (v) attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent. It-termini ta' referenza għandhom jirrikjedu wkoll li jistgħu jintgħażlu biss attivitajiet li jikkonformaw mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

L-azzjonijiet R & I li għejjin taħt dan l-investiment għandhom jitqiesu konformi mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01): L-azzjonijiet tar-R & I taħt dan l-investiment iddedikati għaż-żieda sostanzjali tas-sostenibbiltà ambjentali tal-kumpaniji (bħad-dekarbonizzazzjoni, it-tnaqqis tat-tniġġis u l-ekonomija ċirkolari) jekk l-enfasi primarja tal-azzjonijiet tar-R & I taħt dan l-investiment tkun fuq l-iżvilupp jew l-adattament ta' alternattivi bl-inqas impatti ambjentali possibbli fis-settur.

Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw li mill-inqas EUR 455 000 000 jikkontribwixxu għall-oġettivi tat-tibdil fil-klima b'koeffiċjent klimatiku ta' 100 % u b'mill-inqas EUR 1 500 000 000 b'koeffiċjent klimatiku ta' 40 %, f'konformità mal-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza⁴⁶. Inkella, jekk ikun iġġustifikat sew billi tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex l-approċċ alternattiv jista' ma jkunx fattibbli, il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw li mill-inqas EUR 2 531 500 000 jikkontribwixxu għall-oġettivi tat-tibdil fil-klima b'medja ta' mill-inqas 40 % koeffiċjent klimatiku, f'konformità mal-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

⁴² Ħlief għal (a) proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll infrastruttura relatata tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) u (b) attivitajiet u assi skont il-punt (ii) li għalihom l-użu tal-fjuwils fossili huwa temporanju u teknikament inevitabbli għat-tranżizzjoni f'waqtha lejn operazzjoni ħielsa mill-fjuwils fossili.

⁴³ Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li mhumx sostanzjalment anqas mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

⁴⁴ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

⁴⁵ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

⁴⁶ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17–75.

Investiment 3 (C12.I3) — Pjan għall-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-iskart u l-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari

L-oġġettiv ta' din il-miżura għandu jkun li tgħin fit-trawwim tal-ekonomija ċirkolari fi Spanja, billi tiffinanzja proġetti mfassla biex jimplimentaw il-qafas nazzjonali tar-regolament dwar l-iskart u biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-UE fil-qasam tal-iskart, kif ukoll proġetti innovattivi tal-ekonomija ċirkolari fis-settur privat biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni lejn l-ekonomija ċirkolari.

Il-miżura għandha tappoġġa l-aġġornament tas-sistemi eżistenti ta' ġbir separat tal-iskart, u l-investimenti fil-punti ta' ġbir biex jittejbu r-riċiklaġġ, il-konstruzzjoni ta' impjanti ġodda tat-trattament tal-iskart u ż-żieda fl-effiċjenza fir-riżorsi fl-impjanti tat-trattament mekkaniku bijoloġiku eżistenti, mingħajr ma tiżdied il-ħajja jew il-kapaċità tagħhom (li għandhom jiġu vverifikati fil-livell tal-impjant). L-oġġettiv tal-miżura għandu jkopri wkoll soluzzjonijiet diġitali fil-qasam u l-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari fil-livell tal-kumpaniji. L-oġġettiv propost huwa li jkun tlestew mill-inqas 30 mill-proġetti ppjanati. Il-miżura għandha tikseb il-konstruzzjoni ta' kapaċità ġdida ta' trattament għall-iskart muniċipali miġbur separatament ta' mill-inqas 1 500 000 tonnellata fis-sena.

Il-miżura għandha tinkludi wkoll id-distribuzzjoni ta' fondi lill-Komunitajiet Awtonomi għal proġetti li jimplimentaw il-leġiżlazzjoni dwar l-iskart, li għandhom jiġu miftiehma u approvati f'Konferenza Settorjali jew permezz ta' għotja diretta f'konformità mal-Liġi Ġenerali dwar is-Sussidji 38/2003, sa tmiem l-2024.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika “Bla ħsara sinifikanti” (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu f'termini ta' referenza għal sejħiet għal proġetti li ġejjin għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejja: (i) attivitajiet relatati ma' miżbliet tal-iskart, incineraturi⁴⁷ u impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku⁴⁸; u (ii) attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent. Għall-vetturi għall-ġbir tal-iskart, għall-makkinarju tal-ipproċessar tal-iskart u għat-tagħmir komplementari, għandha tintuża l-aħjar teknoloġija disponibbli bl-inqas impatt ambjentali fis-settur. It-termini ta' referenza għandhom jirrikjedu wkoll li jistgħu jintgħażlu biss attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 4 (C12.I4) — Tisħiħ tal-industrija tal-katina tal-valur tas-semikondutturi

L-oġġettiv tal-investiment huwa li jipprovdi appoġġ permezz ta' għotjiet għal proġetti relatati mal-industrija tal-katina tal-valur tas-semikondutturi sabiex tissaħħaħ l-ekosistema nazzjonali tal-mikroelettronika u jiġi estiż l-impatt tal-parteċipazzjoni tal-kumpaniji Spanjoli fl-IPCEI dwar il-Mikroelettronika u t-Teknoloġiji tal-Komunikazzjoni (IPCEI ME-TC). Dan l-appoġġ għandu jtejjeb il-kapaċità tad-disinn u tal-manifattura tal-industrija tas-semikondutturi fi Spanja.

⁴⁷ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

⁴⁸ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza fir-riżorsi jew il-modifika retroattiva għal operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

L-implimentazzjoni ta' din il-miżura għandha titwettaq permezz ta' żewġ tipi ta' strumenti:

1. L-ewwel wieħed għandu jlesti l-finanzjament meħtieġ biex jappoġġa l-parteċipazzjoni tal-kumpaniji Spanjoli fl-IPCEI-MCE, approvat mill-Kummissjoni Ewropea.
2. It-tieni, sejħa nazzjonali, għandha tkun iffukata fuq l-għoti ta' finanzjament lil proġetti oħra żviluppanti mill-intrapriżi fil-katina tal-valur tal-industrija tas-semikondutturi.

L-investment għandu jitlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

Investment 5 (C12.I5) — Skema ta' sussidji biex tappoġġa l-ekonomija ċirkolari

Din il-miżura għandha tikkonsisti f'investment pubbliku fi skema ta' sussidju sabiex jiġi inċentivat l-investment privat u tiġi appoġġata l-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari fil-livell tad-ditti, fi tliet setturi ewlenin għall-ekonomija Spanjola: it-tessuti u l-moda, il-plastik u t-tagħmir tal-enerġija rinnovabbli. L-iskema għandha topera billi tipprovdi inċentivi finanzjarji permezz tal-għoti ta' għotjiet jew investimenti ta' ekwità, inklużi kapital ta' riskju u fondi ta' ekwità, lis-settur privat. Abbażi tal-investment tal-RRF, l-iskema għandha l-għan li inizjalment tipprovdi mill-inqas EUR 300 miljun ta' finanzjament.

L-iskema għandha tkun ġestita mill-Instituto de Diversificación y Ahorro de la Energía (IDAE) u Fundación Biodiversidad bħala s-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni. Sabiex jimplimenta l-investment fl-iskema, il-gvern għandu jadotta strument legali wieħed jew aktar (fil-każ ta' investimenti ta' ekwità, dan l-istrument ikun politika ta' investment li għandha tiġi approvata mill-IDAE), li jistabbilixxi l-iskema li għandha tinkludi l-elementi li ġejjin:

1. Deskrizzjoni tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-iskema. L-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet u l-għażla tal-benefiċjarji li għandhom jiġu inklużi fid-deċiżjonijiet finali ta' għoti jew deċiżjonijiet ta' investment taħt l-iskema għandhom jittieħdu minn korp ta' evalwazzjoni u approvati b'maġġoranza ta' voti minn membri li huma indipendenti mill-Gvern Spanjol, li jfisser li jridu jkunu jew persunal impjegat mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni u/jew esperti indipendenti oħra. Id-Deċiżjoni finali dwar l-investment tal-iskema għandha tkun limitata għall-approvazzjoni (mingħajr modifiki) jew għall-eżerċizzju ta' dritt ta' veto fuq deċiżjoni ta' investment proposta mill-kumitat tal-investment jew korp governattiv ekwivalenti rilevanti. Fil-każ li xi wieħed mill-applikanti jipparteċipa mill-IDAE u l-baġit għal dik is-sejħa ma jkunx biżżejjed biex ikopri l-applikazzjonijiet kollha riċevuti, il-proċess ta' evalwazzjoni għandu jiġi awditjat esternament kif previst fil- "Plan de Mitigación de Potenciales Conflictos de Interés en Sociedades Participadas" tal-IDAE.
2. Il-lista ta' attivitajiet eliġibbli għall-appoġġ li għandha tkun din li ġejja:
 - a. Tessuti u moda u plastik (mill-inqas EUR 200 000 000 ġestiti minn Fundación Biodiversidad): investimenti fl-infrastruttura, fit-teknoloġiji u fir-R & Żvilupp u kamp; Niffaċilita t-tnaqqis, l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ u/jew ir-rivalorizzazzjoni tal-materjali.
 - b. Tagħmir tal-enerġija rinnovabbli (mill-inqas EUR 100 000 000 ġestiti mill-IDAE): investimenti fl-ekodisinn, fl-infrastruttura, fit-teknoloġiji, fir-R & fil-kamp tal-iżvilupp; I u/jew l-iżvilupp ta' installazzjonijiet u sistemi li jiffaċilitaw it-tnaqqis, l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ u/jew ir-rivalorizzazzjoni tal-materjali.
3. Ir-rekwiżit ta' konformità mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" (DNSH) skont il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza kif stabbilit fil-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). B'mod partikolari, l-istrument (i) legali għandhom jeskludu l-lista ta'

attivitajiet li ġeja: (I) attivitajiet relatati ma' miżbljet tal-iskart, incineraturi⁴⁹ u impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku⁵⁰. Għall-makkinarju tal-ipproċessar tal-iskart u t-tagħmir komplementari, għandhom jintużaw l-aħjar teknoloġiji disponibbli bl-inqas impatt ambjentali fis-settur. Fil-każ ta' appoġġ ġenerali lil korporattivi (inklużi ekwità u kapital ta' riskju) l-istrument (i) legali għandhom jeskludu kumpaniji b'fokus sostanzjali⁵¹ fis-setturi li ġejjin: (I) il-produzzjoni tal-enerġija bbażata fuq il-fjuwils fossili u attivitajiet relatati⁵²; (II) l-industriji intensivi fl-enerġija u/jew b'emissjonijiet għoljin ta' CO₂⁵³; (III) il-produzzjoni, il-kiri, jew il-bejgħ ta' vetturi li jniġġsu⁵⁴; (IV) il-ġbir tal-iskart, it-trattament u r-rimi tal-iskart⁵⁵, (v) l-ipproċessar tal-fjuwil nukleari, il-produzzjoni tal-enerġija nukleari. Barra minn hekk, l-istrument (i) legali għandhom jirrikjedu konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u dik nazzjonali tal-benefiċjarji finali tal-iskemi ta' sussidju.

4. Ir-rekwiżit li l-benefiċjarji finali tal-iskemi ta' sussidju ma għandhomx jirċievu appoġġ minn strumenti oħra tal-Unjoni biex ikopru l-istess kost.
5. L-ammont kopert mill-iskema u r-rekwiżit li jiġi investit mill-ġdid kwalunkwe rikavat mhux użat mill-iskema ta' sussidju fl-attivitajiet bħal daww elenkati hawn fuq, inkluż lil hinn mill-2026.
6. Rekwiżiti ta' rapportar għall-investimenti klimatiċi għall-iskemi ta' sussidju⁵⁶.

⁴⁹ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

⁵⁰ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza fir-riżorsi jew il-modifika retroattiva għal operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

⁵¹ Huwa kkunsidrat li Benefiċjarju Finali għandu "fokus sostanzjali" fuq settur jew attività ta' negozju jekk tali settur jew attività tkun identifikata bħala parti essenzjali tal-attività tan-negozju tal-Benefiċjarju Finali rispettivament fir-rigward tad-dħul gross, il-profit, jew il-bażi tal-klijenti tal-Benefiċjarju Finali. Id-dħul gross iġġenerat mis-settur jew mill-attività ristretta ma għandux, fi kwalunkwe każ, jaqbeż il-50 % tad-dħul gross.

⁵² Ħlief għal (a) assi u attivitajiet fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll l-infrastruttura relatata tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) u (b), l-attivitajiet u l-assi skont il-punt (ii) li għalihom l-użu tal-fjuwils fossili huwa temporanju u teknikament inevitabbli għat-tranżizzjoni f'waqtha lejn operazzjoni ħielsa mill-fjuwils fossili.

⁵³ Inklużi attivitajiet u assi taħt is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumix inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti. Meta l-attività appoġġata tikseb l-emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumix aktar baxxi b'mod sinifikanti mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwix possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

⁵⁴ Il-vetturi li jniġġsu huma definiti bħala vetturi mingħajr emissjonijiet.

⁵⁵ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet f'impjanti ddedikati esklużivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma bl-għan li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew għall-użu jew għall-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

⁵⁶ Il-benefiċjarji finali assoċjati ma' proġetti speċifiċi għandhom ikunu meħtieġa jipprovdu ġustifikazzjoni tal-qasam ta' intervent magħżul għal kull proġett appoġġat, flimkien ma' deskrizzjoni tal-proġett, għall-fini tal-komputazzjoni tal-kontribuzzjoni għall-klima. Għall-fini tal-komputazzjoni tal-kontribuzzjoni għall-klima, fil-każ ta' ekwità, kważi ekwità,

7. Għal investimenti ta' ekwità, inkluż il-kapital ta' riskju, ir-rekwiżiti ewlenin tal-politika ta' investiment fir-rigward tal-ġoti possibbli ta' fondi għandhom jinkludu:
 - a. Id-deskrizzjoni tal-linji tal-prodott (i) finanzjarju/i u l-benefiċjarji finali eliġibbli
 - b. Ir-rekwiżit li l-investimenti kollha appoġġati jkunu ekonomikament vijabbli.
8. Għal investimenti ta' ekwità, inkluż il-kapital ta' riskju, ir-rekwiżiti ta' monitoraġġ, awditjar u kontroll li ġejjin, inklużi:
 - a. Id-deskrizzjoni tas-sistema ta' monitoraġġ tal-IDAE biex tirrapporta dwar l-investment mobilizzat.
 - b. Id-deskrizzjoni tal-proċeduri tal-IDAE li se jiżguraw il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni ta' frodi, korruzzjoni, u kunflitti ta' interess.
 - c. L-obbligu li tiġi vverifikata l-eliġibbiltà ta' kull operazzjoni skont ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Ftehim ta' Implimentazzjoni qabel ma jsir impenn għall-finanzjament ta' operazzjoni.
 - d. L-obbligu li jitwettqu awditi ex post ibbażati fuq ir-riskju f'konformità ma' pjan tal-awditjar tal-IDAE. Dawn l-awditi għandhom jivverifikaw i) li s-sistemi ta' kontroll huma effettivi, inkluż l-identifikazzjoni ta' frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess; II) il-konformità mal-prinċipju DNSH, ir-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat, ir-rekwiżiti tal-mira klimatika; u iii) li jiġi rrispettat ir-rekwiżit li l-IDEA tivverifika li tiġi ppreżentata dikjarazzjoni responsabbli mill-benefiċjarji finali biex tikkontrolla jekk l-istess kost huwiex kopert minn strument ieħor tal-Unjoni. L-awditi għandhom jivverifikaw ukoll il-legalità tat-tranżazzjonijiet u li l-kundizzjonijiet tal-istrument (i) legali jew tal-politika ta' investiment applikabbli li jistabbilixxu l-iskema qed jiġu rrispettati.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

Investiment 6 (C12.I6) — Skema ta' sussidji biex tappoġġa proġetti strateġiċi fil-katina tal-valur tal-karozzi elettriċi (għotjiet)

Din il-miżura għandha tikkonsisti f'investiment pubbliku fi skema ta' sussidju biex tinċentiva l-investment privat fil-katina tal-valur tal-karozzi elettriċi permezz ta' għotjiet. L-iskema għandha tippromwovi t-trasformazzjoni ta' setturi strateġiċi bħall-vetturi awtomobilistiċi u elettriċi permezz tal-ġoti ta' għotjiet lis-settur privat, fil-kuntest tal-Proġetti Strateġiċi jew tal-PERTES approvati mill-Kunsill tal-Ministri. Abbażi tal-investment tal-RRF, l-iskema ta' sussidju għandha l-għan li inizjalment ttipprovdi mill-inqas EUR 250 000 000 ta' finanzjament.

L-iskema għandha tiġi ġestita minn SEPIDES bħala s-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni. Att legali rilevanti għandu jittrasforma SEPIDES f'impriża pubblika sabiex jiġi implimentat dan l-

bonds korporattivi jew strumenti ekwivalenti mhux immirati lejn proġetti speċifiċi, għandhom jintużaw kriterji li jirrikjedu li mill-inqas 90 % tad-dħul tar-riċevitur matul is-sena finanzjarja preċedenti jew id-dħul futur skont pjan ta' direzzjoni tan-negozju jiġu ġġenerati/se jiġu ġġenerati minn attività li tikkonforma mal-kriterji rilevanti li jirriżultaw mill-oqsma ta' intervent applikabbli fl-Anness VI tar-Regolament RRF. Il-benefiċjarji finali minn ekwità, kważi ekwità, bonds korporattivi jew strumenti ekwivalenti mhux immirati lejn proġetti speċifiċi għandhom jipprovdu ġustifikazzjoni għall-qasam/oqsma ta' intervent magħżul/magħżula. Is-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni għandu jkun meħtieġ ukoll jipprovdi lill-Istat Membru rapport semiannwali dwar l-implimentazzjoni ta' kull proġett/attività.

investiment (dan huwa stadju importanti taħt l-Investment 6 tal-Komponent 3 l tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza ta' Spanja).

Sabiex jimplimenta l-investment fl-iskema, il-gvern għandu jadotta strument legali wieħed jew aktar li jistabbilixxu l-iskema, li għandhom jinkludu l-elementi li ġejjin:

1. Deskrizzjoni tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet għall-iskema: L-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet u l-għażla tal-benefiċjarji li għandhom jiġu inklużi fid-deċiżjonijiet finali ta' għoti jew fid-deċiżjonijiet ta' investiment taħt l-iskema għandhom jittieħdu minn kumitat ta' evalwazzjoni jew minn korp governattiv ekwivalenti ieħor u approvati b'maġġoranza ta' voti minn membri li huma indipendenti mill-Gvern Spanjol, li jfisser li jridu jkun jew persunal impjegat minn SEPIDES u/jew esperti indipendenti oħra. Id-Deċiżjoni finali dwar l-investment tal-iskema għandha tkun limitata għall-approvazzjoni (mingħajr modifiki) jew għall-eżerċizzju ta' dritt ta' veto fuq deċiżjoni ta' investiment proposta mill-kumitat ta' evalwazzjoni jew korp governattiv ekwivalenti rilevanti.
2. Il-lista ta' attivitajiet għat-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali tas-settur li huma eliġibbli għall-appoġġ, li għandhom jammontaw għal mill-inqas EUR 250 000 000. Il-miżura għandha tappoġġa proġetti innovattivi li jinvolvu trasformazzjoni industrijali sostanzjali f'termini ta' effiċjenza enerġetika, sostenibbiltà u trasformazzjoni diġitali tas-settur.
3. Ir-rekwiżit ta' konformità mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" (DNSH) skont il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza kif stabbilit fil-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). B'mod partikolari, l-istrument (i) legali għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejja: (I) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream⁵⁷; (II) attivitajiet taħt l-iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li ma jkunux inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti⁵⁸; u (iii) attivitajiet relatati ma' miżbljet tal-iskart, incineraturi⁵⁹ u impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku⁶⁰. Barra minn hekk, l-istrument (i) legali għandhom jirrikjedu konformità mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u dik nazzjonali tal-benefiċjarji finali tal-iskemi ta' sussidju. L-azzjonijiet R & I li ġejjin taħt dan

⁵⁷ Ħlief (a) proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll infrastruttura relatata tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, li jużaw il-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) u (b) l-attivitajiet u l-assi skont il-punt (ii) li għalihom l-użu tal-fjuwils fossili huwa temporanju u teknikament inevitabbli għat-tranżizzjoni f'waqtha lejn operazzjoni ħielsa mill-fjuwils fossili.

⁵⁸ Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li mhumx sostanzjalment anqas mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

⁵⁹ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

⁶⁰ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza fir-riżorsi jew il-modifika retroattiva għal operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

l-investiment għandhom jittqiesu konformi mal-Gwida Teknika “La tagħmilx ħsara sinifikanti” (2021/C58/01): L-azzjonijiet tar-R & Itaħt dan l-investiment iddedikati għaż-żieda sostanzjali tas-sostenibbiltà ambjentali tal-kumpaniji (bħad-dekarbonizzazzjoni, it-tnaqqis tat-tniġġis u l-ekonomija ċirkolari) jekk l-enfasi primarja tal-azzjonijiet tar-R & Itaħt dan l-investiment tkun fuq l-iżvilupp jew l-adattament ta’ alternattivi bl-inqas impatti ambjentali possibbli fis-settur.

4. Rekwiżiti għall-investimenti klimatiċi mwettqa minn SEPIDES: mill-inqas EUR 100 000 000 tal-investiment tal-RRF fl-iskema għandhom jikkontribwixxu għall-oġettivi tat-tibdil fil-klima f’konformità mal-Anness VI tar-Regolament RRF.⁶¹
5. Ir-rekwiżit li l-benefiċjarji finali tal-iskema ta’ sussidju ma għandhomx jirċievu appoġġ minn strumenti oħra tal-Unjoni biex ikopru l-istess kostijiet.
6. L-ammont kopert mill-iskema u r-rekwiżit li jiġi investit mill-ġdid kwalunkwe rikavat mhux użat mill-iskema ta’ sussidju fl-attivitajiet bħal dawk elenkati hawn fuq, inkluż lil hinn mill-2026.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta’ Awwissu 2026.

L.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta’ żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Ara t-tabella ta’ hawn taħt. Id-data tal-linja bażi għall-indikaturi kollha hija l-1 ta’ Frar 2020 sakemm ma jkunx indikat mod ieħor fid-deskrizzjoni tal-azzjoni. L-ammonti fit-tabella ma jinkludux il-VAT.

⁶¹ Il-benefiċjarji finali minn self, self parteċipattiv, bonds tal-proġetti, garanziji jew strumenti ekwivalenti assoċjati ma’ proġetti speċifiċi għandhom ikunu meħtieġa jipprovdu ġustifikazzjoni tal-qasam ta’ intervent magħżul għal kull proġett appoġġat, flimkien ma’ deskrizzjoni tal-proġett. Is-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni għandu jkun meħtieġ ukoll jipprovdi lill-Istat Membru rapport semiannwali dwar l-implimentazzjoni ta’ kull proġett/attività.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
176	C12.R1	M	Dħul fis-seħħ tal-Liġi dwar l-Industrija	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-liġi				Q-4	2023	Il-liġi għandu jkollha l-oġġettivi li ttejjeb il-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni bejn il-livelli differenti tal-gvern fil-politika industrijali, u li ttejjeb il-kwalità u s-sikurezza industrijali permezz ta' sistema msaħħa ta' sorveljanza tas-suq, f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011. Fl-aħħar nett, id-definizzjoni ta' ksur fil-qasam għandha tiġi riveduta u l-livell ta' sanzjonijiet li jistgħu jiġu applikati għandu jiġi aġġornat.
177	C12.R2	M	Strateġija Spanjola dwar l-Ekonomija Ċirkolari (EEEC)	Approvazzjoni mill-Kunsill tal-Ministri				Q-2	2020	Approvazzjoni tal-Istrateġija Spanjola dwar l-Ekonomija Ċirkolari (EEEC). Din tistabbilixxi l-bażi għall-promozzjoni ta' mudell ġdid ta' produzzjoni u konsum li fih jinżamm il-valur tal-prodotti, il-materjali u r-riżorsi kemm jista' jkun, li fih il-ġenerazzjoni tal-iskart tiġi minimizzata u l-iskart li jista' ma jiġix evitat jiġi sfruttat bis-sħiħ.
178	C12.R2	M	Dħul fis-seħħ tal-atti li huma parti mill-pakkett ta' politika tal-ekonomija ċirkolari	Dispożizzjoni jiet fid-Digriet Rjali li jindikaw id-dħul fis-seħħ tal-liġijiet				Q-4	2022	Il-pakkett ta' politika tal-ekonomija ċirkolari jinkludi: Id-digriet Irjali 731/2020 tal-4 ta' Awwissu li jemenda d-Digriet Irjali 1619/2005 tat-30 ta' Diċembru dwar il-ġestjoni tat-tajers li ma għadhomx jintużaw. Id-digriet Irjali 646/2020 tas-7 ta' Lulju li jirregola r-rimi tal-iskart permezz ta' landfill. Id-digriet Irjali 553/2020 tat-2 ta' Ġunju li jirregola l-vjeġġi ta' skart fit-territorju tal-Istat. Id-digriet Rjali 27/2021, tad-19 ta' Jannar u 265/2021, tat-13 ta' April. L-approvazzjoni li jmiss ta' miżuri regolatorji dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ mill-Kunsill tal-Ministri matul l-2022.
179	C12.R2	M	Dħul fis-seħħ tal-Liġi dwar l-Iskart u l-Ħamrija Kontaminata	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-liġi				Q-4	2022	Il-liġi għandha tinkludi: (I) L-implimentazzjoni tad-direttiva qafas dwar l-iskart u d-direttiva għall-plastik li jintuża darba biss, u tagħgħorna wkoll ir-regolamenti Spanjoli fid-dawl tal-esperjenza ta' dawn l-aħħar għaxar snin; (II) L-introduzzjoni tal-oġġettivi tal-UE rigward l-iskart, u l-obbligi dwar il-ġbir separat li jirriżultaw mir-regolamenti tal-UE, li jantiċipaw l-implimentazzjoni ta' tagħhom fil-bijoskart fil-muniċipalitajiet b'aktar minn 5 000 abitant. Barra minn hekk, il-miżura għandha tintroduċi obbligi ta' ġbir separat li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni; (III) Ir-rieżami tar-regolament dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produttur, li jistabbilixxi oħrajn ġodda li jmorru lil hinn minn dak li huwa meħtieġ mid-dritt tal-Unjoni;

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										(IV) L-introduzzjoni tat-tassazzjoni tal-istat fuq l-iskart (inklużi l-miżbljet, l-inċinerazzjoni u l-koinċinerazzjoni u fuq kontenituri tal-plastik li jintużaw darba biss).
180	C12.I1	T	Spazji tad-data settorjali u interoperabbli ta' valur għoli	—	Numru	0	4	Q-2	2026	Spazji tad-data settorjali u interoperabbli ta' valur għoli maħluqa f'setturi strateġiċi. Mill-inqas erbgħa fis-settur agroalimentari, is-settur tal-mobbiltà sostenibbli, is-settur tas-saħħa u s-settur tal-kummerċ, f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. L-eżekuzzjoni tal-baġit immobilizzata għal dan l-għan għandha tammonta għal mill-inqas EUR 300 000 000.
181	C12.I2	M	Pjan biex tingħata spinta lill-Katina tal-Valur tal-Industrija tal-Karożżi lejn Mobbiltà Sostenibbli u Konnessa	Approvazzjoni mill-Kunsill tal-Ministri				Q-2	2020	Approvazzjoni mill-Kunsill tal-Ministri tal-Pjan biex tingħata spinta lill-Katina tal-Valur tal-Industrija tal-Karożżi lejn Mobbiltà Sostenibbli u Konnessa.
182	C12.I2	M	PERTE fil-qasam tal-vetturi elettriċi	Approvazzjoni mill-Kunsill tal-Ministri				Q-3	2022	Approvazzjoni mill-Kunsill tal-Ministri ta' Proġett Strateġiku għall-Irkupru u t-Trasformazzjoni Ekonomika (PERTE) fil-qasam strateġiku tal-vetturi elettriċi, u allokkazzjoni ta' mill-inqas EUR 400 000 000 ta' baġit f'għajjnuna. Id-Deċiżjoni ta' approvazzjoni tal-PERTE għandu jkun fiha kriterji tal-għażla dettaljati biex tiġi żgurata l-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. Il-kriterji tal-għażla għandhom jirriflettu wkoll ir-rekwiżiti tal-oqsma ta' intervent applikabbli għall-oġġettivi tat-tibdil fil-klima, f'konformità mal-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.
183	C12.I2	M	PERTEs f'oqsma strateġiċi definiti fil-Pjan	Approvazzjoni mill-Kunsill tal-Ministri				Q-4	2022	Approvazzjoni mill-Kunsill tal-Ministri ta' mill-inqas żewġ PERTEs u allokkazzjoni totali ta' mill-inqas EUR 800 000 000 f'baġit f'għajjnuna, f'oqsma strateġiċi oħra, bħall-agroalimentari, is-saħħa, is-setturi ajrunawtiċi u navali, u s-setturi industrijali marbuta mal-enerġiji rinnovabbli, u fil-kapaċitajiet għad-disinn u l-produzzjoni tal-proċessuri u t-teknoloġiji tas-semikondutturi. Id-Deċiżjoni ta' approvazzjoni tal-PERTE għandu jkun fiha kriterji tal-għażla dettaljati biex tiġi żgurata l-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta'

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										lista ta' esklużjoni u r-reqwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. Il-kriterji tal-għażla għandhom jirriflettu wkoll ir-reqwiżiti tal-oqsma ta' intervent applikabbli għall-oġġettivi tat-tibdil fil-klima, f'konformità mal-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.
184	C12.I2	T	Proġetti innovattivi għat-trasformazzjoni tal-industrija f'termini ta' effiċjenza enerġetika, sostenibbiltà u diġitalizzazzjoni	—	Numru	0	78	Q-4	2022	L-għoti ta' mill-inqas EUR 1 200 000 000 mill-Ministru tal-Industrija lil mill-inqas 78 proġett innovattiv, inklużi dawk marbuta mal-PERTES approvati (mill-inqas 3), li jnvolvu trasformazzjoni sostanzjali tal-industrija f'termini ta' effiċjenza enerġetika, sostenibbiltà u trasformazzjoni diġitali. L-għażla tal-proġetti wara sejħa ppubblikata fil-ĠU u abbażi tal-kriterji tal-għażla għall-konformità mal-Gwida Teknika “La tagħmilx ħsara sinifikanti” (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-reqwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. Il-kriterji tal-għażla għandhom jirriflettu wkoll ir-reqwiżiti tal-oqsma ta' intervent applikabbli għall-oġġettivi tat-tibdil fil-klima, f'konformità mal-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.
185	C12.I2	T	Eżekuzzjoni tal-baġit tal-PERTES u proġetti innovattivi għat-trasformazzjoni tal-industrija	—	EUR	0	2 531 500 000	Q-4	2024	L-eżekuzzjoni tal-baġit ta' mill-inqas EUR 2 531 500 000 mobilizzati f'mill-inqas 210 proġett innovattiv, inklużi dawk marbuta mal-PERTES approvati (mill-inqas 3), li jnvolvu trasformazzjoni reali tal-industrija f'termini ta' effiċjenza enerġetika, sostenibbiltà u trasformazzjoni diġitali, f'konformità mal-Gwida Teknika “La tagħmilx ħsara sinifikanti” (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-reqwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw li mill-inqas EUR 455 000 000 jikkontribwixxu għall-oġġettivi tat-tibdil fil-klima b'koeffiċjent klimatiku ta' 100 % u b'mill-inqas EUR 1 500 000 000 b'koeffiċjent klimatiku ta' 40 %, f'konformità mal-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Inkella, jekk ikun iġġustifikat sew billi tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex l-approċċ alternattiv jista' ma jkunx fattibbli, il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw li mill-inqas EUR 2 531 500 000 jikkontribwixxu għall-oġġettivi tat-tibdil fil-klima b'medja ta' mill-inqas 40 % koeffiċjent klimatiku, f'konformità mal-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Mill-inqas EUR 3 800 000 000 ta' investiment privat għandhom jiġu mobilizzati bil-fondi tal-RRF, anke f'konformità mal-Gwida Teknika “La tagħmilx ħsara sinifikanti” (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-reqwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										Din il-mira ma għandhiex titqies li ntlaħqet f'każ li kwalunkwe waħda mill-miżuri li għalihom ikun ġie impenjat il-baġit kellha tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat f'konformità mal-Artikolu 107 tat-TFUE, tkun meħtieġa notifika lill-Kummissjoni u ma tkunx kisbet l-approvazzjoni mill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2024.
186	C12.I2	T	Tlestija tal-PERTES u proġetti innovattivi għat-trasformazzjoni tal-industrija	—	Numru	0	3	Q-2	2026	It-tlestija ta' mill-inqas 210 proġett innovattiv, inklużi dawk marbuta mal-PERTES approvati (mill-inqas tlieta), li jinvolvu trasformazzjoni reali tal-industrija f'termini ta' effiċjenza enerġetika, sostenibbiltà u trasformazzjoni diġitali, f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.
187	C12.I3	T	Tlestija ta' proġetti għall-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-iskart u l-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari fl-intrapriża	—	Numru	0	30	Q-4	2023	It-tlestija ta' mill-inqas 30 proġett approvati mill-MITERD biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-iskart u jippromwovu l-ekonomija ċirkolari fl-intrapriża f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. L-azzjonijiet taħt dan l-investiment relatati ma' impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku għandhom isiru biss f'impjanti ta' trattament mekkaniku bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt dan l-investiment huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza fir-riżorsi jew il-modifika retroattiva għall-operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet taħt dan l-investiment ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti, ivverifikata fil-livell tal-impjant.
188	C12.I3	T	Kostruzzjoni ta' kapaċità ġdida ta' trattament ta' skart muniċipali miġbur separatament	—	t/sena ta' kapaċità ta' ġbir separat tal-iskart muniċipali	0	1 500 000	Q-2	2026	Il-kostruzzjoni ta' kapaċità ġdida ta' trattament għal skart miġbur separatament ta' mill-inqas 1 500 000 tunnellata fis-sena. Ġbir separat għandu jfisser il-ġbir fejn fluss ta' skart għandu jinżamm separatament skont it-tip u n-natura sabiex jiġi ffaċilitat trattament speċifiku.
440	C12.R2	M	Grupp ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-Koordinazzjoni	Approvazzjoni mill-Kumitat għall-				Q-2	2024	Il-Kumitat għall-Koordinazzjoni tal-Iskart għandu japprova l-istabbiliment ta' grupp ta' ħidma speċifiku biex jimmonitorja l-konformità mal-leġiżlazzjoni dwar l-iskart, u l-

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
			tal-Iskart għall-monitoraġġ tal-konformità mal-leġislazzjoni dwar l-iskart	Koordinazzjoni tal-Iskart						armonizzazzjoni tal-kriterji għal tali konformità, kif ukoll l-adozzjoni ta' miżuri biex dan jiġi ffaċilitat.
441	C12.R2	M	Dħul fis-seħħ tal-atti li jiffurmaw parti mit-tieni pakkett tal-ekonomija ċirkolari	Dispożizzjoni fid-Digriet Rjali li jistabbilixxu d-dħul fis-seħħ tal-atti				Q-4	2025	It-tieni pakkett regolatorju tal-ekonomija ċirkolari għandu jinkludi: – Digriet Irjali, dwar il-garanziji finanzjarji fir-rigward tal-produtturi tal-iskart u l-maniġers tal-iskart – Digriet Irjali dwar il-ġestjoni tal-iskart mill-prodotti tat-tabakk b'filtri u filtri kkummerċjalizzati għall-użu flimkien mal-prodotti tat-tabakk – Digriet Irjali dwar il-ġestjoni taż-żjut industrijali għar-rimi – Digriet Irjali dwar il-ġestjoni ta' tajers li m'għadhomx jintużaw. – Ordni Ministerjali li tistabbilixxi rekwiżiti minimi għat-trattament qabel ir-rimi f'landfill ta' skart municipli – Adozzjoni tat-tieni Pjan ta' Azzjoni għal Ekonomija Ċirkolari
442	C12.I3	T	Distribuzzjoni ta' għotjiet għall-implimentazzjoni ta' proġetti ta' implimentazzjoni tal-iskart.		F'miljuni ta' EUR	0	300	Q-2	2023	L-approvazzjoni tal-Ftehim tal-Konferenza Settorjali dwar l-Ambjent li japprova l-kriterji ta' allokkazzjoni u d-distribuzzjoni territorjali tal-għotjiet, jew l-approvazzjoni ta' għotjiet diretti f'konformità mal-Liġi Ġenerali dwar is-Sussidji 38/2003, relatata mal-Pjan biex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni dwar l-iskart 2024 għall-finanzjament ta' proġetti mmirati lejn l-implimentazzjoni tal-qafas nazzjonali tar-regolament dwar l-iskart u l-kisba tal-oġġettivi tal-UE. Il-proġetti għandhom jikkonsistu f'azzjonijiet biex jiġu implimentati u mtejbja sistemi għall-għbir separat tal-iskart, investimenti f'punti ta' għbir biex jittejjeb ir-riċiklaġġ, u l-kostruzzjoni ta' impjant ġdid tat-trattament tal-iskart miġbur separatament.
443	C12.I3	T	Tlestija ta' proġetti fl-immaniġġjar tal-iskart		Miljuni ta' EUR		270	Q-2	2026	Tlestija ta' proġetti li jammontaw għal mill-inqas EUR 270 000 000 mogħtija għall-implimentazzjoni u t-titjib tas-sistemi għall-għbir separat tal-iskart, investimenti f'punti ta' għbir biex jittejjeb ir-riċiklaġġ, u l-kostruzzjoni ta' impjanti ġodda tat-trattament tal-iskart miġbur separatament.
444	C12.I4	M	ĊIPPA PERTE. It-tisħiħ tal-katina tal-valur għas-semikondutturi.	Pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali jew fis-sit web uffiċjali	F'miljuni ta' EUR		200	Q-1	2025	Impenn legali ta' EUR 200 000 000 lill-benefiċjarji finali li jipparteċipaw fl-IPCEI-Mikroeletronika u l-Konnettività, u lill-benefiċjarji finali li jirċievu appoġġ għall-ekosistema Spanjola għas-semikondutturi għall-istadju tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni (R & ampŻ & ampI) u l-ewwel stadju ta' varar industrijali, bl-esklużjoni tal-produtturi tal-massa u l-attivitàjiet kummerċjali.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
445	C12.I4	T	ĊIPPA PERTE. It-tisħiħ tal-katina tal-valur għas-semikondutturi (II).		F'miljuni ta' EUR		180	Q-2	2026	Ġew żborżati mill-inqas EUR 180 000 000 lill-benefiċjarji finali li jipparteċipaw fl-IPCEI-Mikroelettronika u l-Konnettività, u lill-benefiċjarji finali li jirċievu appoġġ għall-ekosistema Spanjola għas-semikondutturi għall-istadju tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni (R & amp; Ż & I) u l-ewwel stadju ta' varar industrijali, bl-esklużjoni tal-produzzjoni tal-massa u l-attivitàjiet kummerċjali.
448	C12.I5	M	Skema ta' sussidju għall-appoġġ tal-ekonomija ċirkolari: Il-Ministeru lesta l-investiment	Ċertifikat ta' żborż lis-sieħeb ta' implimentazzjoni				Q-2	2024	Spanja għandha tittrasferixxi EUR 100 000 000 lil IDAE u EUR 200 000 000 lil Fundación Biodiversidad għall-iskema
446	C12.I5	M	Skema ta' sussidju għall-appoġġ tal-ekonomija ċirkolari: Stabbiliment tal-iskema ta' sussidju	Dħul fis-seħħ tal-istrument (i) legali rilevanti				Q-4	2024	Id-dħul fis-seħħ tal-istrument (i) legali li jistabbilixxu l-iskema f'konformità mar-rekwiżiti speċifikati fid-deskrizzjoni tal-miżura.
447	C12.I5	T	Skema ta' sussidju għall-appoġġ tal-ekonomija ċirkolari: Ftehimiet legali ffirmati ma' benefiċjarji finali jew riżoluzzjonijiet ta' għoti finali ppubblikati	Dħul fis-seħħ ta' ftehimiet ta' finanzjament legali jew riżoluzzjonijiet ta' għoti finali ppubblikati		0 %	100 %	Q-3	2025	IDAE u Fundación Biodiversidad għandhom ikunu ppubblikaw riżoluzzjonijiet finali tal-għoti jew daħlu fi ftehimiet ta' finanzjament legali mal-benefiċjarji finali għal ammont meħtieġ biex jintuża 100 % tal-investiment tal-RRF (inklużi l-kostijiet indiretti) fl-iskema.
448a	C12.I6	M	Skema ta' sussidju għas-settur tal-vetturi	Ċertifikat ta' żborż lil SEPIDES				Q-2	2024	Spanja għandha tittrasferixxi EUR 250 000 000 lil SEPIDES għall-iskema.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
			elettriċi (għotjiet): Il-Ministeru lesta l-investment							
448b	C12.I6	M	Skema ta' sussidju għas-settur tal-vetturi elettriċi (għotjiet); Stabbiliment tal-iskema ta' sussidju	Dħul fis-seħħ tal-istrument (i) legali rilevanti				Q-3	2024	Id-dħul fis-seħħ tal-istrument (i) legali li jistabbilixxu l-iskema ta' sussidju f'konformità mar-rekwiżiti speċifikati fid-deskrizzjoni tal-miżura.
448c	C12.I6	T	Skema ta' sussidju għas-settur tal-vetturi elettriċi (għotjiet): Ftehimiet legali ffirmati ma' benefiċjarji finali jew riżoluzzjonijiet ta' għoti finali ppubblikati	Dħul fis-seħħ ta' ftehimiet ta' finanzjament legali jew riżoluzzjonijiet ta' għoti finali ppubblikati		0	100 %	Q-2	2026	Is-SEPIDES għandhom ikunu ppubblikaw riżoluzzjonijiet finali tal-għoti jew daħlu fi ftehimiet ta' finanzjament legali mal-benefiċjarji finali għal ammont meħtieġ biex jintuża 100 % tal-investment tal-RRF (inklużi l-kostijiet indiretti) fl-iskema. Is-SEPIDES għandhom ikunu żguraw li mill-inqas 40 % ta' dan il-finanzjament għandu jikkontribwixxi għall-oġġettivi klimatiċi bl-użu tal-metodoloġija fl-Anness VI tar-Regolament RRF.

I.3. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ fil-forma ta' self

Investiment 7 (C12.I7) — Skema ta' appoġġ għal proġetti strateġiċi fil-katina tal-valur tal-karozzi elettriċi u agroalimentari (self)

Din il-miżura għandha tikkonsisti f'investiment pubbliku fi skema ta' appoġġ biex tinċentiva l-investiment privat fil-katina tal-valur tal-karozzi elettriċi u agroalimentari, permezz ta' self. L-iskema għandha tippromwovi t-trasformazzjoni ta' setturi strateġiċi bħall-vetturi awtomobilistiċi u elettriċi u s-settur agroalimentari permezz tal-ġoti ta' self lis-settur privat, fil-kuntest tal-Proġetti Strateġiċi jew tal-PERTEs approvati mill-Kunsill tal-Ministri. Abbażi tal-investiment tal-RRF, l-iskema għandha l-għan li inizjalment tipprovdi mill-inqas EUR 1 200 000 000 ta' finanzjament.

L-iskema għandha tiġi ġestita minn SEPIDES bħala s-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni. Att legali rilevanti għandu jittrasforma SEPIDES f'impriża pubblika sabiex jiġi implimentat dan l-investiment (dan huwa stadju importanti taħt l-Investiment 6 tal-Komponent 3 l tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza ta' Spanja).

Sabiex jimplimenta l-investiment fl-iskema, il-gvern għandu jadotta strument legali wieħed jew aktar li jistabbilixxu l-iskema ta' self, li għandhom jinkludu l-elementi li ġejjin:

1. Deskrizzjoni tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet għall-iskema: L-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet u l-għażla tal-benefiċjarji li għandhom jiġu inklużi fid-deċiżjonijiet finali ta' ġoti jew deċiżjonijiet ta' investiment taħt l-iskema għandhom jittieħdu minn kumitat ta' investiment jew korp governattiv ekwivalenti ieħor u approvati b'maġġoranza ta' voti minn membri li huma indipendenti mill-Gvern Spanjol, li jfisser li jridu jkunu jew persunal impjegat minn SEPIDES u/jew esperti indipendenti oħra. Id-Deċiżjoni finali dwar l-investiment tal-iskema għandha tkun limitata għall-approvazzjoni (mingħajr modifiki) jew għall-eżerċizzju ta' dritt ta' veto fuq deċiżjoni ta' investiment proposta mill-kumitat tal-investiment jew korp governattiv ekwivalenti rilevanti.
2. Il-lista ta' attivitajiet għat-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali tas-settur li huma eliġibbli għall-appoġġ, li għandhom jammontaw għal mill-inqas EUR 1 200 000 000. Il-miżura għandha tappoġġa proġetti innovattivi li jinvolve trasformazzjoni industrijali sostanzjali f'termini ta' effiċjenza enerġetika, sostenibbiltà u trasformazzjoni diġitali tas-settur.
3. Rekwiżit ta' konformità mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" (DNSH) skont il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza kif stabbilit fil-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01): (i) attivitajiet u assi relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream⁶², (ii) attivitajiet u assi taħt l-iskema tal-UE għall-iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksibu emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li mhumx inqas mill-parametri referenzjarji

⁶² Ħlief għal (a) assi u attivitajiet fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll l-infrastruttura relatata tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) u (b), l-attivitajiet u l-assi skont il-punt (ii) li għalihom l-użu tal-fjuwils fossili huwa temporanju u teknikament inevitabbli għat-tranżizzjoni f'waqtha lejn operazzjoni ħielsa mill-fjuwils fossili.

- rilevanti⁶³, (iii) attivitajiet u assi relatati ma' landfills tal-iskart, incineraturi⁶⁴ u impjanti tat-trattament mekkaniku bijoloġiku⁶⁵. Barra minn hekk, l-istrument (i) legali għandhom jirrikjedu konformità mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u dik nazzjonali tal-benefiċjarji finali tal-iskemi ta' self. L-azzjonijiet R & Ili għejjin taħt dan l-investiment għandhom jitqiesu konformi mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01): L-azzjonijiet tar-R & I taħt dan l-investiment iddedikati għaż-żieda sostanzjali tas-sostenibbiltà ambjentali tal-kumpaniji (bħad-dekarbonizzazzjoni, it-tnaqqis tat-tniġġis u l-ekonomija ċirkolari) jekk l-enfasi primarja tal-azzjonijiet tar-R & I taħt dan l-investiment tkun fuq l-iżvilupp jew l-adattament ta' alternattivi bl-inqas impatti ambjentali possibbli fis-settur.
4. Rekwiżiti għall-investimenti klimatiċi mwettqa minn SEPIDES: mill-inqas EUR 480 000 000 tal-investiment tal-RRF fl-iskema għandhom jikkontribwixxu għall-oġettivi tat-tibdil fil-klima f'konformità mal-Anness VI tar-Regolament RRF⁶⁶.
 5. Ir-rekwiżit li l-benefiċjarji finali tal-iskema ta' self ma għandhomx jirċievu appoġġ minn strumenti oħra tal-Unjoni biex ikopru l-istess kostijiet.
 6. L-ammont kopert mill-iskema u r-rekwiżit li jiġi investit mill-ġdid kwalunkwe rikavat mhux użat mill-iskema ta' self fl-attivitajiet bħal daww elenkati hawn fuq, inkluż lil hinn mill-2026.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

L.4. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ fil-forma ta' self

Ara t-tabella ta' hawn taħt. Id-data tal-linja bażi għall-indikaturi kollha hija l-1 ta' Frar 2020 sakemm ma jkunx indikat mod ieħor fid-deskrizzjoni tal-azzjoni. L-ammonti fit-tabella ma jinkludux il-VAT.

⁶³ Meta l-attività appoġġata tikseb l-emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumx aktar baxxi b'mod sinifikanti mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

⁶⁴ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

⁶⁵ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza fir-riżorsi jew il-modifika retroattiva għal operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

⁶⁶ Il-benefiċjarji finali għandhom ikunu meħtieġa jipprovdut għall-għaliq tal-qasam ta' intervent magħżul għal kull proġett appoġġat, flimkien ma' deskrizzjoni tal-proġett. Is-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni għandu jkun meħtieġ ukoll jipprovdut lill-Istat Membru rapport semjannwali dwar l-implimentazzjoni ta' kull proġett/attività.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
L22	C12.I7	M	Skema ta' appoġġ għal proġetti strateġiċi fil-katina tal-valur tal-karozzi elettriċi u agroalimentari (self): Il-Ministeru lesta l-investiment	Ċertifikat ta' żborż lil SEPIDES				Q-2	2024	Spanja għandha tittrasferixxi EUR 1 200 000 000 lil SEPIDES għall-iskema.
L23	C12.I7	M	Skema ta' appoġġ għal proġetti strateġiċi fil-katina tal-valur tal-karozzi elettriċi u agroalimentari (self): L-istabbiliment tal-iskema	Dħul fis-seħħ tal-istrument (i) legali rilevanti				Q-3	2024	Dħul fis-seħħ tal-istrument (i) legali li jistabbilixxi (w) l-iskema ta' self f'konformità mar-rekwiżiti speċifikati fid-deskrizzjoni tal-miżura
L24	C12.I7	T	Skema ta' appoġġ għal proġetti strateġiċi fil-katina tal-valur tal-karozzi elettriċi u agroalimentari (self): Ftehimiet legali ffirmati ma' benefiċjarji finali jew	Dħul fis-seħħ ta' ftehimiet ta' finanzjament legali jew riżoluzzjonijiet ta' għoti finali ppublikati		0	100 %	Q-2	2026	Is-SEPIDES għandhom ikunu ppubblikaw riżoluzzjonijiet finali tal-għoti jew daħlu fi ftehimiet ta' finanzjament legali mal-benefiċjarji finali għal ammont meħtieġ biex jintuża 100 % tal-investiment tal-RRF (inklużi l-kostijiet indiretti) fl-iskema. Is-SEPIDES għandhom ikunu żguraw li mill-inqas 40 % ta' dan il-finanzjament għandu jikkontribwixxi għall-oġġettivi klimatiċi bl-użu tal-metodoloġija fl-Anness VI tar-Regolament RRF.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-obiettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
			riżoluzzjonijiet ta' għoti finali ppubblikati							

M. IL-KOMPONENT 13: APPOĠĠ GĦALL-SMES

L-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) għandhom rwol ewlieni fl-ekonomija tal-UE u ta' Spanja b'mod partikolari fejn l-SMEs jagħtu kontribut oġġla għall-PDG nazzjonali u fejn id-daqs medju tad-ditti huwa iżgħar meta mqabbel mal-medja tal-UE.

Dan il-komponent tal-Pjan Spanjol għall-Irkupru u r-Reżiljenza jindirizza l-isfidi li jiffaċċjaw l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) (inklużi dawk li jaħdmu għal rashom) bl-għan li tingħata spinta lill-kompetittività tal-ekonomija Spanjola u jiġu promossi t-tkabbir u l-impjiegi. Dawn l-isfidi huma: l-aċċess diffiċli għall-finanzjament għall-intraprenditorija, it-tkabbir tan-negozju u l-innovazzjoni; in-nuqqas ta' ħliet diġitali u n-nuqqas ta' adozzjoni ta' teknoloġiji diġitali li jfixxlu l-produttività u l-kompetittività tal-SMEs; id-daqs żgħir tal-kumpaniji, li jxekkkel l-isfruttament tal-ekonomiji ta' skala u l-internazzjonalizzazzjoni; u l-vulnerabbiltà għolja għal xokkijiet esterni u ekonomiji ta' skala baxxi li jfixxlu l-investiment u l-innovazzjoni.

L-oġġettivi ta' dan il-komponent huma li jiġu introdotti riformi u investimenti mmirati biex jiffaċilitaw il-ħolqien tan-negozju, it-tkabbir u r-ristrutturar tad-ditti, itejbu l-klima tan-negozju (b'mod partikolari billi jsaħħu l-funzjonament tas-suq intern Spanjol), kif ukoll ikomplu jagħtu spinta lill-proċessi importanti tal-kisbiet fil-produttività permezz tad-diġitalizzazzjoni, l-innovazzjoni u l-internazzjonalizzazzjoni. Dan il-komponent huwa ffukat b'mod sinifikanti fuq id-diġitalizzazzjoni b'approċċ orizzontali biex jiġi pprovdut pakkett bażiku ta' diġitalizzazzjoni għal perċentwal sinifikanti ta' SMEs u approċċ vertikali biex tingħata spinta lid-diġitalizzazzjoni tal-proċessi u l-innovazzjoni teknoloġika f'ċerti SMEs.

Dan il-komponent jindirizza parzjalment ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-Liġi dwar l-Unità tas-Suq (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 4 2019) u dwar l-iżgurar tal-implimentazzjoni effettiva ta' miżuri mmirati biex jipprovdu likwidità lill-SMEs u lil dawk li jaħdmu għal rashom, b'mod partikolari billi jiġu evitati pagamenti tard (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020). Tindirizza wkoll ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż dwar l-iffukar tal-investimenti fuq it-tranżizzjoni diġitali (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020) u dwar it-titjib tal-aċċess għat-tagħlim diġitali (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 2020). Dan irawwem ukoll l-investiment fit-tranżizzjoni ekoloġika (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 2023 u 1 2022).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

M.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma 1 (C13.R1) — Titjib tar-regolamentazzjoni tan-negozju u tal-klima

L-oġġettivi tar-riforma huma li jittejjeb il-qafas li fih isseħħ l-attività ekonomika billi tiġi żgurata regolamentazzjoni aħjar u klima kummerċjali li tiffaċilita l-ħolqien u t-tkabbir tan-negozji, u r-ristrutturar tagħhom jekk ikun meħtieġ, permezz tal-adozzjoni ta' għadd ta' miżuri.

Ir-riforma għandha tikkonsisti minn:

- a) Adozzjoni tal-Liġi dwar il-Ħolqien u t-Tkabbir tan-Negozju. L-għan ta' din il-leġislazzjoni huwa li:
- i. Jissimplifikaw il-proċeduri għat-twaqqif ta' negozju. Dan għandu jinkiseb permezz tat-tnaqqis tar-rekwiżit kapitali minimu biex tiġi stabbilita ditta, u t-tisħiħ tal-pjattaformi ta' finanzjament kollettiv u strumenti oħra ta' finanzjament pubbliku;
 - ii. Miżuri legali biex titrawwem kultura ta' ħlas bikri. Din il-liġi għandha ttejjeb l-effettività tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2011/7/UE dwar il-ġlieda kontra l-ħlas tard fi transazzjonijiet kummerċjali. Il-liġi hija mistennija li tnaqqas il-perjodi medji ta' ħlas fi tranżazzjonijiet kummerċjali. Dan jgħin biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-likwidità li jiffaċċjaw l-SMEs kredituri li ma jitħallsux fil-ħin, b'effetti konsegwenzjali pożittivi fuq l-attivitajiet u t-tkabbir tagħhom. Eżempji ta' miżuri li għandhom jiġu implimentati biex titrawwem kultura ta' pagament bikri jinkludu linji gwida dwar il-pubbliċità u t-trasparenza tal-perjodi ta' pagament, l-aħjar prattiki tan-negozju u mekkaniżmi għal infurzar aħjar bħal sistema ta' soluzzjoni tat-tilwim barra mill-qorti;
 - iii. Temenda ċerti dispożizzjonijiet tal-Liġi dwar l-Unità tas-Suq biex tipprovdi aktar ċarezza f'oqsma fejn l-ambigwitajiet wasslu għal problemi ta' implimentazzjoni. L-għan tal-Liġi dwar l-Unità tas-Suq huwa li jitneħħew l-ostakli mhux meħtieġa, sproporzjonati jew diskriminatorji għall-aċċess għal u t-tweġġ ta' attivitajiet ekonomiċi u għal-libertà tal-istabbiliment fit-territorju kollu. L-oġġettiv ta' din ir-riforma għandu jkun ukoll li ttejjeb l-effiċjenza u t-trasparenza tal-mekkaniżmi previsti fil-Liġi dwar l-Unità tas-Suq biex jiġu protetti l-operaturi li l-attività tagħhom hija affettwata minn ostakli imposti mill-amministrazzjoni pubblika. Barra minn hekk, ir-riforma għandha ssaħħa l-kooperazzjoni sabiex tippromwovi regolamentazzjoni aħjar fil-pajjiż kollu;
- b) Għandha tiġi stabbilita Konferenza Settorjali ġdida għat-Titjib Regulatorju u l-Klima tan-Negozju. L-oġġettiv tiegħu għandu jkun li jiffaċilita l-applikazzjoni korretta tal-prinċipji ta' regolamentazzjoni tajba mill-amministrazzjonijiet pubbliċi kollha u li jiżgura koordinazzjoni ottimali tad-diversi amministrazzjonijiet, inkluż f'miżuri li għandhom jakkumpanjaw l-irkupru. Il-Konferenza settorjali għandha wkoll issewwi l-ħidma f'konferenzi settorjali oħra, li għandhom jippermettu koordinazzjoni, monitoraġġ u promozzjoni mtejbja ta' regolamentazzjoni aħjar, b'fokus kemm orizzontali kif ukoll settorjali;
- c) Ir-riforma tal-liġi dwar l-insolvenza għat-traspożizzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/1023 dwar oqfsa ta' ristrutturar preventiv, il-ħelsien mid-dejn u l-iskwalifiki, u dwar miżuri biex tiżdied l-effiċjenza tal-proċeduri ta' insolvenza, u li temenda d-Direttiva (UE) 2017/1132 (id-Direttiva dwar ir-Ristrutturar u l-Insolvenza). Ir-riforma għandha tinkludi l-istabbiliment ta' proċedura tat-tieni opportunità aktar effiċjenti għall-persuni fiżiċi, li tippermetti l-ħelsien mid-dejn mingħajr likwidazzjoni minn qabel tal-assi tal-parti insolventi. Barra minn hekk, il-pjanijiet ta' ristrutturar meħtieġa mid-Direttiva (UE) 2019/1023 dwar l-Insolvenza għandhom jiġu introdotti bħala strument ġdid ta' qabel l-insolvenza li jtejjeb l-effettività tal-istrumenti ta' qabel l-insolvenza attwalment applikabbli sabiex jiġu evitati l-insolvenza u l-falliment sussegwenti. Għandha tiġi introdotta wkoll proċedura speċjali għall-mikrointrapriżi, ipproċessata bis-sħiħ b'mezzi elettroniċi, sabiex jitnaqqsu t-tul ta' żmien u l-ispejjeż tal-proċess.
- d) Din ir-riforma għandha tikkonsisti wkoll fl-adozzjoni ta' Liġi li temenda tliet testi leġislattivi, b'mod partikolari l-Liġi 34/2006, relatata mal-prattika professjonali tal-avukati u *tal-prokuraturi*.

Sistema ġdida għandha ttipprovdi aċċess uniku għall-professjonijiet tal-avukati u *tal-prokuraturi*, peress li l-istess kwalifika għandha tagħti aċċess għall-eżerċizzju taż-żewġ professjonijiet. Soċjetajiet professjonali multidixxiplinari għandhom jitħallew joffru b'mod konġunt servizzi ta' difiża u rappreżentanza legali fil-qorti. Is-sistema tariffarja applikabbli għas-servizzi *tal-prokuraturi* għandha tiġi emendata wkoll: għandhom jiġu stabbiliti tariffi massimi, iżda mhux dawk minimi biex jiġi żgurat li r-riċevituri tas-servizzi jista' jkollhom aċċess għal servizzi offruti bi prezzijiet kompetittivi. B'din ir-riforma, Spanja għandha tiżgura li l-leġiżlazzjoni f'dan il-qasam tkun allinjata mal-Artikoli 15, 16 u 25 tad-Direttiva 2006/123/C tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-servizzi fis-suq intern, u mal-Artikoli 49 u 56 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Fir-rigward ta' din ir-riforma, il-Kunsill tal-Ministri approva l-abbozz ta' proposti leġiżlattivi msemmija hawn fuq f'7 Settembru 2020.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										Ħiliet Intraprenditorjali (li minnhom 1 200 għandhom ikunu intraprendituri/SMEs nisa mmexxija jew ipparteċipati minn nisa) u 800 intraprendituri nisa permezz tal-Programm ta' Attrazzjoni tat-Talenti tan-Nisa, u f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni, u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.
194	C13.I1	T	Utenti li jibbenefikaw minn miżuri biex tingħata spinta lill-ekosistema intraprenditorjali	—	Numru	0	12 000	Q-4	2023	Mill-inqas 12 000 utent li jibbenefikaw minn miżuri mmirati biex jagħtu spinta lill-ekosistema intraprenditorjali, taħt il-kappa tal-Qafas Strateġiku dwar il-Politika tal-SMEs 2030, l-Istrateġija ta' Intraprenditorija Spanjola u l-Aġenda Diġitali 2025 ta' Spanja; u f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni, u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.
195	C13.I1	T	Azzjonijiet oħra ta' disseminazzjoni u komunikazzjoni u finanzjament	—	Numru	0	480	Q-4	2024	Tlestew mill-inqas 480 azzjoni għal kampanji ta' disseminazzjoni u komunikazzjoni għall-ħolqien, l-iżvilupp jew l-attrazzjoni lejn Spanja ta' avvenimenti internazzjonali li jiffukaw fuq kumpanji innovattivi u programmi biex jattiraw it-talent tan-nisa. Dan għandu jinkludi mill-inqas 20 avveniment dwar l-intraprenditorija żviluppati taħt il-"Programm tal-Bandiera"; u mill-inqas 260 azzjoni ta' komunikazzjoni (200 apparenza fil-media u 60 avveniment) taħt "Brand Spain Entrepreneurship Nation". Il-finanzzjament ta' linja ta' appoġġ għall-intraprenditorija u l-SMEs permezz tal-programm għall-appoġġ tal-intraprenditorija tan-nisa. Dan għandu jinkludi l-appoġġ ta' mill-inqas 200 imprenditur mara permezz ta' self parteċipattiv mogħti minn Empresa Nacional de Innovación, S.A., f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) tat-tranżazzjonijiet appoġġati skont din il-miżura permezz tal-użu ta' verifika tas-sostenibbiltà, l-użu ta' lista ta' esklużjoni, u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.
196	C13.I2	T	Garanzija tas-CERSA	—	EUR (miljuni)	0	1 000	Q-2	2023	Garanzija tas-CERSA: Mill-inqas ammont ta' EUR 1 000 000 000 ta' garanziji mogħtija mis-CERSA li jippermettu lill-SMEs jiksbu garanziji għal investimenti fit-tul u kapital operatorju. Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw il-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) tat-tranżazzjonijiet appoġġati skont din il-miżura permezz tal-użu ta' verifika tas-sostenibbiltà, l-użu ta' lista ta' esklużjoni, u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.
197	C13.I2	T	SMEs appoġġati mill-Programm "Ħiliet għat-Tkabbir tal-SMEs"	—	Numru	0	11 000	Q-4	2025	Mill-inqas 11 000 SME li lestew il-programm "Ħiliet għat-Tkabbir tal-SMEs". Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw il-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni, u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
198	C13.I2	T	SMEs appoġġati mill-Programm ta' Appoġġ għall-Intraprenditorija Industrijali	—	Numru	0	1 500	Q-2	2023	L-appoġġ finanzjarju għandu jingħata lill-SMEs għal proġetti ta' investment industrijali taħt il-Programm ta' Appoġġ għall-Intraprenditorija Industrijali. L-appoġġ finanzjarju mogħti għandu jkopri l-ispejjeż relatati mat-tariffa ta' garanzija mitluba mis-Sociedades de Garantia Reciproca (SGRs), l-interess tas-self, u l-ispejjeż tal-valutazzjoni u l-ftuħ tal-operazzjoni tal-garanzija u s-self għall-ħolqien ta' intrapriżi industrijali jew l-espansjoni ta' faċilitajiet eżistenti, jew kwalunkwe titjib fis-sistema ta' produzzjoni tagħhom bl-għan li tizzied il-kompetittività. Dan l-investment jista' jirċievi wkoll appoġġ minn Programmi oħra tal-Unjonijew strumenti għal kostijiet li mhumiex appoġġati mill-RRF. Is-self għandu jkollu maturità ta' mill-inqas sena (1). Mill-inqas 1 500 operazzjoni ngħataw appoġġ finanzjarju mill-MINTUR permezz ta' CERSA mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2023. Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw il-konformità mal-Gwida Teknika “La tagħmilx ħsara sinifikanti” (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni, u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. (Linja bażi: 1 ta' Jannar 2021)
199	C13.I3	M	Diġitalizzazzjoni tal-Pjan għall-SMEs 2021–2025	Pubblikazzjoni				Q-1	2021	Approvazzjoni mill-Kunsill tal-Ministri tal-Pjan għad-Diġitalizzazzjoni tal-SMEs 2021–2025 li jipprevedi sett ta' strumenti biex jiġu inkorporati fl-intrapriżi mikro u awtonomi l-għodod diġitali diġà disponibbli, tingħata spinta lid-diġitalizzazzjoni tan-negozji ż-żgħira u tiġi promossa l-innovazzjoni teknoloġika
200	C13.I3	T	Baġit impenjat għall-Programm tas-Sett ta' Għodod Diġitali	—	%	0	30	Q-4	2022	Mill-inqas 30 % tal-baġitt ta' EUR 3 067 000 000 impenjati, iddedikati għal azzjonijiet għad-diġitalizzazzjoni tal-SMEs, tal-mikrointrapriżi u ta' dawkl jaħdmu għal rashom permezz tal-Programm tas-Sett ta' Għodod Diġitali, f'konformità mal-Gwida Teknika “La tagħmilx ħsara sinifikanti” (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.
201	C13.I3	T	Baġit impenjat għall-Programm dwar l-Aġenti tal-Bidla	—	%	0	30	Q-4	2022	Mill-inqas 30 % tal-baġitt ta' EUR 300 000 000 impenjati, iddedikati għall-SMEs fil-“Programm tal-Aġenti tal-Bidla”. Is-sejħiet għal proposti b'termini ta' referenza għandhom jinkludu kriterji ta' eliġibbiltà li jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika “La tagħmilx ħsara sinifikanti” (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.
202	C13.I3	T	Baġit impenjat għall-Programm ta' Appoġġ tar-Raggruppamenti Innovattivi tan-Negozju	—	%	0	30	Q-4	2022	Mill-inqas 30 % tal-baġitt ta' EUR 115 000 000 impenjati, fil-“Programm ta' Appoġġ tar-Raggruppamenti Innovattivi tan-Negozju”. L-ordnijiet tat-termini u l-kundizzjonijiet (<i>ordenes de bases</i>) u s-sejħiet għal proposti għandhom jinkludu kriterji ta' eliġibbiltà li jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika “La tagħmilx ħsara sinifikanti” (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
203	C13.I3	T	Baġit impenjat għall-Programm DIHs	—	%	0	30	Q-4	2022	Mill-inqas 30 % tal-baġit ta' EUR 37 590 000 impenjati, fil- "Programm ta' Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali". L-ordnijiet tat-termini u l-kundizzjonijiet (<i>ordenes de bases</i>) u s-sejħiet għal proposti għandhom jinkludu kriterji ta' eliġibbiltà li jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.
204	C13.I3	T	SMEs appoġġati mill-programm tas-Sett ta' Għodod Diġitali	—	Numru	0	500 000	Q-4	2024	Mill-inqas 500 SME, mikrointrapriżi u persuni li jaħdmu għal rashom li rċevew appoġġ mill- "Programm tas-Sett ta' Għodod Diġitali, f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.
205	C13.I3	T	Eżekuzzjoni tal-baġit tal-Programm ta' Konsulenza dwar l-Aġenti tal-Bidla u l-Kit	—	%	30	100	Q-4	2023	100 % tal-baġit ta' EUR 300 000 000 impenjati (inklużi spejjeż ta' ġestjoni sa 4 % tal-baġit totali impenjati), fil- "Aġenti tal-Bidla" u/jew fil- "Programm ta' Konsultazzjoni Kit" (it-tnejn immirati lejn l-SMEs). Dawk huma programmi li għandhom l-għan li jappoġġaw mill-inqas 15 000 intrapriża żgħira u ta' daqs medju (10–249 impjegat) fil-proċessi ta' trasformazzjoni diġitali tagħhom. Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw il-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. (linja bażi: 31 ta' Diċembru 2022).
206	C13.I3	T	Eżekuzzjoni tal-baġit tal-Programm ta' Appoġġ tar-Raggruppamenti Innovattivi tan-Negożju	—	%	30	100	Q-4	2023	100 % tal-baġit ta' EUR 115 000 000 impenjati, fil- "Programm ta' Appoġġ tar-Raggruppamenti Innovattivi tan-Negożju". L-għan ta' din il-miżura huwa li tappoġġa proġetti għad-diġitalizzazzjoni tal-katina tal-valur tad-diversi setturi ekonomiċi, imwettqa minn Raggruppamenti Innovattivi tan-Negożju u l-entitajiet assoċjati tagħhom taħt il-politika ta' appoġġ għall-SMEs tal-Ministeru tal-Industrija u t-Turiżmu. L-ordnijiet tat-termini u l-kundizzjonijiet (<i>ordenes de bases</i>) u s-sejħiet għal proposti għandhom jinkludu kriterji ta' eliġibbiltà li jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. (linja bażi: 31 ta' Diċembru 2022).
207	C13.I3	T	Eżekuzzjoni tal-baġit tal-Programm DIHs	—	%	30	75	Q-4	2023	75 % tal-baġit ta' EUR 37 590 000 impenjati, fil- "Programm ta' Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali". Dan huwa programm li jgħin lill-kumpaniji jsiru attar kompetittivi, billi jtejjeb in-negożju u l-proċessi tal-produzzjoni tagħhom permezz tal-użu intensiv tat-teknoloġiji diġitali. L-ordnijiet tat-termini u l-kundizzjonijiet (<i>ordenes de bases</i>) u s-sejħiet għal proposti għandhom jinkludu kriterji ta' eliġibbiltà li jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. (linja bażi: 31 ta' Diċembru 2022).

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
208	C13.I3	T	Tlestija tal-programm tas-Sett ta' Għodod Diġitali	—	Numru	500 000	676 000	Q-4	2025	Mill-inqas 676 SME, mikrointrapriżi u persuni li jaħdmu għal rashom li rċewew appoġġ mill- “Programm tas-Sett ta' Għodod Diġitali, f'konformità mal-Gwida Teknika “La tagħmilx ħsara sinifikanti” (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżiti ta' konformità mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. Il-programm huwa bbażat fuq l-għoti ta' għotjiet biex tiġi appoġġata l-integrazzjoni tat-teknoloġija diġitali biex jiġi adottat il-kummerċ elettroniku b'mod effettiv, biex jiġu diġitalizzati r-relazzjonijiet mal-Amministrazzjoni u mal-klijenti, biex jiġu żviluppati proċessi interni diġitali, u biex jiġu introdotti l-fatturazzjoni elettronika, u l-kummerċjalizzazzjoni diġitali; il-promozzjoni b'mod speċjali ta' soluzzjonijiet orjentati lejn is-servizz. Il-programm għandu jissussidja parzjalment il-kostijiet tal-adozzjoni ta' pakketti ta' soluzzjonijiet diġitali bażiċi bħall-preżenza fuq l-internet, il-bejgħ elettroniku, l-uffiċċju tal-cloud, l-impjegi diġitali, il-proċessi bażiċi tad-diġitalizzazzjoni, il-ġestjoni tal-klijenti, il-kummerċjalizzazzjoni diġitali u ċ-ċibersigurtà. (linja bażi: 31 ta' Diċembru 2023). Mill-mira finali ta' mill-inqas 676 SME, mikrointrapriżi u persuni li jaħdmu għal rashom: • Mill-inqas 629 000 SME b'inqas minn 50 impjegat, mikrointrapriżi u persuni li jaħdmu għal rashom, għandhom jiġu appoġġati b'vawċer ta' mill-inqas EUR 2 000 u sa EUR 12 000. • Mill-inqas 12 100 SME b'mill-inqas 50 impjegat u inqas minn 250 impjegat għandhom jiġu appoġġati b'vawċer ta' mill-inqas EUR 25 – 000 29.
209	C13.I3	T	SMEs li lestew azzjonijiet bl-għan li jżidu l-użu tagħhom tat-teknoloġiji diġitali (minbarra sett ta' għodod diġitali)	—	Numru	0	169 747	Q-4	2025	Mill-inqas 169 SME li lestew azzjonijiet li għandhom l-għan li jżidu l-użu tagħhom tat-teknoloġiji diġitali, li huma appoġġati mill-programmi li ġejjin: Il-programm “Aġenti tal-Bidla”, “Kit Consulting “Programme, “SME 2.0 accelerators”; “Programm ta' Appoġġ għal Raggruppamenti ta' Negożzi Innovattivi”. 1) programmi “Aġenti tal-Bidla” u “Kit Consulting”: dawn iż-żewġ programmi flimkien għandhom jappoġġaw mill-inqas 15 intrapriżiżgħira u ta' daqs medju (għaxar – 000 impjegat) fil-proċessi ta' trasformazzjoni diġitali tagħhom. 2) programm ta' “aċċeleraturi tal-SME 2.0”: din hija azzjoni taħt l-investiment li għandha tespandi l-infrastruttura li tappoġġa d-diġitalizzazzjoni tal-SMEs b'servizzi ta' konsulenza u servizzi ta' taħriġ. 3) programm “Appoġġ għal Raggruppamenti ta' Negożzi Innovattivi”: dan il-programm għandu jappoġġa proġetti għad-diġitalizzazzjoni tal-katina tal-valur tad-diversi setturi ekonomiċi, imwettqa minn Raggruppamenti ta' Negożzi Innovattivi u l-entitajiet assoċjati

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										tagħhom, bħala parti mill-politika ta' appoġġ għall-SMEs tal-Ministeru tal-Industrija u t-Turiżmu. Tlestija ta' azzjonijiet u/jew pakketti ta' ħidma ffinanzjati mill-Programm ta' Appoġġ tal-Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali li jikkorrispondu għal deċiżjonijiet ta' għoti għal mill-inqas EUR 37 590 000. Il-pakketti ta' ħidma ffinanzjati mill-Programm Ewropa Diġitali ma għandhomx jitqiesu. Il-programm ta' Appoġġ għall-Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali għandu jgħin lill-kumpaniji jsiru aktar kompetittivi, billi jtejjeb in-negozju u l-proċessi ta' produzzjoni tagħhom permezz tal-użu intensiv tat-teknoloġiji diġitali. Is-sejħiet għal proposti tal-programmi preċedenti u tal-Programm ta' Appoġġ tal-Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali għandhom jinkludu kriterji ta' eliġibbiltà li jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.
210	C13.I4	T	SMEs u assoċjazzjonijiet tan-negozju li rċevew appoġġ mill-Fond Teknoloġiku	—	Numru	0	200	Q-2	2023	Mill-inqas 200 SME jew assoċjazzjoni tan-negozju fis-settur kummerċjali li rċevew appoġġ ta' għotja mill-Fond Teknoloġiku, f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. Proġetti fis-settur tal-kummerċ żgħir kellhom l-għan li jinkorporaw teknoloġiji ġodda li jippermettu l-kummerċ lokali jirreaġixxi għal drawwiet ġodda ta' konsum, taħt il- "Fond Teknoloġiku" (200 proġetti). Il-proġetti eliġibbli taħt dan il-fond jinkludu: a. Proġetti f'teknoloġiji ġodda mmirati lejn it-titjib tal-istrateġija kummerċjali u ta' komunikazzjoni online, il-mudelli ta' negozju jew l-esperjenza tax-xiri. b. Proġetti f'teknoloġiji ġodda għall-adattament tal-esperjenza tax-xiri fiżiku għal ħtiġijiet u drawwiet ġodda tal-konsumatur u mudelli ġodda ta' ġestjoni. c. Proġetti f'soluzzjonijiet teknoloġiċi biex jittejjbu l-effiċjenza u s-sostenibbiltà tal-loġistika tal-aħħar mil. d. Proġetti fl-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi biex tittejjeb l-effiċjenza fl-enerġija u fir-riżorsi. L-investiment għandu jitlesta bil-ħolqien ta' pjattaforma diġitali (<i>Plataforma Comercio Conectado</i>) biex titrawwem id-diġitalizzazzjoni tas-settur.
211	C13.I4	T	Azzjonijiet ta' modernizzazzjoni fi	—	Numru	0	30	Q-4	2024	Mill-inqas 30 azzjoni ta' modernizzazzjoni kkompletati fis-swieq muniċipali jew fiż-żoni kummerċjali, f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
			swieq municiċipali jew f'żoni kummerċjali							leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. Proġetti ppreżentati mill-awtoritajiet lokali, għal titjib fil-modernizzazzjoni tas-swieq municiċipali, żoni kummerċjali, swieq tal-bejgħ mhux sedentarji u kanali qosra ta' kummerċjalizzazzjoni, taħt il-programm "Swieq Sostenibbli" (30 proġetti). Il-proġetti eliġibbli taħt dan il-programm jinkludu: a. Proġetti fl-adozzjoni ta' għodod ta' għarfien tal-klijenti bbażati fuq il-big data jew teknoloġiji oħra. b. Proġetti fit-trasformazzjoni diġitali tas-swieq li jtejbju s-suq omni-channel u l-esperjenza tax-xiri. c. Proġetti mmirati lejn it-trasformazzjoni diġitali tal-kummerċ fit-toroq u kanali qosra ta' kummerċjalizzazzjoni. d. Proġetti f'xogħlijiet u rinnovazzjoni biex jettejbu l-faċilitajiet, l-aċċessibbiltà, it-tagħmir u l-adeqwatezza tagħhom taż-żoni okkupati mis-swieq municiċipali, iż-żoni kummerċjali u s-swieq mhux sedentarji, u ż-żoni kontigwi tagħhom. e. Proġetti biex jtnaqqas il-konsum ta' inputs mill-kummerċ u s-sostituzzjoni ta' dawn għal alternattivi li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent. f. Installazzjoni ta' punti ta' konsenja intelliġenti. g. Proġetti biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika tas-swieq municiċipali, taż-żoni kummerċjali u tas-swieq tal-bejgħ mhux sedentarju. h. Azzjonijiet li jippromwovu r-riċiklaġġ jew l-użu mill-ġdid tal-iskart. I. Tisħiħ u taħriġ fil-ħiliet teknoloġiċi tas-swieq municiċipali, żoni kummerċjali, swieq tal-bejgħ mhux sedentarji.
212	C13.I4	T	Modernizzazzjoni tal-infrastruttura tas-suq f'municiċipalitajiet żgħar	—	Numru	0	100	Q-4	2024	Mill-inqas 100 azzjoni kkompletata ta' modernizzazzjoni tal-infrastruttura tas-suq f'municiċipalitajiet żgħar approvati u mibdija, f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżiti ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. Il-proġetti eliġibbli taħt dan il-programm jinkludu: a. Proġetti fl-adozzjoni ta' għodod ta' għarfien tal-klijenti bbażati fuq il-big data jew teknoloġiji oħra. b. Proġetti fit-trasformazzjoni diġitali tas-swieq li jtejbju s-suq omni-channel u l-esperjenza tax-xiri. c. Proġetti mmirati lejn it-trasformazzjoni diġitali tal-kummerċ fit-toroq u kanali qosra ta' kummerċjalizzazzjoni. d. Proġetti f'xogħlijiet u rinnovazzjoni biex jettejbu l-faċilitajiet, l-aċċessibbiltà, it-tagħmir u l-adeqwatezza tagħhom taż-żoni okkupati mis-swieq municiċipali, iż-żoni kummerċjali u s-swieq mhux sedentarji, u ż-żoni kontigwi tagħhom.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										e. Proġetti biex jitnaqqas il-konsum ta' inputs mill-kummerċ u s-sostituzzjoni ta' dawn għal alternattivi li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent. f. Installazzjoni ta' punti ta' konsenja intelliġenti. g. Proġetti biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika tas-swieq municipli, taż-żoni kummerċjali u tas-swieq tal-bejgħ mhux sedentari. h. Azzjonijiet li jippromwvu r-riċiklaġġ jew l-użu mill-ġdid tal-iskart. I. Tisħiħ u taħriġ fil-ħiliet teknoloġiċi tas-swieq municipli, żoni kummerċjali, swieq tal-bejgħ mhux sedentari.
213	C13.I5	T	Kumpaniji li jipparteċipaw fi proġetti li jappoġġaw l-internazzjonalizzazzjoni tagħhom	—	Numru	0	3 000	Q-4	2024	Mill-inqas 3 000 kumpanija, li minnhom mill-inqas 2 SME, ipparteċipaw u lestew proġetti li jappoġġaw l-internazzjonalizzazzjoni tagħhom taħt il-qafas tal-Pjanijiet ta' Azzjoni għall-Internazzjonalizzazzjoni 500–2021 u 2022–2023. L-azzjonijiet orizzontali ta' appoġġ għad-diġitalizzazzjoni tal-assoċjazzjoni tal-esportazzjonijiet, il-kmamar tal-kummerċ u s-servizzi amministrattivi għandhom ikunu ta' benefiċċju għall-esportaturi kollha u jippromwvu l-internazzjonalizzazzjoni ta' kumpaniji ġodda, f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. L-azzjonijiet taħt l-investiment għandhom jintgħażlu mil-lista ta' proġetti/oqsma li ġejja: 1. Linja ta' finanzjament għall-fattibbiltà, il-fattibbiltà, il-prefattibbiltà u l-istudji ta' modernizzazzjoni settorjali u istituzzjonali. 2. Il-programm INNOVA Invest biex jappoġġa l-investimenti barranin fir-riċerka u l-iżvilupp. 3. Il-programm VIVES li jipprovdi appoġġ finanzjarju għar-reklutaġġ ta' trainees f'kumpaniji involuti f'attivitajiet ta' esportazzjoni. 4. Programm ta' mentoraġġ u taħriġ għall-internazzjonalizzazzjoni. 5. Programm għat-tisħiħ tas-sistemi ta' komunikazzjoni, is-servizzi telematiċi u d-diġitalizzazzjoni tal-federazzjonijiet tal-esportazzjoni tal-assoċjazzjonijiet tal-esportazzjoni, il-Kmamar tal-Kummerċ Spanjoli u l-federazzjonijiet tagħhom. 6. Il-programm tat-Tkabbir Bażi tal-Esportazzjonijiet, programm li jipprovdi kkwċjar personalizzat għall-internazzjonalizzazzjoni tad-ditti u l-SMEs b'mod partikolari. 7. Programm għat-Tisħiħ tal-Ekosistema Spanjola tal-Intrapriżi bi Tkabbir Għoli. 8. Għajnuna għall-ftuħ u l-konsolidazzjoni tas-swieq permezz ta' sussidji għan-nefqa relatata mal-ispezzjonijiet u l-awditjar tal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi u man-nefqa legali u ta' konsulenza fuq id-difiża tal-kummerċ. 9. Programm ta' inċentivi finanzjarji mill-COFIDES (istituzzjoni finanzjarja tal-Istat li tipprovdi finanzjament fuq medda medja u twila ta' żmien għall-appoġġ ta' proġetti ta'

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										investiment fl-internazzjonalizzazzjoni tal-impreżi) biex tippromwovi l-investimenti li jħallu impatt. 10. It-tisħiħ tad-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tal-gvern biex tiġi appoġġata l-internazzjonalizzazzjoni. 11. Id-diġitalizzazzjoni tal-ICEX (entità kummerċjali pubblika nazzjonali li tippromwovi l-internazzjonalizzazzjoni tan-negozji Spanjoli) u l-ħolqien ta' Kampus Virtwali. Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw il-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) tat-tranżazzjonijiet appoġġati skont din il-miżura permezz tal-użu ta' verifika tas-sostenibbiltà, l-użu ta' lista ta' esklużjoni, u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

M.3. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ fil-forma ta' self

Investiment 6 (C13.I6) — Linja l-Ħadra tal-ICO u Linja tal-Intrapriżi u l-Imprendituri

Din il-miżura għandha tikkonsisti f'investiment f'żewġ linji finanzjarji: il-linja l-Ħadra tal-ICO u l-Linja tal-Intrapriżi u l-Intraprendituri tal-ICO.

Linja l-Ħadra tal-ICO

Dan l-element ta' din il-miżura għandu jikkonsisti f'investiment pubbliku f'Faċilità, il-Linja Ekoloġika tal-ICO, sabiex jiġi inċentivat l-investiment privat u jittejjeb l-aċċess għall-finanzi fis-setturi ekoloġiċi ta' Spanja u biex jiġu żviluppati swieq kapitali f'dan il-qasam, li jkopru b'mod speċjali seba' oqsma differenti: I) trasport sostenibbli, inkluża l-ferrovija; l-effiċjenza enerġetika; III) l-enerġija rinnovabbli, inkluż il-ħżin tal-enerġija u n-network tal-elettriku; IV) id-dekarbonizzazzjoni industrijali u l-ktajjen tal-valur industrijali b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju marbuta mat-tranżizzjoni tal-enerġija; V) il-ġestjoni tal-ilma; VI) l-ekonomija ċirkolari; VII) l-adattament għat-tibdil fil-klima. Il-Faċilità għandha topera billi ttipprovdi finanzjament dirett, xiri ta' bonds korporattivi u investimenti ta' ekwità u kważi ekwità, direttament jew permezz ta' intermedjarji lis-settur privat u lill-unitajiet domestiċi, kif ukoll lill-entitajiet tas-settur pubbliku involuti f'attivitajiet simili. Abbażi tal-investiment tal-RRF, il-Faċilità għandha l-għan li inizjalment ttipprovdi mill-inqas EUR 22 000 000 000 ta' finanzjament.

Il-Faċilità għandha tiġi ġestita mill-Istituto de Crédito Oficial (ICO) u l-Assi (il-manijer tal-kapital ta' riskju/privat tal-ICO) bħala s-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni. Il-Faċilità għandha tinkludi l-linji ta' prodotti li ġejjin:

- Linja ta' Medjazzjoni: il-linja ta' medjazzjoni għandha tikkonsisti f'self magħmul mill-ICO lill-banek kummerċjali, li min-naħa tiegħu għandu jagħti self lill-benefiċjarji finali għall-finanzjament ta' proġetti ekoloġiċi. Il-benefiċjarji finali għandhom ikunu kumpaniji privati (bħal SMEs, kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja, korporazzjoni kbira jew intraprendituri) u unitajiet domestiċi.
- Finanzjament dirett mill-ICO: din il-linja għandha ttipprovdi self dirett lil kumpaniji privati (bħal kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja) u kumpaniji pubbliċi biex jifinanzjaw proġetti ekoloġiċi. Is-self għandu jiġi pprovdut direttament mill-ICO u minn kull proġett kofinanzjat minn investitur (i) privat (i) ta' parti terza. Il-fondi pprovduti mill-ICO għandhom jirrappreżentaw massimu ta' 70 % tal-ammont totali tal-appoġġ għall-investiment. L-investituri privati għandhom ikopru mill-inqas 30 % tal-ammont totali tal-appoġġ għall-investiment.
- Xiri ta' bonds korporattivi: taħt din il-linja, l-ICO għandha tixtri titoli ta' introjtu fiss superjuri fuq terminu medju u twil maħruġa minn kumpaniji Spanjoli fis-swieq sekondarji organizzati (bħal suq alternattiv tal-introjtu fiss (MARF) jew Assoċjazzjoni ta' Intermedjarji għall-Assi Finanzjarji (AIAF)). It-titoli għandhom ikunu marbuta ma' proġett speċifiku ta' investiment ekoloġiku tal-kumpanija li toħroġ it-titolu.
- Investimenti ta' ekwità u kważi ekwità: din il-linja għandha tikkonsisti fil-forniment ta' investimenti diretti ta' ekwità permezz ta' Assi (manijer ta' riskju/kapital privat tal-ICO) u/jew it-trasferiment ta' fondi għal fondi ta' ekwità jew mezzi oħra ta' investiment ġestiti minn intermedjarji finanzjarji privati li jwettqu operazzjonijiet ta' investiment ta' ekwità f'kumpaniji li jwettqu proġetti ekoloġiċi. Il-parteciċipazzjoni massima tal-Linja ma għandhiex taqbeż il-49 % tal-fondi tal-veikolu ta' investiment. L-investimenti ta' ekwità mil-Linja ma għandhomx jikkawżaw li s-sehem tal-ekwità pubblika f'benefiċjarju finali jaqbeż il-49 % tal-ekwità totali.

Sabiex jimplimentaw l-investiment fil-Faċilità, Spanja u l-ICO għandhom jiffirmaw Ftehim ta' Implimentazzjoni li għandu jinkludi l-kontenut li ġej:

1. Deskrizzjoni tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Faċilità: Id-Deċiżjoni finali dwar l-investiment tal-Faċilità għandha tittieħed minn kumitat tal-investiment jew korp governattiv ekwivalenti rilevanti ieħor u approvata b'maġġoranza ta' voti minn membri li huma indipendenti mill-gvern Spanjol. Għal investimenti intermedjati, id-deċiżjoni finali dwar l-investiment għandha tittieħed mill-intermedjarji.
2. Ir-rekwiżiti ewlenin tal-politika ta' investiment assoċjata, li għandhom jinkludu:
 - a. Id-deskrizzjoni tal-prodott (i) finanzjarju/i u l-benefiċjarji finali eliġibbli f'konformità mad-deskrizzjoni tal-miżura.
 - b. Ir-rekwiżit li l-investimenti kollha appoġġati jkunu ekonomikament vijabbli.
 - c. Projbizzjoni ta' finanzjament mill-ġdid ta' kwalunkwe self pendent.
 - d. Ir-rekwiżit ta' konformità mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" (DNSH) kif stabbilit fil-Gwida Teknika dwar id-DNSH (2021/C58/01), b'mod partikolari:
 - i. Fil-każ ta' self, bonds tal-proġetti jew strumenti ekwivalenti: il-politika ta' investiment għandha teskludi l-lista li ġejja ta' attivitajiet u assi mill-eliġibbiltà: (I) attivitajiet u assi relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream⁹⁹, (ii) attivitajiet u assi taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li mhumix inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti¹⁰⁰, (iii) attivitajiet u assi relatati ma' landfills tal-iskart, incineraturi¹⁰¹ u impjanti tat-trattament mekkaniku bijoloġiku¹⁰².
 - ii. Fil-każ ta' ekwità, kważi ekwità, bonds korporattivi jew strumenti ekwivalenti: il-politika ta' investiment għandha tirrikjedi li l-kumpaniji jadottaw pjanijiet ta'

⁹⁹ Ħlief għal (a) assi u attivitajiet fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll l-infrastruttura relatata tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) u (b), l-attivitajiet u l-assi skont il-punt (ii) li għalihom l-użu tal-fjuwils fossili huwa temporanju u teknikament inevitabbli għat-tranżizzjoni f'waqtha lejn operazzjoni ħielsa mill-fjuwils fossili.

¹⁰⁰ Meta l-attività appoġġata tikseb l-emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumix aktar baxxi b'mod sinifikanti mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwix possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

¹⁰¹ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

¹⁰² Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza fir-riżorsi jew il-modifika retroattiva għal operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

tranżizzjoni ekoloġika f'konformità mad-definizzjoni stabbilita fl-Artikolu 19a(2)(a) (iii) tad-Direttiva 2013/34/UE jekk aktar minn 50 %¹⁰³ tad-dħul dirett tagħhom matul is-sena finanzjarja preċedenti jkun derivat mil-lista li ġejja ta' attivitajiet u assi: (I) attivitajiet u assi relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream¹⁰⁴, (ii) attivitajiet u assi taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li mhumex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti¹⁰⁵, (iii) attivitajiet u assi relatati ma' landfills tal-iskart, incineraturi¹⁰⁶ u impjanti tat-trattament mekkaniku bijoloġiku¹⁰⁷.

iii. Barra minn hekk, il-politika ta' investiment għandha teħtieġ konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali tal-benefiċjarji finali tal-Faċilità.

e. Ir-rekwiżit li l-benefiċjarji finali tal-Faċilità ma għandhomx jirċievu appoġġ minn strumenti oħra tal-Unjoni biex ikopru l-istess kost.

3. L-ammont kopert mill-Ftehim ta' Implimentazzjoni, l-istruttura tat-tariffi għas-Sieħeb Implimentattiv u r-rekwiżit li jiġi investit mill-ġdid kwalunkwe rimborżi skont il-politika ta' investiment tal-Faċilità sakemm ma jintużawx biex jiġu servuti r-ripagamenti tas-self tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

4. Rekwiżiti ta' monitoraġġ, awditjar u kontroll, inklużi:

1. Id-deskrizzjoni tas-sistema ta' monitoraġġ tas-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni biex jirrapporta dwar l-investiment mobilizzat.
2. Id-deskrizzjoni tal-proċeduri tas-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni li se jiżguraw il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni, u l-kunflitti ta' interess.

¹⁰³ Id-Direttiva 2013/34/UE hija emendata bid-Direttiva (UE) 2022/2464 dwar id-Direttiva dwar ir-Rappurtar Korporattiv dwar is-Sostenibbiltà.

¹⁰⁴ Ħlief għal (a) proġetti skont din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll infrastruttura relatata tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) u (b) attivitajiet u assi skont il-punt (ii) li għalihom l-użu tal-fjuwils fossili huwa temporanju u teknikament inevitabbli għat-tranżizzjoni f'waqtha lejn operazzjoni ħielsa mill-fjuwils fossili, bl-eliminazzjoni gradwali tal-fjuwils fossili kompletament maż-żmien

¹⁰⁵ Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet proġettati ta' gassijiet serra li ma jkunux ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

¹⁰⁶ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

¹⁰⁷ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

3. L-obbligu li tiġi vverifikata l-eliġibbiltà ta' kull operazzjoni f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Ftehim ta' Implimentazzjoni, inkluż permezz tal-użu ta' lista ta' dikjarazzjoni pożittiva u/jew awtodikjarazzjoni għal operazzjonijiet taħt l-EUR 10 000 000, qabel l-impenn li tiġi ffinanzjata operazzjoni.
4. L-obbligu li jitwettqu awditi ex post ibbażati fuq ir-riskju f'konformità ma' pjan tal-awditjar tal-ICO. Dawn l-awditi għandhom jivverifikaw i) li s-sistemi ta' kontroll ikunu effettivi, inkluża l-identifikazzjoni ta' frodi, korruzzjoni, u kunflitt ta' interess; II) il-konformità mal-prinċipju DNSH, ir-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat, ir-rekwiżiti tal-mira klimatika; u iii) li jiġi rrispettat ir-rekwiżit li l-intermedjarju jivverifika li tiġi ppreżentata dikjarazzjoni responsabbli mill-benefiċjarju finali biex jikkontrolla jekk l-istess kost huwiex kopert minn strument ieħor tal-Unjoni. L-awditi għandhom jivverifikaw ukoll il-legalità tat-tranżazzjonijiet u li l-kundizzjonijiet tal-Ftehim ta' Implimentazzjoni u tal-Ftehimiet ta' Finanzjament applikabbli qed jiġu rrispettati, inkluż permezz tal-użu ta' lista ta' dikjarazzjoni pożittiva u/jew awtodikjarazzjonijiet għal operazzjonijiet taħt EUR 10 000 000, qabel ma jimpenjaw ruħhom li jiffinanzjaw operazzjoni.
5. Rekwiżiti għall-investimenti klimatiċi mwettqa mis-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni: mill-inqas EUR 17 800 000 000 tal-investment tal-RRF fil-Faċilità għandhom jikkontribwixxu għall-oġettivi klimatiċi f'konformità mal-Anness VI tar-Regolament RRF¹⁰⁸.
6. Rekwiżiti għall-għażla tal-intermedjarji finanzjarji: L-ICO għandu jagħżel l-intermedjarji finanzjarji b'mod miftuħ, trasparenti u mhux diskriminatorju. Il-kontrolli għan-nuqqas ta' kunflitt ta' interess fuq l-intermedjarji finanzjarji għandhom isiru u jitwettqu ex ante permezz ta' sistema tal-IT bħal Minerva għall-atturi finanzjarji kollha involuti.
7. Rekwiżit għall-iffirmar tal-Ftehimiet ta' Finanzjament: L-ICO għandha tiffirma Ftehimiet ta' Finanzjament mal-intermedjarji finanzjarji f'konformità mar-rekwiżiti ewlenin li għandhom jiġu pprovduti bħala anness tal-Ftehim ta' Implimentazzjoni. Ir-rekwiżiti ewlenin tal-Ftehim ta' Finanzjament għandhom jinkludu r-rekwiżiti kollha li taħthom topera l-Faċilità, inklużi:
 1. L-obbligu tal-intermedjarju finanzjarju li jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu f'konformità *mutatis mutandis* mar-rekwiżiti tat-teħid tad-deċiżjonijiet u tal-politika tal-investment speċifikati hawn fuq, inkluż relatati mar-rispett tal-prinċipju DNSH.
 2. Id-deskrizzjoni tal-qafas ta' monitoraġġ u awditjar u kontroll li l-intermedjarju finanzjarju għandu jistabbilixxi, li *mutatis mutandis* għandu jkun soġġett għar-rekwiżiti kollha ta' monitoraġġ, awditjar u kontroll speċifikati hawn fuq.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

¹⁰⁸ Il-benefiċjarji finali minn self, self parteċipattiv, bonds tal-proġetti, garanziji jew strumenti ekwivalenti assoċjati ma' proġetti speċifiċi għandhom ikunu meħtieġa jipprovdu ġustifikazzjoni tal-qasam ta' intervent magħżul għal kull proġett appoġġat, flimkien ma' deskrizzjoni tal-proġett. Għall-fini tal-komputazzjoni tal-kontribuzzjoni għall-klima, fil-każ ta' ekwità, kważi ekwità, bonds korporattivi jew strumenti ekwivalenti mhux immirati lejn proġetti speċifiċi, għandhom jintużaw kriterji li jirrikjedu li mill-inqas 90 % tad-dħul tar-riċevitur matul is-sena finanzjarja preċedenti jew id-dħul futur skont pjan ta' direzzjoni tan-negozju jiġu ġġenerati/se jiġu ġġenerati minn attività li tikkonforma mal-kriterji rilevanti li jirriżultaw mill-oqsma ta' intervent applikabbli fl-Anness VI tar-Regolament RRF. Il-benefiċjarji finali minn ekwità, kważi ekwità, bonds korporattivi jew strumenti ekwivalenti mhux immirati lejn proġetti speċifiċi għandhom jipprovdu ġustifikazzjoni għall-qasam/oqsma ta' intervent magħżul/magħżula. Is-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni għandu jkun meħtieġ ukoll jipprovdi lill-Istat Membru rapport semiannwali dwar l-implimentazzjoni ta' kull proġett/attività.

Linja tal-Intrapriżi u l-Imprendituri tal-ICO

Dan l-element tal-miżura għandu jikkonsisti f'investiment pubbliku f'Faċilità, il-Linja ICO tal-Intrapriżi u l-Intraprendituri, sabiex jiġi inċentivat l-investment privat u jittnejjeb l-aċċess għall-finanzi f'setturi relatati mal-attività ekonomika tal-intrapriża u biex jiġu żviluppati swieq kapitali f'dawn l-oqsma, proġetti relatati mad-diġitalizzazzjoni tal-universitajiet pubbliċi u privati, bħala parti mill-Ekonomija l-Ġdida tal-Lingwa (NEL) ta' PERTE, u proġetti ta' kumpaniji fis-settur tat-turiżmu relatati mas-sostenibbiltà, id-diġitalizzazzjoni, l-iskemi ta' titjib tal-ħiliet għar-riżorsi u t-tagħmir umani, u t-tiżni tal-kompetittività u r-reżiljenza tagħha. [Il-linja se sservi wkoll biex tkopri l-ħtiġijiet ta' kapital operatorju li jippermettu lill-kumpaniji jissodisfaw l-oġettivi msemmija hawn fuq]. Il-Faċilità għandha topera billi tipprovdi finanzjament dirett, xiri ta' bonds korporattivi u investimenti ta' ekwità u kważi ekwità, direttament jew permezz ta' intermedjarji lis-settur privat, kif ukoll lill-entitajiet tas-settur pubbliku involuti f'attivitajiet simili. Abbażi tal-investment tal-RRF, il-Faċilità għandha l-għan li inizjalment tipprovdi mill-inqas EUR 8 150 000 000 ta' finanzjament.

Il-Faċilità għandha tiġi ġestita mill-Istituto de Crédito Oficial (ICO) u l-Assi (il-manijer tal-kapital ta' riskju/privat tal-ICO) bħala s-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni. Il-Faċilità għandha tinkludi l-linji ta' prodotti li ġejjin:

- Linja ta' Medjazzjoni: il-linja ta' medjazzjoni għandha tikkonsisti f'self magħmul mill-ICO lil banek kummerċjali, li min-naħa tagħhom għandhom jagħtu self lill-benefiċjarji finali biex jiffinanzjaw proġetti relatati mal-attività ekonomika tagħhom; id-diġitalizzazzjoni u l-intelliġenza artifiċjali għall-universitajiet; u skemi ta' sostenibbiltà, diġitalizzazzjoni, taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet għar-riżorsi umani u t-tagħmir, u proġetti biex jissaħħu l-kompetittività u r-reżiljenza tas-settur tat-turiżmu. Il-benefiċjarji finali għandhom ikunu kumpaniji privati (bħal persuni li jaħdmu għal rashom, SMEs, kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja, korporazzjonijiet kbar jew intraprendituri) u entitajiet pubbliċi involuti f'attivitajiet simili.
- Finanzjament dirett mill-ICO: din il-linja għandha tipprovdi self dirett lil kumpaniji privati (bħal kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja u korporazzjonijiet kbar) u kumpaniji pubbliċi biex jiffinanzjaw proġetti relatati mal-attività ekonomika tagħhom. Is-self għandu jiġi pprovdut direttament mill-ICO u minn kull proġett kofinanzjat minn investitur (i) privat (i) ta' parti terza. Il-fondi pprovduti mill-ICO għandhom jirrappreżentaw massimu ta' 70 % tal-ammont totali tal-appoġġ għall-investment. L-investituri privati għandhom ikopru mill-inqas 30 % tal-ammont totali tal-appoġġ għall-investment.
- Xiri ta' bonds korporattivi: taħt din il-linja, l-ICO għandha tixtri titoli ta' introjtu fiss superjuri fuq terminu medju u twil maħruġa minn kumpaniji Spanjoli fis-swieq sekondarji organizzati (bħal, suq alternattiv tal-introjtu fiss (MARF) jew Assoċjazzjoni ta' Intermedjarji għall-Assi Finanzjarji (AIAF)). It-titoli għandhom ikunu marbuta ma' proġett ta' investment speċifiku tal-kumpanija li toħroġ it-titolu.
- Investimenti ta' ekwità u kważi ekwità: din il-linja għandha tikkonsisti fil-forniment ta' investimenti diretti ta' ekwità permezz ta' Assi (manijer ta' riskju/kapital privat tal-ICO) u/jew it-trasferiment ta' fondi għal fondi ta' ekwità jew veikoli oħra ta' investment ġestiti minn intermedjarji finanzjarji privati li jwettqu operazzjonijiet ta' investment ta' ekwità f'kumpaniji (negożji ġodda, SMEs, kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja u korporazzjonijiet kbar). Il-parteciċipazzjoni massima tal-Linja ma għandhiex taqbeż il-49 % tal-fondi tal-veikolu ta' investment. L-investimenti ta' ekwità mil-Linja ma għandhomx jikkawżaw li s-sehem tal-ekwità pubblika f'benefiċjarju finali jaqbeż il-49 % tal-ekwità totali.

Sabiex jimplimentaw l-investment fil-Faċilità, Spanja u l-ICO għandhom jiffirmaw Ftehim ta' Implimentazzjoni li għandu jinkludi l-kontenut li ġej:

1. Deskrizzjoni tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Faċilità: Id-Deċiżjoni finali dwar l-investment tal-Faċilità għandha tittieħed minn kumitat tal-investment jew korp governattiv ekwivalenti rilevanti ieħor u approvata b'maġġoranza ta' voti minn membri li huma indipendenti mill-gvern. Għal investimenti intermedjati, id-deċiżjoni finali dwar l-investment għandha tittieħed mill-intermedjarji.
2. Ir-rekwiżiti ewlenin tal-politika ta' investment assoċjata, li għandhom jinkludu:
 - a. Id-deskrizzjoni tal-prodott (i) finanzjarju/i u l-benefiċjarji finali eliġibbli f'konformità mad-deskrizzjoni tal-miżura.
 - b. Ir-rekwiżit li l-investimenti kollha appoġġati jkunu ekonomikament vijabbli.
 - c. Projbizzjoni ta' finanzjament mill-ġdid ta' kwalunkwe self pendent.
 - d. Ir-rekwiżit ta' konformità mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" (DNSH) kif stabbilit fil-Gwida Teknika dwar id-DNSH (2021/C58/01), b'mod partikolari:
 - i. Fil-każ ta' self, bonds tal-proġetti jew strumenti ekwivalenti: il-politika ta' investment għandha teskludi l-lista li ġejja ta' attivitajiet u assi mill-eliġibbiltà: (I) attivitajiet u assi relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream¹⁰⁹, (ii) attivitajiet u assi taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li mhumix inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti¹¹⁰, (iii) attivitajiet u assi relatati ma' landfills tal-iskart, incineraturi¹¹¹ u impjanti tat-trattament mekkaniku bijoloġiku¹¹².
 - ii. Fil-każ ta' ekwità, kważi ekwità, bonds korporattivi jew strumenti ekwivalenti: il-politika ta' investment għandha tirrikjedi li l-kumpaniji jadottaw pjanijiet ta'

¹⁰⁹ Ħlief għal (a) assi u attivitajiet fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll l-infrastruttura relatata tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) u (b), l-attivitajiet u l-assi skont il-punt (ii) li għalihom l-użu tal-fjuwils fossili huwa temporanju u teknikament inevitabbli għat-tranżizzjoni f'waqtha lejn operazzjoni ħielsa mill-fjuwils fossili.

¹¹⁰ Meta l-attività appoġġata tikseb l-emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumix aktar baxxi b'mod sinifikanti mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwix possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

¹¹¹ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

¹¹² Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza fir-riżorsi jew il-modifika retroattiva għal operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

tranżizzjoni ekoloġika f'konformità mad-definizzjoni stabbilita fl-Artikolu 19a(2)(a) (iii) tad-Direttiva 2013/34/UE jekk aktar minn 50 %¹¹³ tad-dħul dirett tagħhom matul is-sena finanzjarja preċedenti jkun derivat mil-lista li ġejja ta' attivitajiet u assi: (I) attivitajiet u assi relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream¹¹⁴, (ii) attivitajiet u assi taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li mhumex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti¹¹⁵, (iii) attivitajiet u assi relatati ma' landfills tal-iskart, incineraturi¹¹⁶ u impjanti tat-trattament mekkaniku bijoloġiku¹¹⁷.

iii. Barra minn hekk, il-politika ta' investiment għandha teħtieġ konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali tal-benefiċjarji finali tal-Faċilità.

e. Ir-rekwiżit li l-benefiċjarji finali tal-Faċilità ma għandhomx jirċievu appoġġ minn strumenti oħra tal-Unjoni biex ikopru l-istess kost.

3. L-ammont kopert mill-Ftehim ta' Implimentazzjoni, l-istruttura tat-tariffi għas-Sieħeb Implimentattiv u r-rekwiżit li jiġi investit mill-ġdid kwalunkwe rimborżi skont il-politika ta' investiment tal-Faċilità sakemm ma jintużawx biex jiġu servuti r-ripagamenti tas-self tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

4. Rekwiżiti ta' monitoraġġ, awditjar u kontroll, inklużi:

1. Id-deskrizzjoni tas-sistema ta' monitoraġġ tas-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni biex jirrapporta dwar l-investiment mobilizzat.
2. Id-deskrizzjoni tal-proċeduri tas-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni li se jiżguraw il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni, u l-kunflitti ta' interess.

¹¹³ Id-Direttiva 2013/34/UE hija emendata bid-Direttiva (UE) 2022/2464 dwar id-Direttiva dwar ir-Rappurtar Korporattiv dwar is-Sostenibbiltà.

¹¹⁴ Ħlief għal (a) assi u attivitajiet fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll l-infrastruttura relatata tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) u (b), l-attivitajiet u l-assi skont il-punt (ii) li għalihom l-użu tal-fjuwils fossili huwa temporanju u teknikament inevitabbli għat-tranżizzjoni f'waqtha lejn operazzjoni ħielsa mill-fjuwils fossili.

¹¹⁵ Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet projettati ta' gassijiet serra li ma jkunux ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

¹¹⁶ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

¹¹⁷ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

3. L-obbligu li tiġi vverifikata l-eliġibbiltà ta' kull operazzjoni f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Ftehim ta' Implimentazzjoni, inkluż permezz tal-użu ta' awtodikjarazzjoni għal operazzjonijiet ta' inqas minn EUR 10 000 000, qabel l-impenn li tiġi ffinanzjata operazzjoni.
4. L-obbligu li jitwettqu awditi ex post ibbażati fuq ir-riskju f'konformità ma' pjan tal-awditjar tal-ICO. Dawn l-awditi għandhom jivverifikaw i) li s-sistemi ta' kontroll ikunu effettivi, inkluża l-identifikazzjoni ta' frodi, korruzzjoni, u kunflitt ta' interess; II) il-konformità mal-prinċipju DNSH, ir-regoli dwar l-Għajjnuna mill-Istat, ir-rekwiżiti tal-mira diġitali; u iii) li jiġi rrispettat ir-rekwiżit li l-intermedjarju jivverifika li tiġi ppreżentata dikjarazzjoni responsabbli mill-benefiċjarju finali biex jikkontrolla jekk l-istess kost huwiex kopert minn strument ieħor tal-Unjoni. L-awditi għandhom jivverifikaw ukoll il-legalità tat-tranżazzjonijiet u li l-kundizzjonijiet tal-Ftehim ta' Implimentazzjoni u tal-Ftehimiet ta' Finanzjament applikabbli qed jiġu rrispettati, inkluż permezz tal-użu ta' awtodikjarazzjonijiet għal operazzjonijiet ta' inqas minn EUR 10 000 000, qabel ma jimpenjaw ruħhom li jiffinanzjaw operazzjoni.
5. Rekwiżiti għall-investimenti diġitali mwettqa mis-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni: mill-inqas EUR 150 000 000 tal-investment tal-RRF fil-Faċilità għandhom jikkontribwixxu għall-oġġettivi diġitali f'konformità mal-Anness VII tar-Regolament RRF¹¹⁸.
6. Rekwiżiti għall-għażla tal-intermedjarji finanzjarji: L-ICO għandu jagħżel l-intermedjarji finanzjarji b'mod miftuħ, trasparenti u mhux diskriminatorju. Il-kontrolli għan-nuqqas ta' kunflitt ta' interess fuq l-intermedjarji finanzjarji għandhom isiru u jitwettqu ex ante permezz ta' sistema tal-IT bħal Minerva għall-atturi finanzjarji kollha involuti.
7. Rekwiżit għall-iffirmar tal-Ftehimiet ta' Finanzjament: L-ICO għandha tiffirma Ftehimiet ta' Finanzjament mal-intermedjarji finanzjarji f'konformità mar-rekwiżiti ewlenin li għandhom jiġu pprovduti bħala anness tal-Ftehim ta' Implimentazzjoni. Ir-rekwiżiti ewlenin tal-Ftehim ta' Finanzjament għandhom jinkludu r-rekwiżiti kollha li taħthom topera l-Faċilità, inklużi:
 1. L-obbligu tal-intermedjarju finanzjarju li jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu f'konformità *mutatis mutandis* mar-rekwiżiti tat-teħid tad-deċiżjonijiet u tal-politika tal-investment speċifikati hawn fuq, inkluż relatati mar-rispett tal-prinċipju DNSH.
 2. Id-deskrizzjoni tal-qafas ta' monitoraġġ u awditjar u kontroll li l-intermedjarju finanzjarju għandu jistabbilixxi, li *mutatis mutandis* għandu jkun soġġett għar-rekwiżiti kollha ta' monitoraġġ, awditjar u kontroll speċifikati hawn fuq.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

¹¹⁸ Għall-fini tal-komputazzjoni tal-kontribuzzjoni diġitali, fil-każ ta' ekwità, kważi ekwità, bonds korporattivi jew strumenti ekwivalenti mhux immirati lejn proġetti speċifiċi, għandhom jintużaw kriterji li jirrikjedu li mill-inqas 90 % tad-dħul tar-riċevitur matul is-sena finanzjarja preċedenti jew id-dħul futur skont pjan ta' direzzjoni tan-negożju jiġi/se jiġi ġġenerat/se jiġi ġġenerat minn attività li tikkonforma mal-kriterji rilevanti li jirriżultaw mill-oqsma ta' intervent applikabbli fl-Anness VII tar-Regolament RRF.

Investiment 7 (C13.I7) — Fond tat-Teknoloġija li Jmiss

Din il-miżura għandha tikkonsisti f'investiment pubbliku f'Faċilità, il-Fond tat-Teknoloġija li Jmiss, sabiex jiġi inċentivat l-investiment privat u jittejjeb l-aċċess għall-finanzi fis-setturi strateġiċi ta' Spanja marbuta mat-tranżizzjoni diġitali u biex jiġu żviluppati swieq kapitali f'dan il-qasam. Il-Faċilità għandha topera billi ttipprovdi inċentivi finanzjarji permezz ta' koinvestment ma' fondi oħra, direttament jew permezz ta' intermedjarji lis-settur privat, kif ukoll lill-entitajiet tas-settur pubbliku involuti f'attivitajiet simili. Abbażi tal-investiment tal-RRF, il-Faċilità għandha l-għan li inizjalment ttipprovdi mill-inqas EUR 4 000 000 000 ta' finanzjament.

Il-Faċilità għandha tiġi ġestita mis-Sociedad Española para la Transformación Tecnológica (SETT) bħala s-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni. Il-Faċilità għandha tinkludi l-linji ta' prodotti li ġejjin:

- Linja diretta: din il-linja għandha tikkonsisti fil-forniment ta' investimenti diretti ta' ekwità jew kważi ekwità permezz tas-SETT, lil kumpaniji inkorporati fi Spanja, irrISPettivament mid-daqs u s-sjieda tagħhom tal-kapital, li jimpenjaw ruħhom li jwettqu proġetti teknoloġiċi ġodda. L-investimenti ta' ekwità mill-Fond ma għandhomx jikkawżaw li s-sehem tal-ekwità pubblika f'benefiċjarju finali jaqbeż 49 % tal-ekwità totali.
- Linja indiretta: din il-linja għandha tikkonsisti fit-trasferiment ta' fondi għal veikoli ta' investiment eżistenti ġestiti minn intermedjarji finanzjarji privati, inklużi fondi ta' kapital ta' riskju, li jwettqu operazzjonijiet ta' investiment ta' ekwità u/jew kważi ekwità fl-oqsma teknoloġiċi fil-mira tal-Fond. Il-parteċipazzjoni massima tal-Faċilità ma għandhiex taqbeż il-49 % ta' kwalunkwe fond jew mezz ieħor ta' investiment u ma għandhiex tikkawża li s-sehem ta' ekwità pubblika f'fond jew veikolu ta' investiment jaqbeż il-49 % tal-ekwità totali.

Sabiex jiġi implimentat l-investiment fil-Faċilità, Spanja u s-SETT għandhom jiffirmaw Ftehim ta' Implimentazzjoni jew Spanja għandha tapprova l-istrument legali korrispondenti u d-dokumenti assoċjati li għandhom jinkludu l-kontenut li ġej:

1. Deskrizzjoni tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Faċilità: Għal-linja diretta, id-deċiżjoni ta' investiment inizjali tal-Faċilità għandha tittieħed minn kumitat tal-investiment jew korp governattiv ekwivalenti rilevanti ieħor u approvata b'maġġoranza ta' voti minn membri li huma indipendenti mill-gvern Spanjol. Għal-linja diretta, id-deċiżjoni finali dwar l-investiment tal-Faċilità għandha tkun limitata għall-approvazzjoni (mingħajr modifika) jew għall-eżerċizzju ta' dritt ta' veto fuq deċiżjoni ta' investiment proposta mill-kumitat tal-investiment jew korp governattiv ekwivalenti rilevanti. Għal investimenti intermedjati permezz tal-linja indiretta, id-deċiżjoni finali dwar l-investiment għandha tittieħed mill-intermedjarji.
2. Ir-rekwiżiti ewlenin tal-politika ta' investiment assoċjata, li għandhom jinkludu:
 - a. Id-deskrizzjoni tal-prodott (i) finanzjarju/i u l-benefiċjarji finali eliġibbli f'konformità mad-deskrizzjoni tal-miżura.
 - b. Ir-rekwiżit li l-investimenti kollha appoġġati jkunu ekonomikament vijabbli.
 - c. Projbizzjoni ta' finanzjament mill-ġdid ta' kwalunkwe self pendent.
 - d. Ir-rekwiżit ta' konformità mal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” (DNSH) kif stabbilit fil-Gwida Teknika dwar id-DNSH (2021/C58/01), b'mod partikolari:

- i. Fil-każ ta' ekwità, kważi ekwità, bonds korporattivi jew strumenti ekwivalenti: il-politika ta' investiment għandha tirrikjedi li l-kumpaniji jadottaw pjanijiet ta' tranżizzjoni ekoloġika f'konformità mad-definizzjoni stabbilita fl-Artikolu 19a(2)(a) (iii) tad-Direttiva 2013/34/UE jekk aktar minn 50 %¹¹⁹ tad-dħul dirett tagħhom matul is-sena finanzjarja preċedenti jkun derivat mil-lista li ġejja ta' attivitajiet u assi: (I) attivitajiet u assi relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream¹²⁰, (ii) attivitajiet u assi taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti¹²¹, (iii) attivitajiet u assi relatati ma' landfills tal-iskart, incineraturi¹²² u impjanti tat-trattament mekkaniku bijoloġiku¹²³.
 - ii. Barra minn hekk, il-politika ta' investiment għandha teħtieġ konformità mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali tal-benefiċjarji finali tal-Faċilità.
- e. Ir-rekwiżit li l-benefiċjarji finali tal-Faċilità ma għandhomx jirċievu appoġġ minn strumenti oħra tal-Unjoni biex ikopru l-istess kost.
3. L-ammont kopert mill-Ftehim ta' Implimentazzjoni u/jew l-istrument legali u d-dokumenti assoċjati li jistabbilixxu l-Faċilità, l-istruttura tat-tariffi għas-Sieħeb Implimentattiv u r-rekwiżit li jiġi investit mill-ġdid kwalunkwe rimborżi skont il-politika ta' investiment tal-Faċilità sakemm ma jintużawx biex jiġu servuti l-ħlasijiet lura tas-self tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.
 4. Rekwiżiti ta' monitoraġġ, awditjar u kontroll, inklużi:
 - a. Id-deskrizzjoni tas-sistema ta' monitoraġġ tas-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni biex jirrapporta dwar l-investiment mobilizzat.
 - b. Id-deskrizzjoni tal-proċeduri tas-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni li se jiżguraw il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni, u l-kunflitti ta' interess.

¹¹⁹ Id-Direttiva 2013/34/UE hija emendata bid-Direttiva (UE) 2022/2464 dwar id-Direttiva dwar ir-Rappurtar Korporattiv dwar is-Sostenibbiltà.

¹²⁰ Ħlief għal (a) proġetti skont din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll infrastruttura relatata tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) u (b) attivitajiet u assi skont il-punt (ii) li għalihom l-użu tal-fjuwils fossili huwa temporanju u teknikament inevitabbli għat-tranżizzjoni f'waqtha lejn operazzjoni ħielsa mill-fjuwils fossili, bl-eliminazzjoni gradwali tal-fjuwils fossili kompletament maż-żmien.

¹²¹ Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet proġettati ta' gassijiet serra li ma jkunux ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

¹²² Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

¹²³ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

- c. L-obbligu li tiġi vverifikata l-eliġibbiltà ta' kull operazzjoni f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Ftehim ta' Implimentazzjoni u/jew l-istrument legali u d-dokumenti assoċjati li jistabbilixxu l-Faċilità, inkluż permezz tal-użu ta' awtodikjarazzjoni għal operazzjonijiet taħt EUR 10 000 000, qabel l-impenn li tiġi ffinanzjata operazzjoni.
 - d. L-obbligu li jitwettqu awditi ex post ibbażati fuq ir-riskju f'konformità ma' pjan tal-awditjar ta' SETT. Dawn l-awditi għandhom jivverifikaw i) li s-sistemi ta' kontroll ikunu effettivi, inkluża l-identifikazzjoni ta' frodi, korruzzjoni, u kunflitt ta' interess; II) il-konformità mal-prinċipju DNSH, ir-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat, ir-rekwiżiti tal-mira diġitali; u iii) li jiġi rrispettat ir-rekwiżit li l-intermedjarju jivverifika li tiġi ppreżentata dikjarazzjoni responsabbli mill-benefiċjarju finali biex jikkontrolla jekk l-istess kost huwiex kopert minn strument ieħor tal-Unjoni. L-awditi għandhom jivverifikaw ukoll il-legalità tat-tranżazzjonijiet u li l-kundizzjonijiet tal-Ftehim ta' Implimentazzjoni applikabbli u/jew l-istrument legali u d-dokumenti assoċjati li jistabbilixxu l-Faċilità u l-Ftehimiet ta' Finanzjament qed jiġu rrispettati, inkluż permezz tal-użu ta' awtodikjarazzjonijiet għal operazzjonijiet ta' inqas minn EUR 10 000 000, qabel ma jimpenjaw ruħhom li jiffinanzjaw operazzjoni.
5. Rekwiżiti għall-investimenti diġitali mwettqa mis-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni: mill-inqas EUR 4 000 000 000 tal-investment tal-RRF fil-Faċilità għandhom jikkontribwixxu għall-oġettivi tal-bidla diġitali f'konformità mal-Anness VII tar-Regolament RRF¹²⁴.
 6. Rekwiżiti għall-għażla tal-intermedjarji finanzjarji: SETT għandha tagħżel intermedjarji finanzjarji b'mod miftuħ, trasparenti u mhux diskriminatorju. Il-kontrolli għan-nuqqas ta' kunflitt ta' interess fuq l-intermedjarji finanzjarji għandhom isiru u jitwettqu ex ante permezz ta' sistema tal-IT bħal Minerva għall-atturi finanzjarji kollha involuti.
 7. Rekwiżit għall-iffirmar tal-Ftehimiet ta' Finanzjament: SETT għandha tiffirma Ftehimiet ta' Finanzjament mal-intermedjarji finanzjarji f'konformità mar-rekwiżiti ewlenin li għandhom jiġu pprovduti bħala anness tal-Ftehim ta' Implimentazzjoni jew l-istrument legali u d-dokumenti assoċjati li jistabbilixxu l-Faċilità. Ir-rekwiżiti ewlenin tal-Ftehim ta' Finanzjament għandhom jinkludu r-rekwiżiti kollha li taħthom topera l-Faċilità, inklużi:
 1. L-obbligu tal-intermedjarju finanzjarju li jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu f'konformità mutatis mutandis mar-rekwiżiti tat-teħid tad-deċiżjonijiet u tal-politika tal-investment speċifikati hawn fuq, inkluż relatati mar-rispett tal-prinċipju DNSH.
 2. Id-deskrizzjoni tal-qafas ta' monitoraġġ u awditjar u kontroll li l-intermedjarju finanzjarju għandu jistabbilixxi, li mutatis mutandis għandu jkun soġġett għar-rekwiżiti kollha ta' monitoraġġ, awditjar u kontroll speċifikati hawn fuq.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

¹²⁴ Għall-fini tal-komputazzjoni tal-kontribuzzjoni diġitali, fil-każ ta' ekwità, kważi ekwità, bonds korporattivi jew strumenti ekwivalenti mhux immirati lejn proġetti speċifiċi, għandhom jintużaw kriterji li jirrikjedu li mill-inqas 90 % tad-dħul tar-riċevitur matul is-sena finanzjarja preċedenti jew id-dħul futur skont pjan ta' direzzjoni tan-negozju jiġi/se jiġi ġġenerat/se jiġi ġġenerat minn attività li tikkonforma mal-kriterji rilevanti li jirriżultaw mill-oqsma ta' intervent applikabbli fl-Anness VII tar-Regolament RRF.

Investment 8 (C13.I8) — Fond ta' Koinvestment (FOCO)

Din il-miżura għandha tikkonsisti f'investment pubbliku f'Faċilità, il-Fond ta' Koinvestment, sabiex jiġi inċentivat l-investment privat u jittejjeb l-aċċess għall-finanzi fis-setturi strateġiċi ta' Spanja, b'mod partikolari dawk marbuta mat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u l-PERTEs, u biex jiġu żviluppati swieq kapitali f'dawn l-oqsma. Dik il-Faċilità għandha topera billi ttipprovdi self, investimenti ta' ekwità u kważi ekwità permezz ta' koinvestimenti ma' investituri istituzzjonali barranin u multilaterali ta' partijiet terzi, direttament jew permezz ta' intermedjarji lis-settur privat. Abbażi tal-investment tal-RRF, il-Faċilità għandha l-għan li inizjalment ttipprovdi mill-inqas EUR 2 000 000 000 ta' finanzjament.

Il-Faċilità għandha tiġi ġestita mill-Compañía Española de Financiación del Desarrollo (COFIDES) bħala s-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni. Il-Faċilità għandha tinkorpora l-linji ta' prodotti li ġejjin:

- Linja diretta: Il-Faċilità għandha tikkoinvesti direttament ma' investituri istituzzjonali barranin terzi f'kumpaniji li impenjaw ruħhom li jwettqu proġetti ġodda fis-setturi ekonomiċi strateġiċi ta' Spanja, inklużi dawk marbuta mat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u l-PERTEs. Il-Faċilità għandha tkun kapaċi tinvesti bl-użu ta' strumenti ta' self, ekwità u kważi ekwità. L-investimenti ta' ekwità mill-Fond ma għandhomx jikkawżaw li s-sehem tal-ekwità pubblika f'benefiċjarju finali jaqbeż il-49 % tal-ekwità totali.
- Linja indiretta: Il-Faċilità għandha tinvesti f'fondi eżistenti li jinvestu fis-setturi fil-mira tal-Faċilità u għandha tkun tista' toħloq vetturi ta' finanzjament imfassla apposta mmirati lejn l-istess setturi. Il-parteċipazzjoni massima tal-Faċilità ma għandhiex taqbeż il-49 % ta' kwalunkwe fond jew mezz ieħor ta' investment u ma għandhiex tikkawża li s-sehem ta' ekwità pubblika f'fond jew veikolu ta' investment jaqbeż il-49 % tal-ekwità totali.

Il-koinvestment minn investituri terzi għandu jkun mill-inqas ekwivalenti għall-kontribuzzjoni tal-Faċilità u jinvesti fuq termini pari passu. Il-koinvestituri ta' partijiet terzi jistgħu jinkludu, fost l-oħrajn:

- Istituzzjonijiet pubbliċi barranin, bħal fondi pubbliċi tal-pensjonijiet, fondi sovrani u sottosovrani, istituzzjonijiet multilaterali li jinvestu fi swieq kapitali privati (bħall-Fond Ewropew tal-Investment).
- Investituri istituzzjonali privati barranin fit-tul bħal fondi ta' investment, fondi tal-pensjonijiet jew kumpaniji tal-assigurazzjoni.
- Strumenti u entitajiet domestiċi ta' investment privat, dment li jimmobilizzaw riżorsi finanzjarji minn investituri privati barranin.
- Kumpaniji ta' ekwità barranin li jipparteċipaw f'ċifri tal-kumpaniji fi Spanja biex iwettqu proġetti ta' investment u attivitajiet produttivi li jistgħu jiġu appoġġati mill-fond.

Sabiex timplimenta l-investment fil-Faċilità, Spanja għandha tapprova regolament, u kwalunkwe dokument assoċjat, għall-ħolqien u l-ġestjoni tal-Faċilità li għandu jinkludi l-kontenut li ġej:

1. Deskrizzjoni tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Faċilità: Id-Deċiżjoni inizjali dwar l-investment tal-Faċilità għandha tittieħed minn kumitat tal-investment jew korp governattiv ekwivalenti ieħor rilevanti u approvata b'maġġoranza ta' voti minn membri li huma indipendenti mill-Gvern Spanjol. Id-Deċiżjoni finali dwar l-investment tal-Faċilità għandha tkun limitata għall-approvazzjoni (mingħajr modifiki) jew għall-eżerċizzju ta' dritt ta' veto fuq deċiżjoni ta' investment proposta mill-kumitat tal-investment jew korp governattiv ekwivalenti rilevanti.

Għal investimenti intermedjati, id-deċiżjoni finali dwar l-investment għandha tittieħed mill-intermedjarji.

2. Ir-rekwiżiti ewlenin tal-politika ta' investment assoċjata, li għandhom jinkludu:
 - a. Id-deskrizzjoni tal-prodotti finanzjarji u l-benefiċjarji finali eliġibbli f'konformità mad-deskrizzjoni tal-miżura. Għall-investimenti strateġiċi, jiġifieri daww fit-teknoloġiji u l-prodotti tad-difiża identifikati fil-programm ta' ħidma annwali għall-Fond Ewropew għad-Difiża; investimenti spazjali f'arloġġi atomiċi, lanċaturi strateġiċi; u l-prodotti spazjali; u investimenti li jiffukaw biss fuq l-iżvilupp u l-użu ta' għodod u soluzzjonijiet taċ-ċibersigurtà, inkluż meta dawn ikunu parti mill-introduzzjoni jew l-aġġornament ta' networks diġitali u infrastruttura tad-data; il-benefiċjarji finali ma għandhomx ikunu kkontrollati minn pajjiż terz jew minn entitajiet ta' pajjiż terz u għandu jkollhom il-ġestjoni eżekuttiva tagħhom fl-Unjoni ħliet għal investimenti ta' inqas minn EUR 10 000 000. Jekk il-benefiċjarju finali jkun involut f'investment strateġiku fil-qasam tal-konnettività 5G, il-miżuri u l-pjanijiet ta' mitigazzjoni tar-riskju, skont is-Sett ta' Għodod taċ-Ċibersigurtà tal-5G¹²⁵ għandhom japplikaw ukoll għall-fornituri tiegħu. Tali fornituri, partikolarment bejjieġha u manifatturi ta' apparat tat-telekomunikazzjoni u fornituri terzi oħra, bħall-fornituri tal-infrastruttura tal-cloud, fornituri ta' servizzi ġestiti, integraturi tas-sistemi, il-kuntratturi tas-sigurtà u tal-manutenzjoni, il-manifatturi tat-tagħmir tat-trażmissjoni. Meta l-benefiċjarju finali jkun involut f'investment strateġiku fil-qasam tad-difiża, din il-limitazzjoni għandha tapplika wkoll għall-fornituri u s-sottokuntratturi tiegħu. Il-limitazzjonijiet li jikkonċernaw in-nuqqas ta' kontroll minn pajjiż terz jew entità ta' pajjiż terz stabbiliti fit-tliet paragrafi ta' hawn fuq ma japplikawx għal operazzjoni partikolari ta' finanzjament u investment fejn il-benefiċjarju finali jista' juri li huwa entità ġuridika li għaliha l-Istat Membru li fih huwa stabbilit ikun approva garanzija f'konformità mal-prinċipji li jikkonċernaw l-entitajiet eliġibbli stabbiliti fid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament dwar il-Fond Ewropew għad-Difiża ("EDF")¹²⁶ jew l-eżenzjoni tal-Kummissjoni mogħtija f'konformità mal-prinċipji li jikkonċernaw l-entitajiet eliġibbli stabbiliti fid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament dwar l-Ispazju¹²⁷. Is-siehebb inkarigat mill-implimentazzjoni jrid jinnotifika lill-gvern bi kwalunkwe deroga mogħtija għal-limitazzjonijiet.
 - b. Ir-rekwiżit li l-investimenti kollha appoġġati jkunu ekonomikament vijabbli.
 - c. Projbizzjoni ta' finanzjament mill-ġdid ta' kwalunkwe self pendenti.
 - d. Ir-rekwiżit ta' konformità mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" (DNSH) kif stabbilit fil-Gwida Teknika dwar id-DNSH (2021/C58/01), b'mod partikolari:
 - i. Fil-każ ta' self, bonds tal-proġetti jew strumenti ekwivalenti: il-politika ta' investment għandha teskludi l-lista li ġejja ta' attivitajiet u assi mill-eliġibbiltà: (I) attivitajiet u

¹²⁵ Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS, Ċibersigurtà tan-networks 5G Sett ta' għodod tal-UE għall-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju, 01/2020, https://ec.europa.eu/newsroom/dae/document.cfm?doc_id=64468

¹²⁶ Ir-Regolament (UE) 2021/697 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża

¹²⁷ Ir-Regolament (UE) 2021/696 li jistabbilixxi l-programm spazjali tal-UE u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali

assi relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream¹²⁸, (ii) attivitajiet u assi taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li mhumieq inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti¹²⁹, (iii) attivitajiet u assi relatati ma' landfills tal-iskart, incineraturi¹³⁰ u impjanti tat-trattament mekkaniku bijoloġiku¹³¹. Fil-każ ta' ekwità, kważi ekwità, bonds korporattivi jew strumenti ekwivalenti: il-politika ta' investiment għandha teskludi kumpaniji b'fokus sostanzjali¹³² fis-setturi li ġejjin: (I) il-produzzjoni tal-enerġija bbażata fuq il-fjuwils fossili u attivitajiet relatati¹³³; (II) l-industriji intensivi fl-enerġija u/jew b'emissjonijiet għoljin ta' CO₂¹³⁴; (III) il-produzzjoni, il-kiri, jew il-

¹²⁸ Ħlief għal (a) assi u attivitajiet fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll l-infrastruttura relatata tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) u (b), l-attivitajiet u l-assi skont il-punt (ii) li għalihom l-użu tal-fjuwils fossili huwa temporanju u teknikament inevitabbli għat-tranżizzjoni f'waqtha lejn operazzjoni ħielsa mill-fjuwils fossili.

¹²⁹ Inklużi attivitajiet u assi taħt is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumieq inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti. Meta l-attività appoġġata tikseb l-emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumieq aktar baxxi b'mod sinifikanti mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

¹³⁰ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

¹³¹ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

¹³² Huwa kkunsidrat li Benefiċjarju Finali għandu "fokus sostanzjali" fuq settur jew attività ta' negozju jekk tali settur jew attività tkun identifikata bħala parti essenzjali tal-attività tan-negozju tal-Benefiċjarju Finali rispettivament fir-rigward tad-dħul gross, il-profitt, jew il-bażi tal-klijenti tal-Benefiċjarju Finali. Id-dħul gross iġġenerat mis-settur jew mill-attività ristretta ma għandux, fi kwalunkwe każ, jaqbeż il-50 % tad-dħul gross.

¹³³ Ħlief għal (a) assi u attivitajiet fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll l-infrastruttura relatata tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) u (b), l-attivitajiet u l-assi skont il-punt (ii) li għalihom l-użu tal-fjuwils fossili huwa temporanju u teknikament inevitabbli għat-tranżizzjoni f'waqtha lejn operazzjoni ħielsa mill-fjuwils fossili.

¹³⁴ Inklużi attivitajiet u assi taħt is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumieq inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti. Meta l-attività appoġġata tikseb l-emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumieq aktar baxxi b'mod sinifikanti mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

bejgħ ta' vetturi li jniġġsu¹³⁵; (IV) il-ġbir tal-iskart, it-trattament u r-rimi tal-iskart¹³⁶, (v) l-ipproċessar tal-fjuwil nukleari, il-produzzjoni tal-enerġija nukleari.

- ii. Barra minn hekk, il-politika ta' investiment għandha teħtieġ konformità mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali tal-benefiċjarji finali tal-Faċilità.
- e. Ir-rekwiżit li l-benefiċjarji finali tal-Faċilità ma għandhomx jirċievu appoġġ minn strumenti oħra tal-Unjoni biex ikopru l-istess kost.
3. L-ammont kopert mir-regolamenti u kwalunkwe dokument assoċjat li jistabbilixxi l-Faċilità, l-istruttura tat-tariffi għas-Sieħeb Implimentattiv u r-rekwiżit li jiġi investit mill-ġdid kwalunkwe rimborżi skont il-politika ta' investiment tal-Faċilità sakemm ma jintużawx biex jiġu servuti l-ħlasijiet lura tas-self tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.
4. Rekwiżiti ta' monitoraġġ, awditjar u kontroll, inklużi:
 - a. Id-deskrizzjoni tas-sistema ta' monitoraġġ tas-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni biex jirrapporta dwar l-investiment mobilizzat.
 - b. Id-deskrizzjoni tal-proċeduri tas-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni li se jiżguraw il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni, u l-kunflitti ta' interess.
 - c. L-obbligu li tiġi vverifikata l-eliġibbiltà ta' kull operazzjoni f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fir-regolamenti li jistabbilixxu l-Faċilità qabel l-impenn li tiġi ffinanzjata operazzjoni.
 - d. L-obbligu li jitwettqu awditi ex post ibbażati fuq ir-riskju skont pjan tal-awditjar tal-COFIDES. Dawn l-awditi għandhom jivverifikaw i) li s-sistemi ta' kontroll ikunu effettivi, inkluża l-identifikazzjoni ta' frodi, korruzzjoni, u kunflitti ta' interess; II) il-konformità mal-prinċipju DNSH, ir-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat, ir-rekwiżiti tal-mira klimatika u diġitali; u iii) li jiġi rrispettat ir-rekwiżit li l-intermedjarju jivverifika li tiġi ppreżentata dikjarazzjoni responsabbli mill-benefiċjarju finali biex jikkontrolla jekk l-istess kost huwiex kopert minn strument ieħor tal-Unjoni. L-awditi għandhom jivverifikaw ukoll il-legalità tat-tranżazzjonijiet u li l-kundizzjonijiet tar-regolament applikabbli u d-dokumenti assoċjati li jistabbilixxu l-Faċilità u l-Ftehimiet ta' Finanzjament qed jiġu rrispettati.
5. Rekwiżiti għall-għażla tal-intermedjarji finanzjarji: Il-COFIDES għandu jagħżel l-intermedjarji finanzjarji b'mod miftuħ, trasparenti u mhux diskriminatorju. Il-kontrolli għan-nuqqas ta' kunflitti ta' interess fuq l-intermedjarji finanzjarji għandhom isiru u jitwettqu ex ante permezz ta' sistema tal-IT bħal Minerva għall-atturi finanzjarji kollha involuti.
6. Rekwiżit għall-iffirmar tal-Ftehimiet ta' Finanzjament: Il-COFIDES għandu jiffirma Ftehimiet ta' Finanzjament mal-intermedjarji finanzjarji f'konformità mar-rekwiżiti ewlenin li għandhom jiġu pprovduti bħala parti mid-dokumenti assoċjati li jistabbilixxu l-Faċilità. Ir-rekwiżiti ewlenin tal-Ftehim ta' Finanzjament għandhom jinkludu r-rekwiżiti kollha li taħthom topera l-Faċilità, inklużi:

¹³⁵ Il-vetturi li jniġġsu huma definiti bħala vetturi mingħajr emissjonijiet.

¹³⁶ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet f'impjanti ddedikati esklużivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma bl-għan li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew għall-użu jew għall-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

- a. L-obbligu tal-intermedjarju finanzjarju li jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu f'konformità *mutatis mutandis* mar-rekwiżiti tat-teħid tad-deċiżjonijiet u tal-politika tal-investment speċifikati hawn fuq, inkluż relatati mar-rispett tal-prinċipju DNSH.
- b. Id-deskrizzjoni tal-qafas ta' monitoraġġ u awditjar u kontroll li l-intermedjarju finanzjarju għandu jstabbilixxi, li *mutatis mutandis* għandu jkun soġġett għar-rekwiżiti kollha ta' monitoraġġ, awditjar u kontroll speċifikati hawn fuq.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

Investment 9 (C13.I9) — Il-Fond ta' Appoġġ għas-Solvenza tal-Intrapriżi Strateġiċi (FASEE)

Dan l-investment għandu jikkonsisti f'Fond ta' Appoġġ għas-Solvenza tal-Intrapriżi Strateġiċi biex jipprovdi appoġġ temporanju għas-solvenza lil kumpaniji vijabbli u strateġiċi f'setturi ekonomikament strateġiċi affettwati mill-pandemija tal-COVID-19. Dan l-investment għandu jkopri biss daww l-operazzjonijiet li huma konformi mal-prinċipju DNSH, ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, in-nuqqas ta' kunflitt ta' interess u l-finanzjament doppju. Għandu jitwettaq awditu ex post minn awditur indipendenti biex jivverifika l-issodisfar ta' dawn ir-rekwiżiti kif ukoll il-għbir ta' data kif stabbilit fl-Artikolu 22 tar-Regolament RRF.

Kwalunkwe rimborż assoċjat mal-operazzjonijiet tal-Fond għandu jiġi investit mill-ġdid b'mod simili sakemm jintuża biex jiġu servuti r-ripagamenti tas-self tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2024.

Investment 10 (C13.I10) — Il-Fond ta' Rikapitalizzazzjoni tan-Negożju tal-COVID-19 (FONREC)

Dan l-investment għandu jikkonsisti f'Fond ta' Rikapitalizzazzjoni tan-Negożju tal-COVID-19 biex jipprovdi appoġġ temporanju għas-solvenza lil kumpaniji vijabbli ta' daqs medju (bejn EUR 10 miljun u EUR 400 miljun f'fatturat) li kienu affettwati mill-pandemija tal-COVID-19. Dan l-investment għandu jkopri biss daww l-operazzjonijiet li huma konformi mal-prinċipju DNSH, ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, in-nuqqas ta' kunflitt ta' interess u l-finanzjament doppju. Għandu jitwettaq awditu ex post minn awditur indipendenti biex jivverifika l-issodisfar ta' dawn ir-rekwiżiti kif ukoll il-għbir ta' data kif stabbilit fl-Artikolu 22 tar-Regolament RRF.

Kwalunkwe rimborż assoċjat mal-operazzjonijiet tal-Fond għandu jiġi investit mill-ġdid b'mod simili sakemm jintuża biex jiġu servuti r-ripagamenti tas-self tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2025.

Investment 11 (C13.I11) — Strument ta' Garanzija SGR-CERSA

Dan l-investment għandu l-għan li jikkomplementa l-miżura C13.I2. Għandha ttejjeb l-aċċess għall-finanzi għall-SMEs u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja, billi tipprovdi appoġġ fil-forma ta' garanziji finanzjarji, kummerċjali u tekniċi permezz tat-tisħiħ tal-Compañía Española de Reafianzamiento SME S.A. (CERSA). Bħala parti minn din il-linja ta' azzjoni, CERSA għandha tipprovdi appoġġ fit-tul permezz tal-kopertura ta' kontrogaranzija tagħha għas-Soċjetajiet Reġjonali ta' Garanzija Reċiproka (SGRs), b'appoġġ għar-riskju mġarrab minnhom. CERSA għandha tippromwovi l-kompetittività u r-reżiljenza tal-SMEs u tal-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja anke permezz ta' tliet linji ddedikati ġodda li jippermettu aċċess għal finanzjament fit-tul u operazzjonijiet ta' kapital operatorju għal azzjonijiet taħt dan l-investment fil-qasam ta': id-diġitalizzazzjoni; is-sostenibbiltà; it-tkabbir u l-irkupru (it-tisħiħ tar-reżiljenza, prinċipalment għall-SMEs affettwati mill-pandemija tal-COVID-19, li huma lesti li jwettqu pjanijiet sinifikanti ta' trasformazzjoni u tkabbir).

Il-garanziji pprovduti taħt is-CERSA u l-SGRs għandhom jiġu promossi mill-Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali u f'inizjattivi oħra biex in-negozji jiġu infurmati dwar l-appoġġ għad-diġitalizzazzjoni disponibbli.

Abbażi tal-investiment tal-RRF ta' EUR 630 000 000, CERSA għandha l-għan li inizjalment tipprovdi mill-inqas EUR 2 100 000 000 ta' finanzjament.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

Investiment 12 (C13.I12) — Fond għall-Intraprenditorija u l-SMEs tal-ENISA

Din il-miżura għandha tikkonsisti f'investiment pubbliku f'Faċilità, Fond għall-Intraprenditorija u l-SMEs tal-ENISA, sabiex jiġi inċentivat l-investiment privat u jittejjeb l-aċċess għall-finanzjament għall-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju (SMEs) biex jinvestu f'proġetti vijabbli u innovattivi u proġetti relatati mat-Teknoloġija Lingwistika, bħala parti mill-Ekonomija l-Ġdida tal-Lingwa (NEL) tal-PERTE. Il-Faċilità għandha topera billi tipprovdi self parteċipattiv direttament lis-settur privat, kif ukoll lill-entitajiet tas-settur pubbliku involuti f'attivitajiet simili. Abbażi tal-investiment tal-RRF, il-Faċilità għandha l-għan li inizjalment tipprovdi mill-inqas EUR 303 000 000 ta' finanzjament.

Il-Faċilità għandha tiġi ġestita mill-Intrapriża tal-Innovazzjoni tal-Istat (Empresa Nacional de Innovación, SA — ENISA) bħala s-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni.

Sabiex jimplimentaw l-investiment fil-Faċilità, Spanja u l-ENISA għandhom jiffirmaw Ftehim ta' Implimentazzjoni li għandu jinkludi l-kontenut li ġej:

1. Deskrizzjoni tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Faċilità: Id-Deċiżjoni inizjali dwar l-investiment tal-Faċilità għandha tittieħed minn kumitat tal-investiment u tiġi approvata b'maġġoranza ta' voti minn membri li huma indipendenti mill-Gvern Spanjol. Fil-każ tal-ENISA, il-kumitat tal-investiment għandu jiġi integrat mill-membri tal-persunal tal-ENISA (li huma indipendenti mill-gvern). Id-Deċiżjoni finali dwar l-investiment tal-Faċilità għandha tkun limitata għall-approvazzjoni (mingħajr modifiki) jew għall-eżerċizzju ta' dritt ta' veto fuq deċiżjoni ta' investiment proposta mill-kumitat tal-investiment jew korp governattiv ekwivalenti rilevanti.
2. Ir-rekwiżiti ewlenin tal-politika ta' investiment assoċjata, li għandhom jinkludu:
 1. Id-deskrizzjoni tal-prodott finanzjarju u l-benefiċjarji finali eliġibbli f'konformità mad-deskrizzjoni tal-miżura.
 2. Ir-rekwiżit li l-investimenti kollha appoġġati jkunu ekonomikament vijabbli.
 3. Projbizzjoni ta' finanzjament mill-ġdid ta' kwalunkwe self pendenti.
 4. Ir-rekwiżit ta' konformità mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" (DNSH) kif stabbilit fil-Gwida Teknika dwar id-DNSH (2021/C58/01), b'mod partikolari:
 - i. il-politika ta' investiment għandha teskludi l-lista li ġejja ta' attivitajiet u assi mill-eliġibbiltà: (I) attivitajiet u assi relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu

downstream¹³⁷, (ii) attivitajiet u assi taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksibu emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti¹³⁸, (iii) attivitajiet u assi relatati ma' landfills tal-iskart, inċineraturi u impjanti tat-trattament mekkaniku bijoloġiku.

- ii. il-politika ta' investiment għandha tirrikjedi konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u dik nazzjonali tal-benefiċjarji finali tal-Faċilità.
5. Ir-rekwiżit li l-benefiċjarji finali tal-Faċilità ma għandhomx jirċievu appoġġ minn strumenti oħra tal-Unjoni biex ikopru l-istess kost.
3. L-ammont kopert mill-Ftehim ta' Implimentazzjoni, l-istruttura tat-tariffi għas-Sieħeb Implimentattiv u r-rekwiżit li jiġi investit mill-ġdid kwalunkwe rimborżi skont il-politika ta' investiment tal-Faċilità sakemm ma jintużawx biex jiġu servuti r-ripagamenti tas-self tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.
4. Rekwiżiti ta' monitoraġġ, awditjar u kontroll, inklużi:
 1. Id-deskrizzjoni tas-sistema ta' monitoraġġ tas-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni biex jirrapporta dwar l-investiment mobilizzat.
 2. Id-deskrizzjoni tal-proċeduri tas-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni li se jiżguraw il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni, u l-kunflitti ta' interess.
 3. L-obbligu li tiġi vverifikata l-eliġibbiltà ta' kull operazzjoni skont ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Ftehim ta' Implimentazzjoni qabel ma jsir impenn għall-finanzjament ta' operazzjoni.
 4. L-obbligu li jitwettqu awditi ex post ibbażati fuq ir-riskju f'konformità ma' pjan tal-awditjar tal-ENISA. Dawn l-awditi għandhom jivverifikaw i) li s-sistemi ta' kontroll ikunu effettivi, inkluża l-identifikazzjoni ta' frodi, korruzzjoni, u kunflitti ta' interess; II) il-konformità mal-prinċipju DNSH, ir-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat, ir-rekwiżiti tal-mira diġitali; u iii) li jiġi rrispettat ir-rekwiżit li l-intermedjarju jivverifika li tiġi ppreżentata dikjarazzjoni responsabbli mill-benefiċjarju finali biex jikkontrolla jekk l-istess kost huwiex kopert minn strument ieħor tal-Unjoni. L-awditi għandhom jivverifikaw ukoll il-legalità tat-tranżazzjonijiet u li l-kundizzjonijiet tal-Ftehim ta' Implimentazzjoni u tal-Ftehimiet ta' Finanzjament applikabbli qed jiġu rrispettati.
5. Rekwiżiti għall-investimenti diġitali mwettqa mis-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni: mill-inqas EUR 20 000 000 tal-investiment tal-RRF fil-Faċilità għandhom jikkontribwixxu għall-oġġettivi diġitali f'konformità mal-Anness VII tar-Regolament RRF.

¹³⁷ Ħlief għal (a) assi u attivitajiet fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll l-infrastruttura relatata tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) u (b), l-attivitajiet u l-assi skont il-punt (ii) li għalihom l-użu tal-fjuwils fossili huwa temporanju u teknikament inevitabbli għat-tranżizzjoni f'waqtha lejn operazzjoni ħielsa mill-fjuwils fossili.

¹³⁸ Meta l-attività appoġġata tikseb l-emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumiex aktar baxxi b'mod sinifikanti mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

Investiment 13 (C13.I13) — Fond ta' Reżiljenza Reġjonali (FRA)

Din il-miżura għandha tikkonsisti f'investiment pubbliku fil-kompartiment tal-Istat Membru tal-InvestEU, u f'Faċilità, il-Fond Reġjonali għar-Reżiljenza, sabiex jiġi inkentivat l-investiment privat u jittejjeb l-aċċess għall-finanzi fil-Komunitajiet Awtonomi Spanjoli fl-oqsma ta' prijarità li ġejjin: akkomodazzjoni soċjali u affordabbli u riġenerazzjoni urbana; it-trasport sostenibbli; il-kompetittività industrijali u tal-SMEs; ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni; it-turiżmu sostenibbli; l-ekonomija tal-kura; il-ġestjoni tal-ilma u tal-iskart; u t-tranżizzjoni tal-enerġija; kif ukoll biex jiġu żviluppati s-swieq kapitali f'dawn l-oqsma.

Il-Faċilità għandha topera billi tipprovdi finanzjament direttament jew permezz ta' intermedjarji, lis-settur privat, lill-entitajiet tas-settur pubbliku involuti f'attivitajiet simili, u lill-entitajiet pubbliċi, fost l-oħrajn, lill-gvernijiet reġjonali jew lokali. Abbażi tal-investiment tal-RRF, il-Faċilità għandha l-għan li tipprovdi mill-inqas EUR 19 500 000 000 ta' finanzjament. EUR 500 000 000 addizzjonali għandhom jikkontribwixxu għall-kompartiment tal-Istat Membru InvestEU.

Il-Faċilità għandha tiġi ġestita mill-Grupp tal-BEI bħala s-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni. Il-Faċilità għandha tinkorpora l-linji ta' prodotti li ġejjin:

- Linja Pubblica Diretta (EUR 3 500 000 000): Strument ta' self ta' kofinanzjament dirett għall-finanzjament ta' proġetti minn entitajiet pubbliċi, fost l-oħrajn, gvernijiet reġjonali jew lokali.
- Linji Oħra (EUR 16 000 000 000): Linji mmirati lejn entitajiet privati jew entitajiet pubbliċi f'attivitajiet simili, b'mod partikolari:
 - Strument ta' kofinanzjament dirett għall-finanzjament ta' proġetti permezz ta' self, l-akkwist ta' assi, jew il-parteeċipazzjoni fil-finanzjament tal-proġetti.
 - Finanzjament intermedjat lil SMEs, kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja, proġetti ta' infrastruttura jew individwi inkluż permezz ta' investimenti ta' ekwità, kważi ekwità, self, kreditu privat superjuri, jew ix-xiri ta' titoli ggarantiti minn assi maħruġa minn entitajiet finanzjarji li jiġġeneraw portafoll ta' self eliġibbli ġdid.

Sabiex jimplimentaw l-investiment fil-Faċilità, Spanja u l-Grupp tal-BEI għandhom jiffirmaw Ftehim ta' Implimentazzjoni li għandu jinkludi l-kontenut li ġej:

1. Id-Deċiżjoni inizjali dwar l-investiment tal-Faċilità għandha tittieħed mill-Grupp tal-BEI indipendentement mill-Gvern Spanjol. Id-Deċiżjoni finali dwar l-investiment tal-Faċilità għandha tkun limitata għall-approvazzjoni (mingħajr modifiki) jew għall-eżerċizzju ta' dritt ta' veto fuq deċiżjoni ta' investiment proposta mill-kumitat tal-investiment jew korp governattiv ekwivalenti rilevanti. Għal investimenti intermedjati d-deċiżjoni finali dwar l-investiment għandha tittieħed mill-intermedjarji.
2. Ir-rekwiżiti ewlenin tal-politika ta' investiment assoċjata, li għandhom jinkludu:
 - a. Id-deskrizzjoni tal-prodotti finanzjarji u l-benefiċjarji finali eliġibbli f'konformità mad-deskrizzjoni tal-miżura.
 - b. Ir-rekwiżit li l-investimenti kollha appoġġati jkunu ekonomikament vijabbli.
 - c. Projbizzjoni ta' finanzjament mill-ġdid ta' kwalunkwe self pendenti.
 - d. Ir-rekwiżit ta' konformità mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" (DNSH) kif stabbilit fil-Gwida Teknika dwar id-DNSH (2021/C58/01), b'mod partikolari:

- i. Fil-każ ta' self, bonds tal-proġetti jew strumenti ekwivalenti: il-politika ta' investiment għandha teskludi l-lista li ġejja ta' attivitajiet u assi mill-eliġibbiltà: (I) attivitajiet u assi relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream¹³⁹, (ii) attivitajiet u assi taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li mhumix inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti¹⁴⁰, (iii) attivitajiet u assi relatati ma' landfills tal-iskart, incineraturi¹⁴¹ u impjanti tat-trattament mekkaniku bijoloġiku¹⁴².
- ii. Fil-każ ta' ekwità, kważi ekwità, bonds korporattivi jew strumenti ekwivalenti: il-politika ta' investiment għandha tirrikjedi li l-kumpaniji jadottaw pjanijiet ta' tranżizzjoni ekoloġika f'konformità mad-definizzjoni stabbilita fl-Artikolu 19a(2)(a) (iii) tad-Direttiva 2013/34/UE jekk aktar minn 50 %¹⁴³ tad-dħul dirett tagħhom matul is-sena finanzjarja preċedenti jkun derivat mil-lista li ġejja ta' attivitajiet u assi: (I) attivitajiet u assi relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream¹⁴⁴, (ii) attivitajiet u assi taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li mhumix inqas mill-parametri referenzjarji

¹³⁹ Ħlief għal (a) assi u attivitajiet fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll l-infrastruttura relatata tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) u (b), l-attivitajiet u l-assi skont il-punt (ii) li għalihom l-użu tal-fjuwils fossili huwa temporanju u teknikament inevitabbli għat-tranżizzjoni f'waqtha lejn operazzjoni ħielsa mill-fjuwils fossili.

¹⁴⁰ Inklużi attivitajiet u assi taħt is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumix inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti. Meta l-attività appoġġata tikseb l-emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumix aktar baxxi b'mod sinifikanti mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwix possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

¹⁴¹ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

¹⁴² Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

¹⁴³ Id-Direttiva 2013/34/UE hija emendata bid-Direttiva (UE) 2022/2464 dwar id-Direttiva dwar ir-Rappurtar Korporattiv dwar is-Sostenibbiltà.

¹⁴⁴ Ħlief għal (a) proġetti skont din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll infrastruttura relatata tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) u (b) attivitajiet u assi skont il-punt (ii) li għalihom l-użu tal-fjuwils fossili huwa temporanju u teknikament inevitabbli għat-tranżizzjoni f'waqtha lejn operazzjoni ħielsa mill-fjuwils fossili, bl-eliminazzjoni gradwali tal-fjuwils fossili kompletament maż-żmien

rilevanti¹⁴⁵, (iii) attivitajiet u assi relatati ma' landfills tal-iskart, incineraturi¹⁴⁶ u impjanti tat-trattament mekkaniku bijologiku¹⁴⁷.

- iii. Barra minn hekk, il-politika ta' investiment għandha teħtieġ konformità mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali tal-benefiċjarji finali tal-Faċilità.
 - e. Ir-rekwiżit li l-benefiċjarji finali tal-Faċilità ma għandhomx jirċievu appoġġ minn strumenti oħra tal-Unjoni biex ikopru l-istess kost.
3. L-ammont kopert mill-Ftehim ta' Implimentazzjoni, l-istruttura tat-tariffi għas-Sieħeb Implimentattiv u r-rekwiżit li jiġi investit mill-ġdid kwalunkwe rimborżi skont il-politika ta' investiment tal-Faċilità sakemm ma jintużawx biex jiġu servuti r-ripagamenti tas-self tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.
4. Rekwiżiti ta' monitoraġġ, awditjar u kontroll, inklużi:
- a. L-obbligu li tiġi vverifikata l-eliġibbiltà ta' kull operazzjoni f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fir-regolamenti li jistabbilixxu l-Faċilità qabel l-impenn li tiġi ffinanzjata operazzjoni.
 - b. L-obbligu li jitwettqu awditi ex post ibbażati fuq ir-riskju f'konformità ma' pjan tal-awditjar tal-Grupp tal-BEI. Dawn l-awditi għandhom jivverifikaw i) li s-sistemi ta' kontroll ikunu effettivi, inkluża l-identifikazzjoni ta' frodi, korruzzjoni, u kunflitt ta' interess; II) il-konformità mal-prinċipju DNSH, ir-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat, ir-rekwiżiti tal-mira klimatika u diġitali; u iii) li jiġi rrispettat ir-rekwiżit li l-intermedjarju jivverifika li tiġi ppreżentata dikjarazzjoni responsabbli mill-benefiċjarju finali biex jikkontrolla jekk l-istess kost huwiex kopert minn strument ieħor tal-Unjoni. L-awditi għandhom jivverifikaw ukoll il-legalità tat-tranżazzjonijiet u li l-kundizzjonijiet tal-Ftehim ta' Implimentazzjoni u tal-Ftehimiet ta' Finanzjament applikabbli qed jiġu rrispettati.
 - c. L-obbligu tal-Grupp tal-BEI li jipprovdi lill-Kontrollur Ġenerali tal-gvern ċentrali ("IGAE") rapport tal-awditjar annwali mfassal mill-awdituri esterni tiegħu.

¹⁴⁵ Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet projettati ta' gassijiet serra li ma jkunux ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

¹⁴⁶ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalhekk tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

¹⁴⁷ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalhekk tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

5. Rekwiżiti għall-investimenti klimatiċi mwettqa mis-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni: mill-inqas 50 % tal-investment tal-RRF fil-Faċilità għandu jikkontribwixxi għall-oġġettivi tat-tibdil fil-klima f'konformità mal-Anness VI tar-Regolament RRF¹⁴⁸.
6. Rekwiżiti għall-għażla tal-intermedjarji finanzjarji: Il-grupp tal-BEI għandu jagħżel l-intermedjarji finanzjarji b'mod miftuħ, trasparenti u mhux diskriminatorju. Il-kontrolli għandhom ta' kunflitt ta' interessi fuq l-intermedjarji finanzjarji għandhom isiru u jitwettqu ex ante għall-atturi finanzjarji kollha involuti.
7. Rekwiżit għall-iffirmar tal-Ftehimiet ta' Finanzjament: Il-grupp tal-BEI għandu jiffirma Ftehimiet ta' Finanzjament mal-intermedjarji finanzjarji f'konformità mar-rekwiżiti ewlenin li għandhom jiġu pprovduti bħala anness tal-Ftehim ta' Implimentazzjoni. Ir-rekwiżiti ewlenin tal-Ftehim ta' Finanzjament għandhom jinkludu r-rekwiżiti kollha li taħthom topera l-Faċilità, inklużi:
 - a. L-obbligu tal-intermedjarju finanzjarju li jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu f'konformità *mutatis mutandis* mar-rekwiżiti tat-teħid tad-deċiżjonijiet u tal-politika tal-investment speċifikati hawn fuq, inkluż relatati mar-rispett tal-prinċipju DNSH.
 - b. Id-deskrizzjoni tal-qafas ta' monitoraġġ u awditjar u kontroll li l-intermedjarju finanzjarju għandu jistabbilixxi, li *mutatis mutandis* għandu jkun soġġett għar-rekwiżiti kollha ta' monitoraġġ, awditjar u kontroll speċifikati hawn fuq.

Il-kontribuzzjoni għall-kompartiment tal-Istat Membru ta' InvestEU (EUR 500 000 000) għandha tintuża għall-finanzjament lill-SMEs, lill-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja u lill-individwi, inkluż permezz ta' bonds, self, lokazzjoni, dejn subordinat, fatturament, garanziji bankarji jew finanzjament tal-kummerċ.

Għandu jidħol fis-seħħ Ftehim ta' Garanzija bejn il-Kummissjoni u s-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni, magħżul f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017. Spanja pproponiet lill-FEI bħala s-Sieħeb tal-Implimentazzjoni għall-fini tal-implimentazzjoni ta' din il-miżura.

Spanja għandha tiffirma ftehim ta' kontribuzzjoni mal-Kummissjoni Ewropea li għandu jinkludi:

- L-imsieħeb Implimentattiv propost.
- Ir-rekwiżit ta' konformità mal-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). Jekk ikun meħtieġ, il-Ftehim ta' Garanzija għandu jeskludi mill-eliġibbiltà l-lista li ġejja ta' attivitajiet u assi: (I) attivitajiet u assi relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu

¹⁴⁸ Il-benefiċjarji finali minn self, self parteċipattiv, bonds tal-proġetti, garanziji jew strumenti ekwivalenti assoċjati ma' proġetti speċifiċi għandhom ikunu meħtieġa jipprovdu ġustifikazzjoni tal-qasam ta' intervent magħżul għal kull proġett appoġġat, flimkien ma' deskrizzjoni tal-proġett. Għall-fini tal-komputazzjoni tal-kontribuzzjoni għall-klima, fil-każ ta' ekwità, kważi ekwità, bonds korporattivi jew strumenti ekwivalenti mhux immirati lejn proġetti speċifiċi, għandhom jintużaw kriterji li jirrikjedu li mill-inqas 90 % tad-dħul tar-riċevitur matul is-sena finanzjarja preċedenti jew id-dħul futur skont pjan ta' direzzjoni tan-negozju jiġu ġġenerati/se jiġu ġġenerati minn attività li tikkonforma mal-kriterji rilevanti li jirriżultaw mill-oqsma ta' intervent applikabbli fl-Anness VI tar-Regolament RRF. Il-benefiċjarji finali minn ekwità, kważi ekwità, bonds korporattivi jew strumenti ekwivalenti mhux immirati lejn proġetti speċifiċi għandhom jipprovdu ġustifikazzjoni għall-qasam/oqsma ta' intervent magħżul/magħżula. Is-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni għandu jkun meħtieġ ukoll jipprovdi lill-Istat Membru rapport semiannwali dwar l-implimentazzjoni ta' kull proġett/attività.

downstream¹⁴⁹; (II) attivitajiet u assi taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksibu emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li ma jkunux inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti¹⁵⁰; (III) attivitajiet u assi relatati ma' miżbljet tal-iskart, inċineraturi¹⁵¹ u impjanti tat-trattament mekkaniku bijoloġiku¹⁵².

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

M.4. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ fil-forma ta' self

Ara t-tabella ta' hawn taħt. Id-data tal-linja bażi għall-indikaturi kollha hija l-1 ta' Frar 2020 sakemm ma jkunx indikat mod ieħor fid-deskrizzjoni tal-azzjoni.

¹⁴⁹ Ħlief għal (a) proġetti fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll infrastruttura relatata tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, li jużaw il-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) u (b) attivitajiet u assi skont il-punt (ii) li għalihom l-użu tal-fjuwils fossili huwa temporanju u teknikament inevitabbli għat-tranżizzjoni f'waqtha lejn operazzjoni ħielsa mill-fjuwils fossili.

¹⁵⁰ Meta l-attività appoġġata tikseb l-emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumiex aktar baxxi b'mod sinifikanti mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

¹⁵¹ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

¹⁵² Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
L25	C13.I6	M	Ftehim ta' Implimentazzjoni mal-ICO għal-Linja I-Ħadra tal-ICO	Dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Implimentazzjoni				Q-4	2023	Dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Implimentazzjoni.
L25A	C13.I6	T	Linja I-Ħadra tal-ICO — Ftehimiet legali ffirmati mal-benefiċjarji finali (inklużi fondi ta' ekwità) (I)		%	0 %	15 %	Q-4	2024	L-ICO/Assi, u l-intermedjarji magħżula mill-ICO, għandhom ikunu daħlu fi ftehimiet ta' finanzjament legali ma' benefiċjarji finali (inklużi fondi ta' ekwità) għal ammont meħtieġ biex jintuża mill-inqas 15 % tal-investiment tal-RRF fil-Faċilità (filwaqt li jitqiesu t-tariffi tal-ġestjoni). Mill-inqas 2.5 % tal-finanzjament għandu jikkorrispondi għal ftehimiet ta' finanzjament iffirmati ma' fondi ta' ekwità u mill-inqas 50 % għandu jikkorrispondi għal ftehimiet ta' finanzjament iffirmati mal-benefiċjarji finali għall-prodotti ta' investiment l-oħra kollha (inklużi investimenti diretti ta' ekwità mis-Sieħeb Implimentattiv). L-ICO għandha tipproduċi rapport li jagħti dettalji dwar is-sehem ta' dan il-finanzjament li jikkontribwixxi għall-oġġettivi klimatiċi bl-użu tal-metodoloġija fl-Anness VI tar-Regolament RRF.
L26	C13.I6	T	Linja I-Ħadra tal-ICO — Ftehimiet legali ffirmati mal-benefiċjarji finali (inklużi fondi ta' ekwità) (II)		%	15 %	50 %	Q-2	2025	L-ICO/Assi, u l-intermedjarji magħżula mill-ICO, għandhom ikunu daħlu fi ftehimiet ta' finanzjament legali ma' benefiċjarji finali (inklużi fondi ta' ekwità) għal ammont meħtieġ biex jintuża mill-inqas 50 % tal-investiment tal-RRF fil-Faċilità (filwaqt li jitqiesu t-tariffi tal-ġestjoni). Mill-inqas 2.5 % tal-finanzjament għandu jikkorrispondi għal ftehimiet ta' finanzjament iffirmati ma' fondi ta' ekwità u mill-inqas 50 % għandu jikkorrispondi għal ftehimiet ta' finanzjament iffirmati mal-benefiċjarji finali għall-prodotti ta' investiment l-oħra kollha (inklużi investimenti diretti ta' ekwità mis-Sieħeb Implimentattiv). L-ICO għandha tipproduċi rapport li jagħti dettalji dwar is-sehem ta' dan il-finanzjament li jikkontribwixxi għall-oġġettivi klimatiċi bl-użu tal-metodoloġija fl-Anness VI tar-Regolament RRF.
L27	C13.I6	T	Linja I-Ħadra tal-ICO — Ftehimiet legali ffirmati mal-benefiċjarji finali (inklużi fondi ta' ekwità) (III)		%	50 %	75 %	Q-4	2025	L-ICO/Assi, u l-intermedjarji magħżula mill-ICO, għandhom ikunu daħlu fi ftehimiet ta' finanzjament legali ma' benefiċjarji finali (inklużi fondi ta' ekwità) għal ammont meħtieġ biex jintuża mill-inqas 75 % tal-investiment tal-RRF fil-Faċilità (filwaqt li jitqiesu t-tariffi tal-ġestjoni). Mill-inqas 7.5 % tal-finanzjament għandu jikkorrispondi għal ftehimiet ta' finanzjament iffirmati ma' fondi ta' ekwità u mill-inqas 50 % għandu jikkorrispondi għal

										ftehimiet ta' finanzjament iffirmati mal-benefiċjarji finali għall-prodotti ta' investiment l-oħra kollha (inklużi investimenti diretti ta' ekwità mis-Sieħeb Implimentattiv). L-ICO għandha tipproduċi rapport li jagħti dettalji dwar is-sehem ta' dan il-finanzjament li jikkontribwixxi għall-oġġettivi klimatiċi bl-użu tal-metodoloġija fl-Anness VI tar-Regolament RRF.
L28	C13.I6	T	Linja l-Ħadra tal-ICO — Ftehimiet legali ffirmati mal-benefiċjarji finali (inklużi fondi ta' ekwità) (IV)		%	75 %	100 %	Q-3	2026	L-ICO/Assi, u l-intermedjarji magħżula mill-ICO, għandhom ikunu daħlu fi ftehimiet ta' finanzjament legali mal-benefiċjarji finali (inklużi fondi ta' ekwità) għal ammont meħtieġ biex jintuża 100 % tal-investiment tal-RRF fil-Faċilità (filwaqt li jitqiesu t-tariffi tal-ġestjoni). Mill-inqas 10 % tal-finanzjament għandu jikkorrispondi għal ftehimiet ta' finanzjament iffirmati ma' fondi ta' ekwità u mill-inqas 50 % għandu jikkorrispondi għal ftehimiet ta' finanzjament iffirmati mal-benefiċjarji finali għall-prodotti ta' investiment l-oħra kollha (inklużi investimenti diretti ta' ekwità mis-Sieħeb Implimentattiv). Mill-inqas 80.9 % ta' dan il-finanzjament għandu jikkontribwixxi għall-oġġettivi klimatiċi bl-użu tal-metodoloġija fl-Anness VI tar-Regolament RRF.
L29	C13.I6	T	ICO Green Line — Il-Ministeru lesta l-investiment	Ċertifikat ta' trasferiment				Q-3	2026	Spanja għandha tittrasferixxi EUR 22 000 000 000 lil ICO għall-Faċilità.
L30	C13.I6	M	Ftehim ta' Implimentazzjoni għal-Linja tal-Intrapriżi u l-Imprendituri tal-ICO	Dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Implimentazzjoni				Q-4	2023	Dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Implimentazzjoni.
L31	C13.I6	T	Rabtiet bejn l-ICO Impriżi u Imprendituri — Ftehimiet legali ffirmati mal-benefiċjarji finali (inklużi fondi ta' ekwità) (I)		%	0 %	50 %	Q-2	2025	L-ICO/Assi, u l-intermedjarji magħżula mill-ICO, għandhom ikunu daħlu fi ftehimiet ta' finanzjament legali ma' benefiċjarji finali (inklużi fondi ta' ekwità) għal ammont meħtieġ biex jintuża mill-inqas 50 % tal-investiment tal-RRF fil-Faċilità (filwaqt li jitqiesu t-tariffi tal-ġestjoni). Mill-inqas 2.5 % tal-finanzjament għandu jikkorrispondi għal ftehimiet ta' finanzjament iffirmati ma' fondi ta' ekwità u mill-inqas 50 % għandu jikkorrispondi għal ftehimiet ta' finanzjament iffirmati mal-benefiċjarji finali għall-prodotti ta' investiment l-oħra kollha (inklużi investimenti diretti ta' ekwità mis-Sieħeb Implimentattiv).
L32	C13.I6	T	Linja tal-Intrapriżi u l-Imprendituri tal-ICO — Ftehimiet legali ffirmati mal-benefiċjarji finali (inklużi fondi ta' ekwità) (II)		%	50 %	75 %	Q-4	2025	L-ICO/Assi, u l-intermedjarji magħżula mill-ICO, għandhom ikunu daħlu fi ftehimiet ta' finanzjament legali ma' benefiċjarji finali (inklużi fondi ta' ekwità) għal ammont meħtieġ biex jintuża mill-inqas 75 % tal-investiment tal-RRF fil-Faċilità (filwaqt li jitqiesu t-tariffi tal-ġestjoni). Mill-inqas 7.5 % tal-finanzjament għandu jikkorrispondi għal ftehimiet ta' finanzjament iffirmati ma' fondi ta' ekwità u mill-inqas 50 % għandu jikkorrispondi għal ftehimiet ta' finanzjament iffirmati mal-benefiċjarji finali għall-

										prodotti ta' investiment l-oħra kollha (inklużi investimenti diretti ta' ekwità mis-Sieħeb Implimentattiv).
L33	C13.I6	T	Linja tal-Intrapriżi u l-Imprendituri tal-ICO — Ftehimiet legali ffirmati mal-benefiċjarji finali (inklużi fondi ta' ekwità) (III)		%	75 %	100 %	Q-3	2026	L-ICO/Assi, u l-intermedjarji magħżula mill-ICO, għandhom ikunu daħlu fi ftehimiet ta' finanzjament legali mal-benefiċjarji finali (inklużi fondi ta' ekwità) għal ammont meħtieġ biex jintuża 100 % tal-investiment tal-RRF fil-Faċilità (filwaqt li jitqiesu t-tariffi tal-ġestjoni). Mill-inqas 10 % tal-finanzjament għandu jikkorrispondi għal ftehimiet ta' finanzjament iffirmati ma' fondi ta' ekwità u mill-inqas 50 % għandu jikkorrispondi għal ftehimiet ta' finanzjament iffirmati mal-benefiċjarji finali għall-prodotti ta' investiment l-oħra kollha (inklużi investimenti diretti ta' ekwità mis-Sieħeb Implimentattiv). Mill-inqas 1.84 % ta' dan il-finanzjament għandu jikkontribwixxi għall-oġettivi diġitali bl-użu tal-metodoloġija fl-Anness VII tar-Regolament RRF.
L34	C13.I6	M	ICO Intrapriżi u Imprendituri Linja — Il-Ministeru lesta l-investiment.	Ċertifikat ta' trasferiment				Q-3	2026	Spanja għandha tittrasferixxi EUR 8 150 000 000 lil ICO għall-Faċilità.
L35	C13.I7	M	Il-Fond tat-Teknoloġija li jmiss — Ftehim ta' Implimentazzjoni mas-SETT	Dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Implimentazzjoni jew tar-regolament u d-dokumenti assoċjati li jistabbilixxu l-Faċilità				Q-4	2023	Dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Implimentazzjoni jew tar-regolament u d-dokumenti assoċjati li jistabbilixxu l-Faċilità
L36	C13.I7	T	It-teknoloġija li jmiss — Ftehimiet legali ffirmati mal-benefiċjarji finali u l-fondi ta' ekwità (I)		%	0 %	50 %	Q-2	2025	SETT, u l-intermedjarji magħżula minn SETT, għandhom ikunu daħlu fi ftehim ta' finanzjament legali mal-benefiċjarji finali u l-fondi ta' ekwità għal ammont meħtieġ biex jintuża mill-inqas 50 % tal-investiment tal-RRF fil-Faċilità (filwaqt li jitqiesu t-tariffi tal-ġestjoni). SETT għandha tipproduċi rapport li jagħti dettalji dwar is-sehem ta' dan il-finanzjament li jikkontribwixxi għall-oġettivi diġitali bl-użu tal-metodoloġija fl-Anness VII tar-Regolament RRF.
L37	C13.I7	T	It-teknoloġija li jmiss — Ftehimiet legali ffirmati mal-benefiċjarji finali u l-fondi ta' ekwità (II)		%	50 %	75 %	Q-4	2025	SETT, u l-intermedjarji magħżula minn SETT, għandhom ikunu daħlu fi ftehim ta' finanzjament legali mal-benefiċjarji finali u l-fondi ta' ekwità għal ammont meħtieġ biex jintuża mill-inqas 75 % tal-investiment tal-RRF fil-Faċilità (filwaqt li jitqiesu t-tariffi tal-ġestjoni). SETT għandha tipproduċi rapport li jagħti dettalji dwar is-sehem ta' dan il-finanzjament li jikkontribwixxi għall-oġettivi diġitali bl-użu tal-metodoloġija fl-Anness VII tar-Regolament RRF.

L38	C13.I7	T	It-teknoloġija li jmiss — Ftehimiet legali ffirmati mal-benefiċjarji finali u l-fondi ta' ekwità (III)		%	75 %	100 %	Q-3	2026	SETT, u l-intermedjarji magħżula minn SETT, għandhom ikunu daħlu fi ftehim ta' finanzjament legali mal-benefiċjarji finali u l-fondi ta' ekwità għal ammont meħtieġ biex jintuża 100 % tal-investiment tal-RRF fil-Faċilità (filwaqt li jitqiesu t-tariffi tal-ġestjoni). 100 % ta' dan il-finanzjament għandu jikkontribwixxi għall-oġġettivi diġitali bl-użu tal-metodoloġija fl-Anness VII tar-Regolament RRF.
L39	C13.I7	M	It-teknoloġija li jmiss — Il-Ministeru lesta l-investiment.	Ċertifikat ta' trasferiment				Q-3	2026	Spanja għandha tittrasferixxi EUR 4 000 000 000 lil SETT għall-Faċilità.
L40	C13.I8	M	Foco — Regolamenti li jistabbilixxu l-Fond	Dħul fis-seħħ tar-regolamenti li jistabbilixxu l-Faċilità				Q-2	2023	Id-dħul fis-seħħ tar-regolament, u kwalunkwe dokument assoċjat, li jistabbilixxi l-Faċilità.
L41	C13.I8	T	Foco — Ftehimiet legali ffirmati mal-benefiċjarji finali (inklużi fondi ta' ekwità) (I)		%	0	50 %	Q-2	2025	Il-Faċilità, u l-intermedjarji magħżula mill-COFIDES, għandhom ikunu daħlu fi ftehimiet ta' finanzjament legali mal-benefiċjarji finali (inklużi l-fondi ta' ekwità) għal ammont meħtieġ biex jintuża mill-inqas 50 % tal-investiment tal-RRF fil-Faċilità (filwaqt li jitqiesu t-tariffi tal-ġestjoni). Mill-inqas 20 % tal-finanzjament għandu jikkorrispondi għal ftehimiet ta' finanzjament iffirmati ma' fondi ta' ekwità u mill-inqas 20 % għandu jikkorrispondi għal ftehimiet ta' finanzjament iffirmati mal-benefiċjarji finali għall-prodotti ta' investiment l-oħra kollha (inklużi investimenti ta' ekwità diretti mill-Faċilità).
L42	C13.I8	T	Foco — Ftehimiet legali ffirmati mal-benefiċjarji finali (inklużi fondi ta' ekwità) (II)		%	50 %	100 %	Q-3	2026	Il-Faċilità, u l-intermedjarji magħżula mill-COFIDES, għandhom ikunu daħlu fi ftehimiet ta' finanzjament legali mal-benefiċjarji finali (inklużi fondi ta' ekwità) għal ammont meħtieġ biex jintuża 100 % tal-investiment tal-RRF fil-Faċilità (filwaqt li jitqiesu t-tariffi tal-ġestjoni). Mill-inqas 20 % tal-finanzjament għandu jikkorrispondi għal ftehimiet ta' finanzjament iffirmati ma' fondi ta' ekwità u mill-inqas 20 % għandu jikkorrispondi għal ftehimiet ta' finanzjament iffirmati mal-benefiċjarji finali għall-prodotti ta' investiment l-oħra kollha (inklużi investimenti ta' ekwità diretti mill-Faċilità).
L43	C13.I8	T	Foco — Il-Ministeru lesta l-investiment.	Ċertifikat ta' trasferiment				Q-3	2026	Spanja għandha tittrasferixxi EUR 2 000 000 000 għall-Faċilità

L44	C13.I9	T	Fond ta' Appoġġ għas-Solvenza għall-Intrapriżi Strateġiċi		Miljuni ta' EUR	0	563	Q-2	2024	Mill-inqas EUR 563 300 ta' operazzjonijiet eliġibbli taħt l-RRF taħt FASEE ġew żborżati lill-benefiċjarji finali. Awditu ex post minn awditur indipendenti jenħtieġ li jikkonferma mill-inqas il-konformità mad-DNSH, ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, in-nuqqas ta' frodi, korruzzjoni, kunflitt ta' interess u finanzjament doppju kif ukoll il-ġbir ta' data stabbilit fl-Artikolu 22 tal-RRF. L-awditu ex post għandu jivverifika li l-appoġġ ġie pprovdut biss lil kumpaniji li, fil-mument tal-għoti tal-appoġġ, kienu vijabbli u strateġiċi għan-nisġa produttiva nazzjonali jew reġjonali.
L45	C13.I10	T	FONREC		Miljuni ta' EUR	0	457,01	Q-2	2025	Mill-inqas EUR 457 010 000 tal-operazzjonijiet eliġibbli għall-RRF taħt il-FONREC ġew żborżati lill-benefiċjarji finali. Awditu ex post minn awditur indipendenti jenħtieġ li jikkonferma mill-inqas il-konformità mad-DNSH, ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, in-nuqqas ta' frodi, korruzzjoni, kunflitt ta' interess u finanzjament doppju kif ukoll il-ġbir ta' data stabbilit fl-Artikolu 22 tal-RRF. L-awditu ex post għandu jivverifika li l-appoġġ ġie pprovdut biss lil kumpaniji eliġibbli skont il-qafas legali tal-istrument.
L46	C13.I11	T	CERSA		Miljuni ta' EUR	0	2 100	Q-3	2026	Garanzija tas-CERSA: Mill-inqas ammont ta' EUR 2 100 000 000 ta' garanziji mogħtija minn CERSA mill-1 ta' Lulju 2023 li jippermettu lill-SMEs u lill-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja jiksibu garanziji għal investimenti fit-tul u kapital operatorju, u garanziji finanzjarji, kummerċjali u tekniċi. Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw il-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) tat-tranżazzjonijiet appoġġati taħt din il-miżura permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni, u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.
L47	C13.I12	M	Fond għall-Intraprenditorija u l-SMEs tal-ENISA — Ftehim ta' Implimentazzjoni	Dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Implimentazzjoni				Q-2	2024	Dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Implimentazzjoni.
L48	C13.I12	T	Fond għall-Intraprenditorija u l-SMEs tal-ENISA — Ftehimiet legali ffirmati mal-benefiċjarji finali			0	50 %	Q-2	2025	L-ENISA għandha tkun daħlet fi ftehimiet ta' finanzjament legali mal-benefiċjarji finali għal ammont meħtieġ biex jintuża mill-inqas 50 % tal-investment tal-RRF fil-Faċilità (filwaqt li jitqiesu t-tariffi tal-ġestjoni).
L49	C13.I12	T	Fond għall-Intraprenditorija u l-SMEs tal-ENISA — Ftehimiet legali ffirmati mal-benefiċjarji finali			50 %	100 %	Q-3	2026	L-ENISA għandha tkun daħlet fi ftehimiet ta' finanzjament legali mal-benefiċjarji finali għal ammont meħtieġ biex jintuża 100 % tal-investment tal-RRF fil-Faċilità (filwaqt li jitqiesu t-tariffi tal-ġestjoni). Mill-inqas sehem ta' 6.6 % ta' dan il-finanzjament

										għandu jikkontribwixxi għall-oġġettivi diġitali bl-użu tal-metodoloġija fl-Anness VII tar-Regolament RRF.
L50	C13.I12	M	ENISA Intraprenditorija u Fond għall-SMEs — Il-Ministeru lesta l-investiment.	Ċertifikat ta' trasferiment				Q-3	2026	Spanja għandha tittrasferixxi EUR 303 000 000 lill-ENISA għall-Faċilità.
L51	C13.I13	M	Fond Reġjonali għar-Reżiljenza — InvestEU: L-iffirmar tal-Ftehim ta' Kontribuzzjoni bejn il-gvern ta' Spanja u l-Kummissjoni Ewropea	L-iffirmar tal-Ftehim dwar il-Kontribuzzjoni				Q-2	2023	L-iffirmar tal-Ftehim ta' Kontribuzzjoni bejn il-gvern ta' Spanja u l-Kummissjoni Ewropea għal ammont ta' EUR 500 000 000.
L52	C13.I13	T	Fond Reġjonali għar-Reżiljenza — InvestEU: Operazzjonijiet ta' finanzjament jew ta' investiment li jammontaw għal mill-inqas 500 mn allokati għall-istrument approvat mill-Kumitat tal-Investiment tal-InvestEU.			0	100 %	Q-3	2026	L-operazzjonijiet ta' finanzjament jew ta' investiment li jammontaw għal 100 % tal-ammont totali tar-riżorsi tal-RRF allokati għall-istrument għandhom ikunu ġew approvati mill-Kumitat tal-Investiment tal-InvestEU.
L53	C13.I13	M	Fond ta' Reżiljenza Reġjonali: Ftehim ta' Implimentazzjoni	Dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Implimentazzjoni				Q-4	2023	Id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Implimentazzjoni, bi ftehimiet assoċjati għal mill-inqas tliet strumenti.
L54	C13.I13	T	Fond Reġjonali għar-Reżiljenza — Linji oħra: Ftehimiet legali ffirmati mal-benefiċjarji finali (inklużi fondi ta' ekwità) (I)			0	15 %	Q-4	2024	Il-grupp tal-BEI, u l-intermedjarji magħżula mill-Grupp tal-BEI, għandhom ikunu dahl fuq ftehimiet ta' finanzjament legali mal-benefiċjarji finali (inklużi fondi ta' ekwità) għal ammont meħtieġ biex jintuża mill-inqas 15 % tal-investiment tal-RRF fil-Linji l-Oħra (filwaqt li jitqiesu t-tariffi tal-ġestjoni). Mill-inqas 2.5 % tal-finanzjament għandu jikkorrispondi għal ftehimiet ta' finanzjament iffirmati ma' fondi ta' ekwità u mill-inqas 60 % għandu jikkorrispondi għal ftehimiet ta' finanzjament iffirmati mal-benefiċjarji finali għall-prodotti ta' investiment l-oħra kollha (inklużi investimenti ta' ekwità diretti mill-Faċilità). Il-grupp tal-BEI għandu jipproduċi rapport li jagħti dettalji dwar il-perċentwal ta' dan il-finanzjament li jikkontribwixxi għall-oġġettivi klimatiċi bl-użu tal-metodoloġija fl-Anness VI tar-Regolament RRF. L-ammonti użati għax-xiri ta' titoli garantiti b'assi għandhom jgħoddu biss sal-punt li jkun hemm impenn finanzjarju korrispondenti mill-entità finanzjarja lil SME, mid-cap jew individwu bħala parti mill-portafoll ta' self eliġibbli l-ġdid.

L55	C13.I13	T	Fond Reġjonali għar-Reżiljenza — Linji oħra: Ftehimiet legali ffirmati mal-benefiċjarji finali (inklużi fondi ta' ekwità) (II)			15 %	50 %	Q-2	2025	Il-grupp tal-BEI, u l-intermedjarji magħżula mill-Grupp tal-BEI, għandhom ikunu dahlju fi ftehimiet ta' finanzjament legali mal-benefiċjarji finali (inklużi fondi ta' ekwità) għal ammont meħtieġ biex jintuża mill-inqas 50 % tal-investiment tal-RRF fil-Linji l-Oħra (filwaqt li jitqiesu t-tariffi tal-ġestjoni). Mill-inqas 2.5 % tal-finanzjament għandu jikkorrispondi għal ftehimiet ta' finanzjament iffirmati ma' fondi ta' ekwità u mill-inqas 60 % għandu jikkorrispondi għal ftehimiet ta' finanzjament iffirmati mal-benefiċjarji finali għall-prodotti ta' investiment l-oħra kollha (inklużi investimenti ta' ekwità diretti mill-Faċilità). Il-grupp tal-BEI għandu jipproduċi rapport li jagħti dettalji dwar il-perċentwal ta' dan il-finanzjament li jikkontribwixxi għall-oġġettivi klimatiċi bl-użu tal-metodoloġija fl-Anness VI tar-Regolament RRF. L-ammonti użati għax-xiri ta' titoli garantiti b'assi għandhom jgħoddu biss sal-punt li jkun hemm impenn finanzjarju korrispondenti mill-entità finanzjarja lil SME, mid-cap jew individwu bħala parti mill-portafoll ta' self eliġibbli l-ġdid.
L56	C13.I13	T	Fond Reġjonali għar-Reżiljenza — Linji Oħra: Ftehimiet legali ffirmati mal-benefiċjarji finali (inklużi fondi ta' ekwità) (III)			50 %	75 %	Q-4	2025	Il-grupp tal-BEI, u l-intermedjarji magħżula mill-Grupp tal-BEI, għandhom ikunu dahlju fi ftehimiet ta' finanzjament legali mal-benefiċjarji finali (inklużi fondi ta' ekwità) għal ammont meħtieġ biex jintuża mill-inqas 75 % tal-investiment tal-RRF fil-Linji l-Oħra (filwaqt li jitqiesu t-tariffi tal-ġestjoni). Mill-inqas 2.5 % tal-finanzjament għandu jikkorrispondi għal ftehimiet ta' finanzjament iffirmati ma' fondi ta' ekwità u mill-inqas 60 % għandu jikkorrispondi għal ftehimiet ta' finanzjament iffirmati mal-benefiċjarji finali għall-prodotti ta' investiment l-oħra kollha (inklużi investimenti ta' ekwità diretti mill-Faċilità). Il-grupp tal-BEI għandu jipproduċi rapport li jagħti dettalji dwar il-perċentwal ta' dan il-finanzjament li jikkontribwixxi għall-oġġettivi klimatiċi bl-użu tal-metodoloġija fl-Anness VI tar-Regolament RRF. L-ammonti użati għax-xiri ta' titoli garantiti b'assi għandhom jgħoddu biss sal-punt li jkun hemm impenn finanzjarju korrispondenti mill-entità finanzjarja lil SME, mid-cap jew individwu bħala parti mill-portafoll ta' self eliġibbli l-ġdid.
L57	C13.I13	T	Fond Reġjonali għar-Reżiljenza — Linji Oħra: Ftehimiet legali ffirmati mal-benefiċjarji finali (inklużi fondi ta' ekwità) (IV)			75 %	100 %	Q-3	2026	Il-grupp tal-BEI, u l-intermedjarji magħżula mill-Grupp tal-BEI, għandhom ikunu dahlju fi ftehimiet ta' finanzjament legali mal-benefiċjarji finali (inklużi fondi ta' ekwità) għal ammont meħtieġ biex jintuża 100 % tal-investiment tal-RRF fil-Linji l-Oħra (filwaqt li jitqiesu t-tariffi tal-ġestjoni). Mill-inqas 2.5 % tal-finanzjament għandu jikkorrispondi għal ftehimiet ta' finanzjament iffirmati ma' fondi ta' ekwità u mill-inqas 60 % għandu jikkorrispondi għal

										ftehimiet ta' finanzjament iffirmati mal-benefiċjarji finali għall-prodotti ta' investiment l-oħra kollha (inklużi investimenti ta' ekwità diretti mill-Faċilità). Il-grupp tal-BEI għandu jipproduċi rapport li jagħti dettalji dwar il-perċentwal ta' dan il-finanzjament li jikkontribwixxi għall-oġettivi klimatiċi bl-użu tal-metodoloġija fl-Anness VI tar-Regolament RRF. L-ammonti użati għax-xiri ta' titoli garantiti b'assi għandhom jgħoddu biss sal-punt li jkun hemm impenn finanzjarju korrispondenti mill-entità finanzjarja lil SME, mid-cap jew individwu bħala parti mill-portafoll ta' self eliġibbli l-ġdid.
L58	C13.I13	T	Fond għar-Reżiljenza Reġjonali- Linja Pubblika Diretta: Ftehimiet legali iffirmati mal-benefiċjarji finali (I)			0	50 %	Q-4	2024	Il-grupp tal-BEI għandu jkun daħal fi ftehimiet ta' finanzjament legali mal-benefiċjarji finali għal ammont meħtieġ biex jintuża mill-inqas 50 % tal-investiment tal-RRF fil-Linja Pubblika Diretta (filwaqt li jitqiesu t-tariffi tal-ġestjoni). Il-grupp tal-BEI għandu jipproduċi rapport li jagħti dettalji dwar il-perċentwal ta' dan il-finanzjament li jikkontribwixxi għall-oġettivi klimatiċi bl-użu tal-metodoloġija fl-Anness VI tar-Regolament RRF.
L59	C13.I13	T	Fond għar-Reżiljenza Reġjonali- Linja Pubblika Diretta: Ftehimiet legali iffirmati mal-benefiċjarji finali (II)			50 %	100 %	Q-2	2025	Il-grupp tal-BEI għandu jkun daħal fi ftehimiet ta' finanzjament legali mal-benefiċjarji finali għal ammont meħtieġ biex jintuża 100 % tal-investiment tal-RRF fil-Linja Pubblika Diretta (filwaqt li jitqiesu t-tariffi tal-ġestjoni). Il-grupp tal-BEI għandu jipproduċi rapport li jagħti dettalji dwar il-perċentwal ta' dan il-finanzjament li jikkontribwixxi għall-oġettivi klimatiċi bl-użu tal-metodoloġija fl-Anness VI tar-Regolament RRF.
L60	C13.I13	M	Fond Reġjonali għar-Reżiljenza — kontribuzzjoni għall-klima					Q-3	2026	Mill-inqas 50 % tal-finanzjament tal-Linja Pubblika Diretta u Linji Oħra għandu jikkontribwixxi għall-oġettivi klimatiċi bl-użu tal-metodoloġija fl-Anness VI tar-Regolament RRF.
L61	C13.I13	M	Fond għar-Reżiljenza Reġjonali- Linja Pubblika Diretta: Tlestija ta' proġetti minn entitajiet pubbliċi					Q-3	2026	Tlestija ta' proġetti minn entitajiet pubbliċi li jammontaw għal mill-inqas EUR 3 150 000 000 (inklużi tariffi ta' ġestjoni) fil-Linja Pubblika Diretta.
L62	C13.I13	M	Fond Reġjonali għar-Reżiljenza — Il-Ministeru għall-Affarijiet Ekonomiċi u t-Tranżizzjoni Diġitali lesta l-investiment	Ċertifikat ta' żborż lill-Fond				Q-3	2026	Spanja għandha tittrasferixxi EUR 19 500 000 000 lill-Grupp tal-BEI għall-Faċilità.

N. KOMPONENT 14: IT-TURIŻMU

Il-komponent tal-pjan Spanjol għall-irkupru u r-reżiljenza għandu jindirizza l-isfidi li ġejjin:

- Is-settur tat-turiżmu Spanjol qed jiffaċċja, bħala riżultat tal-kriżi kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19, sitwazzjoni delikata ħafna, u hija meħtieġa azzjoni urġenti biex jiżdedu s-sostenibbiltà u l-kompetittività tiegħu.
- Il-Gżejjer Kanarji u l-Gżejjer Baleariċi, li huma xpruni tal-industrija tat-turiżmu Spanjola, jeħtieġu azzjoni speċjali biex itaffu l-esternalitajiet u d-dipendenza għolja tagħhom fuq l-attività tal-vaganzi.
- Spanja tinsab fis-27 post fit-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, skont ir-Rapport dwar il-Kompetittività tat-Turiżmu tal-Forum Ekonomiku Dinji. Barra minn hekk, l-investiment pubbliku u privat tagħha fir-riċerka u l-iżvilupp huwa relattivament baxx. Barra minn hekk, ħafna rapporti jindikaw is-settur tal-ivvjaġġar bħala wieħed bl-ogħla potenzjal li jibbenefika mill-Intelliġenza Artifiċjali (żieda ta' 128 % fil-valur miżjud tal-attività permezz tal-applikazzjoni tal-IA).

L-għan ta' dan il-komponent huwa li jittrasforma u jimmodernizza s-settur tat-turiżmu fi Spanja billi jżid il-kompetittività u r-reżiljenza tiegħu.

Il-komponent jindirizza r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż dwar il-promozzjoni ta' investimenti fl-innovazzjoni u fl-effiċjenza enerġetika u t-tisħiħ tal-effettività tal-politiki li jappoġġaw ir-riċerka u l-innovazzjoni (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2019), is-sostenn tal-ekonomija (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 2020), l-appoġġ għall-impjiegi permezz ta' miżuri biex jiġu ppreservati l-impjiegi u l-iżvilupp tal-ħiliet u t-titjib tal-aċċess għat-tagħlim diġitali (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 2020), il-promozzjoni tal-investiment pubbliku u privat u t-trawwim tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020) u t-titjib tal-koordinazzjoni bejn il-livelli differenti tal-amministrazzjoni (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 4 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

NRU 1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma 1 (C14.R1) — Digriet Irjali li jimplementa l-Fond Finanzjarju tal-Istat għall-Kompetittività tat-Turiżmu (FOCIT)

Ir-riforma għandha l-oġġettiv li ttejjeb il-kompetittività tas-settur tat-turiżmu billi trawwem l-innovazzjoni u tappoġġa l-effiċjenza enerġetika u l-ekonomija ċirkolari.

Ir-riforma għandha temenda l-atti legali eżistenti li jirregolaw l-oġġettivi, in-natura, l-operazzjonijiet u l-proġetti eliġibbli tal-Fond Finanzjarju tal-Istat għall-Kompetittività tat-Turiżmu.

L-att legali emendat għandu jippermetti lill-Fond Finanzjarju tal-Istat għall-Kompetittività tat-Turiżmu jiffinanzja n-negozji tat-turiżmu biex itejbu l-effiċjenza enerġetika, inaqqsu l-livell tal-

konsum tar-riżorsi u l-produzzjoni tal-iskart u jżidu l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-iskart. Fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika u l-ekonomija ċirkolari, il-Fond għandu jiffinanzja proġetti ta' innovazzjoni.

L-istrument ta' finanzjament jista' juża skemi ta' taħlit li jikkombinaw self ma' tipi oħra ta' appoġġ. L-istrument għandu jiġi ffinanzjat permezz tal-baġit nazzjonali.

Ir-riforma għandha tinkludi wkoll il-miżuri speċifiċi li ġejjin:

- pjan għall-promozzjoni tas-settur tat-turiżmu li fih jiġu deskritti miżuri biex tingħata spinta lis-settur tat-turiżmu u jiġi definit il-qafas għall-implimentazzjoni ta' miżuri relatati mat-turiżmu.
- it-tneġġja ta' sit web li jiġbor data minn diversi sorsi ta' statistika tat-turiżmu inklużi korpi pubbliċi u privati *bħall-INE, Turespaña*, il-Bank ta' Spanja, AENA u RENFE.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2021.

Investiment 1 (C14.I1) — Trasformazzjoni tal-mudell tat-turiżmu lejn is-sostenibbiltà

L-investiment għandu l-oġettiv li jsaħħaħ is-sostenibbiltà ambjentali, soċjoekonomika u territorjali tat-turiżmu u jimmira lejn id-destinazzjonijiet turistiċi, is-sħab soċjali u l-operaturi privati fis-settur.

L-investiment għandu jikkonsisti f'erba' submiżuri:

1. Thejġġja tal-Istrateġija għat-Turiżmu Sostenibbli ta' Spanja 2030, li għandha tikkostitwixxi aġenda nazzjonali tat-turiżmu biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-settur fuq terminu medju u twil, li tagħti spinta lit-tliet pilastri tas-sostenibbiltà: soċjo-ekonomiċi, ambjentali u territorjali;
2. Pjanijiet għas-Sostenibbiltà tat-Turiżmu fid-Destinazzjonijiet: Dawn is-submiżuri għandhom jiġu implimentati bl-ordni sekwenzjali li ġejja:
 - a. It-thejġġja tal-Istrateġija għas-Sostenibbiltà tat-Turiżmu fid-Destinazzjoni, li għandha tipprovdi l-bażi għall-istrutturar, l-ippjanar, l-iżvilupp u l-evalwazzjoni tal-azzjonijiet tal-amministrazzjoni tat-turiżmu biex tittrasforma d-destinazzjonijiet, skont kriterji sostenibbli u allinjata mal-SDGs tal-Aġenda 2030.
 - b. Thejġġja tal-Programm tal-Pjan għas-Sostenibbiltà tat-Turiżmu tad-Destinazzjoni. Dan il-programm għandu jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Komunitajiet Awtonomi u tal-awtoritajiet lokali, il-kamp ta' applikazzjoni, il-limiti minimi ta' investiment, il-proċedura għas-sottomissjoni tal-proposti u r-regoli għall-approvazzjoni, l-implimentazzjoni u l-ġustifikazzjoni tagħhom.
 - c. It-thejġġja u l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Territorjali għas-Sostenibbiltà tat-Turiżmu fid-Destinazzjonijiet. Dawn għandhom jiġu żviluppati permezz ta' proċess parteċipattiv u kollaborattiv bejn it-tliet amministrazzjonijiet pubbliċi kompetenti u l-atturi pubbliċi u privati differenti tal-ekosistema tat-turiżmu tad-destinazzjoni. Huma għandhom jippermettu lil kull territorju u destinazzjoni jwieġbu għall-isfidi tas-sostenibbiltà tat-turiżmu, fl-eżerċizzju tas-setgħat ta' ppjanar tat-turiżmu tagħhom u fil-qafas tal-Istrateġija għas-Sostenibbiltà tat-Turiżmu għad-Destinazzjoni approvata mill-Gvern Spanjol. Dawn il-pjanijiet għandhom jikkonsistu f'azzjonijiet fl-oqsma ta':
 - i. It-tranżizzjoni ekoloġika, inklużi azzjonijiet taħt dan l-investiment li jikkonċernaw ir-restawr ambjentali, il-ġestjoni tal-użu pubbliku f'żoni naturali protetti, l-implimentazzjoni ta' sistemi ta' ċertifikazzjoni tat-turiżmu, l-

implimentazzjoni ta' miżuri tal-ekonomija ċirkolari fis-servizzi pubbliċi u l-bini ta' mogħdijiet rurali ċiklabbli/li jistgħu jimxu.

- ii. L-effiċjenza enerġetika, inklużi azzjonijiet taħt dan l-investment biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO2 fil-bini, fl-infrastruttura pubblika u fis-servizzi, biex jittaffa t-tibdil fil-klima, jiġu implimentati teknoloġiji ambjentali, tiġi dekarbonizzata u promossa l-mobbiltà sostenibbli jew jittejjeb l-ambjent urban.
 - iii. It-trasformazzjoni diġitali, inklużi azzjonijiet taħt dan l-investment għad-diġitalizzazzjoni tas-servizzi lit-turisti fid-destinazzjonijiet, l-iżvilupp tal-impronta diġitali tad-destinazzjoni, jew l-intelliġenza tas-suq u l-ġestjoni tad-domanda tat-turiżmu.
 - iv. It-trasformazzjoni tal-kompetittività, inklużi azzjonijiet taħt dan l-investment li għandhom l-għan li jestendu l-aċċessibbiltà permezz tad-destinazzjoni, itejbu l-infrastrutturi tat-turiżmu pubbliku lokali, jew irawmu l-ħolqien tal-impjiegi permezz tal-iżvilupp ta' prodotti turistiċi ġodda bħall-kultura, in-natura, il-gastronomija jew is-snaġġa tradizzjonali u industrijali.
3. Pjan ta' sostenibbiltà soċjali għas-settur tat-turiżmu.
 4. It-trasformazzjoni tas-Sistema Spanjola ta' Kwalità tat-Turiżmu eżistenti għad-destinazzjonijiet turistiċi (SICTED) f'Sistema komprensiva ta' Sostenibbiltà tat-Turiżmu għad-destinazzjonijiet turistiċi. Dan għandu jinkludi l-iżvilupp ta' proċess u gwida ġodda, l-aġġornament tal-pjattaforma tal-IT eżistenti, it-taħriġ ta' aġenti ġodda tas-sostenibbiltà tat-turiżmu u l-iżvilupp ta' mekkaniżmu ta' aggregazzjoni tad-data għall-analiżi u l-monitoraġġ tas-suq għall-akkomodazzjoni turistika madwar Spanja.

L-azzjonijiet taħt dan l-investment għandhom isiru bejn l-1 ta' Jannar 2021 u t-30 ta' Ġunju 2026, bi żborżi lill-awtoritajiet lokali fil-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2021 u l-31 ta' Diċembru 2023, u bl-implimentazzjoni sal-2026. Il-proġetti għall-promozzjoni tas-sostenibbiltà tad-destinazzjonijiet turistiċi taħt dan l-investment għandhom jitlestew sat-30 ta' Ġunju 2026.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "Bla ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu f'termini ta' referenza għal sejħiet għal proġetti li ġejjin għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejja: (I) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream¹⁵³; (II) attivitajiet taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksibu emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li ma jkunux inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti¹⁵⁴; (III) attivitajiet relatati ma' miżbliet tal-iskart, incineraturi¹⁵⁵ u impjanti tat-trattament

¹⁵³ Ħlief proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll infrastruttura relatata ta' trażmissjoni u distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

¹⁵⁴ Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li mhumiex sostanzjalment anqas mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

¹⁵⁵ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied

mekkaniku u bijoloġiku¹⁵⁶; u (iv) attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent. It-termini ta' referenza għandhom jirrikjedu wkoll li jistgħu jintgħażlu biss attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw ukoll li l-attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali biss jistgħu jiġu appoġġati. Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw li mill-inqas EUR 359 miljun jikkontribwixxu għall-oġettivi tat-tibdil fil-klima b'koeffiċjent klimatiku ta' 100 % u mill-inqas EUR 519 miljun b'koeffiċjent klimatiku ta' 40 %, f'konformità mal-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241 dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Alternattivament, il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw li mill-inqas EUR 1 788.6 miljun jikkontribwixxu għall-oġettivi tat-tibdil fil-klima b'koeffiċjent klimatiku medju ta' mill-inqas 31.7 % f'konformità mal-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Din ir-rata ta' kontribuzzjoni medja tista' tinkiseb bl-użu tal-firxa sħiħa ta' oqsma ta' intervent stabbiliti fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investment 2 (C14.I2) — Programm ta' diġitalizzazzjoni u intelligence għad-destinazzjonijiet u s-settur tat-turiżmu

L-oġettiv tal-azzjonijiet taħt dan l-investment huwa li tiġi żviluppata pjattaforma ta' destinazzjoni intelliġenti li tagħmel is-servizzi pubbliċi u privati interoperabbli disponibbli għat-turisti. Dan għandu jiġi kkomplementat bl-iżvilupp ta' Sistema ta' Intelligence Turistika u sett ta' inizjattivi biex tingħata spinta lin-Network Spanjol ta' Destinazzjonijiet Intelliġenti. L-azzjonijiet taħt dan l-investment għandhom jappoġġaw ukoll soluzzjonijiet diġitali bbażati fuq l-intelliġenza artifiċjali u teknoloġiji abilitanti oħra fl-intrapriżi fis-settur tat-turiżmu kif ukoll jipprovdu finanzjament għall-iżvilupp ta' spazji tad-data industrijali u l-promozzjoni tal-innovazzjoni diġitali fis-settur tat-turiżmu.

L-azzjonijiet taħt dan l-investment għandhom isiru permezz ta' sejħiet għall-offerti u investimenti diretti. Mill-inqas 1000 kumpanija jew raggruppament għandhom ikunu rċevew finanzjament mill-proġetti ta' investment relatati mal-intelliġenza artifiċjali u teknoloġiji abilitanti oħra u għandha titnieda Pjattaforma ta' Destinazzjoni Intelliġenti sat-30 ta' Ġunju 2025.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2025.

Investment 3 (C14.I3) — Strateġiji ta' reżiljenza għat-turiżmu għal territorji extra-peninsulari

L-investment qed jimmira lejn il-Gżejjer Baleariċi, il-Gżejjer Kanarji, Ceuta u Melilla bl-għan li jiġu indirizzati l-isfidi speċifiċi li qed tiffaċċja l-industrija tat-turiżmu f'dawn it-territorji. Il-miżuri għandhom itejbu l-kompetittività u l-kapaċità ta' dawn it-territorji li jadattaw għall-bidliet fis-swieq internazzjonali u għandhom jikkonsistu fi:

tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

¹⁵⁶ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

- l-infrastruttura pubblika, b'enfasi speċjali fuq it-titjib tal-ispazji pubbliċi għall-promozzjoni tat-turiżmu, il-ġestjoni ambjentali u t-trattament tal-iskart u fuq ir-rikwalifikazzjoni tal-infrastruttura turistika obsoleta;
- it-tisħiħ tas-servizzi pubbliċi f'żoni ta' influwenza turistika speċjali: is-servizzi amministrattivi, tas-sigurtà u tas-saħħa;
- it-taħriġ, b'enfasi speċjali fuq it-taħriġ taż-żgħażaġħ marbut mas-settur tat-turiżmu;
- l-iżvilupp ta' prodotti turistiċi alternattivi u l-modernizzazzjoni tal-offerta turistika;
- inċentivi biex tiġi ffaċilitata l-konnettività mat-territorji u għall-kumpaniji turistiċi biex joperaw barra mill-eqel staġun;
- il-promozzjoni tat-territorji extra-peninsulari nazzjonali u internazzjonali b'ħala destinazzjonijiet turistiċi ta' interess kulturali storiku; u għal
- promozzjonijiet strateġiċi aġġustati staġjonalment, b'enfasi speċjali fuq l-istrateġiji ta' kummerċjalizzazzjoni online, l-aċċessibbiltà lingwistika, il-kapaċità proattiva f'għodod multimedjali u l-ġestjoni istituzzjonali tar-relazzjonijiet mal-klijenti (CRM).

Mill-inqas 400 attur ekonomiku u soċjali kienu jibbenefikaw mill-investimenti fir-reġjuni extra-peninsulari sa Diċembru 2025.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investment 4 (C14.I4) — Azzjonijiet speċjali fil-qasam tal-kompetittività

L-investment jinkludi sett ta' miżuri mmirati lejn it-titjib tal-kompetittività tas-settur tat-turiżmu. Azzjonijiet speċifiċi li għandhom jiġu appoġġati taħt dan l-investment għandhom jinkludu:

- l-iżvilupp ta' prodotti tat-turiżmu f'konformità mal-Istrateġija għall-Iżvilupp tal-Prodotti tat-Turiżmu Sostenibbli u li jkopri l-kategoriji indikattivi li ġejjin fost l-oħrajn: it-turiżmu gastronomiku, it-turiżmu kulturali, it-turiżmu urban, l-ekoturiżmu, it-turiżmu kummerċjali, it-turiżmu sportiv b'haċ-ċikliżmu, it-turiżmu tal-wirt u dak reliġjuż;
- proġetti li għandhom l-għan li jnaqqsu l-konsum annwali tal-iskart jew tal-enerġija tal-istabbilimenti turistiċi. Għat-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija, il-miżuri speċifiċi jinkludu l-installazzjoni ta' sensuri għall-monitoraġġ u l-ottimizzazzjoni tal-konsum tal-enerġija, il-promozzjoni tal-użu ta' sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija (b'has-sistemi ċċertifikati skont l-ISO 50001), l-użu ta' materjali termalment effiċjenti, l-użu ta' teknoloġiji effiċjenti fl-użu tal-enerġija u l-użu ta' elementi esterni b'hal sfumaturi jew ġonna. Il-miżuri speċifiċi biex jitnaqqas l-iskart jinkludu pjanijiet għas-segregazzjoni tal-iskart fis-sors u azzjonijiet li jipprovmovu l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-iskart. Aktar miżuri jinkludu kampanji ta' sensibilizzazzjoni u taħriġ dwar l-effiċjenza enerġetika u kwistjonijiet ta' ġestjoni tal-iskart immirati lejn il-persunal f'faċilitajiet turistiċi u l-promozzjoni tal-produzzjoni u x-xiri ta' provvisti lokali;
- ir-riġenerazzjoni u r-riabilitazzjoni ta' siti storiċi ta' wirt turistiku, inkluż i) it-tnaqqis u l-kumpens tal-marka tal-karbonju permezz tal-elaborazzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, ii) l-ekoriabilitazzjoni tas-siti, iii) it-titjib tal-effiċjenza enerġetika permezz tas-sostituzzjoni ta' bojlers tad-diżil jew tal-fjuwil b'bojlers tal-gass naturali, iv) azzjonijiet għall-adattament għat-tibdil fil-klima, v) titjib fis-sistemi tat-trattament tal-ilma griż, vi) modernizzazzjoni tas-sistemi tal-ġestjoni tal-iskart, vii) ir-riabilitazzjoni u l-użu ta' spazji b'teknoloġiji intelliġenti, azzjonijiet biex tittejjeb l-aċċessibbiltà tas-siti u viii) azzjonijiet biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija u tal-ilma; u għal
- titjib ta' żoni kummerċjali f'żoni lokali b'influss turistiku għoli, inklużi azzjonijiet taħt dan l-investment f'teknoloġiji ġodda; l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi biex

tittejeb l-effiċjenza enerġetika; proċessi ekoeffiċjenti u riċiklaġġ u użu mill-ġdid tal-iskart; it-taħriġ tal-istaff; firma diġitali integrata adattata għall-viżitaturi barranin; u l-adattament tal-ispazji pubbliċi biex jittejjbu l-aċċessibbiltà u l-mobbiltà.

Mill-inqas 60 proġett f'żoni kummerċjali li jinsabu f'żoni lokali b'influss turistiku għoli għandhom jitlestew sal-31 ta' Diċembru 2024. Mill-inqas 45 prodott turistiku ġdid għandhom ikunu disponibbli sat-30 ta' Ġunju 2025. L-investimenti implimentati sat-30 ta' Ġunju 2026 għandhom jirriżultaw fi: I) mill-inqas 3 400 stabbiliment turistiku għandhom ikunu lestew proġetti biex inaqqsu l-konsum annwali tagħhom tal-iskart jew tal-enerġija, u ii) għandhom jitlestew mill-inqas 50 proġett immirat lejn siti storiċi ta' wirt turistiku.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika “Bla ħsara sinifikanti” (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu f'termini ta' referenza għal sejħiet għal proġetti li ġejjin għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejja: (I) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream¹⁵⁷; (II) attivitajiet taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li ma jkunux inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti¹⁵⁸; (III) attivitajiet relatati ma' miżbliet tal-iskart, incineraturi¹⁵⁹ u impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku¹⁶⁰; u (iv) attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent. It-termini ta' referenza għandhom jirrikjedu wkoll li jistgħu jintgħażlu biss attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

¹⁵⁷ Ħlief proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll infrastruttura relatata ta' trażmissjoni u distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika “La tagħmilx ħsara sinifikanti” (2021/C58/01).

¹⁵⁸ Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li mhumiex sostanzjalment anqas mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenhtiegħ li tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

¹⁵⁹ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

¹⁶⁰ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

NRU 2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Ara t-tabella ta' hawn taħt. Id-data tal-linja bażi għall-indikaturi kollha hija l-1 ta' Frar 2020 sakemm ma jkunx indikat mod ieħor fid-deskrizzjoni tal-azzjoni. L-ammonti fit-tabella ma jinkludux il-VAT.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju important i /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
214	C14.R1	M	Pjan għall-promozzjoni tas-settur tat-turiżmu	Paġna web tal-pubblikazzjoni				Q-2	2020	Il-pjan għandu jiddeskrivi miżuri biex tingħata spinta lis-settur tat-turiżmu u jiddefinixxi l-qafas għall-implimentazzjoni ta' miżuri relatati mat-turiżmu.
215	C14.R1	M	Tnedija tas-sit web "DATAESTUR" li jiġbor data dwar it-turiżmu	Link għas-sit web ta' Dataestur				Q-4	2020	Is-sit web għandu jiġbor data dwar it-turiżmu fi Spanja minn diversi sorsi ta' statistika tat-turiżmu inklużi korpi pubbliċi u privati bħall-INE, Turespaña, il-Bank ta' Spanja, AENA jew RENFE, u għandu jkun operazzjonali.
216	C14.R1	M	Dħul fis-seħħ tad-Digriet Irjali li jimplimenta l-Fond Finanzjarju tal-Istat għall-Kompetittività tat-Turiżmu	Dispożizzjoni fid-Digriet Irjali li tindika d-dħul fis-seħħ tal-liġi				Q-4	2021	Id-digriet Irjali li jimplimenta l-Fond Finanzjarju tal-Istat għall-Kompetittività tat-Turiżmu għandu jtejjeb l-aċċess għall-finanzjament pubbliku għan-negozji fl-oqsma tal-ekonomija ċirkolari u l-effiċjenza enerġetika.
217	C14.I1	T	L-għoti tal-baġit ta' pjanijiet li jippromwovu s-sostenibbiltà tat-Turiżmu fid-destinazzjoni tagħhom	—	EUR (miljuni)	0	561	Q-4	2021	Il-pubblikazzjoni fil-ĠU tal-premjura lill-awtoritajiet lokali ta' appoġġ għall-implimentazzjoni tal- "Pjanijiet Territorjali għas-Sostenibbiltà tat-Turiżmu fid-Destinazzjoni", għal mill-inqas EUR 561 000 000 u b' 35 % tal-fondi biex jitqiesu l-miżuri li jindirizzaw it-tranżizzjoni ekoloġika, is-sostenibbiltà u l-effiċjenza enerġetika/l-elettromobbiltà fid-destinazzjonijiet. Il-kriterji tal-għażla se jiżguraw il-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżiti ta' konformità mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw li, mill-baġit totali finali mogħti għall-miżura, mill-inqas EUR 359 000 000 tal-miżura jikkontribwixxu għall-oġġettivi tat-tibdil fil-klima b'koeffiċjent klimatiku ta' 100 % u b'mill-inqas EUR 519 000 000 b'koeffiċjent klimatiku ta' 40 %, f'konformità mal-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241 dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Alternattivament, il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw li mill-inqas EUR 1 788 miljun jikkontribwixxu għall-oġġettivi tat-tibdil fil-klima b'koeffiċjent klimatiku medju ta' mill-inqas 31.7 % f'konformità mal-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Din ir-rata ta' kontribuzzjoni medja tista' tinkiseb abbażi tal-oqsma ta' intervent stabbiliti fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju important i /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
218	C14.II	T	L-għoti tal-baġit ta' pjanijiet li jippromwovu s-sostenibbiltà tat-Turiżmu fid-destinazzjoni tagħhom	—	EUR (miljuni)	561	1 173	Q-4	2022	Pubblikazzjoni fil-ĠU tal-premjura lill-awtoritajiet lokali ta' appoġġ għall-implimentazzjoni tal- "Pjanijiet Territorjali għas-Sostenibbiltà tat-Turiżmu fid-Destinazzjoni", għal mill-inqas EUR 1 173 000 000 (linja bażi: 31 ta' Diċembru 2021) u b' 35 % tal-fondi biex jitqiesu l-miżuri li jindirizzaw it-tranżizzjoni ekoloġika, is-sostenibbiltà u l-effiċjenza enerġetika/l-elettromobbiltà fid-destinazzjonijiet. Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw il-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw li, mill-baġit totali finali mogħti għall-miżura, mill-inqas EUR 359 000 000 tal-miżura jikkontribwixxu għall-oġġettivi tat-tibdil fil-klima b'koeffiċjent klimatiku ta' 100 % u b'mill-inqas EUR 519 000 000 b'koeffiċjent klimatiku ta' 40 %, f'konformità mal-Anness VI tar-Regolament (UE) Nru 2021/241 dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Alternattivament, il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw li mill-inqas EUR 1 miljun jikkontribwixxu għall-oġġettivi tat-tibdil fil-klima b'koeffiċjent klimatiku medju ta' mill-inqas 31.7 % f'konformità mal-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Din ir-rata ta' kontribuzzjoni medja tista' tinkiseb abbażi tal-oqsma ta' intervent stabbiliti fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241.
219	C14.II	T	L-għoti tal-baġit ta' pjanijiet li jippromwovu s-sostenibbiltà tat-Turiżmu fid-destinazzjoni tagħhom	—	EUR (miljuni)	1 173	1 788,6	Q-2	2023	Pubblikazzjoni fil-ĠU tal-premjura lill-awtoritajiet lokali ta' appoġġ għall-implimentazzjoni tal- "Pjanijiet Territorjali għas-Sostenibbiltà tat-Turiżmu fid-Destinazzjoni għal mill-inqas EUR 1 788 600 000 (linja bażi: 31 ta' Diċembru 2022) u b' 35 % tal-fondi biex jitqiesu l-miżuri li jindirizzaw it-tranżizzjoni ekoloġika, is-sostenibbiltà u l-effiċjenza enerġetika/l-elettromobbiltà fid-destinazzjonijiet. Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw il-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw li, mill-baġit totali finali mogħti għall-miżura, mill-inqas EUR 359 000 000 tal-miżura jikkontribwixxu għall-oġġettivi tat-tibdil fil-klima b'koeffiċjent klimatiku ta' 100 % u b'mill-inqas EUR 519 000 000 b'koeffiċjent klimatiku ta' 40 %, f'konformità mal-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241 dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Alternattivament, il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw li mill-inqas EUR 1 miljun jikkontribwixxu għall-oġġettivi tat-tibdil fil-klima b'koeffiċjent klimatiku medju ta' mill-inqas 31.7 % f'konformità mal-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Din ir-rata ta' kontribuzzjoni

Numru	Tip ta' miżura	Stadju important i /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										medja tista' tinkiseb abbażi tal-oqsma ta' intervent stabbiliti fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241.
220	C14.I1	M	Tlestija tal-Pjanijiet li jippromwovu s-sostenibbiltà tat-Turiżmu fid-destinazzjoni tagħhom	Rapport mill-Kummissjoni ta' Monitoraġġ li jivvalida l-livell limitu ta' progress				Q-4	2024	Il-Kummissjoni ta' Monitoraġġ għandha tiżgura li d-destinazzjonijiet kollha aġġudikati jissodisfaw mill-inqas il-perċentwal li ġej tal-livelli ta' eżekuzzjoni ta' kull Pjan ta' Sostenibbiltà Turistika: — Tlestija ta' 50 % għad-destinazzjonijiet mogħtija fl-2021. — Tlestija ta' 30 % għad-destinazzjonijiet mogħtija fl-2022. — Tlestija ta' 15 % għad-destinazzjonijiet mogħtija fl-2023.
221	C14.I1	M	Tlestija ta' proġetti għall-promozzjoni tas-sostenibbiltà tad-destinazzjonijiet tat-Turiżmu	Ċertifikat ta' tlestija				Q-2	2026	It-tlestija tal-proġetti kollha inklużi fil- "Pjanijiet Territorjali għas-Sostenibbiltà tat-Turiżmu fid-Destinazzjoni" u mogħtija f'konformità mal-miri 217, 218 u 219 b' 35 % tal-fondi biex jitqiesu l-miżuri li jindirizzaw it-tranżizzjoni ekoloġika, is-sostenibbiltà u l-effiċjenza enerġetika/l-elettromobbiltà fid-destinazzjonijiet, f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.
222	C14.I2	M	It-tnedija ta' Pjattaforma ta' Destinazzjoni Intelliġenti tas-settur tat-turiżmu.	Link għall-Pjattaforma				Q-2	2025	L-implimentazzjoni u t-tnedija ta' Pjattaforma ta' Destinazzjoni Intelliġenti kompletament operattiva. Il-pjattaforma għandha tagħmel is-servizzi pubbliċi u privati interoperabbli disponibbli għat-turisti.
223	C14.I2	T	Benefiċjarji għal proġetti innovattivi bbażati fuq it-teknoloġija relatati mal-IA u teknoloġiji abilitanti oħra	—	Numru	0	450	Q-2	2025	Mill-inqas 450 benefiċjarju (kumpaniji jew raggruppamenti) li lestew proġetti innovattivi bbażati fuq it-teknoloġija għas-settur tat-turiżmu relatati mal-Intelliġenza Artifiċjali u teknoloġiji abilitanti oħra bħall-Internet tal-oġġetti, il-000G, il-big data, iċ-ċibersigurtà, l-applikazzjonijiet mobbli.
224	C14.I3	T	Benefiċjarji fir-reġjuni extra-peninsulari li lestew proġetti biex itejbu l-kompetittività u l-	—	Numru	0	400	Q-4	2025	Mill-inqas 400 benefiċjarju fir-reġjuni extra-peninsulari (il-Gżejjer Baleariċi, il-Gżejjer Kanarji, Ceuta u Melilla) lestew proġetti biex itejbu l-kompetittività u l-kapaċità tagħhom li jadattaw għall-bidliet fis-swieq internazzjonali.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
			kapaċità tagħhom li jadattaw għall-bidliet fis-swieq internazzjonali							
225	C14.I4	T	Proġetti mmirati lejn żoni kummerċjali li jinsabu f'żoni lokali b'influss turistiku għoli		Numru	0	60	Q-4	2024	Tlestew mill-inqas 60 proġett immirati lejn żoni kummerċjali li jinsabu f'żoni lokali b'influss turistiku għoli, f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.
226	C14.I4	T	Prodotti tat-turiżmu mwassla f'konformità mal-Istrateġija tat-Turiżmu	—	Numru	0	45	Q-2	2025	Mill-inqas 45 prodott turistiku ġdid imwassal f'konformità mal-Istrateġija għall-Iżvilupp tal-Prodotti tat-Turiżmu Sostenibbli, f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u dik nazzjonali.
227	C14.I4	T	Stabbilimenti turistiċi li jnaqqsu l-iskart jew il-konsum tal-enerġija annwali tagħhom	—	Numru	0	3 400	Q-2	2026	Mill-inqas 3 400 stabbiliment turistiku lestew proġetti li għandhom l-għan li jnaqqsu l-konsum annwali tagħhom tal-iskart jew tal-enerġija, f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u dik nazzjonali.
228	C14.I4	T	Proġetti ta' riġenerazzjoni ta' siti ta' wirt storiku b'użu attwali jew futur tat-turiżmu	—	Numru	0	50	Q-2	2026	Tlestew mill-inqas 50 azzjoni ta' riġenerazzjoni ta' siti ta' wirt storiku, f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

O. IL-KOMPONENT 15: KONNETTIVITÀ DIĠITALI

Il-konnettività diġitali hija fattur ewlieni għall-iżvilupp tal-attività ekonomika, għaż-żieda fil-produttività, għat-tisħiħ tal-innovazzjoni u għall-koeżjoni territorjali u soċjali. L-aċċess għan-netwerks diġitali huwa dejjem aktar meħtieġ sabiex wieħed ikun jista' jaċċessa s-servizzi pubbliċi, jiżviluppa attivitajiet ekonomiċi, u jipparteċipa b'mod attiv fis-soċjetà.

Dan il-komponent tal-pjan Spanjol għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza l-isfidi għall-konnettività biex tinkiseb il-kopertura ta' networks fissi ultraveloċi, b'aktar minn 100 Mbps/s, u 5G fi Spanja u b'mod partikolari fiż-żoni rurali u fil-kuritur ewlenin tat-trasport transfruntier. Minn perspettiva taċ-ċibersigurtà, l-isfida ewlenija indirizzata mill-komponent hija li jiġi stabbilit ambjent affidabbli u sigur għaċ-ċittadini u n-negozji biex jikkontribwixxu għall-proċess tad-diġitalizzazzjoni u l-iperkonnettività assoċjati mal-implimentazzjoni tal-5G u s-servizzi li għandhom jiġu b'din it-teknoloġija bħall-applikazzjonijiet tal-Internet tal-Oġġetti (IoT).

L-oġġettivi ta' dan il-komponent huma li s-settur tat-telekomunikazzjoni jingiebi f'konformità mar-rekwiżiti tal-Istrateġija Diġitali Ewropea u li tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali billi jingħalqu l-lakuni diġitali u jiżied l-aċċess għal kopertura ultraveloċi madwar it-territorju nazzjonali. Il-komponent jappoġġa l-użu aċċellerat tat-teknoloġija 5G, billi: 1) id-disponibbiltà tar-riżorsi tal-ispettru meħtieġa fil-baned ta' prijorità tal-5G; 2) l-iżvilupp ta' ambjent ta' varar affidabbli u sigur u 3) it-trawwim tal-iżvilupp ta' applikazzjonijiet tat-teknoloġija tal-5G. Għandha wkoll l-għan li tappoġġa kultura sostenibbli taċ-ċibersigurtà għaċ-ċittadini u n-negozji.

Il-komponent jindirizza r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż dwar l-iffukar tal-politika ekonomika tal-investment fuq it-trawwim tal-innovazzjoni (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2019) u l-forniment minn qabel ta' proġetti maturi ta' investment pubbliku u l-iffokar tal-investimenti fuq it-tranżizzjoni diġitali (ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż 3 2020, 1 2022, 1 2023).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

O.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma 1 (C15.R1) — Riforma tal-qafas regolatorju tat-telekomunikazzjoni: Liġi Ġenerali, Strumenti Regolatorji u Strumenti ta' Implimentazzjoni

L-oġġettivi tal-miżura huma li tittrasponi d-Direttiva 2018/1972 tal-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, li tiżviluppa l-aħjar prattiki għall-introduzzjoni ta' networks fissi u mobbli b'kapasità għolja u 5G, u li tiżviluppa l-azzjonijiet meħtieġa biex timplimenta fil-qafas nazzjonali s-sett ta' għodod li jirriżulta mir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Konnettività C (2020) 6270.

Is-sett ta' għodod li jirriżulta mill-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Konnettività C (2020) 6270 għandu jiġi inkorporat fil-qafas legali Spanjol fi ħdan il-liġi ġenerali dwar it-telekomunikazzjoni f'dawk l-elementi li jeħtieġu l-istatus tal-liġi.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2022.

Riforma 2 (C15.R2) — Pjan Direzzjonali 5G: Il-ġestjoni u l-assenjazzjoni tal-ispettru, it-tnaqqis tal-piżijiet tal-użu, l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà 5G u l-Appoġġ lill-Awtoritajiet Lokali

L-għanijiet tal-miżura huma li: 1) tlesti t- “Tieni Dividend Diġitali” u l-proċedura tal-irkant għall-banda ta' frekwenzi ta' 700 MHz u l-banda ta' frekwenzi ta' 26 GHz; 2) tnaqqas fuq bażi temporanja t-tassazzjoni tal-ispettru għall-operaturi tat-telekomunikazzjoni għall-2022 u l-2023 biex taċċellera l-introduzzjoni tal-5G; 3) tinkorpora s-sett ta' għodod tal-UE għaċ-Ċibersigurtà tal-5G fil-korp nazzjonali tal-leġiżlazzjoni; u 4) it-tixrid ta' Prattiki tajbin lill-amministrazzjonijiet pubbliċi lokali dwar it-telekomunikazzjoni u l-ippjanar urban.

F'termini ta' implimentazzjoni, huma identifikati l-passi li ġejjin:

- Tlestija tat- “Tieni dividend diġitali”
- Strateġija għall-promozzjoni tat-teknoloġija 5G
- Irkant għall-banda ta' 700 MHz
- Sejħa għall-offerti għall-medda ta' 26 GHz
- Tnaqqis temporanju tat-tassazzjoni fuq l-ispettru
- L-att dwar iċ-Ċibersigurtà tal-5G

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

Investiment 1 (C15.I1) — Il-promozzjoni tal-koeżjoni territorjali permezz tal-introduzzjoni ta' networks: Estensjoni tal-broadband ultraveloċi

L-għanijiet tal-miżura huma li: 1) tapprofondixxi l-kopertura ta' networks ta' aċċess għall-broadband ultraveloċi f'żoni li ma għandhomx dan l-aċċess, bl-għan li tilħaq 100 % tal-popolazzjoni; u 2) tuża azzjonijiet speċifiċi għall-estensjoni tal-kopertura f'ċentri urbani storiċi bi status ta' żona bajda.

L-investiment għandu jikkonsisti fil-provvista ta' konnettività broadband ultraveloċi (aktar minn 100 Mbps) lil daww iż-żoni, prinċipalment żoni rurali u żoni ta' valur storiku, li bħalissa ma għandhomx tali konnettività. Pjan dettaljat eżegwibbli għandu jiġi adottat sa tmiem l-2021, u 100 % tal-baġit għandu jingħata sa tmiem l-2023. Il-pjan għandu jistabbilixxi wkoll il-miri finali (f'termini ta' kopertura addizzjonali f'unitajiet) li għandhom jintlaħqu u jiżgura n-newtralità teknoloġika u ż-żamma ta' mekkaniżmi ta' kompetizzjoni fis-suq u aċċess għall-operaturi kollha għall-infrastruttura implimentata. Iż-żoni ta' intervent għandhom jiġu definiti f'tali pjan. Il-pjan ta' implimentazzjoni għandu jistabbilixxi wkoll il-passi legali u regolatorji meħtieġa, inklużi daww li għandhom jittieħdu biex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli rilevanti tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat. Il-mira hija li jiġu żgurati veloċitajiet simetriċi ta' 300 Mbps, li jistgħu jiġu aġġornati għal 1-Gbps simetriċi (gigabit fis-sekonda) f'żoni bojod u f'żoni griżi.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 2 (C15.I2) It-tiżni tal-konnettività f'ċentri ta' referenza, muturi soċjoekonomiċi u proġetti ta' diġitalizzazzjoni settorjali

L-għanijiet tal-miżura huma li: 1) itejbu l-konnettività u t-tagħmir ta' ċentri li jipprovdu aċċess għal kura essenzjali u servizzi soċjali bħal sptarjiet, ċentri tas-saħħa, ċentri tal-edukazzjoni u t-taħriġ; u 2) jipprovdu ultrakonnettività fil-muturi soċjoekonomiċi ewlenin tal-pajjiż u żoni ta' domanda għolja għall-kapaċità (gżejjer teknoloġiċi).

L-investiment għandu jikkonsisti fl-estensjoni tal-konnettività 1-Gigabit għal ċentri ewlenin ta' attività soċjali u ekonomika fil-pajjiż kollu. Is-siti magħżula għandhom jinkludu siti industrijali, ċentri tad-data, siti agroindustrijali, ċentri ta' riċerka, nodi tat-trasport, nodi loġistiċi jew negozji intensivi fid-data, kif ukoll ċentri tas-saħħa bħal sptarjiet, ċentri ta' taħriġ u ċentri tas-saħħa.

Azzjonijiet speċifiċi għandhom jinkludu: (a) proġetti li jsaħħu l-konnettività fil-punti fokali u s-servizzi pubbliċi; (b) proġetti fil-konnettività 1-Gigabits u appoġġ għal setturi ewlenin inklużi proġetti innovattivi ta' diġitalizzazzjoni settorjali (saħħa, agroalimentari, mobbiltà, turiżmu, industrija, kummerċ, eċċ.) u proġetti ta' konnettività għal proprjetajiet industrijali u kummerċjali f'żoni bojod/griżi.

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

Investiment 3 (C15.I3) — Vawċers tal-konnettività għall-SMEs u l-gruppi vulnerabbli

L-investiment għandu jikkonsisti fil-provvediment ta':

- Vawċers lill-SMEs biex jiffinanzjaw investimenti fil-konnettività (inkluża konnettività bażika ta' mill-inqas 100 Mbps u servizzi ta' valur miżjud bħall-VPN u ċ-ċibersigurtà); u għal
- Vawċers għal individwi jew familji vulnerabbli biex jiffinanzjaw pakketti ta' konnessjoni broadband bl-aktar teknoloġija xierqa.

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

Investiment 5 (C15.I5) — Użu ta' infrastruttura diġitali transfruntiera

L-investiment għandu jikkonsisti fi tliet proġetti.

1) it-titjib tal-Konnettività tal-Infrastruttura Diġitali Transfruntiera: Dan ikun jinvolvi l-parteċipazzjoni ta' kumpaniji Spanjoli f'konsorzji ta' kumpaniji għal proġetti ta' interkonnessjonijiet tal-infrastruttura tad-data u kejbil sottomarin tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF2 Digital) u GBER ġdid.

2) parteċipazzjoni fi proġetti ta' infrastruttura diġitali: il-proġetti kandidati jkunu relatati mal-Infrastruttura u s-Servizzi tal-Cloud u l-Edge tal-Ġenerazzjoni l-Ġdida; u l-proċessur u s-semikondutturi avvanzati.

3) proġetti oħra ta' infrastruttura diġitali transfruntiera tar-R & I, inklużi investimenti f'sistema ta' komunikazzjoni sigura bis-satellita u l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' komunikazzjoni kwantistika.

Sal-31 ta' Diċembru 2022 għandu jiġi pprovdut pjan dettaljat eżegwibbli dwar dawn l-investimenti, bl-għan li l-proġetti magħżula jiġu definiti b'mod ċar.

Il-pjan għandu jiddeskrivi l-kriterji tekniċi (karatteristiċi ewlenin tal-proġetti u l-benefiċjarji) u l-passi legali u regolatorji meħtieġa, inklużi l-passi meħtieġa meħuda għall-konformità mal-kontroll tal-għajjnuna mill-Istat. L-investment għandu jitlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investment 6 (C15.I6) — Skjerament tal-5G: in-networks, il-bidla teknoloġika u l-innovazzjoni

L-investment għandu jikkonsisti f'erba' sottoproġetti differenti:

1) l-użu tal-5G għandu jingħata spinta u jiġi aċċellerat fil-kuritur ewlenin tat-trasport (toroq u ferroviji) kemm nazzjonali (kuritur sekondarji f'ċerti oqsma) kif ukoll transfruntiera (kuritur primarji). Din l-inizjattiva hija allinjata mal-kuritur 5G definiti mill-Kummissjoni Ewropea u għandha tagħti spinta lill-kuritur bejn Spanja u l-Portugall, u Spanja u Franza għal total ta' mill-inqas 4 000 sit inklużi l-konnessjonijiet backhaul. Din il-miżura tkopri dawk irrotot sekondarji li m'għandhomx ikunu koperti mill-obbligi imposti fis-sejthiet għall-offerti tal-ispettru.

2) it-tnedija tal-5G f'ċerti żoni bl-għan li tinkiseb kopertura tal-popolazzjoni ta' 75 % sal-31 ta' Diċembru 2025 fil-baned ta' preferenza tal-5G. Biex tiġi ffaċilitata din l-introduzzjoni, għandhom jittieħdu wkoll azzjonijiet biex tiżdied il-kapaċità tan-network eżistenti biex ikun jista' jirrispondi għad-domanda għolja għall-wisa' tal-banda u d-densità tal-istazzjonijiet bażi li għandhom jirrikjedu l-introduzzjoni tal-5G (mill-inqas 7 sit ġdid jew eżistenti b'taġhmira 000G ġdid; u mill-inqas 4 sit eżistenti b'azzjonijiet biex tiżdied il-kapaċità tal-backhaul tagħhom). Din il-miżura tipprovd i kopertura għal żoni li ma għandhomx ikunu koperti mill-obbligi imposti fis-sejthiet għall-offerti tal-ispettru.

3) l-implimentazzjoni tal-5G f'attivitajiet ekonomiċi ewlenin (ambjenti tal-produzzjoni industrijali f'kumpaniji strateġiċi f'ċerti setturi tal-produzzjoni ewlenin u b'impatt għoli) u fis-servizzi essenzjali (ambjenti tal-produzzjoni f'oqsma edukattivi, tal-kura u soċjetas-saħħa). Huma mistennija mill-inqas 43 proġett ta' konnettività.

4) appoġġ għar-R & Ż relatat mal-5G u l-6G, għall-ekosistemi tal-innovazzjoni (mill-inqas 200 proġett) u l-ekosistemi taċ-ċibersigurtà 5G (l-istabbiliment ta' ċentru, bil-kapaċità li jospita madwar 300 inġinier, għaċ-ċibersigurtà tal-5G, esklużi l-kostijiet relatati max-xogħlijiet ta' kostruzzjoni/rinnovazzjoni).

Għall-proġetti kollha ta' hawn fuq għandu jiġi pprovdut pjan eżegwibbli dettaljat sat-30 ta' Ġunju 2022, bl-oġettiv li l-proġetti magħżula jiġu definiti b'mod ċar u li jingħata 100 % tal-baġit sal-31 ta' Diċembru 2024 u li l-proġett jitlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Il-pjan għandu jinkludi l-pjan ta' implimentazzjoni għall-implimentazzjoni tal-5G b'azzjonijiet fl-oqsma li ġejjin: 1) kuritur 5G; 2) l-introduzzjoni ta' networks ta' aċċess 5G u backhaul mobbli f'ċerti żoni oħra; 3) proġetti ta' varar tal-5G għall-konnettività u d-diġitalizzazzjoni ta' attivitajiet ekonomiċi u servizzi essenzjali ewlenin; u 4) appoġġ għal applikazzjonijiet innovattivi għall-ekosistema 5G u 6G. Il-pjan għandu jiddeskrivi wkoll il-kriterji tekniċi (karatteristiċi ewlenin tal-proġetti u l-oqsma koperti, jekk rilevanti) u l-passi legali u regolatorji meħtieġa, inklużi l-passi meħtieġa meħuda għall-konformità mar-regoli rilevanti tal-UE dwar l-għajjnuna mill-Istat. Il-pjan għandu jistabbilixxi wkoll il-miri finali li għandhom jintlaħqu sal-31 ta' Diċembru 2025.

L-investment għandu jitlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 7 (C15.I7) Ċibersigurtà: It-tisħiħ tal-kapaċitajiet taċ-ċittadini, il-SMEs u l-professjonisti: it-titjib tal-ekosistema tas-settur

L-investment għandu jikkonsisti f'għadd ta' azzjonijiet, immirati lejn l-iżvilupp tal-kapaċitajiet taċ-ċibersigurtà kemm taċ-ċittadini kif ukoll tan-negozji u li jagħtu spinta lill-ekosistema taċ-ċibersigurtà Spanjola. L-azzjonijiet iduru madwar tliet assi:

1) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet taċ-ċibersigurtà taċ-ċittadini, tal-SMEs u tal-professjonisti. Li ċ-ċittadini u n-negozji, speċjalment l-SMEs, jiġu mgħammra bil-ħiliet meħtieġa biex jidentifikaw ir-riskji fl-użu ta' kuljum tad-diġitali. Il-programmi f'dan il-qasam jinkludu kampanja ta' sensibilizzazzjoni li mistennija tilħaq kemm jista' jkun nies, permezz ta' kampanji ta' komunikazzjoni, azzjonijiet ta' prossimità, u l-iżvilupp ta' riżorsi speċifiċi għal dawn l-għanijiet. Dan jinkludi wkoll żieda fil-mekkaniżmi ta' rispons permezz ta' servizzi u azzjonijiet ta' rispons koordinat bħall-Helpline għaċ-Ċibersigurtà li għandha żżid il-kapaċità tagħha għal 20 telefonata 000 fix-xahar.

2) it-tisħiħ tal-ekosistema industrijali taċ-ċibersigurtà. Din il-parti tal-miżura tinkludi azzjonijiet speċifiċi dwar: l-industrija nazzjonali taċ-ċibersigurtà għall-ħolqien, it-tkabbir u l-iżvilupp ta' negozji ġodda f'dan is-settur; ir-riċerka u l-iżvilupp taċ-ċibersigurtà, li jippermettu l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet u servizzi b'valur miżjud għoli; it-taħriġ u l-iżvilupp ta' talenti biex tiġi ssodisfata d-domanda mhux issodisfata għall-professjonisti fis-settur. Barra minn hekk, għandu jipprevedi l-istabbiliment ta' ċentru ta' dimostrazzjoni għall-iżvilupp tal-infrastruttura taċ-ċibersigurtà u l-ħolqien ta' servizzi ġodda taċ-ċibersigurtà inklużi laboratorji tal-ittestjar u simulaturi tal-attakki taċ-ċibersigurtà, u għall-iżvilupp ta' ċertifikazzjonijiet tat-tikketti taċ-ċibersigurtà. 3) il-ħolqien ta' ċentru internazzjonali dwar iċ-ċibersigurtà biex tingħata spinta lis-settur fl-Ewropa permezz ta' parteċipazzjoni attiva fin-*Network Ewropew taċ-ċentri taċ-ċibersigurtà*. Dan għandu jinkludi t-tnedija taċ-ċentru mera taċ-*Ċentru Ewropew ta' Kompetenza (ERCC)*.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 8 (C15.I8) — Ċippa PERTE: It-tisħiħ tal-ekosistema xjentifika u teknoloġika. Żieda fil-kapaċitajiet tad-disinn

Din il-miżura hija parti miċ-*Chip PERTE*, inizjattiva strateġika li għandha l-għan li tiżviluppa l-kapaċitajiet xjentifiċi, tad-disinn u tal-produzzjoni tal-industrija tal-mikroelettronika u tas-semikondutturi fi Spanja. Dan l-investment għandu jsaħħaħ l-ekosistema xjentifika u teknoloġika tal-industrija tas-semikondutturi, filwaqt li jiffoka fuq l-iżvilupp tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni fis-settur kollu kemm hu, inkluż il-ħolqien u t-titjib ta' infrastruttura ta' kmamar nodfa, il-ġenerazzjoni u l-attrazzjoni tat-talent jew it-tisħiħ ta' oqsma speċifiċi bħall-fotonika integrata jew *RISC-V*.

Il-proġetti appoġġati taħt dan l-investment għandhom jikkontribwixxu, tal-anqas parzjalment, għal waħda jew aktar mil-linji ta' azzjoni li ġejjin:

- Azzjoni 1. L-iżvilupp tar-R & Ifuq mikroproċessuri mill-aktar avvanzati u arkitetturi alternattivi.
- Azzjoni 2. L-iżvilupp tal-fotonika R & amp; ŻI

- Azzjoni 3. Linja ta' finanzjament għal-IPCEI dwar il-Mikroelettronika u t-Teknoloġiji tal-Komunikazzjoni (IPCEI ME-TC)
- Azzjoni 4. Il-ħolqien ta' kumpaniji bla fjamma għad-disinn ta' mikroproċessuri mill-aktar avvanzati u arkitetturi alternattivi.
- Azzjoni 5. Il-ħolqien ta' linji pilota għall-ittestjar.
- Azzjoni 6. Il-ħolqien ta' Network ta' Edukazzjoni, Taħriġ u Taħriġ dwar is-semikondutturi
- Azzjoni 7. Għandhom kapaċità ta' manifattura ta' inqas minn 5 nm
- Azzjoni 8. Għandhom kapaċità ta' manifattura' 1 fuq minn 5 nm
- Azzjoni 9. Skema ta' inċentivi għall-manifattura tal-ICT

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

O.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Ara t-tabella ta' hawn taħt. Id-data tal-linja bażi għall-indikaturi kollha hija l-1 ta' Frar 2020 sakemm ma jkunx indikat mod ieħor fid-deskrizzjoni tal-azzjoni. L-ammonti fit-tabella ma jinkludux il-VAT.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
229	C15.R1	M	Dħul fis-seħħ tal-Liġi dwar it-Telekomunikazzjonijiet	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-liġi				Q-2	2022	Il-liġi dwar it-Telekomunikazzjonijiet għandha tittrasponi wkoll id-Direttiva 2018/1972 tal-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (KEKE). Il-liġi għandha tinkorpora wkoll ir-rakkomandazzjonijiet dwar is-sett ta' għodod tal-konnettività tal-UE li jeħtieġ li jkun f'liġi skont il-qafas legali Spanjol. Lil hinn mit-traspożizzjoni tad-Direttiva 2018/1972 tal-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, il-liġi għandha tinkludi: (I) dispożizzjonijiet għall-inventarju ta' kejbils sottomarini u IXP/ċentri tad-data; (II) kif ukoll skema fiskali simplifikata għat-taxxi lokali fuq l-introduzzjoni tan-network; u (iii) l-implimentazzjoni ta' punt uniku ta' kuntatt għall-applikazzjoni tal-liċenzji u l-permessi mogħtija minn livelli differenti ta' gvernijiet għall-implimentazzjoni tan-networks.
230	C15.R2	M	Il-pjan Diġitali ta' Spanja tal-2025 u l-Istrateġija għall-promozzjoni tat-teknoloġija 5G	Pubblikazzjoni				Q-4	2020	Pubblikazzjoni tal-Pjan 2025 ta' Spanja Diġitali u approvazzjoni mill-Kunsill tal-Ministri ta' "Strateġija għall-promozzjoni tat-teknoloġija 5G"
231	C15.R2	M	Rilaxx tal-banda ta' frekwenzi ta' 700 MHz	Notifika lill-Kummissjoni Ewropea				Q-4	2020	Tlestija tal-proċess tar-rilaxx tal-banda ta' frekwenzi ta' 700 MHz, f'konformità mad-Deċiżjoni (UE) 2017/899 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar l-użu tal-banda 470–790 MHz fl-Unjoni
232	C15.R2	M	Assenjazzjoni tal-banda tal-ispettru ta' 700 MHz	Pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali				Q-4	2021	Pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-għoti tal-banda tal-ispettru 700 MHz bħala riżultat tal-irkant
233	C15.R2	M	Dħul fis-seħħ ta' att legali dwar it-tnaqqis tat-tassazzjoni tal-ispettru tal-5G	Dispożizzjoni fl-att legali dwar id-dħul fis-seħħ				Q-4	2021	L-adozzjoni ta' att legali għat-tnaqqis tat-tassazzjoni tal-ispettru tal-5G biex titħaffef l-introduzzjoni tal-5G, li jiddefinixxi l-aċċellerazzjoni korrispondenti tal-implimentazzjoni tal-5G mistennija minn kull benefiċjarju. L-att legali għandu jstabbilixxi l-passi legali u regolatorji meħtieġa, għall-implimentazzjoni tal-proġett.
234	C15.R2	M	Assenjazzjoni tal-banda tal-ispettru ta' 26 GHz	Pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali				Q-4	2022	Pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-għoti tal-banda tal-ispettru ta' 26 GHz bħala riżultat tal-irkant
235	C15.R2	M	Dħul fis-seħħ tal-Liġi dwar iċ-Ċibersigurtà tal-5G	Dispożizzjoni fil-Liġi dwar iċ-Ċibersigurtà tal-				Q-4	2022	Il-liġi dwar iċ-Ċibersigurtà tal-5G tinkorpora u timplimenta r-rakkomandazzjoni dwar is-sett ta' għodod tal-UE għaċ-ċibersigurtà tal-5G. Il-liġi għandu jkun fiha mill-inqas il-karatteristiċi li ġejjin:

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
				5G dwar id-dħul fis-seħħ						— Valutazzjoni tar-riskju għas-sigurtà u obbligi ta' ġestjoni għall-operaturi tat-telekomunikazzjoni; — Obbligi ta' diversifikazzjoni tal-katina tal-provvista sabiex tiġi evitata d-dipendenza teknoloġika; — Mezzi għall-identifikazzjoni ta' bejjiegħa ta' riskju għoli u ta' riskju medju u limitazzjonijiet possibbli fuq l-użu tagħhom.
236	C15.I1	M	Introduzzjoni tal-broadband ultraveloċi: l-għoti	Għoti ta' proġetti				Q-4	2023	L-għoti tal-kuntratti u l-għotjiet kollha (baġit totali ta' EUR 745 000 000) u t-trasferiment ta' fondi għall-eżekuzzjoni ta' azzjonijiet biex tiġi pprovduta konnettività tal-broadband ultraveloċi f'żoni bojod u griżi b'veloċitajiet simetriċi ta' 300 Mbps, li jistgħu jittejjbu għal 1 Gbps simetriċi, ħlief f'żoni rurali remoti li jeħtieġu li jiġu koperti proġetti speċifiċi, fejn jiġu ggarantiti mill-inqas 100 Mbps.
237	C15.I1	M	Introduzzjoni tal-broadband ultraveloċi: Tlestija tal-proġett	Tlestija tal-proġetti aġġudikati				Q-4	2025	Tlestija tal-proġetti għat-tnedija ta' broadband ultraveloċi, skont il-kriterji stabbiliti fl-għoti tal-programm (Stadju Importanti #236).
238	C15.I2	T	Titjib tal-konnettività f'ċentri u setturi ewlenin	—	Numru	0	15 100	Q-4	2024	L-għadd ta' entitajiet li huma aġġornati għal veloċità ta' konnettività ta' 1-Gigabits: — mill-inqas 9 ċentru u servizz pubbliku bħal ċentri tas-saħħa pubblika, ċentri tal-edukazzjoni u t-taħriġ, u ċentri tar-riċerka u l-iżvilupp; — mill-inqas 600 sit industrijali u kummerċjali żgħir; — mill-inqas 5500 konnessjoni pprovduti għal proġetti ta' diġitalizzazzjoni (saħħa, agroalimentari, mobbiltà, turiżmu, industrija, kummerċ, eċċ.).
239	C15.I3	T	Vawċers tal-konnettività għall-SMEs u l-gruppi vulnerabbli	—	Numru	0	8 000	Q-4	2024	Mill-inqas 5000 vawċer tal-konnettività għal individwi jew familji identifikati bħala "vulnerabbli" (biex jiksibu pakkett ta' konnessjoni broadband bl-aktar teknoloġija xierqa) u mill-inqas 3000 vawċer tal-konnettività għall-SMEs mogħtija (il-vawċers għandhom jikkonsistu f'żewġ elementi distinti, konnettività b' 11 Mbps u sett ta' servizzi b'valur miżjud, VPN, iċ-ċibersigurtà).
241	C15.I5	M		Pubblikazzjoni uffiċjali tal-				Q-2	2024	L-għoti tal-kuntratti u l-għotjiet kollha għall-proġetti (sejħa totali għal baġit għall-proġetti ta' EUR 500 000 000) u t-trasferiment ta' fondi għall-eżekuzzjoni tal-azzjonijiet għal: (a) għall-kejbils sottomarini u l-

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
				għoti tal-proġetti						interkonnessjoni tal-infrastruttura tal-cloud/tad-data; (b) dwar proġetti għal Ġenerazzjoni Ġdida ta' Infrastrutturi u Servizzi tal-Cloud u tal-Edge; (c) dwar proġetti għal proċessuri avvanzati u semikondutturi; u (d) dwar proġetti R & D & ampl għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet dwar il-komunikazzjonijiet kwantistiċi u l-komunikazzjoni bis-satellita sigura
242	C15.I5	M	Titjib tal-infrastruttura diġitali transfruntiera: tlestija tal-proġett	Tlestija tal-proġetti aġġudikati				Q-2	2026	It-tlestija tal-proġetti (mogħtija fl-Istadju Importanti #241) għal (a) għall-kejbils sottomarini u l-interkonnessjoni tal-infrastruttura tal-cloud/tad-data; (b) dwar proġetti Ġenerazzjoni Ġdida ta' Infrastrutturi u Servizzi tal-Cloud u tal-Edge; (c) dwar proġetti għal proċessuri avvanzati u semikondutturi; u (d) dwar proġetti R & D & ampl għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet dwar il-komunikazzjonijiet kwantistiċi u l-komunikazzjoni bis-satellita sigura
243	C15.I6	M	L-użu tat-teknoloġija 5G: l-għoti	Pubblikazzjoni uffiċjali tal-għoti tal-proġetti				Q-4	2024	L-għoti tal-kuntratti u l-għotjiet kollha għall-proġetti (baġit totali tal-proġetti ta' EUR 1 405 000 000) u t-trasferiment ta' fondi għall-eżekuzzjoni tal-azzjonijiet għal: (a) l-iskjerament tal-5G fil-kurrituri ewlenin tat-trasport nazzjonali (f'ċerti żoni) u transfruntiera (4 sit); (b) l-introduzzjoni tal-5G f'ċerti żoni bl-għan li tinkiseb kopertura tal-popolazzjoni ta' 75 % sal-2025 fil-baned ta' preferenza tal-5G (mill-inqas 7 sit ġdid jew eżistenti b'tagħmir ġdid tal-5G; u mill-inqas 2966 sit eżistenti b'azzjonijiet biex tiżdied il-kapaċità tal-backhaul tagħhom); (c) l-implimentazzjoni tal-5G f'attivitajiet ekonomiċi ewlenin servizzi essenzjali (43 proġett ta' konnettività); u (d) appoġġ għar-R & D relatat mal-5G u l-6G għall-ekosistemi tal-innovazzjoni (200 proġett) u l-ekosistemi taċ-ċibersigurtà tal-5G.
244	C15.I6	M	L-użu tat-teknoloġija 5G: Tlestija tal-proġett	Tlestija tal-proġetti aġġudikati				Q-2	2026	It-tlestija tal-proġetti għal (a) l-iskjerament tal-5G fit-territorju nazzjonali ewleni (f'ċerti żoni) u l-kurrituri tat-trasport transfruntier (4 000 sit); (b) l-introduzzjoni tal-5G f'ċerti żoni bl-għan li tinkiseb kopertura tal-popolazzjoni ta' 75 % sal-2025 fil-baned preferenzjali tal-5G (mill-inqas 7 000 sit ġdid jew eżistenti b'tagħmir ġdid tal-5G u mill-inqas 4 000 sit eżistenti b'azzjonijiet biex tiżdied il-kapaċità tal-backhaul tagħhom); (c) l-implimentazzjoni tal-5G f'attivitajiet ekonomiċi ewlenin servizzi essenzjali (43 proġett ta' konnettività); u (d) appoġġ għar-R & D relatat mal-5G u l-6G għall-ekosistemi tal-innovazzjoni (200 proġett) u l-ekosistemi taċ-ċibersigurtà tal-5G. Il-proġetti jitlestew skont il-kriterji stabbiliti fl-għoti tal-programm (Stadju Importanti 243).

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
245	C15.I7	M	It-tnedija tal-programm Nazzjonali ta' Appoġġ għall-Industrija taċ-Ċibersigurtà, il-Programm ta' Innovazzjoni fis-Sigurtà Globali u azzjonijiet relatati.	Pubblikazzjoni tal-programmi				Q-4	2022	It-tnedija tal-programm Nazzjonali ta' Appoġġ għall-Industrija taċ-Ċibersigurtà u l-Programm ta' Innovazzjoni fis-Sigurtà Globali, u azzjonijiet relatati oħra (b'baġit mogħti ta' EUR 311 000 000), li jaġixxi fuq aspetti ewlenin tal-industrija, bħal: — it-tisħiħ tal-industrija nazzjonali taċ-ċibersigurtà għall-ħolqien, it-tkabbir u l-iżvilupp tan-negozji f'dan is-settur — l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet u servizzi b'valur miżjud għoli fil-qasam taċ-ċibersigurtà — it-taħriġ u l-iżvilupp ta' talenti speċjalizzati fil-qasam taċ-ċibersigurtà — Azzjonijiet ta' internazzjonalizzazzjoni fil-qasam taċ-ċibersigurtà — l-istabbiliment ta' ċentru ta' dimostrazzjoni għall-iżvilupp tal-infrastruttura taċ-ċibersigurtà u l-ħolqien ta' servizzi ġodda taċ-ċibersigurtà inklużi laboratorji tal-ittestjar u simulaturi tal-attakki taċ-ċibersigurtà — l-iżvilupp ta' ċertifikazzjonijiet tat-tikketti taċ-ċibersigurtà.
453	C15.I7	M	It-tnedija tal-programm Nazzjonali ta' Appoġġ għall-Industrija taċ-Ċibersigurtà, il-Programm ta' Innovazzjoni fis-Sigurtà Globali u azzjonijiet relatati.	Pubblikazzjoni tal-programmi				Q-2	2023	Kontinwazzjoni mill-Pass Importanti 245 tal-iskjerament tal-programm Nazzjonali ta' Appoġġ għall-Industrija Ċibernetika u l-Programm ta' Innovazzjoni fis-Sigurtà Globali u azzjonijiet relatati oħra (b'baġit mogħti ta' EUR 107 000 000, flimkien mal-EUR 311 000 000 taħt l-Istadju Importanti 245 għal għotja totali ta' EUR 418 000 000), li jaġixxi fuq aspetti ewlenin tal-industrija, bħal: — it-tisħiħ tal-industrija nazzjonali taċ-ċibersigurtà għall-ħolqien, it-tkabbir u l-iżvilupp tan-negozji f'dan is-settur; — l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet u servizzi b'valur miżjud għoli fil-qasam taċ-ċibersigurtà — it-taħriġ u l-iżvilupp ta' talenti speċjalizzati fil-qasam taċ-ċibersigurtà — azzjonijiet ta' internazzjonalizzazzjoni fil-qasam taċ-ċibersigurtà; — l-istabbiliment ta' ċentru ta' dimostrazzjoni għall-iżvilupp tal-infrastruttura taċ-ċibersigurtà u l-ħolqien ta' servizzi ġodda taċ-ċibersigurtà inklużi laboratorji tal-ittestjar u simulaturi tal-attakki taċ-ċibersigurtà — l-iżvilupp ta' ċertifikazzjonijiet tat-tikketti taċ-ċibersigurtà.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Fin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
246	C15.I7	T	It-tisħiħ u t-titjib tal-Kapaċitajiet taċ-Ċibersigurtà: Ir-riżorsi	—	Numru	0	100	Q-2	2023	It-tisħiħ u t-titjib tal-Kapaċitajiet taċ-Ċibersigurtà bit-twassil ta' mill-inqas 100 riżorsa għal azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni u komunikazzjoni fil-qasam taċ-ċibersigurtà. Il-ħiliet diġitali fiċ-ċibersigurtà għandhom jiġu żviluppati fil-livelli edukattivi kollha, permezz tal-iżvilupp ta' riżorsi, għodod u materjali speċifiċi. Barra minn hekk, għandu jiġi stabbilit ċentru internazzjonali taċ-ċibersigurtà li jipparteċipa fin-Network Ewropew taċ-ċentri taċ-ċibersigurtà.
247	C15.I7	T	It-tisħiħ u t-titjib tal-Kapaċitajiet taċ-Ċibersigurtà: Linja ta' Għajnuna għaċ-ċibersigurtà		Numru	5 000	20 000	Q-4	2022	It-tisħiħ tal-Kapaċitajiet taċ-Ċibersigurtà bit-titjib tal-Linja ta' Għajnuna għaċ-Ċibersigurtà tal-Istitut Nazzjonali taċ-Ċibersigurtà (INCIBE), b'kapaċità ta' mill-inqas 20 000 telefonata fix-xahar ipproċessati kull xahar. Din l-helpline għandha tappoġġa wkoll it-tneħħija ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal għar-riżorsi tal-web (CSAM).
248	C15.I7	M	It-tlestija tal-proġetti fil-programm Nazzjonali ta' Appoġġ għall-Industrija taċ-Ċibersigurtà, il-Programm ta' Innovazzjoni għas-Sigurtà Globali u l-azzjonijiet relatati.	Notifika tat-tlestija ta' proġetti ta' investiment				Q-2	2026	It-tlestija tal-proġetti inklużi fil-programm Nazzjonali ta' Appoġġ għall-Industrija taċ-Ċibersigurtà u l-Programm ta' Innovazzjoni għas-Sigurtà Globali, u azzjonijiet relatati oħra fl-oqsma li ġejjin (mogħtija fl-Istadju Importanti 245): — it-tisħiħ tal-industrija nazzjonali taċ-ċibersigurtà għall-ħolqien, it-tkabbir u l-iżvilupp tan-negozji f'dan is-settur — l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet u servizzi b'valur miżjud għoli fil-qasam taċ-ċibersigurtà — it-taħriġ u l-iżvilupp tat-talenti fil-qasam taċ-ċibersigurtà, — Azzjonijiet ta' internazzjonalizzazzjoni fil-qasam taċ-ċibersigurtà — l-istabbiliment ta' ċentru ta' dimostrazzjoni għall-iżvilupp tal-infrastruttura taċ-ċibersigurtà u l-ħolqien ta' servizzi ġodda taċ-ċibersigurtà inklużi laboratorji tal-ittestjar u simulaturi tal-attakki taċ-ċibersigurtà — l-iżvilupp ta' ċertifikazzjonijiet tat-tikketti taċ-ċibersigurtà
454	C15.I8	M	ĊIPPA PERTE. It-tisħiħ tal-kapaċitajiet xjentifiċi, id-disinn u l-manifattura innovattiva: l-għoti	Pubblikazzjoni uffiċjali tal-għoti tal-proġetti				Q-2	2025	Mill-inqas EUR 540 900 000 mogħtija lil proġetti tar-R & Ifil-qasam tal-mikroelettronika u s-semikondutturi, inkluż il-ħolqien u t-titjib tal-infrastruttura tal-kmamar bojod, id-disinn, il-ġenerazzjoni u l-attrazzjoni ta' talent jew manifattura innovattiva.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
455	C15.I8	T	ĊIPPA PERTE. It-tisħiħ tal-kapaċitajiet xjentifiċi, id-disinn u l-manifattura innovattiva: żborż.		EUR (miljuni)	0	486,81	Q-2	2026	Żborż ta' mill-inqas EUR 486 810 000 għal proġetti tar-R & Ifil-qasam tal-mikroelettronika u s-semikondutturi, inkluż il-ħolqien u t-titjib tal-infrastruttura tal-kmamar bojod, id-disinn, il-ġenerazzjoni u l-attrazzjoni ta' talent jew manifattura innovattiva.
456	C15.I8	T	ĊIPPA PERTE. Katedri u talent tal-mikroelettronika		Numru	0	13	Q-2	2026	Il-ħolqien u l-finanzjament ta' mill-inqas 13 professur universitarju, kull waħda b'durata ta' 3 snin iffinanzjata mill-RRF, b'enfasi fuq il-mikroelettronika biex tingħata spinta lit-talent fi Spanja assoċjat mad-disinn u l-manifattura tas-semikondutturi.

O.3. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ fil-forma ta' self

Investiment 9 (C15.I9) — Faċilità ta' Finanzjament tas-CHIP

Din il-miżura għandha tikkonsisti f'investiment pubbliku f'Faċilità, il-Faċilità ta' Finanzjament tas-CHIP, sabiex jiġi inċentivat l-investiment privat u jittejjeb l-aċċess għall-finanzjament fis-settur tas-semikondutturi ta' Spanja, inklużi faċilitajiet ta' manifattura fuq skala kbira. Dik il-Faċilità għandha topera billi tipprovdi self, investimenti ta' ekwità u kważi ekwità (jew taħlita tagħhom) lis-settur privat, kif ukoll lill-entitajiet tas-settur pubbliku involuti f'attivitajiet simili. Abbażi tal-investiment tal-RRF, il-Faċilità għandha l-għan li inizjalment tipprovdi mill-inqas EUR 10 750 000 000 ta' finanzjament.

Il-Faċilità għandha tiġi ġestita mis-Sociedad Española para la Transformación Tecnológica (SETT) bħala s-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni. Il-Fond għandu jinkorpora l-linji ta' prodotti li ġejjin:

- Linja diretta: Investimenti diretti f'kumpaniji li jużaw self ordinarju, self parteċipattiv, u parteċipazzjoni f'kapital temporanju u minoritarju. L-investimenti ta' ekwità mill-Fond ma għandhomx jikkawżaw li s-sehem tal-ekwità pubblika f'benefiċjarju finali jaqbeż 149 % tal-ekwità totali.
- Koinvestiment f' "Fonderiji Miftuħa tal-UE" u "Faċilitajiet ta' produzzjoni integrati": Biex jappoġġa l-industrija tal-manifattura tas-semikondutturi fi Spanja, il-Fond għandu jkun jista' jipprovdi appoġġ għal strumenti finanzjarji mħallta, permezz ta' self, ekwità, u kważi ekwità (jew taħlita tagħhom), li jintegraw il-kapital privat u pubbliku f'koordinazzjoni ma' programmi ta' appoġġ pubbliku, soġġett għar-rekwiżiti ta' governanza deskritti hawn taħt.

Sabiex jiġi implimentat l-investiment fil-Faċilità, Spanja u s-SETT għandhom jiffirmaw Ftehim ta' Implimentazzjoni, jew Spanja għandha tapprova l-istrument legali korrispondenti u d-dokumenti assoċjati, li għandhom jinkludu l-kontenut li ġejj:

1. Deskrizzjoni tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Faċilità: Id-Deċiżjoni inizjali dwar l-investiment tal-Faċilità għandha tittieħed minn kumitat tal-investiment jew korp governattiv ekwivalenti ieħor rilevanti u approvata b'maġġoranza ta' voti minn membri li huma indipendenti mill-Gvern Spanjol. Id-Deċiżjoni finali dwar l-investiment tal-Faċilità għandha tkun limitata għall-approvazzjoni (mingħajr modifiki) jew għall-eżerċizzju ta' dritt ta' veto fuq deċiżjoni ta' investiment proposta mill-kumitat tal-investiment jew korp governattiv ekwivalenti rilevanti.
2. Ir-rekwiżiti ewlenin tal-politika ta' investiment assoċjata, li għandhom jinkludu:
 - a. Id-deskrizzjoni tal-prodotti finanzjarji u l-benefiċjarji finali eliġibbli f'konformità mad-deskrizzjoni tal-miżura.
 - b. Ir-rekwiżit li l-investimenti kollha appoġġati jkunu ekonomikament vijabbli.
 - c. Projbizzjoni ta' finanzjament mill-ġdid ta' kwalunkwe self pendenti.
 - d. Ir-rekwiżit ta' konformità mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" (DNSH) kif stabbilit fil-Gwida Teknika dwar id-DNSH (2021/C58/01), b'mod partikolari l-investimenti f'faċilitajiet ġodda għandhom jużaw l-aħjar teknoloġija disponibbli bl-inqas impatt ambjentali fis-settur. Barra minn hekk, il-politika ta' investiment għandha teħtieġ konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali tal-benefiċjarji finali tal-Faċilità.
 - e. Ir-rekwiżit li l-benefiċjarji finali tal-Faċilità ma għandhomx jirċievu appoġġ minn strumenti oħra tal-Unjoni biex ikopru l-istess kost.
3. L-ammont kopert mill-istrument legali u d-dokumenti assoċjati li jistabbilixxu l-Faċilità, l-istruttura tat-tariffi għas-Sieħeb ta' Implimentazzjoni u r-rekwiżit li jiġi investit mill-ġdid

kwalunkwe rimborżi skont il-politika ta' investiment tal-Faċilità sakemm ma jintużawx biex jiġu servuti l-ħlasijiet lura tas-self tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

4. Rekwiżiti ta' monitoraġġ, awditjar u kontroll, inklużi:
 - a. Id-deskrizzjoni tas-sistema ta' monitoraġġ tas-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni biex jirrapporta dwar l-investiment mobilizzat.
 - b. Id-deskrizzjoni tal-proċeduri tas-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni li se jiżguraw il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni, u l-kunflitti ta' interess.
 - c. L-obbligu li tiġi vverifikata l-eliġibbiltà ta' kull operazzjoni f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fir-regolamenti li jistabbilixxu l-Faċilità qabel l-impenn li tiġi ffinanzjata operazzjoni.
 - d. L-obbligu li jitwettqu awditi ex post ibbażati fuq ir-riskju f'konformità ma' pjan tal-awditjar ta' SETT. Dawn l-awditi għandhom jivverifikaw i) li s-sistemi ta' kontroll ikunu effettivi, inkluża l-identifikazzjoni ta' frodi, korruzzjoni, u kunflitt ta' interess; II) il-konformità mal-prinċipju DNSH, ir-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat, ir-rekwiżiti tal-mira klimatika u diġitali; u iii) li jiġi rrispettat ir-rekwiżit li l-intermedjarju jivverifika li tiġi ppreżentata dikjarazzjoni responsabbli mill-benefiċjarju finali biex jikkontrolla jekk l-istess kost huwiex kopert minn strument ieħor tal-Unjoni. L-awditi għandhom jivverifikaw ukoll il-legalità tat-tranżazzjonijiet u li l-kundizzjonijiet tal-Ftehim ta' Implimentazzjoni applikabbli, jew ir-regolament u d-dokumenti assoċjati li jistabbilixxu l-Faċilità, u l-Ftehimiet ta' Finanzjament qed jiġu rrispettati.
5. Rekwiżiti għall-investimenti diġitali mwettqa mis-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni: mill-inqas EUR 10 750 000 000 tal-investiment tal-RRF fil-Faċilità għandhom jikkontribwixxu għall-oġġettivi tat-tranżizzjoni diġitali f'konformità mal-Anness VII tar-Regolament RRF¹⁶¹.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

O.4. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju ripagabbli

Ara t-tabella ta' hawn taħt. Id-data tal-linja bażi għall-indikaturi kollha hija l-1 ta' Frar 2020 sakemm ma jkunx indikat mod ieħor fid-deskrizzjoni tal-azzjoni.

¹⁶¹ Għall-fini tal-komputazzjoni tal-kontribuzzjoni diġitali, fil-każ ta' ekwità, kważi ekwità, bonds korporattivi jew strumenti ekwivalenti mhux immirati lejn proġetti speċifiċi, il-politika ta' investiment għandha tirrikjedi li mill-inqas 90 % tad-dħul tar-riċevitur matul is-sena finanzjarja preċedenti jew id-dħul futur skont il-pjan ta' direzzjoni tan-negozju jiġi ġġenerat minn attività li tkun allinjata mal-oqsma ta' intervent applikabbli fl-Anness VII tar-Regolament RRF.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
L63	C15.I9	M	Faċilità ta' Finanzjament taċ-Ċipep: Approvazzjoni formali tal-Mekkaniżmu ta' Finanzjament	L-iffirmar tal-Ftehim ta' Implimentazzjoni				Q-4	2023	L-iffirmar tal-Ftehim ta' Implimentazzjoni mill-Ministeru u s-SETT jew id-dħul fis-seħħ tar-regolament, u kwalunkwe dokument assoċjat, li jistabbilixxi l-Faċilità.
L64	C15.I9	T	Faċilità ta' Finanzjament taċ-Ċipep: Ftehimiet legali ffirmati mal-benefiċjarji finali (I)			0	25 %	Q-2	2025	Il-Faċilità għandha tkun daħlet fi ftehimiet ta' finanzjament legali mal-benefiċjarji finali għal ammont meħtieġ biex jintuża mill-inqas 25 % tal-investiment tal-RRF fil-Faċilità (filwaqt li jitqiesu t-tariffi tal-ġestjoni). Il-firma għandha tinkiseb ukoll bejn il-Gvern Spanjol u l-applikant ta' Protokoll Ġenerali għall-Azzjoni kif deskritt fil-Liġi Nazzjonali Spanjola jew strument diplomatiku ekwivalenti, għal mill-inqas faċilità waħda tal-manifattura tas-semikondutturi (jew front end jew back end) fil-forma ta' Fonderija Miftuħa tal-UE jew Faċilità ta' Produzzjoni Integrata li hija l-ewwel tat-tip f'konformità mad-definizzjonijiet stabbiliti fl-Att Ewropew dwar iċ-Ċipep. SETT għandha tipproduċi rapport li jagħti dettalji li mill-inqas sehem ta' 100 % ta' dan il-finanzjament jikkontribwixxi għall-oġġettivi tat-tranżizzjoni diġitali bl-użu tal-metodoloġija fl-Anness VII tar-Regolament RRF
L65	C15.I9	T	Faċilità ta' Finanzjament taċ-Ċipep: Ftehimiet			25 %	100 %	Q-3	2026	Il-Faċilità għandha tkun daħlet fi ftehimiet ta' finanzjament legali mal-benefiċjarji finali għal ammont meħtieġ biex jintuża 100 % tal-investiment tal-RRF fil-Faċilità (filwaqt li jitqiesu t-tariffi tal-ġestjoni).

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
			legali ffirmati mal-benefiċjarji finali (II)							SETT għandha tipproduċi rapport li jagħti dettalji li mill-inqas sehem ta' 100 % ta' dan il-finanzjament jikkontribwixxi għall-oġġettivi tat-tranżizzjoni diġitali bl-użu tal-metodoloġija fl-Anness VII tar-Regolament RRF
L66	C15.I9	M	Faċilità ta' Finanzjament taċ-Ċipep: Il-Ministeru lesta l-investiment.	Ċertifikat ta' trasferiment				Q-3	2026	Spanja għandha tittrasferixxi EUR 10 750 000 000 lil SETT għall-Faċilità

P. IL-KOMPONENT 16: L-INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI

L-intelliġenza Artifiċjali (IA) għandha potenzjal sinifikanti għal trasformazzjoni minn perspettiva teknoloġika, ekonomika u soċjali, minħabba l-penetrazzjoni transsettorjali, l-impatt kbir, it-tkabbir rapidu u l-kontribut tagħha għat-titjib tal-produttività u l-kompetittività.

L-isfidi ewlenin indirizzati minn dan il-komponent tal-pjan Spanjol għall-irkupru u r-reżiljenza huma relatati ma': (i) l-użu limitat tal-IA fil-kumpaniji, b'mod partikolari fl-SMEs, (ii) il-ħolqien ta' repożitorji tad-data aċċessibbli b'mod wiesa', u (iii) il-promozzjoni ta' investimenti pubbliċi u privati fl-innovazzjoni fl-IA. Il-komponent huwa strutturat madwar l-Istrateġija Nazzjonali għall-Intelliġenza Artifiċjali (ENIA), li hija waħda mill-pjanijiet ewlenin tal-aġenda diġitali tal-Gvern Spanjol (*España Digital 2025*). Dan il-komponent għandu jikkontribwixxi wkoll biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-soċjetà, b'mod partikolari t-tnaqqis tad-disparità bejn il-ġeneri (permezz ta' azzjonijiet immirati lejn in-nisa), id-distakk diġitali, it-tranżizzjoni ekoloġika kif ukoll il-koeżjoni territorjali.

Minn din il-perspettiva, l-oġġettiv ta' dan il-komponent huwa li:

- a) tpoġġi lil Spanja bħala pajjiż ewlieni f'termini ta' eċċellenza xjentifika u innovazzjoni fl-IA b'mod interdixxiplinari;
- b) imexxi globalment fl-iżvilupp ta' għodod, teknoloġiji u applikazzjonijiet għall-projezzjoni u l-użu tal-lingwa Spanjola fl-IA;
- c) jippromwovu l-ħolqien ta' impjiegi b'ħiliet speċjalizzati, jagħtu spinta lit-taħriġ u l-edukazzjoni, jistimulaw it-talent Spanjol u jattiraw talent globali;
- d) jinkorporaw l-IA bħala fattur fit-titjib tal-produttività tas-settur privat Spanjol, l-effiċjenza fl-amministrazzjoni pubblika u bħala mutur ta' tkabbir ekonomiku sostenibbli u inklużiv;
- e) jinholq ambjent ta' fiduċja fir-rigward tal-IA, kemm f'termini ta' żvilupp teknoloġiku, regolamentazzjoni u impatt soċjali;
- f) jistimulaw id-dibattitu globali dwar l-umaniżmu teknoloġiku billi jgħolqu u jipparteċipaw f'fora u attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni għall-iżvilupp ta' qafas etiku li jggarantixxi d-drittijiet individwali u kollettivi taċ-ċittadini;
- g) tagħti s-setgħa lill-IA bħala vettur trasversali biex tindirizza l-isfidi l-kbar tas-soċjetà u speċifikament biex tnaqqas id-distakk bejn il-ġeneri, id-distakk diġitali, biex tappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika u l-koeżjoni territorjali.

Dan il-komponent jindirizza r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż dwar il-promozzjoni tal-investimenti fl-innovazzjoni (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2019), it-titjib tal-aċċess għat-tagħlim diġitali (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 2020) u l-promozzjoni tal-investment pubbliku u privat u t-trawwim tat-tranżizzjoni diġitali (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-

deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

P.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma 1 (C16.R1) — Strateġija Nazzjonali għall-IA

L-oġġettiv ta' din il-miżura komprensiva huwa li tistabbilixxi l-qafas għall-implimentazzjoni ta' strateġija nazzjonali affidabbli, trasparenti u inklużiva dwar l-IA li tiżgura l-konformità mal-prinċipji u l-valuri fundamentali u li tqis l-aspirazzjonijiet kollettivi taċ-ċittadini. Għal dan l-għan, il-miżura għandha tinkludi tliet riformi leġiżlattivi biex jiġi stabbilit il-qafas regolatorju u etiku dwar l-IA u disa' proġetti ta' investiment biex jiġu appoġġati l-iżvilupp u l-adozzjoni ta' teknoloġiji bbażati fuq l-IA fl-ekonomija u fis-soċjetà Spanjola, bħal proġetti fil-ħiliet, fit-talenti u fl-infrastrutturi.

Dawn l-azzjonijiet huma miġbura f'fames lievi ta' politika:

- Qafas regolatorju u etiku (atti legali):
 - a) l-istrateġija Nazzjonali għall-IA (ENIA): pian nazzjonali ta' azzjonijiet u riformi għall-introduzzjoni u l-estensjoni ta' teknoloġiji bbażati fuq l-IA fl-ekonomija u s-soċjetà Spanjola bil-ħolqien tal-Kunsill Konsultattiv dwar l-Intelliġenza Artifiċjali;
 - b) ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja: l-iżvilupp tal-atti leġiżlattivi meħtieġa biex jippermettu ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għall-applikazzjoni tal-IA. Għandhom jintużaw ambjenti jew ambjenti ta' esperimentazzjoni sikuri għall-introduzzjoni ta' proċessi u servizzi ġodda bbażati fuq id-data, kemm fl-isfera pubblika kif ukoll f'dik privata. Ambjenti u ambjenti ta' esperimentazzjoni sikuri, jistgħu jiġu sfruttati mill-aġenziji tal-gvern, mill-utenti tal-IA, u mill-ħallieqa tar-repożitorji tad-data, possibbilment bħala parti min-network tal-Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali biex jintroduċu u jirregolaw prodotti u applikazzjonijiet ġodda;
 - c) L-osservatorju tal-IA u ċ-ċertifikazzjoni tal-fiduċja: inkluż l-iżvilupp ta' (i) pian ta' protezzjoni għall-gruppi vulnerabbli fl-IA, inklużi d-drittijiet tax-xogħol u soċjali u l-ħtiġijiet tan-nisa, (ii) pian biex titqajjem kuxjenza u fiduċja fl-IA, (iii) osservatorji dwar l-impatt etiku u regolatorju tal-algoritmi li jinkorporaw l-IA, (iv) ċertifikazzjoni affidabbli tal-IA u arkitettura tal-foki għall-prodotti u s-servizzi tal-IA, kif ukoll (v) l-abbozzar u l-promozzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Diġitali.
 - d) Il-ħolqien ta' Aġenzija Spanjola (AESIA) biex tistħarreġ is-sistemi tal-Intelliġenza Artifiċjali, użati kemm mis-settur pubbliku kif ukoll minn dak privat. B'mod partikolari, l-aġenzija għandha mill-inqas tistħarreġ u tippromwovi l-garanzija tad-drittijiet relatati mal-IA, tinterpreta r-riżultati tal-iżvilupp ta' ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja u twettaq evalwazzjonijiet dwar l-iżvilupp tal-IA biex tkompli tiżviluppa regolamentazzjoni u gwidi li jirregolaw l-IA.
- It-tishih tar-R & Ifl-AI (proġetti):
 - e) Missjonijiet R & ampD & I: il-finanzjament ta' proġetti ta' riċerka industrijali jew ta' żvilupp sperimentali fil-qasam tal-IA biex jiġu indirizzati l-isfidi soċjetali ewlenin jew il-missjonijiet tal-pajjiżi msemmija fl-ENIA (jiġifieri d-disparità bejn il-ġeneri, it-tranżizzjoni ekoloġika, l-istruttura territorjali u d-distakk diġitali) f'setturi ta' rilevanza għolja u kapaċità għolja ta'

tfixkil u impatt (jiġifieri l-enerġija, il-mobbiltà, il-bijomediċina, il-klima, l-ikel agrikolu, is-saħħa, it-turiżmu u l-ospitalità);

- f) istitut multidixxiplinari tal-IA: il-ħolqien ta' ċentru ta' riċerka multidixxiplinari li jintegra l-IA flimkien ma' xjenzi oħra, b'enfasi partikolari fuq in-newroteknoloġiji;
- g) network ta' eċċellenza fl-IA: il-ħolqien ta' Network Spanjol ta' Eċċellenza fl-IA, b'taħriġ interdixxiplinari u programmi u mekkaniżmi ta' speċjalizzazzjoni għolja għar-reklutaġġ u ż-żamma ta' talenti li jaħdmu b'mod integrat biex jikkoordinaw ir-riċerka fil-livell nazzjonali.

- Attrazzjoni ta' talenti (proġetti):

- h) Ċentru ta' Talent ta' Spanja: il-ħolqien ta' nodu ta' informazzjoni biex jiġi attirat u jinżamm it-talent fil-qasam tal-IA, iċ-Ċentru ta' Talent ta' Spanja, li huwa mistenni jservi bħala punt fokali għar-reklutaġġ u t-titjib tat-talenti u l-investimenti barranin, b'attenzjoni partikolari għall-ħtiġijiet tan-nisa, u l-investimenti b'impatt soċjali;
- i) Presidenti akkademiċi: il-finanzjament tal-ħolqien ta' 10 sa 15 President Akkademiku temporanju bejn l-1 ta' Jannar 2021 u l-31 ta' Diċembru 2023, b'enfasi fuq temi ewlenin bħall-impatt tal-IA fuq id-demokrazija, ix-xejriet emerġenti tal-IA, il-valutazzjonijiet tas-sistemi tal-IA, l-ibridazzjoni tal-IA fil-moħħ, u l-IA bijomedika.

- Infrastrutturi tad-data u tat-teknoloġija (proġetti):

- j) Pjan għat-Teknoloġija tal-Lingwa Naturali: l-oġettiv huwa li tiġi żviluppata l-industrija tal-ipproċessar tal-lingwi naturali kif ukoll it-traduzzjoni awtomatika u s-sistemi ta' konverżazzjoni fi Spanja, speċjalment bl-Ispanjol u bil-lingwi koufficiali;
- k) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet strateġiċi tas-supercomputing: l-iżvilupp ta' programm li jiffaċilita l-aċċess għall-SMEs u l-użu tagħhom u n-nisġa kummerċjali taċ-ċentri tas-supercomputing f'reġjuni differenti (bħal Extremadura, Galicia u Aragon) kif ukoll l-adozzjoni tal-Quantum Computing fi proġetti ta' temi differenti, inklużi l-mobbiltà u t-tibdil fil-klima. Barra minn hekk, fil-kuntest taċ-Ċipep PERTE, l-iżvilupp taċ-ċipep kwantistiċi għandu jissaħħaħ billi jiġu appoġġati r-R & I l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda taċ-ċipep kwantistiċi.

- L-integrazzjoni tal-IA fil-ktajjen tal-valur (proġetti):

- l) sejħa għal għotjiet għall-integrazzjoni tal-IA fil-ktajjen tal-valur: programm ta' għajjuna li għandu jiffinanzja proġetti ta' żvilupp sperimentali li l-maturità teknoloġika tagħhom tikkorrispondi għal-livelli TRL 6, 7 u 8. Il-finanzjament ta' proġetti f'dawn il-livelli ta' maturità teknoloġika jirrappreżenta appoġġ qawwi għal prodotti li jistgħu jkunu qrib l-adozzjoni fis-suq u b'hekk jiġu trasferiti għall-katina tal-valur;
- m) Programm Nazzjonali ta' Algorizmi Ekoloġiċi: programm ta' appoġġ għall-iżvilupp ta' algoritmi ekoloġiċi biex tiġi massimizzata l-effiċjenza enerġetika u jitnaqqas l-impatt ambjentali tal-mudelli tal-IA, filwaqt li jiġi appoġġat l-użu ta' din it-teknoloġija biex twieġeb għal sfidi ambjentali differenti.

Ir-riformi u l-investimenti għandhom jiġu implimentati permezz ta' (i) sejħiet għal għotjiet, għal missjonijiet ta' R & I, integrazzjoni tal-IA fil-ktajjen tal-valur u l-iżvilupp ta' teknoloġiji ta' ċipep kwantistiċi ta' ġenerazzjoni ġdida; (II) konvenzjonijiet, għall-infrastrutturi tad-data u tat-teknoloġija; (III) l-akkwist, għall-qafas regolatorju u etiku, il-Programm Nazzjonali ta' Algorizmi Ekoloġiċi u l-Pjan għal-Lingwi Naturali; u (iv) konsorzji, għall-istitut multidixxiplinari tal-IA.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

P.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Ara t-tabella ta' hawn taħt. Id-data tal-linja bażi għall-indikaturi kollha hija l-1 ta' Frar 2020 sakemm ma jkunx indikat mod ieħor fid-deskrizzjoni tal-azzjoni. L-ammonti f't-tabella ma jinkludux il-VAT.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
249	C16.R1	M	Strateġija Nazzjonali għall-Intelliġenza Artifiċjali	Pubblikazzjoni fil-ĠU				Q-3	2020	Pubblikazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali għall-IA. L-istrateġija għandha l-oġettivi li: 1. Il-pożizzjonament ta' Spanja bħala pajjiż impenjat li jippromwovi l-eċċellenza xjentifika u l-innovazzjoni fl-IA. 2. Projezzjoni tal-lingwa Spanjola fl-IA. 3. Il-ħolqien ta' impjiegi kwalifikati, li jstimulaw u jattiraw it-talent, b'attenzjoni speċjali għan-nisa. 4. L-inkorporazzjoni tal-IA fis-sistema produttiva biex tittejjeb il-produttività tan-negozju Spanjol. 5. Il-ħolqien ta' ambjent fdat fir-rigward tal-IA. 6. L-iżvilupp ta' qafas etiku li jiggarantixxi d-drittijiet individwali u kollettivi taċ-ċittadini fl-IA. 7. It-tisħiħ tal-IA inklużiva u sostenibbli; speċifikament biex jitnaqqas id-distakk bejn il-ġeneri u d-distakk diġitali, u biex jiġu appoġġati t-tranżizzjoni ekoloġika u l-koeżjoni territorjali.
250	C16.R1	M	Il-Karta tad-Drittijiet Diġitali	Pubblikazzjoni fil-ĠU				Q-4	2021	Adozzjoni mill-Gvern Spanjol u pubblikazzjoni fuq il-paġna web uffiċjali tal-Karta tad-Drittijiet Diġitali. Il-Karta mhijiex normattiva fin-natura tagħha, iżda għandha l-għan li tirrikonoxxi l-isfidi l-ġodda tal-applikazzjoni u l-interpretazzjoni li l-adattament tad-drittijiet għall-ambjent diġitali joħloq, u li tissuġġerixxi prinċipji u politiki relatati magħhom f'dan il-kuntest. Flimkien ma' dan, hija għandha tippromwovi wkoll qafas ta' referenza għall-azzjoni tal-awtoritajiet pubbliċi, filwaqt li tiegħu vantaġġ u tiżviluppa l-potenzjalitajiet u l-opportunitajiet kollha tal-ambjent diġitali attwali filwaqt li tevita r-riskji tiegħu.
251	C16.R1	M	Appoġġ għal proġetti dwar l-Intelliġenza Artifiċjali	Pubblikazzjoni u finanzjament tal-għotjiet tal-programm				Q-4	2023	Mill-inqas baġit ta' EUR 500 000 000 impenjat għal għotjiet għal proġetti dwar proġetti tar-R & D tal-Intelliġenza Artifiċjali, iċ-Ċentru ta' Talent għall-IA ta' Spanja, istitut multidixxiplinari dwar l-IA, network ta' eċċellenza fl-IA, Pjan tat-Teknoloġija tal-Lingwa Naturali, presidenti akkademiċi, osservatorji, ċertifikazzjoni u siġill affidabbli tal-IA, pjan ta' protezzjoni għal gruppi vulnerabbli fl-IA, pjan għas-sensibilizzazzjoni u l-fiduċja tal-IA, computing kwantistiku, u algoritmi ekoloġiċi, programm nazzjonali.
458	C16.R1	M	Ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja u l-Aġenzija Spanjola għas-sorveljanza tal-Intelliġenza Artifiċjali (AESIA)	Pubblikazzjoni fil-ĠU				Q-4	2024	Il-pubblikazzjoni fil-ĠU tal-atti leġislativi meħtieġa li jippermettu ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għall-applikazzjoni tal-IA u Digriet Irjali li japprova l-istatuti interni tal-Aġenzija Spanjola għas-sorveljanza tal-Intelliġenza Artifiċjali. Dawn tal-aħħar għandhom jinkludu: in-natura u r-reġim legali tal-Aġenzija (l-għoti tal-personalità ġuridika pubblika tagħha, l-assi tagħha stess u l-awtonomija maniġerjali tagħha); l-għan, l-għan u l-

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										kompetenzi tagħha; l-istruttura organika u l-proċess tal-għażla tagħha; ir-reġim patrimonjali, finanzjarju u kuntrattwali tagħha; kif ukoll il-ġestjoni u l-kontroll ekonomiku-baġitarju tagħha.
252	C16.R1	T	Missjonijiet tal-pajjiżi indirizzati	—	Numru	0	7	Q-1	2026	Mill-inqas 7 proġett iffinanzjati biex jindirizzaw missjonijiet speċifiċi tal-pajjiż b' soluzzjonijiet innovattivi xprunati mill-IA biex jiġu indirizzati l-problemi identifikati f'dawn il-missjonijiet: saħħa, industrija, ambjent, soċjetà, enerġija, agrikoltura u ekonomija, Proġetti għandhom jiġu implimentati b'finanzjament ta' proġetti kollaborattivi ta' madwar EUR 10 000 000 15 sa 000 000
253	C16.R1	M	Tlestija ta' proġetti dwar l-Intelliġenza Artifiċjali	Notifika tat-tlestija ta' proġetti ta' investiment				Q-1	2026	It-tlestija ta' proġetti dwar ir-Riċerka u l-Iżvilupp tal-Intelliġenza Artifiċjali, iċ-Ċentru ta' Talent għall-IA ta' Spanja, istitut multidixxiplinari dwar l-IA, network ta' eċċellenza fl-IA, Pjan tat-Teknoloġija tal-Lingwa Naturali, presidenti akkademiċi, osservatorji, ċertifikazzjoni u siġill affidabbli tal-IA, pjan ta' protezzjoni għal gruppi vulnerabbli fl-IA, pjan għas-sensibilizzazzjoni u l-fiduċja tal-IA, computing kwantistiku, u algoritmi ekoloġiċi, programm nazzjonali, skont il-kriterji stabbiliti fis-sejħiet għall-offerti (Stadju Importanti #251).
457	C16.R1	T	ĊIPPA PERTE. It-tisħiħ tal-ekosistema kwantistika.		EUR (miljuni)	0	36	Q-2	2026	Żborż ta' mill-inqas EUR 36 000 000 għal proġetti tar-R & Ifil-qasam tat-teknoloġiji kwantistiċi tal-ġenerazzjoni l-għdida, inkluż l-appoġġ għall-iżvilupp ta' hardware kwantistiku, software u middleware kwantistiċi, l-iżvilupp ta' kubi alternattivi u linji pilota meħtieġa assoċjati, komunikazzjonijiet kwantistiċi u kriptografija, teknoloġiji tal-internet kwantistiku, metroloġija u sensjar kwantistiku.

Q. IL-KOMPONENT 17: IX-XJENZA, IT-TEKNOLOĠIJA U L-INNOVAZZJONI

L-istrateġija ta' Spanja għax-Xjenza, it-Teknoloġija u l-Innovazzjoni 2021–2027 tipproġetta tkabbir sinifikanti fl-investment fir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Innovazzjoni ("R & ampŻ & ampI") fi Spanja, li laħaq 2.12 % tal-PDG fl-2027. F'dan il-kuntest, l-oġġettiv ewlieni ta' dan il-komponent tal-pjan Spanjol għall-irkupru u r-reżiljenza huwa li jtejjeb is-sistema Spanjola tax-Xjenza, it-Teknoloġija u l-Innovazzjoni billi jirrifirma l-governanza tagħha, itejjeb il-koordinazzjoni fost l-atturi, isahha l-effettività tagħha u jaċċellera l-investment fir-R & ŻI permezz tal-elementi li ġejjin:

- a) L-iżvilupp ta' qafas regolatorju ċar u prevedibbli li jsahha il-governanza tas-settur, iżid l-effettività tal-politiki pubbliċi tar-R & I, itejjeb it-trasferiment tal-għarfien u jippromwovi l-investment fir-R & I;
- b) l-investment fl-infrastruttura, it-tagħmir u l-kapital uman;
- c) l-investment fit-trasferiment tal-għarfien, fil-proġetti reġjonali tar-R & D & ampI, fil-proġetti nazzjonali tar-R & D & ampI u fis-sħubijiet pubbliċi-privati; u għal
- d) l-investment fir-R & Ifis-setturi strateġiċi tas-saħħa, l-ambjent, it-tibdil fil-klima u l-enerġija, il-mikroelektronika u s-semikondutturi, il-karozzi sostenibbli u l-ajruspazju.

Dan il-komponent jindirizza r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż dwar il-promozzjoni ta' investimenti fl-innovazzjoni u fl-effiċjenza enerġetika u dwar it-tisħiħ tal-effettività tal-politiki li jappoġġaw ir-riċerka u l-innovazzjoni (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2019), il-promozzjoni tal-investment pubbliku u privat u r-riċerka u l-innovazzjoni (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020), dwar it-titjib tal-koordinazzjoni tal-livelli kollha tal-gvern (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 4 2020) u dwar l-iffukar tal-investment fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, b'mod partikolari dwar it-trawwim tar-riċerka u l-innovazzjoni (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2021).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

Q.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Ir-riforma 1 (C17.R1): Riforma tal-Liġi dwar ix-Xjenza, it-Teknoloġija u l-Innovazzjoni

L-oġġettiv ta' din il-miżura huwa li ssaħħa il-qafas regolatorju għas-settur tax-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni, sabiex ittejjeb il-governanza u l-koordinazzjoni tas-settur, toħloq karriera xjentifika attraenti, u ttejjeb it-trasferiment tal-għarfien mir-riċerka għall-prodotti/servizzi applikati għas-soċjetà. B'mod partikolari, Spanja għandha taġġorna l-Liġi 14/2011 dwar ix-Xjenza, it-Teknoloġija u l-Innovazzjoni, ittejjeb il-koordinazzjoni tal-politiki tax-xjenza, tar-riċerka u tal-innovazzjoni, ittejjeb il-governanza u l-koordinazzjoni tas-sistema Spanjola tax-Xjenza, it-Teknoloġija u l-Innovazzjoni, tintroduċi karriera xjentifika ġdida u ttejjeb it-trasferiment tal-għarfien.

Din il-miżura hija marbuta mal-investimenti inklużi taħt C17.II, C17.I4, u C17.I5 deskritti hawn taħt.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2022.

Ir-riforma 2 (C17.R2): L-istrategġija Spanjola għax-Xjenza, it-Teknoloġija u l-Innovazzjoni 2021–2027 u l-Iżvilupp Avvanzat tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar ix-Xjenza, it-Teknoloġija u l-Innovazzjoni

Il-miżura tinkludi l-adozzjoni mill-gvern Spanjol tal-Istrategġija Spanjola għax-Xjenza, it-Teknoloġija u l-Innovazzjoni 2021–2027. L-istrategġija tistabbilixxi l-oġettivi ġenerali għas-settur fil-perjodu 2021–2027. Bl-għan li jittnejjem it-trasferiment tal-għarfien, l-istrategġija għaqqdet flimkien strategġiji li qabel kienu separati dwar ix-xjenza u t-teknoloġija, u strategġija dwar l-innovazzjoni. L-istrategġija tipprovdi qafas ġenerali li jiggwida kemm il-pjanijiet nazzjonali kif ukoll reġjonali tar-R & D & ampl. Għal dan l-għan, Spanja adottat strategġija dwar “Strategġija ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti ta' Spanja”, taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), li tipprovdi l-istruttura għall-Istrategġiji Reġjonali ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti li jmiss.

Il-Kunsill tal-Politika tax-Xjenza, it-Teknoloġija u l-Innovazzjoni, ippresedut mill-Ministeru tax-Xjenza u l-Innovazzjoni, b'rappreżentanza ta' ministeri u reġjuni ewlenin, żviluppa l-istrategġija. L-istrategġija ġiet ikkonsultata mal-partijiet ikkonċernati ewlenin, inklużi s-settur privat, l-organizzazzjonijiet pubbliċi tar-riċerka u s-soċjetà ċivili. Sabiex tiġi mmonitorjata u evalwata l-istrategġija, twaqqaf kumitat b'rappreżentanza mill-istat, ir-reġjuni, l-aġenti ekonomiċi u soċjali, il-komunità xjentifika u innovattiva u s-soċjetà ċivili.

L-istrategġija għandha tipprevedi rapporti annwali ta' monitoraġġ, evalwazzjoni ta' nofs it-terminu (sa Diċembru 2023) u evalwazzjoni finali tal-istrategġija għandha ssir pubblika. L-evalwazzjonijiet se jindirizzaw ukoll il-progress lejn l-ilħuq tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi li saru lil Spanja fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp. Barra minn hekk, din il-miżura tfittex speċifikament li ttejjeb is-sistema ta' informazzjoni dwar ix-Xjenza, it-Teknoloġija u l-Innovazzjoni, biex ittejjeb il-għir u l-analiżi tad-data għall-monitoraġġ tal-Istrategġija Spanjola għax-Xjenza, it-Teknoloġija u l-Innovazzjoni.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2023.

Ir-riforma 3 (C17.R3): Riorganizzazzjoni tal-Organizzazzjonijiet ta' Riċerka Pubblika u r-razzjonalizzazzjoni tal-istruttura u l-operat tagħhom

L-oġettiv ta' din il-miżura huwa li tingħata spinta lill-effettività tal-organizzazzjonijiet pubbliċi tar-riċerka (PRO), wara analiżi tal-isfidi, permezz tar-riorganizzazzjoni tal-PROs, inkluża l-istruttura ta' governanza tagħhom. Fil-bidu tal-2021, kumitat ta' esperti wettaq analiżi tal-PROs u kkonkluda li aġenziji tar-riċerka akbar, indipendenti u flessibbli kellhom strutturi aħjar biex jikkompetu.

Wara din l-analiżi, Spanja għandha tintegra tliet PROs fil-Kunsill Nazzjonali Spanjol tar-Riċerka (*Centro Superior de Investigaciones Científicas*, CSIC): l-Istitut Nazzjonali tar-Riċerka Agrikola u tal-Ikel (*Instituto Nacional de Investigación y Tecnología Agraria*, INIA), l-Istitut Spanjol tal-Oċeanografija (*Instituto Español de Oceanografía*, IEO) u l-Istitut Ġeoloġiku u Minerarju ta' Spanja (*Instituto Geológico Minero de España*, IGME). Din ir-riorganizzazzjoni għandha ssaħħaħ il-kapaċità esperta tal-politika tas-sajd ta' Spanja, it-tranżizzjoni agroalimentari u ekoloġika. It-tliet PROs għandu jkollhom ir-reġim legali ta' aġenzija tal-istat, li jipprovdi flessibbiltà akbar u qafas ibbażat fuq il-prestazzjoni stabbilit f'kuntratt ta' ġestjoni pluriennali. Barra minn hekk, Spanja għandha tintroduċi bbaġitjar abbażi tal-prestazzjoni. Ir-riforma għandha ssaħħaħ il-governanza, l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni u l-kontroll tal-entità li tirriżulta.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

Investiment 1 (C17.I1): Pjanijiet ta' Riċerka u Żvilupp Komplementari mal-Komunitajiet Awtonomi

L-oġġettiv ta' din il-miżura huwa li trawwem il-koordinazzjoni tal-livell tal-istat mar-reġjuni fil-qasam tar-R & I permezz tal-istabbiliment ta' pjanijiet komplementari tar-R & D & ampI li għandhom jiġu kofinanzjati mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u r-reġjuni. Dan l-istrument il-ġdid għandu wkoll ikompli l-kollaborazzjoni bejn ir-reġjuni, peress li jistabbilixxu prijoritajiet komuni skont l-Istrateġija Reġjonali ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti rispettivi tagħhom (RIS3).

F'allinjament mal-Istrateġija Spanjola għax-Xjenza, it-Teknoloġija u l-Innovazzjoni 2021–2027, il-pjanijiet komplementari għandhom itejbu l-ġenerazzjoni tal-għarfien u l-innovazzjoni teknoloġika, il-koordinazzjoni tal-livelli differenti tal-gvern u jagħtu spinta lit-trasformazzjoni ekonomika territorjali fl-oqsma strateġiċi li ġejjin: il-komunikazzjoni kwantistika, l-enerġija u l-idroġenu ekoloġiku, is-settur agroalimentari, il-bijodiversità, l-astrofiżika u l-fiżika b'enerġija għolja, ix-xjenza tal-baħar, ix-xjenza tal-materjali u l-bijoteknoloġija applikati għas-saħħa. Sabiex jinbnew sinerġiji territorjali, il-pjanijiet komplementari jikkontemplaw il-parteċipazzjoni ta' diversi reġjuni fi programmi, bil-possibbiltà li jipparteċipaw f'diversi programmi. Għalhekk, huwa possibbli li jiġu inklużi u sfruttati kapaċitajiet reġjonali speċifiċi f'diversi pjanijiet. Il-pjanijiet għandhom idumu sentejn jew tliet snin, u għandhom jeħtieġu impenji ta' kofinanzjament mir-reġjuni.

L-azzjonijiet taħt dan l-investiment għandhom jinkludu l-iffirmar ta' tmien ftehimiet finanzjarji bejn il-Ministeru tax-Xjenza u l-Innovazzjoni u r-reġjuni.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 2 (C17.I2): It-tisħiħ tal-kapaċità, l-infrastruttura u t-tagħmir tas-Sistema tal-Istat għax-Xjenza, it-Teknoloġija u l-Innovazzjoni

Dan l-investiment għandu jiffoka fuq il-forniment, it-titjib u l-aġġornament tat-tagħmir xjentifiku tekniku u l-infrastruttura tas-sistema R & D & ampI, sabiex tiġi ffaċilitata riċerka eċċellenti u tittejjeb il-kompetittività tas-sistema.

Dan l-investiment għandu jappoġġa l-infrastruttura u t-tagħmir tas-settur tax-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni permezz ta' sejħiet għal propositi. L-investiment għandu jiffinanzja wkoll ir-restawr, l-aġġornament jew l-infrastruttura nazzjonali strateġika ġdida bħal: infrastruttura tal-faċilità ta' bijosikurezza tal-livell 3 biex tilqa' l-isfidi l-ġodda ta' patoġeni trażmissibbli, il-bini ta' pjanta fitoġenetika ġdida, il-ħolqien ta' Ċentru ġdid għal Attiċi Avanzati, u t-titjib tal-infrastruttura tas-Centro de Investigaciones Energéticas, Medioambientales y Tecnológicas (CIEMAT) bl-infrastruttura meħtieġa biex titwettaq riċerka dwar l-enerġija rinnovabbli. Azzjonijiet speċifiċi taħt dan l-investiment li għandhom jiġu appoġġati jinkludu Infrastrutturi Xjentifiċi Kbar ibbażati fi Spanja, b'mod partikolari dawk inklużi fil- "Mappa ta' Infrastrutturi Xjentifiċi u Tekniċi Uniċi" (ICTS) (*Mapa de Infraestructuras Científicas y Técnicas Singulares*). Barra minn hekk, l-investiment għandu jappoġġa infrastrutturi Ewropej u internazzjonali bħal CERN u Deep Underground Neutrino Experiment, fost l-oħrajn.

Barra minn hekk, l-investiment jinkludi sensiela ta' sejħiet għal għotjiet biex tissaħħaħ il-kapaċità ta' internazzjonalizzazzjoni tas-sistema Spanjola tar-R & D & ampI, inkluż: call for European Project Management, call for Europe Research 2020, call for Europe Excellence 2020, 2022 and 2023. L-investiment jipprevedi wkoll id-diġitalizzazzjoni tal-ġestjoni tar-riċerka u l-iżvilupp.

L-azzjonijiet taħt dan l-investment għandhom isiru b'sejħiet għal proposti u investment pubbliku dirett.

Barra minn hekk, fil-qafas tal-*Proġett Strateġiku għaċ-Ċipep għall-Irkupru u t-Trasformazzjoni Ekonomika* (PERTE Chip), l-investimenti għandhom jappoġġaw proġetti ta' żvilupp tar-riċerka u innovazzjoni fil-katina tal-valur tas-setturi tas-semikondutturi u tal-mikroeletronika. B'mod speċifiku, għandhom isiru investimenti fil-konstruzzjoni, iż-żieda tal-erja tal-wiċċ, it-tisħiħ tal-infrastruttura u t-tagħmir eżistenti fil-qasam tal-kmamar nodfa (iċ-Ċentru Nazzjonali tal-Mikroeletronika tas-CSIC, u l-Infrastruttura Xjentifika u Teknika Unika (ICTS) Distribwita MICRONANOFABS), u f'azzjonijiet biex jissaħħu l-kapaċitajiet fil-qasam tas-semikondutturi assoċjati mas-supercomputing (Mare Nostrum 5, in-Network Spanjol tas-Superkompjuters (RES) u n-Network Nazzjonali tal-Komunikazzjoni għall-Edukazzjoni u r-Riċerki (RedIRIS), kif ukoll il-kontribuzzjoni Spanjola lill-Impriża Konġunta għall-Ftehim Qafas ta' Sħubija għall-iżvilupp ta' Inizjattiva Ewropea fuq skala kbira għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja b'ekosistema bbażata fuq RISC-V.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

Investiment 3 (C17.I3): Proġetti privati, interdixxiplinari, pubbliċi ġodda ta' R &I, testijiet kunċettwali u l-għoti ta' għajnuna bħala riżultat ta' sejħiet kompetittivi internazzjonali. Riċerka u Żvilupp avvanzati mmirati lejn l-isfidi tas-soċjetà. Akkwist pubbliku prekummerċjali

L-oġettiv tal-azzjonijiet taħt dan l-investment huwa li jissaħħu l-ġenerazzjoni tal-għarfien, it-trasferiment tal-għarfien u s-sħubijiet pubbliċi-privati fir-R &I. Permezz tal-azzjonijiet taħt dan l-investment, għandha tiżdied l-attività tar-riċerka u l-innovazzjoni fis-settur privat, u għandha tissaħħa il-kollaborazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet pubbliċi tar-riċerka u s-settur privat. Il-miżura tfittex ukoll li żżid l-attività tar-R &I oqsma strateġiċi, bħat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, kif ukoll li żżid l-internazzjonalizzazzjoni tal-gruppi ta' riċerka Spanjoli.

Hemm disa' sejħiet għal proposti previsti taħt dan l-investment: 1) sejħa għal *Prova tal-kunċett* għandha tiffinanzja proġetti fl-istadji bikrija tal-iżvilupp prekompetittiv biex titħaffef it-trasformazzjoni tal-għarfien xjentifiku fi prodotti jew servizzi, 2) sejħa għal *Proġetti Interdixxiplinari* għandha tiffinanzja proġetti minn konsorzji pubbliċi-privati li jtejbju l-kompetittività Spanjola tar-R &I, 3) sejħa għal *proġetti tar-R &I* marbuta mat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali 4) sejħa għal *Proġetti ta' Kollaborazzjoni Pubblika-Privata* biex jiffinanzjaw proġetti b'livell oġġla ta' tħejjija teknoloġika mmirata lejn il-kisba ta' eżiti qrib is-suq, 5) sejħa għal *Proġetti ta' Kollaborazzjoni Internazzjonali* biex jiffinanzjaw proġetti ta' riċerkaturi pubbliċi Spanjoli li huma parti minn proġetti magħżula għall-finanzjament minn Orizzont 2020 u Sħubijiet ta' Orizzont Ewropa, 6) sejħa għar-riċerka u l-iżvilupp biex jiġu mmirati l-isfidi tas-soċjetà inkluż pereżempju enerġija sigura, effiċjenti u nadifa jew iċ-ċibersigurtà, 7) sejħa għall-finanzjament tal-akkwist pubbliku prekummerċjali, 8) sejħa għal proġetti tar-R &I fil-qasam tas-semikondutturi ("Missjonijiet għax-Xjenza u l-Innovazzjoni marbuta maċ-Ċipep PERTE"), u 9) sejħa għal provi tal-kunċett fil-qasam tas-semikondutturi marbuta maċ-Ċipep PERTE.

L-investimenti taħt din il-miżura għandhom isiru matul il-perjodu 2020–2026, b'sejħiet għal proposti u akkwist pubbliku prekummerċjali li għandhom jiġu kkonċentrati fil-perjodu 2020–2025, u bl-implimentazzjoni ta' xi wħud mill-aktar investimenti kumplessi li jestendu sal-2026.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika “Bla ħsara sinifikanti” (2021/C58/01), il-kriterji ta’ eliġibbiltà li jinsabu f’termini ta’ referenza għal sejħiet għal proġetti li ġejjin għandhom jeskludu l-lista ta’ attivitajiet li ġejja: (I) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream¹⁶²; (II) attivitajiet taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta’ Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksibu emissjonijiet ta’ gassijiet serra proġettati li ma jkunux inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti¹⁶³; (III) attivitajiet relatati ma’ miżbliet tal-iskart, incineraturi¹⁶⁴ u impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku¹⁶⁵; u (iv) attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista’ jikkawża ħsara lill-ambjent. It-termini ta’ referenza għandhom jirrikjedu wkoll li jistgħu jintgħażlu biss attivitajiet li jikkonformaw mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

L-azzjonijiet R & Ili ġejjin taħt dan l-investiment għandhom jitqiesu konformi mal-Gwida Teknika “La tagħmilx ħsara sinifikanti” (2021/C58/01): (I) dawk l-azzjonijiet tar-R & I taħt dan l-investiment li jirriżultaw f’eżiti teknoloġikament newtrali fil-livell tal-applikazzjoni tagħhom; (II) dawk l-azzjonijiet tar-R & I taħt dan l-investiment li jappoġġaw alternattivi b’impatti ambjentali baxxi li għalihom dawn jeżistu; jew (iii) dawk l-azzjonijiet tar-R & I taħt dan l-investiment li huma primarjament iffukati fuq l-iżvilupp ta’ alternattivi bl-inqas impatti ambjentali possibbli fis-settur għal dawk l-attivitajiet li għalihom ma teżisti l-ebda alternattiva teknoloġikament u ekonomikament fattibbli b’impatt baxx.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta’ Ġunju 2023.

Investiment 4 (C17.I4): Karriera xjentifika ġdida

L-oġettiv ta’ dan l-investiment huwa li jippromwovi karriera xjentifika stabbli. Hija marbuta mas-C17.R1. Il-liġi aġġornata dwar ix-Xjenza għandha tinkorpora karriera xjentifika ġdida fi Spanja, li għandha ttipprovdi qafas għall-persunal kollu tar-riċerka, inkluż il-persunal universitarju. Is-sistema għandha ttipprovdi trasparenza fil-ħatra tal-persunal, flessibbiltà, mobbiltà u stabbiltà fil-karriera tar-riċerka.

L-appoġġ għandu jieħu l-forma ta’ għotjiet, li għandhom jingħataw permezz ta’ sejħiet kompetittivi fil-programmi li ġejjin: 1) għotja għal *Doctores Industriales*, programm ta’ erba’ snin għal studenti tal-PhD fil-kumpanija (56 post), 2) għotja *Torres Quevedo*, programm ta’ tliet snin għar-riċerkatur tal-PhD fil-kumpanija (mill-inqas 148 post), 3) għotja ta’ *Taħriġ Juan de la Cierva*, programm ta’ sentejn għal PhDs f’istituzzjonijiet akkademiċi, dan jinkludi għotja għall-mobbiltà (973 post), u 4) għotja ta’ *Juan de la Cierva Incorporation*, programm ta’ tliet snin għal PhD f’istituzzjonijiet

¹⁶² Ħlief proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll infrastruttura relatata ta’ trażmissjoni u distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika “La tagħmilx ħsara sinifikanti” (2021/C58/01).

¹⁶³ Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta’ gassijiet serra proġettati li mhumx sostanzjalment anqas mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta’ Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

¹⁶⁴ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f’impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta’ skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta’ materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f’żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f’estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

¹⁶⁵ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f’impjanti ta’ trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta’ operazzjonijiet ta’ riċiklaġġ ta’ skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f’żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f’estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

akkademiċi, jinkludi għotja għar-riċerka (843 post). Din il-miżura tinkludi wkoll pakkett ta' negozji ġodda ta' riċerka għal 790 riċerkatur b'kuntratti stabbli f'istituzzjonijiet akkademiċi jew organizzazzjonijiet pubbliċi tar-riċerka kif ukoll pakkett speċifiku ta' negozji ġodda ta' riċerka għal 26 riċerkatur fil-qasam tal-mikroelettronika u s-semikondutturi. L-azzjonijiet taħt dan l-investiment iseħħu b'sejħiet għal għotjiet kompetittivi.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

Investment 5 (C17.I5): Trasferiment tal-għarfien

L-oġġettiv ta' dan l-investiment huwa li jippromwovi t-trasferiment tat-teknoloġija u jappoġġa t-trasferiment tar-riżultati tar-riċerka dwar teknoloġiji innovattivi. Dan l-investiment huwa marbut mar-riforma C17.R1; il-liġi aġġornata dwar ix-Xjenza għandha tappoġġa t-trasferiment tal-għarfien billi tteġġeg il-mobbiltà tar-riċerkaturi, toħloq mezz legali flessibbli biex isir koinvestiment f'negozji ġodda teknoloġiċi, u ssawwar mill-ġdid l-istruttura tal-inċentivi sabiex it-trasferiment tal-għarfien ikun rikonoxxut kif xieraq fir-remunerazzjoni tar-riċerkatur, flimkien mal-attività ta' riċerka tradizzjonali.

Dawn il-miżuri jinkludu sitt azzjonijiet speċifiċi biex itejbu t-trasferimenti tal-għarfien: 1) sejħa għal "Ekosistemi ta' innovazzjoni bbażati fuq in-Networks ta' Eċċellenza ta' *Cervera*", 2) titjib tal-kapaċitajiet u l-orjentazzjoni tal-Uffiċċji ta' Trasferiment tar-Riżultati tar-Riċerka, 3) sejħiet għal Għotjiet ta' *Cervera* lil ċentri tat-teknoloġija, ċentri ta' riċerka u SMEs u kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja biex iwettqu R & Df teknoloġiji ta' prijorità, 4) sejħa għal appoġġ lill-SMEs Spanjoli bis-siġill Ewropew ta' eċċellenza, 5) appoġġ ta' kapital ta' riskju biex jikkoinvestu u jinvestu f'kumpaniji b'teknoloġiji strateġiċi permezz ta' fond ta' trasferiment tat-teknoloġija u 6) appoġġ lil NEOTEC, programm qafas tar-R & Dli għaddej biex jappoġġa l-ħolqien u l-konsolidazzjoni ta' kumpaniji bbażati fuq it-teknoloġija.

L-azzjonijiet taħt dan l-investiment għandhom isiru prinċipalment b'sejħiet għal proposti.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "Bla ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu f'termini ta' referenza għal sejħiet għal proġetti li ġejjin għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejja: (I) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream¹⁶⁶; (II) attivitajiet taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li ma jkunux inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti¹⁶⁷; (III) attivitajiet relatati ma' miżbliet tal-iskart, inċineraturi¹⁶⁸ u impjanti tat-trattament

¹⁶⁶ Ħlief proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll infrastruttura relatata ta' trażmissjoni u distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

¹⁶⁷ Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li mhumieq sostanzjalment anqas mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwieg possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

¹⁶⁸ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-eġżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

mekkaniku u bijoloġiku¹⁶⁹; u (iv) attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent. It-termini ta' referenza għandhom jirrikjedu wkoll li jistgħu jintgħażlu biss attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

L-azzjonijiet R & I li għejjin taħt dan l-investiment għandhom jitqiesu konformi mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01): (I) dawk l-azzjonijiet tar-R & I taħt dan l-investiment li jirriżultaw f'eżiti teknoloġikament newtrali fil-livell tal-applikazzjoni tagħhom; (II) dawk l-azzjonijiet tar-R & I taħt dan l-investiment li jappoġġaw alternattivi b'impatti ambjentali baxxi li għalihom dawn jeżistu; jew (iii) dawk l-azzjonijiet tar-R & I taħt dan l-investiment li huma primarjament iffukati fuq l-iżvilupp ta' alternattivi bl-inqas impatti ambjentali possibbli fis-settur għal dawk l-attivitajiet li għalihom ma teżisti l-ebda alternattiva teknoloġikament u ekonomikament fattibbli b'impatt baxx.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 6 (C17.I6): Is-saħħa

L-oġġettiv ta' dan l-investiment huwa li jrawwem l-iżvilupp tar-riċerka u l-innovazzjoni fis-settur tas-saħħa. Il-miżura tinkludi l-linji ta' azzjoni li għejjin:

- 1) investiment fil-qasam ta' terapiji avvanzati, mediċini emerġenti u mediċina personalizzata,
- 2) miżuri biex jissaħħu l-kapaċitajiet strateġiċi u l-internazzjonalizzazzjoni tas-Sistema Nazzjonali tas-Saħħa,
¹⁸⁷ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f’impjanti ta’ trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta’ operazzjonijiet ta’ riċiklaġġ ta’ skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f’żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f’estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

¹⁸⁸ Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet proġettati ta’ gassijiet serra li ma jkunux ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta’ Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447

¹⁸⁹ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f’impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta’ skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta’ materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f’żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f’estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

¹⁹⁰ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f’impjanti ta’ trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta’ operazzjonijiet ta’ riċiklaġġ ta’ skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f’żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f’estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
L67	C17.I10	T	Investiment f'appoġġ ta' ekwità fis-settur tas-saħħa		EUR (miljuni)	0	27	Q-3	2026	Żborż ta' EUR 27 000 000 minn Innvierte f'kumpaniji innovattivi u teknoloġiċi fis-settur tas-saħħa bħala ekwità jew kważi ekwità. L-evalwazzjoni tal-proġetti taħt dan l-investiment għandha tiżgura l-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) kif stabbilit fid-deskrizzjoni tal-miżura.
L68	C17.I10	T	Impenn ta' fondi fil-forma ta' self għall-appoġġ tas-setturi tas-saħħa u tal-ajruspazju		EUR (miljuni)	0	181.6	Q-4	2024	Impenn mis-CDTI ta' EUR 181 600 000 f'self għal investimenti fir-R &I, l-iskalar industrijali, il-modernizzazzjoni tal-proċessi tal-manifattura, u l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji ekoloġiċi fis-settur tas-saħħa u tal-ajruspazju.
L69	C17.I10	T	Żborż ta' fondi fil-forma ta' self biex jiġu appoġġati s-setturi tas-saħħa u tal-ajruspazju		EUR (miljuni)	0	461.7	Q-3	2026	Żborż minn CDTI ta' EUR 461 700 000 f'self għal investimenti fir-R &I, l-iskalar industrijali, il-modernizzazzjoni tal-proċessi tal-manifattura, u l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji ekoloġiċi fis-settur tas-saħħa u tal-ajruspazju.
L70	C17.I10	T	It-titjib tal-kapaċitajiet tar-R &D tas-Sistema Nazzjonali tas-Saħħa.		Numru	0	4	Q-3	2026	Finalizzazzjoni tal-proġetti ta' investiment għat-titjib tal-kapaċitajiet ta' riċerka u żvilupp teknoloġiku ta' mill-inqas erba' Ċentri ta' Riċerka tas-Sistema Nazzjonali tas-Saħħa.

R. IL-KOMPONENT 18: RINNOVAZZJONI U ESTENSJONI TAL-KAPAĊITAJIET TAS-SISTEMA NAZZJONALI TAS-SAĦĦA

Il-kriżi tas-saħħa wriet is-saħħa tas-sistema tas-Saħħa Nazzjonali Spanjola, iżda kixfet ukoll id-diffikultajiet li qed tiffaċċja biex tittratta sitwazzjonijiet li jeħtieġu antiċipazzjoni, rispons rapidu u koordinazzjoni kif ukoll il-ħtieġa li jiġu kkoreġuti l-problemi strutturali eżistenti relatati max-xejriet demografiċi, soċjali, teknoloġiċi jew ekonomiċi. Dan il-komponent tal-pjan Spanjol għall-irkupru u r-reżiljenza għandu jindirizza l-isfidi li ġejjin: i) il-vulnerabbiltà għall-kriżi tas-saħħa globali, ii) it-trasformazzjoni tas-sistema tas-saħħa minħabba popolazzjoni li qed tixjieħ, iii) l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u iv) is-sostenibbiltà u r-reżiljenza fit-tul tas-sistema.

L-għanijiet ta' dan il-komponent huma:

- Tħejji s-sistema tas-saħħa biex tipprevjeni u tindirizza t-theddid globali potenzjali għas-saħħa bħall-pandemija attwali tal-COVID-19 billi żżid il-kapaċitajiet tas-saħħa pubblika u s-sistemi ta' sorveljanza epidemjoloġika.
- Jipprovdu servizz tas-saħħa bl-ogħla veloċità, kwalità u sigurtà, irrispettivament mir-riżorsi tal-pazjenti, il-post ta' residenza, is-sess, l-orijini jew l-età tagħhom.
- Inżommu lin-nies fiċ-ċentru tas-sistema tas-saħħa, intejbu l-parteċipazzjoni tagħhom u nfasslu mill-ġdid il-kura tas-saħħa lejn il-ħtiġijiet tan-nies u tal-komunitajiet.
- Żgurar ta' sistemi ta' informazzjoni li jkejlu mhux biss l-attività iżda r-risultati finali tas-saħħa.
- Il-promozzjoni tas-saħħa u l-benesseri b'mod attiv u l-prevenzjoni tal-mard u d-dipendenza tul il-ħajja.
- Jattiraw u jżommu l-aqwa professjonisti li joffrullhom opportunitajiet ta' żvilupp individwali u kollettiv.
- Nimxu lejn Sistema Nazzjonali tas-Saħħa diġitalizzata li tiġġenera informazzjoni u għarfien u li ssaħħaħ ir-riċerka u l-innovazzjoni fil-qasam tas-saħħa, bħala mutur tal-impjiegi, it-tkabbir, il-produttività u l-innovazzjoni.
- Jiġi żgurat finanzjament suffiċjenti u sostenibbli biex jiġi indirizzati l-isfidi l-ġodda tas-saħħa ta' soċjetà moderna u żviluppata, u tiġi żgurata wkoll l-effiċjenza fl-infiq.
- It-tisħiħ u l-iżvilupp tal-koordinazzjoni u l-governanza f'diversi livelli fil-ġestjoni tas-Sistema Nazzjonali tas-Saħħa u t-tisħiħ tal-koeżjoni territorjali. Tippiromwovi b'mod attiv strateġiji biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn is-sessi fis-sistema tas-saħħa.

Dan il-komponent tal-pjan Spanjol għall-irkupru u r-reżiljenza għandu jappoġġa l-indirizzar tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż dwar il-ġlieda effettiva kontra l-pandemija u t-tisħiħ tal-kapaċità u r-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa, fir-rigward tal-ħaddiema tas-saħħa u l-prodotti u l-infrastruttura mediċi essenzjali (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 2020) u l-appoġġ għall-

impjiegi permezz ta' miżuri biex jiġu ppreservati l-impjiegi, inċentivi effettivi għar-reklutaġġ u l-iżvilupp tal-ħiliet (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

R.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma 1 (C18.R1) — Tisħiħ tal-kura primarja u komunitarja

It-tisħiħ tal-kura primarja huwa waħda mill-aktar sfidi tas-saħħa importanti li Spanja qed tiffaċċja fis-snin li ġejjin. L-oġettivi ta' din ir-riforma huma li toffri rispons aħjar għall-problemi tas-saħħa emerġenti, ittejjeb l-esperjenza individwali tal-kura għal kulħadd u tipprevjeni l-mard u żżid ir-rwol tal-kura primarja.

Ir-riforma għandha tikkonsisti fit-tnejn u l-implimentazzjoni ta' Pjan ta' Azzjoni għall-iżvilupp tal-Qafas Strateġiku għat-Tisħiħ tal-Kura Primarja u Komunitarja adottat mill-Gvern Ċentrali u l-Komunitajiet Awtonomi fl-2019. Il-pjan ta' Azzjoni għandu jkun strutturat madwar linji ta' azzjoni li fihom l-eżekuzzjoni reġjonali tal-proġetti għandha tkun inkwadrata. Dan jinkludi t-titjib tal-proċessi ta' ġestjoni klinika, l-espansjoni u t-tiġdid ta' tagħmir dijanjostiku fiċ-ċentri tas-saħħa, l-iżvilupp tal-IT, it-taħriġ tal-professjonisti jew it-titjib tal-infrastrutturi taċ-ċentri tas-saħħa u s-servizzi tas-saħħa u tal-emerġenza. Il-pjan ta' Azzjoni għandu jiġi approvat mill-Kunsill Interterritorjali. L-implimentazzjoni tiegħu mhux se tiġi ffinanzjata mill-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Riforma 2 (C18.R2) — Riforma tas-sistema tas-saħħa pubblika

Ir-riforma għandha l-għan li tistabbilixxi qafas ġenerali u integrat għall-forniment tas-saħħa pubblika. Dan jikkonsisti fl-iżvilupp ta' sistema tas-saħħa pubblika aktar ambizzjuża, aktar integrata u artikolata aħjar permezz tal-azzjonijiet li ġejjin:

- Strateġija dwar is-Saħħa Pubblika li għandha tistabbilixxi qafas ġenerali u integrat li se jitqies fil-politiki kollha tas-saħħa pubblika u għandu jkollu durata ta' ħames snin, b'evalwazzjonijiet interim kull sentejn li fihom għandu jiġi analizzat il-grad ta' implimentazzjoni. L-istrateġija għandha tiġi approvata bi qbil mal-Kunsill Interterritorjali tas-Sistema Nazzjonali tas-Saħħa.
- Network ta' Sorveljanza tas-Saħħa Pubblika u Ċentru Statali ġdid għas-Saħħa Pubblika, li għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' Liġi jew Digriet Irjali tal-Gvern.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Riforma 3 (C18. R3) — It-tisħiħ tal-koeżjoni, tal-ekwità u tal-universalità

L-għan ta' din ir-riforma huwa li ssaħħa aktar l-aċċess għall-kura tas-saħħa universali fi Spanja, l-ugwaljanza fl-aċċess għall-kura tas-saħħa u l-koeżjoni fil-kura tas-saħħa bejn it-territorji differenti tal-pajjiż. Ir-riforma tikkonsisti fi tliet pilastri:

- Il-liġi dwar l-Ekwità, il-Kompetittività u l-Koeżjoni tas-Sistema Nazzjonali tas-Saħħa. L-għanijiet tal-liġi huma: I) jiġi żgurat l-aċċess għall-kura tas-saħħa għal kulħadd, ii) jiġu integrati r-rappreżentanti tal-pazjenti fil-korpi ta' governanza tas-Sistema tas-Saħħa Nazzjonali Spanjola, iii) jiġi limitat l-użu ta' kopagamenti ġodda, iv) tinbidel id-definizzjoni tal-benefiċċji soċjali u tas-saħħa fil-portafoll tas-servizzi tas-Sistema Nazzjonali tas-Saħħa, v) tiġi żgurata l-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet tas-saħħa u daww soċjali, vi) tiġi introdotta valutazzjoni tal-impatt għall-bidliet regolatorji kollha fil-qasam u vii) jiġi riformat l-użu tal-farmaċewtiċi fis-Sistema Nazzjonali tas-Saħħa. Din il-liġi għandha tkun akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt fil-fond li tesplora wkoll l-effetti tagħha fuq is-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi u għandha ssir pubblika.
- L-orjentazzjoni mill-ġdid ta' kura kumplessa ħafna fis-sistema tas-saħħa billi jiġi kkonsolidat u żviluppat in-network ta' punti fokali (CSURs) u tiġi ordnata mill-ġdid kura kumplessa ħafna mhux CSUR.
- Iżżid il-portafoll komuni tas-servizzi tas-saħħa pubblika. Din ir-riforma għandha tespandi u ttejjeb is-servizzi tal-portafoll komuni mal-kura dentali, il-mediċina ġenomika, il-kura ortopedika u prostetika u l-kura preventiva.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Riforma 4 (C18. R4) — It-tisħiħ tal-ħiliet professjonali u t-tnaqqis tal-impjeg temporanju

L-għan tar-riforma huwa li tindirizza n-nuqqasijiet ta' infermiera u tobba, tnaqqas l-użu ta' kuntratti temporanji, ittejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol u ttejjeb it-taħriġ u l-iżvilupp professjonali.

Ir-riforma għandha tkopri żewġ oqsma:

1. L-emenda tal-liġi li tirregola l-ħaddiema tal-kura tas-saħħa fi Spanja (Statut Qafas għall-Persunal Statutorju tas-Servizzi tas-Saħħa) sabiex jitnaqqas l-impjeg temporanju. Fil-proċess tal-emendar tal-Liġi, għandhom isiru rapporti dwar l-impatt ekonomiku tagħha u, b'mod partikolari, dwar l-effetti fit-tul tal-Liġi dwar is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. L-emenda għandha tkun ikkomplementata minn regoli legalment vinkolanti oħra u miżuri ta' akkumpanjament biex:
 - i. Jiġi żgurat l-użu ta' professjonisti f'ċerti żoni ġeografiċi li mhumix moqdiya biżżejjed permezz ta' miżuri ta' inċentiv.
 - ii. Ittejjeb l-ambjent u l-kundizzjonijiet tax-xogħol permezz ta' miżuri li jikkontribwixxu għall-iżvilupp professjonali u jżommu t-talent fis-sistema Spanjola, b'titjib mhux biss fil-kundizzjonijiet ekonomiċi, iżda wkoll billi jinfetħu possibbiltajiet fl-aspetti tal-kura tas-saħħa, tat-tagħlim u tar-riċerka.
2. Id-dħul fis-seħħ ta' Digriet Irjali biex ittejjeb is-sistema speċjalizzata tat-taħriġ tas-saħħa. Id-digriet Irjali għandu jirregola t-taħriġ trasversali fi speċjalizzazzjonijiet tax-xjenzi tas-saħħa, oqsma speċifiċi ta' taħriġ u l-proċedura għall-validazzjoni u r-rikonoxximent ta' kwalifiki speċjalizzati fix-xjenzi tas-saħħa.

Din ir-riforma hija relatata mar-Riforma 1 fil-Komponent 11 (C11.R1).

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Riforma 5 (C18.R5) — Riforma tar-regolamentazzjoni tal-mediċini u titjib tal-aċċess għall-mediċini

L-għan ewlieni ta' din ir-riforma huwa li taġġorna l-qafas regolatorju Spanjol għall-prodotti mediċinali u l-apparat mediku billi temenda l-Liġi dwar il-garanziji u l-użu razzjonali ta' prodotti mediċinali u apparati mediċi (id-Digriet Leġiżlattiv Irjali 1/2015, tal-24 ta' Lulju), li hija l-leġiżlazzjoni li bħalissa tistabbilixxi l-qafas regolatorju rilevanti fi Spanja. B'mod partikolari, is-sistema trid tiġi adattata biex tlaħħaq ma' żviluppi xjentifiċi fixkiela ġodda, biex tapprofondixxi l-miżuri biex tirazzjonalizza l-infiq farmaċewtiku, biex tinċentiva l-użu razzjonali tal-mediċini u biex tagħmel bidliet fid-dawl tal-esperjenza matul il-pandemija. Fil-proċess tal-abbozzar tal-Liġi, għandhom isiru rapporti dwar l-impatt ekonomiku tagħha u, b'mod partikolari, dwar l-effetti fit-tul tal-Liġi dwar is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Investiment 1 (C18.I1) — Pjan ta' investiment għal tagħmir ta' teknoloġija avvanzata fis-Sistema Nazzjonali tas-Saħħa

Spanja għandha livell ta' obsolexxenza ta' tagħmir oġġet mill-medja Ewropea u livell medju aktar baxx ta' densità ta' tagħmir għal kull abitant, iżda b'xi eċċezzjonijiet bħall-iskanners tal-MRI. Id-distribuzzjoni ġeografika tat-tagħmir hija wkoll żbilanċjata. L-oġġettiv ta' dan l-investiment huwa li jiġġedded it-tagħmir eżistenti u li Spanja tiġi pprovduta b'tagħmir mediku addizzjonali ta' teknoloġija avvanzata.

L-investiment għandu jkopri:

- It-tiġdid tat-tagħmir minhabba l-obsolexxenza.
- L-espansjoni tal-istokk ta' tagħmir biex jiġu bbilanċjati d-differenzi interreġjonali u progressivament tintlaħaq il-medja tal-Unjoni Ewropea f'termini tan-numru għal kull miljun abitant, b'enfasi partikolari fuq żoni tat-territorju Spanjol li mhumiex moqdiya biżżejjed għal kull abitant meta mqabbla mal-medja nazzjonali.

Il-pjan għandu jinkludi t-tipi ta' tagħmir li ġejjin: aċċeleraturi lineari, tomografija assjali kompjuterizzata (CAT), inklużi aċċeleraturi tal-ippjanar; reżonanza manjetika, tomografija b'emissjoni ta' positron (PET), tomografija b'emissjoni ta' positron u CAT (PET-CAT), kamra gamma, tagħmir ta' braqujoterapija diġitali, anġografija vaskulari, anġografija neworadjoloġika u kmamar emodinamiċi.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2023.

Investiment 2 (C18.I2) — Azzjonijiet għat-tisħiħ tal-prevenzjoni u l-promozzjoni tas-saħħa

Dan l-investiment għandu l-għan li jsaħħaħ il-kura preventiva. Tiffoka b'mod partikolari fuq il-promozzjoni ta' stili ta' ħajja u ambjenti tajbin għas-saħħa. Għandu jkopri oqsma bħal dawn li ġejjin: il-ġlieda kontra t-tipjip, il-prevenzjoni tal-konsum tal-alkoħol, il-promozzjoni tas-saħħa mentali, il-promozzjoni ta' ambjenti ta' għajxien u stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa, il-pjan ta' reżistenza antimikrobika, u l-prevenzjoni tal-kanċer, inkluż it-tixrid tal-kodiċi Ewropew kontra l-kanċer.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Investiment 3 (C18.I3) — Aktar kapaċitajiet ta' rispons għall-kriżijiet tas-saħħa

Il-pandemija enfasizzat il-ħtieġa li jissaħħu l-kapaċitajiet għas-sorveljanza, l-identifikazzjoni bikrija u r-rispons rapidu għal sitwazzjonijiet kritiċi kif ukoll il-ħtieġa li jissaħħu l-kapaċitajiet tal-laboratorji u tal-istituzzjonijiet tas-saħħa. Dan l-investment għandu jikkonsisti f' sett ta' azzjonijiet immirati biex iżidu l-kapaċità ta' rispons għal kriżijiet tas-saħħa futuri:

1. Tagħmir għaċ-Ċentru tas-Saħħa Pubblika tal-Istat il-ġdid;
2. Is-sistema ta' Informazzjoni dwar is-Sorveljanza tas-Saħħa Pubblika, li għandha tespandi, ittejjeb u tintegra s-sistemi ta' informazzjoni eżistenti għall-mard komunikabbli u mhux komunikabbli fi Spanja;
3. It-tlestija tal-Isptar Universitarju ta' Melilla u l-kostruzzjoni tal-bini l-ġdid taċ-Ċentru Nazzjonali tad-Dosimetrija;
4. Iż-żieda fil-kapaċità tal-laboratorju tal-ittejtjar għal tagħmir protettiv individwali fl-Istitut Nazzjonali għas-Sigurtà u s-Saħħa Okkupazzjonali;
5. It-tisħiħ taċ-Ċentru Nazzjonali għall-Ikel;
6. Investimenti teknoloġiċi fl-Aġenzija tal-Mediċini u l-Organizzazzjoni Nazzjonali tat-Trapjanti;
7. Valutazzjoni tal-prestazzjoni tas-Sistema Nazzjonali tas-Saħħa matul il-pandemija.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 4 (C18.I4) — Taħriġ tal-professjonisti tas-saħħa u riżorsi għall-kondiviżjoni tal-għarfien, u t-titjib tat-trattament tal-pazjenti b'mard rari

Dan l-investment għandu l-għan li jsaħħaħ il-ħiliet u l-kompetenzi tal-professjonisti tas-saħħa, b'enfasi partikolari fuq it-taħriġ marbut mar-riformi u l-investimenti ta' dan il-komponent tal-pjan Spanjol għall-irkupru u r-reżiljenza. Għandha wkoll l-għan li tippromwovi għodod li jippermettu lill-professjonisti tas-saħħa jaqsmu l-għarfien sabiex itejbu l-koordinazzjoni u l-kwalità tal-kura tas-saħħa, inkluż dwar oqsma ta' prijetà koperti minn dan il-Komponent. Għandha wkoll l-għan li ttejjeb it-trattament ta' pazjenti b'mard rari.

L-investment għandu jkopri ħames oqsma:

- Taħriġ kontinwu fl-oqsma li ġejjin: l-użu tat-teknoloġiji tas-saħħa u tas-sistemi tal-informazzjoni, is-sorveljanza tas-saħħa pubblika u l-epidemjoloġija, is-sikurezza tal-pazjenti u dik professjonali, l-użu razzjonali tar-riżorsi dijanjostiċi u terapewtiċi, id-detezzjoni bikrija tal-kanċer, is-saħħa mentali, is-saħħa ambjentali, il-prevenzjoni tal-fatturi ta' riskju, id-detezzjoni bikrija tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru, id-detezzjoni bikrija tal-abbuż tat-tfal, il-bijoetika, il-kura fi tmiem il-ħajja, il-komunikazzjoni klinika, il-mediċina bbażata fuq l-evidenza, il-ħidma f'tim, il-metodoloġija tar-riċerka, l-iżvilupp tal-ħiliet maniġerjali ta' daww responsabbli għaċ-ċentri tas-saħħa, it-taħriġ ta' tuturi ta' taħriġ speċjalizzat dwar is-saħħa u t-taħriġ għall-evalwaturi tal-edukazzjoni kontinwa.

- L-istabbiliment ta' sistema għall-valutazzjoni u l-akkreditazzjoni tal-ħiliet mhux regolati miksuba mill-professjonisti tas-Sistema Nazzjonali tas-Saħħa
- Għodod kollaborattivi biex jiġu ttrattati kundizzjonijiet kumplessi ħafna.
- L-iżvilupp ta' mmappjar kompjuterizzat biex jiġu viżwalizzati r-riżorsi u s-servizzi kondiviżi għall-kura bikrija u l-mediċina ġenomika fi Spanja.
- It-tlestija ta' proġetti pilota biex is-Sistema tas-Saħħa Nazzjonali tiġi mġammra b'kapaċitajiet, infrastruttura, tagħmir u sistemi ta' informazzjoni interoperabbli biex jiġi ffaċilitat it-titjib tal-kura tas-saħħa għal pazjenti b'mard rari.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 5 (C18.I5) — Pjan għar-razzjonalizzazzjoni tal-konsum tal-farmaċewtiċi u l-promozzjoni tas-sostenibbiltà, u l-espansjoni tal-portafoll tas-servizzi ġenomiċi fis-Sistema Nazzjonali tas-Saħħa

Dan l-investment għandu jikkonsisti fl-implimentazzjoni ta' pjan għar-razzjonalizzazzjoni tal-użu tal-mediċini u tal-apparat mediku. Il-pjan għandu l-għan li jikseb l-oġettivi li ġejjin:

- l-użu ta' prodotti mediċi biss fejn ikunu meħtieġa u, jekk jintużaw, l-użu ta' dawg li huma l-aktar kosteffettivi;
- it-tnaqqis tal-polifarmaċija (aktar minn ħames mediċini) u l-użu bla bżonn tal-mediċini;
- tnaqqas l-inċertezza klinika assoċjata ma' mediċini ġodda billi żżid l-għarfien xjentifiku, ittejjeb l-informazzjoni disponibbli u tnaqqas l-inċertezza finanzjarja.
- l-espansjoni tal-portafoll tas-servizzi ġenomiċi fis-Sistema Nazzjonali tas-Saħħa

Il-pjan jinkludi l-ħolqien jew l-iżvilupp ulterjuri ta' tliet sistemi biex ittejjeb l-evalwazzjoni tad-drogi u t-teknoloġiji tas-saħħa fi Spanja:

1. Il-ħolqien tan-Netwerk għall-Evalwazzjoni tal-Mediċini fis-Sistema Nazzjonali tas-Saħħa: Għandha tiġi żviluppata pjattaforma teknoloġika għall-ġestjoni u l-kondiviżjoni tar-Rapporti dwar il-Valutazzjoni u l-Pożizzjonament tal-Mediċini (li janalizzaw il-valur miżjud ta' mediċini ġodda abbażi tal-kosteffettività tagħhom) fl-istadji differenti tal-iżvilupp tagħhom.
2. L-espansjoni tas-sistema tal-Mediċini b'Impatt Għoli (VALTERMED). Din l-għodda hija bbażata fuq regjistru ta' data amministrattiva, klinika u terapewtika biex jiġi traċċat u analizzat l-istatus inizjali u l-evoluzzjoni tal-pazjenti wara l-bidu tat-trattament farmakoloġiku. L-għan ta' din l-għodda l-ġdida għandu jiġi integrat mas-sistemi ta' informazzjoni tal-Komunitajiet Awtonomi u għandu jinkorpora informazzjoni relatata mal-impatt tal-mediċini fuq il-kwalità tal-ħajja tal-pazjenti.
3. It-twaqqif tan-Netwerk Spanjol tat-Teknoloġiji u l-Kura tas-Saħħa (RedETS). Dan in-network għandu rwol ewlieni fl-ġoti ta' pariri xjentifiċi u tekniċi għat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar l-inkorporazzjoni tat-teknoloġiji u s-servizzi tas-saħħa fil-finanzjament pubbliku. Il-pjattaforma teknoloġika għandha tagħmilha possibbli li jiġu ġestiti u kondiviżi l-prodotti differenti tal-RedETS fl-istadji differenti tal-iżvilupp tagħhom fost l-aġenziji/l-unitajiet tan-Netwerk, u li tiġi mmonitorjata l-konformità mal-iskadenzi definiti għal kull wieħed mill-istadji.

L-investment għandu jinkludi proġetti relatati ma': il-promozzjoni tal-użu ta' mediċini ġeneriċi u bijosimili, l-iżvilupp u l-modernizzazzjoni ta' servizzi u prodotti ortopediċi u prostetiċi, it-taħriġ tal-

professjonisti tas-saħħa dwar l-użu razzjonali tal-mediċini, u soluzzjonijiet biex tingħata spinta lill-innovazzjonijiet fil-prodotti mediċinali.

L-investment għandu jespandi wkoll il-katalgu tal-ittestjar ġenetiku tas-Sistema Nazzjonali tas-Saħħa permezz tax-xiri tat-tagħmir meħtieġ, u l-ħolqien ta' sistema ta' informazzjoni għall-integrazzjoni ta' informazzjoni ġenomika fil-livell nazzjonali.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investment 6 (C18.I6) — lag tad-data dwar is-saħħa

Dan l-investment jikkonsisti fil-ħolqien ta' Lag tad-Data dwar is-Saħħa, li jiġbor informazzjoni minn sistemi ta' informazzjoni differenti, inklużi sistemi reġjonali, bl-għan li tiġi ffaċilitata l-analiżi tal-massa f'ħin reali biex jiġu appoġġati u mtejbja d-dijanjożtika u t-trattament, l-identifikazzjoni tal-fatturi ta' riskju, l-analiżi tax-xejriet, l-identifikazzjoni tax-xejriet, it-tbassir ta' sitwazzjonijiet ta' riskju għas-saħħa u l-ipprogrammar tar-riżorsi biex dawn jiġu indirizzati, inkluż l-użu ta' algoritmi tal-intelliġenza artifiċjali, u arkitetturi ġodda ta' sistemi skalabbli u għodod ġodda għall-ipproċessar u l-identifikazzjoni ta' mudelli.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

R.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Ara t-tabella ta' hawn taħt. Id-data tal-linja bażi għall-indikaturi kollha hija l-1 ta' Frar 2020 sakemm ma jkunx indikat mod ieħor fid-deskrizzjoni tal-azzjoni. L-ammonti fit-tabella ma jinkludux il-VAT.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
273	C18.R1	M	Pjan ta' Azzjoni għall-kura primarja u komunitarja	Approvazzjoni <i>mill-Consejo Interterritorial</i>				Q-4	2021	L-għan ewlieni tal-Pjan ta' Azzjoni huwa li jsaħħa il-Kura Primarja fis-Sistema Nazzjonali tas-Saħħa, sabiex joffri rispons aħjar għall-problemi tas-saħħa emerġenti, itejjeb l-esperjenza individwali tal-kura għal kulħadd, jipprevjeni l-mard u jżid il-kapaċità tal-Kura Primarja biex isolvi l-problemi tas-saħħa.
274	C18.R2	M	Approvazzjoni tal-Istrateġija Spanjola għas-Saħħa Pubblika	Approvazzjoni <i>mill-Consejo Interterritorial Sanidad</i>				Q-2	2022	L-istrateġija tas-Saħħa Pubblika għandha tistabbilixxi l-linji gwida strateġiċi dwar l-azzjonijiet tas-saħħa pubblika fi Spanja kollha. L-oġġettiv tal-istrateġija huwa li tittejjeb is-saħħa tal-popolazzjoni Spanjola billi jiġu stabbiliti l-linji u l-prijoritajiet essenzjali li għandhom jiġu segwiti mill-amministrazzjonijiet tas-saħħa kollha fil-politiki tagħhom ta' promozzjoni, prevenzjoni u protezzjoni tas-saħħa pubblika, f'azzjonijiet dwar gruppi tal-popolazzjoni fil-mira, fl-għoti ta' informazzjoni liċ-ċittadini, fit-taħriġ tal-professionisti u fl-indirizzar tal-ħtiġijiet tagħhom. L-istrateġija għandha tiżgura li s-saħħa pubblika u l-aċċess ugħali għall-kura tas-saħħa jitqiesu fil-politiki pubbliċi kollha u għandha tiffaċilita l-azzjoni intersettorjali f'dan il-qasam. Għandu jkollu tul ta' żmien ta' ħames snin, b'evalwazzjonijiet interim kull sentejn li fihom għandu jiġi analizzat il-grad ta' implimentazzjoni. Dan għandu jinkludi miżuri u azzjonijiet b'rabta mal-oqsma kollha tas-saħħa pubblika li għandhom jiġu implimentati fil-politiki, fil-pjanijiet u fil-programmi tal-amministrazzjonijiet tas-saħħa kollha fi Spanja matul id-durata tal-Istrateġija, sal-iskadenza stabbiliti fl-Istrateġija.
275	C18.R3	M	Il-liġi dwar l-Ekwità, il-Kompetittività u l-Koeżjoni tas-Sistema Nazzjonali tas-Saħħa, u l-orjentazzjoni mill-ġdid ta' kura kumplessa ħafna u ż-żieda fil-portafoll komuni ta' servizzi	Dħul fis-seħħ tal-liġi u approvazzjonijiet <i>mill-Consejo Interterritorial Sanidad</i>				Q-4	2023	L-għanijiet tal-liġi u l-elementi kostitwenti huma: Jiġi żgurat l-aċċess għall-kura tas-saħħa għal kulħadd, jiġu integrati r-rappreżentanti tal-pazjenti fil-korpi ta' governanza tas-Sistema tas-Saħħa Nazzjonali Spanjola, jiġi limitat l-użu ta' kopagamenti ġodda, tinbidel id-definizzjoni tal-benefiċċji soċjali u tas-saħħa fil-portafoll tas-Sistema Nazzjonali tas-Saħħa, tiġi żgurata l-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet tas-saħħa u dawk soċjali, u tiġi introdotta valutazzjoni tal-impatt għall-bidliet regolatorji kollha fil-qasam u, fl-aħħar nett, jiġi riformat l-użu tal-farmaċewtiċi fis-Sistema Nazzjonali tas-Saħħa. Din il-liġi għandha tkun akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt fil-fond li għandha ssir pubblika wkoll, li tesplora wkoll l-effetti tagħha fuq is-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi. Wara l-ftehim <i>tal-Consejo Interterritorial Sanidad</i> , id-dħul fis-seħħ ta' Ordni Ministerjali li jżid il-portafoll komuni tas-servizzi tas-saħħa pubblika billi tal-inqas tespandi u ttejjeb is-servizzi relatati mal-kura

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										dentali, il-mediċina ġenomika, il-kura ortopedika u prostetika u l-kura preventiva. Approvazzjoni <i>mill-Consejo Interterritorial Sanidad</i> tal-konsolidazzjoni u l-iżvilupp tan-netwerk ta' punti fokali u l-ordni mill-ġdid tal-kura mhux ġestita minn daww iċ-Ċentri, is-Servizzi u l-Unitajiet ta' Referenza (CSUR)
276	C18.R4	M	Il-liġi dwar l-Istatut Qafas għall-Persunal tas-Servizz tas-Saħħa Statutorju, miżuri komplementari oħra, u t-titjib tas-sistema speċjalizzata tat-taħriġ tas-saħħa	Dħul fis-seħħ tal-emenda għall-liġi, u dħul fis-seħħ tad-Digriet Irjali				Q-4	2023	L-Istatut Qafas huwa n-norma bażika li tirregola l-aċċess għall-istatus ta' uffiċjal tas-saħħa u jirregola l-provvista ta' postijiet tax-xogħol, il-promozzjoni u l-mobbiltà u l-kundizzjonijiet tax-xogħol. L-emenda għandha l-oġettivi diretti li ġejjin: — Tnaqqas il-kuntratti temporanji. Din il-liġi għandha tkun akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt fil-fond li tesplora wkoll l-effetti tagħha fuq is-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi. L-emenda għandha tkun ikkomplementata minn regoli legalment vinkolanti oħra u miżuri ta' akkumpanjament biex: — Jiġi żgurat l-użu ta' professjonisti f'ċerti żoni ġeografiċi li mhumiex moqdija biżżejjed permezz ta' miżuri ta' inċentiv. — Ittejjeb l-ambjent u l-kundizzjonijiet tax-xogħol permezz ta' miżuri li jikkontribwixxu għall-iżvilupp professjonali u jżommu t-talent fis-sistema Spanjola, b'titjib mhux biss fil-kundizzjonijiet ekonomiċi, iżda wkoll billi jinfetħu l-possibbiltajiet fl-aspetti tal-kura tas-saħħa, tat-tagħlim u tar-riċerka. Dħul fis-seħħ tad-Digriet Irjali biex tittejjeb is-sistema ta' taħriġ tas-saħħa speċjalizzata
277	C18.R5	M	Il-liġi dwar il-garanziji u l-użu razzjonali tal-prodotti mediċi	Dħul fis-seħħ tal-liġi				Q-4	2023	Id-dħul fis-seħħ tal-liġi dwar il-garanziji u l-użu razzjonali tal-prodotti mediċi. Uħud mill-oġettivi ewlenin ta' din ir-riforma legali huma: — Timmodifika s-sistema tal-prezzijiet ta' referenza billi tintroduċi elementi li jżidu l-kompetizzjoni. — Il-konsolidazzjoni tad-distribuzzjoni remota tal-mediċini. — Jippermettu li l-imħażen tal-mediċini taċ-ċentri soċjoekonomiċi jkunu marbuta mas-servizzi tal-ispiżeriji tal-kura primarja. — Timmodifika s-sistema biex tikkalkula l-kontribuzzjoni trimestrali magħmula lis-Sistema Nazzjonali tas-Saħħa mill-manifatturi, l-importaturi u l-fornituri ta' mediċini u prodotti tas-saħħa ffinanzjati b'fondi pubbliċi. — Jiġu ċċarati l-kompetenzi rigward il-kontroll tar-reklamar tad-droga.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										— Timmodifika r-rati applikati mill-Aġenzija tal-Mediċina. — Timmodifika u taġġorna l-proċedura tas-sanzjonar u l-ksur. Din il-liġi għandha tkun akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt fil-fond li tesplora wkoll l-effetti tagħha fuq is-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi.
278	C18.I1	M	Approvazzjoni tal-pjan ta' investiment tat-tagħmir u d-distribuzzjoni tal-fondi	Approvazzjoni <i>mill-Consejo Interterritorial Sanidad</i>				Q-4	2021	Approvazzjoni <i>mill-Consejo Interterritorial tal-pjan</i> u d-distribuzzjoni tal-fondi, li jistabbilixxi mekkaniżmi għall-għoti ta' EUR 796 100 000 ta' għotjiet.
279	C18.I1	T	Installazzjoni ta' apparat ta' tagħmir	—	Numru	0	750	Q-2	2023	Jinstalla mill-inqas 750 apparat ta' tagħmir fil-pajjiż kollu.
280	C18.I2	T	Kampanji u azzjonijiet tas-saħħa pubblika	—	Numru	0	11	Q-4	2023	Twettqu mill-inqas 11 kampanja ta' disseminazzjoni jew skrinjar tas-saħħa pubblika, f'oqsma bħal dawn li ġejjin: il-ġlieda kontra t-tipjip, il-prevenzjoni tal-konsum tal-alkoħol, il-promozzjoni tas-saħħa mentali, il-promozzjoni ta' ambjenti ta' għajxien u stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa, il-pjan ta' reżistenza antimikrobika, u l-prevenzjoni tal-kanċer, inkluż it-tixrid tal-kodiċi Ewropew kontra l-kanċer. Il-kampanji għandhom ikunu mifruxa mal-pajjiż kollu. It-tixrid għandu jsir permezz tar-radju, tal-midja stampata, tal-Internet, tal-kummerċjalizzazzjoni diretta u tal-azzjonijiet ta' barra.
281	C18.I3	M	Sistema ta' Informazzjoni tan-Netwerk għas-Sorveljanza tas-Saħħa Pubblika	Ċertifikat ta' dħul fis-seħħ				Q-4	2025	Sistema ta' monitoraġġ għall-Istat u l-komunitajiet awtonomi (Sistema ta' Informazzjoni tan-Netwerk ta' Sorveljanza tas-Saħħa Pubblika) għandha tkun operattiva biex tippermetti twissija bikrija u rispons rapidu, sabiex jiġu identifikati problemi li jistgħu jkunu ta' riskju għas-saħħa, tinxtered informazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti u tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' kontroll. It-tagħmir għaċ-Ċentru tas-Saħħa Pubblika tal-Istat il-ġdid għandu jinxtara għal valur totali ta' mill-inqas EUR 9.45 miljun. Ix-xiri ta' tagħmir tal-Isptar Universitarju ta' Melilla u l-konstruzzjoni tal-bini l-ġdid taċ-Ċentru Nazzjonali tad-Dosimetrija u x-xiri ta' tagħmir u implimentazzjoni għal sistemi u infrastruttura biex tiżdied il-kapaċità tal-laboratorju tal-ittestjar fl-Istitut Nazzjonali għas-Sigurtà u s-Saħħa Okkupazzjonali, iċ-Ċentru Nazzjonali tal-Ikel, l-Aġenzija għall-Mediċini u l-Prodotti tas-Saħħa u l-organizzazzjoni Nazzjonali tat-Trapjanti għal valur totali ta' mill-inqas EUR 43 miljun għandhom jitlestew.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										Il-valutazzjoni tal-prestazzjoni tas-Sistema Nazzjonali tas-Saħħa matul il-pandemija għandha tlesta u tiġi ppubblikata.
282	C18.I4	T	Professjonisti tal-kura tas-saħħa mħarrġa fil-qafas ta' pjanijiet ta' edukazzjoni kontinwa	—	Numru	0	90000	Q-2	2023	Mill-inqas 90 professjonist tal-kura tas-saħħa lestew total ta' 000 kreditu ta' edukazzjoni kontinwa (CECs), ekwivalenti għal total ta' 360 000 miljun siegħa ta' taħriġ fil-qafas ta' pjanijiet ta' edukazzjoni kontinwa mfassla f'konformità mal-prijoritajiet stabbiliti fid-definizzjoni ta' C3.6.I18. It-taħriġ għandu jkopri: L-użu tat-teknoloġiji tas-saħħa u tas-sistemi tal-informazzjoni, is-sorveljanza tas-saħħa pubblika u l-epidemjoloġija, is-sikurezza tal-pazjenti u dik professjonali, l-użu razzjonali tar-riżorsi dijanjostiċi u terapewtiċi, id-detezzjoni bikrija tal-kanċer, is-saħħa mentali, is-saħħa ambjentali, il-prevenzjoni tal-fatturi ta' riskju, id-detezzjoni bikrija tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru, id-detezzjoni bikrija tal-abbuż tat-tfal, il-bijoetika, il-komunikazzjoni klinika, il-mediċina bbażata fuq l-evidenza, il-ħidma ma' oħrajn, il-metodi ta' investigazzjoni, l-iżvilupp tal-kompetenzi maniġerjali tal-maniġers tal-istituzzjonijiet tas-saħħa, u t-taħriġ ta' mentors f'taħriġ speċjalizzat dwar is-saħħa. It-taħriġ għie pprovdut bħala taħriġ ibbażat fuq il-klassi, formati ta' apprendiment online u mħallat u tlesta minn professjonisti tal-kura tas-saħħa u professjonisti kwalifikati fil-qasam tal-kura tas-saħħa tat-taħriġ professjonali.
463	C18.I4	T	It-taħriġ tal-professjonisti tas-saħħa u r-riżorsi għall-kondiviżjoni tal-għarfien					Q-2	2026	Mill-inqas 1 kura tas-saħħa għandhom jitħarrġu fuq mudelli internazzjonali ta' valutazzjoni u akkreditazzjoni tal-ħiliet professjonali tas-saħħa (mudelli ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid tal-professjonisti tas-saħħa). L-applikazzjonijiet tal-IT li ġejjin għandhom jiġu żviluppati wkoll għall-valutazzjoni u l-akkreditazzjoni tal-ħiliet mhux regolati: • Applikazzjoni web għal ċertifikazzjoni mill-ġdid • L-integrazzjoni tad-data ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid professjonali fil-portal tar-REPS Għandhom jinxtraw jew jiġu żviluppati għodod kollaborattivi għat-trattament ta' kundizzjonijiet kumplessi ħafna. L-għodod kollaborattivi għandhom jinkludu mill-inqas il-funzjonalitajiet li ġejjin: • Proċessi kliniċi kondiviżi għall-ġestjoni tal-pazjenti. • Il-komunikazzjoni bejn il-professjonisti. Għandu jtlesta mmappjar kompjuterizzat biex jiġu viżwalizzati r-riżorsi u s-servizzi kondiviżi għall-kura bikrija u l-mediċina ġenomika

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
283	C18.I5	M	Sistema u pjattaforma VALTERM ED għall-Valutazzjoni tat-Teknoloġiji tas-Saħħa u l-Benefiċċji tas-Sistema Nazzjonali tas-Saħħa	Ċertifikat ta' dħul fis-seħħ				Q-4	2023	In-network bejn l-Industrija tas-Saħħa M u r-Reġjuni Awtonomi għall-evalwazzjoni tal-mediċini huwa operattiv, is-sistema VALTERM ED hija operattiva, u nħolqot pjattaforma għan-Network Spanjol tal-Aġenziji għall-Valutazzjoni tat-Teknoloġiji tas-Saħħa u l-Benefiċċji tas-Sistema Nazzjonali tas-Saħħa (SNS REDETS).
464	C18.I5	T	Pjan biex jiġi razzjonalizzat il-konsum tal-farmaċewtiċi u tiġi promossa s-sostenibbiltà					Q-2	2026	Għandha ssir kampanja għall-promozzjoni tal-użu ta' mediċini ġeneriċi u bijosimili. Għandha tiġi implimentata sistema ta' informazzjoni għall-ġestjoni tal-preskrizzjoni ta' servizzi ortopediċi u prostetiċi. Mill-inqas 46 professjonist tas-saħħa għandhom jirċievu taħriġ dwar l-użu razzjonali tal-mediċini, dwar l-użu tal-għarfien xjentifiku għal azzjoni klinika u għall-iżvilupp ta' ħiliet fil-qari kritiku tal-letteratura xjentifika. Għandu jinholq kors ta' diploma dwar il-valutazzjoni ta' prodotti mediċinali u teknoloġiji tas-saħħa
284	C18.I6	T	Lag tad-data dwar is-saħħa operazzjonali	—	Numru	0	17	Q-4	2023	Lag tad-data dwar is-saħħa għandu jkun operazzjonali għall-Istat u jinkludi mill-inqas 17 reġjun jew belt awtonoma bl-oġettiv li jippermetti analiżi tad-data tal-massa għall-identifikazzjoni u t-titjib tad-dijanjożi u t-trattamenti.
465	C18.I4	T	Tlestija ta' proġetti għat-titjib tal-kura tas-saħħa għal pazjenti b'mard rari		Miljuni ta' EUR	0	50	Q-2	2026	Tlestija ta' proġetti pilota b'valur ta' mill-inqas EUR 50 miljun biex is-Sistema tas-Saħħa Nazzjonali (SNS) tiġi mgħammra b'kapaċitajiet, infrastruttura, tagħmir u sistemi ta' informazzjoni interoperabbli biex jiġi ffaċilitat it-titjib tal-kura tas-saħħa għal pazjenti b'mard rari
466	C18.I5	T	L-espansjoni tas-servizzi ġenomiċi fis-Sistema Nazzjonali tas-Saħħa		Miljuni ta' EUR	0	23	Q-2	2026	Għandu jinx tara t-tagħmir meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-katalgu estiż tal-ittestjar ġenetiku, b'valur ta' mill-inqas EUR 23 000 000 u sistema ta' informazzjoni għall-integrazzjoni tal-informazzjoni ġenomika fil-livell nazzjonali għandha tkun operattiva.
466a	C18.I6	T	Proġetti ta' pproċessar ta' data tal-massa				2	Q-4	2025	Għandhom jiġu implimentati mill-inqas żewġ proġetti tal-ipproċessar tad-data tal-massa bħala parti mill-investiment fil-lag tad-data dwar is-saħħa

S. KOMPONENT 19: HILJET DIĠITALI

L-objettiv ewlieni ta' dan il-komponent tal-pjan Spanjol għall-irkupru u r-reżiljenza huwa li jżid il-livell tal-ħiliet diġitali (bażiċi u avvanzati) permezz ta' azzjonijiet indirizzati lil diversi gruppi tal-popolazzjoni. Il-kisba ta' dawn il-ħiliet hija kruċjali biex Spanja tieħu vantaġġ mill-opportunitajiet offriti miż-żieda fid-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija u tas-soċjetà.

Azzjonijiet immirati għad-diġitalizzazzjoni tal-SMEs jikkomplementaw il-miżuri previsti fil-komponent 13 tal-Pjan (Appoġġ għall-SMEs). L-azzjonijiet biex jiżied l-għadd ta' persuni bi kwalifiki għoljin fl-ICT jikkomplementaw l-azzjonijiet fil-Komponent 15 (Konnettività Diġitali). Fl-aħħar nett, l-azzjonijiet għad-diġitalizzazzjoni tal-iskejjel għandhom isaħħu l-miżuri fil-Komponent 21 (Edukazzjoni), u jżidu l-impatt tal-azzjonijiet previsti fil-Komponent 23 (Suq tax-xogħol).

Il-komponent jindirizza r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż dwar it-trawwim tal-innovazzjoni (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2019), l-aċċess għat-tagħlim diġitali (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 2020) u l-forniment minn qabel ta' proġetti maturi ta' investiment pubbliku, il-promozzjoni tal-investiment privat biex jitrawwem l-irkupru ekonomiku u l-iffukar tal-investimenti fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

S.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma 1 (C19.R1) — Pjan Nazzjonali għall-Kompetenzi Diġitali

Din il-miżura tikkonsisti fi pjan strateġiku li għandu l-objettivi li: (I) l-għoti ta' taħriġ fil-ħiliet diġitali għall-popolazzjoni ġenerali; (II) it-tnaqqis tad-distakk diġitali bejn il-ġeneri; (III) id-diġitalizzazzjoni tas-sistema edukattiva u l-iżvilupp tal-ħiliet diġitali għat-tagħlim; (IV) jipprovdu ħiliet diġitali għal impjegabbiltà aħjar tal-ħaddiema privati u tal-persuni qiegħda, (v) jappoġġaw il-ħiliet diġitali tal-ħaddiema pubbliċi; (VI) l-iżvilupp tal-ħiliet diġitali fl-SMEs; u (vii) iż-żieda fl-għadd ta' speċjalisti tal-ICT. L-investimenti fil-Komponent għandhom jgħinu biex jiġu indirizzati l-objettivi tal-pjan strateġiku.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Jannar 2021.

Investiment 1 (C19. I1) — Ħiliet diġitali trasversali

L-objettiv ta' din il-miżura huwa li ttejjeb il-livell tal-ħiliet diġitali tal-popolazzjoni. Il-miżura għandha tippredvi: (a) l-iżvilupp ta' network ta' ċentri ta' appoġġ għat-taħriġ fil-ħiliet diġitali bażiċi u avvanzati, (b) azzjonijiet ta' inklużjoni elettronika bil-ħsieb li tingħata s-setgħa lill-anzjani jew jiġi ffaċilitat it-taħriġ għal tfal vulnerabbli, (c) diversi kampanji ta' sensibilizzazzjoni, (d) attivitajiet biex jiżiedu l-kapaċitajiet diġitali tal-popolazzjoni ġenerali, u (e) l-iżvilupp ta' riżorsi diġitali għat-tixrid u t-tagħlim tal-lingwa Spanjola. Il-miżura għandha tippromwovi wkoll it-tiżiħ tal-pożizzjoni diġitali tan-nisa u trawwem vokazzjonijiet xjentifiċi u teknoloġiċi fl-iskola.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 2 (C19. I2) — It-trasformazzjoni diġitali tal-edukazzjoni

L-oġġettiv ta' din il-miżura huwa li ttejjeb l-aċċess għat-tagħlim diġitali permezz tal-forniment ta' apparati portabbli lil mill-inqas 300 000 student minn gruppi vulnerabbli fi skejjel pubbliċi jew issussidjati pubblikament. Għandha wkoll tinstalla, taġġorna u żżomm sistemi diġitali interattivi (IDS) f'mill-inqas 240 000 klassi fi skejjel pubbliċi u ssussidjati pubblikament biex tippermetti apprendiment mill-bogħod u mħallat. Il-miżura għandha tappoġġa wkoll it-tnejjja jew ir-reviżjoni ta' strateġija diġitali f'mill-inqas 22 000 ċentru tal-iskejjel pubbliċi u ssussidjati pubblikament, u għandha tinkludi t-taħriġ diġitali ta' 700 000 għalli.

Din il-miżura għandha tappoġġa wkoll l-implimentazzjoni tal-Pjan tal-VET Diġitali. Dan għandu jinkiseb permezz ta' għodda ta' ġestjoni tal-akkreditazzjoni diġitali għall-ħiliet professjonali miksuba permezz tal-esperjenza tax-xogħol, u permezz tal-ħolqien ta' għodod diġitali għall-ġestjoni tal-VET għall-impjiegi f'konformità mal-Katalogu Nazzjonali tal-Kwalifiki u mar-reġistru tal-ħajja tat-taħriġ professjonali. Fl-aħħar nett, il-miżura għandha tappoġġa l-ħolqien ta' simulaturi, tewmin diġitali u ċentri teknoloġiċi.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 3 (C19. I3) — Ħiliet diġitali għall-impjiegi

L-oġġettiv ta' din il-miżura huwa li ssaħħaħ il-ħiliet diġitali tal-impjegati, u tal-persuni qiegħda — b'mod partikolari ż-żgħażaġh — biex itejbu l-impjegabbiltà tagħhom. It-taħriġ għandu jkun immirat ukoll lejn l-amministrazzjoni pubblika (fost l-oħrajn, il-professjonisti tas-saħħa, it-truppi u l-baħħara fil-forzi armati u r-riżervi ta' disponibbiltà speċjali, il-persunal li jaħdem fl-oqsma tas-sigurtà soċjali u tal-finanzi). Fl-aħħar nett, il-miżura għandha tappoġġa d-diġitalizzazzjoni tal-SMEs permezz ta' azzjonijiet indirizzati lejn setturi speċifiċi tal-ekonomija u taħriġ għal persuni li jistgħu jaġixxu bħala katalizzaturi tal-bidla, inklużi esperti u manijers ta' ditti.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 4 (C19. I4) — Professjonisti diġitali

L-oġġettiv ta' din il-miżura huwa li tadatta l-offerta eżistenti ta' taħriġ vokazzjonali dwar il-ħiliet diġitali avvanzati, u li tattira u żżomm it-talent f'dawk l-oqsma. Għandu joħloq ukoll riżorsi edukattivi miftuħa għat-tagħlim diġitali fl-intelliġenza artifiċjali u ċ-ċibersigurtà f'diversi livelli.

Il-miżura tinkludi taħriġ speċjali għal madwar 20 000 espert tal-IT, b'enfasi fuq iċ-ċibersigurtà, kif ukoll il-finanzjament ta' boroż ta' studju ta' 4 snin biex jattiraw u jżommu t-talent fil-ħiliet diġitali avvanzati.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

S.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Ara t-tabella ta' hawn taħt. Id-data tal-linja bażi għall-indikaturi kollha hija l-bidu tal-azzjoni sakemm ma jkunx indikat mod ieħor fid-deskrizzjoni tal-azzjoni. L-ammonti fit-tabella ma jinkludux il-VAT.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
285	C19.R1	M	Approvazzjoni tal-Pjan Nazzjonali ta' Kompetenzi Diġitali mill-Kunsill tal-Ministri	Referenza tal-Kunsill tal-Ministri				Q-1	2021	Approvazzjoni tal-Pjan Nazzjonali ta' Kompetenzi Diġitali mill-Kunsill tal-Ministri. Il-pjan għandu l-oġettivi li: (1) l-għoti ta' taħriġ fil-ħiliet diġitali għall-popolazzjoni ġenerali; (2) it-tnaqqis tad-distakk diġitali bejn il-ġeneri; (3) id-diġitalizzazzjoni tas-sistema edukattiva u l-iżvilupp tal-ħiliet diġitali għat-tagħlim; (4, 5) il-provvista ta' ħiliet diġitali għal impjegabbiltà aħjar tal-ħaddiema privati u pubbliċi; (6) l-iżvilupp tal-ħiliet diġitali fl-SMEs; u (7) iż-żieda fl-għadd ta' speċjalisti tal-ICT, peress li mhijiex vinkolanti fuq ir-reġjuni u l-entitajiet lokali.
286	C19.I1	T	It-taħriġ taċ-ċittadini dwar il-ħiliet diġitali.	—	%	0	75	Q-4	2023	Mill-inqas 75 % tal-baġit għandu jkun ġie impenjat għal azzjonijiet taħt l-investiment biex iċ-ċittadini jitħarrġu fil-ħiliet diġitali.
287	C19.I1	M	Tlestija ta' azzjonijiet biex jissaħħu l-kapaċitajiet diġitali	Ċertifikat ta' kwalifika miċ-ċentri nazzjonali ta' taħriġ diġitali				Q-4	2024	Il-ħolqien ta' network nazzjonali ta' ħiliet diġitali (inkluża r-riforma ta' 1 500 ċentru ta' taħriġ professjonali), u l-implimentazzjoni ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni u pjanijiet ta' komunikazzjoni
288	C19.I1	T	It-taħriġ taċ-ċittadini dwar il-ħiliet diġitali.	—	Numru	0	2 600 000	Q-2	2026	2 600 ċittadin imħarrġa dwar il-ħiliet diġitali, skont l-azzjonijiet taħt il-miżura. It-taħriġ għandu jkun ta' mill-inqas 7.5 siegħa.
289	C19.I2	M	Programm biex l-iskejjel pubbliċi u ssussidjati pubblikament jiġu mgħammra b'għodod diġitali	Pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali				Q-4	2021	Approvazzjoni tal-programm biex jiġi mgħammar minimu ta' 240 klassi, jitħarrġu 000 għalliem (700) u titħejja jew tiġi riveduta l-istrateġija diġitali għal mill-inqas 000 ċentru tal-iskejjel pubbliċi u ssussidjati pubblikament, u jiġu pprovduti 22 000 apparat diġitali konness (laptops, tablets) fi skejjel pubbliċi u ssussidjati pubblikament, f'kooperazzjoni mal-Komunitajiet Awtonomi. Il-programm għandu jorbot lill-Komunitajiet Awtonomi.
290	C19.I2	M	Tlestija ta' azzjonijiet għat-trasformazzjoni diġitali tal-edukazzjoni	Ċertifikazzjoni mill-amministrazzjoni statali u reġjonali				Q-4	2025	It-tlestija tal-azzjonijiet għat-trasformazzjoni diġitali tal-edukazzjoni, inkluża ċ-ċertifikazzjoni tal-ħiliet diġitali ta' mill-inqas 80 % ta' 700 000 għalliem imħarrġa dwar il-ħiliet diġitali; u mill-inqas 22 ċentru appoġġati fit-tħejija u r-reviżjoni tal-istrateġiji diġitali tagħhom.
291	C19.I2	T	Il-forniment ta' apparati diġitali konnessi fi skejjel pubbliċi u ssussidjati pubblikament biex jitnaqqas id- "distakk diġitali", u t-tagħmir ta' minimu ta' 240 klassi	—	Numru	0	540 000	Q-4	2025	Il-forniment komplut ta' apparat diġitali konness u interattiv għal mill-inqas 300 student u tagħmir għal mill-inqas 000 klassi fi skejjel pubbliċi u ssussidjati pubblikament biex jitnaqqas id- "distakk diġitali". Ċertifikazzjonijiet mill-amministrazzjonijiet statali u reġjonali tal-akkwist u l-kunsinna tat-tagħmir.
292	C19.I3	T	Taħriġ diġitali għall-impjiegi	—	Numru	0	300 000	Q-2	2026	Mill-inqas 300 000 persuna pparteċipaw f'taħriġ dwar il-ħiliet diġitali. Kull taħriġ għandu jkollu minimu ta' 150 siegħa.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
292a	C19.I3	T	Taħriġ diġitali fl-ambjent tax-xogħol	—	EUR (miljuni)	0	310	Q-2	2026	It-tlestija ta' taħriġ dwar il-ħiliet diġitali fl-ambjent tax-xogħol u l-kontenut tat-taħriġ biex jiġi appoġġat it-twettiq tiegħu li jikkorrispondi għal baġit totali ta' mill-inqas EUR 310 miljun. Kull taħriġ għandu jkollu minimu ta' 25 sigħat.
293	C19.I4	T	Programmi ta' boroż ta' studju għat-talent diġitali	—	Numru	0	300	Q-4	2024	Mill-inqas 300 riċevitur ingħataw programmi ta' boroż ta' studju għall-attrazzjoni u ż-żamma tat-talent diġitali (kumulattivi 2021–2024). Kull programm għandu jkollu minimu ta' 240 ECTS.
L-oġġettiv ewlieni ta' dan il-komponent tal-pjan Spanjol għall-irkupru u r-reżiljenza huwa l-modernizzazzjoni u t-tisħiħ tas-servizzi soċjali u l-politiki ta' inklużjoni soċjali. Hija tiffoka b'mod partikolari fuq il-mudell tal-kura fit-tul (LTC), bl-għan li twieġeb għad-domanda dejjem akbar għal servizzi differenti tal-kura fit-tul minħabba popolazzjoni li qed tixjieħ, tippromwovi l-innovazzjoni u mudell ta' kura ċċentrat fuq in-nies iċċentrat fuq strateġija ta' deistituzzjonalizzazzjoni.

Fil-qasam ta' servizzi soċjali oħra u l-inklużjoni soċjali, l-oġġettivi jinkludu l-modernizzazzjoni u t-tisħiħ tas-servizzi soċjali, billi jiġu promossi l-innovazzjoni u t-teknoloġiji l-ġodda biex tiġi żgurata l-provvista fit-territorju kollu, jiġu identifikati aħjar il-ħtiġijiet u tittejjeb il-kwalità tagħhom. Fil-qasam tal-appoġġ għall-familji, l-azzjonijiet għandhom l-għan li jtejbu l-protezzjoni legali u l-appoġġ materjali (fi flus kontanti u in natura) għall-familji, bl-għan li jitnaqqas il-faqar fost it-tfal. Għan ieħor tal-komponent huwa li jimmodernizza benefiċċji soċjali oħra mhux kontributorji biex itejjeb ir-rwoli ta' protezzjoni u attivazzjoni tagħhom. Azzjonijiet immirati speċifiċi għandhom l-għan li jappoġġaw lill-vittmi tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru, jippromwovu l-aċċessibbiltà għas-servizzi pubbliċi, u jtejbu l-kapaċità tas-sistema ta' akkoljenza għall-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali.

Il-komponent jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż relatati mal-iżgurar li s-servizzi soċjali u tal-impjiegi jkollhom il-kapaċità li jipprovdu appoġġ effettiv (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 2019); it-titjib tal-appoġġ għall-familji (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 2019); titnaqqas il-frammentazzjoni tas-sistema nazzjonali ta' assistenza għall-qgħad u jiġu indirizzati l-lakuni fil-kopertura tal-iskemi reġjonali ta' introjtu minimu (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 2019); u t-titjib tal-kopertura u l-adegwatezza tal-introjtu minimu u tal-iskemi ta' appoġġ għall-familja (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

V.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma 1 (C22.R1) — It-tisħiħ tal-kura fit-tul u l-promozzjoni ta' bidla fil-mudell tal-appoġġ u l-kura fit-tul

Ir-riforma timmira lejn mudell ta' appoġġ iċċentrat fuq in-nies u bbażat fuq id-drittijiet. Is-sistema għall-Awtonomija u l-Kura tad-Dipendenza (SAAD) hija mistennija li tittejjeb bl-introduzzjoni ta' riformi li għandhom jissimplifikaw il-proċeduri amministrattivi, iħaffu l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet u jnaqqsu l-listi ta' stennija għad-dipendenti li mhumx qed jirċievu s-servizzi li huma intitolati għalihom kif ukoll inaqqsu d-differenzi bejn it-territorju. Hija tiffoka wkoll fuq it-tisħiħ tal-kwalità tas-servizzi professjonali, it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u ż-żieda fil-kopertura tat-tipi differenti ta' benefiċċji finanzjarji. Fuq perjodu medju ta' żmien, ir-riforma tiffoka fuq l-implimentazzjoni ta' strateġija nazzjonali ta' deistituzzjonalizzazzjoni, mudell immirat lejn il-kura komunitarja li tissodisfa l-ħtieġa u l-preferenzi tal-persuni fil-bżonn ta' appoġġ, filwaqt li tiżgura l-kosteffiċjenza u tappoġġa lill-familji li jieħdu ħsiebhom.

Il-bażi tar-riforma tal-kura fit-tul għandha tkun ibbażata fuq evalwazzjoni tal-SAAD matul l-2021 biex jinkiseb fehim fil-fond tal-progress tal-proċess ta' riforma tal-kura fit-tul mibdi fl-2020 u l-impatti tiegħu. Il-konklużjonijiet ta' din l-evalwazzjoni għandhom jiġu ppreżentati lill-kunsill territorjali fl-ewwel nofs tal-2022.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2022.

Riforma 2 (C22.R2) — L-immodernizzar tas-servizzi soċjali pubbliċi u l-ġhoti ta' qafas regolatorju ġdid

Ir-riforma għandha l-għan li ssaħħa is-sistema pubblika tas-servizzi soċjali permezz tal-adozzjoni ta' qafas regolatorju permezz ta' Ftehimiet tal-Kunsill Territorjali, bil-mekkaniżmi korrispondenti tagħhom ta' monitoraġġ, sorveljanza u kontroll tal-eżekuzzjoni (inklużi dati ta' implimentazzjoni vinkolanti li għandhom iqisu l-grad differenti ta' żvilupp tal-Komunitajiet Awtonomi fir-rigward tal-oġettivi), biex jiġi ggarantit portafoll minimu komuni ta' servizzi u standards minimi komuni għall-forniment tagħhom fit-territorju kollu. Għal dan l-għan, għandu jikkontribwixxi għat-tnaqqis tad-disparitajiet u l-inugwaljanzi relatati mat-tip, il-livell u l-kwalità tas-servizzi pprovduti. Il-qafas regolatorju għandu jiġi miftiehem mar-Reġjuni u l-Korporazzjonijiet Lokali u għandu jkopri wkoll, jekk ikun meħtieġ, komponenti oħra biex jissaħħu s-servizzi soċjali bħal: l-organizzazzjoni tas-sistema pubblika, inklużi l-koordinazzjoni u l-koordinazzjoni interni tagħha ma' sistemi oħra ta' protezzjoni soċjali (l-edukazzjoni, is-saħħa, il-ġustizzja, l-akkomodazzjoni u l-ippjanar urban, l-impjiegi, eċċ.), jew il-parteċipazzjoni ta' intrapriżi soċjali fil-forniment ta' servizzi soċjali. Barra minn hekk, għandha l-għan li tippromwovi l-innovazzjoni, ittejjeb il-ħiliet tal-ħaddiema tas-servizzi soċjali u tistabbilixxi sistema ġdida ta' informazzjoni dwar is-servizzi soċjali.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2026.

Riforma 3 (C22.R3) - Adozzjoni ta' liġi ġdida dwar il-protezzjoni tal-familji u r-rikonoxximent tad-devjazzjoni tagħhom

Għandha tiġi adottata liġi ġdida dwar il-protezzjoni tal-familji u r-rikonoxximent tad-diversità tagħhom, sabiex twieġeb għat-trasformazzjonijiet demografiċi u soċjetali li seħħew matul l-aħħar deċennji. L-għan ta' din il-liġi l-ġdida għandu jkun li tipprovdri rikonoxximent legali tat-tipi differenti ta' strutturi tal-familja u tiddetermina l-benefiċċji u s-servizzi li huma intitolati għalihom skont il-karatteristiċi u l-livelli ta' introjtu tagħhom. Għal dan l-għan ir-riformi għandhom jinkludu s-sistematizzazzjoni, l-aġġornament u t-titjib tal-qafas legali u l-azzjoni protettiva li l-Amministrazzjoni Ġenerali tal-Istat tirrikonoxxi għall-familji, filwaqt li titqies id-diversità tagħhom, kemm f'termini ta' protezzjoni soċjali (benefiċċji, servizzi soċjali) kif ukoll legali (riformi fil-Liġi Ċivili għal ċerti gruppi: koppji mhux miżżewġa, familji rikostitwiti) u ekonomiċi (tassazzjoni, għotjiet, eċċ.). Għandu jinkludi wkoll reviżjoni tal-Liġi dwar il-Familji Kbar.

Oġettiv ġenerali tar-riforma huwa li jitnaqqas il-faqar fost it-tfal. Għalhekk, għandha ssir enfasi speċifika fuq it-tnaqqis tal-inugwaljanzi billi tingħata protezzjoni lill-familji bi bżonnijiet speċjali jew f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, jew lil dawk f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali, filwaqt li jiġu promossi, fil-każ ta' familji b'ġenitur wieħed, miżuri li jissalvagwardjaw il-prinċipju tal-aħjar interess tat-tfal u l-adolesxenti f'każijiet ta' twelid, foster care jew adozzjoni. Barra minn hekk, il-liġi għandha tistabbilixxi prinċipji u oġettivi kondiviżi biex tiżgura l-koerenza u l-komplementarjetà ma' politiki pubbliċi oħra, inkluża t-tassazzjoni u ttejjeb il-protezzjoni bbażata fuq drittijiet suġġettivi.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

Riforma 4 (C22.R4) — Riforma tas-sistema ta' akkoljenza għall-migranti u l-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali

Is-sistema attwali ta' akkoljenza għall-migranti u l-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali fi Spanja għandha tissaħħaħ biex ittejjeb il-kapaċità tagħha, taġġustaha għall-ħtiġijiet futuri eżistenti u stmati u tikkontribwixxi biex issir aktar effiċjenti. L-enfasi hija b'mod partikolari fuq it-tnaqqis tal-ħinijiet twal ta' stennija u r-rati baxxi ta' rikonoxximent għall-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali. B'sistema aktar robusta u li tiffunzjona aħjar, il-ġestjoni ta' kriżijiet futuri tal-migrazzjoni hija mistennija li tkun aktar faċli.

Il-politiki ta' akkoljenza għandhom jiffasslu skont il-ħtiġijiet tal-persuni vulnerabbli u ta' dawk li jfittxu l-ażil u l-oġettivi tal-integrazzjoni tal-UE, u b'hekk is-sistema kollha ssir aktar reżiljenti. Għandha tistabbilixxi wkoll il-livell ta' benefiċċji għas-servizzi bażiċi għall-applikanti li ma għandhomx riżorsi finanzjarji u għall-applikanti bi profil aktar vulnerabbli li jeħtieġu protezzjoni msaħħa, bl-għan li jiġi minimizzat il-forniment ta' kundizzjonijiet ta' akkoljenza fil-forma ta' benefiċċji finanzjarji. Barra minn hekk, is-sistema li tkopri s-servizzi u l-mogħdijiet ta' akkumpanjament għandha tiġi adattata. Hija għandha tindirizza l-organizzazzjoni tas-sistema ta' akkoljenza minn perspettiva territorjali bl-għan li jitħaffef it-teħid tas-setgħat minn komunitajiet awtonomi kif stabbilit mill-ġurisprudenza, permezz ta' xi proġetti pilota. Fl-aħħar nett, il-parametri tad-distribuzzjoni territorjali għall-applikanti f'kooperazzjoni għandhom jiġu miftiehma mal-komunitajiet awtonomi.

Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni, għandha tintuża sistema ta' indikaturi li tinkludi elementi bħan-nazzjonalità, il-ġeneru, l-etniċità, il-vulnerabbiltà, il-kundizzjonijiet fil-pajjiż tal-oġġini, eċċ. f'formula ponderata li għandha tippermetti kalkolu oġġettiv tal-probabbiltà li tingħata protezzjoni. Waqt li l-applikazzjonijiet ikunu qed jiġu pproċessati, ir-riżultat tal-formula għandu jippermetti lill-awtoritajiet responsabbli mill-akkoljenza biex jidderieġu lill-applikanti lejn il-perkors ta' akkoljenza bażiku jew imtejjeb. Dan għandu japplika wkoll għall-benefiċċji korrispondenti. Dan għandu jippermetti l-applikazzjoni ta' kundizzjonijiet bażiċi ta' akkoljenza għal dawk kollha li jfittxu aзіl u kundizzjonijiet ta' akkoljenza mtejbja għal dawk bi probabbiltà għolja ta' rikonoxximent.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2022.

Riforma 5 (C22.R5) - Titjib tas-sistema tal-benefiċċji finanzjarji mhux kontributorji tal-Amministrazzjoni Ġenerali tal-Istat

Din ir-riforma tinkludi l-approvazzjoni tal-iskema l-ġdida tal-Introjtu Minimu Vitali (MVI) f'Mejju 2020, l-istabbiliment ta' sistema nazzjonali unika għal benefiċċji finanzjarji mhux kontributorji, u livell minimu ta' benefiċċji finanzjarji mhux kontributorji għall-unitajiet domestiċi l-aktar vulnerabbli.

Filwaqt li l-iskema MVI tittieħed bħala punt tat-tluq, għandu jiġi adottat pjan biex tiġi organizzata mill-ġdid u ssimplifikata s-sistema ta' benefiċċji finanzjarji mhux kontributorji tal-Amministrazzjoni Ġenerali tal-Istat. Il-pjan għandu l-għan li jintegra u jirrazzjonalizza l-benefiċċji mhux kontributorji abbażi tal-iskema MVI, sabiex jittejjbu l-effettività u l-effiċjenza tar-riżorsi pubbliċi u jiġu ffukati fuq persuni vulnerabbli u f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali. L-enfasi għandha tkun fuq l-iżgurar ta' kopertura xierqa skont iċ-ċirkostanzi li jwasslu għall-vulnerabbiltà u l-iżgurar ta' appoġġ adegwat għall-introjtu, u b'hekk jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-faqar. Għal dan l-għan, għandha tqis il-ħtiġijiet strutturali tal-unitajiet domestiċi, b'mod partikolari l-familji bit-tfal u l-persuni b'diżabbiltà. Għandha torbot ukoll l-appoġġ għall-introjtu mat-tfittix attiv ta' impjieg, sabiex titrawwem l-integrazzjoni soċjoekonomika u jiġu evitati "nases tal-faqar".

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Investiment 1 (C22.I1): Pjan ta' kura fit-tul u ta' appoġġ: deistituzzjonalizzazzjoni, tagħmir u teknoloġija

F'konformità mar-Riforma 1 ta' dan il-komponent, Spanja għandha tinvesti f'sitt oqsma ta' azzjoni.

- i. Fi pjan ta' appoġġ fit-tul li janalizza s-sitwazzjoni attwali tal-politiki tal-kura li għandu l-għan li jidentifika l-ħtiġijiet għal titjib u jagħmel proposta għar-riforma tal-liġi attwali dwar l-awtonomija personali u l-kura għal persuni f'sitwazzjoni ta' dipendenza. Għandu jevalwa wkoll is-sitwazzjoni u l-proġetti li jkunu għaddejjin f'territorji differenti;
- ii. Strateġija nazzjonali ta' deistituzzjonalizzazzjoni, inkluża l-implimentazzjoni ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni u disseminazzjoni;
- iii. Sitt proġetti pilota li għandhom l-għan li jagħtu spinta lid-deistituzzjonalizzazzjoni, u li jisiltu tagħlimiet għat-trasformazzjoni tal-appoġġ u l-kura fit-tul, inkluż għall-appoġġ u l-kura fit-tul għall-persuni b'diżabilità intellettuali;
- iv. Il-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni ta' ċentri residenzjali, mhux residenzjali u ta' kura matul il-jum, u tagħmir ta' investiment biex tittejjeb il-kwalità tas-servizzi tal-kura. Dawn il-proġetti ta' investiment għandhom jiġu implimentati mill-komunitajiet awtonomi abbażi tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet territorjali; u l-iżgurar li postijiet residenzjali ġodda u rinnovati jkunu allinjati mal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità; u għal
- v. Servizzi ġodda tat-telekura biex nimxu lejn kura proattiva u personalizzata li tikkontribwixxi għall-awtonomija personali u l-manutenzjoni ta' persuni dipendenti fuq il-kura fi djarhom.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 2 (C22.I2): Pjan għall-Modernizzazzjoni tas-Servizzi Soċjali — Trasformazzjoni teknoloġika, innovazzjoni, taħriġ u tisħiħ tal-kura tat-tfal

F'konformità mar-Riforma 2 ta' dan il-komponent, Spanja għandha tinvesti f'ħames oqsma ta' azzjoni.

- i. Teknoloġiji ġodda biex itejbu kemm l-effettività tagħhom tas-servizzi soċjali (ħinijiet iqsar ta' stennija) kif ukoll il-kwalità tagħhom (riżultati aħjar tal-interventi soċjali), inkluża l-promozzjoni tal-kura integrata.
- ii. Għodod teknoloġiċi għat-titjib tal-ġestjoni tas-servizzi soċjali u tas-sistemi tal-informazzjoni, inkluża pjattaforma online biex tiċċentralizza l-informazzjoni disponibbli fl-amministrazzjonijiet nazzjonali u reġjonali. Dan jinkludi speċifikament l-implimentazzjoni sħiħa tas-Sistema Spanjola ta' Informazzjoni dwar is-Servizzi Soċjali (SIESS). Din is-sistema ġdida ta' informazzjoni hija mistennija li tippermetti wkoll l-interoperabbiltà ma' sistemi oħra (Impjiegi, Sakhha, Tiolet Settur). Dan jinkludi wkoll għodda online għall-analiżi ta' proġetti żviluppati minn organizzazzjonijiet tat-tiolet settur, għall-ġestjoni ta' diversi programmi baġitarji relatati mas-servizzi soċjali u l-kura għall-familji, it-tfal u ċerti gruppi vulnerabbli u pjattaforma online biex tiġi ċċentralizzata l-informazzjoni dwar il-kura disponibbli fl-Amministrazzjoni Ġenerali tal-Istat u fil-komunitajiet awtonomi.
- iii. Proġetti pilota għall-promozzjoni tal-innovazzjoni fis-servizzi soċjali.
- iv. It-taħriġ tal-persunal fis-sistema tas-servizzi soċjali pubbliċi involut fl-implimentazzjoni u l-appoġġ tal-mudell il-ġdid tal-kura fit-tul.

- v. It-titjib tal-infrastrutturi residenzjali u aspetti oħra tal-aspetti taċ-ċentri tal-kura tat-tfal u tal-adolexxenti, l-indirizzar aħjar tal-ħtiġijiet emozzjonali, personali u edukattivi/professjonali.

Il-biċċa l-kbira tal-investment għandha tikkonsisti fi proġetti implimentati mill-gvernijiet reġjonali għat-trasformazzjoni teknoloġika tas-servizzi soċjali, u għall-modernizzazzjoni tal-infrastruttura u s-servizzi assoċjati mal-protezzjoni residenzjali u l-familji tar-rispett.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 3 (C22.I3): Pjan tal-Pajjiż Aċċessibbli ta' Spanja

Spanja għandha tinvesti biex ittejjeb l-aċċessibbiltà tal-persuni b'diżabilità għas-servizzi pubbliċi, filwaqt li tiffoka fuq it-titjib tal-aċċessibbiltà konjittiva fil-komunikazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi (inklużi s-siti web), u l-aċċess fiżiku għall-bini pubbliċi u għall-ispazji pubbliċi; l-adekwatezza tal-ispazji fiżiċi tas-servizzi tas-saħħa; l-aċċessibbiltà fiċ-ċentri edukattivi; u l-akkomodazzjoni tat-trasport pubbliku, inkluża l-aċċessibbiltà bejn iż-żoni urbani u rurali. Għandu jingħata appoġġ finanzjarju lill-muniċipalitajiet għall-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet u x-xiri ta' tagħmir, b'mod partikolari f'żoni rurali. L-investment għandu jkun iddedikat ukoll għal kampanji ta' komunikazzjoni u sensibilizzazzjoni, kif ukoll għal proġetti ta' riċerka RŻI fil-qasam tal-aċċessibbiltà konjittiva.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2024.

Investiment 4 (C22.I4): Ippjana li Spanja tiproteġik mill-vjolenza abbażi tal-ġeneru

Spanja għandha tinvesti f'servizzi telefoniċi u online biex tappoġġa lill-vittmi tal-vjolenza kontra n-nisa, inklużi l-vittmi tat-traffikar u l-isfruttament sesswali. Dan jinkludi ċentri ta' assistenza għall-kriżijiet fuq 24 siegħa fil-provinċji kollha, inklużi Ceuta u Melilla, filwaqt li jitqiesu l-isfidi relatati mal-iżgurar tal-anonimità u l-aspetti demografiċi. Il-ħolqien ta' dawn iċ-ċentri huwa parti mill-impenn ta' Spanja għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika, li ġiet ratifikata għal Spanja fl-2014. L-investment għandu jstabbilixxi wkoll servizz ġdid ta' gwida soċjali u tal-impjiegi li jipprovdi diversi tipi ta' servizzi, inklużi pariri legali, appoġġ psikoloġiku u emozzjonali, u assistenza għall-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol għall-vittmi tat-traffikar u l-isfruttament sesswali. L-assistenza teknika tinkludi wkoll il-protezzjoni tal-vittmi, inkluż apparat għall-monitoraġġ tal-miżuri ta' tbeġħid.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 5 (C22.I5): Żieda fil-kapaċità u l-effiċjenza tas-sistema ta' akkoljenza għall-migranti u l-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali

Spanja għandha tinvesti fiż-żieda tal-kapaċità tas-sistema ta' akkoljenza billi żżid il-parteeċipazzjoni diretta tal-Istat fir-riżorsi tan-network ta' akkoljenza. Dan għandu jikkontribwixxi biex tiġi żgurata stabbiltà akbar tal-akkomodazzjoni u s-servizzi ta' akkoljenza pprovduti. L-investment jinkludi evalwazzjoni tal-ħtiġijiet tas-sistema matul it-tliet snin li ġejjin, appoġġ għar-riabilitazzjoni u r-rinnovazzjoni ta' ċentri eżistenti u proċeduri amministrattivi għall-akkwist, il-kostruzzjoni ta' bini ġdida u r-rinnovazzjoni possibbli ta' bini eżistenti, filwaqt li tiġi żgurata l-effiċjenza enerġetika. Abbażi ta' valutazzjoni ta' Prattiki tajbin, Spanja għandha tiddefinixxi wkoll il-ġestjoni taċ-ċentri ta' akkoljenza minn partijiet terzi. Fl-aħħar nett, l-investment għandu jkopri d-diġitalizzazzjoni taċ-ċentri u l-iżvilupp ta' arkitettura diġitali ġdida biex ittejjeb il-ġestjoni tagħhom u tiġi ffaċilitata l-allokazzjoni tal-postijiet tal-applikanti bejn il-komunitajiet awtonomi.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

V.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Ara t-tabella ta' hawn taħt. Id-data tal-linja bażi għall-indikaturi kollha hija l-1 ta' Frar 2020 sakemm ma jkunx indikat mod ieħor fid-deskrizzjoni tal-azzjoni. L-ammonti fit-tabella ma jinkludux il-VAT.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
314	C22.R1	M	Approvazzjoni mill-Kunsill Territorjali tal-evalwazzjoni tas-Sistema għall-Awtonomija u l-Kura tad-Dipendenza (SAAD).	Pubblikazzjoni tal-evalwazzjoni				Q-2	2022	L-evalwazzjoni għandha ssir matul l-2021 biex jinkiseb fehim fil-fond tal-progress tal-proċess ta' riforma tal-kura fit-tul mibdi fl-2020 u l-impatti tiegħu. Il-konklużjonijiet ta' din l-evalwazzjoni għandhom jiġu ppreżentati lill-kunsill territorjali fl-ewwel nofs tal-2022.
315	C22.R2	M	Pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Ftehimiet tal-Kunsill Territorjali tas-Servizzi Soċjali u r-regolamenti ministerjali	Dispożizzjoni fil-Ftehimiet tal-Kunsill Territorjali u fir-regolamenti ministerjali li jindikaw id-dħul fis-seħħ tagħhom				Q-3	2026	L-approvazzjoni tal-Ftehimiet tal-Kunsill Territorjali bil-mekkaniżmi korrispondenti tagħhom ta' monitoraġġ, sorveljanza u kontroll (inklużi dati ta' implimentazzjoni vinkolanti li jkunu l-grad differenti ta' żvilupp tal-Komunitajiet Awtonomi fir-rigward tal-oġġettivi), għandha tiġi segwita mill-adozzjoni tar-regolamenti ministerjali meħtieġa. L-oġġettivi tal-Ftehimiet tal-Kunsill Territorjali huma li tittejjeb is-sistema attwali ta' forniment u li jiġu rregolati l-kundizzjonijiet bażiċi li taħthom jiġu pprovduti s-servizzi soċjali fi Spanja.
316	C22.R3	M	Dħul fis-seħħ tal-Liġi dwar id-Diversità tal-Familja	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-Liġi				Q-4	2024	Il-liġi dwar id-Diversità tal-Familja għandha bħala oġġettivi i) ir-rikonossiment legali tad-diversi tipi ta' strutturi tal-familja fis-seħħ; II) id-determinazzjoni tal-benefiċċji u s-servizzi li huma intitolati għalihom skont il-karatteristiċi u l-livelli tal-introjtu tagħhom; u iii) it-tnaqqis tal-faqar fost it-tfal filwaqt li jitqiesu s-sejbiet ta' valutazzjoni tal-impatt ridistributtiva.
317	C22.R4	M	Dħul fis-seħħ tar-riforma leġislattiva tas-sistema ta' akkoljenza għall-migranti u l-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali fi Spanja	Dispożizzjoni fl-ordni li tindika d-dħul fis-seħħ tal-ordni				Q-1	2022	Ordni Ministerjali Ċentrali għandu jirrifirma s-sistema ta' akkoljenza għall-migranti u l-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali fi Spanja adottata mill-Ministeru tal-Inklużjoni, is-Sigurtà Soċjali u l-Migrazzjoni. L-oġġettivi tar-riforma huma li jiġu żviluppati proċeduri ta' akkoljenza ġodda għaċ-ċentri kollha fin-netwerk ta' akkoljenza u li jiġu rikonossuti kundizzjonijiet bażiċi ta' akkoljenza għal dawk kollha li jfittxu ažiż u kundizzjonijiet ta' akkoljenza mtejbja għal dawk bi probabbiltà għolja ta' rikonossiment.
318	C22.R5	M	Dħul fis-seħħ tad-Digriet Amministrattiv Irjali 20/2020 tad-29 ta' Mejju li japprova l-introjtu minimu vitali	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-				Q-2	2020	Id-dħul fis-seħħ tad-Dħul Minimu Vitali (id-Digriet Amministrattiv Irjali 20/2020 tad-29 ta' Mejju).

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
				dħul fis-seħħ tal-Liġi						
319	C22.R5	M	Pubblikazzjoni tal- "Pjan biex tiġi organizzata mill-ġdid u ssimplifikata s-sistema ta' benefiċċji finanzjarji mhux kontributorji tal-Amministrazzjoni Ġenerali tal-Istat".	Pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Pjan				Q-3	2022	Adozzjoni ta' "Pjan biex tiġi organizzata mill-ġdid u ssimplifikata s-sistema ta' benefiċċji finanzjarji mhux kontributorji tal-Amministrazzjoni Ġenerali tal-Istat" (pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali). Il-pjan għandu jkollu l-għan li jintegra l-benefiċċji mhux kontributorji madwar strument ta' kopertura tal-introjtu sabiex itejjeb l-effettività u l-effiċjenza tar-riżorsi pubbliċi u jiffoka fuq persuni f'riskju ta' vulnerabbiltà jew esklużjoni soċjali. Dan il-pjan għandu jiffoka fuq il-kopertura xierqa tad-diversi ċirkostanzi li jwasslu lin-nies għal vulnerabbiltà kif ukoll l-adegwatezza tal-appoġġ għall-introjtu. Għal dan l-għan, għandu jkollu, minn naħa waħda, il-ħtiġijiet strutturali bħall-unitajiet domestiċi bit-tfal u l-persuni b'diżabbiltà u, min-naħa l-oħra, jorbot l-appoġġ għall-introjtu mat-tiftix attiv ta' impjieġ għall-inklużjoni u jevita "nases tal-faqar". Il-pjan għandu jkollu in-nonkontributorji eżistenti kollha bil-ħsieb li jiġu integrati gradwalment u maż-żmien f'sistema nazzjonali unika biex jiġi żgurat li l-mira tal-pjan tintlaħaq bis-sħiħ.
320	C22.R5	M	Dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni biex tiġi organizzata mill-ġdid u ssimplifikata s-sistema ta' benefiċċji finanzjarji mhux kontributorji	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-Liġi				Q-4	2023	Ir-riforma għandha torganizza mill-ġdid u tissimplifika s-sistema ta' benefiċċji mhux kontributorji fi flus. L-oġġettiv tar-riforma huwa li fl-istrument ta' kopertura mibni madwar l-iskema ta' introjtu minimu vitali (IMV) jiġu inklużi l-benefiċċji ewlenin mhux kontributorji pprovduti mill-Amministrazzjoni Ġenerali tal-Istat, biex tiġi organizzata mill-ġdid u ssimplifikata s-sistema ta' benefiċċji finanzjarji mhux kontributorji f'konformità mal-għanijiet ta' "Pjan biex tiġi organizzata mill-ġdid u ssimplifikata s-sistema ta' benefiċċji finanzjarji mhux kontributorji tal-Amministrazzjoni Ġenerali tal-Istat".
321	C22.II	T	Proġetti mwettqa mill-Ministeru tad-Drittijiet Soċjali u l-Aġenda 2030		Numru	0	6	Q-2	2023	It-tlestija ta' 6 proġett pilota dwar il-kura deistituzzjonalizzata, li wieħed minnhom jiffoka fuq l-appoġġ u l-kura lil persuni b'diżabbiltà intellettuali.
470	C22.II	T	Postijiet residenzjali, mhux residenzjali u ta' kura matul il-jum.		EUR (miljuni)	0	1 355	Q-2	2024	Pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali jew fil-pjattaforma tal-akkwist pubbliku tal-għoti ta' mill-inqas EUR 1 355 000 000 għar-rinnovazzjoni u l-bini ta' ċentri residenzjali, mhux residenzjali u

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-obiettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										ta' kura matul il-jum, sabiex jiġu adattati għall-mudell il-ġdid ta' kura fit-tul.
322	C22.I1	T	Servizzi ta' telekura fid-djar fis-Sistema għall-Awtonomija u l-Kura għad-Dipendenza (SAAD)		EUR (miljuni)	0	304	Q-1	2025	Servizzi ġodda ta' telekura użati għal mill-inqas EUR 304 000 000 Data tal-linja bażi: 31 ta' Marzu 2020.
323	C22.I1	T	Postijiet residenzjali, mhux residenzjali u ta' kura matul il-jum.		Numru		16 300	Q-2	2026	Il-konstruzzjoni u r-rinnovazzjoni ta' ċentri residenzjali, mhux residenzjali u ta' kura matul il-jum, biex jiġu adattati mill-inqas 16 post, li minnhom 300 post jiffukaw fuq persuni b'diżabilità, għall-mudell il-ġdid ta' kura fit-tul.
324	C22.I2	M	L-implimentazzjoni ta' għodod teknoloġiċi speċifiċi biex jittejjbu s-sistemi ta' informazzjoni u ġestjoni tas-servizzi soċjali.	Evalwazzjoni esterna tal-fażijiet kollha u r-risultati finali tal-proġett.				Q-3	2023	L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' għodod teknoloġiċi speċifiċi biex jittejjbu s-sistemi ta' informazzjoni u ġestjoni tas-servizzi soċjali, għandhom ikopru: i. is-sistema Spanjola ta' Informazzjoni dwar is-Servizzi Soċjali (SIESS); ii. għodda online għall-analiżi ta' proġetti żviluppati minn entitajiet tat-tielet settur; iii. għodod tal-kompjuter għall-ġestjoni ta' diversi programmi baġitarji relatati mas-servizzi soċjali u l-kura għall-familja, it-tfal u ċerti gruppi vulnerabbli; u għal pjattaforma online biex tiċċentralizza l-informazzjoni dwar il-kura disponibbli fil-pajjiż. - iv.
325	C22.I2	M	Tlestija ta' proġetti għat-trasformazzjoni teknoloġika tas-servizzi soċjali, u għall-modernizzazzjoni tal-infrastruttura u s-servizzi assoċjati mal-protezzjoni residenzjali u l-familji foster	Kontroll tal-ftehimiet iffirmati ma' kull wieħed mir-Reġjuni Awtonomi				Q-4	2025	It-tlestija mill-gvernijiet reġjonali tat-trasformazzjoni teknoloġika tas-servizzi soċjali, li tippermetti l-interoperabbiltà ma' sistemi oħra li jinteraġixxu mas-servizzi soċjali (l-impjegi, is-saħħa, it-tielet settur), u l-modernizzazzjoni tal-infrastruttura u s-servizzi assoċjati mal-protezzjoni residenzjali taċ-ċentri tal-kura tat-tfal u tal-adolexxenti, inkluż billi jiġu indirizzati aħjar il-ħtiġijiet ta' appoġġ personalizzat (inklużi dawk emozzjonali u edukattivi/professjonali) u t-taħriġ ta' familji tar-rispett, għal baġit totali eżegwit ta' mill-inqas EUR 450 000 000.
471	C22.I2	T	Implimentazzjoni ta' proġetti pilota		Numru	0	19	Q-4	2025	It-tlestija ta' mill-inqas 19 proġett pilota mmirati biex jippromwovu l-innovazzjoni fis-servizzi soċjali.
326	C22.I3	T	Proġetti dwar aċċessibbiltà mtejbja		EUR (miljuni)	0	178	Q-1	2024	It-tlestija tal-investimenti mill-muniċipalitajiet, il-gvernijiet reġjonali u l-gvern ċentrali biex tittejjeb l-aċċessibbiltà u

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										jitneħħew l-ostakli b'baġit totali ta' mill-inqas EUR 178 miljun li għandu jkun iffukat fuq: i. it-titjib tal-aċċessibbiltà konjittiva fil-komunikazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi (inklużi l-websajts); ii. it-titjib tal-aċċess fiżiku għall-bini pubbliċi u l-ispażji pubbliċi, inkluż għas-servizzi tas-saħħa u ċ-ċentri edukattivi; iii. it-titjib tal-aċċessibbiltà għat-trasport pubbliku; iv. it-twettiq ta' xogħlijiet ta' adattament u x-xiri ta' tagħmir mill-muniċipalitajiet, b'mod partikolari fiż-żoni rurali. v. Kampanji ta' komunikazzjoni u sensibilizzazzjoni, vi. Proġetti ta' riċerka RŻI fil-qasam tal-aċċessibbiltà konjittiva.
473	C22.I4	M	It-twaqqif ta' diversi tipi ta' servizzi għall-vittmi tal-vjolenza sesswali.	Dħul fis-seħħ tal-leġislazzjoni				Q-1	2023	Id-dħul fis-seħħ ta' leġislazzjoni li toħloq id-dritt għall-vittmi ta' vjolenza sesswali li jirċievu servizzi ta' gwida soċjali u tal-impjiegi, inklużi pariri legali, appoġġ psikoloġiku u emozzjonali, u assistenza għall-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol.
472	C22.I4	M	Investimenti fis-servizzi telefoniċi u fis-servizzi online biex jiġu appoġġati l-vittmi tal-vjolenza kontra n-nisa					Q-4	2025	It-twassil ta' mill-inqas 30 apparat ta' monitoraġġ tat-tbeggħid, app għall-vittmi u pjattaforma għall-vittmi tal-big data u tal-intelliġenza artifiċjali biex jiġu appoġġati l-vittmi tal-vjolenza kontra n-nisa, inklużi l-vittmi tat-traffikar u l-isfruttament sesswali. Data tal-linja bażi: 1 ta' Frar 2020.
327	C22.I4	T	Ċentri għall-vittmi ta' vjolenza sesswali.		Numru	19	52	Q-4	2024	Mill-inqas ċentru ta' kura komprensiv wieħed għall-vittmi tal-vjolenza sesswali operattiv għal kull provinċja kif ukoll wieħed fil-bliet awtonomi Spanjoli ta' Ceuta u Melilla, rispettivament. Data tal-linja bażi: 1 ta' Frar 2020.
328	C22.I5	T	Il-kapaċità tas-sistema ta' akkoljenza għall-migranti u l-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali		Numru	400	6 100	Q-2	2026	Tiżdied il-kapaċità ta' akkoljenza tas-sistema ta' akkoljenza għall-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali li jfittxu l-ażil fiċ-ċentri tal-Ministeru tal-Inklużjoni, is-Sigurtà Soċjali u l-Migrazzjoni b'mill-inqas 5 post meta mqabbla mas-700. Mill-inqas EUR 176 000 000 jintefqu fil-kostruzzjoni u fir-

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-obiettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										riabilitazzjoni tal-bini, filwaqt li tiġi żgurata l-effiċjenza enerġetika. Data tal-linja bażi: 31 ta' Diċembru 2019.

V.3. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ fil-forma ta' self

Ir-riforma 6 (C22.R6): It-tisħiħ tal-mekkaniżmi ta' garanzija biex jiġi żgurat livell oġġla ta' protezzjoni tad-drittijiet f'ċerti każijiet fejn il-konsumatur ikun affettwat minn vulnerabbiltà soċjali u ekonomika partikolari.

L-oġġettiv tar-riforma huwa li jiġu adottati diversi miżuri biex jipproteġu lill-konsumaturi u lill-utenti minn sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà soċjali u ekonomika.

Ir-riforma għandha mill-inqas tinkludi l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni dwar it-tikkettar fl-alfabett tal-braille, kif ukoll f'formati oħra, biex tiggarantixxi l-aċċessibbiltà universali ta' prodotti tal-konsumatur u prodotti ta' importanza partikolari għall-protezzjoni tas-sikurezza, l-integrità u l-kwalità tal-ħajja, speċjalment għal persuni għomja u b'vista batuta bħala konsumaturi vulnerabbli. Barra minn hekk, ir-riforma għandha temenda l-leġiżlazzjoni biex tiżgura trattament personalizzat fis-servizzi ta' pagament fuq talba għall-konsumaturi u l-utenti f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, biex tiġi evitata d-diskriminazzjoni abbażi tad- "distakk diġitali".

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 6 (C22.I6): Fond ta' Impatt Soċjali (FIS)

Din il-miżura għandha tikkonsisti f'investiment pubbliku f'Faċilità, il-Fond tal-Impatt Soċjali, sabiex jiġi inċentivat l-investiment privat u jittejjeb l-aċċess għall-finanzi fis-settur tal-impatt soċjali ta' Spanja, b'mod partikolari proġetti li jikkontribwixxu għal soluzzjonijiet soċjali u ambjentali, filwaqt li jitqiesu l-proċeduri ta' kejl u ġestjoni tal-impatt stabbiliti mill-aħjar prattiki tal-industrija (GIIN u oħrajn), u biex jiġu żviluppati swieq kapitali f'dawn l-oqsma. Dik il-Faċilità għandha topera billi ttipprovdi self, investimenti ta' ekwità u kważi ekwità direttament, jew permezz ta' intermedjarji, lis-settur privat, kif ukoll lill-entitajiet tas-settur pubbliku involuti f'attivitajiet simili. Abbażi tal-investiment tal-RRF, il-Faċilità għandha l-għan li inizjalment ttipprovdi mill-inqas EUR 400 000 000 ta' finanzjament.

Il-Faċilità għandha tiġi ġestita mill-Compañía Española de Financiación del Desarrollo (COFIDES) bħala s-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni. Il-Faċilità għandha tinkorpora t-tliet linji ta' prodotti li ġejjin:

- Sottoskrizzjoni ta' ishma f'fondi ta' investiment b'impatt soċjali. Din il-linja għandha tixtri ishma ta' veikoli ta' investiment, ġestiti minn manijers finanzjarji privati, bl-għan li jsir investiment fi proġetti soċjali u ambjentali fl-istadji kollha tal-maturità. Ix-xiri għandu jkun limitat għal 25 % tal-ishma totali ta' kull fond, ħlief f'każijiet debitament ġustifikati, li fihom dak il-perċentwal jista' jiżdied, għalkemm ma għandux jaqbeż il-49 %. Barra minn hekk, il-Faċilità ma għandhiex tixtri ishma ta' aktar minn żewġ fondi ġestiti mill-istess manijer finanzjarju, sakemm wieħed mit-tnejn ma jkunx f'perjodu ta' żvestiment u ma jkunx iddiżinvesta mill-inqas 50 % tal-assi mmaniġġjati.
- Koinvestiment jew kofinanzjament, permezz ta' ekwità jew strumenti oħra ta' dejn, fi proġetti b'impatt soċjali jew ambjentali li jista' jitkejjel jew f'kumpaniji li impenjaw ruħhom li jwettqu proġetti ġodda b'dawn il-karatteristiċi. Din il-linja għandha tikkoinvesti jew tikkofinanzja proġetti ma' fondi pubbliċi jew privati oħra, inklużi possibbilment dawk li fuqhom il-Faċilità tkun xtrat ishma.
- Self dirett u self parteċipattiv f'kumpaniji li għandhom iwettqu proġetti b'impatt soċjali jew ambjentali li jista' jitkejjel.

Dan l-investiment għandu jkopri wkoll Faċilità ta' Assistenza Teknika (TAF), immirata lejn it-titjib tal-kapaċitajiet tal-benefiċjarji biex jimmaniġġjaw u jkejlu l-impatt tagħhom tal-proġetti ta' investiment tagħhom. Għandu jappoġġa wkoll il-ġestjoni finanzjarja tajba tal-Faċilità. It-TAF ser jiġi ġestit mill-COFIDES u ser jingħata allokazżjoni inizjali sa EUR 8 miljun.

Sabiex timplimenta l-investiment fil-Faċilità, Spanja għandha tapprova regolament, u kwalunkwe dokument assoċjat, għall-ħolqien u l-ġestjoni tal-Faċilità li għandu jinkludi l-kontenut li ġej:

- 1) Deskrizzjoni tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Faċilità: Id-Deċiżjoni inizjali dwar l-investiment tal-Faċilità għandha tittieħed minn kumitat tal-investiment jew korp governattiv ekwivalenti ieħor rilevanti u approvata b'maġġoranza ta' voti minn membri li huma indipendenti mill-Gvern Spanjol. Id-Deċiżjoni finali dwar l-investiment tal-Faċilità għandha tkun limitata għall-approvazzjoni (mingħajr modifiki) jew għall-eżerċizzju ta' dritt ta' veto fuq deċiżjoni ta' investiment proposta mill-kumitat tal-investiment jew korp governattiv ekwivalenti rilevanti. Għal investimenti intermedjati, id-deċiżjoni finali dwar l-investiment għandha tittieħed mill-intermedjarji.
- 2) Ir-rekwiżiti ewlenin tal-politika ta' investiment assoċjata, li għandhom jinkludu:
 - a) Id-deskrizzjoni tal-prodotti finanzjarji u l-benefiċjarji finali eliġibbli f'konformità mad-deskrizzjoni tal-miżura.
 - b) Ir-rekwiżit li l-investimenti kollha appoġġati jkunu ekonomikament vijabbli.
 - c) Projbizzjoni ta' finanzjament mill-ġdid ta' kwalunkwe self pendent.
 - d) Ir-rekwiżit ta' konformità mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" (DNSH) kif stabbilit fil-Gwida Teknika dwar id-DNSH (2021/C58/01), b'mod partikolari:
 - i) Fil-każ ta' self, bonds tal-proġetti jew strumenti ekwivalenti: il-politika ta' investiment għandha teskludi l-lista li ġejja ta' attivitajiet u assi mill-eliġibbiltà: (I) attivitajiet u assi relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream¹⁹¹, (ii) attivitajiet u assi taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li mhumieq inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti¹⁹², (iii) attivitajiet u assi relatati ma' landfills tal-iskart, inċineraturi u impjanti tat-trattament mekkaniku bijoloġiku.

¹⁹¹ Ħlief għal (a) assi u attivitajiet fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll l-infrastruttura relatata tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) u (b), l-attivitajiet u l-assi skont il-punt (ii) li għalihom l-użu tal-fjuwils fossili huwa temporanju u teknikament inevitabbli għat-tranżizzjoni f'waqtha lejn operazzjoni ħielsa mill-fjuwils fossili.

¹⁹² Inklużi attivitajiet u assi taħt is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumieq inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti. Meta l-attività appoġġata tikseb l-emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumieq aktar baxxi b'mod sinifikanti mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazżjoni bla ħlas għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

- ii) Fil-każ ta' ekwità, kważi ekwità, bonds korporattivi jew strumenti ekwivalenti: il-politika ta' investiment għandha teskludi kumpaniji b'fokus sostanzjali¹⁹³ fis-setturi li ġejjin: (I) il-produzzjoni tal-enerġija bbażata fuq il-fjuwils fossili u attivitajiet relatati¹⁹⁴; (II) l-industriji intensivi fl-enerġija u/jew b'emissjonijiet għoljin ta' CO2¹⁹⁵; (III) il-produzzjoni, il-kiri, jew il-bejgħ ta' vetturi li jniġġsu¹⁹⁶; (IV) il-ġbir tal-iskart, it-trattament u r-rimi tal-iskart¹⁹⁷, (v) l-ipproċessar tal-fjuwil nukleari, il-produzzjoni tal-enerġija nukleari
- iii) Barra minn hekk, il-politika ta' investiment għandha teħtieġ konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali tal-benefiċjarji finali tal-Faċilità.
- e) Ir-rekwiżit li l-benefiċjarji finali tal-Faċilità ma għandhomx jirċievu appoġġ minn strumenti oħra tal-Unjoni biex ikopru l-istess kost.
- 3) L-ammont kopert mir-regolamenti u kwalunkwe dokument assoċjat li jistabbilixxi l-Faċilità, l-istruttura tat-tariffi għas-Sieħeb Implimentattiv u r-rekwiżit li jiġi investit mill-ġdid kwalunkwe rimborżi skont il-politika ta' investiment tal-Faċilità sakemm ma jintużawx biex jiġu servuti l-ħlasijiet lura tas-self tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.
- 4) Rekwiżiti ta' monitoraġġ, awditjar u kontroll, inklużi:
 - a) Id-deskrizzjoni tas-sistema ta' monitoraġġ tas-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni biex jirrapporta dwar l-investiment mobilizzat.
 - b) Id-deskrizzjoni tal-proċeduri tas-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni li se jiżguraw il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni, u l-kunflitti ta' interess.
 - c) L-obbligu li tiġi vverifikata l-eliġibbiltà ta' kull operazzjoni f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fir-regolamenti li jistabbilixxu l-Faċilità qabel l-impenn li tiġi ffinanzjata operazzjoni.
 - d) L-obbligu li jitwettqu awditi ex post ibbażati fuq ir-riskju skont pjan tal-awditjar tal-COFIDES. Dawn l-awditi għandhom jivverifikaw i) li s-sistemi ta' kontroll ikunu effettivi, inkluża l-identifikazzjoni ta' frodi, korruzzjoni, u kunflitt ta' interess; II) il-konformità mal-prinċipju DNSH, ir-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat, ir-rekwiżiti tal-mira klimatika u

¹⁹³ Huwa kkunsidrat li Benefiċjarju Finali għandu "fokus sostanzjali" fuq settur jew attività ta' negozju jekk tali settur jew attività tkun identifikata bħala parti essenzjali tal-attività tan-negozju tal-Benefiċjarju Finali rispettivament fir-rigward tad-dħul gross, il-profitt, jew il-bażi tal-klijenti tal-Benefiċjarju Finali. Id-dħul gross iġġenerat mis-settur jew mill-attività ristretta ma għandux, fi kwalunkwe każ, jaqbeż il50 % tad-dħul gross.

¹⁹⁴ Ħlief għal (a) assi u attivitajiet fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll l-infrastruttura relatata tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) u (b), l-attivitajiet u l-assi skont il-punt (ii) li għalihom l-użu tal-fjuwils fossili huwa temporanju u teknikament inevitabbli għat-tranżizzjoni f'waqtha lejn operazzjoni ħielsa mill-fjuwils fossili.

¹⁹⁵ Inklużi attivitajiet u assi taħt is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti. Meta l-attività appoġġata tikseb l-emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumex aktar baxxi b'mod sinifikanti mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

¹⁹⁶ Il-vetturi li jniġġsu huma definiti bħala vetturi mingħajr emissjonijiet.

¹⁹⁷ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet f'impjanti ddedikati esklużivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma bl-għan li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew għall-użu jew għall-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

diġitali; u iii) li jiġi rrispettat ir-rekwiżit li l-intermedjarju jivverifika li tiġi ppreżentata dikjarazzjoni responsabbli mill-benefiċjarju finali biex jikkontrolla jekk l-istess kost huwiex kopert minn strument ieħor tal-Unjoni. L-awdit għandhom jivverifikaw ukoll il-legalità tat-tranżazzjonijiet u li l-kundizzjonijiet tar-regolament applikabbli u d-dokumenti assoċjati li jistabbilixxu l-Faċilità u l-Ftehimiet ta' Finanzjament qed jiġu rrispettati.

- 5) Rekwiżiti għall-għażla tal-intermedjarji finanzjarji: Il-COFIDES għandu jagħżel l-intermedjarji finanzjarji b'mod miftuħ, trasparenti u mhux diskriminatorju. Il-kontrolli għan-nuqqas ta' kunflitt ta' interess fuq l-intermedjarji finanzjarji għandhom isiru u jitwettqu ex ante permezz ta' sistema tal-IT bħal Minerva għall-atturi finanzjarji kollha involuti.
- 6) Rekwiżit għall-iffirmar tal-Ftehimiet ta' Finanzjament: Il-COFIDES għandu jiffirma Ftehimiet ta' Finanzjament mal-intermedjarji finanzjarji f'konformità mar-rekwiżiti ewlenin li għandhom jiġu pprovduti bħala parti mid-dokumenti assoċjati li jistabbilixxu l-faċilità. Ir-rekwiżiti ewlenin tal-Ftehim ta' Finanzjament għandhom jinkludu r-rekwiżiti kollha li taħthom topera l-Faċilità, inklużi:
 - a) L-obbligu tal-intermedjarju finanzjarju li jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu f'konformità *mutatis mutandis* mar-rekwiżiti tat-teħid tad-deċiżjonijiet u tal-politika tal-investiment speċifikati hawn fuq, inkluż relatati mar-rispett tal-prinċipju DNSH.
 - b) Id-deskrizzjoni tal-qafas ta' monitoraġġ u awditjar u kontroll li l-intermedjarju finanzjarju għandu jistabbilixxi, li *mutatis mutandis* għandu jkun soġġett għar-rekwiżiti kollha ta' monitoraġġ, awditjar u kontroll speċifikati hawn fuq.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

V.4. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ fil-forma ta' self

Ara t-tabella ta' hawn taħt. Id-data tal-linja bażi għall-indikaturi kollha hija l-1 ta' Frar 2020 sakemm ma jkunx indikat mod ieħor fid-deskrizzjoni tal-azzjoni.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-mira)			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u objettiv
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
L71	C22.R6	M	Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni rilevanti	Dispożizzjoni fil-leġiżlazzjoni li tippredvi d-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni				Q-4	2025	Id-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni rilevanti dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi u l-utenti kontra sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà soċjali u ekonomika, b'mod partikolari: a) Il-Liġi 4/2022 dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi u l-utenti kontra sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà soċjali u ekonomika u; b) Digriet Irjali li jirregola t-Tikkettar Braille Alphabet u formati oħra li jggarantixxu aċċessibbiltà universali għal oġġetti u prodotti għall-konsumatur ta' rilevanza speċjali.
L72	C22.I6	M	Fond ta' Impatt Soċjali: Regolament li jistabbilixxi l-Faċilità	Dħul fis-seħħ tar-regolament li jistabbilixxi l-Faċilità				Q-2	2023	Dħul fis-seħħ tar-regolament, u kwalunkwe dokument assoċjat, li jistabbilixxi l-Faċilità
L73	C22.I6	T	Fond ta' Impatt Soċjali: Ftehimiet ta' finanzjament legali ffirmati mal-benefiċjarji finali (inklużi fondi ta' ekwità)		%	0	100 %	Q-3	2026	Il-Faċilità, u l-intermedjarji magħżula mill-COFIDES, għandhom ikunu daħlu fi ftehimiet ta' finanzjament legali mal-benefiċjarji finali (inklużi fondi ta' ekwità) għal ammont meħtieġ biex jintuża 100 % tal-investiment tal-RRF fil-Faċilità (filwaqt li jitqiesu t-tariffi tal-ġestjoni). Mill-inqas 40 % tal-finanzjament għandu jikkorrispondi għal ftehimiet ta' finanzjament iffirmati ma' fondi ta' ekwità u mill-inqas 10 % għandu jikkorrispondi għal ftehimiet ta' finanzjament iffirmati mal-benefiċjarji finali għall-prodotti ta' investiment l-oħra kollha (inklużi investimenti ta' ekwità diretti mill-Faċilità).
L74	C22.I6	M	Fond ta' Impatt Soċjali: Il-Ministeru lesta l-investiment	Ċertifikat ta' trasferiment				Q-3	2026	Spanja għandha tittrasferixxi EUR 400 000 000 għall-Faċilità

W. IL-KOMPONENT 23: POLITIKI PUBBLIĊI ĠODDA GĦAL SUQ TAX-XOGĦOL DINAMIKU, REŻILJENTI U INKLUŻIV

Il-komponent tal-pjan Spanjol għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza sfidi strutturali importanti tas-suq tax-xogħol Spanjol. L-oġġettivi ewlenin tagħha huma li tnaqqas il-qgħad strutturali u l-qgħad fost iż-żgħażaġh, tnaqqas l-użu mifrux ta' kuntratti temporanji u tikkoreġi d-duwalità tas-suq tax-xogħol, iżżid l-investiment fil-kapital uman, timmodernizza l-istrumenti ta' negozjar kollettiv u żżid l-effettività u l-effiċjenza tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol.

Il-komponent għandu jinkludi investimenti rilevanti, komplementari għal dawk iffinanzjati mill-Fondi Strutturali (b'mod partikolari l-Fond Soċjali Ewropew), li għandhom l-għan li jimmassimizzaw l-impatt tar-riformi fuq il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, iż-żidiet fil-produttività u t-tnaqqis tad-disparitajiet soċjali, territorjali u bejn is-sessi.

B'mod ġenerali, il-miżuri inklużi fil-komponent għandhom l-għan li jindirizzaw l-isfidi li ilhom jeżistu tas-suq tax-xogħol Spanjol u jippreżentaw sett ta' riformi ambizzjużi u koerenti, li l-biċċa l-kbira tagħhom għandhom jitwettqu sa tmiem l-2021. Xi wħud mill-proposti ta' riforma bħalissa qed jiġu diskussi mas-sħab soċjali permezz ta' proċess ta' djalogu soċjali. Għalhekk, xi dettalji tħallew miftuħa b'mod espliċitu bil-ħsieb li jiġihalla biżżejjed spazju għall-ftehim u l-approvazzjoni mis-sħab soċjali.

Il-komponent jindirizza r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż dwar it-tranżizzjonijiet lejn kuntratti indefiniti u dwar l-inċentivi għar-reklutaġġ, dwar is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi, il-politiki attivi tas-suq tax-xogħol u t-tagħlim għall-adulti, dwar il-protezzjoni tal-qgħad, l-iskemi ta' introjtu minimu u l-preservazzjoni tal-impjiegi (ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż 2 2019 u 2 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

W.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma 1 (C23.R1) — Regolamentazzjoni tat-telexogħol

Din ir-riforma għandha tistabbilixxi qafas regolatorju għall-forniment ta' xogħol mill-bogħod bl-oġġettiv li jittejbu l-protezzjoni u l-flessibbiltà tal-ħaddiema filwaqt li tiġi ppreservata l-produttività tan-negozju. Dan għandu jikkonsisti fl-approvazzjoni ta' żewġ Digriet Leġiżlattivi Rjali:

- Id-digriet Amministrattiv Irjali 28/2020 fit-22 ta' Settembru għandu jipprovdi qafas regolatorju li jiffavorixxi l-introduzzjoni ta' xogħol mill-bogħod fis-settur privat, filwaqt li jippreserva l-produttività tan-negozju u joffri protezzjoni u flessibbiltà lill-ħaddiema. Hija għandha tiggarrantixxi l-istess kundizzjonijiet tax-xogħol għal dawk li jaħdmu mill-bogħod u fuq il-post, kif ukoll in-natura volontarja tat-telexogħol, kemm għall-ħaddiem kif ukoll għall-impjegatur. Il-qafas stabbilit jiffavorixxi forom imħallta ta' xogħol mill-bogħod u fuq il-post.

- Id-digriet Amministrattiv Irjali 29/2020 tad-29 ta' Settembru dwar it-Telexogħol fl-Amministrazzjonijiet Pubbliċi għandu jistabbilixxi qafas regolatorju għall-impjegati pubbliċi li jirrikonoxxi l-possibbiltà li dan it-tip ta' xogħol jiġi pprovdut fuq bażi volontarja u riversibbli b'awtorizzazzjoni minn qabel.

Din ir-riforma hija marbuta mar-Riforma 1 fil-komponent 11 dwar l-amministrazzjoni pubblika.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2020.

Riforma 2 (C23.R2) — Miżuri biex titnaqqas id-differenza bejn il-ġeneri

Din ir-riforma għandha l-għan li tnaqqas id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa. Dan għandu jikkonsisti f'żewġ liġijiet amministrattivi:

- Id-digriet Irjali 901/2020 tat-13 ta' Ottubru għandu jirregola l-obbligu tal-impjegaturi li jipproduċu u jirreġistraw pjanijiet ta' ugwaliżanza biex tingħata trasparenza fil-pagi. Il-kumpaniji kollha b'aktar minn 150 impjegat huma obbligati jipproduċu u jirreġistraw tali pjanijiet u fl-2022 il-kumpaniji kollha b'aktar minn 50 ħaddiem għandhom ikunu obbligati wkoll. Id-digriet Irjali għandu jistabbilixxi l-proċedura għan-negozjar tal-pjanijiet, ir-rekwiżiti li għandhom jiġu segwiti mid-dijanjożi u l-karatteristiċi tal-evalwazzjoni u l-monitoraġġ tagħhom.
- Id-digriet Irjali 902/2020 tat-13 ta' Ottubru dwar paga ugwali għall-irġiel u n-nisa għandu jiggarrantixxi l-prinċipju tat-trasparenza fil-pagi sabiex jiġu identifikati sitwazzjonijiet diskriminatorji minħabba valutazzjonijiet tax-xogħol mhux korretti (jiġifieri paga aktar baxxa għal xogħol ta' valur ugwali). Id-digriet għandu jiddefinixxi s-sitwazzjonijiet li fihom xogħol jitqies ta' valur ugwali. Din ilha fis-seħħ minn April 2021, wara l-perjodu ta' 6-il xahar mogħti lill-impjegaturi biex jistabbilixxu l-mekkaniżmi ta' implimentazzjoni meħtieġa.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2021.

Riforma 3 (C23.R3) — Regolamentazzjoni tax-xogħol tad-distributuri tad-djar permezz ta' pjattaformi diġitali (*riders*)

Ir-riforma għandha l-oġettiv li tirregola l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-hekk imsejħa *rikkieba*, li huma involuti f'attivitajiet ta' distribuzzjoni lil partijiet terzi bl-użu ta' mezzi teknoloġiċi. Id-digriet Amministrattiv Irjali għandu jiggarrantixxi lil dawn il-ħaddiema d-dritt għal trattament ġust u ugwali f'termini ta' kundizzjonijiet tax-xogħol, u d-dritt ta' aċċess għall-protezzjoni soċjali u t-taħriġ, permezz tal-preżunzjoni legali ta' relazzjoni ta' impjieg bejn il-kumpanija u s-sewwieq. Dan għandu jippermetti wkoll li r-rappreżentanza legali tal-ħaddiema tiġi infurmata dwar ir-regoli li jinsabu fl-algoritmi u s-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali li jista' jkollhom impatt fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol, inkluż l-aċċess għall-impjiegi u ż-żamma tagħhom u t-tfassil ta' profili.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2021.

Riforma 4 (C23.R4) — Simplifikazzjoni tal-kuntratti: il-ġeneralizzazzjoni tal-kuntratt indefinit, ir-raġunijiet għall-użu ta' kuntratti temporanji u r-regolamentazzjoni tal-kuntratt ta' taħriġ/apprendistat.

Din ir-riforma tikkonsisti fl-emendar tar-regolament dwar il-kuntratti stabbilit fl-Istatut tal-Ħaddiema (id-Digriet Leġiżlattiv 2/2015) bl-għan li jiġi rregolat l-użu ta' kuntratti temporanji bħala orġini

esklużivament kawżali u jiġi ġeneralizzat l-użu ta' kuntratti indefiniti. Ir-riforma għandha tinkludi l-elementi li ġejjin:

- Simplifikazzjoni u riorganizzazzjoni tal-menù tal-kuntratti, bi tliet tipi ewlenin: miftuħ, temporanju u ta' taħriġ/apprendistat. It-tfassil tat-tipi l-ġodda ta' kuntratti għandu l-għan li jillimita l-kawżi validi għall-użu ta' kuntratti temporanji, u b'hekk il-kuntratti indefiniti jsiru r-regola ġenerali.
- Ir-rieżami tal-użu tal-kuntratt ta' taħriġ/apprendistat, sabiex jiġi pprovdut qafas adegwat għaż-żgħażaġh biex jidħlu fis-suq tax-xogħol.
- It-tisħiħ tal-użu tal-kuntratt staġjonali, li huwa tip speċjali ta' kuntratt indefinit użat f'attivitajiet staġjonali.
- Ir-riforma għandha ssaħħaħ il-kontroll fl-użu tal-kuntratti part-time, biex tipprevjeni l-ħin tax-xogħol irregolari.
- It-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-frodi tax-xogħol, inkluż bl-aġġornament tas-sistema tas-sanzjonijiet.

Din ir-riforma hija marbuta mill-qrib mar-Riforma 1 fil-Komponent 11, li għandha tintroduċi bidliet legali oħra fl-Istatut tal-Ħaddiema Pubbliċi biex jitnaqqas l-użu ta' kuntratti temporanji fis-settur pubbliku. Huwa relatat ukoll mar-Riforma 6 (mekkaniżmu ta' flessibbiltà u stabbiltà) f'dan il-komponent.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2021.

Riforma 5 (C23.R5) — Modernizzazzjoni tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol (ALMP)

L-oġettiv ta' din ir-riforma huwa li timmodernizza t-twettiq tal-ALMP fi Spanja, filwaqt li tqis il-konklużjonijiet mir-rieżamijiet tal-infiq magħmula mill-awtorità fiskali indipendenti ("AIReF"). Ir-riforma għandha tikkonsisti f'diversi elementi, bħall-iżvilupp ta' perkorsi individwali għall-konsulenza, il-prevenzjoni ta' abbużi f'taħriġ ibbażat fuq ix-xogħol (bħal traineeships u kuntratti ta' taħriġ), it-tisħiħ tas-sistema ta' taħlim għall-adulti u r-rikonoxximent tal-kompetenzi, l-istabbiliment ta' punt uniku ta' servizz għaż-żgħażaġh, it-titjib tal-koordinazzjoni bejn is-servizzi tal-impjieg u dawk soċjali u mar-reġjuni, u t-titjib tal-kooperazzjoni mas-settur privat.

Din ir-riforma għandha tiġi kkomplementata minn żewġ riformi oħra f'dan il-komponent, jiġifieri r-Riforma 7 (inċentivi għar-reklutaġġ) u r-Riforma 11 (id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi tal-impjieg). Xi elementi tar-riforma (bħat-tisħiħ tat-taħriġ mill-ġdid u l-programm ta' assistenza għall-ħaddiema anzjani) jippreżentaw sinerġiji mar-Riforma 2 fil-komponent 30 (allinjament tal-età effettiva tal-irtirar mal-età legali tal-irtirar).

Ir-riforma għandha tinkludi għadd ta' passi leġislattivi fl-2021 u fl-2022:

- a) Pjan ta' Azzjoni 2021–2027 biex jiġi indirizzat il-qgħad fost iż-żgħażaġh fl-okkażjoni tal-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ tal-UE Plus. Il-pjan ta' azzjoni għandu jinkludi rieżami tal-kuntratti ta' traineeship/apprendistat u l-approvazzjoni ta' Statut tat-Trainees. Dawn il-miżuri għandhom ikunu koerenti mal-politiki tal-edukazzjoni biex jiġi indirizzat it-tluq bikri mill-iskola (kif stabbilit fil-komponent 21). L-implimentazzjoni ta' dan l-element tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2021.
- b) L-istrateġija Spanjola tal-Attivazzjoni fil-Qasam tal-Impjieg 2021–2024, wara proċess ta' djalogu soċjali. L-oġettivi ewlenin tal-istrateġija l-ġdida għandhom ikunu:

- Approċċ iċċentrat fuq in-nies u ċċentrat fuq in-negozju: it-tfassil tal-ALMP huwa mistenni li jkun iffukat fuq iċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' kull persuna u negozju.
 - Il-konsistenza mat-trasformazzjoni produttiva: L-ALMP għandha tippermetti tranżizzjonijiet professjonali li jakkumpanjaw il-bidla tal-mudell ta' produzzjoni lejn ekonomija ekoloġika u diġitali.
 - Orjentazzjoni lejn ir-riżultati: L-ALMP huwa mistenni li jiġi vvalutat, il-monitoraġġ u t-trawwim tal-kisba tar-riżultati.
 - It-titjib tal-kapaċitajiet tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi permezz tad-diġitalizzazzjoni u l-modernizzazzjoni tagħhom.
 - Il-governanza u l-koeżjoni tas-Sistema Nazzjonali tal-Impjiegi biex tittejjeb il-koordinazzjoni fil-livell nazzjonali u reġjonali u l-partijiet ikkonċernati involuti fl-ALMP.
- L-implimentazzjoni ta' dan l-element tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2021.
- c) Ir-riforma tal-Liġi dwar l-Impjiegi, bl-oġġettivi li ġejjin: (I) li jissaħħu l-istrumenti ta' politika u ta' koordinazzjoni tas-Sistema Nazzjonali tal-Impjiegi; (II) għar-riforma tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol; (III) li tiġi rieżaminata l-governanza tas-sistema; (IV) li tissaħħaħ id-dimensjoni lokali tal-politika tal-impjiegi; u (v) li jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-implimentazzjoni tad-diversi miżuri previsti fil-qafas tal-Pjan Nazzjonali għal Politiki Attivi dwar l-Impjiegi. F'dan il-kuntest, l-elementi ewlenin tal-bidliet leġiżlattivi għandhom jinkludu:
- It-tiżiħ tal-politiki attivi u passivi dwar l-impjiegi filwaqt li titqies id-distribuzzjoni tal-kompetenzi bejn l-Istat u l-Komunitajiet Awtonomi.
 - It-tiżiħ tas-Sistema ta' Intermedjazzjoni u s-Sħubijiet Pubbliċi-Privati.
 - Portafoll Komuni tas-Servizzi tas-Sistema Nazzjonali tal-Impjiegi.
 - Reviżjoni tal-mudell ta' finanzjament.
 - Il-kooperazzjoni mas-servizzi soċjali.
 - Id-dimensjoni lokali u Ewropea.
 - L-iżvilupp teknoloġiku għall-impjegabbiltà.
 - L-użu tal-ICTs u l-Big Data.
 - It-titjib tal-impjegabbiltà.
- L-implimentazzjoni ta' dan l-element tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

Riforma 6 (C23.R6) — Mekkaniżmu permanenti għall-flessibbiltà interna, l-istabbiltà tal-impjiegi u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema fi tranżizzjoni.

Din ir-riforma għandha l-oġġettiv li tistabilixxi skema permanenti biex taġġusta għal xokkijiet ċikliċi u strutturali, billi tkopri s-sospensjoni jew it-tnaqqis tal-ħin tax-xogħol permezz ta' pjan ta' regolament dwar l-impjiegi li jinkludi r-rekwiżit li l-ħaddiema jittejbu jew jitħarrġu mill-ġdid fil-ħiliet identifikati bħala li hemm domanda għalihom. L-iskema għandha tibni fuq l-esperjenza tal-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar (l-hekk imsejħa "ERTEs") użati matul il-kriżi tal-COVID-19 biex jiġu ppreservati l-impjiegi matul il-lockdown u restrizzjonijiet oħra fuq l-attività kkawżati mill-pandemija.

Ir-riforma għandha tikkonsisti f'żewġ mekkaniżmi ta' aġġustament ġodda:

- Mekkaniżmu ta' stabilizzazzjoni ekonomika li għandu jipprovdi flessibbiltà interna lid-ditti u stabbiltà lill-ħaddiema fid-dawl ta' xokkijiet tranżitorji jew ċikliċi, b'enfasi speċjali fuq it-taħriġ tal-ħaddiema.
- Mekkaniżmu li għandu jappoġġa t-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema u tal-kumpaniji fi tranżizzjoni biex jgħinhom ilaħħqu mal-innovazzjonijiet teknoloġiċi jew tad-

domanda u li għandu jiffaċilita l-mobbiltà volontarja tal-ħaddiema fi ħdan id-ditti u bejniethom.

Il-miżura għandha tiġi implimentata permezz tal-emenda tal-Istatut tal-Ħaddiema. Dan għandu jinkludi l-ħolqien ta' fond tripartitiku li għandu jiġi ffinanzjat permezz ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali minn impjegaturi u ħaddiema u kkomplementat mill-Istat. Hija għandha tiżgura s-sostenibbiltà fiskali fuq terminu medju sa twil filwaqt li tqis għażliet u xenarji differenti. Il-Funzjonament konkret ta' dan il-fond għandu jiġi nnegożjat mas-sħab soċjali.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2021.

Riforma 7 (C23.R7) — Rieżami tal-inċentivi għar-reklutaġġ

L-oġettiv tar-riforma huwa li tissimplifika s-sistema ta' inċentivi għar-reklutaġġ u żżid l-effettività tagħha permezz ta' mmirar aħjar, billi tqis ir-rieżami tal-infiq imwettaq mill-awtorità fiskali indipendenti ("AIReF"). B'mod partikolari, għandha l-għan li ttejjeb l-impjegabbiltà ta' gruppi speċifiċi ħafna b'parteċipazzjoni baxxa fis-suq tax-xogħol, billi tippromwovi impjegi ta' kwalità u kuntratti permanenti. L-għadd ta' inċentivi għandu jitnaqqas, u r-rekwiżiti għall-kumpaniji benefiċjarji għandhom jiġu standardizzati. Huma previsti monitoraġġ u evalwazzjoni kontinwi tas-sistema ta' inċentivi għar-reklutaġġ.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata permezz ta' emenda tal-Liġi 43/2006. Huwa relatat mill-qrib ma' miżuri oħra f'dan il-komponent, bħar-Riforma 5 (ir-riforma ġenerali tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol) u l-Investment 7 (perkorsi ta' attivazzjoni għall-benefiċjarji tal-iskema ta' introjtu minimu).

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

Riforma 8 (C23.R8) — Modernizzazzjoni tan-negożjar kollettiv

Din ir-riforma għandha l-oġettiv li ttejjeb il-funzjonament tan-negożjar kollettiv billi temenda r-regoli legali rilevanti fl-Istatut tal-Ħaddiema (it-Titolu III tad-Digriet Leġiżlattiv 2/2015) wara proċess ta' dialogu soċjali. Minħabba dan, il-bidliet regolatorji previsti mhumiex dettaljati bis-sħiħ fil-pjan. Il-bidliet għandhom itejbu r-regoli legali li jirregolaw in-negożjar kollettiv.

Il-modernizzazzjoni tan-negożjar kollettiv għandha tinkorpora bidliet fl-istruttura tan-negożjati nnifisha, bl-għan li tissaħħaħ ir-rappreżentattività tal-partijiet fin-negożjati, jiġi arrikkit il-kontenut tad-dialogu, u tissaħħaħ iċ-ċertezza legali fl-implimentazzjoni u l-effetti tiegħu. Il-bidliet ma għandhomx jirriżultaw f'ostakli sproporzjonati għad-ditti biex jaġġustaw għaċ-ċiklu u jirrispondu għall-iżviluppi fil-produttività.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2021.

Riforma 9 (C23.R9) — Modernizzazzjoni tal-attivitàjiet ta' sottokuntrattar

Din ir-riforma għandha l-għan li ttejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol u d-drittijiet tal-persuni li jaħdmu f'kumpaniji sottokuntrattati, billi temenda l-Artikolu 42 tal-Istatut tal-Ħaddiema (id-Digriet Leġiżlattiv 2/2015) biex tiżgura l-użu xieraq tiegħu f'każijiet fejn ittejjeb l-attività produttiva u tiskoraġġiha minn dawk fejn hija sempliċiment mezz biex jitnaqqsu l-ispejjeż.

Din ir-riforma għandha ttipprovdi livell adegwat ta' protezzjoni lill-ħaddiema fis-sottokuntrattar u timxi lejn kundizzjonijiet ekwi bejn il-ħaddiema sottokuntrattati u dawk tal-kumpaniji. Għandha

ssahhañ ukoll ir-responsabbiltà tal-kuntratturi jew tas-sottokuntratturi u tipprevjeni l-esternalizzazzjoni tas-servizzi permezz ta' sottokuntrattar f'każijiet fejn dan ikun sar bl-għan li jitbaxxew l-istandards tax-xogħol għall-persuni li jaħdmu għas-sottokuntratturi.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2021.

Riforma 10 (C23.R10) — Simplifikazzjoni u titjib tal-assistenza għall-qgħad

Din ir-riforma leġiżlattiva tikkonċerna l-assistenza mhux kontributorja għall-qgħad u għandha ssir permezz tal-emenda tad-Digriet Leġiżlattiv Irjali 8/2015. Hija relatata mill-qrib mar-Riforma 5 tal-Komponent 22, li tiddekrivi riforma aktar ġenerali tal-benefiċċji soċjali mhux kontributorji.

Ir-riforma tinkludi l-oġettivi li ġejjin:

- i. li testendi l-protezzjoni tal-qgħad billi timla xi wħud min-nuqqasijiet fil-kopertura tas-sistema attwali u testendi d-durata massima;
- ii. li s-sistema tiġi ssimplifikata, li bħalissa hija frammentata f'diversi skemi;
- iii. li jorbot il-benefiċċju ma' itinerarju ta' attivazzjoni personalizzat;
- iv. li tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni għall-protezzjoni soċjali meta l-benefiċċjarju ma jirritornax għax-xogħol u jkun f'sitwazzjoni vulnerabbli.

Bħala regola ġenerali, il-grupp fil-mira tal-iskema l-ġdida għandu jkun l-istess bħal fis-sistema attwali, jiġifieri ħaddiema qiegħda li mhumiex eliġibbli għall-benefiċċji tal-qgħad kontributorji, jew minħabba li ilhom qiegħda għal żmien twil wisq u eżawrew id-drittijiet tagħhom, jew minħabba li l-istorja tal-kontribuzzjonijiet tagħhom hija qasira wisq (inqas minn 12-il xahar iżda aktar minn sitta). L-ammont ta' kull xahar tal-benefiċċju għandu jibqa' 80 % tal- "IPREM" (indikatur dwar l-introjtju pubbliku ta' effetti multipli).

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

Riforma 11 (C23.R11) — Diġitalizzazzjoni tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES) għall-modernizzazzjoni u l-effiċjenza tagħha.

L-oġettiv ta' din ir-riforma huwa li tittrasforma l-forniment ta' servizzi pubbliċi tal-impjiegi u ttejjeb l-effiċjenza tagħhom għaċ-ċittadini u n-negozji. Ir-riforma għandha tikkonsisti mill-elementi li ġejjin:

- It-titjib tal-ġestjoni interna: l-immodernizzar tas-sistemi ta' informazzjoni li jappoġġaw is-sistema tal-benefiċċji tal-qgħad, kif ukoll dawk li jappoġġaw il-politiki attivi tas-suq tax-xogħol.
- Id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi kollha għaċ-ċittadini u n-negozji u t-titjib tas-servizz għall-klijenti, inkluża l-offerta ta' servizzi ġodda (applikazzjoni mobbli u sistema mtejbja ta' appuntamenti minn qabel u servizzi online).
- Statistika u ġestjoni tad-data: L-inkorporazzjoni ta' ġestjoni adegwata tad-data, li trawwem it-teħid tad-deċiżjonijiet, kif ukoll il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni ta' valur għoli għas-soċjetà.
- Titjib tas-sistemi kontra l-frodi permezz ta' sistemi ta' intelliġenza artifiċjali u Big Data.
- Il-modernizzazzjoni tal-impjiegi u l-infrastrutturi biex jiġu ffaċilitati l-arranġamenti tat-telexogħol għall-persunal tal-PES.

Ir-riforma tal-PES hija inkluża fi sforz aktar ġenerali għall-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjonijiet pubbliċi (il-Komponent 11 tal-RRP). Ir-riforma tal-PES għandha tiġi ffinanzjata permezz tal-ikkuntrattar u l-eżekuzzjoni tal-Investment 2 fil-Komponent 11.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Investiment 1 (C23.I1) — Impjieġ taż-Żgħażaġħ

Dan l-investiment jinkludi sett ta' programmi ta' attivazzjoni u taħriġ għaż-żgħażaġh li qed ifittxu impjieġ (16–29 sena), bl-oġġettiv li tiġi appoġġata l-integrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol. Dan għandu jikkonsisti fl-azzjonijiet li ġejjin:

1. Il-programm “tandem”. Dan għandu jipprovdi taħriġ ibbażat fuq ix-xogħol liż-żgħażaġh bejn l-etajiet ta' 16 u 29 sena f'workshops tal-iskejjel pubbliċi, b'enfasi fuq il-ħiliet meħtieġa għat-tranżizzjoni doppja, il-kura soċjali u l-koeżjoni territorjali. Korpi pubbliċi mill-amministrazzjoni ċentrali u entitajiet oħra mis-settur pubbliku tal-Istat, kif ukoll assoċjazzjonijiet, fondazzjonijiet u entitajiet oħra mingħajr skop ta' qligħ inkarigati mill-implimentazzjoni għandhom jirċievu l-ġhotjiet.
2. Programm “L-ewwel esperjenza professjonali” fl-amministrazzjonijiet pubbliċi. Hija għandha toffri esperjenza inizjali ta' impjieġ fis-settur pubbliku (kemm fl-amministrazzjonijiet ċentrali kif ukoll f'dawk territorjali) liż-żgħażaġh qiegħda li jkunu temmew l-edukazzjoni formali tagħhom. Huma għandhom jiksbu ħiliet personali billi jaħdmu f'impjiegi relatati mat-tranżizzjoni doppja, il-kura soċjali u l-koeżjoni territorjali. L-ġhotjiet jingħataw lil korpi pubbliċi mill-amministrazzjonijiet ċentrali u territorjali inkarigati mill-implimentazzjoni.
3. *Il-programm Investigo*. Għandha tkopri r-reklutaġġ ta' riċerkaturi żgħażaġh minn korpi pubbliċi ta' riċerka, universitajiet pubbliċi, ċentri teknoloġiċi u entitajiet pubbliċi u privati oħra bi proġett ta' riċerka.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 2 (C23.I2) — Impjiegi tan-nisa u integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-politiki attivi tas-suq tax-xogħol

L-oġġettiv ta' dan l-investiment huwa t-titjib tal-integrazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, f'konformità ma' ħafna miżuri oħra fil-Pjan għall-promozzjoni tal-bilanċ bejn il-ġeneri. Dan għandu jikkonsisti fl-azzjonijiet li ġejjin:

1. Linja ta' appoġġ għan-nisa f'żoni rurali u urbani. Dan ikopri azzjonijiet ta' taħriġ fl-oqsma diġitali, ekoloġiċi, tal-kura fit-tul, tal-intraprenditorija u tal-ekonomija soċjali. Għandhom jiġu organizzati sejħiet għal proposti ta' għotjiet għall-entitajiet pubbliċi u privati inkarigati mill-ġhoti tat-taħriġ.
2. Linja ta' appoġġ għan-nisa vittmi ta' vjolenza jew traffikar. Għandha tkopri l-moġhdijiet ta' integrazzjoni għal dawn in-nisa, f'żewġ stadji. Fl-ewwel sitt xhur, il-parteċipanti għandhom isegwu perkorsi personalizzati ta' inklużjoni soċjali, u s-sitt xhur li ġejjin għandhom isegwu taħriġ ibbażat fuq ix-xogħol bl-impenn tal-impjegaturi li jirreklutawhom wara.
3. L-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-politiki attivi tas-suq tax-xogħol. Dan għandu jikkonċerna l-inkorporazzjoni tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-elementi kollha tal-pjanijiet annwali tal-impjiegi tal-PES (kemm ċentrali kif ukoll reġjonali) fil-perjodu 2021–2023. Għal dak l-għan, għandhom jiġu impjegati servizzi ta' konsulenza.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 3 (C23.I3) — Ħiliet ġodda għat-tranżizzjoni ekoloġika, diġitali u produttiva

Dan l-investiment jinkludi inizjattivi differenti ta' taħriġ bl-għan li l-ħaddiema f'riskju ta' spostament jitħarrġu mill-ġdid. Huwa magħmul mil-linji ta' azzjoni li ġejjin:

1. Sejnhiet għal proposti ta' għotjiet u offerti għall-akkwist ta' ħiliet ġodda għal trasformazzjoni diġitali, ekoloġika u produttiva. Hija mmirata lejn il-ħaddiema fis-settur tat-turiżmu, il-persuni qiegħda, il-ħaddiema okkupati u l-persuni soġġetti għall-ERTMS. L-azzjonijiet ta' taħriġ għandu jkollhom it-tul ta' żmien meħtieġ mis-settur produttiv.
2. Vawċers ta' taħriġ għall-akkwist ta' ħiliet ġodda għat-trasformazzjoni diġitali, ekoloġika u produttiva. Hija mmirata lejn l-istess tipi ta' ħaddiema bħal-linja ta' azzjoni preċedenti, iżda f'dan il-każ il-benefiċjarju jirċievi sussidju dirett għal skopijiet ta' taħriġ fil-ħiliet rilevanti għas-setturi ekoloġiċi, diġitali u setturi strateġiċi oħra.
3. L-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-ħiliet. Riċerka bbażata fuq sħarriġ li jsir f'mill-inqas 23 settur produttiv għandha tippovdi twegġbiet effettivi għad-domandi għat-taħriġ u t-taħriġ mill-ġdid fis-suq tax-xogħol, inklużi l-ħiliet fit-tranżizzjoni diġitali u t-tranżizzjoni ekoloġika. Għandha tantiċipa wkoll il-bidliet u twieġeb għad-domanda potenzjali għal ħaddiema tas-sengħa.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investment 4 (C23.I4) — Proġetti territorjali ġodda għall-ibbilanċjar mill-ġdid u l-ekwità

Dan l-investment għandu jiffinanzja mill-inqas 68 proġett territorjali ġdid bl-oġġettiv li tiġi indirizzata l-isfida demografika u tiġi ffaċilitata t-trasformazzjoni produttiva, b'mod partikolari lejn ekonomija ekoloġika u diġitali. Mill-inqas erba' proġetti għandhom jiġu implimentati f'kull reġjun awtonomu tal-pajjiż.

Għandu jikkonsisti f'żewġ tipi ta' proġetti:

1. Proġetti territorjali għal gruppi vulnerabbli. Dawn il-proġetti għandhom ikunu mmirati lejn persuni qiegħda fit-tul, li għandhom isegwu itinerarji personalizzati u individwalizzati li fihom għandhom jiġu integrati azzjonijiet differenti, bħal: gwida u akkumpanjament, programmi ta' orjentazzjoni, kura minn timijiet ta' tiftix ta' impjieg, boroż ta' studju ta' taħriġ u konċiljazzjoni, għajjuna għar-reklutaġġ u l-monitoraġġ tal-azzjonijiet.
2. Proġetti ta' intraprenditorija u mikrointrapriża. Dawn il-proġetti għandhom jindirizzaw l-isfida demografika u jiffaċilitaw it-trasformazzjoni produttiva, b'mod partikolari lejn ekonomija ekoloġika u diġitali. L-inizjattivi li għandhom jiġu ffinanzjati jinkludu proġetti ta' taħriġ agrarju, żvilupp lokali sostenibbli, inizjattivi tal-ekonomija soċjali għal azzjoni kulturali u artistika, tranżizzjoni ekoloġika, inizjattivi ta' żvilupp lokali, turiżmu rurali u wirt artistiku, fost l-oħrajn. Proġett jista' jiffinanzja azzjonijiet bħal: l-intraprenditorija soċjali u l-ħaddiema freelancers, l-istudju tas-suq tax-xogħol, l-aġenti lokali ta' promozzjoni u żvilupp, l-għajjuna għall-bidu ta' kooperattivi jew mikrointrapriżi, in-netwerking, il-parteċipazzjoni f'konferenzi u azzjonijiet ta' disseminazzjoni.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Investment 5 (C23.I5) — Governanza u spinta tal-politiki li jappoġġaw l-attivazzjoni

Din il-miżura għandha l-għan li ssaħħaħ is-servizzi pubbliċi tal-impjieg u ttejjeb l-effiċjenza tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol. Għal dan l-għan, hija tipprevedi l-ħolqien ta' netwerk ta' 20 ċentru ta' orjentazzjoni, intraprenditorija u innovazzjoni għall-impjieg. Dawn se jkunu mifruxa fil-pajjiż kollu (ċentru wieħed fil-livell tal-gvern ċentrali u ieħor f'kull territorju awtonomu, inklużi Ceuta u Melilla) bil-missjoni li tittejjeb il-koordinazzjoni tal-PES fir-reġjuni kollha.

Barra minn hekk, sett ta' azzjonijiet ta' taħriġ kontinwu huma previsti għall-impjegati tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi, li jipprovduhom medja ta' 14 000 azzjoni ta' taħriġ fis-sena. It-taħriġ għandu jiġi organizzat f'moduli ta' tul medju ta' 30 siegħa u bħala medja kull impjegat għandu jieħu sehem f'modulu kull sena matul il-perjodu 2021–2023.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

Investiment 6 (C23.I6) — Pjan komprensiv biex tingħata spinta lill-ekonomija soċjali

Din il-miżura għandha tappoġġa proġetti innovattivi tal-ekonomija soċjali bl-għan li tinholq nisġa ekonomika aktar inklużiva u sostenibbli.

Dan għandu jikkonsisti fl-iżvilupp ta' mill-inqas 30 proġett tal-ekonomija soċjali mill-2021 sat-2025 fl-oqsma li ġejjin:

- Il-ħolqien u ż-żamma tal-impjiegi ta' intrapriżi vijabbli f'diffikultà jew mingħajr tiġdid ġenerazzjonali, permezz tal-konverżjoni tagħhom f'formuli tan-negozju tal-ekonomija soċjali (kooperattivi u kumpaniji tax-xogħol), ġestiti mill-ħaddiema tagħhom.
- Il-ħolqien u l-konsolidazzjoni ta' entitajiet innovattivi tal-ekonomija soċjali, b'impatt fuq it-tiġdid ġenerazzjonali u l-intraprenditorija taż-żgħażaġh.
- Id-diġitalizzazzjoni tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali permezz tal-ħolqien ta' pjattaformi diġitali mmirati lejn it-titjib tal-benesseri taċ-ċittadini fiż-żoni rurali.
- Netwerking ta' kooperattivi, kumpaniji tax-xogħol u forom oħra ta' ekonomija soċjali akkumpanjati minn miżuri ta' bini ta' kapaċità u taħriġ biex jipprovdu servizzi komprensivi ġodda lis-soċjetà.
- It-trawwim ta' tranżizzjonijiet sostenibbli u inklużivi ta' kumpaniji u gruppi vulnerabbli.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 7 (C23.I7) — Promozzjoni tat-tkabbir inklużiv billi l-politiki tal-inklużjoni soċjali jintrabtu mal-iskema nazzjonali ta' introjtu minimu (“IMV”)

L-oġettiv ta' dan l-investiment huwa li jtejjeb l-effettività tal-perkorsi ta' integrazzjoni għall-benefiċjarji tal-iskema nazzjonali ta' introjtu minimu (“IMV”) permezz tal-implimentazzjoni ta' mill-inqas 18 proġett pilota. Wara t-tlestija tagħhom, għandha titwettag evalwazzjoni biex jiġu vvalutati l-kopertura, l-effettività u s-suċċess tal-iskemi ta' introjtu minimu. Din l-evalwazzjoni għandha tinkludi rakkomandazzjonijiet speċifiċi biex jiżdied il-proporzjon tal-użu u tittejjeb l-effettività tal-politiki tal-inklużjoni soċjali. Din il-miżura hija relatata mill-qrib mar-Riforma 5 tal-Komponent 22.

Għall-implimentazzjoni tal-proġetti pilota, il-Ministeru tal-Inklużjoni Soċjali għandu jiffirma ftehimiet ta' sħubija mal-amministrazzjonijiet pubbliċi reġjonali u lokali kkonċernati, kif ukoll ma' entitajiet tal-azzjoni soċjali tat-tielet settur u mas-sħab soċjali. Dawn il-ftehimiet ta' sħubija għandu jkollhom l-oġettivi li: I) it-titjib tar-rata ta' użu tal-IMV; II) iż-żieda tal-effettività tal-IMV permezz ta' perkorsi ta' integrazzjoni. Pjan ta' azzjoni għandu jakkumpanja kull ftehim ta' sħubija, li jiddefinixxi mill-inqas il-punti li ġejjin:

- Benefiċjarji tal-IMV li jieħdu sehem fil-proġett pilota.
- L-aktar perkorsi xierqa (li għandhom jiġu identifikati abbażi tat-tagħlimiet meħuda) u l-eżitu/l-eżiti tal-inklużjoni relatati li għandhom jinkisbu permezz tal-intervent.
- Rekwiżit tal-infrastruttura tad-data: mhux biss il-benefiċjarji tal-IMV huma meħtieġa iżda wkoll benefiċjarji ta' programmi reġjonali oħra biex joqogħdu fuq gruppi ta' kontroll tajbin.

- Il-kostijiet unitarji tal-intervent.
- Pjan ta' monitoraġġ għall-Ministeru tal-Inklużjoni biex jivvaluta l-kisba tal-istadji importanti differenti definiti fil-pjan.
- Il-pubblikazzjoni ta' evalwazzjoni ladarba jitlesta l-proġett pilota bis-sejbiet u t-tagħlimiet meħuda.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha tlesta sal-31 ta' Marzu 2024.

W.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Ara t-tabella ta' hawn taħt. Id-data tal-linja bażi għall-indikaturi kollha hija l-1 ta' Frar 2020 sakemm ma jkunx indikat mod ieħor fid-deskrizzjoni tal-azzjoni. L-ammonti fit-tabella ma jinkludux il-VAT.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
329	C23.R1	M	Dħul fis-seħħ ta' żewġ Digriet Leġislattivi Rjali li jirregolaw ix-xogħol mill-bogħod fis-settur privat u fl-amministrazzjonijiet pubbliċi	Dispożizzjonijiet fid-Digriet Amministrattiv Irjali dwar id-dħul fis-seħħ				Q-4	2020	Iż-żewġ Digriet-Laws Irjali għandhom jirregolaw ix-xogħol mill-bogħod fis-settur privat u fl-amministrazzjonijiet pubbliċi. L-għanijiet tal-liġijiet huma: (i) li jipprovdi qafas regolatorju (RDL 28/2020) li jiffavorixxi l-introduzzjoni ta' xogħol mill-bogħod, filwaqt li jippreserva l-produttività tan-negozju u joffri protezzjoni u flessibilità lill-ħaddiema; u (ii) ir-regolamentazzjoni tat-telexogħol fl-amministrazzjonijiet pubbliċi kollha (RDL 29/2020) bħala mod għdid ta' organizzazzjoni u strutturar tax-xogħol, sabiex taqdi aħjar l-interessi ġenerali u tiżgura l-funzjonament normali tal-amministrazzjonijiet pubbliċi.
330	C23.R2	M	Dħul fis-seħħ ta' żewġ liġijiet sekondarji dwar paga ugwali bejn in-nisa u l-irġiel u dwar pjanijiet ta' ugwaljanza u r-reġistrazzjoni tagħhom	Dispożizzjonijiet fil-liġijiet sekondarji dwar id-dħul fis-seħħ				Q-2	2021	Iż-żewġ liġijiet sekondarji japplikaw għal paga ugwali bejn in-nisa u l-irġiel u għall-pjanijiet ta' ugwaljanza u r-reġistrazzjoni tagħhom. L-għanijiet tar-regolamenti huma: (i) li jiġi żgurat il-prinċipju tat-trasparenza fil-pagi sabiex tiġi identifikata d-diskriminazzjoni minħabba valutazzjonijiet tal-impjiegi skorretti; u (ii) li jiġi żviluppati pjanijiet ta' ugwaljanza u li tiġi żgurata r-reġistrazzjoni tagħhom f'reġistru pubbliku.
331	C23.R3	M	Dħul fis-seħħ tad-Digriet Amministrattiv Irjali għall-protezzjoni tal-ħaddiema involuti f'attivitajiet ta' distribuzzjoni lil partijiet terzi li jużaw mezzi teknoloġiċi	Dispożizzjonijiet fid-Digriet Amministrattiv Irjali dwar id-dħul fis-seħħ				Q-3	2021	Id-digriet Amministrattiv Irjali huwa relatat mal-protezzjoni tal-ħaddiema involuti f'attivitajiet ta' distribuzzjoni lil partijiet terzi li jużaw mezzi teknoloġiċi. L-oġġettivi tal-liġi huma li tiggarrantixxi lil dawn il-persuni d-dritt għal trattament ġust u ugwali f'termini ta' kundizzjonijiet tax-xogħol, id-dritt ta' aċċess għall-protezzjoni soċjali u t-taħriġ u li tippermetti li r-rappreżentanza legali tal-ħaddiema tkun infurmata dwar ir-regoli li jinsabu fl-algoritmi u s-sistemi tal-intellijenza artifiċjali li jista' jkollhom impatt fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol li jirregolaw il-pjattaformi, inkluż l-aċċess għall-impjiegi u ż-żamma tal-impjiegi u t-tfassil ta' profili.
332	C23.R4	M	Emenda tal-Istatut tal-Ħaddiema biex jiġi appoġġat it-tnaqqis tal-impjeg temporanju billi jiġi ssimplifikat l-għadd ta' tipi ta' kuntratti	Dispożizzjonijiet fl-emenda dwar id-dħul fis-seħħ				Q-4	2021	Ir-rispett tad-djalogu soċjali u bħala parti minn approċċ komprensiv li jibbilanċja l-ħtieġa għall-flessibilità u s-sigurtà fis-suq tax-xogħol, id-dħul fis-seħħ tal-emenda tad-dispożizzjonijiet tad-Digriet Leġislativ 2/2015 tat-23 ta' Ottubru li japprova t-test riformulat tal-Istatut tal-Ħaddiema biex jiġi appoġġat it-tnaqqis tal-impjeg temporanju billi jiġi ssimplifikat l-għadd ta' tipi ta' kuntratti.
333	C23.R5	M	Dħul fis-seħħ tal-Pjan ta' Azzjoni biex jiġi indirizzat il-qgħad fost iż-żgħażaġh	Dispożizzjonijiet fil-Pjan ta' Azzjoni dwar id-dħul fis-seħħ				Q-2	2021	Il-pjan ta' Azzjoni għandu jindirizza l-qgħad fost iż-żgħażaġh fl-okkażjoni tal-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ tal-UE Plus. L-oġġettiv tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ huwa li ttejjeb u tapprofondixxi l-koordinazzjoni interistituzzjonali, issaħħaħ ir-relazzjoni mas-settur privat u mal-awtoritajiet lokali, ittejjeb il-kwalità u l-adegwatezza tat-taħriġ, tfittex opportunitajiet ġodda ta' impjeg f'setturi b'potenzjal ta' tkabbir, tnaqqas it-

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										tluq bikri mill-iskola, iżżomm u ttejjeb is-sistema ta' evalwazzjoni u monitoraġġ, u tkompli ssaħħa il-programmi ta' gwida personalizzati.
334	C23.R5	M	Digriet Irjali għal Strateġija ġdida Spanjola dwar l-Impjiegi 2021–2024	Dispożizzjonijiet fid-Digriet Irjali dwar id-dħul fis-seħħ				Q-4	2021	Ir-rispett tad-djalogu soċjali u bħala parti minn approċċ komprensiv li jibbilanċja l-ħtieġa għall-flessibbiltà u s-sigurtà fis-suq tax-xogħol, l-approvazzjoni mill-Kunsill tal-Ministri u d-dħul fis-seħħ ta' Digriet Irjali għal Strateġija Spanjola ġdida għall-Attivazzjoni tal-Impjiegi 2021–2024. L-għanijiet ewlenin tal-istrateġija l-ġdida huma: I) Approċċ iċċentrat fuq il-popli u ċċentrat fuq in-negozju: Il-politiki Attivi dwar l-Impjiegi għandhom jittfasslu b'enfasi fuq iċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' kull persuna u negozju. II) Konsistenza mat-trasformazzjoni produttiva: Il-politiki Attivi dwar l-Impjiegi għandhom jippermettu tranżizzjonijiet professjonali li jakkumpanjaw il-mudell ta' produzzjoni lejn ekonomija ekoloġika u diġitali III) L-orjentazzjoni tar-risultati: Il-politiki Attivi dwar l-Impjiegi għandhom jiġu vvalutati, immonitorjati u jrawmu l-kisba tar-risultati. IV) Titjib tal-kapaċitajiet tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi: Permezz tad-diġitalizzazzjoni u l-modernizzazzjoni tagħhom. IV) Il-governanza u l-koeżjoni tas-Sistema Nazzjonali tal-Impjiegi biex tittejjeb il-koordinazzjoni fil-livell nazzjonali u reġjonali u l-partijiet ikkonċernati involuti fil-politiki attivi tax-xogħol.
335	C23.R5	M	Dħul fis-seħħ tal-emenda tal-Liġi dwar l-Impjiegi (Digriet Leġiżlattiv Irjali 3/2015)	Dispożizzjonijiet fl-emenda dwar id-dħul fis-seħħ				Q-4	2022	L-emenda tal-Liġi dwar l-Impjiegi (id-Digriet Leġiżlattiv Irjali 3/2015) għandha: (I) isaħħu l-istrumenti ta' politika u ta' koordinazzjoni tas-Sistema Nazzjonali tal-Impjiegi; (II) jirrifurmaw il-politiki attivi tas-suq tax-xogħol; (III) jirrieżamina l-governanza tas-sistema; (IV) tissaħħa id-dimensjoni lokali tal-politika tal-impjiegi; u (v) jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-implimentazzjoni tad-diversi miżuri previsti fil-qafas tal-Pjan Nazzjonali għal Politiki Attivi dwar l-Impjiegi.
336	C23.R6	M	Emenda tal-Istatut tal-Ħaddiema biex tiġi stabbilita skema li tagħgusta għal xokkijiet ċikliċi u strutturali, inkluża sistema li ttipprovdi flessibbiltà interna lill-kumpaniji u stabbiltà lill-ħaddiema	Dispożizzjonijiet fl-emenda dwar id-dħul fis-seħħ				Q-4	2021	Ir-rispett tad-djalogu soċjali u bħala parti minn approċċ komprensiv li jibbilanċja l-ħtieġa għall-flessibbiltà u s-sigurtà fis-suq tax-xogħol u l-iżgurar tas-sostenibbiltà fiskali fuq terminu medju sa twil, id-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet emendatorji tad-Digriet Leġiżlattiv Irjali 2/2015 tat-23 ta' Ottubru li japprova t-test riformulat tal-Istatut tal-Ħaddiema biex tiġi stabbilita skema li tagħgusta għal xokkijiet ċikliċi u strutturali, inkluża sistema li ttipprovdi flessibbiltà interna lill-kumpaniji u stabbiltà lill-ħaddiema, tappoġġa t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-impjegati fid-

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										ditti u s-setturi fi tranżizzjoni, u tiffaċilita l-mobbiltà volontarja tal-ħaddiema (fi ħdan id-ditti u bejniethom).
337	C23.R7	M	Dħul fis-seħħ tar-riforma tal-Liġi 43/2006 biex tiġi ssimplifikata u tiżdied l-effettività tas-sistema ta' incenċivi għar-reklutaġġ filwaqt li jitqiesu r-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-AIReF	Dispożizzjon i fir-riforma mad-dħul fis-seħħ				Q-4	2022	Ir-riforma tal-Liġi 43/2006 għandha tissimplifika u żżid l-effettività tas-sistema ta' incenċivi għar-reklutaġġ, filwaqt li tqis ir-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-Awtorità Indipendenti Spanjola għar-Responsabbiltà Fiskali (AIReF) fir-rapport tagħha tal-2020 dwar ir-Rieżami tal-Infiq: "Incenċivi għar-reklutaġġ"
338	C23.R8	M	Emenda tal-Istatut tal-Ħaddiema biex jittejjbu r-regoli legali li jirregolaw in-negozjar kollettiv	Dispożizzjon ijiet fl-emenda dwar id-dħul fis-seħħ				Q-4	2021	Ir-rispett tad-djalogu soċjali u bħala parti minn approċċ komprensiv li jibbilanċja l-ħtieġa għall-flessibbiltà u s-sigurtà fis-suq tax-xogħol, id-dħul fis-seħħ tal-emenda ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-Digriet Leġiżlattiv Irjali 2/2015 tat-23 ta' Ottubru li japprova t-test riformulat tal-Istatut tal-Ħaddiema, biex jittejjbu r-regoli legali li jirregolaw in-negozjar kollettiv.
339	C23.R9	M	Emenda tal-Istatut tal-Ħaddiema biex jittejjbu d-drittijiet tal-persuni li jaħdmu f'kumpaniji sottokuntrattati	Dispożizzjon ijiet fl-emenda dwar id-dħul fis-seħħ				Q-4	2021	Ir-rispett tad-djalogu soċjali u bħala parti minn approċċ komprensiv li jibbilanċja l-ħtieġa għall-flessibbiltà u s-sigurtà fis-suq tax-xogħol, id-dħul fis-seħħ tal-emenda tad-dispożizzjonijiet tad-Digriet Leġiżlattiv 2/2015 tat-23 ta' Ottubru li japprova t-test riformulat tal-Istatut tal-Ħaddiema biex jittejjbu d-drittijiet tal-persuni li jaħdmu f'kumpaniji sottokuntrattati.
340	C23.R10	M	Dħul fis-seħħ tal-emenda tad-Digriet Leġiżlattiv Irjali 8/2015 li jirrifirma r-regolament ta' appoġġ mhux kontributorju għall-qgħad	Dispożizzjon i fl-emenda dwar id-dħul fis-seħħ				Q-4	2022	Ir-riforma tad-Digriet Leġiżlattiv Irjali 8/2015 tikkonċerna r-regolamentazzjoni tal-appoġġ mhux kontributorju għall-qgħad, inklużi l-oġġettivi li ġejjin: (I) li tiġi estiża l-protezzjoni kontra l-qgħad; (II) li tiġi ssimplifikata s-sistema; (III) li jorbot il-benefiċċju ma' itinerarju ta' attivazzjoni personalizzat; (IV) li tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni għall-protezzjoni soċjali meta l-benefiċċjarju ma jirritornax għax-xogħol u jkun f'sitwazzjoni vulnerabbli.
341	C23.R11	M	Ċertifikati ta' tlestija tas-servizzi skont il-kuntratti għall-modernizzazzjoni tas-Servizz Pubbliku tal-Impjiegi tal-Istat	Ċertifikati ta' tlestija tas-servizzi skont il-kuntratti (Atti Amministrattivi)				Q-4	2023	Ċertifikati tat-tlestija tas-servizzi skont il-kuntratti (Atti Amministrattivi) għall-modernizzazzjoni tas-Servizz Pubbliku tal-Impjiegi tal-Istat, billi jittejjbu s-sistemi ta' ġestjoni interna, jiġu mmodernizzati l-impjiegi u d-diġitalizzazzjoni tas-Servizz ta' Appoġġ għaċ-Ċittadini. Dan se jinkludi: — It-titjib tal-ġestjoni interna: It-titjib tas-sistemi ta' informazzjoni li jappoġġaw is-sistema tal-benefiċċji tal-qgħad, kif ukoll dawk li jappoġġaw il-politiki tal-impjiegi. — Servizzi diġitali tal-impjiegi: Id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi pprovduti liċ-ċittadini u lill-kumpaniji u t-titjib tas-servizz għall-klijenti. — Statistika u ġestjoni tad-data: L-inkorporazzjoni ta' ġestjoni adegwata

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										tad-data, li tippermetti t-teħid tad-deċiżjonijiet, kif ukoll il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni ta' valur għoli għas-soċjetà. — Il-modernizzazzjoni tal-impjiegi u tal-infrastrutturi.
342	C23.I1	T	Persuni li lestew il-programmi taż-żgħażaġh.	—	Numru	0	18 300	Q-4	2025	Mill-inqas 18 300 persuna li lestew il-programmi taż-żgħażaġh, meta jitqiesu 21 900 persuna rreġistrati. Din il-mira hija bbażata fuq tliet programmi: • Programm tandem. L-għan: jiksbu kompetenza professjonali permezz ta' taħriġ b'alternanza mal-impjiegi. B'mill-inqas 25 % tal-programm iffoka fuq il-ħiliet relatati mal-klima u 25 % tal-programm iffoka fuq il-ħiliet relatati mad-diġitali. • L-ewwel programm ta' esperjenza. L-għan: jiffaċilita l-ewwel esperjenza ta' xogħol relatata ma' kwalifika. B'mill-inqas 20 % tal-programm iffoka fuq il-ħiliet relatati mal-klima u 20 % tal-programm iffoka fuq il-ħiliet relatati mad-diġitali. • Il-programm "Investigo". L-għan: tipprovdi xogħol marbut mal-iżvilupp ta' proġett ta' riċerka.
343	C23.I2	T	In-nies lestew il-programm " <i>Plan Empleo Mujer, Rural and Urban areas</i> " u Vittmi tal-Vjolenza bejn il-Ġeneri u t-Traffiku tal-Bniedem	—	Numru	0	23 200	Q-4	2025	Mill-inqas 23 200 persuna li lestew il-programm " <i>Plan Empleo Mujer, Rural and Urban areas</i> " u Vittmi tal-Vjolenza bejn il-Ġeneri u t-Traffiku tal-Bniedem, meta jitqiesu 29 000 persuna rreġistrati. Dan il-programm jinvolvi itinerarju personali u integrat ta' azzjonijiet ta' orjentazzjoni, konsulenza u taħriġ aġġustati għall-profil tal-impjegabbiltà tan-nisa parteċipanti. It-taħriġ ipprovdut huwa relatat ma' impjiegi bi prospettivi territorjali tajbin, derivati mill-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol rurali u urban li fih jiġi żviluppat il-programm u għandu l-għan li jikseb kwalifika li żżid l-impjegabbiltà tal-parteċipanti u l-possibbiltajiet tagħhom ta' aċċess għal xogħol deċenti, filwaqt li jsaħħaħ l-iżvilupp produttiv taż-żoni rurali, jiġġieled kontra d-disparità bejn il-ġeneri u jtejjeb il-permanenza tan-nisa fit-territorju. B'mill-inqas 35 % tal-programm iffoka fuq il-ħiliet relatati mal-klima u 35 % tal-programm iffoka fuq il-ħiliet relatati mad-diġitali.
344	C23.I3	T	Persuni li lestew programmi ta' taħriġ biex jiksbu ħiliet għat-trasformazzjoni diġitali, ekoloġika u produttiva	—	Numru	0	825 000	Q-4	2025	Mill-inqas 825 000 persuna li lestew programmi ta' taħriġ biex jiksbu ħiliet għat-trasformazzjoni diġitali, ekoloġika u produttiva, meta jitqiesu 975 000 persuna rreġistrati. It-taħriġ għandu jiffoka fuq is-settur tat-turiżmu, fuq setturi strateġiċi oħra ta' interess nazzjonali, fuq ħaddiema soġġetti għal ERTMS u fuq ħaddiema li jibbenefikaw minn taħriġ ta' mikrokreditu. B'mill-inqas 30 % tal-programm iffoka fuq il-ħiliet relatati mal-klima u 30 % tal-programm iffoka fuq il-ħiliet relatati mad-diġitali.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
420	C23.I3	T	Detezzjoni tal-ħtiġijiet tal-ħiliet permezz ta' programm ta' riċerka	Pubblikazzjoni tal-programm ta' riċerka	Numru	0	23	Q-4	2025	It-tlestija ta' programm ta' riċerka biex jiġu identifikati l-ħtiġijiet tal-ħiliet abbażi ta' sħarriġ magħmul f' mill-inqas 23 settur produttiv li għandhom jipprovdu risponsi effettivi għad-domandi għat-taħriġ u t-taħriġ mill-ġdid fis-suq tax-xogħol, inklużi l-ħiliet fit-tranżizzjoni diġitali u t-tranżizzjoni ekoloġika. Għandha tantiċipa wkoll il-bidliet u twieġeb għad-domanda potenzjali għal ħaddiema tas-sengħa permezz tal-iżvilupp ta' speċjalitajiet ta' taħriġ.
345	C23.I4	M	Approvazzjoni tal-allokazzjoni reġjonali ta' fondi għal proġetti territorjali għal gruppi vulnerabbli, intraprenditorija u mikrointrapriżi.	Minuti ta' Referenza tal-Konferenza Settorjali dwar l-Impjiegi				Q-3	2021	Approvazzjoni fil-Konferenza Settorjali dwar l-Impjiegi tal-allokazzjoni reġjonali ta' fondi għal proġetti territorjali għal gruppi vulnerabbli u proġetti territorjali għall-intraprenditorija u l-mikrointrapriżi, bħall-iżvilupp ta' proġetti li jippromwovu l-intraprenditorija, inizjattivi ta' żvilupp lokali, inizjattivi tal-ekonomija soċjali u proġetti territorjali ġodda li jiffaċilitaw it-trasformazzjoni tal-produzzjoni, b'mod partikolari lejn ekonomija ekoloġika u diġitali.
346	C23.I4	T	Tlestew proġetti territorjali għal gruppi vulnerabbli, intraprenditorija u mikrointrapriżi, li jinvolvu mill-inqas 39 000 ħaddiem u 64 000 intrapriża.	—	Numru	0	68	Q-4	2023	Tlestew mill-inqas 68 proġett territorjali għal gruppi vulnerabbli u proġetti territorjali għall-intraprenditorija u l-mikrointrapriżi, li jinvolvu madwar 39 000 ħaddiem u 64 000 intrapriża fil-mira. Il-proġetti territorjali għall-gruppi vulnerabbli għandhom jiġu żviluppati permezz ta' itinerarji personalizzati u individwalizzati li fihom għandhom jiġu integrati azzjonijiet differenti, bħal: gwida u akkumpanjament, programmi ta' orjentazzjoni, kura minn timijiet ta' tiftix ta' impjieg, boroż ta' studju ta' taħriġ u konċiljazzjoni, għajna għar-reklutaġġ u l-monitoraġġ tal-azzjonijiet. Il-proġetti tal-intraprenditorija u tal-mikrointrapriża għandhom jindirizzaw l-isfida demografika u jiffaċilitaw it-trasformazzjoni produttiva, b'mod partikolari lejn ekonomija ekoloġika u diġitali, permezz ta' proġetti ta' taħriġ agrarju, żvilupp lokali sostenibbli, inizjattivi tal-ekonomija soċjali għal azzjoni kulturali u artistika, tranżizzjoni ekoloġika, inizjattivi ta' żvilupp lokali, it-turiżmu rurali u l-wirt artistiku fost l-oħrajn. Dawn il-proġetti għandhom jinkludu, fost azzjonijiet oħra: intraprenditorija soċjali u freelancers, studju tas-suq tax-xogħol, aġenti lokali ta' promozzjoni u żvilupp, għajna għall-bidu ta' kooperattivi jew mikrointrapriżi, networking, parteċipazzjoni f'konferenzi, azzjonijiet ta' disseminazzjoni.
347	C23.I5	T	Iċ-ċentri pubbliċi għall-gwida, l-intraprenditorija, l-appoġġ u l-	—	Numru	0	20	Q-4	2024	Mill-inqas 20 ċentru pubbliku għall-gwida, l-intraprenditorija, l-appoġġ u l-innovazzjoni għal impjiegi ġodda huma kompletament operattivi.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
			innovazzjoni għal impjieggi ġodda huma kompletament operattivi.							
348	C23.I5	T	Azzjonijiet ta' taħriġ għall-persunal tal-PES		Numru	0	42 000	Q-2	2023	Tlestew mill-inqas 42 000 azzjoni ta' taħriġ għall-persunal tal-PES bl-għan li jtejb u l-ħiliet tagħhom u jipprovdu appoġġ aktar effettiv lil dawk li qed ifittxu impjeg.
349	C23.I6	T	Proġetti tal-ekonomija soċjali li tlestew	—	Numru	0	30	Q-4	2025	Tlestew mill-inqas 30 proġett tal-ekonomija soċjali li jappoġġaw: (a) il-ħolqien u ż-żamma tal-impjieggi ta' intrapriżi vijabbli f'diffikultà jew mingħajr tiġdid ġenerazzjonali, permezz tal-konverżjoni tagħhom f'formuli tan-negozju tal-ekonomija soċjali (kooperattivi u kumpaniji tax-xogħol), ġestiti mill-ħaddiema rġiel u nisa tagħhom; (b) il-ħolqien u l-konsolidazzjoni ta' entitajiet innovattivi tal-ekonomija soċjali, b'impatt fuq it-tiġdid ġenerazzjonali u l-intraprenditorija taż-żgħażaġh; (c) id-diġitalizzazzjoni tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali permezz tal-ħolqien ta' pjattaformi diġitali mmirati lejn it-titjib tal-benesseri taċ-ċittadini fiż-żoni rurali; (d) in-netwerking tal-kooperattivi, il-kumpaniji tax-xogħol u forom oħra ta' ekonomija soċjali akkumpanjati minn miżuri ta' bini tal-kapaċità u taħriġ biex jipprovdu servizzi komprensivi ġodda lis-soċjetà; u (e) it-trawwim ta' tranżizzjonijiet sostenibbli u inklużivi ta' kumpaniji u gruppi vulnerabbli.
350	C23.I7	M	It-titjib tar-rata ta' użu tal-Introjtu Vitali Minimu ("IMV") u ż-żieda tal-effettività tagħha permezz ta' politiki ta' inklużjoni	Pubblikazzjoni tal-ftehim ta' sħubija ("Convenio")				Q-1	2022	Tappoġġa l-inklużjoni soċjoekonomika tal-benefiċjarji tal-IMV permezz ta' perkorsi: tmien ftehimiet ta' sħubija ffirmati ma' amministrazzjonijiet pubbliċi sottonazzjonali, sħab soċjali u entitajiet ta' azzjoni soċjali tat-tielet settur biex iwettqu l-perkorsi. Dawn il-ftehimiet ta' sħubija għandhom l-oġġettivi li: I) it-titjib tar-rata ta' użu tal-IMV; II) iż-żieda tal-effettività tal-IMV permezz ta' politiki ta' inklużjoni.
351	C23.I7	M	Evalwazzjoni biex jiġu vvalutati l-kopertura, l-effettività u s-suċċess tal-iskemi ta' Introjtu Minimu	Pubblikazzjoni tal-evalwazzjoni				Q-1	2024	Wara t-tlestija ta' mill-inqas 18 proġett pilota, il-pubblikazzjoni ta' evalwazzjoni biex jiġu vvalutati l-kopertura, l-effettività u s-suċċess tal-iskemi ta' Introjtu Minimu, inklużi rakkomandazzjonijiet speċifiċi biex jiżdied il-proporzjon ta' użu u tittejjeb l-effettività tal-politiki ta' inklużjoni soċjali.

X. IL-KOMPONENT 24: L-INDUSTRIJA KULTURALI

L-industrija kulturali għandha rwol importanti fl-ekonomija Spanjola, li tirrappreżenta 3.2 % tal-PDG tal-pajjiż kif ukoll 3.6 % tal-impjiegi totali tal-pajjiż qabel il-pandemija tal-COVID-19. Barra minn hekk, għandu valur indispensabbli għas-soċjetà, kif muri mil-livell għoli ta' parteċipazzjoni kulturali tal-popolazzjoni Spanjola qabel il-pandemija. Madankollu, l-industrija tbat minn għadd ta' karatteristiċi strutturali li żammewha milli tilħaq il-potenzjal sħiħ tagħha u għamluha partikolarment vulnerabbli fi żminijiet ta' kriżi.

F'dan l-isfond, il-komponent 24 tal-pjan Spanjol għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi riformi u investimenti mmirati lejn ir-riforma tal-qafas ta' ħidma tal-artisti, u lejn it-tisħiħ u l-immodernizzar tan-nisġa tan-negozju kulturali.

Il-komponent jindirizza r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż dwar il-promozzjoni ta' investimenti biex isostnu l-ekonomija u jappoġġaw l-irkupru wara l-pandemija tal-COVID-19 (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 2020) u dwar l-appoġġ għall-impjiegi, it-tisħiħ tal-protezzjoni tal-qgħad u t-titjib tal-aċċess għat-tagħlim diġitali (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

X.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma 1 (C24.R1) — Żvilupp tal-istatus tal-artist u promozzjoni tal-investiment, l-isponsorizzazzjoni kulturali u l-partekipazzjoni

Din ir-riforma għandha l-għan li tindirizza l-isfida li tirriżulta mill-fatt li r-regolamenti eżistenti dwar ix-xogħol u t-taxxa ma jqisux l-ispeċifikitajiet tas-settur kulturali (bħax-xejriet irregolari tal-introjtu u tax-xogħol), u l-ħtieġa li jiġi attirat finanzjament privat lil hinn mill-appoġġ pubbliku.

Ir-riforma għandha tiżviluppa qafas legali, fiskali u tax-xogħol adegwat għas-settur kulturali sabiex tittejjeb il-protezzjoni soċjali tal-atturi differenti fis-settur kif ukoll biex tiżdied l-attrazzjoni tal-investimenti privati.

Din ir-riforma għandha tapprova bidliet regolatorji għall-implimentazzjoni tal-istatut tal-artist inklużi bidliet regolatorji dwar l-aspetti li ġejjin:

- a) l-adekwatezza tal-VAT u t-taxxa fuq l-introjtu personali;
- b) ir-rappreżentattività tat-trejdjunjins;
- c) relazzjonijiet ta' saħħa u ta' impjieg speċjali tal-artisti f'karrieri pubbliċi;
- d) ir-regolamentazzjoni tal-isponsorizzazzjonijiet;
- e) ir-reġim tal-inċentivi fiskali.

Dawn il-bidliet għandhom jiġu implimentati permezz tal-ħolqien tal-Kumitat Interministerjali dwar l-Istatut tal-Artist u l-abbozzar ta' proposti leġiżlattivi fl-2021, bid-dħul fis-seħħ tal-istrument legali sal-31 ta' Diċembru 2022. Matul il-perjodu 2021–2023 għandhom jiġu implimentati wkoll miżuri li jinkoraġġixxu l-investiment privat fis-settur kulturali.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

Riforma 2 (C24.R2) — Pjan għat-tisħiħ tad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati

L-oġġettiv ta' din ir-riforma huwa li ssaħħaħ id-drittijiet tal-awtur u drittijiet oħra tal-proprjetà intellettuali permezz tal-azzjonijiet li ġejjin:

- a) L-adozzjoni ta' liġi dwar id-drittijiet tal-proprjetà intellettuali fis-Suq Uniku Diġitali Ewropew, li tittrasponi d-Direttivi 2019/789 SatCab u 2019/790 dwar id-drittijiet tal-awtur fis-Suq Uniku Diġitali;
- b) L-adozzjoni ta' Digriet Irjali li japprova r-Regolament il-ġdid dwar ir-Reġistru tal-Proprietà Intellettuali biex dan il-korp jiġi adattat għar-realtà diġitali l-ġdida;
- c) L-adozzjoni ta' Digriet Irjali li jemenda d-Digriet Irjali 1889/2011 tat-30 ta' Diċembru 2006 li jirregola l-funzjonament tat-Taqsima II tal-Kummissjoni tal-Proprietà Intellettuali biex tiġi ffaċilitata l-ġlieda kontra forom ġodda ta' ksur tal-proprjetà intellettuali fuq l-internet; u għal
- d) Approvazzjoni tal-istrument normattiv xieraq u tal-Istatuti tal-Uffiċċju Spanjol għad-Drittijiet tal-Awtur.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Investiment 1 (C24.I1) — Tisħiħ tal-kompetittività tal-industriji kulturali

Dan l-investiment għandu l-għan li jindirizza l-isfidi fir-rigward tal-kompetittività tas-settur kulturali billi jtejjeb ir-reżiljenza tan-nisġa tan-negozju tal-industriji kulturali u kreattivi kif ukoll jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni diġitali tagħhom.

Għal dan l-għan, l-azzjonijiet taħt dan l-investiment huma miġbura fit-tliet kategoriji ta' proġetti li ġejjin:

- a) Il-kompetittività u l-professionalizzazzjoni tal-industriji kulturali u kreattivi (CCIs), permezz ta': (I) it-tisħiħ tal-ħiliet intraprenditorjali u finanzjarji tal-professjonisti kulturali permezz ta' programm ta' boroż ta' studju; (II) taħriġ speċjalizzat dwar il-ġestjoni għall-professjonisti fl-arti tal-ispettaklu u l-mużika; u (iii) appoġġ għal aċċeleraturi kulturali għall-iżvilupp ta' proġetti kulturali b'potenzjal għoli ta' tkabbir; u (iv) il-promozzjoni u d-diġitalizzazzjoni tas-settur tal-kotba,
- b) Id-diġitalizzazzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni tal-proprjetà intellettuali, permezz ta': (I) l-appoġġ għal proġetti għad-diġitalizzazzjoni tal-operaturi tal-ġestjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali; u (ii) l-appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali tal-entitajiet amministrattivi li jimmaniġġjaw id-drittijiet tal-proprjetà intellettuali;

- c) L-internazzjonalizzazzjoni tas-settur tas-CCIs, permezz ta': (I) appoġġ għall-immodernizzar u t-titjib tal-ġestjoni tas-settur tal-arti tal-ispettaklu u tal-mużika; u (ii) miżuri li jappoġġaw lin-negozji u lill-professjonisti tas-CCIs biex iżidu l-preżenza tagħhom fis-swieq nazzjonali u internazzjonali.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika “Bla ħsara sinifikanti” (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu f'termini ta' referenza għal sejħiet għal proġetti li ġejjin għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejja: (I) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream¹⁹⁸; (II) attivitajiet taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksibu emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li ma jkunux inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti¹⁹⁹; (III) attivitajiet relatati ma' miżbliet tal-iskart, incineraturi²⁰⁰ u impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku²⁰¹; u (iv) attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent. It-termini ta' referenza għandhom jirrikjedu wkoll li jistgħu jintgħażlu biss attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 2 (C24.I2) — Spinta lill-kultura madwar it-territorju

Dan l-investiment għandu l-għan li jtejjeb il-koeżjoni territorjali u soċjali billi jiffaċilita l-aċċess għall-kultura kif ukoll jappoġġa s-sostenibbiltà u l-konsolidazzjoni tas-settur kulturali madwar it-territorju. L-azzjonijiet speċifiċi taħt dan l-investiment huma miġbura fl-erba' kategoriji ta' proġetti li ġejjin:

- a) Appoġġ għall-modernizzazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli tal-infrastruttura tal-arti mużikali u tal-ispettaklu, kif ukoll il-promozzjoni ta' kanali ta' disseminazzjoni interterritorjali, billi: (I) it-trasferiment ta' riżorsi lill-Komunitajiet Awtonomi biex jappoġġaw il-modernizzazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli ta' infrastrutturi ta' prestazzjoni u mużikali u (ii) jiffaċilitaw il-koordinazzjoni ta' spetakli kulturali fost il-komunitajiet awtonomi;
- b) Azzjonijiet għall-konservazzjoni, ir-restawr u t-titjib tal-wirt kulturali Spanjol, permezz ta' azzjonijiet li jikkonċernaw: (I) l-identifikazzjoni tal-wirt iddikjarat li huwa ta' interess kulturali

¹⁹⁸ Ħlief proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll infrastruttura relatata ta' trażmissjoni u distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika “La tagħmilx ħsara sinifikanti” (2021/C58/01).

¹⁹⁹ Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li mhumx sostanzjalment anqas mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

²⁰⁰ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

²⁰¹ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

u (ii) il-valorizzazzjoni tal-wirt taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru tal-Kultura u l-Isport, b'mod partikolari permezz tar-restawr komprensiv tal-bini *Tabacalera* f'Madrid;

- c) Id-dotazzjoni tal-libreriji, billi: (I) ix-xiri ta' liċenzji għall-kotba diġitali u (ii) ix-xiri ta' kotba stampati; u għal
- d) Għajjnuna għall-espansjoni u d-diversifikazzjoni tal-offerta kulturali f'żoni mhux urbani, billi: (I) il-promozzjoni tal-innovazzjoni u l-intraprenditorija kulturali f'żoni mhux urbani; (II) l-iżgurar ta' aċċess ugwali għall-kultura; u (iii) il-promozzjoni, permezz tal-kultura, tal-użu responsabbli u sostenibbli tar-riżorsi naturali.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika “Bla ħsara sinifikanti” (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu f'termini ta' referenza għal sejħiet għal proġetti li ġejjin għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejja: (I) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream²⁰²; (II) attivitajiet taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksibu emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li ma jkunux inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti²⁰³; (III) attivitajiet relatati ma' miżbliet tal-iskart, incineraturi²⁰⁴ u impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku²⁰⁵; u (iv) attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent. It-termini ta' referenza għandhom jirrikjedu wkoll li jistgħu jintgħażlu biss attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investment 3 (C24.I3) — Diġitalizzazzjoni u promozzjoni ta' servizzi kulturali ewlenin

Din il-miżura għandha l-għan li tiddiġitalizza kif ukoll li tippromwovi stabbilimenti kulturali ewlenin. L-investimenti speċifiċi taħt din il-miżura għandhom l-għan li jappoġġaw:

- a) Il-Mużew Nazzjonali tal-Prado, minn: (I) it-titjib tal-aċċessibbiltà u l-integrazzjoni tiegħu fin-nisġa urbana, (ii) l-integrazzjoni tas-sensuri kollha f'sistema unika mmonitorjata, (iii) l-iżvilupp ta' esperjenza inklużiva biex il-mużew isir aċċessibbli għal aktar viżitaturi, (iv) l-iżvilupp ta' pjattaforma diġitali interoperabbli bejn il-mużewijiet, (v) it-titjib tal-għodod diġitali għall-amministrazzjoni, u (vi) il-ħolqien ta' kontenut multimedjali;

²⁰² Ħlief proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll infrastruttura relatata ta' trażmissjoni u distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika “La tagħmilx ħsara sinifikanti” (2021/C58/01).

²⁰³ Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li mhumx sostanzjalment anqas mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenhtiegħ li tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

²⁰⁴ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

²⁰⁵ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

- b) Il-Mużew Nazzjonali Centro de Arte Reina Sofia, billi joffri boroż ta' studju u residenzi ta' riċerka għal artisti u ħassieba żgħażaġh b'enfasi fuq l-iżvilupp ta' azzjonijiet ta' diġitalizzazzjoni għall-wirt kulturali;
- c) Il-librerija Nazzjonali Spanjola, billi tippromwovi l-użu u l-użu mill-ġdid tad-data diġitali u l-ġabriet tagħha b'appoġġ għat-tagħlim, ir-riċerka, l-industrija kulturali u l-iżviluppi teknoloġiċi;
- d) Pjan għad-diġitalizzazzjoni u l-aċċess għall-wirt biblijografiku ta' assi oħra tal-librerija mill-amministrazzjonijiet tal-Istat jew entitajiet privati, bil-ħsieb li dawn isiru disponibbli għaċ-ċittadini permezz ta' repożitorji diġitali;
- e) Id-diġitalizzazzjoni, l-estensjoni tal-kapaċità u l-interoperabbiltà tat-tipi kollha ta' sistemi tal-arkivji, inventarji u rekords tal-wirt storiku, inkluż il-wirt awdjoviv; u għal
- f) Miżuri biex jiġu mmodernizzati l-għodod ta' ġestjoni pubblika u tiġi implimentata sistema integrata għad-diġitalizzazzjoni u l-ikkatalogar tar-riżorsi, l-assi, l-istrutturi u l-infrastruttura tal-INAEM (*Instituto Nacional de las Artes Escénicas y de la Música*), inklużi miżuri bħall-implimentazzjoni ta' diversi għodod avvanzati għall-ippjanar, il-ġestjoni u l-valutazzjoni tal-impatt ta' skemi ta' appoġġ pubbliku għas-setturi tal-prestazzjoni u tal-mużika, kif ukoll l-implimentazzjoni ta' sistema diġitali integrata (INAEM DIGITAL) għad-diġitalizzazzjoni u l-ikkatalogar tad-dokumentazzjoni, is-servizzi ta' arkivjar, u l-istrutturi u l-infrastrutturi tal-INAEM.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika “Bla ħsara sinifikanti” (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu f'termini ta' referenza għal sejħiet għal proġetti li ġejjin għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejja: (I) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream²⁰⁶; (II) attivitajiet taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksibu emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li ma jkunux inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti²⁰⁷; (III) attivitajiet relatati ma' miżbliet tal-iskart, incineraturi²⁰⁸ u impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku²⁰⁹; u (iv) attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent. It-termini ta' referenza għandhom jirrikjedu wkoll li jistgħu jintgħażlu biss attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2023.

²⁰⁶ Ħlief proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll infrastruttura relatata ta' trażmissjoni u distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika “La tagħmilx ħsara sinifikanti” (2021/C58/01).

²⁰⁷ Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li mhumx sostanzjalment anqas mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

²⁰⁸ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

²⁰⁹ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

X.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Ara t-tabella ta' hawn taħt. Id-data tal-linja bażi għall-indikaturi kollha hija l-1 ta' Frar 2020 sakemm ma jkunx indikat mod ieħor fid-deskrizzjoni tal-azzjoni. L-ammonti fit-tabella ma jinkludux il-VAT.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
352	C24.R1	M	Id-dħul fis-seħħ tal-istatut tal-artist, l-isponsorizzazzjoni u r-reġim ta' inċentivi fiskali.	Dispożizzjoni għall-fir-regolament dwar id-dħul fis-seħħ				Q-4	2022	Id-dħul fis-seħħ ta' bidliet regolatorji għall-implimentazzjoni tal-istatut tal-artist u r-regolamentazzjoni tal-aspetti li għejjin bl-għan li jitejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-artisti: l-adegwatezza tal-VAT; taxxa fuq l-introjtu personali; ir-rappreżentanza tat-trade unions, is-saħħa u r-relazzjoni ta' impjeg speċjali tal-artisti fil-karrieri pubbliċi; regolamentazzjoni aħjar tal-isponsorizzazzjoni u r-reġim tal-inċentivi fiskali.
353	C24.R2	M	Dħul fis-seħħ ta' miżuri leġiżlattivi u regolatorji biex jissaħħu d-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati	Dispożizzjoni għall-fl-atti legali mad-dħul fis-seħħ				Q-4	2023	1) l-adozzjoni tal-liġi dwar id-drittijiet tal-proprjetà intellettuali fis-Suq Uniku Diġitali Ewropew bi traspożizzjoni sħiħa tad-Direttivi 2019/789 SatCab u 2019/790; 2) id-digriet Irjali li japprova r-Regolament dwar ir-Reġistru tal-Proprietà Intellettuali; 3) id-digriet Irjali li jemenda d-Digriet Irjali 1889/2011 tat-30 ta' Diċembru 2006 li jirregola l-funzjonament tal-Kummissjoni tal-Proprietà Intellettuali; u 4) Approvazzjoni tal-istrument normattiv xieraq u tal-Istatuti tal-Uffiċċju Spanjol għad-Drittijiet tal-Awtur
354	C24.I1	T	It-tisħiħ tal-kompetittività tal-industriji kulturali	—	Numru	0	1 216	Q-2	2023	L-għadd ta' entitajiet u proġetti mogħtija finanzjament mill-iskema ta' appoġġ, għal: - il-kompetittività u l-professjonalizzazzjoni tal-industriji kulturali u kreattivi (CCIs) inkluż it-tisħiħ tal-ħiliet intraprenditorjali u finanzjarji (mill-inqas 900 benefiċjarju); ħiliet intraprenditorjali u finanzjarji tal-professjonisti tal-Industriji Kulturali u Kreattivi (mill-inqas 900 benefiċjarju); — l-ippjanar tad-diġitalizzazzjoni implimentat u l-għodod maħluqa biex tiġi diskussa t-trasformazzjoni diġitali (mill-inqas 16 proġett); — l-internazzjonalizzazzjoni tal-Industriji Kulturali u Kreattivi (mill-inqas 300 benefiċjarju). Il-proġetti għandhom ikunu konformi mal-Gwida Teknika “La tagħmilx ħsara sinifikanti” (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-ekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.
475	C24.I1	T	Tlestija ta' inizjattivi u proġetti għat-tisħiħ tal-kompetittività tal-industriji kulturali		Numru	0	1 216	Q-2	2026	Tlestija tal-1 216 azzjoni għall-promozzjoni tal-kompetittività tal-industriji kulturali, permezz ta': — ħiliet intraprenditorjali u finanzjarji tal-professjonisti tal-Industriji Kulturali u Kreattivi (mill-inqas 900 entità); — l-ippjanar tad-diġitalizzazzjoni implimentat u l-għodod maħluqa biex tiġi diskussa t-trasformazzjoni diġitali (mill-inqas 16 proġett); — l-internazzjonalizzazzjoni tal-Industriji Kulturali u Kreattivi (mill-inqas 300 entità).
355	C24.I2	T	Modernizzazzjoni u ġestjoni sostenibbli tal-infrastruttura tal-	—	Numru	0	200	Q-4	2023	Il-modernizzazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli tal-infrastruttura tal-arti mużikali u tal-ispettaklu li qed jeqdiemu: mill-inqas 200 azzjoni implimentati f'mill-inqas 17 reġjun, f'konformità mal-Gwida Teknika “La tagħmilx ħsara sinifikanti” (2021/C58/01) permezz

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
			arti mużikali u tal-ispettaklu							tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.
357	C24.I2	T	Liċenzji tal-kotba elettroniċi għall-libreriji	—	Numru	0	300 000	Q-2	2023	Liċenzji tal-kotba elettroniċi mixtrija u pprovduti lil-libreriji pubbliċi (mill-inqas 300 000)
359	C24.I2	T	It-tisħiħ tal-inizjattivi kulturali u kreattivi	—	Numru	0	400	Q-4	2023	Tingħata spinta lill-attività kulturali ta' organizzazzjonijiet bi skop ta' qligħ u mingħajr skop ta' qligħ f'żoni mhux urbani (mill-inqas 400 inizjattiva).
358	C24.I2	T	Xiri ta' kotba għall-libreriji	—	Numru	0	450 000	Q-4	2024	Kotba stampati mixtrija u trasferiti lil libreriji pubbliċi (mill-inqas 450 000)
356	C24.I2	T	Il-konservazzjoni, ir-restawr u t-titjib tal-wirt kulturali Spanjol	—	Numru	0	19	Q-4	2025	Siti kulturali appoġġati b'miżuri għall-konservazzjoni, ir-restawr u t-titjib tal-wirt kulturali Spanjol: mill-inqas 19 sit f'mill-inqas 15 reġjun, f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.
474	C24.I2	T	Il-konservazzjoni, ir-restawr u t-titjib tal-wirt kulturali Spanjol (Tabacalera)					Q-2	2026	Is-sit kulturali ta' Tabacalera f'Madrid appoġġa miżuri għall-konservazzjoni, ir-restawr u t-titjib tal-wirt kulturali Spanjol.
360	C24.I3	T	Id-diġitalizzazzjoni u l-promozzjoni ta' servizzi kulturali ewlenin		EUR (miljuni)	0	40	Q-2	2022	Bagħit kumulattiv impenjat ta' mill-inqas EUR 40 000 000 biex jikkontribwixxi għal: (a) - It-tisħiħ u d-diġitalizzazzjoni tal-Mużew Nazzjonali tal-Pradjo u l-Mużew Reina Sofia; — Azzjonijiet biex jiżdiedu l-utenti annwali tal-kollezzjoni diġitali tal-Librerija Nazzjonali Spanjola — Id-diġitalizzazzjoni tal-wirt Biblijografiku l-ieħor [Kollezzjonijiet ta' wirt bitjografiku diġitalizzati]; — L-aċċess diġitali għall-wirt Biblijografiku u l-interoperabbiltà tat-tipi kollha ta' sistemi tal-arkivji pubbliċi u l-espansjoni tal-kapaċità tal-ħżin tad-data tal-inventarju tal-wirt storiku Spanjol u tas-sistemi tal-arkivji; — Tlestija ta' sistema integrata għad-diġitalizzazzjoni u l-ikkatalogar tar-riżorsi, l-assi, l-istrutturi u l-infrastruttura tal-INAEM
361	C24.I3	T	Tlestija tad-diġitalizzazzjoni u l-promozzjoni ta' servizzi kulturali ewlenin	—	Numru	0	200	Q-2	2023	It-tlestija ta' mill-inqas 200 proġett, f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali, biex: — Tagħti spinta u tiddiġitalizza l-Mużew Nazzjonali tal-Pradjo u l-Mużew Reina Sofia; — Azzjonijiet biex jiżdiedu l-utenti annwali tal-għbir diġitali tal-Librerija Nazzjonali Spanjola; — L-aċċess diġitali għall-wirt Biblijografiku u l-interoperabbiltà tat-tipi kollha ta' sistemi

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										tal-arkivji pubbliċi u l-espansjoni tal-kapaċità tal-ħżin tad-data tal-inventarju tal-wirt storiku Spanjol u tas-sistemi tal-arkivji; — It-tlestija ta' sistema integrata għad-diġitalizzazzjoni u l-ikkatalogar tar-riżorsi, l-assi, l-istrutturi u l-infrastruttura tal-INAEM.
362	C24.I3	T	Tlestija tad-diġitalizzazzjoni tal-wirt Biblijografiku		Numru (miljuni)	10	12	Q-2	2023	— Id-diġitalizzazzjoni tal-wirt Biblijografiku (kollezzjonijiet pubbliċi u privati) (total ta' 12 miljun paġna ta' kollezzjonijiet ta' wirt kulturali diġitalizzati)

Y. KOMPONENT 25: ĊENTRU AWDJOVIŻIV TA' SPANJA

Dan il-komponent tal-pjan Spanjol għall-irkupru u r-reżiljenza jiġbor flimkien sensiela ta' investimenti u riformi mmirati lejn ir-rivitalizzazzjoni u t-tisħiħ tas-settur awdjoviżiv. Għandha l-għan li ttejjeb l-ambjent tal-investment, tikkonsolida lil Spanja bħala pjattaforma internazzjonali għall-investment awdjoviżiv u tagħmel lil Spanja referenza fl-esportazzjoni ta' prodotti awdjoviżivi, inklużi l-logħob vidjo u l-ħolqien diġitali. Dan il-komponent jinkludi wkoll azzjonijiet biex titrawwem l-internazzjonalizzazzjoni tad-ditti, tissaħħaħ l-innovazzjoni fis-settur u tiġi implimentata regolamentazzjoni aħjar.

F'konformità mal-pjan "Spanja Diġitali 2025" u mal- "Plan Spain Audio-visual Hub of Europe" li ġie approvat reċentement, il-komponent huwa mistenni li jappoġġa l-ħolqien tal-impjiegi, speċjalment fost iż-żgħażaġh, l-industrija tat-turiżmu u jinkludi azzjonijiet li jnaqqsu d-disparità bejn il-ġeneri.

Il-komponent jindirizza r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż dwar it-trawwim tal-investment fl-innovazzjoni (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2019) u l-iffukar tal-investment fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

Y.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Ir-riforma 1 (C25.R1): Riforma tal-qafas regolatorju awdjoviżiv

Ir-riforma tal-qafas regolatorju awdjoviżiv tinkludi l-adozzjoni ta' żewġ liġijiet u l-approvazzjoni ta' pjan settorjali:

1. Id-dħul fis-seħħ tal-Liġi Ġenerali dwar il-Komunikazzjoni Awdjoviżiva li għandha oġettivi differenti. L-ewwel nett, li jadatta u jimmodernizza l-qafas legali għas-servizzi tal-media awdjoviżiva u s-servizzi ta' skambju ta' vidjos tal-pjattaforma fi Spanja. It-tieni nett, li jiġu stabbiliti mekkaniżmi li jiggarrantixxu d-drittijiet tal-utenti bħall-protezzjoni tal-minuri u tal-pubbliku minn ċerti tipi ta' kontenut. It-tielet, li tippromwovi x-xogħol awdjoviżiv Ewropew billi tirdoppja l-appoġġ għall-produzzjoni awdjoviżiva indipendenti. Ir-raba', biex tittejjeb l-integrazzjoni tal-persuni b'diżabilità. Il-liġi tidħol fis-seħħ sa tmiem l-ewwel kwart tal-2022.
2. Ir-riforma tal-Liġi 55/2007 dwar iċ-Ċinema, li għandha l-għan li (i) taggħanna d-dispożizzjonijiet tal-liġi għar-realtà l-ġdida tas-settur; (II) tallinja l-qafas regolatorju mal-qafas legali Ewropew, inklużi r-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat; u (iii) taggħanna u temenda l-mekkaniżmu biex tipprovdi appoġġ finanzjarju lis-settur awdjoviżiv. Dan għandu jidħol sal-31 ta' Diċembru 2023.
3. L-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-Pjan "Iċ-Ċentru Awdjoviżiv Spanjol għall-Ewropa", li għandu l-għan li jagħmel lil Spanja pjattaforma ta' investment globali, li tattira investment barrani u tesporta prodotti awdjoviżivi. Dan il-pjan ġie adottat mill-Kunsill tal-Ministri

f'Marzu 2021. Dan jinkludi investimenti biex tissaħħaħ il-katina tal-valur kollha tal-industrija awdjoviżiva abbażi tal-vantaġġi komparattivi ta' Spanja fis-settur, inkluża industrija awdjoviżiva stabbilita sew, kapital uman imħarreġ sew u kapaċità kreattiva rikonoxxuta globalment. Il-pjan jinkludi l-formati kollha tas-settur awdjoviżiv (bħaċ-ċinema, is-serje, ir-reklamar, il-logħob tal-kompjuter u l-animazzjoni). Iċ- "Ċentru Awdjoviżiv Spanjol għall-Ewropa" għandu l-għan li jstabbilixxi sinerġiji ma' setturi oħra bħall-kultura u t-turiżmu. Il-miżuri inklużi jibnu fuq erba' priyoritajiet: I) li Spanja tinbidel f'arblu ta' attrazzjoni għall-produzzjoni awdjoviżiva, ii) li jitnaqqsu l-kostijiet amministrattivi u regolatorji assoċjati mas-settur, iii) li tittejjeb il-kompetittività tad-ditti fis-settur billi jinvestu fid-diġitalizzazzjoni tagħhom, u iv) li jiġi ġġenerat it-talent u titnaqqas id-differenza bejn il-ġeneri.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Investiment 1 (C25.I1): Programm għall-promozzjoni, il-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tas-settur awdjoviżiv

Dan l-investment għandu l-għan li jtejjeb il-kompetittività u r-reżiljenza tan-negozju u n-nisġa kreattiva tas-settur awdjoviżiv kif ukoll li jippromwovi l-internazzjonalizzazzjoni tiegħu u jattira l-investment barrani. Sabiex isir dan, hemm tliet programmi distinti fi ħdan l-investment.

1. Programm għall-promozzjoni, l-immodernizzar u d-diġitalizzazzjoni tas-settur awdjoviżiv, biex jittejjbu l-kompetittività u r-reżiljenza tan-negozju u n-nisġa kreattiva tas-settur awdjoviżiv. Il-programm għandu jappoġġa wkoll l-implimentazzjoni u l-integrazzjoni tat-teknoloġiji diġitali fil-produzzjoni u l-promozzjoni tal-kontenut awdjoviżiv kif ukoll id-diġitalizzazzjoni tal-għodda ta' remunerazzjoni tal-kreaturi.
2. Programm għall-promozzjoni tal-internalizzazzjoni tas-settur awdjoviżiv permezz tal-parteċipazzjoni f'konferenzi tan-negozju awdjoviżivi, pjattaformi u laboratorji u fieri tal-iżvilupp tal-proġetti. L-għan huwa li jiġu stabbiliti diversi mekkaniżmi biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-industrija awdjoviżiva Spanjola u jiġi promoss it-talent lokali f'ambjent globali.
3. Programm li jattira investment dirett barrani fis-settur awdjoviżiv permezz tal-istabbiliment ta' ambjent ta' investment attraenti, li jnaqqas il-piż amministrattiv u jiffaċilita diversi proċeduri amministrattivi (li jinvolvu rabtiet mal-amministrazzjoni pubblika fil-livell ġenerali, reġjonali u lokali).

Dan l-investment huwa mmirat lejn in-negozji, il-professjonisti u l-atturi tul il-katina tal-valur awdjoviżiv, u għandu enfasi speċjali fuq l-SMEs li jipproduċu kontenut awdjoviżiv, il-SMEs li jispeċjalizzaw fil-ġestjoni tar-remunerazzjoni għall-ħallieqa, u l-konsulenti tat-teknoloġija li jistgħu jiżviluppaw pjattaformi miftuħa għall-partijiet ikkonċernati kollha.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

Y.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Ara t-tabella ta' hawn taħt. Id-data tal-linja bażi għall-indikaturi kollha hija l-bidu tal-azzjoni sakemm ma jkunx indikat mod ieħor fid-deskrizzjoni tal-azzjoni. L-ammonti fit-tabella ma jinkludux il-VAT.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-obiettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
363	C25.R1	M	Il-pjan “Spanja, iċ-Ċentru Awdjoviżiv tal-Ewropa”.	Approvazzjoni mill-Kunsill tal-Ministri				Q-1	2021	Approvazzjoni mill-Kunsill tal-Ministri tal-Pjan “Spanja, Ċentru Awdjoviżiv tal-Ewropa”. Il-pjan jgħaqqad l-investimenti pubbliċi u r-riformi li għandhom l-għan li (i) jinternazzjonalizzaw is-settur u jżidu l-attrazzjoni ta' Spanja bħala destinazzjoni ta' investiment barrani; (II) jtnaqqsu l-ispejjeż regolatorji u amministrattivi; (III) ittejjeb il-kompetittività tal-intrapriżi kollha permezz tal-implimentazzjoni ta' teknoloġiji ġodda biex l-intrapriża tkun tista' tikkompeti f'suq diġitalizzat; u (iv) jippromwovu l-kapital uman billi jnaqqsu d-disparità bejn is-sessi.
364	C25.R1	M	Dħul fis-seħħ tal-liġi ġenerali dwar il-Komunikazzjoni Awdjoviżiva.	Dispożizzjoni fil-Liġi dwar id-Dħul fis-seħħ				Q-1	2022	Dħul fis-seħħ tal-Liġi Ġenerali dwar il-Komunikazzjoni Awdjoviżiva. Din il-Liġi tirregola l-qafas legali biex jiġu pprovduti servizzi ta' komunikazzjoni awdjoviżiva fi Spanja u għandha tittrasponi b' mod effettiv fis-sistema legali nazzjonali d-Direttiva 2018/1808 dwar is-Servizzi ta' Komunikazzjoni Awdjoviżiva. L-għan tiegħu huwa li jadatta u jaġġorna l-qafas legali applikabbli għas-servizzi ta' komunikazzjoni awdjoviżiva u għas-servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing fi Spanja. Il-liġi tfittex ukoll li tiggarantixxi kundizzjonijiet ekwi għall-atturi differenti kollha preżenti fis-suq. Fl-aħħar nett, il-Liġi tinkludi xi mekkaniżmu li jiggarantixxi d-drittijiet tal-utenti (bħall-protezzjoni tal-minuri u tal-pubbliku kontra ċerti tipi ta' kontenut).
365	C25.R1	M	Id-dħul fis-seħħ tal-liġi dwar iċ-ċinema.	Dispożizzjoni fil-Liġi dwar id-Dħul fis-seħħ				Q-4	2023	L-approvazzjoni tal-Liġi dwar iċ-Ċinema mill-Parlament u d-dħul fis-seħħ. Din il-Liġi għandha taġġorna l-qafas legali għar-realtà u l-ħtiġijiet il-ġodda tas-settur awdjoviżiv, filwaqt li tallinja r-regolament nazzjonali mal-qafas legali Ewropew.
366	C25.I1	T	L-appoġġ tal-SMEs fis-settur awdjoviżiv.	—	Numru	0	100	Q-4	2023	L-għoti/l-akkwist pubbliku ta' mill-inqas EUR 200 miljun biex jiġu appoġġati l-azzjonijiet speċifikati taħt it-tliet programmi msemmija fid-deskrizzjoni tal-miżura. Dan għandu jinkludi l-appoġġ ta', mill-inqas, 100 SME fis-settur awdjoviżiv fid-diġitalizzazzjoni tagħhom, il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-internazzjonalizzazzjoni u l-attrazzjoni ta' investiment dirett barrani taħt il-programm ġenerali.
476	C25.I1	T	Tlestija ta' proġetti li jappoġġaw lill-SMEs fis-settur awdjoviżiv		Numru	0	100	Q-4	2024	It-tlestija ta' proġetti biex jiġu appoġġati l-azzjonijiet speċifikati taħt it-tliet programmi msemmija fid-deskrizzjoni tal-miżura, inkluż l-appoġġ ta' mill-inqas 100 SME fis-settur awdjoviżiv fid-diġitalizzazzjoni tagħhom, il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-internazzjonalizzazzjoni u l-attrazzjoni ta' investiment dirett barrani taħt il-programm ġenerali.

Y.3 Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ fil-forma ta' self

Investiment 2 (C25.I2) — PERTE “Ekonomija Għida tal-Lingwa”: Informazzjoni bl-Ispanjol u lingwi ko-uffiċjali oħra.

Dan l-investiment għandu l-għan li jippromwovi l-potenzjal ekonomiku tal-Ispanjol u tal-lingwi ko-uffiċjali billi jippromwovi l-internazzjonalizzazzjoni, it-tixrid u l-espansjoni tas-settur tal-midja f'dawn il-lingwi. Sabiex jagħmel dan, dan l-investiment għandu jappoġġa proġetti għad-diġitalizzazzjoni u d-disseminazzjoni tal-kontenut, kif ukoll l-adozzjoni minn kumpaniji fis-settur tal-media ta' għodod teknoloġiċi ġodda għall-ġestjoni u l-ipproċessar tal-kontenut fil-lingwi Spanjoli u kouffijali.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

Investiment 3 (C25.I3) — Fond għaċ-Ċentru Awdjoviżiv

Din il-miżura għandha tikkonsisti f'investiment pubbliku f'Faċilità, il-Fond taċ-Ċentru Awdjoviżiv, sabiex jinċentiva l-investiment privat u jtejjeb l-aċċess għall-finanzjament fi proġetti relatati ma' films, finzjoni, televiżjoni, kontenut, kultura diġitali, kif ukoll kontenut multimedjali u interattiv bħal loġħob vidjo, esperjenzi immersivi u effetti viżivi, fost l-oħrajn u biex jiġu żviluppati swieq kapitali f'dan il-qasam. Il-Faċilità għandha topera billi tipprovdi finanzjament dirett u investimenti ta' ekwità u kważi ekwità, direttament jew permezz ta' intermedjarji lis-settur privat, kif ukoll lill-entitajiet tas-settur pubbliku involuti f'attivitajiet simili. Abbażi tal-investiment tal-RRF, il-Faċilità għandha l-għan li inizjalment tipprovdi mill-inqas EUR 1 712 000 000 ta' finanzjament.

Il-Faċilità għandha tiġi ġestita mis-Sociedad Española para la Transformación Tecnológica (SETT) bħala s-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni. Il-Faċilità għandha tinkludi l-linji ta' prodotti li ġejjin:

- Finanzjament dirett SETT: din il-linja għandha tipprovdi self dirett lil kumpaniji privati (bħal kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja u korporazzjonijiet kbar) u kumpaniji pubbliċi biex jiffinanzjaw proġetti fis-settur awdjoviżiv. Is-self għandu jiġi pprovdut direttament minn SETT u kull proġett kofinanzjat minn investitur (i) privat (i) ta' parti terza. Il-fondi pprovduti minn SETT għandhom jirrappreżentaw massimu ta' 70 % tal-ammont totali tal-appoġġ għall-investiment. L-investituri privati għandhom ikopru mill-inqas 30 % tal-ammont totali tal-appoġġ għall-investiment.
- Investimenti ta' ekwità u kważi ekwità: din il-linja għandha tikkonsisti fil-forniment ta' investimenti diretti ta' ekwità permezz tas-SETT u/jew it-trasferiment ta' fondi għal fondi ta' ekwità jew veikoli oħra ta' investiment ġestiti minn intermedjarji finanzjarji privati li jwettqu operazzjonijiet ta' investiment ta' ekwità f'kumpaniji fis-settur awdjoviżiv. Il-parteċipazzjoni massima tal-Fond ma għandhiex taqbeż il-49 % tal-fondi tal-veikolu ta' investiment. L-investimenti ta' ekwità mill-Fond ma għandhomx jikkawżaw li s-sehem tal-ekwità pubblika f'benefiċjarju finali jaqbeż il-49 % tal-ekwità totali.

Sabiex jiġi implimentat l-investiment fil-Faċilità, Spanja u s-SETT għandhom jiffirmaw Ftehim ta' Implimentazzjoni, jew Spanja għandha tapprova l-istrument legali korrispondenti u d-dokumenti assoċjati li għandhom jinkludu l-kontenut li ġej:

1. Deskrizzjoni tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Faċilità: Id-Deċiżjoni inizjali dwar l-investiment tal-Faċilità għandha tittieħed minn kumitat tal-investiment jew korp governattiv ekwivalenti rilevanti ieħor u approvata b'maġġoranza ta' voti minn membri li huma

indipendenti mill-gvern Spanjol. Id-Deċiżjoni finali dwar l-investment tal-Faċilità għandha tkun limitata għall-approvazzjoni (mingħajr modifiki) jew għall-eżerċizzju ta' dritt ta' veto fuq deċiżjoni ta' investment proposta mill-kumitat tal-investment jew korp governattiv ekwivalenti rilevanti. Għal investimenti intermedjati, id-deċiżjoni finali dwar l-investment għandha tittieħed mill-intermedjarji.

2. Ir-rekwiżiti ewlenin tal-politika ta' investment assoċjata, li għandhom jinkludu:
 - a. Id-deskrizzjoni tal-prodott (i) finanzjarju/i u l-benefiċjarji finali eliġibbli f'konformità mad-deskrizzjoni tal-miżura.
 - b. Ir-rekwiżit li l-investimenti kollha appoġġati jkunu ekonomikament vijabbli.
 - c. Projbizzjoni ta' finanzjament mill-ġdid ta' kwalunkwe self pendent.
 - d. Ir-rekwiżit ta' konformità mal-prinċipju "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (DNSH) kif stabbilit fil-Gwida Teknika dwar id-DNSH (2021/C58/01). Barra minn hekk, il-politika ta' investment għandha teħtieġ konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali tal-benefiċjarji finali tal-Faċilità.
 - e. Ir-rekwiżit li l-benefiċjarji finali tal-Faċilità ma għandhomx jirċievu appoġġ minn strumenti oħra tal-Unjoni biex ikopru l-istess kost.
3. L-ammont kopert mill-Ftehim ta' Implimentazzjoni jew l-istrument legali u d-dokumenti assoċjati li jistabbilixxu l-faċilità, l-istruttura tat-tariffi għas-Sieħeb Implimentattiv u r-rekwiżit li jiġu investiti mill-ġdid kwalunkwe rimborżi skont il-politika ta' investment tal-Faċilità sakemm ma jintużawx biex jiġu servuti l-ħlasijiet lura tas-self tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.
4. Rekwiżiti ta' monitoraġġ, awditjar u kontroll, inklużi:
 1. Id-deskrizzjoni tas-sistema ta' monitoraġġ tas-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni biex jirrapporta dwar l-investment mobilizzat.
 2. Id-deskrizzjoni tal-proċeduri tas-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni li se jiżguraw il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni, u l-kunflitti ta' interess.
 3. L-obbligu li tiġi vverifikata l-eliġibbiltà ta' kull operazzjoni skont ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Ftehim ta' Implimentazzjoni qabel ma jsir impenn għall-finanzjament ta' operazzjoni.
 4. L-obbligu li jitwettqu awditi ex post ibbażati fuq ir-riskju f'konformità ma' pjan tal-awditjar ta' SETT. Dawn l-awditi għandhom jivverifikaw i) li s-sistemi ta' kontroll ikunu effettivi, inkluża l-identifikazzjoni ta' frodi, korruzzjoni, u kunflitt ta' interess; II) il-konformità mal-prinċipju DNSH, ir-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat, ir-rekwiżiti tal-miri diġitali; u iii) li jiġi rrispettat ir-rekwiżit li l-intermedjarju jivverifika li tiġi ppreżentata dikjarazzjoni responsabbli mill-benefiċjarju finali biex jikkontrolla jekk l-istess kost huwiex kopert minn strument ieħor tal-Unjoni. L-awditi għandhom jivverifikaw ukoll il-legalità tat-tranżazzjonijiet u li l-kundizzjonijiet tal-Ftehim ta' Implimentazzjoni u tal-Ftehimiet ta' Finanzjament applikabbli qed jiġu rrispettati, inkluż permezz tal-użu ta' lista ta' dikjarazzjoni pożittiva u/jew awtodikjarazzjonijiet għal operazzjonijiet taħt EUR 10 000 000, qabel ma jimpenjaw ruħhom li jiffinanzjaw operazzjoni.

5. Rekwiżiti għall-investimenti diġitali mwettqa mis-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni: mill-inqas EUR 1 712 000 000 tal-investment tal-RRF fil-Faċilità għandhom jikkontribwixxu għall-oġettivi diġitali f'konformità mal-Anness VII tar-Regolament RRF²¹⁰.
6. Rekwiżiti għall-għażla tal-intermedjarji finanzjarji: SETT għandha tagħżel intermedjarji finanzjarji b'mod miftuħ, trasparenti u mhux diskriminatorju. Il-kontrolli għan-nuqqas ta' kunflitt ta' interess fuq l-intermedjarji finanzjarji għandhom isiru u jitwettqu ex ante permezz ta' sistema tal-IT bħal Minerva għall-atturi finanzjarji kollha involuti.
7. Rekwiżit għall-iffirmar tal-Ftehimiet ta' Finanzjament: SETT għandha tiffirma Ftehimiet ta' Finanzjament mal-intermedjarji finanzjarji f'konformità mar-rekwiżiti ewlenin li għandhom jiġu pprovduti bħala anness tal-Ftehim ta' Implimentazzjoni jew l-istrument legali u d-dokumenti assoċjati li jistabbilixxu l-Faċilità. Ir-rekwiżiti ewlenin tal-Ftehim ta' Finanzjament għandhom jinkludu r-rekwiżiti kollha li taħthom topera l-Faċilità, inklużi:
 1. L-obbligu tal-intermedjarju finanzjarju li jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu f'konformità *mutatis mutandis* mar-rekwiżiti tat-tehd tad-deċiżjonijiet u tal-politika tal-investment speċifikati hawn fuq, inkluż relatati mar-rispett tal-prinċipju DNSH.
 2. Id-deskrizzjoni tal-qafas ta' monitoraġġ u awditjar u kontroll li l-intermedjarju finanzjarju għandu jstabbilixxi, li *mutatis mutandis* għandu jkun soġġett għar-rekwiżiti kollha ta' monitoraġġ, awditjar u kontroll speċifikati hawn fuq.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

Y.4. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ fil-forma ta' self

Ara t-tabella ta' hawn taħt. Id-data tal-linja bażi għall-indikaturi kollha hija l-bidu tal-azzjoni sakemm ma jkunx indikat mod ieħor fid-deskrizzjoni tal-azzjoni. L-ammonti fit-tabella ma jinkludux il-VAT fir-rigward tal-miżura C25.I2.

²¹⁰ Għall-fini tal-komputazzjoni tal-kontribuzzjoni diġitali, fil-każ ta' ekwità, kważi ekwità, bonds korporattivi jew strumenti ekwivalenti mhux immirati lejn proġetti speċifiċi, għandhom jintużaw kriterji li jirrikjedu li mill-inqas 90 % tad-dħul tar-riċevitur matul is-sena finanzjarja preċedenti jew id-dħul futur skont pjan ta' direzzjoni tan-negozju jiġi/se jiġi ġġenerat/se jiġi ġġenerat minn attività li tikkonforma mal-kriterji rilevanti li jirriżultaw mill-oqsma ta' intervent applikabbli fl-Anness VII tar-Regolament RRF.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
L75	C25.I2	M	Pubblikazzjoni tal-premijiet għall-finanzjament tad-diġitalizzazzjoni u t-tixrid tal-kontenut tal-proġetti	Pubblikazzjoni fil-ĠU jew fis-sit web uffiċjali				Q-3	2025	Pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali jew fis-sit web uffiċjali tal-ġewwa ta' mill-inqas EUR 19 500 000 f' self lil proġetti għad-diġitalizzazzjoni u t-tixrid ta' kontenut u informazzjoni kif ukoll għall-adozzjoni minn kumpanji fis-settur tal-media ta' għodod teknoloġiċi ġodda għall-ġestjoni u l-ipproċessar tal-kontenut bl-Ispanjol u bil-lingwi koeffiċjali.
L76	C25.I2	T	Implimentazzjoni ta' proġetti għad-diġitalizzazzjoni u t-tixrid tal-kontenut		EUR (miljuni)		17.55	Q-2	2026	Finalizzazzjoni ta' proġetti li jikkorrispondu għal baġit mogħti ta' mill-inqas EUR 17 550 000 rigward id-diġitalizzazzjoni, it-tixrid tal-kontenut u l-adozzjoni ta' għodod teknoloġiċi ġodda għall-ġestjoni u l-ipproċessar tal-kontenut bl-Ispanjol u bil-lingwi koeffiċjali.
L77	C25.I3	M	Fond ta' Ċentru Awdjoviżiv: Dħul fis-seħħ tal-Faċilità	Dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Implimentazzjoni jew tal-istrument legali li jistabbilixxi l-Faċilità				Q-4	2023	Id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Implimentazzjoni jew tal-istrument legali u d-dokumenti assoċjati li jistabbilixxi l-Faċilità.
L78	C25.I3	T	Fond ta' Ċentru Awdjoviżiv: Ftehimiet ta' finanzjament legali ffirmati mal-benefiċjarji finali (inklużi fondi ta' ekwità) (I).			0	50 %	Q-2	2025	SETT, u l-intermedjarji magħżula minn SETT, għandhom ikunu daħlu fi ftehimiet ta' finanzjament legali mal-benefiċjarji finali għal ammont meħtieġ biex jintuża mill-inqas 50 % tal-investiment tal-RRF fil-Faċilità (filwaqt li jitqiesu t-tariffi tal-ġestjoni). Mill-inqas 1 % tal-finanzjament għandu jikkorrispondi għal ftehimiet ta' finanzjament iffirmati ma' fondi ta' ekwità u mill-inqas 50 % għandu jikkorrispondi għal ftehimiet ta' finanzjament iffirmati mal-benefiċjarji finali għall-prodotti ta' investiment l-oħra kollha (inklużi investimenti diretti ta' ekwità mis-Sieħeb Implimentattiv). SETT għandha tipproduċi rapport li jagħti dettalji dwar il-perċentwal ta' dan il-finanzjament li jikkontribwixxi għall-oġġettivi diġitali bl-użu tal-metodoloġija fl-Anness VII tar-Regolament RRF.
L79	C25.I3	T	Fond ta' Ċentru Awdjoviżiv: Ftehimiet ta' finanzjament legali ffirmati mal-benefiċjarji finali (inklużi fondi ta' ekwità) (II).			50 %	100 %	Q-3	2026	SETT, u l-intermedjarji magħżula minn SETT, għandhom ikunu daħlu fi ftehimiet ta' finanzjament legali mal-benefiċjarji finali għal ammont meħtieġ biex jintuża 100 % tal-investiment tal-RRF fil-Faċilità (filwaqt li jitqiesu t-tariffi tal-ġestjoni). Mill-inqas 10 % tal-finanzjament għandu jikkorrispondi għal ftehimiet ta' finanzjament iffirmati ma' fondi ta' ekwità u mill-inqas 50 % għandu jikkorrispondi għal ftehimiet ta' finanzjament iffirmati mal-benefiċjarji finali

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										għall-prodotti ta' investiment l-oħra kollha (inklużi investimenti diretti ta' ekwità mis-Sieħeb Implimentattiv). SETT għandu jkun żgħira wkoll li 100 % ta' dan il-finanzjament għandu jikkontribwixxi għall-oġġettivi diġitali bl-użu tal-metodoloġija fl-Anness VII tar-Regolament RRF.
L80	C25.I3	M	Fond ta' Ċentru Awdjoviżiv: Il-Ministeru lesta l-investiment		EUR (miljuni)	0	1 712	Q-3	2026	Spanja għandha tittrasferixxi EUR 1 712 000 000 lil SETT għall-Faċilità.

Z. IL-KOMPONENT 26: IL-PROMOZZJONI TAL-ISPORT

Skont il-pjan Spanjol għall-irkupru u r-reżiljenza, is-settur tal-isport jirrappreżenta 3.1 % tal-PDG fi Spanja u jipprovdì direttament jew indirettament għal 2.1 % tal-impjiegi totali fil-pajjiż.

L-obiettiv ewlieni ta' dan il-komponent tal-pjan Spanjol għall-irkupru u r-reżiljenza huwa li tissaħħa it-trasformazzjoni tas-settur tal-isport permezz tad-diġitalizzazzjoni tal-organizzazzjonijiet sportivi u l-aġġornament tal-faċilitajiet sportivi biex jiġu żgurati s-sostenibbiltà u l-aċċessibbiltà ambjentali tagħhom. Għandu jappoġġa wkoll il-promozzjoni tal-isport għal skopijiet ta' saħħa, b'mod partikolari permezz ta' aċċess aħjar għall-attività fiżika f'żoni f'riskju ta' depopolazzjoni, kif ukoll permezz ta' riċerka fil-qasam. Fl-aħħar nett, il-komponent għandu jinkludi investimenti mmirati biex titrawwem il-parteċipazzjoni tan-nisa fl-isport professjonali u tad-dilettanti.

Il-komponent jindirizza r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż dwar il-promozzjoni ta' investimenti fl-innovazzjoni u fl-effiċjenza enerġetika (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2019), il-promozzjoni tal-investiment pubbliku u privat u t-trawwim tat-tranżizzjoni ekoloġika (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 2023, 1 2022 u 3 2020) u t-tiġid tar-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 2020).

Dan il-komponent għandu jappoġġa u jikkomplementa l-azzjonijiet previsti f'partijiet oħra tal-pjan, bħal dawk għall-promozzjoni ta' stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa fil-Komponent 18 (Riforma tas-Sistema tas-Saħħa). Permezz tal-ottimizzazzjoni u l-aġġornament tal-infrastrutturi sportivi eżistenti, hija għandha tikkomplementa wkoll il-miżuri meħuda taħt il-Komponent 2 (Rinnovazzjoni) u tappoġġa t-trasformazzjoni tas-settur tat-turiżmu fi Spanja f'konformità mal-Komponent 14 (Turiżmu).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-obiettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

Z.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma 1 (C26.R1) — Liġi għall-Isport

L-obiettiv ta' din il-miżura leġislattiva huwa li jiġi żgurat s-saħħa u s-sikurezza fil-prattika tal-isport fil-livelli kollha, li jiġi inklużi l-aspetti tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-aċċessibbiltà u l-koeżjoni soċjali fir-regolamentazzjoni tal-isport, li jiġi mmodernizzati l-organizzazzjonijiet u l-infrastrutturi sportivi permezz tad-diġitalizzazzjoni u permezz tat-trasformazzjoni ekoloġika tagħhom u li tiġi promossa l-internazzjonalizzazzjoni tas-settur. Il-leġislazzjoni għandha tadatta l-istrutturi organizzattivi tal-isport għall-isfidi attwali li jiffaċċja, filwaqt li tqis it-tagħlimiet meħuda mill-pandemija.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

Riforma 2 (C26.R2) — Liġi għall-Professjonisti Sportivi

L-għan ta' din il-miżura leġislattiva huwa li jiġi żgurat li r-regolamentazzjoni ta' professjonijiet sportivi ġodda ma tirriżultax f'ostakli għall-istabbiliment u l-forniment ta' servizzi fit-territorju Spanjol. Il-miżura għandha tindirizza l-isfidi li jirriżultaw mill-eteroġeneità regolatorja fil-livell

reġjonali (inklużi rekwiżiti ta' aċċess differenti fir-reġjuni kollha). Il-miżura għandha tiżgura l-konformità mad-dritt tal-UE, b'mod partikolari mal-prinċipji tan-neċessità u tal-proporzjonalità.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru sal-2023.

Riforma 3 (C26.R3) — Strateġija Nazzjonali għall-promozzjoni tal-isport

L-għan ta' din l-istrateġija huwa li tippromwovi l-prattika tal-isport sabiex jiġu evitati l-konsegwenzi negattivi li stil ta' ħajja sedentarju u inattività fiżika jista' jkollhom fuq is-saħħa u l-benesseri. Il-miżura għandha tinkludi fost l-oħrajn: (a) azzjonijiet biex jiġu introdotti Prattiki tajbin u drawwiet tajbin għas-saħħa; (b) għodda analitika biex jitkejjel u jittejjeb l-impatt tal-istrateġija.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Investiment 1 (C26.I1) — Pjan Diġitali għall-Isport

L-għan ta' din il-miżura huwa li tiddiġitalizza l-federazzjonijiet sportivi, inklużi l-ġestjoni baġitarja tagħhom u l-proċeduri għall-għoti ta' liċenzji sportivi. Għandha ttejjeb ukoll l-analiżi tad-data li tirriżulta mill-prattika sportiva, inkluż għall-promozzjoni ta' stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa u għal skopijiet ta' riċerka. Fl-aħħar nett, għandha trawwem id-diġitalizzazzjoni taċ-ċentri pubbliċi tal-mediċina sportiva u l-ġlieda kontra d-doping.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 2 (C26.I2) — Pjan għat-tranżizzjoni ekoloġika tal-faċilitajiet sportivi

L-oġettiv ta' din il-miżura għandu jkun li jiġu aġġornati l-faċilitajiet sportivi eżistenti, inklużi l-faċilitajiet sportivi li jistgħu jattiraw it-turiżmu u ċ-ċentri sportivi ta' prestazzjoni għolja. Dan għandu jinkiseb permezz tad-diġitalizzazzjoni tagħhom għal użu ottimali u fuq titjib fl-effiċjenza enerġetika tagħhom li huwa mistenni li jikseb iffrankar ta' mill-inqas 30 % tad-domanda għall-enerġija primarja. Il-miżura għandha tippromwovi wkoll l-isport fiż-żoni rurali permezz tal-ħolqien ta' network ta' monitors biex tinċentiva l-attività fiżika.

Il-kriterji tal-għażla għall-investimenti mwettqa taħt dan il-komponent għandhom jiżguraw il-konformità mat-trekkjar klimatiku ta' 100 % għal mill-inqas EUR 106 000 000. L-indikaturi għat-titjib tal-prestazzjoni tal-enerġija użati għandhom jiġu akkreditati permezz taċ-ċertifikat rilevanti tar-rendiment fl-użu tal-enerġija fil-qafas tad-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija²¹¹.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 3 (C26.I3) — Pjan Soċjali għall-Isport

L-għan ta' din il-miżura huwa doppju. Minn naħa waħda, għandha l-għan li ttejjeb il-faċilitajiet sportivi eżistenti permezz ta' titjib fid-diġitalizzazzjoni, l-effiċjenza enerġetika u l-aċċessibbiltà tagħhom bl-għan li Spanja tkun tista' tagħmel offerta biex tospita kompetizzjonijiet sportivi internazzjonali. Min-naħa l-oħra, għandha l-għan li tippromwovi l-parteċipazzjoni tan-nisa fl-isport professjonali permezz ta' azzjonijiet li jżidu l-preżenza u l-viżibbiltà tagħhom, it-taħriġ u li jippermettu l-professjonalizzazzjoni tal-isport femminili, b'mod partikolari l-futbol.

²¹¹ ĠU L 153, 18.6.2010.

Il-kriterji tal-għażla għall-investimenti mwettqa taħt dan il-komponent għandhom jiżguraw il-konformità mat-trekkjar klimatiku ta' 100 % għal mill-inqas EUR 27 500 000 mill-investiment totali. L-indikaturi għat-titjib tal-prestazzjoni tal-enerġija użati għandhom jiġu akkreditati permezz ta' ċertifikat rilevanti tal-prestazzjoni tal-enerġija fil-qafas tad-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Z.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Ara t-tabella ta' hawn taħt. Id-data tal-linja bażi għall-indikaturi kollha hija l-1 ta' Frar 2020 sakemm ma jkunx indikat mod ieħor fid-deskrizzjoni tal-azzjoni. L-ammonti fit-tabella jinkludu l-VAT.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju important i /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
367	C26.R1	M	Dħul fis-seħħ tal-liġi għall-Ispport	Dispożizzjoni fil-Liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tagħha				Q-4	2022	Il-liġi għandha trawwem is-saħħa u s-sikurezza fil-prattika tal-isport fil-livelli kollha, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-inklużjoni soċjali u l-aċċessibbiltà, il-promozzjoni tad-dimensjoni internazzjonali tal-mudell u l-modernizzazzjoni tal-organizzazzjonijiet, u tal-infrastrutturi permezz tar-rispett għall-ambjent u d-diġitalizzazzjoni.
368	C26.R2	M	Dħul fis-seħħ tal-Liġi għar-Regolamentazzjoni ta' ċerti professjonijiet sportivi	Dispożizzjoni fil-Liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tagħha				Q-4	2023	L-adozzjoni tal-Liġi għar-Regolamentazzjoni ta' ċerti professjonijiet sportivi, sabiex jiġu indirizzati l-isfidi mill-eteroġeneità regolatorja u b'kont debitu meħud tal-prinċipji tan-neċessità u l-proporzjonalità.
369	C26.R3	M	Strateġija Nazzjonali għall-promozzjoni tal-isport kontra l-istil ta' ħajja sedentarju u l-inattività fiżika	Pubblikazzjoni fuq il-paġna web				Q-4	2023	Approvazzjoni mill-Gvern ta' Spanja tal-Implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali għall-promozzjoni tal-isport kontra l-istil ta' ħajja sedentarju u l-inattività fiżika. L-istrateġija għandu jkollha bħala oġġettivi: (a) l-implimentazzjoni ta' għodda ta' analiżi permanenti biex tanalizza, tkejjel u ttejjeb l-impatt tal-istrateġija; (b) l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet li għandhom l-għan li jistabbilixxu prattiki tajbin u drawwjet tajbin għas-saħħa wara l-analiżi. L-istrateġija għandha torbot lill-awtoritajiet reġjonali u lokali.
370	C26.I1	M	Id-diġitalizzazzjoni tas-settur tal-isport	Pubblikazzjoni fil-ĠU				Q-3	2025	Eżekuzzjoni tal-baġit ta' mill-inqas EUR 75.6 miljun li għandha tirriżulta f'titjib sinifikanti fid-diġitalizzazzjoni tas-settur, b'mod partikolari: (a) id-diġitalizzazzjoni tal-federazzjoni sportiva (inklużi l-baġit u l-ġestjoni tal-liċenzji) b'sistema tal-IT ġdida; (b) Sistema tal-IT tal-maħżen tad-data għall-analiżi tad-data; (c) l-Internet tal-Oġġetti (IoT) f'Ċentri ta' Prestazzjoni Għolja; (d) sistemi li jiddeterminaw ix-xejriet tal-kompetitur jew li jottimizzaw it-taħriġ ta' kull atleta; (e) il-pubblikazzjoni ta' 10 proġett ta' riċerka fl-Attività Fiżika li ttejjeb is-Saħħa (HEPA); (f) test tas-sistema tal-IT fiċ-Ċentru Nazzjonali tal-Mediċina

										Sportiva; (g) Il-ħolqien ta' Uffiċċju Elettroniku fl-Amministrazzjoni tal-Antidoping, inkluża l-implimentazzjoni ta' sistema "mingħajr karti" għall-Kontrolli AD; u (h) l-istudju tal-ħtiġijiet tad-diġitalizzazzjoni (bħal applikazzjonijiet, federazzjonijiet sportivi, mediċina sportiva, HEPA, u antidoping) għad-diġitalizzazzjoni tas-settur tal-isport.
371	C26.I1	T	Ċentri tal-Mediċina Sportiva	—	Numru		20	Q-4	2025	Mill-inqas 20 mit-23 Ċentri tal-Mediċina Sportiva għandhom ikunu qed jużaw it-teknoloġija l-ġdida tal-IT.
372	C26.I1	M	Tlestija ta' proġetti tal-IT f'Ċentri ta' Prestazzjoni Għolja u fl-Amministrazzjoni tal-Antidoping	Il-ġbir ta' data miċ-Ċentri ta' Prestazzjoni Għolja; Bidu tat-testijiet tal-app ta' kontroll AD				Q-3	2025	It-tlestija tal-iżvilupp tas-sistema tal-IT (inkluż l-IoT) f'Ċentri ta' Prestazzjoni Għolja. Il-ħolqien ta' Uffiċċju Elettroniku fl-Amministrazzjoni tal-Antidoping, inkluża l-implimentazzjoni ta' sistema "mingħajr karti" għall-Kontrolli AD.
373	C26.I2	T	Rinnovazzjoni u titjib taċ-ċentri tekniċi għall-faċilitajiet sportivi u sportivi		Numru	0	95	Q-4	2025	Mill-inqas 40 ċentru tekniku u 45 faċilità sportiva għandhom ikunu ġew rinnovati u għandhom ikunu kisbu effiċjenza enerġetika mtejba u/jew ottimizzazzjoni tal-użu permezz tad-diġitalizzazzjoni, u/jew aċċessibbiltà mtejba. Il-mezz ta' verifika tat-tlestija tax-xogħlijiet għandu jkun iċ-ċertifikati tat-tlestija tax-xogħlijiet. L-interventi fuq l-effiċjenza enerġetika għandhom jiksbu bħala medja tnaqqis fid-domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 30 %. Il-lista tal-faċilitajiet għandha ssir pubblika.
374	C26.I3	M	Proġetti għall-promozzjoni tal-ugwaljanza fl-isport	Pubblikazzjoni fil-ĠU				Q-2	2022	L-għoti minn CSD (Kunsill Nazzjonali għall-Isport) ta' sejħa għal proposti fil-Ġurnal Uffiċjali, li hija mistennija tagħżel minimu ta' 15 proġetti benefiċjarji biex tippromwovi l-ugwaljanza fl-isport, b'mod partikolari permezz tat-taħriġ, il-professjonalizzazzjoni tal-isport femminili u l-viżibbiltà tal-isport femminili. Il-baġit kumulattiv tas-sejħa għandu jkun ta' EUR 11 700 000.
375	C26.I3	T	Tlestija ta' azzjonijiet taħt il-Pjan Soċjali għall-Isport		Numru	0	40	Q-4	2023	Tlestija ta' azzjonijiet skont il-Pjan Soċjali għall-Isport, inkluż ir-rinnovazzjoni ta' mill-inqas 40 faċilità sportiva u azzjonijiet għall-promozzjoni tal-preżenza tan-nisa fl-isport professjonali (programmi ta' taħriġ, kampanji ta' kummerċjalizzazzjoni, u studji). L-interventi fuq l-effiċjenza enerġetika għandhom jiksbu

										bħala medja tnaqqis fid-domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 30 %. Il-lista tal-faċilitajiet għandha ssir pubblika.
--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	---

AA. IL-KOMPONENT 27: MIŻURI U AZZJONI GĦALL-PREVENZJONI U L-ĠLIEDA KONTRA L-FRODI FISKALI

Dan il-komponent tal-pjan Spanjol għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza l-isfidi tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa u l-evalwazzjoni tat-taxxa. L-oġġettiv tal-komponent huwa li jżid il-konformità mar-regoli tat-taxxa u jiġbor aktar dħul mit-taxxa. Il-komponent jindirizza fost l-oħrajn ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż dwar it-tisħiħ tal-oqfsa fiskali u tal-akkwist pubbliku fil-livelli kollha tal-gvern (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 2019) u dwar — meta l-kundizzjonijiet ekonomiċi jippermettu — it-tweġġ ta' politiki fiskali mmirati lejn il-kisba ta' pożizzjonijiet baġitarji prudenti fuq terminu medju u l-iżgurar tas-sostenibbiltà tad-dejn, filwaqt li jinkoraġġixxi l-investiment (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

AA.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma 1 (C27.R1) — Adozzjoni tal-Liġi Kontra l-Frodi

L-oġġettivi ta' din ir-riforma huma li jissaħħu r-regoli kontra l-prattiki tal-evitar tat-taxxa li jaffettwaw direttament il-funzjonament tas-suq intern kif ukoll li tiġi emendata t-tassazzjoni indiretta u diretta, ċerti taxxi tal-gvern lokali u r-regolamentazzjoni tal-logħob tal-azzard. Ir-riforma tintroduċi bidliet fir-regolament bl-għan li jiġu stabbiliti parametri tal-ġustizzja fiskali u jiġu ffaċilitati azzjonijiet immirati lejn il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-frodi billi jissaħħa il-kontroll tat-taxxa.

Ir-riforma tikkonsisti fl-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ ta' Liġi kontra l-evalwazzjoni tat-taxxa u l-frodi li:

- Tkabbar il-perimetru tat-tranżazzjonijiet fejn il-pagamenti elettroniċi huma awtorizzati (firem u professjonisti) u tistabbilixxi limitu legali għall-pagamenti fi flus kontanti;
- Taggħorna l-lista ta' rifuġi fiskali skont il-kriterji tat-trasparenza, l-ebda tassazzjoni u reġimi tat-taxxa dannużi;
- Timplimenta bidliet fir-regoli biex isiru persuni b'arretrati tat-taxxa;
- Timplimenta projbizzjoni fuq "software b'użu doppju";
- Tintroduċi valur ta' referenza għall-bażi tat-taxxa fit-tassazzjoni fuq il-proprjetà.

Il-liġi għandha tiġi adottata sat-30 ta' Ġunju 2021. Il-liġi għandha tidħol fis-seħħ sat-30 ta' Ġunju 2022. Ir-riforma tipprevedi valutazzjoni proviżorja tal-liġi sal-31 ta' Diċembru 2022 u, abbażi ta' dik il-valutazzjoni, jista' jkun hemm emendi fl-2023.

Riforma 2 (C27.R2) — Modernizzazzjoni tal-Aġenzija tat-Taxxa

L-Aġenzija tat-Taxxa hija fdata bl-implimentazzjoni tas-sistema tat-taxxa tal-Istat u s-sistema doganali u twettaq l-attivitajiet tagħha fil-qafas tal-Pjan Strateġiku 2020–2023. Dan il-Pjan Strateġiku, li jiddependi b'mod estensiv fuq l-użu ta' soluzzjonijiet tal-IT, jiġi rivedut kull sena biex jiġi żgurat li jiġi adattat għal żviluppi ġodda tal-politika tat-tassazzjoni, sorsi ta' informazzjoni,

imġiba tal-kontribwenti u żviluppi teknoloġiċi. L-oġġettiv ta' din ir-riforma huwa li tappoġġa l-implimentazzjoni u r-rieżami annwali tal-Pjan Strateġiku 2020–2023 li għandu l-għan li jmodernizza l-forniment ta' servizzi tal-aġenzija biex jitnaqqsu l-frodi u l-evażjoni tat-taxxa. Ir-riforma 2 tinteraġixxi mill-qrib ma' riformi oħra f'dan il-komponent. Ir-riforma għandha tinkludi

- Iż-żieda tar-riżorsi umani fl-Aġenzija tat-Taxxa f'konformità mal-ħtiġijiet tagħha fuq terminu medju u
- It-tweġġ ta' rieżami tal-bini tal-Aġenzija biex tiġi mmodernizzata t-teknoloġija u tiżdied l-effiċjenza enerġetika.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata sal-31 ta' Diċembru 2023.

Riforma 3 (C27.R3) — Assistenza msaħħa għall-kontribwenti

L-oġġettivi ta' din ir-riforma huma t-titjib tal-assistenza lill-kontribwenti. Element ewlieni tal-istrateġija tal-Aġenzija tat-Taxxa għall-2020–2023 huwa li ttejjeb is-servizzi għall-kontribwenti b'użu akbar ta' pjattaformi elettroniċi (l-hekk imsejħa "ADIs", Amministrazzjoni Diġitali Integrali). Ir-riforma tikkonsisti fil-forniment ta' servizzi ġodda biex tiġi ffaċilitata t-tassazzjoni fuq l-introjt korporattiv u personali kif ukoll it-tassazzjoni tal-VAT. Servizzi ġodda għandhom jinkludu metodi ta' komunikazzjoni mtejba, servizzi ta' help desk u konsultazzjoni tad-data tal-utent kif ukoll dikjarazzjonijiet tat-taxxa u t-trattament tad-dikjarazzjonijiet. Il-forniment ta' servizzi bħal dawn huwa ppjanat li jiżdied fi tliet mewġiet matul l-2021–2023 bl-għan li progressivament aktar u aktar klijenti jagħżlu li jużaw is-servizzi elettroniċi minflok ma jżuru l-uffiċċji tat-taxxa lokali tagħhom. B'dawn il-miżuri, l-Aġenzija għandha l-għan li tagħmilha aktar faċli għall-klijenti tagħhom biex jikkonformaw mal-kodiċi tat-taxxa u, b'hekk, iżżid id-dħul mit-taxxa.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2023.

Riforma 4 (C27.R4) — Dimensjoni internazzjonali

L-oġġettiv ta' din ir-riforma huwa li jiżdied u jiġi ottimizzat l-użu tas-sistemi tal-IT fil-kooperazzjoni internazzjonali għall-ġlieda kontra l-frodi u l-evażjoni tat-taxxa. Din ir-riforma, wara ftehimiet internazzjonali fil-qasam ta' politika, tikkonsisti fit-teħid ta' miżuri biex tiġi ffaċilitata l-konformità tal-kontribwenti mal-obbligi tat-taxxa tagħhom (inkluża data fit-taxxa fuq l-introjt personali), biex tissaħħa il-ġlieda kontra l-attivitajiet mhux iddikjarati u l-ekonomija sewda, u tiġi rieżaminata l-kwalità u l-utilità tal-informazzjoni miksuba mid-diversi pajjiżi. Dawn l-għanijiet huma mistennija li jintlaħqu permezz ta' użu akbar ta' sistemi tal-IT aktar sofistikati u l-użu ta' servizzi online għall-kontribwenti.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata sal-31 ta' Diċembru 2021.

Riforma 5 (C27.R5) — Mudell kooperattiv

L-oġġettiv ta' din ir-riforma huwa li ttejjeb ir-relazzjonijiet tal-Aġenzija tat-Taxxa mal-partijiet ikkonċernati tagħha bħal korporazzjonijiet kbar, SMEs, persuni li jaħdmu għal rashom u assoċjazzjonijiet rilevanti kif ukoll sistema ġudizzjarja bħala mod kif tinkiseb konformità akbar mal-obbligi tat-taxxa. Fir-rigward tal-kontribwenti, l-Aġenzija timmira għal kooperazzjoni aħjar u konformità ogħla permezz ta' rapporti volontariji dwar it-trasparenza tat-taxxa. Il-kooperazzjoni mal-imħallfin, il-prosekuturi u l-qrati hija mistennija li tiżdied billi jiżdiedu l-investigazzjonijiet tat-taxxa.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata sal-31 ta' Diċembru 2021.

AA.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Ara t-tabella ta' hawn taħt. Id-data tal-linja bażi għall-indikaturi kollha hija l-1 ta' Frar 2020 sakemm ma jkunx indikat mod ieħor fid-deskrizzjoni tal-azzjoni. L-ammonti fit-tabella ma jinkludux il-VAT.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
376	C27.R1	M	Dħul fis-seħħ tal-Liġi kontra l-Evażjoni tat-Taxxa u l-Frodi	Dispożizzjoni tal-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tagħha				Q-2	2022	Dħul fis-seħħ ta' Liġi kontra l-Evażjoni tat-Taxxa u l-Frodi (" <i>Ley de medidas de prevención y lucha contra el fraude fiscal</i> ") li: — Tkabbar il-perimetru tat-tranżazzjonijiet fejn il-pagamenti elettroniċi huma obbligatori (ditti & professjonisti) u tistabbilixxi limiti legali għall-pagamenti fi flus kontanti — Taġġorna l-lista ta' rifuġji fiskali skont il-kriterji tat-trasparenza, l-ebda tassazzjoni u reġimi tat-taxxa dannużi. — Timplimenta bidliet fir-regoli għall-elenkar ta' persuni b'arretrati tat-taxxa. — Timplimenta projbizzjoni fuq "software b'użu doppju". — Tintroduċi valur ta' referenza għall-bażi tat-taxxa fit-tassazzjoni fuq il-proprjetà.
377	C27.R1	M	Valutazzjoni interim tal-effetti tal-Liġi kontra l-Evażjoni tat-Taxxa u l-Frodi.	Pubblikazzjoni tar-rapport fis-sit web tal-Ministeru tal-Finanzi.				Q-4	2022	Il-Ministeru tal-Finanzi għandu jwettaq valutazzjoni interim tal-Liġi kontra l-Evażjoni tat-Taxxa u l-Frodi. Din il-valutazzjoni b'rakkomandazzjonijiet possibbli għal titjib se tiġi ppubblikata fis-sit web tal-Ministeru tal-Finanzi.
378	C27.R2	T	Modernizzazzjoni tal-Aġenzija tat-Taxxa — Numru ta' persunal fl-Awtorità tat-Taxxa		Numru	25 325	26 320	Q-4	2021	Jiżdied l-għadd ta' persunal fl-Awtorità tat-Taxxa għal mill-inqas 26 320 impjegat. Data tal-linja bażi: 31 ta' Diċembru 2020.
379	C27.R2	T	Modernizzazzjoni tal-Aġenzija tat-Taxxa — Investigazzjonijiet fiskali		Numru	5 743	6 591	Q-4	2021	L-awtoritajiet għandhom iwettqu 6 591 investigazzjoni tat-taxxa (għadd ta' investigazzjonijiet tat-taxxa mwettqa matul l-2021) biex jiskopru attivitajiet taxxabbi mhux irrapportati. Data tal-linja bażi: 31 ta' Diċembru 2020.
380	C27.R3	T	Twassil ta' assistenza msaħħa lill-kontribwenti — Sociedades Web aġġornata u disponibbli għal mill-inqas 1 666 123 kontribwent.		Numru	0	1 666 123	Q-4	2021	<i>Sociedades Web</i> , servizz immirat lejn il-kontribwenti tal-introjt korporattiv, għandu jiġi aġġornat u għandu jippreżenta awtomatikament informazzjoni dwar it-taxxa, irrapportata qabel mill-kumpaniji lill-amministrazzjoni pubblika, li hija rilevanti għad-dikjarazzjoni tat-taxxa. Mat-tlestija ta' dak l-aġġornament, is-servizz

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										għandu jkun disponibbli għal 1 666 123 kontribwenti korporattivi tal-introjt. Data tal-linja bażi: 31 ta' Diċembru 2020.
381	C27.R3	T	Twassil ta' assistenza msaħħa lill-kontribwenti — Renta Web aġġornata u disponibbli għal mill-inqas 1 779 505 kontribwenti		Numru	0	1 779 505	Q-4	2021	<i>Renta Web</i> huwa software mmirat lejn it-Taxxa fuq l-Introjt Personali li se jippermetti l-importazzjoni diretta tar- " <i>registro tal-libros</i> " fid-dikjarazzjonijiet tat-taxxa fuq l-introjt personali. Dan se jkun disponibbli għal 1 779 505 kontribwenti ta' introjt personali. Data tal-linja bażi: 31 ta' Diċembru 2020.
382	C27.R3	M	It-twassil ta' erba' Pjattaformi ta' Appoġġ Diġitali	Pubblikazzjoni ta' rapport tal-Aġenzija tat-Taxxa				Q-2	2023	L-Aġenzija tat-Taxxa għandha tistabbilixxi u tagħmel operazzjonali erba' Pjattaformi ta' Appoġġ Diġitali tat-Taxxa (DSPs). Id-DSPs għandhom jaġixxu bħala bankijiet virtwali online li jipprovdu lill-kontribwenti b'servizz ta' assistenza usa', li jippermettilhom jikkuntattjaw lill-Aġenzija tat-Taxxa f'lingwi differenti bil-ħsieb li jwettqu proċeduri ta' appoġġ online li għandhom jinkludu: (1) servizzi ta' informazzjoni relatati ma' i) informazzjoni dwar iċ-ċensiment; II) il-VAT; III) taxxa fuq l-introjt personali, u (2) servizzi ta' assistenza relatati ma': I) dikjarazzjonijiet taċ-ċensiment; u ii) awtovalutazzjonijiet tal-VAT trimestrali għas-sidien u d-dikjarazzjonijiet tal-VAT għall-persuni taxxabli li jibdeu l-attività tagħhom.
383	C27.R4	T	Dimensjoni internazzjonali — Identifikazzjoni tal-kontribwenti barranin irreġistrati		Numru (%)	0	85	Q-4	2021	Sabiex tittejjeb il-konformità tat-taxxa b'mod partikolari ta' dawk il-kontribwenti li jidhru fir-reġistru bħala kontribwenti barranin, l-Aġenzija tat-Taxxa għandha twettaq proġett li għandu juża informazzjoni ġdida dwar il-kontribwenti minn diversi sorsi internazzjonali bħall-FATCA u s-CRS. Mat-tlestija tal-proġett, l-informazzjoni internazzjonali riċevuta hija mistennija li tkun adatta għall-analiżi tar-riskju. Il-mira tal-proġett għandha tkun li d-data tat-taxxa minn mill-inqas 85 % tal-kontribwenti barranin irreġistrati li l-Aġenzija tat-Taxxa rċeviet informazzjoni tagħhom fl-2019 tkun ġiet identifikata u d-data tat-taxxa tagħha tkun ġiet i-verifikata sabiex

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
										tintuża fl-analiżi tar-riskju sal-31 ta' Diċembru 2021. Data tal-linja bażi: 31 ta' Diċembru 2020.
384	C27.R5	T	Mudell kooperattiv — Rapporti ta' Trasparenza		Numru	0	20	Q-4	2021	L-Aġenzija tat-Taxxa għandha timplimenta proġett fl-2021 li għandu jhegġegħ lill-intrapriżi multinazzjonali jiżvelaw informazzjoni dwar l-operazzjonijiet tagħhom. Dan l-iżvelar jista' jkollu konsegwenzi fuq it-tassazzjoni ta' dawk il-kumpaniji. Il-mira għandha tkun ta' 20 Rapport ta' Trasparenza ppreżentati fl-2021.

AB. IL-KOMPONENT 28: L-ADATTAMENT TAS-SISTEMA TAT-TAXXA GĦAR- REALTÀ TAS-SEKLU WIEĦED U GHXRIN

Il-miżuri fil-komponent 28 tal-pjan Spanjol għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludu diversi miżuri tat-taxxa bħall-miżuri ta' emerġenza deċiżi fil-fażi akuta tal-kriżi ekonomika fl-2020, l-introduzzjoni ta' taxxi ġodda fil-kuntest tal-baġit tal-istat għall-2021 u proġetti fuq terminu medju biex tiġi rieżaminata u żviluppata s-sistema tat-taxxa aktar adatta għall-iskop tagħha. Il-miżuri fihom ukoll inċentivi tat-taxxa biex titħaffef it-tranżizzjoni ekoloġika. L-oġettivi segwiti mir-riforma tas-sistema tat-taxxa Spanjola huma li din issir aktar ekwa, progressiva, sostenibbli u ġusta, filwaqt li jiġi approfondit it-tfassil tat-tassazzjoni ekoloġika, tiġi inkorporata perspettiva tal-ġeneru u jissaħħu l-politiki pubbliċi ta' interess ġenerali, bħall-protezzjoni tas-saħħa. Ir-riformi għandhom ukoll l-għan li jikkontribwixxu b'mod pożittiv għat-tkabbir ekonomiku, il-ħolqien tal-impjiegi, ir-reżiljenza ekonomika u l-koeżjoni interterritorjali. Peress li l-proporzjon ġenerali tad-dħul mit-taxxa mal-PDG fi Spanja huwa aktar baxx milli fl-ekonomiji pari, hemm lok biex jiżdied id-dħul u titrawwem is-sostenibbiltà fuq terminu medju u twil tal-finanzi pubbliċi.

Il-komponent jindirizza fost l-oħrajn ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż dwar it-tisħiħ tal-oqfsa fiskali u tal-akkwist pubbliku fil-livelli kollha tal-gvern (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 2019), dwar — meta l-kundizzjonijiet ekonomiċi jippermettu — l-insewiment ta' politiki fiskali mmirati lejn il-kisba ta' pożizzjonijiet baġitarji prudenti fuq terminu medju u l-iżgurar tas-sostenibbiltà tad-dejn, filwaqt li jinkoraġġixxi l-investiment (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 2020), dwar l-elettrifikazzjoni tat-trasport (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2023 u 4 2022), dwar iż-żieda tal-investiment fit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 2023, 1 2022 u 3 2020) u dwar iż-żieda fid-disponibbiltà ta' akkomodazzjoni soċjali u affordabbli effiċjenti fl-użu tal-enerġija, b'mod partikolari permezz tar-rinnovazzjoni (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2023 u 4 2022).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

AB.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma 1 (C28.R1) — Miżuri meħuda fl-2020 u fl-2021 biex jittaffew l-effetti tal-pandemija tal-COVID-19

Spanja stabbiliet matul l-2020 u l-2021 diversi miżuri tat-taxxa biex ittaffi l-impatt negattiv tal-kriżi ekonomika kkawżata mit-tifqigħa tal-COVID-19. Dawn il-miżuri kienu jinkludu d-differiment tad-djun tat-taxxa u tad-dwana, is-sospensjoni u l-estensjoni tal-iskadenzi tat-taxxa, il-possibbiltajiet għal taxxa fuq l-introjt personali simplifikata, is-sistemi tat-taxxa korporattiva u tal-VAT tal-SMEs, it-tnaqqis temporanju tar-rata tal-VAT ta' ċerti oġġetti meħtieġa biex tiġi miġġielda l-kriżi tas-saħħa u l-ħolqien tal-Fond ta' Insolvenza għal korporattivi mhux finanzjarji. L-oġettiv ta' dawn il-miżuri kien li jittaffa l-impatt ekonomiku u soċjali tal-pandemija. Dawn il-miżuri għandhom jidħlu fis-seħħ mill-1 ta' Frar 2020 u xi wħud minnhom għandhom ikomplu fl-2021.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sa Marzu 31 2021.

Riforma 2 (C28.R2) — Analiżi tal-benefiċċji tat-taxxa

Rieżami tal-infiq imwettaq mill-awtorità fiskali indipendenti (*Autoridad Independiente de Responsabilidad Fiscal*, AIREF) dwar il-benefiċċji tat-taxxa fir-rigward tat-taxxa fuq l-introjt personali, id-dazji tas-sisa u l-VAT identifika possibbiltajiet biex jiġu mmodifikati ċerti benefiċċji tat-taxxa. FI-2020, il-benefiċċji tat-taxxa tal-iskemi tat-taxxa fuq l-introjt personali u r-rata mnaqqa tal-VAT għax-xarbiet mhux alkoħoliċi u l-meraq kif ukoll ċerti xarbiet biz-zokkor u/jew dolċifikanti miżjuda ġew modifikati. L-implimentazzjoni ta' riformi regolatorji ulterjuri sal-31 ta' Diċembru 2025 għandha tirriżulta minn analiżi fil-fond tar-rieżamijiet eżistenti, inkluż dawk tal-AIREF, u ta' grupp ta' ħidma li jkun ġie stabbilit biex jivvaluta 15 benefiċċju tat-taxxa addizzjonali kif ukoll analiżi ministerjali oħra, bl-għan li s-sistema tat-taxxa ssir aktar effettiva, tiġi appoġġata t-tranżizzjoni ekoloġika jew tiġi promossa l-ġustizzja, u għandha tiġi stmata fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ tagħhom biex id-dħul jiżdied b'mod permanenti b' 0.1 punti perċentwali tal-PDG.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sa Diċembru 31 2025.

Riforma 3 (C28.R3) — Stabbiliment ta' kumitat ta' esperti għar-riforma tat-taxxa

L-awtoritajiet għandhom jistabbilixxu Kumitat ta' Esperti fit-12 ta' April 2021 biex jeżamina l-karatteristiċi ta' sistema tat-taxxa ottimali u jagħmel rakkomandazzjonijiet dwar kif għandha tiġi mmodernizzata u adattata t-tassazzjoni attwali b'mod koerenti. B'mod partikolari, il-Kumitat ta' esperti għandu joqgħod attent għall-oqsma li ġejjin:

- it-tassazzjoni ambjentali;
- tassazzjoni korporattiva;
- it-tassazzjoni tal-ekonomija diġitalizzata;
- it-tassazzjoni fuq il-ġid, inkluża t-tassazzjoni fuq il-proprjetà u l-implimentazzjoni konkreta tal-armonizzazzjoni f'dan il-qasam;
- it-tassazzjoni ta' attivitajiet ekonomiċi emerġenti; u għal
- l-ugwaljanza bejn is-sessi.

L-emendi għas-sistema tat-taxxa bbażati fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat tal-esperti jew fuq analiżijiet oħra mill-Ministeru tal-Finanzi għandhom jidħlu fis-seħħ sal-31 ta' Marzu 2023.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sa Marzu 31 2023.

Riforma 4 (C28.R4) — Riforma tal-miżuri tat-taxxa li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika

Din ir-riforma fiha miżuri tat-taxxa li għandhom l-għan li jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika. Il-miżuri għandhom jinkludu:

- l-istabbiliment ta' taxxa fuq id-depożitu ta' skart f'landfills u f'impjanti ta' inċinerazzjoni;
- l-introduzzjoni ta' taxxa fuq l-imballaġġ tal-plastik li ma jistax jerġa' jintuża;
- l-emenda tat-taxxa fuq il-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra;

- taxxi jew pagamenti relatati mal-mobbiltà bħal pedaġġi stradali u taxxi ta' reġistrazzjoni tal-vetturi; u,
- ir-reviżjoni tas-sussidji għaż-żjut minerali użati bħala fjuwil.

L-implimentazzjoni tal-miżuri għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2022.

Riforma 5 (C28.R5) — Approvazzjoni tat-Taxxa fuq is-Servizzi Diġitali

Din ir-riforma għandha tintroduċi imposta bbażata fuq il-fatturat tal-kumpaniji b'fatturat nett ta' aktar minn EUR 750 000 000 u introjtu mill-forniment ta' ċerti servizzi diġitali bħal reklamar online u servizzi ta' intermedjazzjoni fi Spanja. It-taxxa hija indipendenti minn jekk il-kumpanija hijiex residenti jew le fit-territorju Spanjol. L-imposta għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel tliet xhur tal-2021. Ir-riforma għandha tinkludi wkoll rapport ta' valutazzjoni tal-impatt tal-miżura, li għandu jinħareġ sal-31 ta' Marzu tal-2022 u l-2023.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sa Marzu 31 2021.

Riforma 6 (C28.R6) — Approvazzjoni tat-Taxxa fuq it-Tranżazzjonijiet Finanzjarji

Din il-miżura għandha tintroduċi imposta bbażata fuq il-valur tax-xiri ta' ishma ta' kumpaniji Spanjoli elenkati b'kapitalizzazzjoni tas-suq akbar minn EUR 1 000 000 000. L-implimentazzjoni tar-riforma daħlet fis-seħħ fl-ewwel kwart tal-2021. Ir-riforma għandha tinkludi wkoll rapport ta' valutazzjoni tal-impatt tal-miżura, li għandu jinħareġ sal-31 ta' Marzu tal-2022 u l-2023.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sa Marzu 31 2021.

Riforma 7 (C28.R7) — Miżuri tat-taxxa għal żmien qasir fuq taxxi personali

Ir-riforma għandha żżid il-grad ta' progressività u ridistribuzzjoni tat-taxxa fuq l-introjtu personali, permezz ta' emendi għall-Att dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu Personali u l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Ġid. B'mod partikolari, hija għandha tgħolli b' 2 punti perċentwali r-rata fuq l-iskala nazzjonali ġenerali minn EUR 300 000 bħala bażi ġenerali għall-valutazzjoni, u ffrankar ta' 3 punti perċentwali minn EUR 200 000. Barra minn hekk, il-limitu fuq it-tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni individwali minn EUR 8 000 għal EUR 2 000 għandu jitnaqqas u l-limitu attwali għall-kontribuzzjonijiet magħmula mill-kumpanija lill-impjegat tagħha għandu jiżdied minn EUR 8 000 għal EUR 10 000. Barra minn hekk, fir-rigward tat-taxxa fuq il-ġid, ir-riforma għandha żżid ir-rata applikabbli għall-aħħar faxxa tat-tariffa b' 1 punt perċentwali, minn 2.5 % għal 3.5 % (għal assi ta' aktar minn EUR 10 000 000). L-implimentazzjoni tar-riforma kellha titlesta sal-1 ta' Jannar 2021.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sa Marzu 31 2021.

Riforma 8 (C28.R8) — Miżuri tat-taxxa għall-adozzjoni fuq terminu qasir fit-taxxa korporattiva

Ir-riforma għandha temenda l-Att dwar it-Taxxa Korporattiva sabiex iżżid il-kontribuzzjoni ta' din it-taxxa għall-appoġġ tal-infiq pubbliku, filwaqt li tintroduċi wkoll simplifikazzjonijiet għall-eżenzjonijiet u t-tnaqqis sabiex tiġi żgurata rata minima ta' 15 % mill-kontribwenti. Min-naħa l-oħra, l-eżenzjoni tad-dividendi u tal-qligħ kapitali ġġenerat mill-parteċipazzjoni tagħhom fis-sussidjarji, kemm residenti kif ukoll mhux residenti fit-territorju Spanjol, għandha titnaqqas b' 5 %.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sa Marzu 31 2021.

Riforma 9 (C28.R9) — Miżuri tat-taxxa fuq terminu qasir fit-taxxi indiretti

Ir-riforma għandha testendi l-applikazzjoni tar-rata standard tat-taxxa tal-VAT, stabbilita għal 21 %, għal soft drinks, meraq u xorb gassuż biz-zokkor miżjud. Miżura bħal din tikkostitwixxi impenn soċjali għall-promozzjoni tal-konsum responsabbli ta' dawn il-kategoriji ta' xorb u hija konsistenti mal-għan li jiġu ffinanzjati l-ispejjeż esterni tal-istat soċjali ta' Spanja, li f'dan il-każ jirriżultaw minn dieti mhux tajbin għas-saħħa. Barra minn hekk, ir-rata tat-taxxa tal-primjums tal-assigurazzjoni għandha tiżdied b'żewġ punti perċentwali, għal 8 %, iżda tibqa' fil-medda medja-baxxa fir-rigward tal-pajjiżi ġirien.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sa Marzu 31 2021.

AB.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Ara t-tabella ta' hawn taħt. Id-data tal-linja bażi għall-indikaturi kollha hija l-1 ta' Frar 2020 sakemm ma jkunx indikat mod ieħor fid-deskrizzjoni tal-azzjoni. L-ammonti fit-tabella ma jinkludux il-VAT.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-obiettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
385	C28.R1	M	Miżuri fiskali adottati fl-2020 u fl-2021 biex itaffu l-effetti tal-pandemija tal-COVID-19.	Dispożizzjoni tal-liġijiet u tad-Digriet Leġiżlattiv Irjali li tindika d-dħul fis-seħħ tagħhom				Q-1	2021	Id-dħul fis-seħħ tal-miżuri tat-taxxa adottati fl-2020 u fl-2021 biex jittaffew l-effetti ekonomiċi u soċjali negattivi tal-pandemija tal-COVID-19: 1. Regolamenti tranżitorji: diversi Digriet-liġijiet Irjali approvati mill-Gvern mill-bidu tal-pandemija tal-COVID-19. 2. Modifika tar-regolamenti tal-istat: – Id-digriet Leġiżlattiv Irjali 1/1993, ta' Settembru 24, li japprova t-Test Konsolidat tal-Liġi dwar it-Taxxa fuq Trażmissjonijiet Patrimonjali u Atti Legali Dokumentati. – Il-liġi 37/1992, ta' Diċembru 28, dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud. – Il-liġi 49/2002, ta' Diċembru 23, dwar ir-reġim tat-taxxa ta' entitajiet mingħajr skop ta' qligħ u dwar l-inċentivi fiskali għall-patroċinju. – Liġi 58/2003, ta' Diċembru 17, Taxxa Ġenerali. – Il-liġi 35/2006, tat-28 ta' Novembru, dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu Personali
386	C28.R2	M	Rieżami u modifiki tal-benefiċċji tat-taxxa	Dispożizzjoni tar-riformi li jindikaw id-dħul fis-seħħ tagħhom u l-pubblikazzjoni fuq il-Paġna web tal-Finanzi tar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma, u analiżijiet oħra mill-				Q-4	2025	Id-dħul fis-seħħ tar-riformi regolatorji derivati minn analiżi fil-fond tar-rieżamijiet eżistenti, inklużi dawk tal-AIReF, u tal-grupp ta' ħidma li ġie stabbilit biex jivvaluta l-benefiċċji tat-taxxa addizzjonali u analiżijiet oħra mill-Ministeru tal-Finanzi. Ir-riformi regolatorji għandhom l-għan li jagħmlu s-sistema tat-taxxa aktar effettiva, jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika jew jippromwovu l-ġustizzja u għandhom jiġu stmati fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ tagħhom biex iżidu b'mod permanenti d-dħul b' 0.1 punti perċentwali tal-PDG.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-obiettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
				Ministeru tal-Finanzi u mill-AIRf						
387	C28.R3	M	Ħatra tal-Kumitat ta' esperti mis-Segretarju tal-Istat tal-Finanzi.	Pubblikazzjoni fuq il-paġna web				Q-2	2021	Ħatra ta' Kumitat ta' esperti biex jiggwidaw ir-riforma tas-sistema tat-taxxa. Il-Kumitat għandu jkun responsabbli għat-twettiq ta' analiżi teknika tar-riformi meħtieġa, filwaqt li jqis ix-xenarju attwali kif ukoll is-sitwazzjoni mistennija fit-terminu medju u fit-tul, b'attenzjoni partikolari għall-oqsma li ġejjin: it-tassazzjoni ambjentali, it-tassazzjoni korporattiva, it-tassazzjoni tal-ekonomija diġitali, it-tassazzjoni fuq il-ġid u l-armonizzazzjoni konkreta f'dan il-qasam, it-tassazzjoni ta' attivitajiet ekonomiċi emerġenti.
388	C28.R3	M	Dħul fis-seħħ tar-riformi derivati mir-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat jew analiżijiet oħra mill-Ministeru tal-Finanzi	Dispożizzjonijiet tar-riformi li jindikaw id-dħul fis-seħħ tagħhom				Q-1	2023	Id-dħul fis-seħħ tar-riformi derivati mir-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat tal-esperti jew minn analiżijiet oħra mill-Ministeru tal-Finanzi fl-oqsma tat-Tassazzjoni Ambjentali, it-Tassazzjoni Korporattiva, it-Tassazzjoni tal-Ġid, it-Tassazzjoni tas-Saħħa u t-Taxxa fuq l-Introjtu Personali fuq l-Introjtu Kapitali, li għandhom jinkludu fost l-oħrajn id-dħul fis-seħħ ta' żidiet fit-taxxa fuq id-diżil. Dawn ir-riformi, flimkien ma' miżuri li jintroduċu limitazzjonijiet fuq il-kumpens ta' bażijiet tat-taxxa negattivi li huma barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-RRP, għandhom jiġu stmati fil-mument tad-dħul fis-seħħ tagħhom biex iżidu b'mod permanenti d-dħul b'mill-inqas 0.3 punti perċentwali tal-PDG.
389	C28.R4	M	Taxxi fuq il-plastik u l-iskart li jintuża darba biss	Dispożizzjoni tal-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tagħha				Q-3	2021	Id-dħul fis-seħħ tal-Liġi li tirregola t-taxxi fuq il-plastik u d-depożitu u l-inċinerazzjoni tal-iskart biex tiġi promossa l-ekonomija ċirkolari u jitnaqqas l-użu tal-plastik li jintuża darba biss.
390	C28.R4	M	Analiżi tat-Taxxa tar-Reġistrazzjoni tal-Vetturi u t-Taxxa fuq it-Traffiku	Pubblikazzjoni fuq il-paġna web				Q-1	2022	Ir-riforma tipprevedi analiżi tat-Taxxa tar-Reġistrazzjoni tal-Vetturi, it-Taxxa fuq it-Traffiku jew pagamenti bħal pedaġġi stradali. Abbażi ta' din l-analiżi, għandha titqies reviżjoni tal-liġi biex jiġi promoss trasport bit-triq aktar sostenibbli u biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-obiettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
391	C28.R4	M	Dħul fis-seħħ tar-riforma tat-taxxa fuq il-Gassijiet Fluworinati	Dispożizzjoni tal-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tagħha				Q-2	2022	Id-dħul fis-seħħ tar-riforma tat-Taxxa fuq il-Gassijiet Fluworinati biex jiġi skoraġġut l-użu tagħhom u jitnaqqas l-evitar tat-taxxa.
392	C28.R5	M	Taxxa fuq is-Servizzi Diġitali	Dispożizzjoni tal-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tagħha				Q-1	2021	Id-dħul fis-seħħ tal-Liġi dwar ċerta taxxa fuq is-servizzi diġitali (<i>Ley 4/2020, de 15 de octubre, del Impuesto sobre Determinados Servicios Digitales</i>) biex jiġu ġġenerati sorsi ġodda ta' dħul għall-gvern ibbażati fuq setturi kummerċjali emerġenti filwaqt li tiġi żviluppata s-sistema tat-taxxa b'mod koerenti u fejn rilevanti fil-kuntest internazzjonali.
393	C28.R6	M	Taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji	Dispożizzjoni tal-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tagħha				Q-1	2021	Id-dħul fis-seħħ tal-Liġi dwar it-Taxxa fuq it-Tranżazzjonijiet Finanzjarji (<i>Ley 5/2020, de 15 de octubre, del Impuesto sobre las Transacciones Financieras</i>) biex jiġu ġġenerati sorsi ġodda ta' dħul għall-gvern filwaqt li tiġi żviluppata s-sistema tat-taxxa b'mod koerenti u fejn rilevanti fil-kuntest internazzjonali.
394	C28.R7	M	Modifiki tat-Taxxa fuq l-Introjt Personal u t-Taxxa fuq il-Ġid fl-2021	Dispożizzjoni tal-Liġi tal-Baġit li tindika d-dħul fis-seħħ tagħha				Q-1	2021	Id-dħul fis-seħħ tal-modifiki introdotti mil-Liġi tal-Baġit għall-2021 u r-regolamenti dwar l-iżvilupp relatati mat-Taxxa fuq l-Introjt Personali u t-Taxxa fuq il-Ġid biex jitnaqqas id-defiċit tal-gvern u biex it-tassazzjoni fuq l-introjt personali ssir aktar progressiva.
395	C28.R8	M	Modifiki tat-Taxxa Korporattiva fuq l-Introjt fl-2021	Dispożizzjoni tal-Liġi tal-Baġit li tindika d-dħul fis-seħħ tagħha				Q-1	2021	Id-dħul fis-seħħ tal-modifiki introdotti mil-Liġi tal-Baġit għall-2021 u r-regolamenti dwar l-iżvilupp relatati mat-Taxxa fuq l-Introjt Korporattiv biex jiżdied id-dħul mit-taxxa korporattiva.
396	C28.R9	M	Modifiki ta' taxxi indiretti fl-2021	Dispożizzjoni tal-Liġi tal-Baġit li				Q-1	2021	Id-dħul fis-seħħ tal-modifiki introdotti mil-Liġi tal-Baġit għall-2021 u r-regolamenti dwar l-iżvilupp relatati mat-taxxi indiretti biex jiġu promossi dieti aktar tajbin għas-

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-objettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
				tindika d-dħul fis-seħħ tagħha						saħħa permezz tat-tnaqqis tal-konsum ta' ċertu xorb biz-zokkor u biex jiżdied id-dħul tal-gvern ċentrali permezz ta' żieda fit-taxxa fuq il-primjums tal-assigurazzjoni.

AB.3. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ fil-forma ta' self

Investiment 1 (C28.I1) — Inċentivi fiskali għar-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika u x-xiri ta' vetturi elettriċi u punti tal-iċċarġjar

L-objettiv ta' din il-miżura huwa li ttiprovdi inċentivi fiskali i) biex tippromwovi xogħlijiet ta' rinnovazzjoni tal-bini biex jinkiseb titjib fl-effiċjenza enerġetika; u ii) li tinċentiva l-introduzzjoni ta' vetturi elettriċi u stazzjonijiet tal-iċċarġjar. Il-miżura tibni fuq l-investimenti C1.I2 u C2.I1.

Il-miżura għandha twassal għal azzjonijiet ta' rinnovazzjoni li jtejbju l-effiċjenza enerġetika u jnaqqsu l-konsum tal-enerġija primarja tal-kontribwenti b' medja ta' mill-inqas 30 %.

Barra minn hekk, din il-miżura għandha ttiprovdi inċentivi fiskali lill-unitajiet domestiċi għax-xiri ta' vetturi elettriċi u ibridi u l-installazzjoni ta' punti tal-iċċarġjar. L-inċentivi tat-taxxa għandhom jikkonsistu fi tnaqqis tat-taxxa biex jappoġġaw lill-unitajiet domestiċi biex jixtru vetturi ibridi u elettriċi ġodda (BEV, REEV, PHEV, FCEV, FCHV) u stazzjonijiet tal-iċċarġjar.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika “La tagħmilx ħsara sinifikanti” (2021/C58/01), il-kriterji tal-għażla għall-inċentivi fiskali għandhom jiffinanzjaw biss ix-xiri ta' vetturi b'emissjonijiet żero jew baxxi²¹².

L-implimentazzjoni tal-miżuri għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

AB.4. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ fil-forma ta' self

Ara t-tabella ta' hawn taħt. Id-data tal-linja bażi għall-indikaturi kollha hija l-1 ta' Frar 2020 sakemm ma jkunx indikat mod ieħor fid-deskrizzjoni tal-azzjoni. L-ammonti fit-tabella ma jinkludux il-VAT.

²¹² Vetturi b'emissjonijiet baxxi huma definiti bħala vetturi li jarmu inqas minn 50 gCO₂/km.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-obiettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
L81	C28.II	T	Tlestija ta' azzjonijiet ta' rinnovazzjoni ta' abitazzjonijiet residenzjali, li jiksibu titjib fl-effiċjenza enerġetika.		Numru	410 000	510 000	Q-3	2026	Mill-inqas 510 azzjoni ta' rinnovazzjoni ta' abitazzjonijiet residenzjali f'mill-inqas 000 abitazzjoni unika kkompletati, li bħala medja jiksibu tnaqqis fid-domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 30 % (kumulattiv). Għall-finijiet tal-indikatur, il-kunċett ta' akkomodazzjoni għandu jkun kompatibbli mad-definizzjoni tal-Eurostat ("abitazzjoni hija kamra jew sett ta' kmamar — inklużi l-aċċessorji, il-lobbies u l-kurituri tagħha — f'bini permanenti jew f'parti strutturalment separata ta' bini li, bil-mod kif inbena, inbena mill-ġdid jew ġie kkonvertit, huwa deżinjat għal akkomodazzjoni minn unità domestika privata waħda s-sena kollha") u jista' jinkludi, fejn xieraq, akkomodazzjoni soċjali jew pubblika. L-indikatur għat-titjib tal-prestazzjoni tal-enerġija użati għandhom jiġu akkreditati permezz taċ-ċertifikat rilevanti tar-rendiment fl-użu tal-enerġija fil-qafas tad-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija. L-għadd ta' riabilitazzjonijiet tad-djar għandu jiġi ddeterminat bħala s-somma tal-azzjonijiet kollha ta' titjib u riabilitazzjoni mwettqa permezz tal-inċentivi tat-taxxa. Il-perċentwal medju tal-iffrankar tal-konsum tal-enerġija primarja għall-fini ta' konformità mal-valur minimu ta' 30 % għandu jinkiseb billi jiġi ponderat is-sett ta' azzjonijiet ta' riabilitazzjoni bl-ammont ta' għajjuna jew finanzjament applikat skont il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Dan l-indikatur jinkludi azzjonijiet ta' titjib u riabilitazzjoni fil-muniċipalitajiet kollha, irrappreżentat mid-daqs tagħhom. Biex tiġi ġġustifikata l-konformità mal-iffrankar tal-enerġija miksub, iċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija tax-xogħlijiet kompluti huma meħtieġa u aggregati biex jiġi kkonfermat l-iffrankar medju tal-enerġija miksub. (Linja bażi: It-30 ta' Ġunju 2026 skont il-mira 29 tal-Komponent 2)
L82	C28.II	T	L-EVS u l-infrastruttura tal-iċċarġjar varata		Numru	238 000	348 000	Q-3	2026	Intużaw mill-inqas 110 000 vettura elettrika ġdida addizzjonali (BEV, REEV, PHEV, FCEV jew FCHV) u stazzjonijiet tal-iċċarġjar fl-ambitu tal-inċentivi tat-taxxa. (Linja bażi: L-31 ta' Diċembru 2025 skont il-mira 419 tal-Komponent 1)

AC. IL-KOMPONENT 29: IT-TITJIB TAL-EFFETTIVITÀ TAL-INFQ PUBBLIKU

Ir-riformi fil-komponent 29 tal-pjan Spanjol għall-irkupru u r-reżiljenza għandhom l-għan li (i) itejbu l-effettività tal-infq pubbliku permezz tat-tisħiħ tal-qafas u l-prattiki għar-rieżamijiet tal-infq u (ii) l-allinjament tal-baġit tal-gvern ċentrali mal-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli u l-prinċipji tal-ibbaġitjar ekoloġiku.

L-objettiv tal-komponent tal-pjan huwa li jtejjeb il-kwalità tan-nefqa pubblika, b'mod partikolari, billi jirrevedi l-kompożizzjoni tiegħu u jiffoka mill-ġdid l-użu tiegħu, jappoġġa t-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi, u fl-aħħar mill-aħħar jagħmel il-finanzi pubbliċi stabbli u d-dejn pubbliku aktar sostenibbli fuq terminu medju. Ir-riformi jindirizzaw ukoll l-isfidi ppreżentati mir-realtà ekonomika u soċjali l-ġdida.

Il-komponent jindirizza r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż dwar — meta l-kundizzjonijiet ekonomiċi jippermettu — l-insewiment ta' politiki fiskali mmirati lejn il-kisba ta' pożizzjonijiet baġitarji prudenti fuq terminu medju u l-iżgurar tas-sostenibbiltà tad-dejn, filwaqt li jinkoraġġixxi l-investiment (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

AC.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma 1 (C29.R1) — Proċess ta' rieżami u evalwazzjoni tal-infq pubbliku

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li jiġi stabbilit qafas permanenti li jiżgura titjib fil-kwalità tal-infq pubbliku, isaħħaħ l-istabbiltà fiskali u s-sostenibbiltà tal-finanzi tal-amministrazzjoni pubblika. Din ir-riforma fiha erba' sottoelementi:

- L-inkorporazzjoni fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tar-rakkomandazzjonijiet tar-rieżami tal-infq 2018–2020 (il-fażi I u l-fażi II): Sabiex jinkiseb segwitu effettiv tar-rakkomandazzjonijiet tal-fażi I u II, l-unitajiet baġitarji li jkunu ngħataw rakkomandazzjonijiet għandhom jingħataw skadenza biex iwieġbu għal dawn ir-rakkomandazzjonijiet f'konformità mal-prinċipju ta' "konformità jew spjegazzjoni". Il-Ministeru tal-Finanzi huwa mistenni li jingħata l-kompitu li jimmonitorja s-segwitu u jipproduċi rapport annwali dwar ir-rispons għar-rakkomandazzjonijiet.
- It-tnedija tal-fażi III tar-rieżami tal-infq tal-2021: It-tielet fażi tar-rieżami tal-infq hija pplanata li tiffoka fuq l-istrumenti finanzjarji u l-ġestjoni tal-iskart muniċipali;
- Proċess ġdid ta' rieżami u evalwazzjoni tal-infq pubbliku (għall-2022–2026): Rieżamijiet futuri tal-infq f'dan iċ-ċiklu jitwettqu mill-awtorità fiskali indipendenti (*Autoridad Independiente de Responsabilidad Fiscal*, AIREF). L-enfasi, il-kopertura u l-iskeda ta' żmien ta' dawn ir-reviżjonijiet futuri għandhom jiġu deċiżi mill-Kunsill tal-Ministri wara konsultazzjonijiet mal-AIREF. L-għan huwa li jiġi ppubblikat rapport kull sena fl-2022–2026;

- It-tisħiħ tal-kapaċità tal-evalwatur (AIReF): L-Istatut tal-AIReF għandu jiġi modifikat biex tinholq unità ġdida responsabbli għar-rieżamijiet tal-infiq pubbliku.

Ir-riforma 1 tista' titqies li tappoġġa l-koerenza u riformi oħra fil-pjan Spanjol għall-irkupru u r-reżiljenza, b'mod partikolari fil-komponenti 6, 17, 18, 21, 23 u 28, fejn ir-rakkomandazzjonijiet ibbażati fuq il-Fażi I u II tar-rieżami tal-infiq ikkontribwew għal dawk il-prijoritajiet ta' riforma.

Din ir-riforma hija mistennija li titlesta sat-30 ta' Ġunju 2023.

Riforma 2 (C29.R2) — Allinjament tal-Baġit tal-Gvern Ċentrali mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tal-Aġenda 2030

L-oġettiv ta' din ir-riforma huwa li l-baġit tal-istat jiġi allinjat mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), li huma l-bażi tal-pjan kollu. Ir-riforma għandha tikkonsisti fil-pubblikazzjoni ta' rapport fil-kuntest tal-proċess baġitarju tal-istat li, f'konformità ma' metodoloġija predefinita, għandu jirrifletti l-allinjament tal-investimenti pubbliċi mal-SDGs. Din ir-riforma tibni fuq il-metodoloġija u l-qafas ta' monitoraġġ li bħalissa qed jitfasslu bl-appoġġ tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku tal-UE.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2021.

Riforma 3 (C29.R3) — Allinjament tal-Baġit tal-Gvern Ċentrali mal-ibbaġitjar ekoloġiku

L-oġettiv ta' din ir-riforma huwa li tallinja l-baġit tal-istat mal-qafas ta' referenza tal-ibbaġitjar ekoloġiku tal-UE fuq terminu medju. Dan isahha ir-riforma 2 u b'mod aktar ġenerali l-aspirazzjonijiet ekoloġiċi tal-pjan. Ir-riforma għandha tikkonsisti fil-pubblikazzjoni ta' żewġ rapporti, fil-kuntest tal-proċess tal-baġit tal-gvern ċentrali li għandhom jimmappjaw l-ispejjeż ekoloġiċi u kannella rispettivament fuq il-liġijiet baġitarji annwali għall-2023 u l-2024. Din ir-riforma tibni fuq il-metodoloġija u l-qafas ta' monitoraġġ li bħalissa qed jitfasslu bl-appoġġ tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku tal-UE.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2023.

AC.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Ara t-tabella ta' hawn taħt. Id-data tal-linja bażi għall-indikaturi kollha hija l-1 ta' Frar 2020 sakemm ma jkunx indikat mod ieħor fid-deskrizzjoni tal-azzjoni. L-ammonti fit-tabella ma jinkludux il-VAT.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
397	C29.R1	M	It-twaqqif ta' tim permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi għall-monitoraġġ attiv tal-implimentazzjoni tar-risultati tar-rieżamijiet tal-infiq u l-approvazzjoni tal-Ordni ta' Elaborazzjoni tal-Liġi Baġitarja Annwali	Dispożizzjoni tal-leġiżlazzjoni li jindikaw id-dħul fis-seħħ tagħha. Ordni ta' Elaborazzjoni tal-Liġi Baġitarja Annwali				Q-2	2021	Id-dħul fis-seħħ (i) tat-twaqqif fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi (fis-Segretarjat tal-Istat għall-Baġit u n-Nefqa) ta' tim permanenti għall-monitoraġġ attiv tal-implimentazzjoni tar-risultati tar-reviżjonijiet tal-infiq, li jippromwovi l-prinċipju "ikkonforma jew spjega"; u (ii) tal-impenn tal-Ministeru tal-Finanzi li jippubblika rapport annwali bi tweġibiet għar-rakkomandazzjonijiet kollha tar-rieżami tal-infiq maħruġa mill-AIReF. L-ordni ta' Elaborazzjoni tal-Liġi Baġitarja Annwali għandha tinkludi l-impenn tal-Amministrazzjoni Ċentrali u s-Sigurtà Soċjali li timmonitorja u ssegwi permezz taċ-ċiklu tal-baġit ir-rakkomandazzjonijiet tar-rieżamijiet tal-infiq, inklużi miżuri li ġew implimentati jew li huma skedati li jiġu implimentati fis-sena ta' wara.
398	C29.R1	M	Fażi III tar-rieżami tal-infiq	Approvazzjoni mill-Kunsill tal-Ministri				Q-2	2021	Il-Kunsill tal-Ministri għandu jiddeċiedi dwar it-tneċċija tal-fażi III tar-rieżami tal-infiq fl-2021. It-tielet fażi tar-rieżami tal-infiq għandha tindirizza mill-inqas żewġ oqsma: l-istrumenti finanzjarji u l-ġestjoni tal-iskart muniċipali. Ir-rieżami tal-infiq għandu jitwettaq mill-AIReF.
399	C29.R1	M	Il-ħolqien ta' unità permanenti fi ħdan l-AIReF responsabbli għat-twettiq tar-rieżamijiet tal-infiq b'mandat mill-gvern.	Dispożizzjoni tal-Iżvilupp Rurali li jindikaw id-dħul fis-seħħ tiegħu				Q-2	2021	Id-dħul fis-seħħ tal-emenda tad-Digriet Irjali 215/2014, tal-Istatut Organiku tal-AIReF, bil-ħolqien ta' unità permanenti inkarigata mit-twettiq tar-rieżamijiet tal-infiq ikkummissjonati mill-Gvern.
400	C29.R1	M	Approvazzjoni mill-Kunsill tal-Ministri taċ-ċiklu l-ġdid (2022–26) tar-rieżamijiet tal-infiq li għandhom jiġu kkummissjonati lill-AIReF.	Dispożizzjoni tal-ftehim tal-Kunsill tal-Ministri li jindika id-dħul fis-seħħ tiegħu				Q-4	2021	Iċ-ċiklu l-ġdid ta' rieżami pluriennali tal-infiq pubbliku għandu jkopri l-perjodu 2022–2026. Biex jippjana kif xieraq l-applikazzjoni u jiġbor l-informazzjoni meħtieġa għal kull fażi tar-rieżami tal-infiq, wara konsultazzjoni mal-AIReF, il-Kunsill tal-Ministri għandu jiddeċiedi u jippubblika mill-inqas l-oqsma ta' politika, l-entitajiet pubbliċi kkonċernati u l-perjodi ta' żmien li għandhom jiġu koperti mill-analiżi kif ukoll l-aspetti metodoloġiċi rilevanti.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
401	C29.R1	M	Pubblikazzjoni ta' rapport ta' monitoraġġ	Pubblikazzjoni fil-paġna web tal-Ministeru tal-Finanzi				Q-1	2022	Pubblikazzjoni annwali ta' rapport ta' monitoraġġ. Ir-rapport għandu jelenka r-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-AIREF u jagħti dettalji dwar il-bidliet regolatorji jew miżuri oħra meħuda biex jindirizzawhom. Meta ċ-ċentri tal-infiq li lilhom jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet ma jaqblux magħhom, għandha tiġi inkluża ġustifikazzjoni xierqa.
402	C29.R1	M	Fażi III tar-rieżami tal-infiq	Pubblikazzjoni tar-rapporti fil-paġna web tal-AIREF				Q-2	2023	Pubblikazzjoni tar-rapporti tat-tielet fażi tar-rieżami tal-infiq mill-AIREF.
403	C29.R2	M	Rapport ta' Allinjament Baġitarju mal-SDGs	Pubblikazzjoni bħala Dokumentazzjoni Komplimentari fil-Liġi Baġitarja Annwali				Q-3	2021	Pubblikazzjoni tar-rapport li jakkumpanja l-abbozz tal-Liġi tal-Baġit tal-2022 dwar l-allinjament tagħha mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.
404	C29.R3	M	Rapport dwar l-allinjament tal-ibbaġitjar ekoloġiku	Pubblikazzjoni bħala Dokumentazzjoni Komplimentari fil-Liġi Baġitarja Annwali				Q-3	2022	Rapport dwar il-Baġit Ekoloġiku (dimensjoni ekoloġika) li jakkumpanja l-Liġi Annwali tal-Baġit għall-2023. Ir-rapport għandu jimmappja l-ispejjeż ekoloġiċi fil-liġi baġitarja annwali u jitħejja f'konformità mal-qafas ta' metodoloġija u monitoraġġ imfassal bl-appoġġ tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku tal-UE.
405	C29.R3	M	Rapport dwar l-allinjament tal-ibbaġitjar ekoloġiku	Pubblikazzjoni bħala Dokumenta				Q-2	2023	Rapport dwar il-Baġit Ekoloġiku (dimensjoni kannella) li jakkumpanja l-Liġi Annwali tal-Baġit għall-2024. Ir-rapport għandu jimmappja l-ispejjeż kannella

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-objettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
				zzjoni Kompliment ari fil-Liġi Baġitarja Annwali						fil-liġi baġitarja annwali u jitħejja f'konformità mal-qafas ta' metodoloġija u monitoraġġ imfassal bl-appoġġ tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku tal-UE.

AD. IL-KOMPONENT 30: IL-PENSJONIJIET

L-objettiv tal-komponent tal-pjan Spanjol għall-irkupru u r-reżiljenza huwa li jirrifirma s-sistema tal-pensjonijiet sabiex i) jiżgura s-sostenibbiltà finanzjarja tas-sistema fuq terminu qasir, medju u twil, ii) iżomm il-kapaċità tal-akkwist tal-pensjonijiet, iii) jippreserva l-adegwatezza tal-pensjonijiet, iv) jipproteġi lill-pensjonanti mill-faqar u v) jiżgura ekwità interġenerazzjonali. Il-miżuri ta' riforma jibnu fuq il-kunsens parlamentari wiesa' dwar l-adozzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Patt Toledo²¹³. Il-miżuri, li għadhom soġġetti għal djalogu soċjali, jinkludu: i) is-separazzjoni tas-sorsi ta' finanzjament, ii) mekkaniżmu ta' indiċjar rivedut tal-benefiċċji tal-pensjoni, iii) inċentivi għall-irtirar tard u bidliet regolatorji li jikkonċernaw l-irtirar bikri, iv) bidliet fil-perjodu ta' kontribuzzjoni għall-kalkolu tal-pensjoni tal-irtirar, v) sistema ġdida ta' kontribuzzjonijiet għal dawk li jaħdmu għal rashom ibbażata fuq l-introjt reali u vi) l-iżvilupp ta' skemi tal-pensjoni okkupazzjonali permezz ta' negozjar kollettiv.

Il-komponent jindirizza r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż dwar il-preservazzjoni tas-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 2019) u t-tweqqif ta' politiki fiskali, meta l-kundizzjonijiet ekonomiċi jippermettu, bl-għan li jinkisbu pożizzjonijiet baġitarji prudenti fuq terminu medju u tiġi żgurata s-sostenibbiltà tad-dejn, filwaqt li jithegġegħ l-investiment (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

AD.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma 1 (C30.R1) — Separazzjoni tas-sorsi ta' finanzjament tas-sigurtà soċjali

L-objettiv tar-riforma huwa li jinbidel il-finanzjament tas-sistema tal-pensjonijiet f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Patt Toledo sabiex il-benefiċċji kontributorji jiġu ffinanzjati permezz ta' kontribuzzjonijiet soċjali u l-benefiċċji mhux kontributorji jitħallsu mill-baġit tal-Istat. Ir-riforma għandha tikkonsisti f'li l-istat jieħu f'idejh il-finanzjament ta' għadd ta' partiti tan-nefqa, li bħalissa huma koperti mill-kontribuzzjonijiet soċjali. Ir-riforma għandha ssaħħa ir-rabta bejn il-kontribuzzjonijiet u l-intitolamenti u ttejjeb is-sostenibbiltà finanzjarja tas-sistema kontributorja.

Il-partiti tan-nefqa li qabel kienu ffinanzjati permezz tal-kontribuzzjonijiet soċjali iżda taħt din ir-riforma huma kkunsidrati bħala mhux kontributorji u ffinanzjati permezz tal-baġit tal-Istat jikkonsistu minn i) parti mill-politiki tal-impjiegi mhux kontributorji, ii) tnaqqis fil-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali għall-promozzjoni tal-impjiegi, iii) allowances tat-twelid u tal-indukrar tat-tfal, iv) nefqa relatata mal-irtirar bikri, v) is-suppliment tal-pensjoni tal-maternità, v) pensjonijiet għall-membri tal-

²¹³ Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Patt Toledo ġew ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali fl-10 ta' Novembru 2020: https://www.congreso.es/public_oficiales/L14/CONG/BOCG/D/BOCG-14-D-175.PDF.

familja, vi) miżuri ta' appoġġ ("sussidji impliċiti") għal skemi speċjali u vii) il-kost biex jiġu kkomplementati d-diskrepanzi fil-kontribuzzjonijiet għall-kalkolu tal-pensjoni tax-xjuħija.

Ir-riforma bdiet permezz ta' dispożizzjonijiet fil-baġit ġenerali tal-istat għall-2021, u għandha tiġi implimentata progressivament permezz ta' trasferimenti mill-baġit tal-istat għall-baġit tas-sigurtà soċjali.

Il-miżura għandha tiġi implimentata sal-31 ta' Diċembru 2023.

Ir-riforma 2 (C30.R2) — Iż-żamma tal-kapaċità tal-akkwist tal-pensjonijiet, l-allinjament tal-età effettiva tal-irtirar mal-età statutorja tal-irtirar, l-adattament tal-perjodu tal-kalkolu għall-kalkolu tal-pensjoni tal-irtirar għal karrieri ġodda u s-sostituzzjoni tal-fattur ta' sostenibbiltà b'mekkaniżmu ta' ekwità interġenerazzjonali

L-oġġettivi tar-riforma huma li i) tiggarrantixxi l-kapaċità tal-akkwist tal-pensjonanti, ii) iżżid il-parteċipazzjoni fix-xogħol f'etajiet qrib l-età legali tal-irtirar, iii) tipposponi l-irtirar, iv) issaħħaħ il-progressività tas-sistema ta' kontribuzzjoni, v) tadatta r-regolament attwali għal karrieri mhux kontinwi u forom oħra ta' xogħol atipiku u vi) tindirizza l-impatt tal-bidliet demografiċi li ġejjin mingħajr ma taggrava l-adegwatezza tal-pensjonijiet attwali u futuri. Ir-riforma tikkonsisti f'erba' riformi regolatorji separati f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Patt Toledo, li għandhom jiġu adottati f'żewġ stadji.

Ir-riformi li għandhom jidħlu fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2021 huma:

- Mekkaniżmu ġdid ta' indiċjar li jorbot il-benefiċċji tal-pensjoni mal-inflazzjoni, bl-oġġettiv li jiggarrantixxi l-kapaċità tal-akkwist tal-pensjonanti b'mod permanenti.
- Allinjament tal-età effettiva tal-irtirar mal-età statutorja tal-irtirar, mal-oġġettivi li tiżdied il-parteċipazzjoni fix-xogħol f'etajiet qrib l-età legali tal-irtirar, u li l-irtirar jiġi pospost. Il-miżura għandha tikkonsisti mill-bidliet regolatorji li ġejjin:
 - a. Il-ħolqien ta' inċentivi ġodda għad-dewmien tal-irtirar (aktar inċentivi ekonomiċi biex jittardja l-irtirar u l-promozzjoni tal-kompatibbiltà bejn ix-xogħol u l-pensjoni). B'mod partikolari, daww il-ħaddiema li jipposponu l-irtirar għandhom ikunu intitolati li jagħżlu minn fost: żieda fl-ammont tal-pensjoni għal kull sena sħiħa ta' kontribuzzjoni addizzjonali kkreditata bejn l-età legali tal-irtirar u l-irtirar effettiv; hla ta' somma f'daqqa; u kombinazzjoni tat-tnejn ta' qabel.
 - b. It-tisħiħ tad-diżinċentivi fir-regolamentazzjoni tal-elementi tal-irtirar bikri tar-regolamentazzjoni attwali tal-irtirar bikri. Ir-rata ta' tnaqqis għall-irtirar kmieni għandha tiġi modifikata sabiex tiżdied l-età effettiva tal-irtirar u biex jitneħħa t-trattament privileġġat mogħti lil daww il-pensjonanti bil-bażi massima tal-kontribuzzjoni. Dispożizzjonijiet ta' negozjar kollettiv li jisfuzaw l-aċċess għall-pensjoni fl-età standard tal-irtirar għandhom jiġu pprojbiti.

Ir-riformi li għandhom jidħlu fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2022 huma:

- L-aġġustament tal-perjodu kontributorju għall-kalkolu tal-pensjoni tal-irtirar, bl-għan li tissaħħaħ il-progressività tas-sistema u jiġi adattat ir-regolament attwali għal karrieri mhux kontinwi u forom oħra ta' xogħol atipiku.
- Is-sostituzzjoni tal-fattur ta' sostenibbiltà b'mekkaniżmu li jiggarrantixxi l-ekwità interġenerazzjonali u s-sostenibbiltà baġitarja. L-oġġettiv tal-miżura huwa li tindirizza l-

impatt tal-bidliet demografiċi li ġejjin mingħajr ma taggrava l-adeqgatezza tal-pensjonijiet attwali u futuri.

Il-miżura għandha tiġi implimentata sal-31 ta' Diċembru 2022.

Riforma 3 (C30.R3) — Riforma tas-sistema tal-kontribuzzjoni tas-Sigurtà Soċjali għal dawk li jaħdmu għal rashom

L-objettiv tar-riforma huwa li t-trattament tal-ħaddiema u ta' dawk li jaħdmu għal rashom jiġi ugwalizzat, li jiżiedu l-kontribuzzjonijiet għas-sistema tal-pensjonijiet u li jiġi żgurat li dawk li jaħdmu għal rashom jirċievu introjtu adegwat għall-pensjoni. Ir-riforma għandha temenda r-reġim ta' kontribuzzjoni ta' dawk li jaħdmu għal rashom. Ir-riforma għandha tibbaża l-kontribuzzjonijiet ta' dawk li jaħdmu għal rashom fuq l-introjtu reali, minflok fuq bażi ta' kontribuzzjoni magħżula minnha stess, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Patt Toledo. Il-kontribuzzjoni finali għandha tiġi kkalkulata abbażi tal-introjtu professjonali li jaħdem għal rasu pprovdut mill-awtoritajiet tat-taxxa. Ir-riforma għandha tiġi implimentata gradwalment permezz ta' żidiet fil-bażi tal-kontribuzzjoni minima biex tippermetti l-adattament għar-reġim il-ġdid.

Il-miżura għandha tiġi implimentata sat-30 ta' Ġunju 2022.

Riforma 4 (C30.R4) — Semplifikazzjoni taż-żidiet tal-maternità

L-objettiv tar-riforma huwa li l-ġenituri, primarjament l-ommijiet, jiġu kkompensati għall-ispejjeż tat-twelid u tal-indukrar tat-tfal, sabiex titnaqqas id-differenza bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet. Ir-riforma tfassal mill-ġdid is-suppliment tal-maternità u diġà ġiet adottata (id-Digriet Amministrattiv Irjali 3/2021, tat-2 ta' Frar). Is-suppliment tal-maternità preċedenti fis-seħħ mill-2016 tqies diskriminatorju għall-irġiel mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Diċembru 2019. Is-suppliment riformat għal-liv tal-maternità huwa mistenni li jikkonforma mad-deċiżjoni tal-qorti u jipprevjeni d-diskriminazzjoni. Is-suppliment il-ġdid huwa bbażat fuq analiżi tal-mogħdijiet ta' kontribuzzjoni sabiex jiġi identifikat liema miż-żewġ ġenituri kien l-aktar żvantaġġat fil-karriera kontributorja tagħhom bħala riżultat tat-twelid ta' wild, sakemm, fin-nuqqas ta' ġenitur partikolarment żvantaġġat, l-omm tingħata s-suppliment.

Il-miżura għandha tiġi implimentata sal-31 ta' Marzu 2021.

Riforma 5 (C30.R5) — Reviżjoni tas-sistema tal-pensjonijiet supplimentari attwali

Ir-riforma għandha tirrevedi l-qafas regolatorju għas-sistema tal-pensjonijiet supplimentari, bl-objettiv li tiżdied il-kopertura tal-iskemi tal-pensjonijiet okkupazzjonali miftiehma permezz ta' negozjar kollettiv, preferibbilment fuq livell settorjali. Il-qafas legali l-ġdid għall-iskemi tal-pensjoni okkupazzjonali għandu l-għan li jkopri ħaddiema mingħajr skemi ta' pensjoni okkupazzjonali fil-kumpaniji tagħhom u dawk li jaħdmu għal rashom li bħalissa ma għandhomx aċċess għal dawn l-iskemi tat-tieni pilastru.

Il-miżuri speċifiċi tar-riforma għandhom jinkludu:

- i. Il-ħolqien ta' fondi promossi pubblikament għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali, ġestiti mis-settur privat.
- ii. Inċentivi u bidliet regolatorji biex tiżdied il-kopertura tal-iskemi tal-pensjoni okkupazzjonali miftiehma permezz ta' negozjar kollettiv.

- iii. Simplifikazzjoni tal-proċeduri tal-iskemi tal-pensjoni.
- iv. Bidliet regolatorji għall-promozzjoni tal-mobbiltà tal-ħaddiema bejn kumpaniji u setturi differenti.
- v. Inċentivi fiskali għall-promozzjoni tal-parteciċipazzjoni fi skemi kollettivi tax-xogħol
- vi. Il-limitazzjoni tal-ispejjeż ta' ġestjoni għall-iskemi ta' okkupazzjoni kollettiva ta' inqas minn 0.30 % tal-assi mmaniġġjati.

L-implimentazzjoni tar-riforma bdiet permezz ta' dispożizzjonijiet fil-baġit ġenerali tal-istat għall-2021 li jċaqilqu l-inċentivi fiskali li qabel kienu assoċjati ma' skemi tal-pensjoni individwali favur l-iskemi kollettivi (miżura v. hawn fuq) u permezz tal-promozzjoni pubblika ta' fondi għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali (miżura i. hawn fuq).

Il-miżura għandha tiġi implimentata sat-30 ta' Ġunju 2022.

Riforma 6 (C30.R6) — Aġġustament tal-bażi massima tal-kontribuzzjoni

Ir-riforma għandha żżid il-bażi tal-kontribuzzjoni massima tas-sistema tal-pensjonijiet u taġġusta l-pensjonijiet massimi sabiex titwessa' l-bażi tal-kontribuzzjoni, tiżdied il-progressività tas-sistema tal-pensjonijiet u jiżdied id-dħul ġenerali. Il-miżuri huma konformi mar-rakkomandazzjonijiet tal-Patt Toledo. L-aġġustament tas-sistema huwa gradwali biex il-kontributori jkunu jistgħu jadattaw għall-bidliet. Il-pensjonijiet massimi u l-bażijiet massimi tal-kontribuzzjoni jiżdiedu b'mod korrispondenti bil-ħsieb li tinżamm in-natura kontributorja tas-sistema. Ir-riforma għandha tiġi implimentata gradwalment, matul it-tletin sena li ġejjin.

Il-miżura għandha tidħol fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2022.

AD.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Ara t-tabella ta' hawn taħt. Id-data tal-linja bażi għall-indikaturi kollha hija l-1 ta' Frar 2020 sakemm ma jkunx indikat mod ieħor fid-deskrizzjoni tal-azzjoni. L-ammonti fit-tabella ma jinkludux il-VAT.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
406	C30.R1	M	Separazzjoni tal-finanzjament għas-Sigurtà Soċjali	Dispożizzjoni tal-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tagħha				Q-4	2020	Dħul fis-seħħ tal-Liġi 11/2020, tat-30 ta' Diċembru, dwar il-Baġit Ġenerali tal-Istat tal-2021, tas-separazzjoni tas-sorsi ta' finanzjament għas-Sigurtà Soċjali. Kull sena, l-Istat għandu jitttrasferixxi lis-sistema tas-Sigurtà Soċjali ammont ekwivalenti għan-nefqa mhux kontributorja. Dan għandu jippermetti t-tnaqqis tad-defiċit tas-Sigurtà Soċjali u t-trasferiment tiegħu lill-Amministrazzjoni Ċentrali, li għandha l-għodod adegwati biex tindirizzah. Għandu wkoll ineħħi d-dubji dwar is-solvenza tas-sistema li ttejjeb il-kundizzjonijiet biex jiġu indirizzati l-isfidi fuq terminu medju u twil. Il-liġi tal-Baġit tal-Istat tal-2021 għandha tipprevedi l-ewwel pass u pass sinifikanti f'din id-direzzjoni.
407	C30.R2	M	Iż-żamma tal-kapaċità tal-akkwist tal-pensjonijiet u l-allinjament tal-età effettiva tal-irtirar u l-età legali tal-irtirar	Dispożizzjoni tal-leġislazzjoni li tindika d-dħul fis-seħħ tagħha				Q-4	2021	Id-dħul fis-seħħ tal-leġislazzjoni ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali bl-għan li: a) Il-manutenzjoni tal-kapaċità tal-akkwist tal-pensjonijiet: se jiġi żviluppat mekkaniżmu ġdid ta' rivalutazzjoni li jorbot il-pensjonijiet mal-inflazzjoni biex jiġi żgurat li l-kapaċità tal-akkwist tal-pensjonanti tkun garantita b'mod permanenti. b) Allinjament tal-età effettiva tal-irtirar u l-età legali tal-irtirar: l-għoti ta' inċentivi għad-dewmien tal-irtirar, inklużi aktar inċentivi ekonomiċi u l-promozzjoni tar-rikonċiljazzjoni bejn ix-xogħol u l-irtirar sabiex tiżdied il-parteċipazzjoni fix-xogħol f'etajiet qrib l-età legali tal-irtirar u jiġi pospost l-irtirar.
408	C30.R2	M	Aġġustament tal-perjodu ta' komputazzjoni għall-kalkolu tal-pensjoni tal-irtirar	Dispożizzjoni tal-leġislazzjoni li tindika d-dħul fis-seħħ tagħha				Q-4	2022	Id-dħul fis-seħħ tal-leġislazzjoni għall-aġġustament tal-perjodu ta' komputazzjoni, li jestendi l-perjodu ta' komputazzjoni għall-kalkolu tal-pensjoni tal-irtirar.
409	C30.R2	M	Sostituzzjoni tal-fattur ta' sostenibbiltà b'mekkaniżmu ta' ekwità interġenerazzjonali	Dispożizzjoni tal-leġislazzjoni li tindika d-dħul fis-seħħ tagħha				Q-4	2022	Id-dħul fis-seħħ tal-leġislazzjoni tas-sostituzzjoni tal-fattur ta' sostenibbiltà attwali li jorbot il-pensjonijiet mal-istennija tal-għomor ma' mekkaniżmu li jiggarrantixxi l-ekwità interġenerazzjonali u s-sostenibbiltà baġitarja billi jaġġusta għall-bidliet demografiċi.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
410	C30.R2	M	Projezzjonijiet aġġornati li juru kif ir-riformi tal-pensjonijiet imwettqa fl-2021 u l-2022 jiżguraw sostenibbiltà fiskali fit-tul	Pubblikazzjoni ta' rapport dwar is-Sit Web tas-Sigurtà Soċjali				Q-4	2022	Pubblikazzjoni ta' projezzjonijiet aġġornati li juru kif ir-riformi tal-pensjonijiet imwettqa fl-2021 u l-2022 jiżguraw sostenibbiltà fiskali fit-tul, filwaqt li jitqies ukoll l-impatt ta' riformi strutturali oħra, bħar-riformi tas-suq tax-xogħol.
411	C30.R3	M	Riforma tas-sistema ta' kontribuzzjoni tas-Sigurtà Soċjali għal dawk li jaħdmu għal rashom	Dispożizzjoni tal-leġislazzjoni li tindika d-dħul fis-seħħ tagħha				Q-2	2022	Id-dħul fis-seħħ tal-leġislazzjoni tar-riforma tas-sistema tal-kontribuzzjoni tas-Sigurtà Soċjali għal dawk li jaħdmu għal rashom, li gradwalment iċċaqlaq is-sistema ta' kontribuzzjoni biex tkun ibbażata fuq l-introjt reali.
412	C30.R4	M	Simplifikazzjoni taż-żidiet tal-maternità	Dispożizzjoni tal-RDL li tindika d-dħul fis-seħħ tiegħu				Q-1	2021	Dħul fis-seħħ tad-Digriet Amministrattiv Irjali 3/2021 tat-3 ta' Frar 2021, dwar is-simplifikazzjoni taż-żidiet tal-maternità. Sabiex ikun hemm konformità mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Diċembru 2019, is-supplimentazzjonijiet tal-pensjonijiet għandhom jiġu ssimplifikati u ffokati fuq it-tnaqqis tad-differenza bejn il-ġeneri. Għandu jiġi introdott pagament fiss għall-ġenituri li l-ħajja tax-xogħol tagħhom tkun inbidlet immedjatament wara l-istat ta' ġenitur.
413	C30.R5	M	Rieżami tal-ħelsien mit-taxxa relatat mas-sistema tal-pensjonijiet supplimentari attwali	Dispożizzjoni tal-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjoni finali 11 u l-Artikolu 62				Q-4	2020	Dħul fis-seħħ tal-Liġi 11/2020, ta' Diċembru 30, dwar il-Baġit Ġenerali tal-Istat tal-2021, tar-rieżami tal-ħelsien mit-taxxa relatat mas-sistema tal-pensjonijiet supplimentari attwali. Id-dritt għal ħelsien mit-taxxa għandu jiġi ttrasferit minn pjanijiet individwali ta' pensjoni privata għal skemi ta' pensjoni okkupazzjonali bbażati fuq ftehimiet kollettivi ta' impjeg. Id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Liġi tal-Baġit għall-introduzzjoni tal-qafas il-ġdid huma d-dispożizzjoni finali tal-LPGE 11 u l-Artikolu 62.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
414	C30.R5	M	Rieżami tas-sistema tal-pensjonijiet supplimentari attwali	Dispożizzjoni tal-leġislazzjoni li tindika d-dħul fis-seħħ tagħha				Q-2	2022	Id-dħul fis-seħħ tal-leġislazzjoni tar-reviżjoni tas-sistema tal-pensjonijiet supplimentari attwali għall-promozzjoni tal-iskemi tal-pensjonijiet permezz tal-ħolqien mill-Amministrazzjoni tal-fondi tal-pensjonijiet miftuħa għall-kumpaniji u l-ħaddiema kollha.
415	C30.R6	M	Aġġustament tal-bażi tal-kontribuzzjoni massima	Dispożizzjoni tal-leġislazzjoni li tindika d-dħul fis-seħħ tagħha				Q-4	2022	Dħul fis-seħħ tal-leġislazzjoni għall-aġġustament tal-bażi tal-kontribuzzjoni massima: iż-żieda gradwali tal-bażi tal-kontribuzzjoni massima tas-sistema u l-aġġustament tal-pensjonijiet massimi sabiex titwessa' l-bażi tal-kontribuzzjoni u l-progressività tas-sistema u biex jiżdied id-dħul ġenerali.

AE. IL-KOMPONENT 31: KAPITOLU REPOWEREU

L-oġġettiv tal-kapitolu REPowerEU huwa li jnaqqas id-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili u b'mod partikolari, li jissimplifika l-ġħoti ta' permessi għal networks tal-elettriku u proġetti tal-enerġija rinnovabbli ġodda, jappoġġa l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u tal-idroġenu rinnovabbli, itejjeb il-katina tal-valur għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli u jagħti spinta lid-dekarbonizzazzjoni industrijali.

Il-komponent jindirizza r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż relatati mat-tnaqqis tad-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili fl-2022 u fl-2023. Dan jikkontribwixxi b'miżuri biex jiġi aċċellerat l-użu tal-enerġija rinnovabbli, b'enfasi fuq l-installazzjonijiet deċentralizzati u l-awtokonsum, inkluż billi jiġu ssimplifikati aktar il-proċeduri għall-ġħoti ta' permessi u jittejjeb l-aċċess għall-grilja. Tappoġġa wkoll l-investment komplementari fil-ħżin, fl-infrastruttura tan-network u fl-idroġenu rinnovabbli (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 4 2022 u r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2023).

L-ebda miżura f'dan il-komponent ma għandha tikkawża ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li titqies id-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika dwar id-DNSH (2021/C58/01).

AE.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma 1 (C31.R1) — Riforma li ttejjeb l-ġħoti ta' permessi għal proġetti ta' produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u infrastruttura tan-network tal-elettriku

L-għan tar-riforma huwa doppju. L-ewwel nett, li jiġu ssimplifikati l-proċeduri għall-ġħoti ta' permessi għall-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u għall-infrastruttura tan-network tal-elettriku u t-tieni, li jiġi ssimplifikat l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-permessi. Fir-rigward tal-ewwel oġġettiv, ir-riforma għandha tikkonsisti f'leġiżlazzjoni li tissimplifika l-proċeduri għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli u għall-infrastruttura tan-network tal-elettriku. F'dan ir-rigward, ir-riforma għandha tinkludi l-elementi li ġejjin:

- is-simplifikazzjoni tal-proċeduri għal ċerti kategoriji ta' proġetti, inklużi l-valutazzjoni tal-impatt ambjentali u l-proċedura ta' awtorizzazzjoni;
- il-kjarifika u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv għal ċerti proġetti fir-rigward tal-injezzjoni ta' gassijiet rinnovabbli fin-network tal-gass;
- L-istabbiliment ta' skadenza meta s-CNMC jeħtieġ li joħroġ rapport dwar l-awtorizzazzjoni ta' proġetti ġodda tal-enerġija rinnovabbli;
- It-tneħħija tar-restrizzjonijiet għall-użu tal-awtokonsum u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri għall-ġħoti ta' permessi tagħhom;
- It-titjib tal-allokazzjoni tal-kapaċità tan-network.

Fir-rigward tat-tieni oġġettiv, ir-riforma għandha tinvolvi l-istabbiliment ta' unità amministrattiva ġdida fi ħdan l-amministrazzjoni ċentrali biex tappoġġa l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-permessi ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2023.

Investiment 1 (C31.I1) — Investiment li jippromwovi l-awtokonsum (ibbażat fuq l-enerġija rinnovabbli u l-ħżin wara l-miter) u l-komunitajiet tal-enerġija

Dan l-investiment huwa żieda fil-miżuri C7.I1, C7.R3 u C8.I1. L-għan ta' dan l-investiment huwa li jippromwovi l-applikazzjonijiet tal-awtokonsum, il-ħżin wara l-miter u l-komunitajiet tal-enerġija. L-investiment għandu jappoġġa dan li ġej:

- applikazzjonijiet ta' awtokonsum integrati fil-bini jew fil-proċessi tal-produzzjoni, u li huma bbażati fuq teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli jew soluzzjonijiet ta' ħżin wara l-miter; u għal
- inizjattivi mwettqa mill-komunitajiet tal-enerġija, jew permezz tal-installazzjoni ta' enerġija rinnovabbli jew soluzzjonijiet ta' effiċjenza enerġetika jew billi jitwettqu proċessi ta' bini parteċipattiv u komunitarju.

L-istrumenti legali taħt C7.I1, C7.R3 u C8.I1 jistgħu jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni ta' din il-miżura sakemm ma jinvolvox finanzjament doppju.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

Investiment 2 (C31.I2) — Skema li tappoġġa l-produzzjoni u l-użu tal-idroġenu rinnovabbli

Din il-miżura għandha tikkonsisti f'investiment pubbliku fi skema ta' appoġġ li tkopri s-sussidji u, potenzjalment, l-ekwiż, inkluż il-kapital ta' riskju, biex tappoġġa l-produzzjoni u l-użu tal-idroġenu rinnovabbli. L-iskema għandha topera billi tipprovdi inċentivi finanzjarji permezz tal-ġhoti ta' ġhotijiet jew investimenti ta' ekwiż, inkluż kapital ta' riskju, lis-settur privat, kif ukoll lill-entitajiet tas-settur pubbliku involuti f'attivitajiet simili. Abbażi tal-investiment tal-RRF, l-iskema ta' appoġġ għandha l-għan li inizjalment tipprovdi mill-inqas EUR 1 600 000 000 ta' finanzjament. L-iskema għandha tkun ġestita mill- "Instituto de Diversificación y Ahorro de la Energía" (IDAE) bħala s-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni.

Sabiex timplimenta l-investiment fl-iskema, Spanja għandha tadotta strument legali wieħed jew aktar (fil-każ ta' investimenti ta' ekwiż, dan l-istrument ikun politika ta' investiment li għandha tiġi approvata mill-IDAE), li jistabbilixxi l-iskema, li għandha tinkludi l-elementi li ġejjin:

1. Il-lista ta' attivitajiet eliġibbli għall-appoġġ li għandha tkun mill-inqas waħda minn dawn li ġejjin:
 - L-appoġġ għall-innovazzjoni fil-katina tal-valur u l-bażi tal-għarfien għall-idroġenu rinnovabbli: din il-fergħa tista' tinkludi r-riċerka u l-iżvilupp, it-trasferiment tat-teknoloġija u s-sistemi u l-komponenti tal-manifattura u tal-ittestjar.
 - L-istabbiliment ta' raggruppamenti tal-idroġenu rinnovabbli li jintegraw il-produzzjoni, l-iżvilupp u l-konsum fuq skala kbira.
 - L-iżvilupp ta' proġetti "pijunieri", li jippermettu l-introduzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli fuq skala iżgħar f'setturi differenti bħall-industrija, il-ġenerazzjoni tal-elettriku, l-użi termali u t-trasport.
 - L-appoġġ għall-integrazzjoni tas-sistema Spanjola tal-idroġenu rinnovabbli fis-sistema Ewropea, pereżempju, l-appoġġ għall-kumpaniji fi proġetti Ewropej bħal fl-inizjattivi tal-IPCEI. Il-proġetti li jirriżultaw taħt dawn l-inizjattivi tal-IPCEI għandhom jaqgħu taħt it-tliet attivitajiet eliġibbli għall-appoġġ imsemmija qabel (katina tal-valur, raggruppamenti, proġetti pijunieri).
2. Deskrizzjoni tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-iskema: L-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet u l-għażla tal-benefiċjarji li għandhom jiġu inklużi fid-deċiżjonijiet finali ta'

għoti jew deċiżjonijiet ta' investiment taħt l-iskema għandhom jittieħdu minn kumitat ta' investiment jew kumitat ta' evalwazzjoni teknika u approvati b'maġġoranza ta' voti minn membri li huma indipendenti mill-gvern, li jfisser li jridu jkunu jew persunal impjegat mill-IDAE u/jew esperti indipendenti oħra. Id-deċiżjonijiet finali ta' għoti jew deċiżjonijiet ta' investiment taħt l-iskema għandhom ikunu limitati għall-approvazzjoni (mingħajr modifiki) jew għall-eżerċizzju ta' dritt ta' veto fuq deċiżjoni ta' għoti jew deċiżjoni ta' investiment proposta mill-kumitat tal-investiment jew korp governattiv ekwivalenti rilevanti. Fil-każ li xi wiehied mill-applikanti jipparteċipa mill-IDAE u l-baġit għal dik is-sejħa ma jkunx biżżejjed biex ikopri l-applikazzjonijiet kollha riċevuti, il-proċess ta' evalwazzjoni għandu jiġi awditjat esternament kif previst fil- "Plan de Mitigación de Potenciales Conflictos de Interés en Sociedades Participadas" tal-IDAE.

3. Ir-rekwiżit ta' konformità mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" (DNSH) skont il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza kif stabbilit fil-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). Fil-każ ta' appoġġ ġenerali lil korporattivi (inklużi ekwità u kapital ta' riskju), l-istrument (i) legali għandhom jeskludu kumpaniji b'fokus sostanzjali²¹⁴ fis-setturi li ġejjin: (I) il-produzzjoni tal-enerġija bbażata fuq il-fjuwils fossili u attivitajiet relatati²¹⁵; (II) l-industriji intensivi fl-enerġija u/jew b'emissjonijiet għoljin ta' CO₂²¹⁶; (III) il-produzzjoni, il-kiri, jew il-bejgħ ta' vetturi li jniġġsu²¹⁷; (IV) il-ġbir tal-iskart, it-trattament u r-rimi tal-iskart²¹⁸, (v) l-ipproċessar tal-fjuwil nukleari, il-produzzjoni tal-enerġija nukleari. Barra minn hekk, l-istrument (i) legali għandhom jirrikjedu konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u dik nazzjonali tal-benefiċjarji finali tal-iskemi ta' sussidju.
4. Ir-rekwiżit li l-benefiċjarji finali tal-Faċilità ma għandhomx jirċievu appoġġ minn strumenti oħra tal-Unjoni biex ikopru l-istess kost.

²¹⁴ Huwa kkunsidrat li Benefiċjarju Finali għandu "fokus sostanzjali" fuq settur jew attività ta' negozju jekk tali settur jew attività tkun identifikata bħala parti essenzjali tal-attività tan-negozju tal-Benefiċjarju Finali rispettivament fir-rigward tad-dħul gross, il-profitt, jew il-bażi tal-klijenti tal-Benefiċjarju Finali. Id-dħul gross iġġenerat mis-settur jew mill-attività ristretta ma għandux, fi kwalunkwe każ, jaqbeż il-50 % tad-dħul gross.

²¹⁵ Ħlief għal (a) assi u attivitajiet fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll infrastruttura relatata ta' trażmissjoni u distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01); u (b) l-attivitajiet u l-assi skont il-punt (ii) li għalihom l-użu tal-fjuwils fossili huwa temporanju u teknikament inevitabbli għat-tranżizzjoni f'waqtha lejn operazzjoni ħielsa mill-fjuwils fossili.

²¹⁶ Inklużi attivitajiet u assi taħt is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumix inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti. Meta l-attività appoġġata tikseb l-emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumix aktar baxxi b'mod sinifikanti mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

²¹⁷ Il-vetturi li jniġġsu huma definiti bħala vetturi mingħajr emissjonijiet.

²¹⁸ L-esklużjoni iegħu ma tapplikax għal azzjonijiet f'impjanti ddedikati esklużivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini ta' żieda fl-effiċjenza enerġetika, il-qbid tal-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant

5. L-ammont kopert mill-iskema u r-rekwiżit li jiġi investit mill-ġdid kwalunkwe rikavat mhux użat mill-iskema fl-attivitajiet bħal dawk elenkati hawn fuq, inkluż lil hinn mill-2026.
6. Rekwiżiti ta' rapportar għall-investiment fil-klima għall-iskema ta' sussidju²¹⁹.
7. Għal investimenti ta' ekwità, inkluż il-kapital ta' riskju, ir-rekwiżiti ewlenin tal-politika ta' investiment fir-rigward tal-ġoti possibbli ta' fondi għal investimenti ta' ekwità, inkluż il-kapital ta' riskju għandhom jinkludu:
 - a) Id-deskrizzjoni tal-linji tal-prodott (i) finanzjarju/i u l-benefiċjarji finali eliġibbli
 - b) Ir-rekwiżit li l-investimenti kollha appoġġati jkunu ekonomikament vijabbli.
8. Għal investimenti ta' ekwità, inkluż il-kapital ta' riskju, ir-rekwiżiti ta' monitoraġġ, awditjar u kontroll li ġejjin:
 - a) Id-deskrizzjoni tas-sistema ta' monitoraġġ tal-IDAE biex tirrapporta dwar l-investiment mobilizzat.
 - b) Id-deskrizzjoni tal-proċeduri tal-IDAE li se jiżguraw il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni ta' frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess.
 - c) L-obbligu li tiġi vverifikata l-eliġibbiltà ta' kull operazzjoni f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-att legali rilevanti li jistabbilixxi l-iskema qabel l-impenn li tiġi ffinanzjata operazzjoni.
 - d) L-obbligu li jitwettqu awditi ex post ibbażati fuq ir-riskju f'konformità ma' pjan tal-awditjar tal-IDAE. Dawn l-awditi għandhom jivverifikaw i) li s-sistemi ta' kontroll huma effettivi, inkluż l-identifikazzjoni ta' frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess; II) il-konformità mal-prinċipju DNSH, ir-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat, ir-rekwiżiti tal-mira klimatika u diġitali; u iii) li r-rekwiżit li l-IDAE tivverifika li tiġi ppreżentata dikjarazzjoni responsabbli mill-benefiċjarju finali biex jiġi kkontrollat jekk l-istess kost huwiex kopert minn strument ieħor tal-Unjoni jiġi rrispettat. L-awditi għandhom jivverifikaw ukoll il-legalità tat-tranżazzjonijiet u li l-kundizzjonijiet tal-istrument (i) legali applikabbli li jistabbilixxu l-iskema qed jiġu rrispettati.

L-investiment għandu jiġi implimentat sal-31 ta' Awwissu 2026.

Investiment 3 (C31.I3) — Skema ta' sussidji biex tappoġġa l-katina tal-valur tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli u l-ħżin

Din il-miżura għandha tikkonsisti f'investiment pubbliku fi skema ta' appoġġ li tkopri s-sussidji u, potenzjalment, l-ekwità, inkluż il-kapital ta' riskju, biex tappoġġa l-katina tal-valur tal-enerġija rinnovabbli u l-ħżin. L-iskema għandha topera billi tipprovdi inċentivi finanzjarji permezz tal-ġoti ta' għotjiet jew investimenti ta' ekwità, inkluż kapital ta' riskju, lis-settur privat, kif ukoll lill-entitajiet tas-settur pubbliku involuti f'attivitajiet simili. Abbażi tal-investiment tal-RRF, l-iskema ta' appoġġ

²¹⁹ Il-benefiċjarji finali assoċjati ma' proġetti speċifiċi għandhom ikunu meħtieġa jipprovdu ġustifikazzjoni tal-qasam ta' intervent magħżul għal kull proġett appoġġat, flimkien ma' deskrizzjoni tal-proġett, għall-fini tal-komputazzjoni tal-kontribuzzjoni għall-klima. Għall-fini tal-komputazzjoni tal-kontribuzzjoni għall-klima, fil-każ ta' ekwità, kważi ekwità, bonds korporattivi jew strumenti ekwivalenti mhux immirati lejn proġetti speċifiċi, għandhom jintużaw kriterji li jirrikjedu li mill-inqas 90 % tad-dħul tar-riċevitur matul is-sena finanzjarja preċedenti jew id-dħul futur skont pjan ta' direzzjoni tan-negozju jiġu ġġenerati/se jiġu ġġenerati minn attività li tikkonforma mal-kriterji rilevanti li jirriżultaw mill-oqsma ta' intervent applikabbli fl-Anness VI tar-Regolament RRF. Il-benefiċjarji finali minn ekwità, kważi ekwità, bonds korporattivi jew strumenti ekwivalenti mhux immirati lejn proġetti speċifiċi għandhom jipprovdu ġustifikazzjoni għall-qasam/oqsma ta' intervent magħżul/magħżula. Is-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni għandu jkun meħtieġ ukoll jipprovdi lill-Istat Membru rapport semiannwali dwar l-implimentazzjoni ta' kull proġett/attività.

għandha l-għan li inizjalment ttipprovdi mill-inqas EUR 1 000 000 000 ta' finanzjament. L-iskema għandha tkun ġestita mill- “Instituto de Diversificación y Ahorro de la Energía” (IDAE) bħala s-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni.

Sabiex jimplimenta l-investment, il-gvern għandu jadotta strument legali wieħed jew aktar (fil-każ ta' investimenti ta' ekwità, dan l-istrument ikun politika ta' investment li għandha tiġi approvata mill-IDAE) li jistabbilixxi l-iskema, li għandha tinkludi l-elementi li ġejjin:

1. Il-lista ta' attivitajiet eliġibbli għall-appoġġ, li għandha tkun mill-inqas waħda minn dawn li ġejjin: id-disinn, il-manifattura, il-ħżin, ir-riċiklaġġ jew ir-riċerka u l-iżvilupp ta' teknoloġiji u komponenti rilevanti għat-tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet żero netti. Eżempji ta' daww it-teknoloġiji jew komponenti jinkludu batteriji, pannelli solari, turbini eoliċi u pompi tas-sħana. L-irkupru tal-materja prima meħtieġa għall-manifattura ta' daww it-teknoloġiji jista' jiġi appoġġat ukoll.
2. Deskrizzjoni tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-iskema: L-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet u l-għażla tal-benefiċjarji li għandhom jiġu inklużi fid-deċiżjonijiet finali ta' għoti jew deċiżjonijiet ta' investment taħt l-iskema għandhom jittieħdu minn kumitat ta' investment jew kumitat ta' evalwazzjoni teknika u approvati b'maġġoranza ta' voti minn membri li huma indipendenti mill-gvern, li jfisser li jridu jkunu jew persunal impjegat mill-IDAE u/jew esperti indipendenti oħra. Deċiżjonijiet finali ta' għoti jew deċiżjonijiet ta' investment taħt l-iskema ta' sussidju għandhom ikunu limitati għall-approvazzjoni (mingħajr modifiki) jew għall-eżerċizzju ta' dritt ta' veto fuq deċiżjoni ta' għoti jew deċiżjoni ta' investment proposta mill-kumitat tal-investment jew korp governattiv ekwivalenti rilevanti. Fil-każ li xi wieħed mill-applikanti jipparteċipa mill-IDAE u l-baġit għal dik is-sejħa ma jkunx biżżejjed biex ikopri l-applikazzjonijiet kollha riċevuti, il-proċess ta' evalwazzjoni għandu jiġi awditjat esternament kif previst fil- “Plan de Mitigación de Potenciales Conflictos de Interés en Sociedades Participadas” tal-IDAE.
3. Ir-rekwiżit ta' konformità mal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” (DNSH) skont il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza kif stabbilit fil-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). B'mod partikolari, l-istrument (i) legali għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejja: (I) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream²²⁰; (II) attivitajiet taħt l-iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li ma jkunux inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti²²¹; u (iii) attivitajiet relatati ma' miżblat tal-iskart, incineraturi²²² u impjanti tat-

²²⁰ Ħlief (a) proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll infrastruttura relatata tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, li jużaw il-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika “La tagħmilx ħsara sinifikanti” (2021/C58/01); u (b) l-attivitajiet u l-assi skont il-punt (ii) li għalihom l-użu tal-fjuwils fossili huwa temporanju u teknikament inevitabbli għat-tranżizzjoni f'waqtha lejn operazzjoni ħielsa mill-fjuwils fossili.

²²¹ Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li mhumiex sostanzjalment anqas mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

²²² Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li

trattament mekkaniku u bijologiku²²³. Fil-każ ta' appoġġ ġenerali lil korporattivi (inklużi ekwità u kapital ta' riskju), l-istrument (i) legali għandhom jeskludu kumpaniji b'fokus sostanzjali²²⁴ fis-setturi li ġejjin: (I) il-produzzjoni tal-enerġija bbażata fuq il-fjuwils fossili u attivitajiet relatati²²⁵; (II) l-industriji intensivi fl-enerġija u/jew b'emissjonijiet għoljin ta' CO₂²²⁶; (III) il-produzzjoni, il-kiri, jew il-bejgħ ta' vetturi li jniġġsu²²⁷; (IV) il-ġbir tal-iskart, it-trattament u r-rimi tal-iskart²²⁸, (v) l-ipproċessar tal-fjuwil nukleari, il-produzzjoni tal-enerġija nukleari. Barra minn hekk, l-istrument (i) legali għandhom jirrikjedu konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u dik nazzjonali tal-benefiċjarji finali tal-iskemi ta' sussidju.

4. Rekwiżiti għall-investimenti klimatiċi għall-iskema ta' sussidju: mill-inqas EUR 902 000 000 tal-investimenti fl-iskema ta' sussidju, għandhom jikkontribwixxu għall-oġettiv tat-tibdil fil-klima f'konformità mal-Anness VI tar-Regolament RRF.²²⁹
5. Ir-rekwiżit li l-benefiċjarji finali tal-Faċilità ma għandhomx jirċievu appoġġ minn strumenti oħra tal-Unjoni biex ikopru l-istess kost.

tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

²²³ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza fir-riżorsi jew il-modifika retroattiva għal operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

²²⁴ Huwa kkunsidrat li Benefiċjarju Finali għandu "fokus sostanzjali" fuq settur jew attività ta' negozju jekk tali settur jew attività tkun identifikata bħala parti essenzjali tal-attività tan-negozju tal-Benefiċjarju Finali rispettivament fir-rigward tad-dħul gross, il-profitt, jew il-bażi tal-klijenti tal-Benefiċjarju Finali. Id-dħul gross iġġenerat mis-settur jew mill-attività ristretta ma għandux, fi kwalunkwe każ, jaqbeż il50 % tad-dħul gross.

²²⁵ Ħlief għal (a) assi u attivitajiet fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll infrastruttura relatata ta' trażmissjoni u distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01); u (b) l-attivitajiet u l-assi skont il-punt (ii) li għalihom l-użu tal-fjuwils fossili huwa temporanju u teknikament inevitabbli għat-tranżizzjoni f'waqtha lejn operazzjoni ħielsa mill-fjuwils fossili.

²²⁶ Inklużi attivitajiet u assi taħt is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumix inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti. Meta l-attività appoġġata tikseb l-emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumix aktar baxxi b'mod sinifikanti mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwix possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

²²⁷ Il-vetturi li jniġġsu huma definiti bħala vetturi mingħajr emissjonijiet.

²²⁸ L-esklużjoni tiegħu ma tapplikax għal azzjonijiet f'impjanti ddedikati esklużivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini ta' żieda fl-effiċjenza enerġetika, il-qbid tal-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

²²⁹ Il-benefiċjarji finali assoċjati ma' proġetti speċifiċi għandhom ikunu meħtieġa jipprovdu ġustifikazzjoni tal-qasam ta' intervent magħżul għal kull proġett appoġġat, flimkien ma' deskrizzjoni tal-proġett, għall-fini tal-komputazzjoni tal-kontribuzzjoni għall-klima. Għall-fini tal-komputazzjoni tal-kontribuzzjoni għall-klima, fil-każ ta' ekwità, kważi ekwità, bonds korporattivi jew strumenti ekwivalenti mhux immirati lejn proġetti speċifiċi, għandhom jintużaw kriterji li jirrikjedu li mill-inqas 90 % tad-dħul tar-riċevitur matul is-sena finanzjarja preċedenti jew id-dħul futur skont pjan ta' direzzjoni tan-negozju jiġu ġġenerati/se jiġu ġġenerati minn attività li tikkonforma mal-kriterji rilevanti li jirriżultaw mill-oqsma ta' intervent applikabbli fl-Anness VI tar-Regolament RRF. Il-benefiċjarji finali minn ekwità, kważi ekwità, bonds korporattivi jew strumenti ekwivalenti mhux immirati lejn proġetti speċifiċi għandhom jipprovdu ġustifikazzjoni għall-qasam/oqsma ta' intervent magħżul/magħżula. Is-sieheeb inkarigat mill-implimentazzjoni għandu jkun meħtieġ ukoll jipprovdi lill-Istat Membru rapport semiannwali dwar l-implimentazzjoni ta' kull proġett/attività.

6. L-ammont kopert mill-iskema u r-rekwiżit li jiġi investit mill-ġdid kwalunkwe rikavat mhux użat mill-iskema fl-attivitàjiet bħal dawk elenkati hawn fuq, inkluż lil hinn mill-2026.
7. Għal investimenti ta' ekwità, inkluż il-kapital ta' riskju, ir-rekwiżiti ewlenin tal-politika ta' investiment għandhom jinkludu:
 - a) Id-deskrizzjoni tal-linji tal-prodott (i) finanzjarju/i u l-benefiċjarji finali eliġibbli
 - b) Ir-rekwiżit li l-investimenti kollha appoġġati jkunu ekonomikament vijabbli.
8. Għal investimenti ta' ekwità, inkluż il-kapital ta' riskju, ir-rekwiżiti ta' monitoraġġ, awditjar u kontroll li ġejjin:
 - a) Id-deskrizzjoni tas-sistema ta' monitoraġġ tal-IDAE biex tirrapporta dwar l-investiment mobilizzat.
 - b) Id-deskrizzjoni tal-proċeduri tal-IDAE li se jiżguraw il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni ta' frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess.
 - c) L-obbligu li tiġi vverifikata l-eliġibbiltà ta' kull operazzjoni f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-att legali rilevanti li jistabbilixxi l-iskema qabel l-impenn li tiġi ffinanzjata operazzjoni.
 - d) L-obbligu li jitwettqu awditi ex post ibbażati fuq ir-riskju f'konformità ma' pjan tal-awditjar tal-IDAE. Dawn il-verifiki għandhom jivverifikaw: I) li s-sistemi ta' kontroll huma effettivi, inkluż l-identifikazzjoni ta' frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess; II) il-konformità mal-prinċipju DNSH, ir-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat, ir-rekwiżiti tal-mira klimatika u diġitali; u iii) li r-rekwiżit li l-IDAE tivverifika li tiġi ppreżentata dikjarazzjoni responsabbli mill-benefiċjarju finali biex jiġi kkontrollat jekk l-istess kost huwiex kopert minn strument ieħor tal-Unjoni jiġi rrispettat. L-awditi għandhom jivverifikaw ukoll il-legalità tat-tranżazzjonijiet u li l-kundizzjonijiet tal-istrument (i) legali applikabbli li jistabbilixxu l-iskema qed jiġu rrispettati.

L-investiment għandu jiġi implimentat sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 4 (C31.I4) — Investiment li jappoġġa l-infrastruttura tan-network tal-elettriku

L-oġġettiv ta' dan l-investiment huwa li jappoġġa l-iżvilupp tan-network Spanjol tat-trażmissjoni tal-elettriku. L-investiment għandu jikkonsisti fit-tlestija ta' proġetti eliġibbli fi ħdan il-Pjan Spanjol għall-iżvilupp tan-network 2021–2026 (“il-Pjan”). Qabel ma tagħti l-appoġġ, Spanja se tistabbilixxi l-kriterji ta' eliġibbiltà li l-proġetti li għandhom jintgħażlu mill-Pjan Spanjol għall-iżvilupp tan-network 2021–2026 għandhom jissodisfaw abbażi ta':

- Proġetti li jissodisfaw l-oġġettivi tar-REPowerEU, u b'mod partikolari dawk li jikkontribwixxu għall-integrazzjoni tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli, għad-dekarbonizzazzjoni industrijali, għat-trasport b'emissjonijiet żero u għall-indirizzar tal-konġestjonijiet interni; u għal
- proġetti li għandhom jitlestew sal-31 ta' Awwissu 2026.

L-investiment għandu jiġi implimentat sal-31 ta' Awwissu 2026.

Investiment 5 (C31.I5) — Investiment li jappoġġa d-dekarbonizzazzjoni industrijali (għotjiet)

L-oġġettiv ta' din il-miżura, li hija parti mill-proġett strateġiku għad-dekarbonizzazzjoni industrijali, huwa li tappoġġa d-dekarbonizzazzjoni tal-proċessi industrijali. Il-miżura għandha tikkonsisti fl-implimentazzjoni ta' proġetti mmirati lejn id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija tal-manifattura, pereżempju proġetti li għandhom l-għan li jnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, kif ukoll l-iżvilupp ta' faċilitajiet ġodda ta' manifattura effiċjenti ħafna u dekarbonizzati.

Id-Deċiżjoni li tapprova l-PERTE għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija għandu jkun fiha kriterji tal-għażla biex tiġi żgurata l-konformità mal-Gwida Teknika “La tagħmilx ħsara sinifikanti” (2021/C58/01). Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika “Bla ħsara sinifikanti” (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu f'termini ta' referenza għal sejħiet għal proġetti li ġejjin għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejja: (I) attivitajiet taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li ma jkunux inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti²³⁰; (II) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream, barra mis-Sistemi għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS)²³¹. Il-kriterji tal-għażla għandhom jirrikjedu wkoll li jistgħu jintgħażlu biss attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

L-azzjonijiet R & I li ġejjin taħt dan l-investiment għandhom jitqiesu konformi mal-Gwida Teknika “La tagħmilx ħsara sinifikanti” (2021/C58/01): L-azzjonijiet tar-R & I taħt dan l-investiment

²³⁰ Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li mhumieq sostanzjalment anqas mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

²³¹ Ħlief għal (a) proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll infrastruttura relatata tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika “La tagħmilx ħsara sinifikanti” (2021/C58/01); u (b) l-attivitajiet u l-assi skont il-punt (i) li għalihom l-użu tal-fjuwils fossili huwa temporanju u teknikament inevitabbli għat-tranżizzjoni f'waqtha lejn operazzjoni ħielsa mill-fjuwils fossili.

iddedikati għaż-żieda sostanzjali tas-sostenibbiltà ambjentali tal-kumpaniji (bħad-dekarbonizzazzjoni, it-tnaqqis tat-tniġġis u l-ekonomija ċirkolari) jekk l-enfasi primarja tal-azzjonijiet tar-R & Itaħt dan l-investiment tkun fuq l-iżvilupp jew l-adattament ta' alternattivi bl-inqas impatti ambjentali possibbli fis-settur.

Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw li mill-inqas EUR 236 000 000, li jirrappreżentaw 40 % tal-kost stmat tal-miżura, jikkontribwixxu għall-oġġettivi tat-tibdil fil-klima, f'konformità mal-Anness VI tar-Regolament RRF²³²

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

Investiment 6 (C31.I6) — Skema ta' sussidju għal proġetti ta' dekarbonizzazzjoni (għotjiet)

Din il-miżura għandha tikkonsisti f'investiment pubbliku fi skema ta' sussidju pubbliku sabiex jiġi inċentivat l-investiment privat. L-iskema għandha tippromwovi d-dekarbonizzazzjoni tal-proċessi industrijali, u l-iżvilupp ta' faċilitajiet tal-manifattura ġodda effiċjenti ħafna u dekarbonizzati fil-kuntest tal-proġett strateġiku DECARB (PERTE) approvat mill-Kunsill tal-Ministri. Abbażi tal-investiment tal-RRF, l-iskema ta' sussidju għandha l-għan li inizjalment tipprovdi mill-inqas EUR 430 000 000 ta' finanzjament.

L-iskema għandha tiġi ġestita minn SEPIDES bħala s-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni. Att legali rilevanti għandu jittrasforma SEPIDES f'impriża pubblika sabiex jiġi implimentat dan l-investiment.

Sabiex jimplimenta l-investiment fl-iskema, il-gvern għandu jadotta strument legali wieħed jew aktar li jistabbilixxu l-iskema ta' sussidju, li għandhom jinkludu l-elementi li ġejjin:

1. Deskrizzjoni tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet għall-iskema: L-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet u l-għażla tal-benefiċjarji li għandhom jiġu inklużi fid-deċiżjonijiet finali ta' għoti jew fid-deċiżjonijiet ta' investiment taħt l-iskema għandhom jittieħdu minn kumitat ta' evalwazzjoni jew minn korp governattiv ekwivalenti ieħor u approvati b'maġġoranza ta' voti minn membri li huma indipendenti mill-Gvern Spanjol, li jfisser li jridu jkun jew persunal impjegat minn SEPIDES u/jew esperti indipendenti oħra. Id-Deċiżjoni finali dwar l-investiment tal-iskema għandha tkun limitata għall-approvazzjoni (mingħajr modifiki) jew għall-eżerċizzju ta' dritt ta' veto fuq deċiżjoni ta' investiment proposta mill-kumitat ta' evalwazzjoni jew korp governattiv ekwivalenti rilevanti.
2. Il-lista ta' attivitajiet għat-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali tas-settur li huma eliġibbli għall-appoġġ, li għandhom jammontaw għal mill-inqas EUR 430 000 000. Il-miżura għandha tappoġġa proġetti innovattivi li jinvolvu trasformazzjoni industrijali sostanzjali f'termini ta' effiċjenza

²³² Il-benefiċjarji finali assoċjati ma' proġetti speċifiċi għandhom ikunu meħtieġa jipprovdu ġustifikazzjoni tal-qasam ta' intervent magħżul għal kull proġett appoġġat, flimkien ma' deskrizzjoni tal-proġett, għall-fini tal-komputazzjoni tal-kontribuzzjoni għall-klima. Is-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni għandu jkun meħtieġ ukoll jipprovdi lill-Istat Membru rapport semjannwali dwar l-implimentazzjoni ta' kull proġett/attività.

enerġetika, sostenibbiltà u trasformazzjoni diġitali tas-settur, kif ukoll l-iżvilupp ta' faċilitajiet ġodda ta' manifattura effiċjenti ħafna u dekarbonizzati.

3. Ir-rekwiżit ta' konformità mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" (DNSH) skont il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza kif stabbilit fil-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). B'mod partikolari, l-istrument (i) legali għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejja: (I) attivitajiet taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksibu emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li ma jkunux inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti²³³; (II) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream, barra mis-Sistemi għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS)²³⁴. Barra minn hekk, l-istrument (i) legali għandhom jirrikjedu konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u dik nazzjonali tal-benefiċjarji finali tal-iskemi ta' sussidju. L-azzjonijiet R & Ili ġejjin taħt dan l-investiment għandhom jitqiesu konformi mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01): L-azzjonijiet tar-R & I taħt dan l-investiment iddedikati għaż-żieda sostanzjali tas-sostenibbiltà ambjentali tal-kumpaniji (bħad-dekarbonizzazzjoni, it-tnaqqis tat-tniġġis u l-ekonomija ċirkolari) jekk l-enfasi primarja tal-azzjonijiet tar-R & I taħt dan l-investiment tkun fuq l-iżvilupp jew l-adattament ta' alternattivi bl-inqas impatti ambjentali possibbli fis-settur. Barra minn hekk, l-istrument (i) legali għandhom jirrikjedu konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u dik nazzjonali tal-benefiċjarji finali tal-iskemi ta' sussidju.
4. Rekwiżiti għall-investimenti klimatiċi għall-iskema ta' sussidju: mill-inqas EUR 172 000 000 tal-investiment tal-RRF fl-iskema għandhom jikkontribwixxu għall-oġġettivi tat-tibdil fil-klima f'konformità mal-Anness VI tar-Regolament RRF.²³⁵
5. Ir-rekwiżit li l-benefiċjarji finali tal-iskema ta' sussidju ma għandhomx jirċievu appoġġ minn strumenti oħra tal-Unjoni biex ikopru l-istess kostijiet.
6. L-ammont kopert mill-iskema u r-rekwiżit li jiġi investit mill-ġdid kwalunkwe rikavat mhux użat mill-iskema ta' sussidju fl-attivitajiet bħal daww elenkati hawn fuq, inkluż lil hinn mill-2026.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

AE.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

²³³ Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li mhumiex sostanzjalment anqas mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

²³⁴ Ħlief għal (a) proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll infrastruttura relatata tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01); u (b) l-attivitajiet u l-assi skont il-punt (i) li għalihom l-użu tal-fjuwils fossili huwa temporanju u teknikament inevitabbli għat-tranżizzjoni f'waqtha lejn operazzjoni ħielsa mill-fjuwils fossili.

²³⁵ Il-benefiċjarji finali minn self, self parteċipattiv, bonds tal-proġetti, garanziji jew strumenti ekwivalenti assoċjati ma' proġetti speċifiċi għandhom ikunu meħtieġa jipprovdu ġustifikazzjoni tal-qasam ta' intervent magħżul għal kull proġett appoġġat, flimkien ma' deskrizzjoni tal-proġett. Is-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni għandu jkun meħtieġ ukoll jipprovdi lill-Istat Membru rapport semiannwali dwar l-implimentazzjoni ta' kull proġett/attività.

Ara t-tabella ta' hawn taħt. Id-data tal-linja bażi għall-indikaturi kollha hija l-1 ta' Frar 2022 sakemm ma jkunx indikat mod ieħor f'id-deskrizzjoni tal-azzjoni. L-ammonti f't-tabella ma jinkludux il-VAT.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju important i /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
477	C31.R1	M	Riforma li ttejjeb l-għoti ta' permessi għall-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u għall-infrastruttura tan-network tal-elettriku	Dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet tal-atti legali rilevanti				Q-2	2023	Dan l-istadju importanti jinkludi żewġ elementi. - L-ewwel nett, id-dħul fis-seħħ tad-Digriet Leġiżlattiv Irjali 14/2022, 17/2022, 18/2022 u 20/2022. Il-miżuri tal-enerġija f'dan id-Digriet-Liġi Rjali għandhom l-għan li jissimplifikaw l-għoti ta' permessi għal proġetti tal-enerġija rinnovabbli u l-infrastruttura tan-network tal-elettriku. - It-tieni, id-dħul fis-seħħ tal-Orden TED/189/2023 li jistabbilixxi unità amministrattiva ġdida fi ħdan l-amministrazzjoni ċentrali li tappoġġa l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-permessi ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli.
478	C31.I1	T	Investiment li jippromwovi l-ħżin tal-enerġija jew l-awtokonsum abbażi tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli jew il-ħżin wara l-miter		F'MW	4 400	5 100	Q-3	2026	700 MW ta' kapaċità installata f'applikazzjonijiet tal-ħżin tal-enerġija jew tal-awtokonsum integrati fil-bini jew fil-proċessi tal-produzzjoni. L-applikazzjonijiet ta' awtokonsum għandhom ikunu bbażati fuq teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli jew soluzzjonijiet ta' ħżin wara l-miter. (Linja bażi: data Q2 2026, għan tal-Mira 117 u data Q2 2026; għan tal-Mira 126)
479	C31.I1	T	Numru ta' inizjattivi mwettqa mill-komunitajiet tal-enerġija		Numru	37	77	Q-3	2026	It-tlestija ta' 40 inizjattiva mwettqa mill-komunitajiet tal-enerġija, jew permezz tal-installazzjoni ta' enerġija rinnovabbli jew soluzzjonijiet ta' effiċjenza enerġetika jew billi jitwettqu proċessi ta' bini parteċipattiv u komunitarju. (Linja bażi: data Q4 2024, għan tal-Mira 111)
483	C31.I2	M	Skema ta' appoġġ għall-idroġenu rinnovabbli: Il-Ministeru lesta l-investiment	Ċertifikat ta' trasferiment				Q-2	2024	Spanja għandha tittrasferixxi mill-inqas EUR 1 600 miljun lill-IDAE għall-iskema ta' appoġġ
480	C31.I2	M	Skema ta' appoġġ għall-idroġenu rinnovabbli: L-istabbiliment tal-iskema	Dħul fis-seħħ tal-istrument (i) legali rilevanti				Q-4	2024	Jidħol fis-seħħ tal-istrument (i) legali li jistabbilixxi (w) l-iskema ta' appoġġ f'konformità mar-rekwiżiti speċifikati fid-deskrizzjoni tal-miżura.
481	C31.I2	T	Skema ta' appoġġ għall-idroġenu rinnovabbli: Ftehimiet legali ffirmati ma' benefiċjarji finali jew riżoluzzjonijiet ta' għoti finali ppubblikati (I)	Dħul fis-seħħ ta' ftehimiet ta' finanzjament legali jew publikazzjoni		0	50 %	Q-2	2025	L-IDAE ppubblikat ir-riżoluzzjonijiet finali tal-għoti jew id-dħul fis-seħħ ta' ftehimiet ta' finanzjament mal-benefiċjarji finali, għal mill-inqas 50 % tal-investiment tal-RRF fl-iskema ta' appoġġ (inklużi l-kostijiet indiretti).

Numru	Tip ta' miżura	Stadju important i /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
				ta' riżoluzzjonijiet ta' għoti finali						
482	C31.I2	T	Skema ta' appoġġ għall-idroġenu rinnovabbli: Ftehimiet legali ffirmati ma' beneficijarji finali jew riżoluzzjonijiet ta' għoti finali ppubblikati (II)	Dħul fis-seħħ ta' ftehimiet ta' finanzjament legali jew pubblikazzjoni ta' riżoluzzjonijiet ta' għoti finali		50 %	100 %	Q-3	2026	L-IDAE ppubblikat ir-riżoluzzjonijiet finali tal-għoti jew id-dħul fis-seħħ ta' ftehimiet ta' finanzjament mal-benefiċjarji finali, għal 100 % tal-investiment tal-RRF fl-iskema ta' appoġġ (inklużi l-kostijiet indiretti).
487	C31.I3	M	Skema ta' appoġġ għall-katina tal-valur: Il-Ministeru lesta l-investiment	Ċertifikat ta' trasferiment				Q-2	2024	Spanja għandha tittrasferixxi EUR 1 000 miljun lill-IDAE għall-iskema ta' appoġġ
484	C31.I3	M	Skema ta' appoġġ għall-katina tal-valur: L-istabbiliment tal-iskema	Dħul fis-seħħ tal-Ordni Ministerjali				Q-4	2024	Id-dħul fis-seħħ tal-istrument (i) legali li jistabbilixxu l-iskema ta' appoġġ f'konformità mar-rekwiżiti speċifikati fid-deskrizzjoni tal-miżura.
485	C31.I3	T	Skema ta' appoġġ għall-katina tal-valur: Ftehimiet legali ffirmati ma' beneficijarji finali jew riżoluzzjonijiet ta' għoti finali ppubblikati (I)	Dħul fis-seħħ ta' ftehimiet ta' finanzjament legali jew pubblikazzjoni ta' riżoluzzjonijiet ta' għoti finali		0	50 %	Q-2	2025	L-IDAE ppubblikat ir-riżoluzzjonijiet finali tal-għoti jew id-dħul fis-seħħ ta' ftehimiet ta' finanzjament mal-benefiċjarji finali, għal mill-inqas 50 % tal-investiment tal-RRF fl-iskema ta' appoġġ (inklużi l-kostijiet indiretti).
486	C31.I3	T	Skema ta' appoġġ għall-katina tal-valur: Ftehimiet legali ffirmati ma' beneficijarji finali jew	Dħul fis-seħħ ta' ftehimiet ta' finanzjament		50 %	100 %	Q-3	2026	L-IDAE ppubblikat ir-riżoluzzjonijiet finali tal-għoti jew id-dħul fis-seħħ ta' ftehimiet ta' finanzjament mal-benefiċjarji finali, għal mill-inqas 100 % tal-investiment tal-RRF fl-iskema ta' appoġġ (inklużi l-kostijiet indiretti). L-IDAE għandu jkun żgura li mill-inqas

Numru	Tip ta' miżura	Stadju important i /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
			riżoluzzjonijiet ta' għoti finali ppubblikati (II)	legali jew pubblikazzjoni ta' riżoluzzjonijiet ta' għoti finali						90 % ta' dan il-finanzjament għandu jikkontribwixxi għall-oġettivi klimatiċi bl-użu tal-metodoloġija fl-Anness VI tar-Regolament RRF.
488	C31.I4	M	Pubblikazzjoni tal-kriterji tal-għażla għall-proġetti ta' trażmissjoni tal-elettriku	Dħul fis-seħħ tal-att legali rilevanti				Q-1	2024	Jidħol fis-seħħ tad-Digriet Irjali li jistabbilixxi l-kriterji ta' eliġibbiltà li l-proġetti ta' trażmissjoni tal-elettriku li għandhom jintgħażlu mill-Pjan Spanjol li jiżviluppa n-network 2021–2026 għandhom jissodisfaw, abbażi ta': - Proġetti li jissodisfaw l-oġettivi tar-REPowerEU, u b'mod partikolari dawk li jikkontribwixxu għall-integrazzjoni tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli, għad-dekarbonizzazzjoni industrijali, għat-trasport b'emissjonijiet żero jew għall-indirizzar tal-konġestjonijiet interni; u għal - proġetti li għandhom jitlestew sat-tielet trimestru tat-2 2026.
489	C31.I4	M	Adozzjoni tal-lista ta' proġetti appoġġati għat-trażmissjoni tal-elettriku	Pubblikazzjoni tal-lista ta' proġetti				Q-4	2024	L-adozzjoni mill-Ministeru rilevanti tal-lista ta' proġetti appoġġati għat-trażmissjoni tal-elettriku li jammontaw għal EUR 931 miljun u f'konformità mal-kriterji tal-għażla li jirriżultaw mill-Istadju Importanti 488.
490	C31.I4	M	Tlestija tal-proġetti appoġġati għat-trażmissjoni tal-elettriku	Ċertifikat ta' tlestija				Q-3	2026	It-tlestija tal-proġetti appoġġati għat-trażmissjoni tal-elettriku inklużi fil-lista adottata li tirriżulta mill-Istadju Importanti 489.
491	C31.I5	M	Pubblikazzjoni tas-sejħiet u r-regoli li jirregolaw l-għoti ta' appoġġ għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija	Pubblikazzjoni				Q-2	2023	L-approvazzjoni tas-sejħiet u r-regoli li jirregolaw l-appoġġ fil-forma ta' għotjiet għal proġetti għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija tal-manifattura, kif ukoll l-iżvilupp ta' faċilitajiet ġodda ta' manifattura effiċjenti ħafna u dekarbonizzati. Is-sejħiet u r-regoli li jirregolaw l-appoġġ fil-forma ta' għotjiet għal proġetti għandhom jiżguraw li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika “La tagħmilx ħsara sinifikanti” (2021/C58/01 permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-ekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.
492	C31.I5	M	Pubblikazzjoni ta' premijiet għal proġetti ta' dekarbonizzazzjoni	Pubblikazzjoni ta' deċiżjonijiet ta' għoti	F'miljun i ta' EUR	0	531	Q-4	2024	Mill-inqas EUR 531 000 000 għandhom ikunu ngħataw lill-benefiċjarji finali (b'mill-inqas 40 % tal-fondi totali jikkontribwixxu għall-oġettivi klimatiċi bl-użu tal-metodoloġija fl-Anness VI tar-Regolament RRF).

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
493	C31.I5	M	Tlestija ta' proġetti ta' dekarbonizzazzjoni	Ċertifikat ta' tlestija				Q-3	2026	Tlestija ta' proġetti għal baġit totali mogħti ta' mill-inqas EUR 531 000 000.
494	C31.I6	M	Skema ta' sussidju għad-dekarbonizzazzjoni industrijali: Konverżjoni ta' SEPIDES f'impriża pubblika	Dħul fis-seħħ ta' att leġiżlattiv				Q-2	2024	Dħul fis-seħħ tal-istrument leġiżlattiv rilevanti li għandu jikkonverti s-SEPIDES f'impriża pubblika għall-implimentazzjoni tal-iskema ta' sussidju
497	C31.I6	M	Skema ta' sussidju għad-dekarbonizzazzjoni industrijali: Il-Ministeru lesta l-investiment	Ċertifikat ta' żborż lil SEPIDES				Q-2	2024	Spanja għandha tittrasferixxi EUR 430 000 000 lil SEPIDES għall-iskema.
495	C31.I6	M	Skema ta' sussidju għad-dekarbonizzazzjoni industrijali: L-istabbiliment tal-iskema	Dħul fis-seħħ tal-istrument (i) legali rilevanti				Q-3	2024	Id-dħul fis-seħħ tal-istrument (i) legali li jistabbilixxu l-iskema ta' sussidju f'konformità mar-rekwiżiti speċifikati fid-deskrizzjoni tal-miżura.
496	C31.I6	T	Skema ta' sussidju għad-dekarbonizzazzjoni industrijali: Ftehimiet legali ffirmati ma' benefiċjarji finali jew riżoluzzjonijiet ta' għoti finali ppubblikati	Dħul fis-seħħ ta' ftehimiet ta' finanzjament legali jew riżoluzzjonijiet ta' għoti finali ppubblikati		0	100 %	Q-3	2026	Is-SEPIDES għandhom ikunu ppubblikaw riżoluzzjonijiet finali tal-għoti jew daħlu fi ftehimiet ta' finanzjament legali mal-benefiċjarji finali għal ammont meħtieġ biex jintuża 100 % tal-investiment tal-RRF (inklużi l-kostijiet indiretti) fl-iskema. Is-SEPIDES għandhom ikunu żguraw li mill-inqas 40 % ta' dan il-finanzjament għandu jikkontribwixxi għall-oġettivi klimatiċi bl-użu tal-metodoloġija fl-Anness VI tar-Regolament RRF.

AE.3 Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ fil-forma ta' self

Investiment 7 (C31.I7) — Investiment li jappoġġa d-dekarbonizzazzjoni industrijali (self)

L-oġġettiv tal-miżura, li hija parti mill-proġett strateġiku għad-dekarbonizzazzjoni industrijali, huwa li jingħata appoġġ fil-forma ta' self lil proġetti li għandhom l-għan tad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija tal-manifattura. Din il-miżura ta' investiment għandha tikkonsisti f'mill-inqas waħda mit-tliet linji ta' azzjoni differenti ta' hawn taħt:

- appoġġ fil-forma ta' self għal proġetti li jimplimentaw id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija tal-manifattura, pereżempju proġetti li jnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra;
- it-tlestija ta' proġett pilota biex il-kumpaniji jiġu inċentivati jwettqu investiment bi spejjeż assoċjati għoljin fi proġetti kbar ta' investiment fid-dekarbonizzazzjoni industrijali u tnaqqis sostanzjali fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra billi jħallu prezz fiss tal-karbonju fuq perjodu partikolari (kuntratt tal-karbonju għad-differenzi); u għal
- appoġġ fil-forma ta' self għall-iżvilupp ta' faċilitajiet tal-manifattura ġodda effiċjenti ħafna u dekarbonizzati.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri li tapprova l-PERTE għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija għandu jkun fiha kriterji tal-għażla dettaljati biex tiġi żgurata l-konformità mal-Gwida Teknika “La tagħmilx ħsara sinifikanti” (2021/C58/01). Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika “Bla ħsara sinifikanti” (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu f'termini ta' referenza għal sejħiet għal proġetti li ġejjin għandhom jinkludu l-lista ta' attivitajiet li ġejja: (i) attivitajiet taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ekwivalenti ta' CO₂ proġettati li mhumieq sostanzjalment aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti għall-allokazzjonijiet bla hlas²³⁶; u (ii) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream, barra mis-Sistemi għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS)²³⁷. It-termini ta' referenza għandhom jirrikjedu wkoll li jistgħu jintgħażlu biss attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

L-azzjonijiet R & Ili ġejjin taħt dan l-investiment għandhom jitqiesu konformi mal-Gwida Teknika “La tagħmilx ħsara sinifikanti” (2021/C58/01): L-azzjonijiet tar-R & I taħt dan l-investiment iddedikati għaż-żieda sostanzjali tas-sostenibbiltà ambjentali tal-kumpaniji (bħad-dekarbonizzazzjoni, it-tnaqqis tat-tniġġis u l-ekonomija ċirkolari) jekk l-enfasi primarja tal-

²³⁶ Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li mhumieq sostanzjalment anqas mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

²³⁷ Ħlief għal (a) proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll infrastruttura relatata tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika “La tagħmilx ħsara sinifikanti” (2021/C58/01); u (b) l-attivitajiet u l-assi skont il-punt (i) li għalihom l-użu tal-fjuwils fossili huwa temporanju u teknikament inevitabbli għat-tranżizzjoni f'waqtha lejn operazzjoni ħielsa mill-fjuwils fossili.

azzjonijiet tar-R & Itaht dan l-investment tkun fuq l-iżvilupp jew l-adattament ta' alternattivi bl-inqas impatti ambjentali possibbli fis-settur.

Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw li mill-inqas EUR 260 000 000, li jirrappreżentaw 40 % tal-kost stmat tal-miżura, jikkontribwixxu għall-oġettivi tat-tibdil fil-klima, f'konformità mal-Anness VI tar-Regolament RRF ²³⁸

Kwalunkwe rimborż assoċjat mal-operazzjonijiet finanzjarji għandu jiġi investit mill-ġdid f'operazzjonijiet ġodda fl-istess qasam ta' politika tal-miżura sakemm ma jintużawx biex jiġu servuti r-ripagamenti tas-self tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

Investiment 8 (C31.I8) — Skema ta' appoġġ għal proġetti ta' dekarbonizzazzjoni (self)

Din il-miżura għandha tikkonsisti f'investment fi skema ta' appoġġ biex jiġi inċentivat l-investment privat fid-dekarbonizzazzjoni industrijali permezz ta' self.

L-iskema għandha tippromwovi d-dekarbonizzazzjoni tal-proċessi industrijali u l-iżvilupp ta' faċilitajiet tal-manifattura ġodda effiċjenti ħafna u dekarbonizzati, permezz tal-ġoti ta' self lis-settur privat, fil-kuntest tal-Proġett Strateġiku għad-Dekarbonizzazzjoni tal-Industrija approvat mill-Kunsill tal-Ministri. Abbażi tal-investment tal-RRF, l-iskema ta' appoġġ għandha l-għan li inizjalment ttipprovdi mill-inqas EUR 1 050 000 000 ta' finanzjament f'self.

L-iskema għandha tiġi ġestita minn SEPIDES bħala s-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni. Att legali rilevanti għandu jittrasforma SEPIDES f'impriża pubblika sabiex jiġi implimentat dan l-investment (dan huwa stadju importanti taħt l-Investment 6 tal-Komponent 31 tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza ta' Spanja).

Sabiex jimplimenta l-investment fl-iskema, il-gvern għandu jadotta strument legali wieħed jew aktar li jistabbilixxu l-iskema ta' self, li għandhom jinkludu l-elementi li ġejjin:

1. Deskrizzjoni tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet għall-iskema: L-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet u l-għażla tal-benefiċjarji li għandhom jiġu inklużi fid-deċiżjonijiet finali ta' ġoti jew deċiżjonijiet ta' investment taħt l-iskema għandhom jittieħdu minn kumitat ta' investment jew korp governattiv ekwivalenti ieħor u approvati b'maġġoranza ta' voti minn membri li huma indipendenti mill-Gvern Spanjol, li jfisser li jridu jkunu jew persunal impjegat minn SEPIDES u/jew esperti indipendenti oħra. Id-Deċiżjoni finali dwar l-investment tal-iskema għandha tkun limitata għall-approvazzjoni (mingħajr modifiki) jew għall-eżerċizzju ta' dritt ta' veto fuq deċiżjoni ta' investment proposta mill-kumitat tal-investment jew korp governattiv ekwivalenti rilevanti.
2. Il-lista ta' attivitajiet għat-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali tas-settur li huma eliġibbli għall-appoġġ, li għandhom jammontaw għal mill-inqas EUR 1 050 000 000. Il-miżura għandha tappoġġa proġetti innovattivi li jinvolvu trasformazzjoni industrijali sostanzjali f'termini ta' effiċjenza enerġetika, sostenibbiltà u trasformazzjoni diġitali tas-settur.

²³⁸ Il-benefiċjarji finali assoċjati ma' proġetti speċifiċi għandhom ikunu meħtieġa jipprovdu ġustifikazzjoni tal-qasam ta' intervent magħżul għal kull proġett appoġġat, flimkien ma' deskrizzjoni tal-proġett, għall-fini tal-komputazzjoni tal-kontribuzzjoni għall-klima. Is-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni għandu jkun meħtieġ ukoll jipprovdi lill-Istat Membru rapport semjannwali dwar l-implimentazzjoni ta' kull proġett/attività.

3. Rekwiżiti għall-konformità mal-prinċipju “La tagħmilx ħsara sinifikanti” (DNSH) skont il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza kif stabbilit fil-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). B’mod partikolari, l-istrument (i) legali għandhom jeskludu l-lista ta’ attivitajiet li ġejja: (I) attivitajiet taħt l-iskema tal-UE għall-Iskambju ta’ Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ekwivalenti ta’ CO₂ proġettati li mhumie x sostanzjalment aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti għall-allokazzjonijiet bla hlas²³⁹; u (ii) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream, barra mis-Sistemi għall-Iskambju ta’ Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS)²⁴⁰. Barra minn hekk, l-istrument (i) legali għandhom jirrikjedu konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u dik nazzjonali tal-benefiċjarji finali tal-iskemi ta’ self. L-azzjonijiet R & I li ġejjin taħt dan l-investiment għandhom jittqiesu konformi mal-Gwida Teknika “La tagħmilx ħsara sinifikanti” (2021/C58/01): L-azzjonijiet tar-R & I taħt dan l-investiment iddedikati għaż-żieda sostanzjali tas-sostenibbiltà ambjentali tal-kumpaniji (bħad-dekarbonizzazzjoni, it-tnaqqis tat-tniġġis u l-ekonomija ċirkolari) jekk l-enfasi primarja tal-azzjonijiet tar-R & I taħt dan l-investiment tkun fuq l-iżvilupp jew l-adattament ta’ alternattivi bl-inqas impatti ambjentali possibbli fis-settur. Barra minn hekk, l-istrument (i) legali għandhom jirrikjedu konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u dik nazzjonali tal-benefiċjarji finali tal-iskemi ta’ self.
4. Rekwiżiti għall-investimenti klimatiċi: mill-inqas EUR 420 000 000 tal-investiment tal-RRF fl-iskema għandhom jikkontribwixxu għall-oġettivi tat-tibdil fil-klima f’konformità mal-Anness VI tar-Regolament RRF²⁴¹.
5. Ir-rekwiżit li l-benefiċjarji finali tal-iskema ta’ self ma għandhomx jirċievu appoġġ minn strumenti oħra tal-Unjoni biex ikopru l-istess kostijiet.
6. L-ammont kopert mill-iskema u r-rekwiżit li jiġi investit mill-ġdid kwalunkwe rikavat mhux użat mill-iskema ta’ self fl-attivitajiet bħal dawk elenkati hawn fuq, inkluż lil hinn mill-2026.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta’ Awwissu 2026.

AE.4 Stadji importanti, miri, indikaturi u skeda ta’ żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-appoġġ fil-forma ta’ self

Ara t-tabella ta’ hawn taħt. Id-data tal-linja bażi għall-indikaturi kollha hija l-1 ta’ Frar 2022 sakemm ma jkunx indikat mod ieħor fid-deskrizzjoni tal-azzjoni. L-ammonti fit-tabella ma jinkludux il-VAT.

²³⁹ Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta’ gassijiet serra proġettati li mhumie x sostanzjalment anqas mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwix possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta’ Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

²⁴⁰ Ħlief għal (a) proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll infrastruttura relatata tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika “La tagħmilx ħsara sinifikanti” (2021/C58/01); u (b) l-attivitajiet u l-assi skont il-punt (i) li għalihom l-użu tal-fjuwils fossili huwa temporanju u teknikament inevitabbli għat-tranżizzjoni f’waqtha lejn operazzjoni ħielsa mill-fjuwils fossili.

²⁴¹ Il-benefiċjarji finali minn self, self parteċipattiv, bonds tal-proġetti, garanziji jew strumenti ekwivalenti assoċjati ma’ proġetti speċifiċi għandhom ikunu meħtieġa jipprovdu ġustifikazzjoni tal-qasam ta’ intervent magħżul għal kull proġett appoġġat, flimkien ma’ deskrizzjoni tal-proġett. Is-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni għandu jkun meħtieġ ukoll jipprovdi lill-Istat Membru rapport semiannwali dwar l-implimentazzjoni ta’ kull proġett/attività.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
L83	C31.I7	M	Il-pubblikazzjoni tas-sejħiet u r-regoli li jirregolaw l-għoti ta' appoġġ għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija.	Pubblikazzjoni				Q-2	2024	L-approvazzjoni tas-sejħiet u r-regoli li jirregolaw l-appoġġ fil-forma ta' self għal proġetti għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija tal-manifattura u l-iżvilupp ta' investimenti ġodda ta' faċilitajiet tal-manifattura effiċjenti ħafna u dekarbonizzati. Is-sejħiet u r-regoli li jirregolaw l-appoġġ fil-forma ta' self għal proġetti għandhom jiżguraw li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01 permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.
L84	C31.I7	T	Pubblikazzjoni ta' premijiet għal proġetti ta' dekarbonizzazzjoni		F'miljun ta' EUR	0	585	Q-4	2024	Mill-inqas EUR 585 000 000 għandhom ikunu ngħataw lill-benefiċjarji finali (b'mill-inqas 40 % tal-fondi totali li jikkontribwixxu għall-oġġettivi klimatiċi bl-użu tal-metodoloġija fl-Anness VI tar-Regolament RRF).
L85	C31.I7	M	Tlestija ta' proġetti ta' dekarbonizzazzjoni	Ċertifikat ta' tlestija				Q-3	2026	Tlestija ta' proġetti għal baġit totali mogħti ta' mill-inqas EUR 585 000 000. F'każ ta' finanzjament ta' proġett pilota għal kuntratt tal-karbonju għad-differenzi, il-baġit mogħti lilu għandu jitqies ekwivalenti għad-daqs tal-garanziji assoċjati mal-kuntratt tal-karbonju għad-differenzi koperti mill-proġett pilota.
L86	C31.I8	M	Skema ta' appoġġ għad-dekarbonizzazzjoni industrijali (self): Il-Ministeru lesta l-investment	Ċertifikat ta' żborż lil SEPIDES				Q-2	2024	Spanja għandha tittrasferixxi EUR 1 050 000 000 lil SEPIDES għall-iskema.
L87	C31.I8	M	Stabbiliment tal-iskema ta' self	Dħul fis-seħħ tal-istrument (i) legali rilevanti				Q-3	2024	Id-dħul fis-seħħ tal-istrument (i) legali li jistabbilixxu l-iskema ta' self f'konformità mar-rekwiżiti speċifikati fid-deskrizzjoni tal-miżura.
L88	C31.I8	T	Skema ta' appoġġ għad-dekarbonizzazzjoni industrijali (self): Ftehimiet legali ffirmati ma' benefiċjarji finali jew riżoluzzjonijiet ta' għoti finali ppubblikati.	Dħul fis-seħħ ta' ftehimiet ta' finanzjament legali jew riżoluzzjonijiet ta' għoti		0	100 %	Q-3	2026	Is-SEPIDES għandhom ikunu ppubblikaw riżoluzzjonijiet finali tal-għoti jew daħlu fi ftehimiet ta' finanzjament legali mal-benefiċjarji finali għal ammont meħtieġ biex jintuża 100 % tal-investment tal-RRF (inklużi l-kostijiet indiretti) fl-iskema. Is-SEPIDES għandhom ikunu żguraw li mill-inqas 40 % ta' dan il-finanzjament għandu jikkontribwixxi għall-oġġettivi klimatiċi bl-użu tal-metodoloġija fl-Anness VI tar-Regolament RRF.

Numru	Tip ta' miżura	Stadju importanti /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-oġettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Q	Snin	
				finali ppubblikati						

AF. IL-KOMPONENT 32: APPOĠĠ GĦALL-IRKUPRU U R-REŻILJENZA B'RISPONS GĦAL DIŻASTRI NATURALI

L-objettiv ta' dan il-kapitolu huwa li jappoġġa l-irkupru jew it-territorju Spanjol affettwat mill-fenomenu meteoroloġiku estrem f'Ottubru 2024 kif ukoll li jsaħħaħ ir-reżiljenza kontra xokkijiet esterni usa' li tfaċċaw globalment. Dan l-avveniment sever ikkawża għargħar mifruq fil-Komunità ta' Valencia u fir-reġjuni fil-qrib u rriżulta fi ħsara sinifikanti u konsegwenzi ekonomiċi.

L-ebda miżura f'dan il-komponent ma għandha tikkawża ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li titqies id-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika dwar id-DNSH (2021/C58/01).).

AF.1. Deskrizzjoni tal-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Investiment 1 (C32.I1): Mobilità u infrastruttura ekoloġiċi u sostenibbli

L-objettiv ta' din il-miżura huwa li terġa' tiġi stabbilita l-mobilità wara l-għargħar tad-DANA.

